It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

## TESTI ADOTTATI

P6\_TA(2007)0578

### **Ftehim KE/Marokk: servizzi bl-ajru, protocol wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija \***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' protokoll li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru, sabiex titqies l-adeżjoni għall-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija (COM(2007)0497 — C6-0329/2007 — 2007/0183(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0497),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 80, 300(2) u 300(4) tat-Trattat KE,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkon-sultat mill-Kunsill (C6-0329/2007),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 51, 83(7) u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0457/2007),
1. Japprova l-konklużjoni tal-Protokoll;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Renju tal-Marokk.
-

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

P6\_TA(2007)0579

**Ftehimiet KE/Ġeorġja, il-Libanu, il-Maldivi, il-Moldova, Singapor u l-Urugwaj: Protokollu li jemendaw il-Ftehimiet dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru wara tal-Bulgarija u tar-Rumanija \***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokollu li jemendaw il-Ftehimiet dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Ġeorġja, ir-Repubblika tal-Libanu, ir-Repubblika tal-Maldivi, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Gvern tar-Repubblika ta' Singapor u r-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj biex tittieħed kunsiderazzjoni ta' l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija (COM(2007)0366 — C6-0265/2007 — 2007/0125(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0366),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 80(2) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonstatat mill-Kunsill (C6-0265/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 51, 83(7) u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0456/2007),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Protokollu;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-Gvern tal-Ġeorġja, tar-Repubblika tal-Libanu, tar-Repubblika tal-Maldivi, tar-Repubblika tal-Moldova, lill-Gvern tar-Repubblika ta' Singapor u tar-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj.

P6\_TA(2007)0580

**Adattazzjoni ta' l-Anness VIII għall-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija \***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tadatta l-Anness VIII għall-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija (COM(2007)0594 — C6-0405/2007 — 2007/0217(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0594),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 34(4) ta' l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, skond liema artikolu ġie kkonstatat mill-Kunsill (C6-0405/2007),

**It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007**

- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (A6-0455/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
  2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  3. Jitlob il-ftuħ tal-proċedura ta' konċiljazzjoni prevista fid-Dikjarazzjoni Konġunta ta' l-4 ta' Marzu, 1975, jekk il-Kunsill ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda il-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
- 

**P6\_TA(2007)0581****Esportazzjoni tal-prodotti agrikoli li jirċievu ħlas lura jew ammonti oħra \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 386/90 dwar is-sorveljanza mwettqa fil-waqt ta' l-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli li jirċievu ħlas lura jew ammonti oħra (COM(2007)0489 — C6-0282/2007 — 2007/0178(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0489),
  - wara li kkunsidra Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0282/2007),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0478/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
  2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  3. Jitlob il-ftuħ tal-proċedura ta' konċiljazzjoni prevista fid-Dikjarazzjoni Konġunta ta' l-4 ta' Marzu, 1975, jekk il-Kunsill ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda il-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
-

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

P6\_TA(2007)0582

**Mekkaniżmu tat-tqabbid u mat-treġġiegħ lura ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (verżjoni kodifikata) \*\*\*I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mekkaniżmu tat-tqabbid u mat-treġġiegħ lura ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (COM(2007)0319 — C6-0175/2007 — 2007/0117(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni — kodifikazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0319),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0175/2007),
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċelerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġislattivi<sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0474/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

P6\_TA(2007)0583

**Strumenti ta' l-użin mhux awtomatiċi (verżjoni kodifikata)\*\*\*I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar strumenti ta' l-użin mhux awtomatiċi (verżjoni kodifikata) (COM(2007)0446 — C6-0241/2007 — 2007/0164(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni — kodifikazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0446),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0241/2007),

**It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007**

- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0473/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħadd l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

**P6\_TA(2007)0584****Livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika \***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill (Euratom) li jstabbilixxi livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika (verżjoni kodifikata) (COM(2007)0302 — C6-0205/2007 — 2007/0103(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni — kodifikazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0302),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 31 tat-Trattat Euratom, skond liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0205/2007),
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0475/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

P6\_TA(2007)0585

**Livelli minimi għall-protezzjoni ta' l-għoġġiela (verżjoni kodifikata) \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li ttiprovdi l-livelli minimi għall-protezzjoni ta' l-għoġġiela (verżjoni kodifikata) (COM(2006)0258 — C6-0200/2006 — 2006/0097(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni — kodifikazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0258),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0200/2006),
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġislattivi<sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0476/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

---

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

P6\_TA(2007)0586

## Kummerċjalizzjoni ta' materjal ta' tniissil tal-pjanti tal-frott u pjanti tal-frott intiżi għall-produzzjoni tal-frott \*

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar il-kummerċjalizzjoni ta' materjal ta' tniissil tal-pjanti tal-frott u pjanti tal-frott intiżi għall-produzzjoni tal-frott (verżjoni ta' tfassil mill-ġdid) (COM(2007)0031 — C6-0093/2007 — 2007/0014(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0031),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0093/2007),
- wara li kkunsidra l-ftehma interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 biex isir użu aktar strutturat tat-teknika ta' riformulazzjoni ta' atti legali<sup>(1)</sup>
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 u l-Artikolu 80 a tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni favur tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0480/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250 (2) tat-Trattat KE;
3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 1  
Premessa 6

(6) Huwa approprjat illi jiġu stabbiliti regoli Komunitarji għal dawk il-ġeneri u speċji ta' pjanti tal-frott li huma ta' importanza ekonomika maġġuri fil-Komunità, bi proċedura Komunitarja sabiex jiżdiedu iktar ġeneri u speċji aktar tard mal-lista ta' ġeneri u speċji li għalihom tapplika din id-Direttiva. Il-ġeneri u speċji elenkati għandhom ikunu dawk li jitkabbru b'mod wiesa' fl-Istati Membri u għall-materjal ta' propagazzjoni tagħhom hemm suq sostanzjali **li jkopri iktar minn Stat Membru wieħed.**

(6) Huwa approprjat illi jiġu stabbiliti regoli Komunitarji għal dawk il-ġeneri u speċji ta' pjanti tal-frott li huma ta' importanza ekonomika maġġuri fil-Komunità, bi proċedura Komunitarja sabiex jiżdiedu iktar ġeneri u speċji aktar tard mal-lista ta' ġeneri u speċji li għalihom tapplika din id-Direttiva. Il-ġeneri u speċji elenkati għandhom ikunu dawk li jitkabbru b'mod wiesa' fl-Istati Membri u għall-materjal ta' propagazzjoni tagħhom hemm suq sostanzjali **li jkopri iktar minn Stat Membru wieħed.**

<sup>(1)</sup> ĠU C 77 tat- 28.3.2002, p. 1.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 2

## Premessa 11

(11) Pjanti tal-frott immodifikati ġenetikament ma għandhomx jiġu aċċettati għar-reġistrazzjoni fil-katalgu sakemm ma jkunux ittjiehdu l-miżuri xierqa kollha biex jiġi evitat kwalunkwe riskju lil saħħet il-bniedem jew lill-ambjent kif imsemmi fid-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament.

(11) Pjanti tal-frott immodifikati ġenetikament ma għandhomx jiġu aċċettati għar-reġistrazzjoni fil-katalgu, **ħlief jekk ikunu riżomi li fuqhom jistgħu jitlaqqmu l-varjetajiet mixtieqa** u sakemm ikunu ttieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiġi evitat kwalunkwe riskju lil saħħet il-bniedem jew lill-ambjent kif imsemmi fid-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament. **F'dan il-każ għandu jissewma' l-għan ta' l-immodifikar ġenetiku.**

## Emenda 4

## Premessa 15

(15) **Il-fornituri li jimmarkittjaw biss pjanti tal-frott jew materjal tal-propagazzjoni lil persuni li ma jkunux involuti professjonalment fil-produzzjoni jew il-bejgħ tal-pjanti tal-frott jew il-materjal tal-propagazzjoni għandhom ikunu eżentati mill-obbligu tar-reġistrazzjoni.**

**imħassar**

## Emenda 5

## Premessa 15 a (ġdida)

**(15a) Fornituri li jimmarkittjaw materjal ta' propagazzjoni jew pjanti tal-frott għandhom ikunu speċjalizzati f'dan il-qasam.**

## Emenda 6

## Premessa 16 a (ġdida)

**(16a) Barra minn hekk, u sabiex produttur jirċievi fondi Komunitarji għat-tħawwil tas-siġar tal-frott, il-materjal ta' propagazzjoni li jintuża għandu joriġina mingħand fornituri li huma reġistri uffiċjalment.**

## Emenda 7

## Premessa 17

(17) Dak l-għan jista' jintlaħaq l-aħjar jew permezz ta' l-għarfien komuni tal-varjetajiet, partikolarment għal varjetajiet qodma, jew billi tkun disponibbli d-deskrizzjoni fuq il-bażi tal-protokollu ta' l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) jew, fin-nuqqas tagħhom, ta' regoli internazzjonali jew nazzjonali oħrajn.

(17) Dak l-għan jista' jintlaħaq l-aħjar jew permezz ta' l-għarfien komuni tal-varjetajiet, partikolarment għal varjetajiet qodma, jew billi tkun disponibbli d-deskrizzjoni fuq il-bażi tal-protokollu ta' l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) jew, fin-nuqqas tagħhom, ta' regoli internazzjonali jew nazzjonali oħrajn. **Għal dan il-għan, il-varjetajiet li jitpoġġew fis-suq iridu jiddaħħlu fil-lista relevanti.**



It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 8

Premessa 22

(22) Għandhom jiġu stabbiliti regoli illi, fil-każ ta' diffikultajiet temporanji tal-provvista minħabba diżastri naturali, bħal nar, irwiefen u falliment tal-fjuri, jew ċirkostanzi mhux previsti, jippermettu t-tqegħid fis-suq tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott bla ħsara għal ħtiġiet inqas stretti minn dawk li jinsabu f'din id-Direttiva Directive għal perjodu limitat u soġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi.

(22) Għandhom jiġu stabbiliti regoli illi, fil-każ ta' diffikultajiet temporanji tal-provvista minħabba diżastri naturali, bħal nar **u** irwiefen jew ċirkostanzi mhux previsti, jippermettu t-tqegħid fis-suq tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott bla ħsara għal ħtiġiet inqas stretti minn dawk li jinsabu f'din id-Direttiva għal perjodu limitat u soġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi.

Emenda 9

Premessa 23

(23) **Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, għandhom isiru provvedimenti sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżentaw lil produtturi żgħar li l-produzzjoni u l-bejgħ kollu tagħhom ta' materjal ta' propagazzjoni u pjanti tal-frott huma maħsuba għal użu finali minn persuni fis-suq lokali li mhumiex involuti professjonalment fil-produzzjoni tal-pjanti ('ċirkolazzjoni lokali') mill-kundizzjonijiet dwar it-tikkettar u mill-kontrolli u l-ispezzjonijiet uffiċjali.**

**imħassar**

Emenda 10

Premessa 25

(25) Għandhom isiru dispożizzjonijiet biex jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq fil-Komunità tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott prodotti f'pajjiżi terzi, dejjem sakemm joffru l-istess assigurazzjonijiet bħall-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott prodotti fil-Komunità u sakemm iħarsu r-regoli Komunitarji;

(25) Għandhom isiru dispożizzjonijiet biex jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq fil-Komunità tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott prodotti f'pajjiżi terzi, dejjem sakemm joffru l-istess assigurazzjonijiet bħall-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott prodotti fil-Komunità u sakemm iħarsu r-regoli Komunitarji; **Il-kumpaniji li jesportaw il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott f'pajjiżi terzi għandhom jiġu reġistrati.**

Emenda 11

Artikolu 2, punt 4

(4) Klonu: tfisser il-wild veġetattiv ta' varjetà li hija konformi għal stokk tal-pjanta tal-frott magħżul minħabba l-identità varjetali, il-karattri fenotipiċi u l-qagħda tas-saħħa tiegħu;

(4) Klonu: tfisser il-wild veġetattiv ta' varjetà **ta' speċji ta' pjanta tal-frott** li hija konformi għal stokk tal-pjanta tal-frott magħżul minħabba l-identità varjetali, il-karattri fenotipiċi u l-qagħda tas-saħħa tiegħu;

Emenda 12

Artikolu 2, punt 8 (e)

(e) instabu minn spezzjoni uffiċjali li jissodisfaw il-kundizzjonijiet f(a) sa (d);

(e) **instabu, waqt kontrolli għall-għarrieda magħmula waqt spezzjoni uffiċjali**, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet minn (a) sa (d);

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 13

Artikolu 2, punt 11 (a)

- (a) awtorità stabbilita jew innominata mill-Istat Membru taħt is-sorveljanza tal-gvern nazzjonali u responsabbli mill-mis-toqsijiet dwar il-kwalità tal-materjal għall-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott:
- (a) awtorità stabbilita jew innominata mill-Istat Membru taħt is-sorveljanza tal-gvern nazzjonali u responsabbli **għat-twettiq ta' spezzjonijiet u ta' kontrolli fir-rigward tal-**mis-toqsijiet dwar il-kwalità, **iċ-ċertifikazzjoni u s-saħħa tal-**pjanti tal-materjal għall-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott:

## Emenda 14

Artikolu 3, paragrafu 1, punt (a)

- (a) **il-materjal ta' propogazzjoni** ikunu ġew attestati uffiċjalment bħala "materjal pre-bażiku", "materjal bażiku" jew "materjal attestat" jew jekk ikun instab li huma ta' materjal CAC minn spezzjoni uffiċjali;
- (a) ikunu ġew attestati uffiċjalment bħala "materjal pre-bażiku", "materjal bażiku" jew "materjal attestat" jew **li jkollhom il-preskrizzjonijiet** ta' materjal CAC;

## Emenda 15

Artikolu 3, paragrafu 1, punt (b)

- b) **il-pjanti tal-frott kienu ċertifikati uffiċjalment bħala materjal attestat jew instabu li huma materjal CAC minn spezzjoni uffiċjali.** **imħassar**

## Emenda 16

L-Artikolu 3(2)

2. Fil-każ ta' varjetà li tikkonsisti minn organizzmu mmodifikat ġenetikament fi ħdan it-tifsira tal-punti 1 u 2 ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/18/KE il-varjetà għandha tiġi aċċettata biss għar-reġistrazzjoni fil-katalgu jekk kienet awtorizzata skond dik id-Direttiva jew skond ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003.
2. Fil-każ ta' varjetà li tikkonsisti minn organizzmu mmodifikat ġenetikament fi ħdan it-tifsira tal-punti 1 u 2 ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/18/KE il-varjetà għandha tiġi aċċettata biss għar-reġistrazzjoni fil-katalgu jekk kienet awtorizzata skond dik id-Direttiva jew skond ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 **u suġġetta għall-prekundizzjoni li se tintuża bħala stokk li fuqha se titlaqqam il-varjetà mixtieqa.**

## Emenda 17

Artikolu 3, paragrafu 2 a (ġdid)

**2 bis.** F'każ li tkun varjetà modifikata ġenetikament skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2, il-punti 1 u 2 tad-Direttiva 2001/18/KE, għandha ssir evalwazzjoni speċjali tar-riskju, b'mod partikulari dwar is-saħħa tal-bniedem u dwar l-ambjent u għandha tkun ittikkettata b'mod xieraq sabiex il-konsumatur ikun infurmat li qed jiġi pprovdut materjal modifikat ġenetikament u għandu jissemma' l-għan tal-modifikazzjoni ġenetika.

## Emenda 18

Artikolu 3, paragrafu 3 a (ġdid).

**3a.** It-taqeghid fis-suq, minn fornituri rreġistrati b'mod uffiċjali, ta' materjal għall-propagazzjoni u ta' pjanti tal-frott, dokumentati kif suppost, għandu jitqies bħala kundizzjoni indispensabbli għall-inklużjoni ta' produttur fi programmi għat-tħawwil tas-siġar tal-frott iffinażjati b'mod konġunt.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 19

Artikolu 4 punt (ca) (ġdid)

(ca) kundizzjonijiet supplimentari jew aktar stretti għall-materjal ta' propagazzjoni u għall-pjanti tal-frott li l-Istati Membri jistgħu jistipulaw għall-produzzjoni domestika proprja tagħhom,

Emenda 20

L-Artikolu 5(1)

1. Il-fornituri għandhom jiġu rreġistrati uffiċjalment skond l-attivitajiet li jwettqu taħt din id-Direttiva.

1. Il-fornituri għandhom jiġu rreġistrati uffiċjalment skond l-attivitajiet li jwettqu taħt din id-Direttiva **u għandu jkollhom liċenzja għat-tqegħid fis-suq tal-materjal ta' propagazzjoni skond dispożizzjonijiet stabbiliti minn kull Stat Membru.**

Emenda 21

Artikolu 5, paragrafu 1 a (ġdid)

**Ia.** Il-fornituri li jikkummerċjalizzaw materjal ta' propagazzjoni jew pjanti tal-frott għandu jkollhom speċjalizzazzjoni fis-settur u jkun agronomisti jew impriżi li jimpjegaw persuni li jkollhom dawn l-ispeċjalizzazzjonijiet.

Emenda 22

Artikolu 5, paragrafu 1 b (ġdid)

**Ib)** L-Istati Membri għandhom jiżguraw u jikkontrollaw li l-fornituri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-konformità ma' l-istandards ta' din id-direttiva fl-istadji kollha tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott.

Emenda 23

L-Artikolu 5(2)

2. Il-Paragrafu 1 ma għandux japplika għal fornituri li jimmarkitaw biss lil persuni li mhumiex involuti professionalment fil-produzzjoni, ir-riproduzzjoni jew il-bejgħ ta' materjal ta' propagazzjoni jew pjanti tal-frott.

imħassar

Emenda 24

Artikolu 6, paragrafu 3, subparagrafu 1

3. Meta materjal għall-propagazzjoni jew pjanti tal-frott jit-qiegħdu fis-suq, il-fornituri għandhom iżommu regjistru tal-bejgħ jew ix-xiri tagħhom għallinqas għal **tnax-il xahar**.

3. Meta materjal għall-propagazzjoni jew pjanti tal-frott jit-qiegħdu fis-suq, il-fornituri għandhom iżommu regjistru tal-bejgħ jew ix-xiri tagħhom għallinqas għal **ħames snin**.

Amendement 25

L-Artikolu 7(2)

2. Fil-każ ta' materjal ta' propagazzjoni ta' varjetà li tkun ġiet immodifikata ġenetikament, kwalunkwe tikketta jew dokument, sew jekk uffiċjali u sew jekk le, li jkun imwaħħal mal-materjal, jew li jakkumpanjah, skond din id-Direttiva għandu jindika b'mod ċar li l-varjetà kienet ġenetikament modifikata u għandu jsemmi l-organiżmi ġenetikament modifikati.

2. Fil-każ ta' materjal ta' propagazzjoni ta' varjetà li tkun ġiet immodifikata ġenetikament, kwalunkwe tikketta jew dokument, sew jekk uffiċjali u sew jekk le, li jkun imwaħħal mal-materjal, jew li jakkumpanjah, skond din id-Direttiva għandu jindika b'mod ċar li l-varjetà kienet ġenetikament modifikata u għandu jsemmi l-organiżmi ġenetikament modifikati **u jindika wkoll l-għan tal-modifikazzjoni ġenetika...**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 26

Artikolu 12, paragrafu 1 a (ġdid)

**1a. L-intrapriżi stabbiliti f'pajjiżi terzi u li jesportaw materjal ta' propagazzjoni u pjanti tal-frott għandhom jiġu rreġistrati sabiex tiġi żgurata t-traċcabilita f'kull fażi.**

Emenda 28

Artikolu 19 a (ġdid)

**Artikolu 19a****Evalwazzjoni ta' Applikazzjoni**

**Fi żmien ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha teżamina r-riżultati ta' l-applikazzjoni tagħha u tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' kwalunkwe propositi għall-emendi meħtieġa.**

Emenda 29

Artikolu 21

L-Istati Membri jistgħu, bħala miżura tranżizzjonali **sa l-1 ta' Jannar XXXX**, jippermettu l-marketing fit-territorju tagħhom stess ta' materjal attestat u CAC meħud minn pjanti ġenituri li jkun jeżistu fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

**Sa 10 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva**, l-Istati Membri jistgħu, bħala miżura tranżizzjonali, jippermettu l-kummerċjalizzazzjoni fit-territorju tagħhom stess ta' materjal attestat u CAC meħud minn pjanti ġenituri li jkunu jeżistu fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Emenda 30

Artikolu 22, paragrafu 2 a (ġdid)

**Id-dispożizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/34/KEE li se tiġi abolita għandhom jibqgħu japplikaw sakemm jiġu adottati d-dispożizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni ġodda.**

P6\_TA(2007)0587

**Rati ta' taxxa fuq il-valur miżjud \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward ċerti dispożizzjonijiet temporanji dwar rati ta' taxxa fuq il-valur miżjud (COM(2007)0381 — C6-0253/2007 — 2007/0136(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0381),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 93 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0253/2007),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar ir-rati tal-VAT minbarra r-rati standard tal-VAT (COM(2007)0380),

**It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007**

- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0469/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
  3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI**


---

**EMENDI  
MILL-PARLAMENT**
**Emenda 1****Premessa 1**

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, tip-provdi għal ċerti derogi fil-qasam tar-rati tal-VAT. Xi wħud minn dawn id-derogi jiskadu f'data preċiża, waqt li oħrajn iservu sa l-adozzjoni ta' l-arranġamenti definittivi.

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, tip-provdi għal ċerti derogi fil-qasam tar-rati tal-VAT. Xi wħud minn dawn id-derogi jiskadu f'data preċiża, waqt li oħrajn iservu sa l-adozzjoni ta' l-arranġamenti definittivi **għal tranżazzjonijiet intra-Komunitarji.**

**Emenda 2****PREMESSA 1 A (ġdida)**

**(1a) Skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Komunità m'għandhiex tidħol fuq il-kompetenza ta' l-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni indiretta lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat l-iffunzjonar xieraq tas-suq intern fir-rigward ta' l-iffissar tar-rati tal-VAT. B'mod partikulari, servizzi pprovduti lokalment, sakemm ma jinvolvux attivitajiet transkonfinali, m'għandhom l-ebda effett fuq l-iffunzjonar tas-suq intern.**

**Emenda 3****Premessa 2**

(2) Sabiex jiżguraw **aktar** ugwaljanza fit-trattament fost l-Istati Membri, id-derogi li m'għandhomx kunflitt mat-tħaddim mingħajr xkiel tas-suq intern u ma' politika Komunitarja oħra għandhom jiġu estiżi sa l-aħħar ta' l-2010, id-data ta' skadenza tal-minimu ta' 15 % għar-rata standard u għall-esperiment dwar l-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa għas-servizzi li jinvolvux xogħol intensiv. **Għall-kuntrarju**, ċerti derogi m'għandhomx jiġu estiżi.

(2) Sabiex jiżguraw ugwaljanza fit-trattament fost l-Istati Membri, id-derogi li m'għandhomx kunflitt mat-tħaddim mingħajr xkiel tas-suq intern u ma' politika Komunitarja oħra għandhom jiġu estiżi sa l-aħħar ta' l-2010, id-data ta' skadenza tal-minimu ta' 15 % għar-rata standard u għall-esperiment dwar l-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa għas-servizzi li jinvolvux xogħol intensiv. **Għal raġunijiet speċifiċi**, ċerti derogi m'għandhomx jiġu estiżi.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 4

PREMESSA 2 A (ġdida)

(2a) Il-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2010 għandu jkun twil biżżejjed sabiex jippermetti lill-Kunsill li jasal għal konklużjoni dwar l-abbandun tal-mira tiegħu li jintroduċi sistema definittiva għat-tassazzjoni ta' tranżazzjonijiet intra-Komunitarji, ibbażata fuq il-prinċipju ta' tassazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini u fuq approċċ lejn l-approssimazzjoni tar-rati tal-VAT.

Emenda 5

Premessa 2 b (ġdida)

(2a) Il-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2010 għandu jkun twil biżżejjed sabiex jippermetti lill-Kunsill li jasal għal konklużjoni dwar l-istruttura finali tar-rati tal-VAT, li għandha tinkludi għażliet li jippermettu lill-Istati Membri li japplikaw rati tal-VAT differenti sakemm ikun żgurat l-iffunzjonar tajjeb tas-suq intern u ta' politiki Komunitarji oħra. Tul dan il-perjodu, ir-regoli attwali għandhom jiġu applikati b'mod prudenti, filwaqt li jiġi meħud kont tal-każijiet li jaqgħu fil-linja tal-limitu, sabiex l-Istati Membri ma jiġux preklużi milli jaħdmu fuq objettivi leġittimi tal-politika qabel jew wara li l-Kunsill jiddeċiedi l-istruttura finali tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

Emenda 6

Premessa 2 c (ġdida)

(2c) Skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, u wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar sistema definittiva għat-tassazzjoni ta' tranżazzjonijiet intra-Komunitarji, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu japplikaw rati mnaqqsa, jew f'ċirkustanzi eċċezzjonali, anke rata zero għal prodotti u servizzi bażiċi, bħal ikel u medikazzjoni, għal raġunijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali definiti b'mod ċar u għall-benefiċċju tal-konsumatur finali.

Emenda 7

PREMESSA 2 D (ġdida)

(2d) Skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, u wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar sistema definittiva għat-tassazzjoni ta' tranżazzjonijiet intra-Komunitarji, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu japplikaw rati mnaqqsa, jew f'ċirkustanzi eċċezzjonali, possibilment anke rata zero għall-provvediment ta' servizzi pprovduti lokalment, inklużi servizzi u provvediment ta' oġġetti marbuta ma' l-edukazzjoni, mal-welfare, mas-sigurtà soċjali u mal-kultura.

Emenda 8

PREMESSA 2 E (ġdida)

(2e) Kwalunkwe sistema ġejjiena għat-tassazzjoni ta' tranżazzjonijiet intra-Komunitarji għandha tkun trasparenti u bbażata fuq is-sempliċità amministrattiva.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENTEmenda 9  
PREMESSA 6

(6) *Id-derogi li ġew mogħtija lill-Ungerija u s-Slovakkja m'għandhomx jiġu estiżi għax dawk l-Istati Membri ma applikawx jew ma baqgħux japplikaw ir-rata mnaqqsa.*

(6) *Għandu jiġi enfasizzat li dawk l-Istati Membri li ma applikawx jew mhumiex qed japplikaw aktar derogi temporanji tal-VAT, li skadew fl-2007, għandhom jingħataw, sal-31 ta' Diċembru 2010, l-opportunità li jagħmlu użu minn tali derogi temporanji.*

P6\_TA(2007)0588

**L-Impriża Komuni ARTEMIS \***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' l-“Impriża Komuni ARTEMIS” biex timplimenta Inizjattiva Teknoloġika Konġunta fis-Sistemi Integrati tal-Kompjuter Impriża Komuni ARTEMIS (COM(2007)0243 — C6-0172/2007 — 2007/0088(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0243),
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>(1)</sup> (Regolament Finanzjarju), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda<sup>(2)</sup> (IIA), u b'mod partikolari l-Punt 47 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 171 u 172 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0172/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0484/2007),

1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni kif emendata;
2. Jikkunsidra li l-ammont ta' referenza indikat fil-proposta leġiżlattiva jrid ikun kompatibbli mal-limitu massimu ta' l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju plurijennali 2007-2013 attwali u mad-dispożizzjonijiet tal-Punt 47 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006; jinnota li kull finanzjament lil hinn mill-2013 għandu jkun evalwat fil-kuntest tan-negozjati għall-qafas finanzjarju li jmiss;
3. Ifakkar li l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat għall-Baġits ma tantiċipax ir-riżultat tal-proċedura stabbilita fil-Punt 47 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 li tapplika għat-twaqqif ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS;

<sup>(1)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p.1.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE u l-Artikolu 119, it-tieni inċiż, tat-Trattat Euratom;
5. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
6. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 1

Premessa 11

(11) L-ambizzjoni u l-ambitu ta' l-għanijiet mistqarra tal-JTI dwar is-Sistemi Integrati tal-Kompjuter, l-iskala tar-riżorsi finanzjarji u tekniċi li hemm b'żonn li jkunu mobilizzati, u l-b'żonn li tinkiseb koordinazzjoni effettiva u sinerġija tar-riżorsi u l-finanzjament, jitolbu azzjoni li trid tittieħed mill-Komunità. Għalhekk, hu neċessarju li titwaqqaf Impriża Komuni (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala "Impriża Komuni ARTEMIS") taħt l-Artikolu 71 tat-Trattat bħala entità ġuridika responsabbli għall-implimentazzjoni tal-JTI dwar is-"Sistemi Integrati tal-Kompjuter". Biex tkun żgurata ġestjoni xierqa ta' l-attivitajiet ta' l-R&D mibdija fis-Seba' Programm Kwadru (2007-2013), l-Impriża Komuni ARTEMIS għandha titwaqqaf għal perjodu li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2017 **li jista' jkun estiż.**

(11) L-ambizzjoni u l-ambitu ta' l-għanijiet mistqarra tal-JTI dwar is-Sistemi Integrati tal-Kompjuter, l-iskala tar-riżorsi finanzjarji u tekniċi li hemm b'żonn li jkunu mobilizzati, u l-b'żonn li tinkiseb koordinazzjoni effettiva u sinerġija tar-riżorsi u l-finanzjament, jitolbu azzjoni li trid tittieħed mill-Komunità. Għalhekk, hu neċessarju li titwaqqaf Impriża Komuni (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala "Impriża Komuni ARTEMIS") taħt l-Artikolu 71 tat-Trattat bħala entità ġuridika responsabbli għall-implimentazzjoni tal-JTI dwar is-"Sistemi Integrati tal-Kompjuter". Biex tkun żgurata ġestjoni xierqa ta' l-attivitajiet ta' l-R&D mibdija fis-Seba' Programm Kwadru (2007-2013), l-Impriża Komuni ARTEMIS għandha titwaqqaf għal perjodu li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2017 **li jista' jkun estiż. Għandu jkun żgurat li wara l-aħħar sejħa għall-proposti fl-2013 il-proġetti li jkunu għadhom għaddejjin jiġu implimentati, immonitorjati u ffinanzjati sa l-2017.**

Jekk tiġi adottata, din l-emenda għandha tapplika matul it-test kollu

Emenda 2

Premessa 12

(12) L-Impriża Komuni ARTEMIS għandha **tkun organu** mwaqqaf mill-Komunitajiet **u għandha tingħata r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha mill-Parlament Ewropew<sup>(1)</sup>, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li madankollu jitqiesu l-ispeċifitajiet li jirriżultaw min-natura tal-JTIs bħala partenarjati pubbliċi-privati u b'mod partikolari mill-kontribuzzjoni tas-settur privat lill-baġit.**

(12) L-Impriża Komuni ARTEMIS għandha **tirrispetta l-kompetenza tal-Qorti ta' l-Awdituri li teżamina l-kontijiet tad-dħul u tal-ħruġ ta' l-entitajiet kollha mwaqqfa** mill-Komunitajiet **u għandha tagħraf l-ispeċifitajiet ta' l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti bħala mekkaniżmi ġodda sabiex jimplementaw sħubijiet pubbliċi-privati, sabiex tinsab soluzzjoni aktar effettiva għall-kwittanza tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.**

<sup>(1)</sup> *Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, 31.12.2002, p.72; corrigendum f' ĠU L 2, 7.1.2003, p.39).*



It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 3

Premessa 21

(21) Il-bżonn li jkunu żgurati kundizzjonijiet stabbli ta' xogħol u trattament ugwali lill-impjegati, u sabiex jkunu attratti impjegati xjentifiċi u tekniċi speċjalizzati ta' l-ogħla kalibru, jeh-tieġ ***l-applikazzjoni tar-Regolamenti għall-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Uffiċjali Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, ("ir-Regolament tal-Persunal") lill-impjegati kollha impjegati rreklutati mill-Impriża Komuni ARTEMIS.***

(21) Il-bżonn li jkunu żgurati kundizzjonijiet stabbli ta' xogħol u trattament ugwali lill-impjegati, u sabiex ikunu attratti impjegati xjentifiċi u tekniċi speċjalizzati ta' l-ogħla kalibru, jeh-tieġ ***li l-Kummissjoni tiġi awtorizzata tissekonda kemm hemm bżonn uffiċjali għall-Impriża Komuni ARTEMIS. Il-bqija ta' l-persunal għandu jiġi impjegat mill-Impriża Komuni ARTEMIS skond ir-regolamenti ta' l-impjieg tal-pajjiż ospitanti.***

Emenda 4

Premessa 25

(25) L-Impriża Komuni ARTEMIS ***għandha jkollha, suġġett għal konsultazzjoni minn qabel mal-Kummissjoni, regolament finanzjarju separat ibbażat fuq il-prinċipji tar-regolament dwar il-qafas finanzjarju<sup>(1)</sup> li jikkunsidra l-bżonnijiet operattivi speċifiċi li jinqalgħu, b'mod partikolari, mill-bżonn li jingħaqdu flimkien il-finanzjament Komunitarju u nazzjonali biex ikunu appoġġati l-Attivitajiet R&D b'mod effiċjenti u fil-ħin.***

(25) ***Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Impriża Komuni ARTEMIS ma għandhomx jitbegħdu mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, EURATOM) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>(1)</sup>, sakemm dan ma jkunx speċifikament meħtieġ għall-bżonnijiet operattivi tagħha, b'mod partikolari l-bżonn li jingħaqdu flimkien il-finanzjament Komunitarju u nazzjonali biex ikunu appoġġati l-Attivitajiet R&D b'mod effiċjenti u fil-ħin. Huwa meħtieġ il-kunsens minn qabel min-naħa tal-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' kull regola li titbiegħed mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002. L-awtorità baġitarja għandha tkun informata b'dawn id-derogi.***

<sup>(1)</sup> ***Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72; corrigendum fil-ĠU L 2, 7.1.2003, p. 39).***

<sup>(1)</sup> ***ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. Corrigendum fil-ĠU L 2, 7.1.2003, p. 39.***

Emenda 5

Artikolu 1, paragrafu 1

1. Għall-implimentazzjoni ta' l-Inizjattiva Komuni għat-Teknoloġija (JTI) dwar is-Sistemi Integrati tal-Kompjuter, Impriża Komuni fit-tifsira ta' l-Artikolu 171 tat-Trattat minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala "l-Impriża Komuni ARTEMIS" titwaqqaf hawnhekk għall-perjodu li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2017. ***Dan il-perjodu jista' jkun estiż b'reviżjoni ta' dan ir-Regolament.***

1. Għall-implimentazzjoni ta' l-Inizjattiva Komuni għat-Teknoloġija (JTI) dwar is-Sistemi Integrati tal-Kompjuter, Impriża Komuni fit-tifsira ta' l-Artikolu 171 tat-Trattat minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala "l-Impriża Komuni ARTEMIS" titwaqqaf hawnhekk għall-perjodu li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2017. ***Ikun żgurat li wara l-aħħar sejħa għall-proposti fl-2013 il-proġetti li jkunu għadhom għaddejjin jiġu implimentati, immonitorjati u ffinanzjati sa l-2017.***

Emenda 6

Artikolu 2, punt d)

(d) ***tiżgura l-effiċjenza u d-durabilità tal-JTI dwar is-Sistemi Integrati tal-Kompjuter; imħassar***

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 7

Artikolu 2, punt (d a) (ġdid)

**(da) tippromwovi l-involvement ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fl-attivitajiet tagħha;**

## Emenda 8

Artikolu 4, paragrafu 2, punt (a)

(a) kontribuzzjoni finanzjarja mill-ARTEMISIA sa EUR 20 miljun jew sa 1 % ta' l-ispejjeż globali tal-Proġetti, liema figura tkun l-ogħla, iżda li ma taqbiżx **EUR [30] miljun;**(a) kontribuzzjoni finanzjarja mill-ARTEMISIA sa EUR 20 miljun jew sa 1 % ta' l-ispejjeż globali tal-Proġetti, liema figura tkun l-ogħla, iżda li ma taqbiżx **EUR 30 miljun;**

## Emenda 9

Artikolu 4, paragrafu 2, subparagrafu 1a (ġdid)

**It-total tal-kontribuzzjonijiet imsemmija f'punti (a) u (b) m'għandiex taqbes 5 % tal-baġit totali ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS.**

## Emenda 10

Artikolu 4, paragrafu 3, punt b

(b) kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri ARTEMIS magħmula f'forma ta' impenji annwali biex jintefqu direttament fuq l-Organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-iżvilupp li jipparteċipaw fil-Proġetti ta' l-R&amp;D;

(b) kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri ARTEMIS magħmula f'forma ta' impenji annwali biex jintefqu direttament fuq l-Organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-iżvilupp li jipparteċipaw fil-Proġetti ta' l-R&D; **l-Istati Membri ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS għandhom jiżguraw li l-fondi nazzjonali jiġu allokati fl-iqsar dewmien possibbli.**

## Emenda 11

Artikolu 4, paragrafu 3 a (ġdid)

**3a. Kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-ispejjeż tal-Proġetti mill-fondi pubbliċi għandhom ikunukondizzjonati mill-kontribuzzjonijiet in natura lill-Proġetti ppreżentati bir-riċerka u l-organizzazzjonijiet ta' żvilupp biex ikopru s-sehem tagħhom ta' l-ispejjeż biex jitwettqu l-Proġetti.**

## Emenda 12

Artikolu 6, paragrafu 1

1. Ir-Regolament finanzjarju ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji tar-Regolament Finanzjarju ta' Qafas. Tista' tiddevja mir-Regolament Finanzjarju ta' Qafas meta l-bżonnijiet operattivi speċifiċi ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS hekk jitolbu u suġġett għall-konsultazzjoni minn qabel mal-Kummissjoni.

1. Ir-regoli finanzjarji ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS m'għandhomx jitbegħdu mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002, sakemm dan ma jkunx speċifikament meħtieġ mill-bżonnijiet operattivi speċifiċi tagħha, u suġġett għal konsens minn qabel tal-Kummissjoni. L-awtorità baġitarja għandha tkun informata b'dawn id-derogi.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 13

Artikolu 7, paragrafu 5, punt (c)

- (c) Il-valutazzjoni u l-proċess ta' għażla għandhom jiżguraw li l-allokazzjoni tal-finanzjament pubbliku ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS isegwu l-prinċipji ta' livelli eċċellenti u kompetizzjoni.
- (c) L-*evalwazzjoni* u l-proċess ta' għażla, **li jitwettqu bl-assistenza ta' esperti barranin**, għandhom jiżguraw li l-allokazzjoni tal-finanzjament pubbliku ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS issegwi l-prinċipji ta' livelli eċċellenti u kompetizzjoni

## Emenda 14

Artikolu 8, paragrafu 1

1. *Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' l-Uffiċjali Oħra tal-Komunitajiet Ewropej u r-regoli adottati b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea għall-iskopijiet biex ikunu applikati dawn ir-Regolamenti tal-persunal u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol għandhom japplikaw għall-persunal ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS u d-Direttur Eżekuttiv tagħha.*
1. *L-Impriża Komuni ARTEMIS għandha timpjega l-persunal tagħha skond ir-regolamenti applikabbli tal-pajjiż ospitanti. Il-Kummissjoni tista' tissekonda kemm meħtieġ uffiċjali lill-Impriża Komuni ARTEMIS.*

## Emenda 15

Artikolu 8, paragrafu 2

2. *Fir-rispett tal-persunal, l-Impriża Komuni ARTEMIS għandha teżerċita l-poteri mogħtija lill-awtorità li tinnomina mir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u fuq l-awtorità mogħtija l-poter li tikkonkludi l-kuntratti skond il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Uffiċjali Oħra tal-Komunitajiet Ewropej.*
- imħassar**

## Emenda 16

Artikolu 8, paragrafu 3

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, bi ftehim mal-Kummissjoni, jadotta l-miżuri neċessarji ta' implimentazzjoni **skond l-arranġamenti pprovduti fl-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' l-Uffiċjali Oħra** tal-Komunitajiet Ewropej.
3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, bi ftehim mal-Kummissjoni, jadotta l-miżuri neċessarji ta' implimentazzjoni **rigward l-issekondar ta' l-uffiċjali** tal-Komunitajiet Ewropej.

## Emenda 17

Artikolu 9

## Artikolu 9

**imħassar**

## Il-Privileġġi u l-Immunitajiet

*Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għandhom jgħoddu għall-Impriża Komuni ARTEMIS u l-impjegati tagħha.*

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 18

Artikolu 10, paragrafu 1

1. Ir-responsabbiltà kuntrattwali ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS għandha tkun irregolata **mil**-liġi applikabbli għad-dispożizzjonijiet kuntrattwali rilevanti.

1. Ir-responsabbiltà kuntrattwali ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS għandha tkun irregolata **mid**-dispożizzjonijiet kuntrattwali rilevanti **u mil-liġi applikabbli għall-ftehim jew il-kuntratt in kwistjoni.**

## Emenda 19

Artikolu 10, paragrafu 3 a (ġdid)

**3a. L-Impriża Komuni ARTEMIS għandha tkun unika-ment responsabbli għall-twettieq ta' l-obbligazzjonijiet tagħha.**

## Emenda 20

Artikolu 10 paragrafu 3 b (ġdid)

**3b. L-Impriża Komuni ARTEMIS għandha tkun unika-ment responsabbli għall-konformità ma' l-obbligazzjonijiet tal-Membri tagħha. M'għandhiex tkun responsabbli għannuqqas ta' Stat Membru ARTEMIS li jwettaq l-obbligi tiegħu li jirriżultaw mis-sejħiet għall-proposti mmiedija mill-Impriża Komuni ARTEMIS.**

## Emenda 21

Artikolu 10, paragrafu 3 c (ġdid)

**3c. Il-Membri ma jkunux responsabbli għal ebda mill-obbligi finanzjarji ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS. Ir-responsabbiltà finanzjarja tal-Membri tkun responsabbiltà interna lejn l-Impriża Komuni ARTEMIS biss, limitata għall-impenn tagħhom li jikkontribwixxu għar-riżorsi kif stabbilit fl-Artikolu 4.**

## Emenda 22

Artikolu 12, paragrafu 2

2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 **u l-31 ta' Diċembru 2015**, il-Kummissjoni għandha **tmexxi evalwazzjonijiet** interim ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS bl-assistenza ta' esperti indipendenti. Din l-evalwazzjoni għandha tkopri l-kwalità u l-effiċjenza ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS u l-progress lejn l-għanijiet stipulati. **Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet ta' dan, flimkien ma' l-osservazzjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.**

2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni għandha **tippreżenta evalwazzjoni interim** ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS **lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill imħejji** bl-assistenza ta' esperti indipendenti. Din l-evalwazzjoni għandha tkopri l-kwalità u l-effiċjenza ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS u l-progress lejn l-għanijiet stipulati.

## Emenda 23

Artikolu 12, paragrafu 3

3. **Sal-31 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni għandha tmexxi evalwazzjoni finali ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS bl-assistenza ta' esperti indipendenti. Ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni finali għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.**

**imħassar**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 24

Artikolu 12, paragrafu 4

4. Il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS għandha tingħata mill-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, skond proċedura li għandha tiġi pprovduta permezz tar-**Regolament Finanzjarju** ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS.

4. Il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS għandha tingħata mill-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, skond proċedura li għandha tiġi pprovduta permezz tar-**regoli finanzjarji** ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS, **filwaqt li tkun irrispettata l-kompetenza tal-Qorti ta' l-Awdituri li teżamina l-kontijiet tad-dħul u tal-ħruġ ta' l-entitajiet kollha mwaqqfa mill-Komunitajiet Ewropej u li jingħarfu l-ispeċifitajiet ta' l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti bħala mekkaniżmi ġodda sabiex jimplimentaw shubbijiet pubbliċi-privati, sabiex tinsab soluzzjoni aktar effettiva għall-kwittanza tal-baġitta'l-Unjoni Ewropea.**

## Emenda 25

Artikolu 17

Ftehim ospitanti għandu jiġi konkluż bejn l-Impriża Komuni ARTEMIS u l-Istat ospitanti fir-rigward ta' postijiet għall-uffiċini, privileġġi u immunitajiet u appoġġ ieħor li għandu jingħata mill-Belġju lill-Impriża Komuni ARTEMIS

Ftehim *dwar is-sede* għandu jiġi konkluż bejn l-Impriża Komuni ARTEMIS u l-Istat ospitanti fir-rigward ta' **assistenza li tikkonċerna** akkomodazzjoni f' uffiċini, privileġġi u immunitajiet u appoġġ ieħor li għandu jingħata mill-Belġju lill-Impriża Komuni ARTEMIS

## Emenda 26

Anness, Artikolu 1, paragrafu 3

3. L-Impriża Komuni ARTEMIS għandha tiġi stabbilita mill-pubblikazzjoni ta' dawn l-Istatuti fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej għal perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2017.

3. L-Impriża Komuni ARTEMIS għandha tiġi stabbilita mill-pubblikazzjoni ta' dawn l-Istatuti fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej għal perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2017. **Ikun żgurat li wara l-aħħar sejħa għall-proposti fl-2013 il-proġetti li jkunu għadhom għaddejjin jiġu implimentati, immonitorjati u ffinanzjati sa l-2017.**

## Emenda 28

Anness, Artikolu 1, paragrafu 4

4. **Il-perjodu jista' jiġi estiż billi dawn l-Istatuti jiġu emendati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 23, billi jitqies il-progress li sar lejn il-kisba ta' l-għanijiet ta' Impriża Komuni ARTEMIS u sakemm tkun żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja.**

imħassar

## Emenda 27

Anness, Artikolu 1, paragrafu 5 a (ġdid)

**5a. L-Impriża Komuni ARTEMIS hija entità kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju u fil-Punt 47 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.**

## Emenda 29

Anness, Artikolu 2, paragrafu 1, punt (d)

(d) **tiżgura l-effiċjenza u d-durabilità tal-JTI dwar is-Sistemi Integrati tal-Kompjuter;**

imħassar

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 30

Anness, Artikolu 2, paragrafu 2, punt (d a) (ġdid)

**(da) tippromwovi l-involviment ta' l-SMEs fl-attivitajiet tagħha;**

## Emenda 31

Anness, Artikolu 2, paragrafu 2, punt (h)

(h) tippubblika informazzjoni dwar il-Proġetti, inkluż isem il-parteċipanti u l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja għall-Impriża Komuni ARTEMIS;

(h) tippubblika informazzjoni dwar il-Proġetti, inkluż isem il-parteċipanti u l-ammont **kull parteċipant** tal-kontribuzzjoni finanzjarja għall-Impriża Komuni ARTEMIS;

## Emenda 32

Anness, Artikolu 4, paragrafu 4

4. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija dwar l-adeżjoni ta' kull entità ġuridika oħra jew rakkomandazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija dwar l-adeżjoni ta' Pajjiżi Terzi għandha ssir billi jit-qiesu r-rilevanza u l-valur miżjud potenzjali ta' l-applikant għall-kisba ta' l-għanijiet ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS.

4. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija dwar l-adeżjoni ta' kull entità ġuridika oħra jew rakkomandazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija dwar l-adeżjoni ta' Pajjiżi Terzi għandha ssir billi jit-qiesu r-rilevanza u l-valur miżjud potenzjali ta' l-applikant għall-kisba ta' l-għanijiet ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS. **Fl-eventwalità ta' applikazzjoni għas-sħubija, il-Bord tat-Tmexxija jip-provdi lill-Kunsill b'informazzjoni f'waqtha dwar l-evalwazzjonijiet ta' l-applikant u, fejn applikabbli, dwar ir-rakkomandazzjoni jew id-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija. Il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lill-Kunsill.**

## Emenda 33

Anness, Artikolu 4, paragrafu 5

5. Kull Membru jista' jirtira mill-Impriża Komuni ARTEMIS. L-irtirar għandu jsir effettiv u irrevokabbli sitt xhur wara n-notifika lil Stati Membri oħra li warajhom l-ex-Membru jiġi rrilaxxat minn kull obbligu għajr dawk **li diġà kienu jeżistu qabel l-irtirar tiegħu.**5. Kull Membru jista' jirtira mill-Impriża Komuni ARTEMIS. L-irtirar għandu jsir effettiv u irrevokabbli sitt xhur wara n-notifika lil Stati Membri oħra li warajhom l-ex-Membru jiġi rrilaxxat minn kull obbligu għajr dawk **li diġà impenja ruħu għalihom permezz tad-deċiżjonijiet ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS b'konformità ma' dawn l-Istatuti, qabel l-irtirar tal-Membru. L-obbligu li jingħata avviż ta' sitt xhur m'għandux japplika meta l-irtirar ta' Membru jkun ibbażat fuq l-emendi ta' dawn l-Istatuti jew ikun konsegwenza diretta ta' dawn l-istess Statuti.**

## Emenda 34

Anness, Artikolu 6, paragrafu 2, punt (c)

(c) japprova r-**Regolamenti Finanzjarji** ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS skond l-Artikolu 13 ta' dawn l-Istatuti;(c) japprova r-**regoli finanzjarji** ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS skond l-Artikolu 13 ta' dawn l-Istatuti, **wara li jkun ikkonsulta mal-Kummissjoni;**

## Emenda 35

Anness, Artikolu 7, paragrafu 2, punt (e)

(e) japprova t-tnedija tas-sejħiet għall-proposti;

(e) japprova **l-kontenut, l-għanijiet u** t-tnedija tas-sejħiet għall-proposti;

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 36

Anness, Artikolu 7 paragrafu 3, punt (b)

- (b) Il-Bord ta' l-Awtoritajiet Pubbliċi għandu jeleġġi l-President tiegħu.
- (b) Il-Bord ta' l-Awtoritajiet Pubbliċi għandu jeleġġi l-President tiegħu **kull sentejn. L-istess Chairperson ma jistax jerġa jiġi elett aktar minn darbtejn.**

## Emenda 37

Anness, Artikolu 9, paragrafu 2

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija **minn** lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni, għal perjodu sa tliet snin. Wara evalwazzjoni tar-rendiment tad-Direttur Eżekuttiv, il-Bord jista' jestendi l-mandat tiegħu darba għal perjodu ulterjuri ta' mhux inqas minn **erba' snin**.
2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija **skond lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni wara sejħa għall-espressjoni ta' interess ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u fl-istampa jew fuq siti ta' l-Internet**, għal perjodu sa **tliet** snin. Wara evalwazzjoni tar-rendiment tad-Direttur Eżekuttiv, il-Bord jista' jestendi l-mandat tiegħu darba għal perjodu ulterjuri ta' mhux inqas minn **tliet snin**.

## Emenda 38

Anness, Artikolu 10 paragrafu 2, punt (b)

- (b) kontribuzzjoni Komunitarja għall-finanzjament **ta' l-Attivitajiet R&D;**
- (b) kontribuzzjoni Komunitarja għall-finanzjament **tal-Proġetti;**

## Emenda 39

Anness, Artikolu 10 paragrafu 4, punt (a)

- (a) kontribuzzjoni finanzjarja mill-ARTEMISIA sa EUR 20 miljun jew sa 1 % ta' l-ispejjeż globali tal-Proġetti, liema figura tkun l-ogħla, iżda li ma taqbiżx EUR 30 miljun;
- (a) kontribuzzjoni finanzjarja mill-ARTEMISIA sa EUR 20 miljun jew sa 1 % ta' l-ispejjeż globali tal-Proġetti, liema figura tkun l-ogħla, iżda li ma taqbiżx EUR 30 miljun; **Bi spejjeż globali wieħed ifisser is-somma ta' l-ispejjeż totali (kif iddefinit fin-nota tal-qiegħ 32) tal-Proġetti kollha;**

## Emenda 40

Anness, Artikolu 10, paragrafu 4, punt (d a) (ġdid)

- (da) It-total tal-kontribuzzjonijiet imsemmija f'punti (a) u (b) m'għandhomx jaqbu 5 % tal-baġit totali ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS.**

## Emenda 41

Anness, Artikolu 10, paragrafu 5, punt (c)

- (c) kontribuzzjonijiet *in natura* mill-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-iżvilupp biex **jerfgħu s-sehem tagħhom ta' l-ispiża neċessarja biex jitwettqu l-Proġetti. Il-kontribuzzjoni kumplessiva tul l-Impriża Komuni ARTEMIS għandha tkun daqs jew akbar mill-kontribuzzjoni ta' l-awtoritajiet pubbliċi.**
- (c) kontribuzzjonijiet *in natura* mill-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-iżvilupp li qed jieħdu sehem fil-Proġetti, **li jkunu soġġetti għal evalwazzjoni tal-valur u tar-relevanza tagħhom għat-twettiq ta' l-attivitajiet ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS u għall-aċċettazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija. Il-proċedura għall-evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet mhux bi flus għandha tiġi adottata mill-Bord tat-Tmexxija. Għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:**
- **l-approċċ globali għandu jkun ibbażat fuq il-modus operandi tas-Seba' Programm ta' Qafas, fejn dak li jaqa' taħt il-kontribuzzjonijiet mhux bi flus għal proġetti jiġi assessjat fil-livell ta' revizzjoni**
  - **ir-regoli ta' implimentazzjoni tar-regoli finanzjarji ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS għandhom jintużaw bħala gwida;**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

- *oġġetti addizzjonali għandhom jiġu koperti minn Standards tal-Verifika Internazzjonali;*
- *l-evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għandha ssir f'konformità mal-valuri li jkunu ġeneralment aċċettati fis-suq ikkonċernat (Artikolu 172(2)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tad-19 ta' Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (\*)).*

*Il-verifika għandha ssir minn awditur indipendenti.*

(\* ) ĠU L 357, 31.12.2002, p.1. *Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 478/2007 (ĠU L 111, 28.4.2007, p. 13).*

Emenda 42

Anness, Artikolu 10, paragrafu 7

7. Jekk xi Membru ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS jonqos mill-impenni tiegħu fir-rigward tal-kontribuzzjoni finanzjarja miftehma tiegħu lill-Impriża Komuni ARTEMIS, id-Direttur Eżekuttiv għandu jlaqqa' lill-Bord tat-Tmexxija biex jiddeċiedi jekk **il-Membri li jkun fadal għandhomx jirrevokaw** is-sħubija tal-Membru li qed jonqos jew jekk xi miżuri oħra għandhomx jittieħdu sakemm jintlaħqu l-obbligi.

7. Jekk xi Membru ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS jonqos mill-impenni tiegħu fir-rigward tal-kontribuzzjoni finanzjarja miftehma tiegħu lill-Impriża Komuni ARTEMIS, id-Direttur Eżekuttiv **għandu jgħarraf bil-miktub lil dan il-Membru b'dan u jistipula perjodu raġonevoli sabiex dan in-nuqqas jitranġa. Jekk dan in-nuqqas ma jkunx tranġa f'dan il-perjodu, id-Direttur Eżekuttiv** għandu jlaqqa' lill-Bord tat-Tmexxija biex jiddeċiedi jekk **għandhiex tiġi rrevokata** s-sħubija tal-Membru li qed jonqos jew jekk xi miżuri oħra għandhomx jittieħdu sakemm jintlaħqu l-obbligi.

Emenda 43

Anness, Artikolu 13, titolu u paragrafi (1) sa (3)

**Regolament Finanzjarju**

1. Ir-**Regolament Finanzjarju** ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS għandu jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija.
2. L-għan tar-**Regolament Finanzjarju** huwa li tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja soda u ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS.
3. Ir-**Regolament Finanzjarju ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS** għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji tar-**Regolament Finanzjarju strutturali u għandu jinkludi dispożizzjonijiet għall-ipjanar u l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS. Ir-Regolament Finanzjarju jista' jiddevja mir-Regolament Finanzjarju ta' Qafas meta l-bżonnijiet operattivi speċifiċi ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS** hekk jitolbu u **soġġett għall-konsultazzjoni minn qabel mal-Kummissjoni.**

**Regolament Finanzjarju**

1. Ir-**regoli finanzjarji** ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS għandhom jiġu adottati mill-Bord tat-Tmexxija **wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.**
2. L-għan tar-**regoli finanzjarji** huwa li tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja soda ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS.
3. Ir-**regoli finanzjarji ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI m'għandhomx jitbiegħdu mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002, sakemm dan mhux neċessarju għall-ħtiġijiet operattivi speċifiċi tiegħu. Għandu jkun meħtieġ il-kunsens minn qabel min-naħa tal-Kummissjoni biex tiġi adottata kull regola li tidderoga mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002. L-awtorità baġitarja għandha tkun informata b'dawn idderogi.**



It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 44

Anness, Artikolu 13, paragrafu 4

4. Il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS għandu jingħata mill-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, skond proċedura li għandha tiġi pprovduta permezz tar-**Regolament Finanzjarju** ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS.

4. Il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS għandha tingħata mill-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, skond proċedura li għandha tiġi pprovduta permezz tar-**regoli finanzjarji** ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS, **filwaqt li tkun irrISPETTATA l-kompetenza tal-Qorti ta' l-Awdituri li teżamina l-kontijiet tad-dħul u tal-ħruġ ta' l-entitajiet kollha mwaqqfa mill-Komunitajiet Ewropej u li jingħarfu l-ispeċifitajiet ta' l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti bħala mekkaniżmi ġodda sabiex jimplimentaw sħubijiet pubbliċi-privati, sabiex tinsab soluzzjoni aktar effettiva għall-kwittanza tal-baġitta'l-Unjoni Ewropea.**

## Emenda 45

Anness, Artikolu 14, paragrafu 1

1. Il-Pjan Strateġiku Multijannwali għandu jispeċifika l-istrateġija u l-pjanijiet għall-ilħuq ta' l-għanijiet ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS, inkluż l-Aġenda ta' Riċerka.

1. Il-Pjan Strateġiku Multijannwali għandu jispeċifika l-istrateġija u l-pjanijiet għall-ilħuq ta' l-għanijiet ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS, inkluż l-Aġenda ta' Riċerka. **Ladarba approvat mil-Bord tat-Tmexxija, il-Pjan Strateġiku Multiannwali jiġi ppubblikat.**

## Emenda 46

Anness, Artikolu 14, paragrafu 2

2. Il-Programm ta' Ħidma Annwali għandu jiddeskrivi l-ambitu u l-baġit tas-sejħiet għall-proposti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-Aġenda ta' Riċerka għal sena partikolari.

2. Il-Programm ta' Ħidma Annwali għandu jiddeskrivi l-ambitu u l-baġit tas-sejħiet għall-proposti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-Aġenda ta' Riċerka għal sena partikolari. **Meta jiġi approvat mil-Bord tat-Tmexxija, il-Programm ta' Ħidma Annwali jiġi ppubblikat.**

## Emenda 47

Anness, Artikolu 14, paragrafu 3

3. Il-Pjan Annwali ta' Implimentazzjoni għandu jispeċifika l-pjan għall-eżekuzzjoni ta' l-attivitajiet kollha ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS għal sena partikolari, inkluż is-sejħiet ippjanati għall-proposti u l-azzjonijiet meħtieġa biex jiġu implimentati permezz ta' Sejħiet għall-offerti. Il-Pjan ta' Implimentazzjoni Annwali għandu jiġi ppreżentat mid-Direttur Eżekuttiv lill-Bord tat-Tmexxija flimkien mal-Pjan Annwali tal-Baġit.

3. Il-Pjan Annwali ta' Implimentazzjoni għandu jispeċifika l-pjan għall-eżekuzzjoni ta' l-attivitajiet kollha ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS għal sena partikolari, inkluż is-sejħiet ippjanati għall-proposti u l-azzjonijiet meħtieġa biex jiġu implimentati permezz ta' Sejħiet għall-offerti. Il-Pjan ta' Implimentazzjoni Annwali għandu jiġi ppreżentat mid-Direttur Eżekuttiv lill-Bord tat-Tmexxija flimkien mal-Pjan Annwali tal-Baġit. **Meta jiġi approvat mil-Bord tat-Tmexxija, il-Pjan Annwali ta' Implimentazzjoni jiġi ppubblikat.**

## Emenda 48

Anness, Artikolu 14, paragrafu 5, subparagrafu 2

Ir-Rapport Annwali ta' l-Attività għandu jiġi ppreżentat mid-Direttur Eżekuttiv lill-Bord tat-Tmexxija flimkien mal-Kontijiet Annwali u l-karti tal-bilanċ.

Ir-Rapport Annwali ta' l-Attività għandu jiġi ppreżentat mid-Direttur Eżekuttiv lill-Bord tat-Tmexxija flimkien mal-Kontijiet Annwali u l-karti tal-bilanċ. **Dan ir-Rapport Annwali ta' l-Attività għandu jinkludi l-parteċipazzjoni ta' l-SMEs fl-attivitajiet R&D ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS.**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 49

Anness, Artikolu 14, paragrafu 6

6. Il-Kontijiet Annwali u l-karti tal-bilanċ: fi żmien xahrejn mill-għeluq ta' kull sena finanzjarja, il-Kontijiet Annwali u l-karti tal-bilanċ għas-sena ta' qabel għandhom jittressq mid-Direttur Eżekuttiv lill-Bord tat-Tmexxija għall-approvazzjoni. Il-Kontijiet Annwali u l-karti tal-bilanċ għas-sena ta' qabel għandhom jittressqu lill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.

6. Il-Kontijiet Annwali u l-karti tal-bilanċ: fi żmien xahrejn mill-għeluq ta' kull sena finanzjarja, il-Kontijiet Annwali u l-karti tal-bilanċ għas-sena ta' qabel għandhom jittressq mid-Direttur Eżekuttiv lill-Bord tat-Tmexxija għall-approvazzjoni. Il-Kontijiet Annwali u l-karti tal-bilanċ għas-sena ta' qabel għandhom jittressqu lill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri **u lill-awtorità baġi-tarja.**

## Emenda 50

Anness, Artikolu 15, paragrafu 2

2. L-Impriża Komuni ARTEMIS għandha tikkonkludi ftehimiet ta' għoti mal-parteċipanti fil-Proġett għall-implimentazzjoni tal-Proġetti. **Il-ftehimiet ta' l-għoti għandhom jirreferu għal u, fejn xieraq, jistrieħu fuq ftehimiet nazzjonali ta' l-għoti korrispondenti kif imsemmi fl-Artikolu 16(5)(b).**

2. L-Impriża Komuni ARTEMIS għandha tikkonkludi *ftehim* ta' għoti mal-parteċipanti fil-Proġett għall-implimentazzjoni tal-Proġetti. **It-termini u l-kundizzjonijiet ta' dan il-ftehim ta' l-għoti għandu jkun skond ir-Regolament Fianzarju ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS u jirreferi għal u, fejn xieraq, jistrieħ fuq ftehim nazzjonali ta' l-għoti korrispondenti kif imsemmi fl-Artikolu 16(5)(b).**

## Emenda 51

Anness, Artikolu 16 paragrafu 4, punt (a)

(a) Is-sejħiet għall-proposti varati mill-Impriża Komuni ARTEMIS għandhom jinfetħu għall-parteċipanti stabbiliti fl-Istati Membri ARTEMIS u fi kwalunkwe Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea jew il-Pajjiż Assoċjat.

a) Is-sejħiet għall-proposti varati mill-Impriża Komuni ARTEMIS għandhom jinfetħu għall-parteċipanti stabbiliti fl-Istati Membri ARTEMIS u fi kwalunkwe Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea jew il-Pajjiż Assoċjat. **Is-sejħiet għall-proposti għandhom ikunu ppubblikati kemm jista' jkun permezz ta' rivisti, Internet eċċ.**

## Emenda 52

Anness, Artikolu 18, paragrafu 1

1. In-numru tal-persunal għandu jiġi ddeterminat fi pjan ta' stabbiliment li għandu jiġi stipulat fil-Pjan Annwali tal-Baġit.

1. In-numru tal-persunal għandu jiġi ddeterminat fi pjan ta' stabbiliment li għandu jiġi stipulat fil-Pjan Annwali tal-Baġit **u jiġi mgħoddi mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' l-abbozz preliminari tal-baġit ta' l-Unjoni Ewropea.**

## Emenda 53

Anness, Artikolu 18, paragrafu 2

2. **Il-membri tal-persunal ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS għandhom ikunu aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali u għandhom ikollhom kuntratti b'terminu definit li jistgħu jiġu estiżi darba biss sa perjodu massimu totali ta' seba' snin.**

**imħassar**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 54

Anness, Artikolu 19, paragrafu 6

6. Il-Membri mhumiex *responsabli* għal ebda mill-obbligi **finanzjarji** ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS. Ir-*responsabbiltà* finanzjarja tal-Membri hija *responsabbiltà* interna lejn l-Impriża Komuni ARTEMIS biss, u hija limitata għall-impenn tagħhom li jikkontribwixxu għar-riżorsi kif stipulat fl-Artikolu 10(2).

6. Il-Membri mhumiex *responsabli* għal ebda mill-obbligi ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS. Ir-*responsabbiltà* finanzjarja tal-Membri hija *responsabbiltà* interna lejn l-Impriża Komuni ARTEMIS biss, u hija limitata għall-impenn tagħhom li jikkontribwixxu għar-riżorsi kif stipulat fl-Artikolu 10(2).

## Emenda 55

Anness, Artikolu 19, paragrafu 7

7. Ir-*responsabbiltà* finanzjarja ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS għad-djun tagħha hija limitata għall-kontribuzzjonijiet li għamlu l-Membri għall-ispejjeż operattivi kif stipulat fl-Artikolu 10(2).

7. **Bl-eċċezzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji dovuti lill-parteċipanti fil-Proġett skond l-Artikolu 16(5)(a),** ir-*responsabbiltà* finanzjarja ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS għad-djun tagħha hija limitata għall-kontribuzzjonijiet li għamlu l-Membri għall-ispejjeż operattivi kif stipulat fl-Artikolu 10(2).

## Emenda 56

Anness, Artikolu 22, paragrafu 5

5. Meta kwalunkwe assi fiżiku jkun ġiet ttrattat kif ipprovdut fil-paragrafu 5, kull assi oħra ulterjuri għandhom jintużaw biex ikopru r-*responsabbiltajiet* ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS u l-ispejjeż marbuta ma' l-istralċ tagħha. Kwalunkwe bilanċ **jew żbilanċ** għandu jitqassam fost **jew jiġġarrab** mill-Membri eżistenti fi żmien l-istralċ fi proporzjon mal-kontribuzzjoni annwali tagħhom għall-Impriża Komuni ARTEMIS.

5. Meta kwalunkwe assi fiżiku jkun ġiet ttrattat kif ipprovdut fil-paragrafu 4, kull assi oħra ulterjuri għandhom jintużaw biex ikopru r-*responsabbiltajiet* ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS u l-ispejjeż marbuta ma' l-istralċ tagħha. Kwalunkwe bilanċ *favorevoli* għandu jitqassam fost **il**-Membri eżistenti fi żmien l-istralċ fi proporzjon mal-kontribuzzjoni annwali tagħhom għall-Impriża Komuni ARTEMIS.

## Emenda 57

Anness, Artikolu 23, paragrafu 3

3. Proposti għall-emendi għall-Istatuti għandhom jiġu approvati mill-Bord tat-Tmexxija skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 u jitressqu lill-Kummissjoni għad-deċizzjoni.

3. Proposti għall-emendi għall-Istatuti għandhom jiġu approvati mill-Bord tat-Tmexxija skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 u jitressqu lill-Kummissjoni għad-deċizzjoni **wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.**

## Emenda 58

Anness, Artikolu 23, paragrafu 4

4. Minkejja l-paragrafu 2, kull emenda proposta għall-Artikolu 1(3), Artikolu 4(3), Artikolu 10(4)(b), u Artikolu 10(50)(a) għandha titqies bħala aspekk essenzjali u għalhekk soġġetta għal reviżjoni ta' dan ir-Regolament.

4. Minkejja l-paragrafu 3, kull emenda proposta għall-Artikolu 1(3), Artikolu 4(3), **l-Artikolu 6(1), l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 9(2),** Artikolu 10(4)(b), u Artikolu 10(5)(a) **u l-Artikolu 19** għandha titqies bħala aspekk essenzjali u għalhekk soġġetta għal reviżjoni ta' dan ir-Regolament.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 60

Anness, Artikolu 24, paragrafu 2, punt (i)

- (i) "Dritt ta' l-Aċċess" tfisser liċenzja mhux esklussiva u drittijiet ta' l-utenti għat-Tagħrif Eżistenti jew Miksub, liema drittijiet m'għandhomx jinkludu d-dritt ta-subliċenzjar ħlief jekk *maqbul* mod ieħor fil-Ftehim tal-Proġett;
- (i) "Dritt ta' l-Aċċess" tfisser liċenzja mhux esklussiva u drittijiet ta' l-utenti għat-Tagħrif Eżistenti jew Miksub **li għandhom jingħataw skond il-Ftehim tal-Proġett**, liema drittijiet m'għandhomx jinkludu d-dritt ta-subliċenzjar ħlief jekk *mif-tiehem* mod ieħor fil-Ftehim tal-Proġett;

## Emenda 61

Anness, Artikolu 24, paragrafu 2, punt (j)

- (j) "Meħtieġ" għandha tfisser "teknikament essenzjali" għall-implimentazzjoni tal-Proġett u/jew fir-rigward tat-Tagħrif Eżistenti u, fejn huma kkonċernati d-Drittijiet tal-Prorjetà Intellettuali, għandha tfisser li dawk id-Drittijiet tal-Prorjetà Intellettuali jinkisru li kieku ma jingħatawx id-Drittijiet ta' l-Aċċess;
- (j) "Meħtieġ" għandha tfisser "teknikament essenzjali" għall-implimentazzjoni tal-Proġett u/jew fir-rigward ta' l-Użu ta' Tagħrif Eżistenti u, fejn huma kkonċernati d-Drittijiet tal-Prorjetà Intellettuali, għandha tfisser li dawk id-Drittijiet tal-Prorjetà Intellettuali jinkisru li kieku ma jingħatawx id-Drittijiet ta' l-Aċċess;

## Emenda 62

Anness, Artikolu 24, paragrafu 3, punt 3.2.1.

- 3.2.1. Parteċipanti fi proġett fl-istess Proġett għandhom jikkonkludu bejniethom Ftehim ta' Proġett li għandu jirregola, fost l-oħrajn, id-Drittijiet ta' l-Aċċess li għandhom jingħataw skond dan l-Artikolu. Il-parteċipanti fi proġett jistgħu jiddefinixxu t-tagħrif eżistenti meħtieġ għall-finijiet tal-proġett u, fejn ikun xieraq, jistgħu jeskludu tagħrif eżistenti speċifiku.
- 3.2.1. Parteċipanti fi proġett fl-istess Proġett għandhom jikkonkludu bejniethom Ftehim ta' Proġett li għandu jirregola, fost l-oħrajn, id-Drittijiet ta' l-Aċċess li għandhom jingħataw skond dan l-Artikolu. **Il-parteċipanti fil-proġett jistgħu jiddeċiedu li jagħtu Drittijiet ta' l-Aċċess aktar wesgħin minn dawk meħtieġa minn dan l-Artikolu.** Il-parteċipanti fi proġett jistgħu jiddefinixxu t-tagħrif eżistenti meħtieġ għall-finijiet tal-proġett u, fejn ikun xieraq, jistgħu jeskludu tagħrif eżistenti speċifiku.

## Emenda 63

Anness, Artikolu 24, paragrafu 3, punt 3.2.4.

- 3.2.4. Il-parteċipanti fl-istess Proġett għandhom igawdu minn Drittijiet ta' l-Aċċess għat-Tagħrif Eżistenti jekk dan ikun meħtieġ għall-Użu tat-Tagħrif Miksub tagħhom ta' dak il-Proġett, dejjem sakemm sid it-Tagħrif Eżistenti jkun intitolat jagħti dawk id-drittijiet. Dawn id-Drittijiet ta' l-Aċċess għandhom jingħataw fuq bażi mhux esklussiva b'kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji.
- 3.2.4. Il-parteċipanti fl-istess Proġett għandhom igawdu minn Drittijiet ta' l-Aċċess għat-Tagħrif Eżistenti jekk dan ikun meħtieġ għall-Użu tat-Tagħrif Miksub tagħhom ta' dak il-Proġett, dejjem sakemm sid it-Tagħrif Eżistenti jkun intitolat jagħti dawk id-drittijiet. Dawn id-Drittijiet ta' l-Aċċess għandhom jingħataw fuq bażi mhux **esklussiva, mhux trasferibbli** b'kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji.

## Emenda 65

Anness, Artikolu 24, paragrafu 3, punt 3.4.1.

- 3.4.1. Meta parteċipant jittrasferixxi s-sjieda tat-Tagħrif Miksub, għandu jgħaddi l-obbligi tiegħu fir-rigward ta' dan it-Tagħrif Miksub lit-trasferitarju, **inkluż l-obbligu biex dawn l-obbligi jgħaddu lil kwalunkwe trasferitarju sussegwenti. Dawn l-obbligi għandhom jinkludu** dawk li jikkonċernaw l-għoti ta' Drittijiet ta' l-Aċċess, u t-tixrid u l-użu.
- 3.4.1. Meta parteċipant jittrasferixxi s-sjieda tat-Tagħrif Miksub, għandu jgħaddi l-obbligi tiegħu fir-rigward ta' dan it-Tagħrif Miksub lit-trasferitarju, **b'mod partikolari** lil dawk li jikkonċernaw l-għoti ta' Drittijiet ta' l-Aċċess, u t-tixrid u l-użu **tagħhom. Ma' kull trasferiment bħal dan, il-parteċipant ikkonċernat għandu javża lill-parteċipanti l-oħra fl-istess Proġett dwar l-isem u d-det-talji li jistgħu jintużaw biex jiġi kkuntattjat it-trasferitarju.**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 66

Anness, Artikolu 24, paragrafu 3, punt 3.4.2.

- 3.4.2. *Soġġett għall-obbligi dwar il-kunfidenzjalità, meta parteċipant fi Proġett ikun meħtieġ għaddi l-obbligi tiegħu biex jipprovi d-drittijiet ta' l-aċċess, għandu jagħti mill-inqas 45 jum avviż minn qabel lill-parteċi-panti l-oħra dwar it-trasferiment ippjanat, flimkien ma' biżżejjed informazzjoni dwar dak li jkun maħsub li se jkun is-sid il-ġdid tat-Tagħrif Miksub, sabiex il-parteċi-panti l-oħra jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet ta' l-aċċess tagħhom. Wara n-notifika, kull parte-ċipant ieħor jista' joġġezzjona fi żmien 30 jum jew f'limitu ta' żmien differenti maqbul bil-miktub, għal kull trasferiment ta' sjieda ppjanat fuq il-bażi li jef-fettwa b'mod avvers id-drittijiet ta' l-aċċess tiegħu. Meta kwalunkwe mill-parteċi-panti l-oħra juri li d-drit-tijiet ta' l-aċċess tiegħu jiġu effettwati b'mod avvers, it-trasferiment maħsub m'għandux iseħħ sakemm jint-laħaq qbil bejn il-parteċi-panti kkonċernati.*
- imħassar*

P6\_TA(2007)0589

**L-Impriża Komuni ENIAC \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jwaqqaf l-“Impriża Komuni ENIAC” (COM(2007)0356 — C6-0275/2007 — 2007/0122(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0356),
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>(1)</sup> (Regolament Finanzjarju), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interstituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda<sup>(2)</sup>(IIA), u b'mod partikulari l-Punt 47 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 171 u 172 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0275/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0486/2007),

<sup>(1)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jikkunsidra li l-ammont ta' referenza indikat fil-proposta leġislattiva jrid ikun kompatibbli mal-limitu massimu ta' l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju plurijennali 2007-2013 attwali u mad-dispożizzjonijiet tal-Punt 47 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006; jinnota li kull finanzjament lil hinn mill-2013 għandu jkun evalwat fil-kuntest tan-negozjati għall-qafas finanzjarju li jmiss;
3. Ifakkar li l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat għall-Baġits ma tanticiġipax ir-risultat tal-proċedura stabbilita fil-Punt 47 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 li tapplika għat-twaqqif ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS;
4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
5. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
6. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 1

Premessa 8

(8) Il-JTI dwar in-Nanoelettronika għandha toħloq sħubija *pubblika privata* sostenibbli u żżid u tqawwi l-investment privat u pubbliku fis-settur tan-nanoelettronika fl-Ewropa, li għall-iskop ta' dan ir-Regolament jinkludi l-Istati Membri u l-Pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru. Il-JTI dwar in-Nanoelettronika għandha ggħib ukoll koordinazzjoni effettiva u sinerġija tar-riżorsi u l-finanzjament mill-Programm Kwadru, l-industrija, l-programmi nazzjonali ta' l-R&D u l-iskemi intergovernattivi ta' l-R&D, u b'hekk tikkontribwixxi għat-tisħiħ tat-tkabbir, il-kompetittività u l-iżvilupp sostenibbli tal-ġejjieni fl-Ewropa. Fl-aħħar-nett, l-għan tagħha għandu jkun li trawwem kollaborazzjoni bejn il-partijiet kollha kkonċernati bħalma huma l-industrija, l-awtoritajiet nazzjonali, iċ-ċentri akkademiċi u ta' riċerka **li** jiġbru flimkien u jiffokaw l-isforz fuq ir-riċerka.

(8) Il-JTI dwar in-Nanoelettronika għandha toħloq sħubija *pubblika-privata* sostenibbli u żżid u tqawwi l-investment privat u pubbliku fis-settur tan-nanoelettronika fl-Ewropa, li għall-iskop ta' dan ir-Regolament jinkludi l-Istati Membri u l-Pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru. Il-JTI dwar in-Nanoelettronika għandha ggħib ukoll koordinazzjoni effettiva u sinerġija tar-riżorsi u l-finanzjament mill-Programm Kwadru, l-industrija, l-programmi nazzjonali ta' l-R&D u l-iskemi intergovernattivi ta' l-R&D, u b'hekk tikkontribwixxi għat-tisħiħ tat-tkabbir, il-kompetittività u l-iżvilupp sostenibbli tal-ġejjieni fl-Ewropa. Fl-aħħar-nett, l-għan tagħha għandu jkun li trawwem kollaborazzjoni bejn il-partijiet kollha kkonċernati bħalma huma l-industrija, **inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)**, l-awtoritajiet nazzjonali, iċ-ċentri akkademiċi u *ċ-ċentri ta' riċerka* **billi** jiġbdu flimkien u jiffokaw l-isforz fuq ir-riċerka.

Emenda 2

Premessa 11

(11) L-ambizzjoni u l-ambitu ta' l-għanijiet mistqarri tal-JTI dwar in-Nanoelettronika, l-iskala tar-riżorsi finanzjarji u tekniċi li hemm bżonn li jkunu mobilizzati, u l-bżonn li tinkiseb koordinazzjoni effettiva u sinerġija tar-riżorsi u l-finanzjament, jitolbu azzjoni li trid tittieħed mill-Komunità. Għalhekk, jeħtieġ li titwaqqaf Impriża Komuni (minn hawn 'il quddiem "Impriża Komuni ENIAC") taħt l-Artikolu 71 tat-Trattat bħala entità

(11) L-ambizzjoni u l-ambitu ta' l-għanijiet mistqarri tal-JTI dwar in-Nanoelettronika, l-iskala tar-riżorsi finanzjarji u tekniċi li hemm bżonn li jkunu mobilizzati, u l-bżonn li tinkiseb koordinazzjoni effettiva u sinerġija tar-riżorsi u l-finanzjament, jitolbu azzjoni li trid tittieħed mill-Komunità. Għalhekk, jeħtieġ li titwaqqaf Impriża Komuni (minn hawn 'il quddiem "Impriża Komuni ENIAC") taħt l-Artikolu 171 tat-Trattat bħala entità

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

ġuridika responsabbli għall-implimentazzjoni tal-JTI dwar in-Nanoelettronika. Biex tkun żgurata ġestjoni xierqa ta' l-attivitajiet ta' l-R&D mibdija fis-Seba' Programm Kwadru (2007-2013), l-Impriża Komuni ENIAC għandha titwaqqaf għal perjodu li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2017 **li jista' jkun estiż**.

ġuridika responsabbli għall-implimentazzjoni tal-JTI dwar in-Nanoelettronika. Biex tkun żgurata ġestjoni xierqa ta' l-attivitajiet ta' l-R&D mibdija fis-Seba' Programm Kwadru, l-Impriża Komuni ENIAC għandha titwaqqaf għal perjodu li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2017. **Għandu jkun żgurat li wara l-aħħar sejħa għal proposti fl-2013 il-proġetti li jkunu għadhom għaddejnin ikunu implimentati, immonitorjati u ffinanzjati sa l-2017.**

Emenda 3

Premessa 12

(12) L-Impriża Komuni ENIAC għandha tkun entità mwaqqfa mill-Komunitajiet u l-approvazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha **għandu jingħata** mill-Parlament Ewropew, **fuq** rakkomandazzjoni tal-Kunsill. **Iridu madankollu jitqiesu l-ispeċifiċitajiet li jirriżultaw min-natura tal-JTIs bħala sħubijiet privati-pubbliċi u b'mod partikolari mill-kontribut tas-settur privat għall-baġit.**

(12) L-Impriża Komuni ENIAC għandha tkun entità mwaqqfa mill-Komunitajiet u l-approvazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha **għandha tingħata** mill-Parlament Ewropew, **filwaqt li jikkunsidra** rakkomandazzjoni **mill-Kunsill.**

Emenda 4

Premessa 12 a (ġdid)

(12a) **Il-Komunità u l-partijiet interessati pubbliċi għandhom jippruvaw jirrikonoxxu l-opportunitajiet ippreżentati mill-Inizjattivi Komuni għat-Teknoloġija bħala mekkaniżmi ġodda għall-implimentazzjoni ta' sħubijiet pubbliċi-privati, u jaħdmu flimkien ma' partijiet interessatiprivati biex tinstab soluzzjoni aktar effiċjenti bil-għan li jkun hemm kwittanza tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea Komunitarju.**

Emenda 5

Premessa 14

(14) L-għanijiet ta' l-Impriża Komuni ENIAC għandhom jittwettqu billi jinġabru r-riżorsi mis-setturi pubbliċi u privati biex **jappoġġaw** l-attivitajiet ta' l-R&D fil-forma ta' proġetti. Għal dan l-iskop, l-Impriża Komuni ENIAC għandha tkun kapaċi torganizza sejħiet kompetittivi għall-proposti għall-proġetti biex **jimplimentaw** l-Aġenda ta' Riċerka. L-Attivitajiet R&D għandhom jirrispettaw l-prinċipji etiċi fundamentali applikabbli fis-Seba' Programm Kwadru.

(14) L-għanijiet ta' l-Impriża Komuni ENIAC għandhom jittwettqu billi jinġabru r-riżorsi mis-setturi pubbliċi u privati biex **jappoġġaw** l-attivitajiet ta' l-R&D **u ta' prototipi** fil-forma ta' proġetti. Għal dan l-iskop, l-Impriża Komuni ENIAC għandha tkun kapaċi torganizza sejħiet kompetittivi għall-proposti għall-proġetti biex **ikunu implimentati** partijiet mill-Aġenda ta' Riċerka. L-Attivitajiet R&D għandhom jirrispettaw l-prinċipji etiċi fundamentali applikabbli fis-Seba' Programm Kwadru.

Emenda 6

Premessa 22

(22) Il-bżonn li **jkunu żgurati kundizzjonijiet stabbli ta' xogħol u trattament ugwali lill-impjegati, u sabiex** jkunu attratti impjegati xjentifiċi u tekniċi speċjalizzati ta' l-oġhla kalibru, jeħtieġ **l-applikazzjoni tar-Regolamenti għall-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Uffiċjali Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, ("ir-Regolament tal-Persunal") lill-impjegati kollha impjegati rreklutati mill-Impriża Komuni ENIAC.**

(22) Il-bżonn li **jkun żgurat funzjonament effiċjenti ta' l-Impriża Komuni ENIAC u li** jkunu attratti impjegati xjentifiċi u tekniċi speċjalizzati ta' l-oġhla kalibru, **jirrikjedi li, bi qbil mal-Bord tat-Tmexxija ta' l-Impriża Komuni ENIAC, il-Kummissjoni u l-Istati Membri parteċipanti jkunu jistgħu jissekondaw numru kemm ikun hemm bżonn ta' uffiċjali ma' l-Impriża Komuni ENIAC u jirrekltaw il-bqija ta l-persunal meħtieġ permezz ta' kuntratt, filwaqt li jieħdu kont tal-fatt li l-ispejjeż tal-persunal għandhom jinżammu baxxi u li ż-żmien biex tiġi stabbilita l-Impriża Komuni ENIAC hu qasir.**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 7

Premessa 26

(26) L-Impriża Komuni ENIAC **għandha jkollha, suġġett għal kunsensi minn qabel mal-Kummissjoni**, regoli finanzjarji **separati bbażati li jikkunsidraw** il-bżonnijiet operattivi **speċifiċi li jinqalgħu**, b'mod **partikolari, mill-bżonn** li jingħaqdu flimkien il-finanzjament Komunitarju u **nazzjonali** biex ikunu **appoġġati** l-Attivitajiet R&D b'mod **effiċjenti** u fil-ħin. **Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002** dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

(26) Ir-regoli finanzjarji **applikabbli għall-Impriża Komuni ENIAC m'għandhomx jitbiegħdu mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar** ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-entitajiet msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>(1)</sup>, **sakemm** il-bżonnijiet operattivi **speċifiċi tagħha ma jkunux jeħtieġu dan**, b'mod **partikolari** l-bżonn li jingħaqdu flimkien il-finanzjament Komunitarju u **dak nazzjonali** biex ikunu **appoġġati** l-Attivitajiet R&D b'mod **effiċjenti** u fil-ħin. **Hu meħtieġ il-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni biex tiġi adottata kwalunkwe regola li titbiegħed mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002. L-awtorità baġitarja għandha tkun infurmata dwar kwalunkwe deroga bħal din.**

<sup>(1)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. **Corrigendum fil-ĠU L 2, 7.1.2003, p. 39.**

Emenda 8

Artikolu 1, paragrafu 1

1. Għall-implimentazzjoni ta' l-Inizjattiva Komuni għat-Teknoloġija (JTI) dwar in-Nanoelettronika, Impriża Komuni fit-tifsira ta' l-Artikolu 171 tat-Trattat minn hawn 'il quddiem "l-Impriża Komuni ENIAC") titwaqqaf hawnhekk għall-perjodu li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2017. **Dan il-perjodu jista' jkun estiż b'reviżjoni ta' dan ir-Regolament.**

1. Għall-implimentazzjoni ta' l-Inizjattiva Komuni għat-Teknoloġija (minn hawn 'il quddiem JTI) dwar in-Nanoelettronika, Impriża Komuni fit-tifsira ta' l-Artikolu 171 tat-Trattat (minn hawn 'il quddiem "l-Impriża Komuni ENIAC") titwaqqaf hawnhekk għall-perjodu li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2017. **Għandu jkun żgurat li wara l-aħħar sejħa għal proposti fl-2013 il-proġetti li jkunu għadhom għaddejnin ikunu implimentati, immonitorjati u ffinanzjati sa l-2017. L-Impriża Komuni ENIAC hi entità kif hemm imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju u fil-Punt 47 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006.**

Emenda 9

Artikolu 2, punt (b)

(b) tappoġġa l-attivitajiet meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-Aġenda ta' Riċerka (minn hawn 'il quddiem Attivitajiet R&D), notevolment biex tagħti finanzjament lill-parteċipanti fi proġetti magħżula wara sejħiet kompetittivi għall-proposti;

(b) tappoġġa l-attivitajiet meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-Aġenda ta' Riċerka (minn hawn 'il quddiem Attivitajiet R&D), notevolment biex tagħti finanzjament lill-parteċipanti fi proġetti magħżula wara sejħiet kompetittivi għall-proposti **għal attivitajiet ta' R&D u ta' prototipi;**

Emenda 10

Artikolu 2, punt (c)

(c) tippromwovi **sħubijiet pubbliku-privati** bil-għan li jiġu mobilizzati u jingħabru flimkien l-isforzi Komunitarji, nazzjonali u privati, li jżid l-investimenti **globali** fl-R&D fil-qasam tan-Nanoelettronika, **u** trawwem kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati;

(c) tippromwovi **sħubija pubblika-privata** bil-għan li jiġu mobilizzati u jingħabru flimkien l-isforzi Komunitarji, nazzjonali u privati, li jżid l-investimenti **totali** fl-R&D fil-qasam tan-Nanoelettronika, trawwem kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati **u toħloq sinerġiji fost il-partijiet interes-sati fl-industrija tan-Nanoelettronika, inklużi l-atturi korporattivi, l-SMEs u l-istituti ta' l-R&D;**



It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 11

Artikolu 2, punt (d)

- (d) **tiżgura l-effiċjenza u d-durabbiltà tal-JTI dwar in-Nano-elettronika; imħassar**

Emenda 12

Artikolu 3, paragrafu 2, punt (b)

- (b) **kwalunkwe pajjiż li mhux membru, kandidat jew assoċjat ta' l-UE (minn hawn 'il quddiem "Pajjiż Terz") li qed isegwi politika jew programmi dwar l-R&D fil-qasam tan-Nanoelettronika; imħassar**

Emenda 13

Artikolu 4, paragrafu 2, punt (b)

- (b) **kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità sa EUR 10 miljun, pagabbli bi ħlas bin-nifs sa massimu ta' EUR 1.5 miljun fis-sena jew permezz ta'somma ugwali għal 50% tal-kontribuzzjoni mill-AENEAS, skond liema figura tkun iktar baxxa; kwalunkwe parti ta' din il-kontribuzzjoni li ma tintefaqx matul is-sena għandha tkun disponibbli fis-snin ta' wara għall-attivitajiet R&D;**

Emenda 14

Artikolu 4, paragrafu 3, punt (a)

- (a) **kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità sa EUR 440 miljun biex jiffinanzjaw il-Proġetti; (a) kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità sa EUR 440 miljun biex ikunu ffinanzjati l-Proġetti, li jistgħu jiżiedu bi kwalunkwe parti li ma tkunx intefqet tal-kontribuzzjoni mill-Komunità għall-ispejjeżoperattivi, kif stipulat fil-paragrafu 2(b);**

Emenda 15

Artikolu 6, titolu u paragrafu 1

**Regolament Finanzjarju**

1. **L-Impriża Komuni ENIAC għandha tadotta regoli finanzjarji speċifiċi bbażati fuq il-prinċipji tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002. Tista' tiddevja minn dak ir-Regolament meta l-bżonnijiet operattivi speċifiċi ta' l-Impriża Komuni ENIAC hekk jitolbu u suġġett għall-konsultazzjoni minn qabel mal-Kummissjoni.**

**Regoli finanzjarji**

1. **Ir-regoli finanzjarji li japplikaw għall-Impriża Komuni ENIAC m' għandhomx jitbiegħdu mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002, sakemm dan ma jkunx meħtieġ min-ħabba l-bżonnijiet operattivi speċifiċi tagħha u sakemm dan ikun suġġett għall-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni. L-awtorità baġitarja għandha tkun infurmata bi kwalunkwe deroga bħal din.**

Emenda 16

Artikolu 8, paragrafu 2 a (ġdid)

2a. **Il-Kummissjoni u l-Istati Membri, bi ftehim mal-Bord tat-Tmexxija, jistgħu jissekondaw numru ta' uffiċjali ma' l-Impriża Komuni ENIAC.**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

## Emenda 17

Artikolu 8, paragrafu 3

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, bi ftehim mal-Kummissjoni, jadotta l-miżuri neċessarji ta' implimentazzjoni **skond l-arranġamenti pprovduti fl-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali** tal-Komunitajiet Ewropej u **l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' l-Uffiċjali Oħra tal-Komunitajiet Ewropej**.

3. Il-Bord tat-Tmexxija, bi ftehim mal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri neċessarji ta' implimentazzjoni **biex jiġu ssekondati uffiċjali** tal-Komunitajiet Ewropej u **ta' l-Istati Membri parteċipanti u biex jiġi impjegat staff addizzjonali**.

## Emenda 18

Artikolu 10, paragrafu 1 a (ġdid)

**1a. L-Impriża Komuni ENIAC għandha tkun unikament responsabbli biex twettaq l-obbligi tagħha.**

## Emenda 19

Artikolu 10, paragrafu 1 b (ġdid)

**1b. L-Impriża Komuni ENIAC m'għandhiex tkun responsabbli biex twettaq l-obbligi finanzjarji tal-Membri tagħha. M'għandhiex tkun responsabbli għan-nuqqas ta' kwalunkwe Stat Membru ta' l-ENIAC li jwettaq l-obbligi tiegħu li jirriżultaw minn sejħiet għal proposti mibdija mill-Impriża Komuni ENIAC.**

## Emenda 20

Artikolu 10, paragrafu 1 c (ġdid)

**1c. Il-Membri m'għandhom ikunu responsabbli għall-ebda obbligu ta' l-Impriża Komuni ENIAC. Ir-responsabilità finanzjarja tal-Membri għandha tkun responsabilità interna lejn l-Impriża Komuni ENIAC biss, u tkun limitata għall-impenn tagħhom li jikkontribwixxu għar-riżorsi kif stipulat fl-Artikolu 4.**

## Emenda 21

Artikolu 12, paragrafu 2

2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 u l-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha **tmexxi evalwazzjonijiet interim** ta' l-Impriża Komuni ENIAC bl-assistenza ta' esperti indipendenti. Din l-evalwazzjoni għandha tkopri l-kwalità u l-effiċjenza ta' l-Impriża Komuni ENIAC u l-progress lejn l-għanijiet stipulati. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet ta' dan, flimkien ma' l-osservazzjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011 il-Kummissjoni għandha **tippreżenta evalwazzjoni** ta' l-Impriża Komuni ENIAC **ippreparata** bl-assistenza ta' esperti indipendenti. Din l-evalwazzjoni għandha tkopri l-kwalità u l-effiċjenza ta' l-Impriża Komuni ENIAC u l-progress lejn l-għanijiet stipulati. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet ta' din, flimkien ma' l-osservazzjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. **Għandu jittieħed kont tar-riżultati ta' l-evalwazzjoni sabiex terġa' tiġi orjentata, jekk ikun hemm il-bżonn, l-Aġenda ta' Riċerka.**

## Emenda 22

Artikolu 12, paragrafu 4

4. Il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Impriża Komuni ENIAC għandha tingħata mill-Parlament Ewropew, **fuq** rakkomandazzjoni **tal-Kunsill, skond proċedura li għandha tiġi pprovduta permezz tar-Regolament Finanzjarju ta' l-Impriża Komuni ENIAC.**

4. Il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Impriża Komuni ENIAC għandha tingħata mill-Parlament Ewropew, **fil-waqt li jikkunsidra** rakkomandazzjoni **mill-Kunsill.**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 23

Artikolu 16

Il-Kummissjoni u l-AENEAS għandhom jieħdu l-miżuri ta' *thej-  
jija meħtieġa kollha* biex iwaqqfu l-Impriża Komuni ENIAC  
sakemm l-Entitajiet tagħha jkunu saru għal kollox operattivi.

Il-Kummissjoni u l-AENEAS għandhom jieħdu l-miżuri *prepara-  
torji kollha neċessarji* biex iwaqqfu l-Impriża Komuni ENIAC  
sakemm l-Entitajiet tagħha jkunu saru għal kollox operattivi **u  
għandhom jiżguraw li l-Impriża Komuni ENIAC tkun qed  
topera bi sħiħ fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan  
ir-Regolament.**

Emenda 24

Artikolu 17

*Ftehim ospitanti* għandu jiġi konkluż bejn l-Impriża Komuni  
ENIAC u l-Belġju *fir-rigward ta'* postijiet għall-uffiċini, privileġġi  
u immunitajiet u appoġġ ieħor li għandu jingħata mill-Belġju  
lill-Impriża Komuni ENIAC

*Ftehim dwar is-sede* għandu jiġi konkluż bejn l-Impriża Komuni  
ENIAC u l-Belġju **li jikkonċerna l-*għajjnuna fir-rigward ta'*** postijiet  
għall-*akkomodazzjoni f'* uffiċini, privileġġi u immunitajiet u  
appoġġ ieħor li għandu jingħata mill-Belġju lill-Impriża Komuni  
ENIAC.

Emenda 25

Artikolu 18

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. **Huwa għandu jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2017.**

Emenda 26

Anness, Artikolu 1, paragrafu 3

3. L-Impriża Komuni ENIAC għandha tiġi stabbilita mill-pubblikazzjoni ta' dawn l-Istatuti fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej għal perjodu li jintemm **fil-31 ta' Diċembru 2017.**

3. L-Impriża Komuni ENIAC għandha tiġi stabbilita mill-pubblikazzjoni ta' dawn l-Istatuti fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea għal perjodu li jintemm **sal-31 ta' Diċembru 2017. Għandu jkun żgurat li wara l-aħħar sejħa għal proposti fl-2013 il-proġetti li jkunu għadhom għaddejjin ikunu implimentati, immonitorjati u ffinanzjati sa l-2017.**

Emenda 28

Anness, Artikolu 1, paragrafu 4

4. **Il-perjodu jista' jiġi estiż billi dawn l-Istatuti jiġu emendati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 22, billi jitqies il-progress li sar lejn l-ilħiq ta' l-għanijiet ta' Impriża Komuni ENIAC u sakemm tkun żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja.**

*imħassar*

Emenda 27

Anness, Artikolu 1, paragrafu 5 a (ġdid)

**5a. L-Impriża Komuni ENIAC hi entità kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju u fil-Punt 47 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006.**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

## Emenda 29

Anness, Artikolu 2, paragrafu 1, punt (c)

- (c) tippromwovi *parternarjat pubbliku privat* bil-għan li jkunu mobilizzati u jinġabru flimkien l-isforzi Komunitarji, naz-zjonali u privati, li *żid* l-investimenti globali fl-R&D fil-qasam tan-Nanoelettronika, **u** jrawwem kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati;
- (c) tippromwovi *sħubija pubblika-privata* bil-għan li jkunu mobilizzati u jinġabru flimkien l-isforzi Komunitarji, naz-zjonali u privati, li *żid* l-investimenti *totali* fl-R&D fil-qasam tan-Nanoelettronika, trawwem kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati **u toħloq sinerġiji fost il-partijiet interessati kollha ta' l-industrija tan-Nanoelettronika, inklużi l-atturi korporattivi, l-SMEs u l-istituti ta' l-R&D;**

## Emenda 30

Anness, Artikolu 2, paragrafu 1, punt (d)

- (d) **tiżgura l-effiċjenza u d-durabbiltà tal-JTI dwar in-Nanoelettronika;**
- imħassar**

## Emenda 31

Anness, Artikolu 2, paragrafu 2, punt (e a) (ġdid)

- (ea) tiżgura l-parteċipazzjoni ta' l-SMEs sabiex ikun possibbli li mill-inqas 15 % tal-fondi disponibbli jingħataw lil-hom.**

## Emenda 32

Anness, Artikolu 2, paragrafu 2, punt (g)

- (g) tmexxi l-komunikazzjoni u t-tixrid ta' l-attivitajiet ta' l-Impriża Komuni ENIAC *soġġett għall-obbligi ta' kunfidenzjalità;*
- (g) tmexxi l-komunikazzjoni u t-tixrid ta' l-attivitajiet ta' l-Impriża Komuni ENIAC *skond l-obbligi ta' kunfidenzjalità, b'enfasi speċjali fuq il-komunikazzjoni u t-tixrid lill-SMEs u liċ-ċentri ta' riċerka;*

## Emenda 33

Anness, Artikolu 2, paragrafu 2, punt (h)

- (h) tippubblika informazzjoni dwar il-Proġetti, inkluż isem il-parteċipanti **u** l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja *għall-Impriża Komuni ENIAC*
- (h) tippubblika informazzjoni dwar il-Proġetti, inkluż l-ismijiet tal-parteċipanti, l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja **ta' kull parteċipant ta' l-Impriża Komuni ENIAC u informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' l-SMEs;**

## Emenda 34

Anness, Artikolu 3, paragrafu 2, punt (b)

- (b) **kwalunkwe pajjiż li mhux membru, kandidat jew assoċjat ta' l-UE (minn hawn 'il quddiem "Pajjiż Terz") li qed isegwi politika jew programmi dwar l-R&D fil-qasam tan-Nanoelettronika;**
- imħassar**

## Emenda 35

Anness, Artikolu 4, paragrafu 3

- 3. Kull applikazzjoni għall-isħubija fl-Impriża Komuni ENIAC minn Pajjiżi Terzi għandha tkun titqies mill-Bord tat-Tmexxija, li għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' tagħmel proposta sabiex temenda dan ir-Regolament dwar l-adeżjoni tal-Pajjiż Terz, soġġett għat-tlestija b'suċċess tan-negozjati ma' l-Impriża Komuni ENIAC.**
- imħassar**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

## Emenda 36

Anness, Artikolu 4, paragrafu 4

4. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija dwar l-adeżjoni ta' kull entità ġuridika oħra **jew rakkomandazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija dwar l-adeżjoni ta' Pajjiżi Terzi** għandha ssir billi jitqiesu r-rilevanza u l-valur miżjud potenzjali ta' l-applikant għall-kisba ta' l-għanijiet ta' l-Impriża Komuni ENIAC.

4. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija dwar l-adeżjoni ta' kull entità ġuridika oħra għandha ssir billi jitqiesu r-rilevanza u l-valur miżjud potenzjali ta' l-applikant għall-kisba ta' l-għanijiet ta' l-Impriża Komuni ENIAC.

## Emenda 37

Anness, Artikolu 4, paragrafu 5

5. Kull Membru jista' jirtira mill-Impriża Komuni ENIAC. L-irtirar għandu jsir effettiv u irrevokabbli sitt xhur wara n-notifika lil Stati Membri oħra li warajhom l-ex-Membru jiġi rrilaxxat minn kull obbligu għajr dawk li diġà **kienu jeżistu** qabel l-irtirar tiegħu.

5. Kull Membru jista' jirtira mill-Impriża Komuni ENIAC. L-irtirar għandu jsir effettiv u irrevokabbli sitt xhur wara n-notifika lill-Istati Membri l-oħra, li warajhom l-ex-Membru jiġi rrilaxxat minn kull obbligu għajr dawk li diġà **jkun impenja ruħhu għalihom** qabel l-irtirar tiegħu **permezz ta' deċiżjonijiet ta' l-Impriża Komuni ENIAC skond dawn l-Istatuti.**

## Emenda 38

Anness, Artikolu 6, paragrafu 1, punt (g)

(g) Id-deċiżjonijiet għandhom jiġu adottati b'maġġoranza ta' mill-inqas 75 % tal-voti ħlief jekk iddikjarat espliċitament mod ieħor f'dawn l-Istatuti. Il-Komunità għandu **jkollu** dritt tal-veto fuq id-deċiżjonijiet kollha meħuda mill-Bord fir-rigward ta' l-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha, il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-kontribuzzjonijiet in natura, kull emenda għal dawn l-Istatuti u r-**Regolament Finanzjarju** ta' l-Impriża Komuni ENIAC.

(g) Id-deċiżjonijiet għandhom jiġu adottati b'maġġoranza ta' mill-inqas 75 % tal-voti ħlief jekk iddikjarat espliċitament mod ieħor f'dawn l-Istatuti. Il-Komunità għandu **jkollha** dritt tal-veto fuq id-deċiżjonijiet kollha meħuda mill-Bord fir-rigward ta' l-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha, il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-kontribuzzjonijiet in natura, kull emenda għal dawn l-Istatuti u r-**regoli finanzjarji** ta' l-Impriża Komuni ENIAC.

## Emenda 39

Anness, Artikolu 6, paragrafu 2, punt (c)

(c) japprova r-**Regolamenti Finanzjarji** ta' l-Impriża Komuni ENIAC skond l-Artikolu 12 ta' dawn l-Istatuti;

(c) japprova r-**regoli finanzjarji** ta' l-Impriża Komuni ENIAC skond l-Artikolu 12 ta' dawn l-Istatuti, **wara li jkun ikkonsulta lill-Kummissjoni;**

## Emenda 40

Anness, Artikolu 7, paragrafu 1, punt (f a) (ġdid)

**(fa) Il-Bord ta' l-Awtoritajiet Pubbliċi jista' jippermetti lil Stati Membri oħra li m'humiex Stati Membri ta' l-ENIAC li jipparteċipaw fl-attivitajiet tagħha bħala osservaturi.**

## Emenda 41

Anness, Artikolu 7 paragrafu 3, punt (b)

(b) Il-Bord ta' l-Awtoritajiet Pubbliċi għandu jeleġġi l-President tiegħu.

(b) Il-Bord ta' l-Awtoritajiet Pubbliċi għandu jeleġġi l-President tiegħu **kull sentejn.**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

## Emenda 42

Anness, Artikolu 9, paragrafu 2

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija **minn** lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni, għal perjodu sa tliet snin. Wara evalwazzjoni tal-prestazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv, il-Bord jista' jestendi l-mandat tiegħu **darba** għal perjodu ulterjuri ta' mhux inqas minn **erba'** snin.

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija **fuq il-bażi ta'** lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni **wara sejħa għal espressjoni ta' interess ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, fuq l-internet u fl-istampa fl-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea**, għal perjodu ta' mhux aktar minn **tliet** snin. Wara evalwazzjoni tal-prestazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv, il-Bord jista' jestendi l-mandat tiegħu għal perjodu ulterjuri ta' mhux aktar minn **tliet** snin, **u wara t-tmien tal-perjodu tiġi ppublikata sejħa għal espressjoni ta' interess bl-istess mod.**

## Emenda 43

Anness, Artikolu 9, paragrafu 3, punt (k)

(k) iwettaq verifiki finanzjarji, direttament jew permezz ta' l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, dwar parteċipanti fil-Proġetti kif meħtieġ, skond ir-**Regolament Finanzjarju** ta' l-Impriża Komuni ENIAC;

(k) iwettaq verifiki finanzjarji, direttament jew permezz ta' l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, dwar parteċipanti fil-Proġetti kif meħtieġ, skond ir-**regoli finanzjarji** ta' l-Impriża Komuni ENIAC;

## Emenda 44

Anness, Artikolu 9, paragrafu 4, punt (f)

(f) il-ġestjoni ta' sejħiet għall-offerti għall-ħtiġijiet għal oġġetti/servizzi għall-Impriża Komuni ENIAC skond ir-**Regolament Finanzjarju** ta' l-Impriża Komuni ENIAC.

(f) il-ġestjoni ta' sejħiet għall-offerti għall-ħtiġijiet għal oġġetti/servizzi għall-Impriża Komuni ENIAC skond ir-**regoli finanzjarji** ta' l-Impriża Komuni ENIAC.

## Emenda 45

Anness, Artikolu 9, paragrafu 5

5. Kompiti mhux finanzjarji tas-Segretarjat għandhom jit-qabdbu mill-Impriża Komuni ENIAC lil fornituri esterni tas-servizzi. Kuntratti bħal dawn għandhom jiġu stabbiliti skond id-dispożizzjonijiet tar-**Regolament Finanzjarju** ta' l-Impriża Komuni ENIAC.

5. Kompiti mhux finanzjarji tas-Segretarjat għandhom jit-qabdbu mill-Impriża Komuni ENIAC lil fornituri esterni tas-servizzi. Kuntratti bħal dawn għandhom jiġu stabbiliti skond id-dispożizzjonijiet tar-**regoli finanzjarji** ta' l-Impriża Komuni ENIAC.

## Emenda 46

Anness, Artikolu 10, paragrafu 5, punt (c)

(c) kontribuzzjonijiet in natura **mill-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-iżvilupp biex jerfgħu s-sehem tagħhom ta' l-ispiża neċessarja biex jitwettqu l-Proġetti. Il-kontribuzzjoni kumplessiva tul l-Impriża Komuni ENIAC għandha tkun daqs jew akbar mill-kontribuzzjoni ta' l-awtoritajiet pubbliċi.**

(c) kontribuzzjonijiet in natura **li għandhom ikunu suġġetti għal evalwazzjoni tal-valur u tar-relevanza tagħhom għall-attivitajiet ta' l-Impriża Komuni ENIAC kif ukoll li jkun aċċettati mill-Bord tat-Tmexxija. Il-proċedura għall-evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet in natura għandha tkun adottata mill-Bord tat-Tmexxija u għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:**

— **l-approċċ globali għandu jkun ibbażat fuq il-modus operandi tas-Seba' Programm ta' Qafas, fejn il-kontribuzzjonijiet in natura għal proġetti jiġu evalwati fil-livell ta' reviżjoni;**

— **ir-regoli ta' implimentazzjoni tar-regolamenti finanzjarji ta' l-Impriża Komuni ENIAC għandhom jintużaw bħala linji gwida;**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

- *elementi addizzjonali għandhom ikunu koperti bl-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità;*
- *l-**evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet** titwettaq skond l-ispejjeż aċċettati ġeneralment fis-suq konċernat (Artikolu 172(2)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, EURATOM) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (\*).)*

*Il-verifika għandha titwettaq minn awditur indipendenti.*

(\* ) ĠU L 357, 31.12.2002, p.1. *Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 478/2007 (ĠU L 111, 28.4.2007, p. 13).*

Emenda 47

Anness, Artikolu 10, paragrafu 7

7. Jekk xi Membru ta' l-Impriża Komuni ENIAC jonqos mill-impenni tiegħu fir-rigward tal-kontribuzzjoni finanzjarja mif-tehma tiegħu lill-Impriża Komuni ENIAC, id-Direttur Eżekuttiv għandu jlaqqa' lill-Bord tat-Tmexxija biex jiddeċiedi jekk **il-Membri li jkun fadal għandhomx jirrevokaw** is-sħubija tal-Membru li qed jonqos jew jekk xi miżuri oħra għandhomx jittieħdu sakemm jintlaħqu l-obbligi.

7. Jekk xi Membru ta' l-Impriża Komuni ENIAC jonqos mill-impenni tiegħu fir-rigward tal-kontribuzzjoni finanzjarja mif-tehma tiegħu lill-Impriża Komuni ENIAC, id-Direttur Eżekuttiv **għandu jinnotifika bil-miktub lil tali Membru u għandu jistabbilixxi perjodu raġonevoli fejn dan in-nuqqas ikun jista' jiġi rrimedjat. Jekk dan in-nuqqas ma jkunx ġie rrimedjat f'dan il-perjodu, id-Direttur Eżekuttiv għandu jlaqqa' lill-Bord tat-Tmexxija biex jiddeċiedi jekk għandhiex tiġi rrevokata** s-sħubija tal-Membru li qed jonqos jew jekk xi miżuri oħra għandhomx jittieħdu sakemm jintlaħqu l-obbligi.

Emenda 48

Anness, Artikolu 12

**Regolament** Finanzjarju

1. Ir-**Regolament Finanzjarju** ta' l-Impriża Komuni ENIAC għandu jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija.

2. Ir-**Regolament Finanzjarju ta' l-Impriża Komuni ENIAC għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji tar-Regolament Finanzjarju strutturali u għandu jinkludi dispożizzjonijiet għall-ipjanar u l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Impriża Komuni ENIAC. Ir-Regolament Finanzjarju jista' jiddevja mir-Regolament Finanzjarju ta' Qafas meta l-bżonnijiet operattivi speċifiċi ta' l-Impriża Komuni ENIAC hekk jitolbu** u soġġett għall-konsultazzjoni minn qabel mal-Kummissjoni.

**Regoli** finanzjarji

1. Ir-**regoli finanzjarji** ta' l-Impriża Komuni ENIAC għandhom jiġu adottati mill-Bord tat-Tmexxija **wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni.**

2. Ir-**regoli finanzjarji ta' l-Impriża Komuni ENIAC m'għandhomx jitbiegħdu mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002, sakemm dan mhux meħtieġ** għall-bżonnijiet operattivi speċifiċi tiegħu u soġġett għall-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni. **L-awtorità baġitarja għandha tkun infurmata b'dawn id-derogi.**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

3. Il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Impriża Komuni ENIAC *għandu jingħata* mill-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni **tal-Kunsill, skond proċedura li għandha tiġi pprovduta permezz tar-Regolament Finanzjarju ta' l-Impriża Komuni ENIAC.**

3. Il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Impriża Komuni ENIAC *għandha tingħata* mill-Parlament Ewropew, **b'kont meħud għar-** rakkomandazzjoni **mill-Kunsill.**

## Emenda 49

Anness, Artikolu 13, paragrafu 1

1. Il-Pjan Strateġiku *Multijannwali* għandu jispeċifika l-istrateġija u l-pjanijiet għall-ilħuq ta' l-għanijiet ta' l-Impriża Komuni ENIAC, inkluż l-Aġenda ta' Riċerka.

1. Il-Pjan Strateġiku *Plurijennali* għandu jispeċifika l-istrateġija u l-pjanijiet għall-ilħuq ta' l-għanijiet ta' l-Impriża Komuni ENIAC, inkluż l-Aġenda ta' Riċerka. **Meta jkun approvat mill-Bord tat-Tmexxija, il-Pjan Strateġiku Plurijennali għandu jsir pubbliku.**

## Emenda 50

Anness, Artikolu 13, paragrafu 2

2. Il-Programm ta' Ħidma Annwali għandu jiddeskrivi l-ambitu u l-baġit tas-sejħiet għall-proposti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-Aġenda ta' Riċerka għal sena partikolari.

2. Il-Programm ta' Ħidma Annwali għandu jiddeskrivi l-ambitu u l-baġit tas-sejħiet għall-proposti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-Aġenda ta' Riċerka għal sena partikolari. **Meta jkun approvat mill-Bord tat-Tmexxija, il-Programm ta' Ħidma Annwali għandu jsir pubbliku.**

## Emenda 51

Anness, Artikolu 13, paragrafu 3

3. Il-Pjan Annwali ta' Implimentazzjoni għandu jispeċifika l-pjan għall-eżekuzzjoni ta' l-attivitajiet kollha ta' l-Impriża Komuni ENIAC għal sena partikolari, inkluż is-sejħiet ipplanati għall-proposti u l-azzjonijiet meħtieġa biex jiġu implimentati permezz ta' Sejħiet għall-offerti. *Il-Pjan ta' Implimentazzjoni Annwali* għandu jiġi ppreżentat mid-Direttur Eżekuttiv lill-Bord tat-Tmexxija flimkien mal-Pjan Annwali tal-Baġit.

3. Il-Pjan Annwali ta' Implimentazzjoni għandu jispeċifika l-pjan għall-eżekuzzjoni ta' l-attivitajiet kollha ta' l-Impriża Komuni ENIAC għal sena partikolari, inkluż is-sejħiet ipplanati għall-proposti u l-azzjonijiet meħtieġa biex jiġu implimentati permezz ta' Sejħiet għall-offerti. *Il-Pjan Annwali ta' Implimentazzjoni* għandu jiġi ppreżentat mid-Direttur Eżekuttiv lill-Bord tat-Tmexxija flimkien mal-Pjan Annwali tal-Baġit. **Meta jkun approvat mill-Bord tat-Tmexxija, il-Pjan Annwali ta' Implimentazzjoni għandu jsir pubbliku.**

## Emenda 52

Anness, Artikolu 13, paragrafu 5, subparagrafu 2

Ir-Rapport Annwali ta' l-Attività għandu jiġi ppreżentat mid-Direttur Eżekuttiv lill-Bord tat-Tmexxija flimkien mal-Kontijiet Annwali u l-karti tal-bilanċ.

Ir-Rapport Annwali ta' l-Attività għandu jiġi ppreżentat mid-Direttur Eżekuttiv lill-Bord tat-Tmexxija flimkien mal-Kontijiet Annwali u l-karti tal-bilanċ. **Ir-Rapport Annwali dwar l-Attività għandu jidentifika l-parteċipazzjoni ta' l-SMEs fl-Impriża Komuni ENIAC u fl-attivitajiet ta' R&D.**

## Emenda 53

Anness, Artikolu 13, paragrafu 6

6. Fi żmien xahrejn wara tmiem is-sena finanzjarja, il-kontijiet proviżorji ta' l-Impriża *komuni* għandhom jitressqu lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej ('il-Qorti ta' l-Awdituri'). Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha, sal-15 ta' Ġunju wara tmien kull sena finanzjarja, tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kontijiet proviżorji ta' l-Impriża Komuni.

6. Fi żmien xahrejn wara tmiem is-sena finanzjarja, il-kontijiet proviżorji ta' l-Impriża *Komuni* għandhom jitressqu lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej ('il-Qorti ta' l-Awdituri') **u lill-awtorità baġitarja.** Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha, sal-15 ta' Ġunju wara tmien kull sena finanzjarja, tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kontijiet proviżorji ta' l-Impriża Komuni.



It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

## Emenda 54

*Anness, Artikolu 14, paragrafu 3*

3. Sabiex tiġi megħjuna l-implimentazzjoni tal-Proġetti u l-għoti ta' fondi pubbliċi, l-Impriża Komuni ENIAC għandha tis-tabbilixxi arranġamenti amministrattivi ma' l-entitajiet nazzjonalni nnominati mill-Istati Membri ENIAC għal dak il-għan, f'Konformita' mar-**Regolament Finanzjarju** ta' l-Impriża Komuni ENIAC.

3. Sabiex tiġi megħjuna l-implimentazzjoni tal-Proġetti u l-għoti ta' fondi pubbliċi, l-Impriża Komuni ENIAC għandha tis-tabbilixxi arranġamenti amministrattivi ma' l-entitajiet nazzjonalni nnominati mill-Istati Membri ENIAC għal dak il-għan, f'Konformita' mar-**regoli finanzjarji** ta' l-Impriża Komuni ENIAC.

## Emenda 55

*Anness, Artikolu 15, paragrafu 4, punt (a)*

(a) Is-sejħiet għall-proposti varati mill-Impriża Komuni ENIAC għandhom jinfetħu għall-parteċipanti stabbiliti fl-Istati Membri ENIAC u fi kwalunkwe Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea jew il-Pajjiż Assoċjat.

(a) Is-sejħiet għall-proposti varati mill-Impriża Komuni ENIAC għandhom jinfetħu għall-parteċipanti stabbiliti fl-Istati Membri ENIAC u fi kwalunkwe Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea jew il-Pajjiż Assoċjat. **Sejħiet għal proposti għandhom isiru b'mod pubbliku sa fejn huwa possibbli, inkluż fuq l-Internet u fl-istampa fl-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea.**

## Emenda 56

*Anness, Artikolu 17, paragrafu 1*

1. In-numru tal-persunal għandu jiġi ddeterminat fi pjan ta' stabbiliment li għandu jiġi stipulat fil-Pjan Annwali tal-Baġit.

1. In-numru tal-persunal għandu jiġi ddeterminat fi pjan ta' stabbiliment li għandu jiġi stipulat fil-Pjan Annwali tal-Baġit **u jiġi mgħoddi mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' l-abbozz preliminari tal-baġit ta' l-Unjoni Ewropea.**

## Emenda 57

*Anness, Artikolu 17, paragrafu 2*

2. Il-membri tal-persunal ta' l-Impriża Komuni ENIAC għandhom ikunu aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali u *għandhom* ikollhom kuntratti b'terminu definit li jistgħu jiġu estiżi **darba biss** sa perjodu massimu totali ta' **seba' snin**.

2. Il-membri tal-persunal ta' l-Impriża Komuni ENIAC għandhom ikunu aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali u *għandu jkollhom* kuntratti b'terminu definit li jistgħu jiġu estiżi **darbtejn** sa perjodu massimu totali ta' **għaxar snin. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista', bi ftehim mal-Bord tat-Tmexxija, tissekonda uffiċjali għall-Impriża Komuni ENIAC.**

## Emenda 58

*Anness, Artikolu 21, paragrafu 5*

5. Meta kwalunkwe assi fiżiku jkun *ġiet* ttrattat kif ipprovdut fil-paragrafu 5, kull assi oħra ulterjuri għandhom jintużaw biex ikopru r-responsabbiltajiet ta' l-Impriża Komuni ENIAC u l-ispejjeż marbuta ma' l-istralċ tagħha. Kwalunkwe bilanċ **jew żbilanċ** għandu jitqassam fost **jew jiġġarrab** mill-Membri eżistenti fi żmien l-istralċ fi proporzjon mal-kontribuzzjoni annwali tagħhom għall-Impriża Komuni ENIAC.

5. Meta kwalunkwe assi fiżiku jkun *ġie* ttrattat kif ipprovdut fil-paragrafu 5, kull assi oħra ulterjuri għandhom jintużaw biex ikopru r-responsabbiltajiet ta' l-Impriża Komuni ENIAC u l-ispejjeż marbuta ma' l-istralċ tagħha. Kwalunkwe bilanċ għandu jitqassam fost *il-Membri* eżistenti fi żmien l-istralċ fi proporzjon mal-kontribuzzjoni annwali tagħhom għall-Impriża Komuni ENIAC.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

## Emenda 59.

*Anness, Artikolu 22, paragrafu 3*

3. Proposti għall-emendi għall-Istatuti għandhom jiġu approvati mill-Bord tat-Tmexxija skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 u jitressqu lill-Kummissjoni għad-deċiżjoni.

3. Proposti għall-emendi għall-Istatuti għandhom jiġu approvati mill-Bord tat-Tmexxija skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 u jitressqu lill-Kummissjoni għad-deċiżjoni **wara li jiġi kkonsultat il-Parlament Ewropew.**

## Emenda 61

*Anness, Artikolu 23, paragrafu 2, punt (i)*

(i) "Dritt ta' l-Aċċess" tfisser liċenzja mhux esklussiva u drittijiet ta' l-utenti għat-Tagħrif Eżistenti jew Miksub, liema drittijiet m'għandhomx jinkludu d-dritt ta-subliċenzjar ħlief jekk maqbul mod ieħor fil-Ftehim tal-Proġett;

(i) "Dritt ta' l-Aċċess" tfisser liċenzja mhux esklussiva u drittijiet ta' l-utenti għat-Tagħrif Eżistenti jew Miksub, **mogħtija mill-Ftehim tal-Proġett**, liema drittijiet m'għandhomx jinkludu d-dritt ta-subliċenzjar ħlief jekk maqbul mod ieħor fil-Ftehim tal-Proġett;

## Emenda 62

*Anness, Artikolu 23, paragrafu 3, subparagrafu 3.2.1*

3.2.1. Parteċipanti fi proġett fl-istess Proġett għandhom jikkonkludu bejniethom Ftehim ta' Proġett li għandu jirregola, fost l-oħrajn, id-Drittijiet ta' l-Aċċess li għandhom jingħataw skond dan l-Artikolu. Il-partiċipanti fi proġett jistgħu jiddefinixxu t-Tagħrif Eżistenti meħtieġ għall-fini jiet tal-proġett u, fejn ikun xieraq, jistgħu jeskludu Tagħrif Eżistenti speċifiku.

3.2.1. Parteċipanti fi proġett fl-istess Proġett għandhom jikkonkludu bejniethom Ftehim ta' Proġett li għandu jirregola, fost l-oħrajn, id-Drittijiet ta' l-Aċċess li għandhom jingħataw skond dan l-Artikolu. **Il-partiċipanti fi proġett jistgħu jiddeċiedu li jagħtu Drittijiet ta' l-Aċċess usa' minn dawk mitluba minn dan l-Artikolu.** Il-partiċipanti fi proġett jistgħu jiddefinixxu t-Tagħrif Eżistenti meħtieġ għall-fini jiet tal-proġett u, fejn ikun xieraq, jistgħu jeskludu Tagħrif Eżistenti speċifiku.

## Emenda 63

*Anness, Artikolu 23, paragrafu 3, subparagrafu 3.2.4*

3.2.4. Il-partiċipanti fl-istess Proġett għandhom igawdu minn Drittijiet ta' l-Aċċess għat-Tagħrif Eżistenti jekk dan ikun meħtieġ għall-Użu tat-Tagħrif Miksub tagħhom ta' dak il-Proġett, dejjem sakemm sid it-Tagħrif Eżistenti jkun intitolat jagħti dawk id-drittijiet. Dawn id-Drittijiet ta' l-Aċċess għandhom jingħataw fuq bażi mhux esklussiva b'kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji.

3.2.4. Il-partiċipanti fl-istess Proġett għandhom igawdu minn Drittijiet ta' l-Aċċess għat-Tagħrif Eżistenti jekk dan ikun meħtieġ għall-Użu tat-Tagħrif Miksub tagħhom ta' dak il-Proġett, dejjem sakemm sid it-Tagħrif Eżistenti jkun intitolat jagħti dawk id-drittijiet. Dawn id-Drittijiet ta' l-Aċċess għandhom jingħataw fuq bażi mhux esklussiva **u mhux trasferibbli**, b'kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji.

## Emenda 64

*Anness, Artikolu 23, paragrafu 3, subparagrafu 3.3.1*

3.3.1. Meta t-Tagħrif Miksub ikun jista' jiġi sfruttat bi qliegħ, is-sid (i) għandu jipprovdi għall-protezzjoni xierqa u effettiva tiegħu, billi jikkunsidra sew l-interessi leġittimi ta' dan it-tagħrif, partikolarment l-interessi kummerċjali, u dawk tal-partiċipanti l-oħra fil-Proġett ikkonċernat **u (ii) għandu jużah jew jiżgura li jintuża.**

3.3.1. Meta t-Tagħrif Miksub ikun jista' jiġi sfruttat bi qliegħ, is-sid (i) għandu jipprovdi għall-protezzjoni xierqa u effettiva tiegħu, **u (ii) għandu jużah, jew jagħti liċenzja għall-użu tiegħu fuq bażi ta' bla ħlas jew fuq termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji**, billi jikkunsidra sew l-interessi leġittimi ta' dan it-tagħrif, partikolarment l-interessi kummerċjali, u dawk tal-partiċipanti l-oħra fil-Proġett ikkonċernat.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 65

*Anness, Artikolu 23, paragrafu 3, subparagrafu 3.4.1*

3.4.1. Meta parteċipant jittrasferixxi s-sjeda tat-Tagħrif Miksub, għandu jgħaddi l-obbligi tiegħu fir-rigward ta' dan it-Tagħrif Miksub lit-trasferatarju, inkluż l-obbligu biex dawn l-obbligi jgħaddu lil kwalunkwe trasferatarju sussegwenti. Dawn l-obbligi għandhom jinkludu dawk li jikkonċernaw l-għoti ta' Drittijiet ta' l-Aċċess, u t-tixrid u l-użu.

3.4.1. Meta parteċipant jittrasferixxi l-pussess tat-Tagħrif Miksub, għandu jgħaddi l-obbligi tiegħu fir-rigward ta' dan it-Tagħrif Miksub lit-trasferatarju, inkluż l-obbligu biex dawn l-obbligi jgħaddu lil kwalunkwe trasferatarju sussegwenti. Dawn l-obbligi għandhom jinkludu dawk li jikkonċernaw l-għoti ta' Drittijiet ta' l-Aċċess, u t-tixrid u l-użu. **Fil-każ ta' tali trasferiment, il-parteeipant ikkonċernat għandu jinnotifika bil-quddiem lill-parteeipanti l-oħra fl-istess Proġett dwar l-isem u d-dettalji tal-kuntratt tat-trasferatarju.**

Emenda 66

*Anness, Artikolu 23, paragrafu 3, subparagrafu 3.4.2*

3.4.2. **Soġġett għall-obbligi dwar il-kunfidenzjalità, meta parteċipant fi Proġett ikun meħtieġ jgħaddi l-obbligi tiegħu biex jipprovi d-drittijiet ta' l-aċċess, għandu jagħti mill-inqas 45 jum avviż minn qabel lill-parteeipanti l-oħra dwar it-trasferiment ippjanat, flimkien ma' biżżejjed informazzjoni dwar dak li jkun maħsub li se jkun is-sid il-ġdid tat-Tagħrif Miksub, sabiex il-parteeipanti l-oħra jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet ta' l-aċċess tagħhom. Wara n-notifika, kull parteċipant ieħor jista' joġġezzjona fi żmien 30 jum jew f'limitu ta' żmien differenti maqbul bil-miktub, għal kull trasferiment ta' sjeda ppjanat fuq il-bażi li jeffettwa b'mod avvers id-drittijiet ta' l-aċċess tiegħu. Meta kwalunkwe mill-parteeipanti l-oħra juri li d-drittijiet ta' l-aċċess tiegħu jiġu effettwati b'mod avvers, it-trasferiment maħsub m'għandux iseħħ sakemm jint-laħaq qbil bejn il-parteeipanti kkonċernati.**

**imħassar**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

P6\_TA(2007)0590

**L-Impriża Konġunta ta' l-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' Impriża Konġunta ta' l-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi (COM(2007)0241 — C6-0171/2007 — 2007/0089(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0241),
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>(1)</sup> (Regolament Finanzjarju), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda<sup>(2)</sup> (IIA), u b'mod partikolari il-Punt 47 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 171 u 172 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0171/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġit kif ukoll tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0479/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jikkunsidra li l-ammont ta' referenza indikat fil-proposta leġislattiva jrid ikun kompatibbli mal-limitu massimu ta' l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju plurijennali 2007-2013 attwali u mad-dispożizzjonijiet tal-Punt 47 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006; jinnota li kull finanzjament lil hinn mill-2013 għandu jkun evalwat fil-kuntest tan-negozjati għall-qafas finanzjarju li jmiss;
3. Ifakkar li l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat għall-Baġits ma tantiċipax ir-riżultat tal-proċedura stabbilita fil-Punt 47 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 li tapplika għat-twaqqif ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS;
4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
5. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
6. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 1

Premessa 10

(10) L-għan ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-“Mediċini Innovattivi” għandu jkun it-trawwim tal-kollaborazzjoni bejn il-partijiet interessati kollha bħall-industrija, l-awtoritajiet pubbliċi (inklużi r-regolaturi), l-organizzazzjonijiet ta' pazjenti, il-qasam akkademiku u ċ-ċentri kliniċi. L-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-“Mediċini Innovattivi” għandha tiddefinixxi aġenda ta' riċerka li dwarha jaqbel kulħadd (minn hawn il quddiem imsejħa “L-Aġenda tar-Riċerka”) li ssegwi mill-qrib ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-Aġenda tar-Riċerka Strateġika żviluppata mill-Pjattaforma Teknoloġika Ewropea dwar “Mediċini Innovattivi”.

(10) L-għan ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-“Mediċini Innovattivi” għandu jkun it-trawwim tal-kollaborazzjoni bejn il-partijiet interessati kollha bħall-industrija, **inklużi l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs)**, l-awtoritajiet pubbliċi (inklużi l-awtoritajiet li jirregolaw), l-organizzazzjonijiet ta' pazjenti, il-qasam akkademiku u ċ-ċentri kliniċi. L-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-“Mediċini Innovattivi” għandha tiddefinixxi aġenda ta' riċerka li dwarha jaqbel kulħadd (minn hawn il quddiem imsejħa “L-Aġenda tar-Riċerka”) li ssegwi mill-qrib ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-Aġenda tar-Riċerka Strateġika żviluppata mill-Pjattaforma Teknoloġika Ewropea dwar “Mediċini Innovattivi”.

Emenda 2

Premessa 11

(11) L-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-“Mediċini Innovattivi” għandha tipproponi strateġija koordinata biex jin-għelbu l-ostakoli fir-riċerka identifikati fil-proċess ta' l-iżvilupp tal-mediċina, u biex tappoġġa 'ir-riċerka u l-iżvilupp farmaċewtiċi prekompetittivi', sabiex jitħaffef l-iżvilupp ta' mediċini sikuri u iktar effettivi għal pazjenti. F'dan il-kuntest 'ir-riċerka u l-iżvilupp farmaċewtiċi prekompetittivi' għandha tintfiehmem bħala riċerka dwar l-għodod u l-metodoloġiji li jintużaw fil-proċess ta' l-iżvilupp tad-droga.

(11) L-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-“Mediċini Innovattivi” għandha tipproponi strateġija koordinata biex jin-għelbu l-ostakoli fir-riċerka identifikati fil-proċess ta' l-iżvilupp tal-mediċina, u biex tappoġġa 'ir-riċerka u l-iżvilupp farmaċewtiċi prekompetittivi', sabiex jitħaffef l-iżvilupp ta' mediċini sikuri u iktar effettivi għall-pazjenti. F'dan il-kuntest 'ir-riċerka u l-iżvilupp farmaċewtiċi prekompetittivi' għandha tintfiehmem bħala riċerka dwar l-għodod u l-metodoloġiji li jintużaw fil-proċess ta' l-iżvilupp tad-droga **in ġenerali, pjuttost milli il-proċess ta' l-iżvilupp ta' mediċina partikulari. Il-proprietà intelletwali li toriġina minn proġett ta' Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar “Mediċini Innovattivi” għandha tiġi liċenzjata lil partijiet terzi b'termini ġusti u raġjonevoli.**

Emenda 3

Premessa 13 a (ġdida)

**(13a) Sabiex tilħaq l-għanijiet tal-Programm Speċifiku Koperazzjoni, l-Impriża Konġunta IMI għandha tikkunsidra id-dinamizzazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' l-SMEs, fost affarijiet oħra permezz tat-titjib tal-proċeduri amministrattivi, billi tikkunsidra aktar il-bżonnijiet tagħhom kif ukoll timplimenta azzjonijiet ta' appoġġ.**

Emenda 4

Premessa 13 b (ġdida)

**(13b) Sabiex tilħaq l-għanijiet tad-Deċiżjoni 2006/974/KE tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku: Kapaċitajiet li jimplimentaw is-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitatijiet ta' dimostrazzjoni (2007 sa 2013) <sup>(1)</sup>, l-Impriża Konġunta IMI għandha tikkunsidra l-investimenti fir-riċerka għall-benefiċċju ta' l-SMEs, u ssaħħaħ il-kapaċità ta' innovazzjoni tagħhom u l-kapaċità tagħhom li jisfruttaw ir-riċerka.**

<sup>(1)</sup> ĠU L 400, 30.12.2006, p. 298-366, corrigendum tal-ĠU L 54, 22.2.2007, p. 101.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

## Emenda 5

## Premessa 14

(14) L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha titwaqqaf għal perjodu inizjali li jintemm fil-**31 ta' Diċembru 2017** **biex** tiżgura t-tmexxija xierqa ta' l-attivitajiet ta' riċerka li tnedu iżda li ma ġewx konklużi matul is-Seba' Programm Kwadru (2007-2013).

(14) L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha titwaqqaf għal perjodu inizjali li jintemm fil-**31 ta' Diċembru 2013**. **Biex** tiżgura t-tmexxija xierqa ta' l-attivitajiet ta' riċerka li tnedu iżda li ma ġewx konklużi matul is-Seba' Programm ta' Qafas (2007-2013), **ix-xogħol li qed isir bħalissa, jekk ikun hemm bżonn, għandu jitkompla sal-31 ta' Diċembru 2017**.

## Emenda 6

## Premessa 16

(16) L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tkun entità mwaqqfa mill-Komunitajiet li tirċievi l-awtorizzazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha mingħand il-Parlament Ewropew, **fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li tikkunsidra l-ispeċifitajiet ġejjin min-natura tal-JTIs bħala partenarjati pubbliċi-privati u b'mod partikolari mill-kontribut tas-settur privat lill-baġit**.

(16) L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tkun entità mwaqqfa mill-Komunitajiet li tirċievi l-awtorizzazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha mingħand il-Parlament Ewropew, **b'kont meħud tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill**.

## Emenda 7

## Premessa 17

(17) Il-Membri Fundaturi ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI **għandhom** ikunu l-Komunità Ewropea u l-EFPIA.

(17) Il-Membri Fundaturi ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI **huma** l-Komunità Ewropea u l-EFPIA.

## Emenda 8

## Premessa 26

(26) Il-kumpaniji farmaċewtiċi bbażati fuq ir-riċerka li huma membri sħaħ ta' l-attivitajiet ta' l-EFPIA mhumiex se jkunu eliġibbli li jirċievu appoġġ sħiħ mill-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

(26) Il-kumpaniji farmaċewtiċi bbażati fuq ir-riċerka li huma membri sħaħ ta' l-attivitajiet ta' l-EFPIA mhumiex se jkunu eliġibbli li jirċievu appoġġ sħiħ, **dirett jew indirett**, mill-Impriża Konġunta IMI.

## Emenda 9

## Premessa 27

(27) **L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandu jkollha, suġġett għal konsultazzjoni minn qabel mal-Kummissjoni, Regolament Finanzjarju distint ibbażat fuq il-prinċipji tar-regolament finanzjarju kwadru** <sup>(1)</sup> li jqis il-htigġijiet operattivi speċifiċi li ġejjin, b'mod partikolari **mill-ħtieġa** li jingħaqad il-finanzjament Komunitarju ma' dak privat biex jappoġġaw l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp b'mod effiċjenti u f'waqtu.

(27) **Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Impriża Konġunta IMI ma jistgħux jitbiegħdu mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill, (KE, Euratom) Nru. 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej** <sup>(1)</sup>, **sakemm dan mhux meħtieġ minħabba l-bżonnijiet operattivi speċifiċi tagħha**, b'mod partikolari l-ħtieġa li jingħaqad l-finanzjament Komunitarju ma' dak privat biex jiġu appoġġjati l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp b'mod effiċjenti u f'waqtu. **Hemm bżonn tal-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' kwalunkwe regoli li ma jikkonformax mar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002. L-awtorità baġitarja għandha tkun informata b'dawn id-derogi**.

<sup>(1)</sup> **Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill, (KE, Euratom) Nru. 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej**, ĠU, L 357, 31.12.2002, p.72. Korriġendum fil-ĠU L 2, 7.1.2003, p. 39.

<sup>(1)</sup> **ĠU, L 357, 31.12.2002, p.72. Korriġendum fil-ĠU L 2, 7.1.2003, p. 39.**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 10

Premessa 28

(28) Biex tiġi sodisfatta l-**eżiġenza** biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ta' impjieg stabbli u trattament ugwali tal-persunal, u **sabiex jiġi attirat** persunal xjentifiku u tekniku ta' l-ogħla kalibru, **tinħtieġ l-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej**, ("**ir-Regolament tal-Persunal**") **għall-persunal kollu inkarigat mill-Impriża Konġunta ta' l-IMI.**

(28) Biex jiġi sodisfat **ir-*rekwiżit*** biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ta' impjieg stabbli u trattament ugwali tal-persunal, u **d-*domanda għal*** persunal xjentifiku u tekniku u ta' l-ogħla kalibru, **tinħtieġ *ċerta flessibilità fir-reklutaġġ tal-persunal ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI. Is-sħubija għandha thun ekwilibrata u kull membru fundatur għandu jkun jista' jirrekluta l-persunal. Għaldaqstant il-Kummissjoni għandha tkun libera li tissekonda l-uffiċjali kollha li tikkunsidra li hemm bżonn ma' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI u din ta' l-aħħar li timpjega persunal fuq bażi kuntrattwali skond il-liġi ta' l-impjieg fis-seħħ f'dak l-istat fejn għanha s-sede tagħha.***

Emenda 11

Premessa 33

(33) L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha jkollha s-sede tagħha fi Brussell, il-Belġju. Ftehim dwar is-sede għandu jiġi konkluż bejn l-Impriża Konġunta ta' l-IMI u l-Belġju dwar l-uffiċċji, il-privileġġi u l-immunitajiet u appoġġ ieħor li għandha tipprovdi l-Belġju lill-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

(33) L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha jkollha s-sede tagħha fi Brussell, il-Belġju. Ftehim dwar is-sede għandu jiġi konkluż bejn l-Impriża Konġunta ta' l-IMI u l-Belġju dwar ***l-assistenza fir-rigward ta' l-akkomodazzjoni f'uffiċċji***, il-privileġġi u l-immunitajiet u appoġġ ieħor li għandu jipprovdi l-Belġju lill-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

Emenda 12

Artikolu 1, paragrafu 1

1. Għall-implimentazzjoni ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi, qed titwaqqaf Impriża Konġunta għal perjodu li jintemm fil-**31 ta' Diċembru 2017** (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Impriża Konġunta ta' l-IMI"). **Dan il-perjodu jista' jiġi estiż mill-Kunsill.**

1. Għall-implimentazzjoni ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi, qed titwaqqaf Impriża Konġunta għal perjodu li jintemm fil-**31 ta' Diċembru 2013** (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Impriża Konġunta ta' l-IMI"). ***Ixxogħol li jkun għadu qed isir jista' madankollu jitkompla sal-31 ta' Diċembru 2017. L-Impriża Konġunta ta' l-IMI hija entità mwaqqfa b'konformità ma' l-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju u Punt 47 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006.***

Emenda 13

Artikolu 3, punt (b)

(b) appoġġ għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' riċerka kif stabbiliti bl-Aġenda tar-**riċerka** ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Mediċini Innovattivi" (minn hawn il-quddiem imsejħa "Attivitajiet ta' Riċerka"), l-iktar permezz ta' għotjiet b'segwitu għas-sejħiet kompetittivi għal proposti;

(b) appoġġ għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' riċerka kif stabbiliti bl-Aġenda tar-**Riċerka** ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Mediċini Innovattivi" (minn hawn il-quddiem imsejħa "Attivitajiet ta' Riċerka"), l-iktar permezz ta' għotjiet b'segwitu għas-sejħiet kompetittivi għal proposti ***marbuta mar-riċerka li għandha sseħħ esklussivament fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati fis-Seba Programm ta' Qafas;***

Emenda 14

Artikolu 6, paragrafu 2

2. Il-Membri ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandhom ikopru l-ispejjeż għall-operazzjoni tagħha. Il-Komunità u l-EFPIA għandhom **jikkontribwii** b'mod ugwali għal spejjeż operattivi bħal dawn.

2. Il-Membri ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandhom ikopru l-ispejjeż għall-operazzjoni tagħha. Il-Komunità u l-EFPIA għandhom **jikkontribwixxu** b'mod ugwali għal spejjeż operattivi bħal dawn. ***L-ispejjeż operattivi m'għandhomx jaqbu 1-4 % tal-baġit totali ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.***

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

## Emenda 15

Artikolu 7 punt (a)

- (a) *mikro*, żgħar u ta' daqs medju fi ħdan it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE;
- (a) *mikrointrapriżi*, *intrapriżi* żgħar u ta' daqs medju fi ħdan it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE, **f'konformita' ma' l-għanijiet speċifiċi mfassla għalihom mis-Seba' Programm ta' Qafas;**

## Emenda 16

Artikolu 7 punt (g)

- (g) organizzazzjonijiet ta' pazjenti li ma jaħdmux għal profitt li **jikkwalifikaw**.
- (g) organizzazzjonijiet ta' pazjenti **stabbiliti legalment** li ma jaħdmux għal profitt.

## Emenda 17

Artikolu 8, titolu u paragrafu 1

**Regolament** Finanzjarju

1. *Ir-Regolament Finanzjarju ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji tar-Regolament Finanzjarju Kwadru. Jista' jmur lil hinn mir-Regolament Finanzjarju Kwadru fejn il-ħtiġijiet operattivi speċifiċi ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI jirrikjedu dan u sakemm, ikun hemm konsulenza minn qabel mal-Kummissjoni.*

**Regoli** Finanzjarji

1. *Ir-regolii finanzjarji applikabbli għall-Impriża Konġunta ta' l-IMI m'għandhomx jitbiegħdu mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002, sakemm il-ħtiġijiet operattivi speċifiċi ma jirrikjedu dan u sakemm ikun hemm kunsens minn qabel mill-Kummissjoni. L-awtorità baġitarja għandha tkun infurmata b'dawn id-derogi.*

## Emenda 18

Artikolu 8, paragrafu 2 a (ġdid)

2a. *L-Impriża Konġunta IMI tista' tqabba awditur estern sabiex jivverifika li l-kontijiet annwali mfassla mill-Impriża Konġunta IMI jkunu ġusti u preċiżi.*

## Emenda 19

Artikolu 8, paragrafu 2 b (ġdid)

2b. *L-awditur estern għandu jkun responsabbli biex jiżgura kontroll sodisfaċenti tal-kontijiet annwali u evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet magħmula mill-membri u mill-parteċipanti tal-proġetti tar-riċerka.*

## Emenda 21

Artikolu 8, paragrafu 2 c (ġdid)

2c. *L-Impriża Konġunta IMI tista' tagħmel użu ad hoc mill-verifiki esterni.*

## Emenda 22

Artikolu 8, paragrafu 2 d (ġdid)

2d. *Il-Parlament Ewropew għandu d-dritt ta' skrutinju tal-kontijiet annwali ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.*



It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 23

Artikolu 9, paragrafu 1

1. *Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, u r-regoli adottati b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti dwar il-Persunal u l-Kondizzjonijiet ta' Impjeg għandhom japplikaw għall-persunal inkarigat mill-Impriża Konġunta ta' l-IMI u d-Direttur Eżekuttiv tagħha.*

1. *L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha timpjega l-persunal tagħha skond r-regolamenti applikabbli tal-pajjiż ospitanti. Il-Kummissjoni tista' tissekonda ma' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI l-uffiċjali kollha li jkun hemm bżonn.*

Emenda 24

Artikolu 9, paragrafu 2

2. *Fir-rigward tal-persunal tagħha, l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha teżerċita l-poteri li ngħataw lill-awtorità li taħtar bir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunità Ewropea u lill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti mill-Kondizzjonijiet ta' l-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej.*

Imħassar

Emenda 25

Artikolu 9, paragrafu 3

3. *L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha, bi ftehim mal-Kummissjoni, tadotta l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni, skond l-arranġamenti previsti fl-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunità Ewropea, il-Kondizzjonijiet ta' l-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej.*

3. *L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha, bi ftehim mal-Kummissjoni, tadotta l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni fir-rigward ta' l-issekondar ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.*

Emenda 26

Artikolu 13, paragrafu 1

1. *Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill **dwar** il-progress li jkun inkiseb mill-Impriża Konġunta ta' l-IMI.*

1. *Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill li **jinkludi b'mod partikulari** l-progress li jkun inkiseb mill-Impriża Konġunta ta' l-IMI.*

Emenda 27

Artikolu 13, paragrafu 2

2. *Sentejn wara t-twaqqif ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI, iżda f'kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-2010, il-Kummissjoni għandha **twettaq** evalwazzjoni interim ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI bl-għajnuna ta' esperti indipendenti. Din l-evalwazzjoni għandha tkopri l-kwalità u l-effiċjenza ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI u l-progress lejn l-għanijiet stabbiliti. **Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tagħha, flimkien ma' l-osservazzjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

2. *Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni għandha **tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill** evalwazzjoni interim ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI **mfassla** bl-għajnuna ta' esperti indipendenti. Din l-evalwazzjoni għandha tkopri l-kwalità u l-effiċjenza ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI u l-progress lejn l-għanijiet stabbiliti.*

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

## Emenda 28

Artikolu 13, paragrafu 3

3. **Fi tmiem l-2017**, il-Kummissjoni għandha twestaq evalwazzjoni finali ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI bl-ghajjnuna ta' esperti indipendenti. Ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni ahharja għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. **Sal-31 ta' Diċembru 2013 jew jekk ix-xogħol li jkun qed jitwestaq jibqa' jsir sal-31 ta' Diċembru 2017**, il-Kummissjoni għandha twestaq evalwazzjoni finali ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI bl-ghajjnuna ta' esperti indipendenti. Ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni ahharja għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

## Emenda 29

Artikolu 13, paragrafu 4

4. Ir-rilaxx ġenerali għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandu jingħata mill-Parlament Ewropew, **fuq** rakkomandazzjoni **tal**-Kunsill, **bi qbil mal-proċedura prevista fir-Regolament Finanzjarju ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI**.

4. Ir-rilaxx ġenerali għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tingħata mill-Parlament Ewropew, **b'kont meħud tar-** rakkomandazzjoni **mill**-Kunsill

## Emenda 30

Artikolu 16

L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tadotta regoli dwar l-użu u t-tixrid tar-riżultati tar-riċerka li jiżguraw li, fejn ikun jixraq, il-proprjetà intellettwali ġġenerata fl-Attivitajiet ta' Riċerka skond dan ir-Regolament hija protetta, u li r-riżultati tar-riċerka jintużaw u **jinxterdu**.

L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tadotta regoli dwar l-użu u t-tixrid tar-riżultati tar-riċerka li jiżguraw li, fejn ikun jixraq, il-proprjetà intellettwali ġġenerata fl-Attivitajiet ta' Riċerka skond dan ir-Regolament hija protetta, u li r-riżultati tar-riċerka jintużaw u jiġu **pubblikati mill-Impriża Konġunta ta' l-IMI**.

## Emenda 31

Artikolu 18

Ftehim dwar is-sede għandu jiġi konkluż bejn l-Impriża Konġunta ta' l-IMI u l-Belġju dwar l-uffiċċji, il-privileġġi u l-immunitajiet u appoġġ ieħor li għandha tippovdi l-Belġju lill-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

Ftehim dwar is-sede tagħha għandha tiġi konkluża bejn l-Impriża Konġunta ta' l-IMI u l-Belġju u għandha titratta **l-assistenza fir-rigward ta'** l-uffiċċji, il-privileġġi u l-immunitajiet u appoġġ ieħor li għandu jipprovdi l-Belġju lill-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

## Emenda 32

Artikolu 19, paragrafu 1

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ **fit-tielet** jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ **fil-jum** tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

## Emenda 33

Anness, Artikolu 1, paragrafu 3

3. L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tiġi stabbilita mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn l-Istatuti fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea għal perjodu **inizjali** li jintemm fil-**31 ta' Diċembru 2017**.

3. L-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandha tiġi stabbilita mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn l-Istatuti fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea għal perjodu li jintemm fil-**31 ta' Diċembru 2013**.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 34

Anness, Artikolu 1, paragrafu 4

4. Il-perjodu inizjali jista' jiġi estiż permezz ta' emenda ta' dawn l-Istatuti fi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 21, sakemm ikun sar progress għall-ksib ta' l-għanijiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI u sakemm tkun żgurata s-sostenibilità finanzjarja.

Imħassar

Emenda 36

Anness, Artikolu 2, paragrafu 2, punt (i)

(i) organizzazzjoni ta' laqgħa annwali, minn hawn il-quddiem imsejħa l-Forum tal-Partijiet Interessati mal-gruppi ta' interess biex jiżguraw ftuħ u trasparenza ta' l-Attivitajiet ta' Riċerka ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI mal-partijiet interessati tagħha;

(i) organizzazzjoni ta' laqgħa annwali tal-Forum tal-Partijiet Interessati, **laqgħa miftuħa għall-organizzazzjonijiet rilevanti b'interess fir-riċerka bijomedika biex jipprovdu feedback dwar l-attivitajiet IMI**, mal-gruppi ta' interess biex jiżguraw ftuħ u trasparenza ta' l-Attivitajiet ta' Riċerka ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI mal-partijiet interessati tagħha;

Emenda 35

Anness, Artikolu 2, paragrafu 2 (k)

(k) biex tiġi ppubblikata informazzjoni fuq proġetti li jinkludu l-isem tal-parteċipanti, u l-ammont tal-kontribut finanzjarju ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

(k) biex tiġi ppubblikata, **inter alia fis-sit ta' l-Internet tagħha**, informazzjoni fuq proġetti li jinkludu l-isem tal-parteċipanti, u l-ammont tal-kontribut finanzjarju ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

Emenda 37

Anness, Artikolu 4

L-entitajiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandhom ikunu l-Bord, **l-Uffiċċju** Eżekuttiv u l-Kumitat Xjentifiku.

L-entitajiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandhom ikunu l-Bord, **id-Direttur** Eżekuttiv u l-Kumitat Xjentifiku.

Emenda 38

Anness, Artikolu 5, paragrafu 1 punt (b)

(b) id-dritt tal-vot ta' kwalunkwe Membru ġdid għandu jiġi ddeterminat fi proporzjon mal-kontribut tiegħu lejn il-kontributi totali għall-attivitajiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

(b) id-dritt tal-vot ta' kwalunkwe Membru ġdid għandu jiġi ddeterminat fi proporzjon mal-kontribut tiegħu lejn il-kontributi totali għall-attivitajiet ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI. **Madankollu, in-numru totali ta' voti tal-membri l-ġodda ma jistax ikun ikbar mill-voti tal-Membri Fundaturi;**

Emenda 39

Anness, Artikolu 5, paragrafu 1 punt (c)

(c) il-vot ta' kull Membru għandu jkun indiviżibbli;

(c) il-vot ta' kull Membru għandu jkun indiviżibbli; **ma jistax ikun hemm vot bil-prokura;**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

## Emenda 40

*Anness, Artikolu 5, paragrafu 2, punt (c), inċiżi minn 9 sa 13*

- |  |   |
|--|---|
| <ul style="list-style-type: none"> <li>— approva l-linji ta' gwida dwar l-evalwazzjoni u l-għażla tal-proposti ta' proġetti kif proposti mill-<b>Uffiċċju</b> Eżekuttiv;</li> <li>— japprova l-lista tal-proposti ta' proġetti magħżula;</li> <li>— jaħtar id-Direttur Eżekuttiv, jipprovdi gwida u direzzjoni lid-Direttur Eżekuttiv, jissorvelja l-prestazzjoni tal-ħidma tad-Direttur Eżekuttiv u jekk meħtieġ, jissostitwixxi lid-Direttur Eżekuttiv;</li> <li>— <b>japprova l-istruttura organizzattiva ta' l-Uffiċċju Eżekuttiv ibbażat fuq ir-rakkomandazzjonijiet tad-Direttur Eżekuttiv;</b></li> <li>— japprova r-<b>regolament</b> finanzjarju ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI skond l-Artikolu 11,</li> </ul> | <ul style="list-style-type: none"> <li>— approva l-linji ta' gwida dwar l-evalwazzjoni u l-għażla tal-proposti ta' proġetti kif proposti mid-<b>Direttur</b> Eżekuttiv;</li> <li>— japprova l-lista tal-proposti ta' proġetti magħżula;</li> <li>— jaħtar id-Direttur Eżekuttiv, jipprovdi gwida u direzzjoni lid-Direttur Eżekuttiv, jissorvelja l-prestazzjoni tal-ħidma tad-Direttur Eżekuttiv u jekk meħtieġ, jissostitwixxi lid-Direttur Eżekuttiv;</li> <li>— japprova r-<b>regoli</b> finanzjarji ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI skond l-Artikolu 11, <b>wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni;</b></li> </ul> |
|--|---|

## Emenda 41

*Anness, Artikolu 5, Paragrafu 3, subparagrafu c a (ġdid)*

**(ca) Tlett Membri tal-Parlament Ewropew jistgħu jattendu għal-laqgħa bħala osservaturi u għandhom jiġu mistiedna mill-Bord.**

## Emenda 42

*Anness, Artikolu 5, paragrafu 3 a (ġdid)*

**3a. Il-Bord għandu jinforma lill-Istati Membri bid-deċizzjonijiet relatati ma' l-Aġenda ta' Riċerka ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI dwar "Mediċini innovattivi".**

## Emenda 43

*Anness, Artikolu 6, titolu u paragrafu 1***Uffiċċju** Eżekuttiv**Direttur** Eżekuttiv

**1. L-Uffiċċju Eżekuttiv għandu jkun magħmul minn Direttur Eżekuttiv u persunal ta' appoġġ.**

## Emenda 44

*Anness, Artikolu 6, paragrafu 2, parti introduttorja, punti (a) sa (d) u punt (e), parti introduttorja*

- |  |   |
|--|---|
| <p>2. Il-kompiti prinċipali ta' l-<b>uffiċċju</b> eżekuttiv għandhom ikunu dawn li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>(a) L-Uffiċċju Eżekuttiv għandu jkun inkarigat mit-tmexxija ta' kuljum ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI;</li> <li>(b) L-<b>Uffiċċju</b> Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-aspetti operattivi ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI;</li> <li>(c) L-<b>Uffiċċju</b> Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni relatati ma' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI;</li> </ul> | <p>2. Il-kompiti prinċipali tad-<b>Direttur</b> eżekuttiv għandhom ikunu dawn li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>(b) Id-<b>Direttur</b> Eżekuttiv, <b>megħjun mis-segretarjat tiegħu</b>, għandu jkun responsabbli għall-aspetti operattivi relatati ma' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI;</li> <li>(c) Id-<b>Direttur</b> Eżekuttiv, <b>megħjun mis-segretarjat tiegħu</b>, għandu jkun responsabbli għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni relatati ma' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI;</li> </ul> |
|--|---|

## It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

- (d) L-**Uffiċċju** Eżekuttiv għandu jiġġestixxi sew il-fondi pubbliċi u privati;
- (e) L-**Uffiċċju** Eżekuttiv għandu b'mod partikolari:

- (d) Id-**Direttur** Eżekuttiv, **megħjun mis-segretarjat, għandu jamministra** sew il-fondi pubbliċi u privati;
- (e) Id-**Direttur** Eżekuttiv, **flimkien mas-segretarjat tiegħu**, għandhom b'mod partikolari:

## Emenda 45

Anness, Artikolu 6, paragrafu 2, punt (e), inċiż 6

- iħejji l-proposta annwali tal-baġit, inkluża l-organigramma tal-persunal;

- iħejji l-proposta annwali tal-baġit, inkluża l-organigramma tal-persunal, **wara konsultazzjoni mall-Kumitat Xjentifiku u l-Forum tal-Partijiet Interessati**;

## Emenda 46

Anness, Artikolu 6, paragrafu 7, punt (g)

- (g) **iresaq/tressaq lil-Bord il-proposta tiegħu/tagħha dwar l-istruttura ta' l-Uffiċċju Eżekuttiv u jorganizza/torganizza**, jidderieġi/tidderieġi u jissorvelja/tissorvelja l-persunal ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI;

- (g) jidderieġi/tidderieġi u jissorvelja/tissorvelja l-persunal ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI;

## Emenda 47

Anness, Artikolu 7, paragrafu 1

1. Il-Kumitat Xjentifiku huwa entità konsultattiva għall-Bord u għandu jikkonduċi l-attivitajiet tiegħu mill-qrib ma' u bl-appoġġ ta' l-**Uffiċċju** Eżekuttiv.

1. Il-Kumitat Xjentifiku huwa entità konsultattiva għall-Bord u għandu jikkonduċi l-attivitajiet tiegħu mill-qrib ma' u bl-appoġġ tad-**Direttur** Eżekuttiv.

## Emenda 48

Anness, Artikolu 7, paragrafu 6 punt (c)

- (c) jagħti l-parir tiegħu lill-Bord u l-**Uffiċċju** Eżekuttiv dwar is-suċċessi xjentifiċi deskritti fir-rapport ta' attività annwali;

- (c) jagħti l-parir tiegħu lill-Bord u lid-**Direttur** Eżekuttiv dwar is-suċċessi xjentifiċi deskritti fir-rapport annwali ta' attività;

## Emenda 49

Anness, Artikolu 8, paragrafu 6 a (ġdid)

**6a. L-*evalwazzjoni tal-proposti għandhom jistabbilixxu jekk il-fondi rikjesti humiex proporzjonati max-xogħol involut fit-twertieq tal-proġett.***

## Emenda 50

Anness, Artikolu 11, titolu u paragrafu 1

**Regolament** finanzjarju

1. Ir-**regolament** finanzjarju ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandu jiġi **miftiehem u** adottat mill-Bord.

Ir-**Regoli** Finanzjarji

1. Ir-**regoli** finanzjarji ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI għandu jiġi adottat mill-Bord **wara li jkun ikkonsulta lill-Kummissjoni.**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

## Emenda 51

*Anness, Artikolu 11, paragrafu 2*

2. L-għan tar-**regolament** finanzjarj huwa li tiġi assigurata l-  
ġestjoni finanzjarja soda ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

2. L-għan tar-**regoli** finanzjari huwa li tiġi assigurata l-  
ġestjoni finanzjarja soda ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI.

## Emenda 52

*Anness, Artikolu 11, paragrafu 3*

3. Ir-**Regolament** Finanzjarju ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI  
**għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji tar-Regolament**  
**Finanzjarju Kwadru. Jista' jmur lil hinn mir-Regolament**  
**Finanzjarju Kwadru fejn il-ħtiġijiet operattivi speċifiċi ta' l-**  
**Impriża Konġunta ta' l-IMI** jirrikjedu dan u sakemm, ikun  
hemm **konsulenza** minn qabel **mal**-Kummissjoni.

3. **Ir-regoli** finanzjarji applikabbli għall-Impriża Konġunta ta'  
l-IMI **m' għandhomx jitbiegħdu mir-Regolament (KE, Eura-**  
**tom) Nru 2343/2002, sakemm mhux** għall-ħtiġijiet operattivi  
speċifiċi u sakemm ikun hemm **kunsens** minn qabel **mill**-Kum-  
missjoni. **L-awtorità baġitarja għandha tkun infurmata**  
**b'dawn id-derogi.**

## Emenda 53

*Anness, Artikolu 12, paragrafu 5*

5. Il-kontijiet annwali u l-karti tal-bilanċ għas-sena preċedenti  
għandhom jiġu ppreżentati lill-Qorti ta' l-Awdituri tal-Komuni-  
tajiet Ewropej. *Il-verifika tista' jsir mill-Qorti ta' l-Awdituri skond*  
*il-proċeduri standard tiegħu.*

5. Il-kontijiet annwali u l-karti tal-bilanċ għas-sena preċedenti  
għandhom jiġu ppreżentati lill-Qorti ta' l-Awdituri tal-Komuni-  
tajiet Ewropej **u lill-awtorità baġitarja.** *Tista' ssir verifika mill-*  
*Qorti ta' l-Awdituri skond il-proċeduri standard tagħha.*

## Emenda 54

*Anness, Artikolu 13, paragrafu 2, subparagrafu 1 a (għdid)*

**Id-Direttur Eżekuttiv għandu jippreżenta r-rapport annwali**  
**ta' l-attività lill-Parlament Ewropew.**

## Emenda 55

*Anness, Artikolu 14, paragrafu 1*

1. Ir-riżorsi tal-persunal għandhom jiġu stabbiliti skond il-  
pjan ta' stabbiliment li għandu jiġi stipulat fil-baġit annwali.

1. Ir-riżorsi tal-persunal għandhom jiġu stabbiliti skond il-  
pjan ta' stabbiliment li għandu jiġi stipulat fil-baġit annwali **u**  
**għandu jitressaq mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u**  
**lill-Kunsill flimkien ma' l-abbozz preliminari tal-baġit gene-**  
**rali ta' l-Unjoni Ewropea.**

## Emenda 56

*Anness, Artikolu 14, paragrafu 2*

2. **Il-membri tal-persunal ta' l-Impriża Konġunta ta' l-IMI**  
**għandhom ikunu aġenti temporanji jew aġenti kuntrattwali u**  
**għandhom ikollhom kuntratti b'terminu fiss li jistgħu jiġ-**  
**għeddu darba sa perjodu totali ta' mhux iktar minn seba' snin.**

**Imħassar**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 57

Anness, Artikolu 17, paragrafu 5, punt (a)

- (a) *mikro, żgħar u ta' daqs medju fi ħdan it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE;*
- (a) *mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fi ħdan it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, **b'konformita' ma' l-għanijiet speċifiċi stabbiliti għalihom mis-Seba' Programm ta' Qafas;***

Emenda 20

Anness, Artikolu 17 a (ġdid)

**Artikolu 17a****Rapporti Xjentifiċi u Finanzjarji**

**Rapporti xjentifiċi u finanzjarji dwar il-proġetti appoġġjati jingħataw lill-Impriża Konġunta ta' l-IMI mill-parteċipanti. Dawn ir-rapporti għandhom jagħtu dettalji ta' l-attivitajiet ta' riċerka mwettqa u ta' l-ispejjeż ta' dawn l-attivitajiet. Dawn id-dettalji dwar l-ispejjeż ikollhom magħhom ċertifikat ta' verifika. L-awditur estern għandu jeżamina ċ-ċertifikati ta' verifika u jiddetermina jekk il-kontribuzzjonijiet in natura jaqblux mal-kontribuzzjonijiet mill-fondi pubbliċi għall-proġett.**

Emenda 59

Anness, Artikolu 21, paragrafu 2

2. L-emenda għal dawn l-Istatuti għandhom jiġu approvati mill-Bord. Jekk emenda bħal din taffettwa l-prinċipji u l-għanijiet kumplessivi ta' dawn l-Istatuti, b'mod partikolari xi emenda għall-Artikolu 1, l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 5(2)(c), l-Artikolu 8 (3) u l-Artikolu 21 għandhom ikunu suġġetti għal approvazzjoni mill-Kunsill bbażat fuq proposta mill-Kummissjoni.

2. L-emenda għal dawn l-Istatuti għandhom jiġu approvati mill-Bord. Jekk emenda bħal din taffettwa l-prinċipji u l-għanijiet ġenerali ta' dawn l-Istatuti, b'mod partikolari xi emenda għall-Artikolu 1, l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 5(2)(c), l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 21 għandhom ikunu suġġetti għal approvazzjoni mill-Kunsill ibbażata fuq proposta tal-Kummissjoni, **u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.**

Emenda 60

Anness, Artikolu 22, paragrafu 3, punt (a)

- (a) Kull parteċipant fi proġett għandu jibqa' s-sid ta' proprjetà intellettuali li jintroduċi huwa stess fil-proġett u għandu jibqa' l-propjretarju tal-proprjetà intellettuali li din tiġġenera fil-proġett sakemm ma jkunx inftehem mod ieħor fost il-parteċipanti tal-proġett. It-termini u l-kondizzjonijiet tad-drittijiet ta' aċċess u l-liċenzji fir-rigward tal-proprjetà intellettuali introdotta jew iġġenerata mill-parteċipanti fi proġett, għandhom jiġu definiti fil-Ftehim ta' l-Għajnuna Finanzjarja u fil-Ftehim dwar il-Proġett tal-proġett ikkonċernat.
- (a) Kull parteċipant fi proġett għandu jibqa' s-sid ta' proprjetà intellettuali li jintroduċi huwa stess fil-proġett u għandu jibqa' l-propjretarju tal-proprjetà intellettuali li din tiġġenera fil-proġett sakemm ma jkunx inftehem mod ieħor fost il-parteċipanti tal-proġett. It-termini u l-kondizzjonijiet tad-drittijiet ta' aċċess u l-liċenzji fir-rigward tal-proprjetà intellettuali introdotta jew iġġenerata mill-parteċipanti fi proġett, għandhom jiġu definiti fil-Ftehim ta' l-Għajnuna Finanzjarja u fil-Ftehim dwar il-Proġett tal-proġett ikkonċernat. **Il-parteċipanti tal-Proġett għandhom jistabbilixxu kwalunkwe każ ta' kopropjetà intellettuali li tinholqu mill-proġetti.**

Emenda 61

Anness, Artikolu 23 a (ġdid)

**Artikolu 23a****Ftehim dwar is-sede**

**Għandha tiġi konkuza ftehim bejn l-Impriża Konġunta ta' l-IMI u r-Renju tal-Belġju.**

P6\_TA(2007)0591

**I-Impriża Konġunta Sema Nadif \*****Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif (COM(2007)0315 — C6-0226/2007 — 2007/0118(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0315),
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Konguntatajiet Ewropej<sup>(1)</sup> (Regolament Finanzjarju), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja solida<sup>(2)</sup> (IIA) u b'mod partikolari l-Punt 47 tagħha,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 171 u 172 tat-Trattat KE, skond liema Trattat il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0226/2007),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni jiet tal-Kumitat għall-Baġit u tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0483/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
  2. Jikkunsidra li l-ammont ta' referenza indikat fil-proposta leġislattiva jrid ikun kompatibbli mal-limitu massimu ta' l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013 attwali u mad-dispożizzjonijiet tal-Punt 47 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006; jinnota li kull finanzjament lil hinn mill-2013 għandu jkun evalwat fil-kuntest tan-negozjati għall-qafas finanzjarju li jmiss;
  3. Ifakkar li l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat għall-Baġits ma tantiċipax ir-riżultat tal-proċedura stabbilita fil-Punt 47 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 li tapplika għat-twaqqif ta' l-Impriża Komuni ARTEMIS;
  4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
  5. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  6. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
  7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.



It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 1

Premessa 12

(12) L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha titwaqqaf għal perjodu inizjali li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2017 biex tiġi żgurata l-ġestjoni xierqa tal-attivitajiet ta' riċerka mibdija iżda mhux konklużi waqt is-Seba' Programm Kwadru (2007-2013);

(12) L-Impriża Konġunta 'Clean Sky' għandha titwaqqaf għal perjodu inizjali li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2017 biex tiġi żgurata l-ġestjoni xierqa tal-attivitajiet ta' riċerka mibdija iżda mhux konklużi waqt is-Seba' Programm Kwadru (2007-2013), **inkluż l-isfruttar tar-riżultati ta' attivitajiet ta' riċerka bħal dawn.**

Emenda 2

Premessa 16

(16) L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tkun korp stabbilit mill-Komunitajiet u l-approvazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit *tagħha* għandha tingħata mill-Parlament Ewropew, **fuq** rakkomandazzjoni tal-Kunsill, **madankollu bil-kunsiderazzjoni ta' l-ispeċifitajiet li jirriżultaw min-natura tal-JTIs bħala sħubijiet pubbliċi-privati, u b'mod partikolari mill-kontribut tas-settur privat fi-baġit.**

(16) L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tkun organu mwaqqaf mill-Komunitajiet u għandha tingħata r-responsabilità għall-implimentazzjoni tal-baġit *tagħha* mill-Parlament Ewropew, **b'kont meħud tar-rakkomandazzjoni mill-Kunsill.**

Emenda 3

Premessa 16 a (ġdida)

**(16a) L-Impriża Konġunta Sema Nadif u l-parteċipanti pubbliċi għandhom jipprovaw jirrikonoxxu l-opportunitajiet ippreżentati mill-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti, bħala mekkaniżmi ġodda biex jiġu implimentati sħubijiet pubbliċi-privati, u biex jaħdmu flimkien mal-partijiet interessati privati biex tinstab soluzzjoni iktar effettiva għall-kwittanza tal-baġit Komunitarju.**

Emenda 4

Premessa 19

(19) L-ispejjeż rikorrenti ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom jitħallsu b'ammonti ugwali mill-Komunità Ewropea u mill-membri l-oħra;

(19) L-ispejjeż operattivi ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom jitħallsu b'ammonti ugwali mill-Komunità Ewropea u mill-membri l-oħra; **L-ispejjeż operattivi m'għandhomx jaqbżu 3% tal-baġit totali ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.**

Emenda 5

Premessa 23

(23) **L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha jkollha, bi ftehim minn qabel mal-Kummissjoni, Regolazzjoni Finanzjarja distinta ibbażata fuq il-prinċipji tar-regolament finanzjarju strutturali** <sup>(1)</sup> li tikkunsidra il-ħtiġijiet operattivi speċifiċi *tagħha*

(23) **Ir-regoli finanzjarji li japplikaw għall-Impriża Konġunta Sema Nadif ma jistgħux jitbiegħdu mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej** <sup>(1)</sup>, sakemm dan mhux speċifikament meħtieġ għall-

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

li **joħorġu**, b'mod partikolari, **mill**-ħtieġa li jingħaqad il-finanzjament tal-Komunità u privat biex jingħata appoġġ lill-attivitajiet ta' riċerka u ta' l-iżvilupp b'mod effiċjenti u fil-ħin.

ħtiġijiet operattivi **tagħha** b'mod partikolari **l**-ħtieġa li l-finanzjament Komunitarju jingħaqad ma' dak privat biex jiġu appoġġjati l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp b'mod effiċjenti u fil-ħin. **Għandu jkun meħtieġ il-kunsens minn qabel min-naħa tal-Kummissjoni biex tiġi adottata kull regola li titbiegħed mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002. L-awtorità baġitarja għandha tkun informata dwar kwalunkwe deroga bħal din.**

(<sup>1</sup>) **Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit tal-Komunitajiet Ewropej** (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72; rettifika fil-ĠU L 2, 7.1.2003, p. 39).

(<sup>1</sup>) **ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. Rettifika fil-ĠU L 2, 7.1.2003, p. 39.**

Emenda 6

Premessa 24

(24) Il-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' l-impjeg stabbli u trattament ugwali għall-persunal, u **sabiex jiġi mħajjar** Persunal speċjalizzat xjentifiku u tekniku ta' l-ogħla kalibru, teħtieġ **l-applikazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Persunal ta' Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet ta' l-Impjeg ta' Impjegati Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, ("ir-Regolament dwar il-Persunal") għall-persunal kollu mpjegat mill-Impriża Konġunta Sema Nadif.**

(24) Minħabba l-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' l-impjeg stabbli u trattament ugwali għall-persunal, u **sabiex jiġi mħajjar** persunal speċjalizzat xjentifiku u tekniku ta' l-ogħla kalibru, hemm bżonn **li l-Kummissjoni tkun awtorizzata tissekonda uffiċjali daqs kemm jidhrilha li jkun hemm bżonn fl-Impriża Konġunta. Il-bqija ta l-persunal għandhom jiġi rreklutat mill-Impriża Konġunta Sema Nadif skond ir-regolamenti ta' l-impjeg tal-pajjiżospitanti.**

Emenda 7

Premessa 25

(25) **Filwaqt li jitqies li l-Impriża Konġunta Sema Nadif mhijiex imfassla biex tissodisfa skop ekonomiku u hija responsabbli għall-ġestjoni ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "it-teknoloġiji ambjentali fit-Trasport bl-Ajru", huwa neċessarju għat-twettieq tax-xogħol tagħha li l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 t'April 1965 japplika għall- Impriża Konġunta Sema Nadif u il-persunal tagħha.**

imħassar

Emenda 8

Premessa 27

(27) L-Impriża Konġunta Sema Nadif **għandha** tirraporta regolarment dwar il-progress tagħha.

(27) L-Impriża Konġunta Sema Nadif **trid** tirraporta **regolarment lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew** dwar il-progress tagħha.

Emenda 9

Premessa 32

(32) L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tiġi stabbilita fi Brussell, il-Belġju. Ftehim ta' ospitant għandu jiġi ffirmat bejn l-Impriża Konġunta Sema Nadif u l-Belġju dwar akkomodazzjoni fuċċini, privileġġi u immunitajiet u appoġġ ieħor li għandu jingħata mill-Belġju lill-Impriża Konġunta Sema Nadif.

(32) L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tiġi stabbilita fi Brussell, il-Belġju. **Ftehim** dwar is-sede għandu jiġi ffirmat bejn l-Impriża Konġunta Sema Nadif u l-Belġju dwar **l-assistenza fir-rigward ta' l**-akkomodazzjoni fuċċini, privileġġi u immunitajiet u appoġġ ieħor li għandu jingħata mill-Belġju lill-Impriża Konġunta Sema Nadif.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 10

Artikolu 1, paragrafu 1

1. Għall-implimentazzjoni ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Sema Nadif", Impriża Konġunta fit-tifsira ta' l-Artikolu 171 tat-Trattat, li jismha "L-Impriża Konġunta Sema Nadif", b'dan qed tiġi stabbilita għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2017 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Impriża Konġunta Sema Nadif"). **Dan il-perjodu jista' jiġi mtawwal b'reviżjoni ta' dan ir-Regolament.**

1. Għall-implimentazzjoni ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Sema Nadif", Impriża Konġunta fit-tifsira ta' l-Artikolu 171 tat-Trattat, li jismha "L-Impriża Konġunta Sema Nadif", b'dan qed tiġi stabbilita għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2017 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Impriża Konġunta Sema Nadif"). **Għandu jiġi żgurat li wara l-aħħar sejħa għal proposti fl-2013 l-proġetti li għadhom qed jiġu mwettqa jkunu implimentati, issorveljati u ffinanzjati sa l-2017. L-Impriża Konġunta Sema Nadif hija korp kif msemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju u l-Punt 47 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006.**

## Emenda 11

Artikolu 3, inċiż -1 (ġdid)

- **li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm ta' Qafas u b'mod partikulari għat-Tema 'Transport' (inkluża l-Aeronawtika) tal-Programm Speċifiku "Koperazzjoni";**

## Emenda 12

Artikolu 3, inċiż 2 a (ġdid)

- **li tiżgura l-implimentazzjoni koerenti ta' l-isforzi tar-riċerka bil-għan li jinkised it-titjib ambjentali fil-qasam tat-transport bl-ajru;**

## Emenda 13

Artikolu 3, inċiż 2 b (ġdid)

- **il-promozzjoni ta' l-involviment ta' l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fl-attivitajiet tagħha sabiex ikun possibbli li mill-inqas 15 % tal-finanzjament disponibbli jinġhata lill-SMEs;**

## Emenda 14

Artikolu 6, paragrafu 2

2. L-ispiża rikorrenti ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tinqasam ugwalment fi flus kontanti bejn l-Komunità Ewropea min-naħa l-waħda, li se tikkontribwixxi 50 % ta' l-ispiża totali, u min-naħa l-oħra mill-bqija tal-Membri, li se jikkontribwixxu l-50 % li jkun fadal.

2. L-ispiża **operattiva** ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tinqasam ugwalment fi flus kontanti bejn l-Komunità Ewropea min-naħa l-waħda, li se tikkontribwixxi 50 % ta' l-ispiża totali, u min-naħa l-oħra mill-bqija tal-Membri, li se jikkontribwixxu l-50 % li jkun fadal. **L-ispejjeż operattiv għandhomx jaqbuż t-3 % tal-baġit totali ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 15

Artikolu 6, paragrafu 5

5. Mexxejja u Assoċjati ta' l-ITD għandhom jikkontribwixxu riżorsi mill-inqas ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tal-Komunità minbarra dawk allokati permezz ta' Sejħiet għal Proposti sabiex jitwettqu l-attivitajiet ta' riċerka ta' Sema Nadif.

5. Il-Mexxejja u Assoċjati ta' l-ITD għandhom jikkontribwixxu riżorsi **evalwati skond il-prattiki stabbiliti fis-Seba' Programm ta' Qafas** li jkunu mill-inqas ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tal-Komunità minbarra dawk allokati permezz ta' Sejħiet għal Proposti sabiex jitwettqu l-attivitajiet ta' riċerka ta' Sema Nadif.

## Emenda 16

Artikolu 7, paragrafu 2 a (ġdid)

**Il-proċess ta' evalwazzjoni u ta' selezzjoni, li għandu jitwettaq bl-għajruna ta' esperti esterni, għandu jassigura li l-allokkazzjoni tal-finanzjament pubbliku ta' l-Impriża Konġunta 'Clean Sky' issegwi l-prinċipji ta' l-eċċellenza u tal-kompetizzjoni.**

## Emenda 17

Artikolu 8, titolu u paragrafu 1

**Ir-Regolament** Finanzjarju

1. L-Impriża Konġunta Sema Nadif **għandha tadotta Regolament Finanzjarju distint, ibbażat fuq il-prinċipji tar-Regolament Finanzjarju Qafas. Jista' jitbiegħed mir-Regolament Finanzjarju ta' Qafas fejn ikunu jirrikjedu hekk il-ħtiġijiet operattivi speċifiċi ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif**, u soġġett għall-qbil minn qabel tal-Kummissjoni.

**Regoli** finanzjarji

1. **Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Impriża Konġunta Sema Nadif m'għandhomx jitbiegħdu mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002, sakemm il-ħtiġijiet operattivi speċifiċi tagħha ma jkunx jeħtieġu hekk**, u soġġett għal qbil minn qabel tal-Kummissjoni. **L-awtorità baġitarja għandha tkun informata dwar kwalunkwe deroga bħal din.**

## Emenda 18

Artikolu 9, paragrafu 1

1. **Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Kundizzjonijiet ta' l-Impjegati ta' Impjegati Oħra tal-Komunitajiet Ewropej u r-regoli adottati b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea għall-iskop ta' l-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti ta' il-persunal u tal-Kundizzjonijiet ta' l-Impjegati għandhom japplikaw għall-persunal ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif u għad-Direttur tagħha.**

1. **L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tirrekluta l-persunal tagħha b'konformità mar-regoli ta' l-impjegati fis-seħħ fil-pajjiż li jospitaha. Fl-Impriża Konġunta Konġunta Sema Nadif, il-Kummissjoni tista' tissekonda uffiċjali daqs kemm jidhrilha li jkun hemm bżonn.**

## Emenda 19

Artikolu 9, paragrafu 2

2. **Fir-rigward tal-persunal tagħha, l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha teżerċita l-poteri mogħtija lill-awtorità li taħtar mir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u fuq l-awtorità awtorizzata biex tikkonkludi kuntratti mill-Kundizzjonijiet ta' l-Impjegati ta' Impjegati Oħra tal-Komunitajiet Ewropej.**

imħassar

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 20

Artikolu 9, paragrafu 3

3. L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha, bi ftehim mal-Kummissjoni, tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni neċessarji, **skond l-arranġamenti stabbiliti fl-artikolu 110 tar-Regolamenti tal-persunal ta' Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Kundizzjonijiet ta' l-Impjeg ta' Impjegati Oħra** tal-Komunitajiet Ewropej.

3. L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha, bi ftehim mal-Kummissjoni, tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni neċessarji **li jirrigwardaw is-sekondar ta' uffiċjali** tal-Komunitajiet Ewropej.

Emenda 21

Artikolu 10

Artikolu 10

imħassar

Privileġġi u Immunitajiet

**Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għandu japplika għall-Impriża Konġunta Sema Nadif Protocol u il-persunal tagħha.**

Emenda 22

Artikolu 11, paragrafu 3 a (ġdid)

**3a. L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tkun responsabbli unikament biex tissodisfa l-obbligazzjonijiet tagħha.**

Emenda 23

Artikolu 13, paragrafu 3

3. **Sa tliet snin wara l-bidu ta' l-Impriża Konġunta, imma fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni abbażi tat-termini ta' referenza li għandhom jiġu miftiehma mal-Bord Eżekuttiv. Fuq il-bażi tal-progress miksub lejn il-kisba ta' l-għanijiet ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif, l-għan ta' din l-evalwazzjoni hu li tistabbilixxi jekk it-tul ta' żmien ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandux jiġi estiż lil hinn mill-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1(1), u jiġu adottati tibdiliet adattati f'dan ir-Regolament u fl-Istatuti ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.**

3. **Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 u l-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjonijiet interim ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif bl-għajnuna ta' esperti indipendenti. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom ikopru l-kwalità u l-effiċjenza ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif u l-progress tagħha lejn l-għanijiet stipulati. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet ta' l-evalwazzjonijiet, flimkien ma' l-osservazzjonijiet tagħha u, fejn xieraq, il-proposti għall-emendar ta' dan ir-Regolament, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.**

Emenda 24

Artikolu 13, paragrafu 4

4. Fl-aħħar ta' l-2017, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni finali ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif bl-għajnuna ta' esperti indipendenti. Ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni finali għandhom jiġu preżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

4. Fl-aħħar ta' **l-Impriża Konġunta Sema Nadif**, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni finali ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif bl-għajnuna ta' esperti indipendenti. Ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni finali għandhom jiġu preżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 25

Artikolu 13, paragrafu 5

5. L-approvazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tingħata mill-Parlament Ewropew, **fuq** ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, **skond proċedura pprovduta bir-Regolamenti Finanzjarji ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif**.

5. Il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tingħata mill-Parlament Ewropew, **b' kont meħud tar-rakkomandazzjoni mill-Kunsill**.

## Emenda 26

Artikolu 17

L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tadotta regoli li jirregolaw it-tixrid ta' riżultati ta' riċerka li jiżguraw li, fejn ikun xieraq, il-proprjetà intellettuali ġġenerata minn Attivitajiet ta' Riċerka skond dan ir-Regolament tkun protetta, u li riżultati ta' riċerka jintużaw u jiġu mxerrda.

L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tadotta regoli li jirregolaw it-tixrid ta' riżultati ta' riċerka, **ibbażati fuq ir-regoli tas-Seba' Programm ta' Qafas**, li jiżguraw li, fejn ikun xieraq, il-proprjetà intellettuali ġġenerata minn Attivitajiet ta' Riċerka skond dan ir-Regolament tkun protetta, u li riżultati ta' riċerka jintużaw u jiġu mxerrda.

## Emenda 27

Artikolu 19

Għandu jiġi konkluż ftehim ta' l-ospitant bejn l-Impriża Konġunta Sema Nadif u l-Belġju dwar akkomodazzjoni fuffiċini, privileġġi u immunitajiet u appoġġ ieħor li għandu jingħata mill-Belġju lill-Impriża Konġunta Sema Nadif.

Għandu jiġi konkluż ftehim *dwar is-sede* bejn l-Impriża Konġunta Sema Nadif u l-Belġju dwar **l-assistenza fir-rigward ta' l-akkomodazzjoni fuffiċini**, privileġġi u immunitajiet u appoġġ ieħor li għandu jingħata mill-Belġju lill-Impriża Konġunta Sema Nadif.

## Emenda 28

Artikolu 20

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. **Dan għandu jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2017. Għandu jiġi żgurat li wara l-aħħar sejħa għal proposti fl-2013 l-proġetti li jkunu fis-seħħ ikunu implimentati, issorveljati u ffinanzjati sa l-2017.**

## Emenda 29

Anness, Artikolu 1, paragrafu 3, subparagrafu 1

3. *It-tul ta' żmien*: L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha titwaqqaf minn dak inhar tal-pubblikazzjoni ta' dawn l-Istatuti fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea għal perjodu **inizjali** sal-31 ta' Diċembru 2017.

3. *Tul*: L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha titwaqqaf minn dak inhar tal-pubblikazzjoni ta' dawn l-Istatuti fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2017. **Għandu jiġi żgurat li wara l-aħħar sejħa għal proposti fl-2013 l-proġetti li jkunu fis-seħħ ikunu implimentati, issorveljati u ffinanzjati sa l-2017.**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 30

Anness, Artikolu 1, paragrafu 3, subparagrafu 1 a (ġdid)

**L-Impriża Konġunta Sema Nadif hija entità stabbilita kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju u l-Punt 47 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006.**

## Emenda 31

Anness, Artikolu 1, paragrafu 3, subparagrafu 2

**Il-perjodu inizjali jista' jiġi estiż billi jiġu emendati dawn l-Istatuti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 23, waqt li jiġies il-progress li jkun sar biex jinkisbu l-għanijiet ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif u sakemm tkun żgurata is-sostenibbiltà finanzjarja.**

**imħassar**

## Emenda 32

Anness, Artikolu 2, paragrafu 3, subparagrafu 1 a (ġdid)

**Deċiżjonijiet tal-Bord Eżekuttiv dwar applikazzjonijiet għas-sħubija ġoddaghandhom isiru b'kont meħud tar-relevanza u tal-valur miżjud potenzjali ta' l-applikant għal-kisba ta' l-obbjettivi ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif. Għal kull applikazzjoni għal sħubija ġdida, il-Kummissjoni għandha tipprovi informazzjoni f'waqtha lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni u, fejn ikun il-każ, id-deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv.**

## Emenda 33

Anness, Artikolu 2, paragrafu 4, subparagrafu 1 a (ġdid)

**Kull Membru jista' jirtira mill-Impriża Komuni Sema Nadif. L-irtirar isir effettiv u irrevokabbli sitt xhur wara li jiġu nnotifikati l-Membri l-oħra, u wara dan dak li kien Membru jinħeles minn kull obbligi ħlief dawk diġà impenjat għalihom permezz ta' deċiżjonijiet ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif b'konformità ma' dawn l-Istatuti, qabel l-irtirar tal-Membru.**

## Emenda 34

Anness, Artikolu 3, paragrafu 1, inċiż 8 a (ġdida)

— **Thegħeġ l-involviment ta' l-SMEs fl-attivitajiet tagħha, f'konformità mal'mira ta' 15% fis-Seba' Programm ta' Qafas dwar ir-Riċerka;**

## Emenda 35

Anness, Artikolu 3, paragrafu 1, inċiż 9

— Li timplimenta l-attivitajiet ta' riċerka u ta' żvilupp meh-tieġa, **fejn ikun xieraq** billi tagħti għotjiet wara Sejħiet għal **Proposti**.

— Li timplimenta l-attivitajiet ta' riċerka u ta' żvilupp meh-tieġa, billi tagħti għotjiet wara Sejħiet għal **Proposti**.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 36

Anness, Artikolu 3, paragrafu 2, inċiż 7 a (ġdida)

— **Li tippromwovi s-sehem ta' l-SMEs fl-attivitajiet tagħha;**

## Emenda 37

Anness, Artikolu 3, paragrafu 2, inċiż 7 b (ġdida)

— **Li tippubblika informazzjoni dwar il-Proġetti, inkluż l-ismijiet tal-parteċipanti u l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja għall-Impriża Komuni Clean Sky għal kull parteċipant.**

## Emenda 38

Anness, Artikolu 4, paragrafu 3

**3. Għandu jitwaqqaf Bord Konsultattiv kif ikun f'loku mill-Impriża Konġunta, biex jagħti pariri u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Impriża Konġunta Sema Nadif dwar suġġetti ta' ġestjoni, finanzi u teknika. Il-Bord Konsultattiv għandu jinħatar mill-Kummissjoni. imħassar**

## Emenda 39

Anness, Artikolu 6, paragrafu 3, subparagrafu 1

1. Id-Direttur għandu jinħatar mill-Bord **Eżekuttiv minn** fost lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni għal perjodu ta' massimu ta' tliet snin. Wara valutazzjoni tal-ħidma tad-Direttur, il-Bord **Eżekuttiv** jista' jestendi l-perjodu tal-kariga darba waħda, għal żmien adizzjonali ta' mhux aktar minn erba' snin.

1. Id-Direttur għandu jinħatar mill-Bord Eżekuttiv **fuq il-bażi ta' lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni, wara sejħa għal espressjoni ta' interess ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u f'pubblikazzjonijiet perjodiċi oħra jew fuq l-Internet**, għal perjodu ta' massimu ta' tliet snin. Wara valutazzjoni tal-ħidma tad-Direttur, il-Bord Eżekuttiv jista' jestendi l-perjodu tal-kariga darba waħda, għal żmien adizzjonali ta' mhux aktar minn **erba'** snin.

## Emenda 40

Anness, Artikolu 7, paragrafu 4, inċiż 3

— Biex jiddefinixxi **l-kontenut** tas-Sejħiet għal Proposti kif ukoll jagħżel is-sħab esterni.

— Biex jiddefinixxi **l-kontenut, l-objettivi u t-tnedija** tas-Sejħiet għal Proposti kif ukoll jagħżel is-sħab esterni.

## Emenda 41

Anness, Artikolu 7, paragrafu 5

5. Il-voti: Kull Kumitat tat-Tmexxija ta' Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata għandu jieħu d-deċizzjonijiet b'maġġoranza sempliċi bil-voti peżati skond l-impenn finanzjarju lid-Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata ta' kull membru tal-Kumitat tat-Tmexxija. **Il-Mexxejja tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata se jkollhom id-dritt tal-veto fuq kwalunkwe riżoluzzjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tad-Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata li tagħha jkun l-mexxejja.**

5. Il-voti: Kull Kumitat tat-Tmexxija ta' Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata għandu jieħu d-deċizzjonijiet b'maġġoranza sempliċi bil-voti peżati skond l-impenn finanzjarju lid-Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata ta' kull membru tal-Kumitat tat-Tmexxija.



It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 42

Anness, Artikolu 11, paragrafu 2, inċiż 2

— Ammont ta' *talanqas* EUR 200 miljun għandu jiġi allokat għas-sħab esterni [proġetti] magħżula permezz ta' Sejħiet għal Proposti. Il-kontribut finanzjarju tal-Komunità għandu **jkun limitat għal 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli totali.**

— Ammont ta' *l-inqas* EUR 200 miljun għandu jiġi allokat għas-sħab esterni [proġetti] magħżula permezz ta' Sejħiet għal Proposti. **Se tingħata attenzjoni partikulari biex tkun żgurata parteċipazzjoni adegwata ta' SMEs għal ammont ugwali għall-15 % tal-finanzjament Komunitarju totali.** Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha **tkun konformi mal-limiti ta' fuq tal-finanzjament ta' l-ispejjeż totali eliġibbli, stipulati mir-Regoli ta' parteċipazzjoni fis-Seba' Programm ta' Qafas.**

## Emenda 43

Anness, Artikolu 14

**Ir-Regolament Finanzjarju**

1. Ir-Regolament **Finanzjarju** ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandu jiġi **maqbul u** adottat mill-Bord Eżekuttiv ta' Sema Nadif.

2. Ir-Regolament **Finanzjarju** ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif **għandu jibbaża fuq il-prinċipji tar-Regolament Finanzjarju ta' Qafas<sup>(1)</sup>. Jista' jitbiegħed mir-Regolament Finanzjarju ta' Qafas fejn ikunu jirrikjedu hekk** il-ħtiġijiet operattivi speċifiċi **ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif, u soġġett għall-qbil minn qabel tal-Kummissjoni.**

<sup>(1)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72; *rettifika fil-ĠU L 2, 7.1.2003, p. 39.*

**Regoli finanzjarji**

1. **Ir-regoli** finanzjarji ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom jiġi adottati mill-Bord Eżekuttiv ta' Sema Nadif **wara li jkun ikkonsulta lill-Kummissjoni.**

2. Ir-**regoli** finanzjarji ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif **m'għandhomx jitbiegħdu mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002, sakemm** il-ħtiġijiet operattivi speċifiċi tagħha **ma jkunx jeħtieġu hekk, u soġġett għall-qbil minn qabel tal-Kummissjoni. L-awtorità baġitarja għandha tkun informata dwar kwalunkwe deroga bħal din.**

## Emenda 44

Anness, Artikolu 16, paragrafu 5

5. Fi żmien xahrejn wara tmiem kull sena finanzjarja, il-kontijiet proviżorji ta' l-Impriża Konġunta għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni **u** lill-Qorti ta' l-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej ('il-Qorti ta' l-Awdituri). Il-Qorti ta' l-Awdituri, sal-15 ta' Ġunju wara tmiem kull sena finanzjarja, għandha tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kontijiet proviżorji ta' l-Impriża Konġunta.

5. Fi żmien xahrejn wara tmiem kull sena finanzjarja, il-kontijiet proviżorji ta' l-Impriża Konġunta għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni, lill-Qorti ta' l-Awdituri tal-Konguntatajiet Ewropej ("il-Qorti ta' l-Awdituri") **kif ukoll lill-awtorità baġitarja.** Il-Qorti ta' l-Awdituri, sal-15 ta' Ġunju wara tmiem kull sena finanzjarja, għandha tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kontijiet proviżorji ta' l-Impriża Konġunta.

## Emenda 45

Anness, Artikolu 17, paragrafu 1

1. Rapport annwali **għandu jiddeskrivi l-attivitajiet imwettqa matul is-sena ta' qabel u l-ispejjeż korrispondenti.**

1. Rapport annwali **li għandu jippreżenta l-progress imwettaq mill-Impriża Konġunta Sema Nadif kull sena kalendarja, b'mod partikulari fir-rigward tal-Pjan Annwali ta' Implimentazzjoni għal dik is-sena partikulari. Ir-Rapport Annwali għandu jiġi ppreżentat mid-Direttur flimkien mal-kontijiet annwali u l-karti tal-bilanċ. Dan ir-Rapport Annwali għandu jkun fih il-parteċipazzjoni ta' l-SMEs fl-attivitajiet ta' Riċerka u Żvilupp ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 46

Anness, Artikolu 17, paragrafu 2

2. Il-programm ta' implimentazzjoni annwali għandu **jiddeskrivi** l-attivitajiet **ippjanati għas-sena li tkun ġejja, u r-riżorsi stmati.**

2. Il-Pjan Annwali ta' Implimentazzjoni għandu **jispeċifika l-pjan għall-eżekuzzjoni** ta' l-attivitajiet **kollha ta' l-Impriża Komuni Sema Nadif għal** sena **partikulari, inkluż is-Sejħiet ippjanati għall-Proposti u l-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati permezz ta' Sejħiet għall-offerti. Il-Pjan ta' Implimentazzjoni Annwali għandu jiġi ppreżentat mid-Direttur lill-Bord Eżekuttiv flimkien mal-Pjan Annwali tal-Baġit.**

## Emenda 47

Anness, Artikolu 17, paragrafu 2 a (ġdid)

**2a. Il-Programm ta' Ħidma Annwali għandu jiddeskrivi l-ambitu u l-baġit tas-Sejħiet għall-Proposti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-aġenda ta' r-riċerka għas sena li tkun ġejja.**

## Emenda 48

Anness, Artikolu 18, paragrafu 1

1. Ir-riżorsi tal-persunal għandhom jiġu stabbiliti fil-pjan ta' l-istabbiliment ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif li għandu jiġi stabbilit fil-baġit annwali.

1. Ir-riżorsi ta l-persunal għandhom jiġu stabbiliti skond il-pjan ta' stabbiliment ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif li għandu jiġi stipulat fil-baġit annwali **u għandu jitressaq mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' l-abbozz preliminari tal-baġit ta' l-Unjoni Ewropea.**

## Emenda 49

Anness, Artikolu 18, punt 2

2. Il-membri tal-persunal ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom ikunu aġenti temporanji u aġenti b'kuntratt u għandhom ikollhom kuntratti għal żmien definit li jistgħu jiġġeddu darba sa perjodu totali massimu ta' seba' snin.

imħassar

## Emenda 50

Anness, Artikolu 19, paragrafu 2

2. Il-Membri ma għandu jkollhom l-ebda responsabbiltà għad-djun ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.

2. Il-Membri **m'għandhom jinżammu responsabbli għall-ebda obbligi** ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif. **Ir-responsabbiltà finanzjarja tal-Membri hija responsabbiltà interna lejn l-Impriża Konġunta 'Clean Sky' biss, u għandha tkun limitata għall-impenn tagħhom li jikkontribwixxu għar-riżorsi kif stipulat fl-Artikolu 11(1) ta' dan l-Anness.**

## Emenda 51

Anness, Artikolu 19, paragrafu 3 a (ġdid)

**3a. Bla ħsara għall-kontribuzzjonijiet dovuti lill-parteċipanti fil-Proġett skond l-Artikolu 11(2) ta' dan l-Anness, ir-responsabbiltà finanzjarja ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif fejn jidhru d-djun tagħha għandha tkun limitata għall-kontribuzzjonijiet magħmula mill-Membri għall-ispejjeż rikorrenti, kif stipulat fl-Artikolu 10(4) ta' dan l-Anness.**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 52

*Anness, Artikolu 21, l-ewwel paragrafu*

Il-politika dwar il-proprjetà intellettuali ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif se tkun inkorporata fil-Ftehim dwar għotjiet konklużi mill-Impriża Konġunta Sema Nadif.

Il-politika dwar il-proprjetà intellettuali ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif *għandha* tkun inkorporata fil-Ftehim dwar għotjiet konklużi mill-Impriża Konġunta Sema Nadif **u se tkun konformi mal-prinċipji stabbiliti fis-Seba' Programm ta' Qafas.**

## Emenda 53

*Anness, Artikolu 23, paragrafu 2*

2. Emendi għal dawn l-Istatuti għandhom jiġu approvati mill-Bord, u jiġu deċiżi mill-Kummissjoni. Jekk emenda tolgot il-prinċipji u għanijiet ġenerali ta' dawn l-Istatuti, tkun tinħtieġ *l-approvazzjoni* tal-Kunsill. Kwalunkwe emenda lill-Artikolu 1(3) u lill-Artikolu 10(3) għandha tkun soġġetta għal reviżjoni tar-Regolament li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Sema Nadif.

2. L-emendi għal dawn l-Istatuti għandhom jiġu approvati mill-Bord, u jiġu deċiżi mill-Kummissjoni **wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.** Jekk emenda tolgot il-prinċipji u għanijiet ġenerali ta' dawn l-Istatuti, tkun tinħtieġ *l-approvazzjoni* tal-Kunsill. Kwalunkwe emenda lill-Artikolu 1(3) u lill-Artikolu 10(3) għandha tkun soġġetta għal reviżjoni tar-Regolament li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Sema Nadif.

## Emenda 54

*Anness, Artikolu 24 a (ġdid)***Artikolu 24a****Ftehim dwar is-sede**

**Għandha tiġi konkluża Ftehim dwar is-sede bejn l-Impriża Konġunta Sema Nadif u r-Renju tal-Belġju.**

P6\_TA(2007)0592

**Il-protezzjoni diplomatika u konsulari taċ-ċittadini ta' l-Unjoni fil-pajjiżi terzi****Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar Green Paper: Il-protezzjoni diplomatika u konsulari taċ-ċittadini ta' l-Unjoni fil-pajjiżi terzi (2007/2196(INI))***Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' Novembru 2006 dwar il-protezzjoni diplomatika u konsulari taċ-ċittadini ta' l-Unjoni fil-pajjiżi terzi (COM(2006)0712),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0454/2007),
- A. billi r-rappreżentazzjoni ta' l-Istati Membri fil-pajjiżi terzi hija inugwali ħafna;
- B. billi tliet pajjiżi biss mid-dinja kollha (iċ-Ċina, ir-Russja u l-Istati Uniti) jiddisponu minn rappreżentazzjoni diplomatika u konsulari għal kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, u billi massimu ta' 10 Stati Membri huma rappreżentati f'107 pajjiż, u billi f'ċerti destinazzjonijiet iffrekwentati minn ħafna nies bħalma huma l-Maldives, din ir-rappreżentazzjoni hija non-eżistenti,

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

- C. billi madankollu, minħabba l-isplużjoni tan-numru ta' ċittadini ta' l-Unjoni li jivvjaġġaw — 180 miljun biljetti tat-trasport mibjugħa fl-2006 — jew li joqogħdu barra mill-Unjoni, il-preżenza Ewropea permezz tad-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea tista' tiġi meqjusa fi sforz komuni ta' reċiprokar ta' riżorsi sabiex jiġu kumpensati l-limitazzjonijiet tan-networks konsulari u diplomatiki fl-Istati Membri,
- D. billi f'dan il-qasam l-acquis communautaire huwa f'tit żviluppat u hu limitat għad-Deċiżjoni 95/553/KE tar-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri, fil-laqgħa fi ħdan il-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni taċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea mir-rappreżentazzjonijiet diplomatiki u konsulari<sup>(1)</sup> u għall-iskambji ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri fi ħdan il-COCON, il-grupp ta' ħidma fi ħdan il-Kunsill ta' l-Unjoni inkarigat mill-koperazzjoni konsulari u li għandu bħala oġettiv l-iskambji ta' informazzjoni dwar l-aħjar Prattiki nazzjonali,
- E. billi l-inizjattiva tal-Kummissjoni li, fil-forma ta' Green Paper, hija intenzjonata li tikkonkretizza l-Artikolu 20 tat-Trattat KE (li ġeneralment mhuwiex meqjus) skond liema, fl-assenza ta' ambaxxata jew post konsulari ta' l-istess Stat Membru ta' ċittadin f'pajjiż terz, kull ċittadin ta' l-UE għandu jinqeda mill-protezzjoni diplomatika u konsulari ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor rappreżentat f'dak il-pajjiż tertz, bi qbil mal-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u taħt l-istess kundizzjonijiet bħala ċittadini ta' dak l-Istat,
- F. billi jekk tagħmel dan, il-Kummissjoni:
- tkun qed tirrifletti l-Artikolu 46 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea li stabbi-liet id-dritt tal-protezzjoni konsulari u diplomatika bħala dritt fundamentali taċ-ċittadini ta' l-Unjoni,
  - tkun qed tilħaq l-obbligu għal reviżjoni mistennija wara 5 snin mid-Deċiżjoni 95/553/KE li daħlet fis-seħħ f'Mejju 2002,
  - tkun qed tantiċipa l-pubblikazzjoni tal-Ħames Rappport tal-Kummissjoni dwar iċ-ċittadinanza fl-Unjoni, okkażjoni tajba biex jiġu mħabbra inizjattivi li permezz tagħhom il-protezzjoni konsulari tkun tista' titmexxa 'l quddiem.
- G. billi madankollu l-qafas legali eżistenti s'issa kien qed jiġi interpretat b'mod ristrett, fejn il-protezzjoni diplomatika jew konsulari kienet tinsab fil-qasam strett tar-relazzjonijiet intergovernattivi rregolat mill-Konvenzjoni ta' Vjenna ta' l-1963 iżjed milli mill-Artikolu 20 tat-Trattat,
- H. billi l-protezzjoni diplomatika u konsulari m'għandhiex titħawwad b'mod partikolari mal-funzjonijiet tar-reġistrar pubbliku jew tan-nutar li ħafna drabi jaqgħu taħt ir-responsabilità tar-rappreżentanti konsulari,
- I. billi fil-fatt hemm differenzi fin-natura, fl-istruttura u relatati ma' l-implimentazzjoni ta' dawn il-proċeduri bejn il-protezzjoni diplomatika u dik konsulari, peress li jekk dik konsulari tista' tkun, għallinqas f'ċerti każi, obbligatorja, il-protezzjoni diplomatika dejjem kienet rregolata minn setgħa diskreta, u għalhekk għandha ssir distinzjoni ċara bejn il-protezzjoni konsulari u diplomatika fl-istrumenti legali rispettivi,
- J. billi, bil-kontra, it-Trattat ta' Maastricht ħoloq ċittadinanza Ewropea derivata miċ-ċittadinanza ta' l-Istati Membri, u sabiex jiġi organizzat dak il-kunċett, ikun mixtieq li tintlaħaq protezzjoni komparabbli għaċ-ċittadini kollha nisa u rġiel indipendentement miċ-ċittadinanza tagħhom,

(<sup>1</sup>) ĠU L 314, 28.12.1995, p. 73.

**It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007**

- K. billi minn dan il-lat, għandhom jinħolqu l-kundizzjonijiet għal reviżjoni tad-Deċiżjoni 95/553/KE bil-għan li tiġi estiża mingħajr telf ta' żmien u l-protezzjoni diplomatika għandha tiġi inkluża fl-iskop ta' din id-Deċiżjoni b'mod mhux ambigwu,
- L. billi l-Istati Membri diġa qed jieħdu inizjattivi — bħalma huma "l-Istat Pilota" u eżerċizzji konġunti ta' simulazzjoni — li jippermettu rispons aħjar fl-eventwalita ta' kriżi u/jew ċirkostanzi eċċezzjonali u li għalihom tista' tikkontribwixxi l-Kummissjoni permezz ta' evalwazzjonijiet,
- M. wara li kkunsidra l-eżistenza ta' networks li għadhom ġew esplotjati ftit — bħalma hija dik tal-Konsli Onorarji — li xorta waħda jirrappreżentaw riżors sinifikanti li għalihom għandha tiġi allokata l-għaj-nuna meħtieġa,
- N. billi permezz tat-Trattat ta' Liżbona jinħoloq Servizz ta' l-Affarijiet Barranin Ewropew bil-kompetenzi u r-responsabilitajiet tiegħu stess,
1. Japprova bis-sħiħ l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tirrifjuta interpretazzjoni mhux qawwija ta' l-Artikolu 20 tat-Trattat KE u li hija maħsuba biex tħejji l-pediment għal dritt armonizzat u ġenwin għal protezzjoni diplomatika u konsulari għal kull ċittadin Ewropew;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni biex titlob lis-Servizz Legali tagħha jittratta l-kwistjoni dwar jekk it-Trattat KE jew it-Trattat UE jinkludux bażi legali għall-approssimazzjoni tar-regolamenti ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni diplomatika u konsulari;
  3. Jappoġġja lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex twaqqaf strateġija ambizzjuża fuq perjodu twil ta' żmien fejn l-informazzjoni u l-komunikazzjoni se jkunu elementi ewlenin;
  4. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha, mingħajr ebda telf ta' żmien, tipproponi lill-Kunsill — lil hinn mill-kundizzjoni li tirraporta darba kull tliet snin dwar iċ-ċittadinanza ta' l-UE, skond l-Artikolu 22 tat-Trattat KE — li jiġu adottati kunċetti komuni u linji gwida li jorbtu li jippermettu li jinħolqu standards komuni fil-qasam tal-protezzjoni konsulari;
  5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issa stess tibda l-ħidma fuq struttura razjonalizzata li tippermetti r-riċiprokar immedjat ta' riżorsi kif ukoll intensifikazzjoni fl-iskambju ta' l-aħjar prattiki permezz ta' twettiq immedjat ta' inventorju dwar ir-riżorsi rilevanti kollha, pubbliċi u privati, li huma disponibbli u li jistgħu jiġu direzzjonati, u permezz tat-twaqqif ta' forom varji ta' koperazzjoni bejn il-ħafna partijiet li fir-rispons tagħhom għall-konsultazzjoni tal-Kummissjoni, taw il-kontribut tagħhom volontarjament għall-proġett (Stati Membri kif ukoll Konsli Onorarji, awtoritajiet lokali u NGOs);
  6. Jitlob lill-Kummissjoni biex tintensifika l-isforzi tagħha fil-komunikazzjoni u l-informazzjoni, b'mod partikulari billi:
    - tistabbilixxi numru tat-telefown ta' emerġenza Ewropew li jkun uniku li jkun jidher fil-passaport taċ-ċittadini ta' l-Unjoni flimkien ma' l-Artikolu 20 tat-Trattat KE u li jippermetti lil kwalunkwe ċittadin Ewropew jkun konness ma' ċentru ta' l-informazzjoni li jipprovdi lulu tagħrif sħiħ fil-każ ta' sitwazzjoni kritika li tibda tmexxi l-proċess ta' protezzjoni konsulari — b'mod partikulari lista aġġornata ta' l-ambaxxati u l-konsulati ta' l-Istati Membri li huwa intitolat li jikkuntattja; dan in-numru jista' jkun ċentralizzat fi Brussell u ġestit mill-Kummissjoni;
    - tqajjem kuxjenza fost il-professjonisti involuti fiż-żjarat (għal perjodu ta' żmien qasir jew twil) ta' ċittadini ta' l-UE f'pajjiżi terzi billi tqassam fuljetti imfassla speċifikament skond il-qasam ta' l-attività tagħhom;
    - tat-tfassil ta' rakkomandazzjoni dwar il-prattiki tajba fil-qasam tal-kitba ta' avviżi lill-vjaġġaturi, sabiex dawn ikunu miktuba b'mod ċar u mingħajr ambigwià;

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

- toħloq u tkun responsabbli għal website armonizzata li tinkludi informazzjoni għal dawk li jivvjaġġaw u li tiġbor u/jew tissintesizza l-pariri minn kull Stat Membru għal min qed jivvjaġġa;
  - titqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini ta' l-Unjoni li jkunu qed jivvjaġġaw barra l-Unjoni, b'mod partikulari fl-ajruporti, fil-portijiet, permezz ta' aġenti u operaturi ta' l-ivvjaġġar, għal biljetti tas-safar u permezz ta' aġenziji nazzjonali involuti fl-ivvjaġġar u fit-turiżmu;
  - tal-ħolqien ta' grupp ta' ħidma, kompost minn rappreżentanti ta' l-isitituzzjonijiet Ewropej u ta' diplomatiċi bi kwalifiki għolja minn kull Stat Membru li jippermetti l-iskambji ta' informazzjoni dwar l-evalwazzjoni, minn kull Stat Membru, tar-riskju ta' l-ivvjaġġar f'pajjiżi terzi u sabiex jaħdem għal approċċ komuni fil-qasam ta' l-avviżi lill-vjaġġaturi;
7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex toħroġ rakkomandazzjoni lill-Istati Membri fejn titlobhom biex jirriproduċu l-Artikolu 20 tat-Trattat KE fil-passaporti taċ-ċittadini tagħhom;
8. Jitlob lill-Kummissjoni biex, ladarba t-Trattat ta' Liżbona jiġi rratifikat, tippreżenta proposta għall-emendi għad-Deċiżjoni 95/553/KE lill-Parlament Ewropew sabiex din id-Deċiżjoni tinkludi:
- il-protezzjoni diplomatika,
  - l-identifikazzjoni u r-ripatrijazzjoni tal-fdalijiet tal-mejtin,
  - simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-għoti bil-quddiem ta' flus;
9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex testendi l-protezzjoni konsulari lill-membri tal-familji ta' ċittadini Ewropej li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll lil refuġjati rikonoxxuti u persuni bla ċittadinanza u persuni oħra li m'għandhomx nazzjonalità ta' ebda pajjiż li jgħixu fi Stat Membru u li għandhom dokument tas-safar maħruġ minn dak l-Istat Membru;
10. Jitlob li jittieħdu l-miżuri adegwati sabiex tiġi żgurata u msaħħa l-effettività ta' l-assistenza ġuridika liċ-ċittadini Ewropej f'każ ta' arrest jew detenzjoni f'pajjiżi terzi;
11. Japprova bis-sħiħ l-inizjattiva li diġa għet imħabbra fir-rapport Barnier rigward it-twaqqif ta' "uffiċċji konġunti" fl-erba' żoni ta' "eżaminazzjoni" (il-Karibew, il-Balkani, l-Oċeanu Indjan u l-Afrika tal-Punent) u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex fl-istess żmien li jiġu mwaqqfa l-"uffiċċji konġunti", tnedi kampanja ta' informazzjoni mmirata lejn iċ-ċittadini ta' l-UE li joqogħdu f'dawn iż-żoni sabiex ikun żgurat li dawn jagħmlu r-reġistrazzjonijiet formali kollha meħtieġa;
12. Jikkunsidra li, sakemm jitwettqu dawn l-uffiċċji konġunti li se jirrifurmaw il-ħidmiet konsulari kollha li huma l-aktar importanti (ħruġ ta' visas, leġiżlazzjoni ta' dokumenti, eċċ.) il-Kummissjoni għandha tikkontribwixxi għall-isforzi li qed isiru mill-Istati Membri sabiex tikber il-koperazzjoni tagħhom, b'mod partikulari:
- fil-qasam ta' l-evalwazzjoni u l-analiżi ta' eżerċizzji u simulazzjonijiet realizzati fi ħdan il-patronaġġ ta' Stati "pilota" sabiex jinkiseb aktar titjib fil-kapaċitajiet tagħhom ta' koordinament u reazzjoni fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, b'ħidma favur viżibilità aħjar tal-proċeduri applikabbli fil-qasam ta' l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva ta' Stat pilota kif ukoll favur konsultazzjoni akbar mal-partijiet terzi interessati, b'mod partikulari l-persuni li jaħdmu fil-qasam tat-trasport u tat-turiżmu;
  - fil-qasam tal-koordinament u l-provvedimnt ta' kapaċità loġistika u riżorsi ta' protezzjoni ċivili;
13. Jistieden lill-Kummissjoni biex fejn ikun possibbli tirrikorri għat-taħriġ u t-teknoloġija sabiex tirranġa ċertu nuqqasijiet u/jew sabiex tagħmel l-aħjar użu minn ċerti riżorsi li s'issa għadhom mhux esplottjati biżżejjed; minn dan il-lat, il-Kummissjoni għandha b'mod partikulari tiddirezzjona r-riżorsi tagħha sabiex tiffinanzja korsijiet speċifiċi ta' taħriġ mogħtija minn diplomatiċi u persunal konsulari ta' esperjenza mill-

**It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007**

Istati Membri għall-benefiċċju ta' Konsli Onorarji li diġa huma stabbiliti f'pajjiżi terzi; dan it-tip ta' taħriġ għandu mbagħad jingħata lill-persunal ta' l-Unjoni ukoll malli l-“uffiċċji konġunti” u d-delegazzjonijiet ta' l-Unjoni ikunu verament responsabbli għax-xogħlijiet konsulari li bħalissa huma esklussivament fidejn ir-rappreżentazzjonijiet ta' l-Istati Membri;

14. Jinnota li f'diversi okkażjonijiet il-proċeduri għall-għoti ta' għajnuniet ekonomiċi jiġu mxejjla mid-diversi konsultazzjonijiet li jkollhom isiru, u dan johlq diffikultà oħra għall-faċilitazzjoni ta' għajnuna ċara għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni li jkunu jinsabu f'sitwazzjoni ta' emerġenza f'pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tistudja l-possibilità ta' simplifikar u unifikazzjoni ta' dawk il-proċeduri ta' għotja ta' għajnuniet;

15. Jitlob lill-Kummissjoni tanalizza l-possibilitajiet u l-implikazzjonijiet li l-ħolqien ta' Servizz ta' l-Affarijiet Barranin Ewropew, kif inhu previst fil-qafas tat-Trattat ta' Liżbona, jista' jkollu fuq il-protezzjoni konsulari u diplomatika;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6\_TA(2007)0593**

**Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 7/2007**

**Risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 7/2007 ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima III — Kummissjoni (15715/2007 — C6-0434/2007 — 2007/2237(BUD))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 272 tat-Trattat KE u l-Artikolu 177 tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, kif ġie adottat finalment fl-14 ta' Diċembru 2006<sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja solida<sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra l-abbozz preliminari ta' baġit ta' emenda Nru 7/2007 ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, ippreżentat mill-Kummissjoni fis-7 ta' Novembru 2007 (COM(2007)0687), u modifikat b'ittra tat-12 ta' Novembru 2007,
- wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 7/2007, imħejji mill-Kunsill fis-26 ta' Novembru 2007 (15715/2007 — C6-0434/2007)
- wara li kkunsidra l-Artikolu 69 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġit (A6-0493/2007),

<sup>(1)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

- A. billi l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 7/2007 għall-Baġit Ġenerali 2007 jkopri l-punti li ġejjin:
- żieda sostanzjali fit-tbassir tad-dħul, b'mod partikolari fir-reviżjonijiet tat-tbassiriet għall-bilanċi tal-VAT u tal-GNI (EUR 3 830 000 000);
  - tnaqqis ulterjuri fl-approprijazzjonijiet ta' pagamenti fil-linji tal-baġit taħt l-intestaturi 1a, 1b, 2 u 3a (EUR 1 651 400 000), wara t-tqassim mill-ġdid propost fit-trasferiment globali DEC36/2007 (EUR 425 000 000),
- B. billi l-iskop ta' l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 7/2007 huwa li dawn ir-riżorsi baġitarji u l-aġġustamenti tekniċi jiddaħħlu b'mod formali fil-baġit ta' l-2007,
1. Jieħu nota ta' l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 7/2007;
  2. Jagħraf li l-fatt li bħalissa m'hemmx implimentazzjoni biżżejjed ta' ċerti linji jista' jkun konsegwenza ta' l-adozzjoni li saret tard tal-bażijiet legali fl-ewwel sena tal-qafas finanzjarju plurijennali; jinsisti li jsir monitoraġġ mill-qrib ta' l-implimentazzjoni tal-Baġit ta' l-2008 permezz tad-diversi għodod bħat-twissija regolari tat-tbassir baġitarju (Budgetary Forecast Alert) u l-gruppi ta' monitoraġġ; jistieden lill-kumitati speċjalizzati tiegħu biex jagħtu input bikri fir-rigward tal-fondi li huma meħtieġa u tal-problemi li jista' jkun hemm relatati ma' l-implimentazzjoni fir-rigward tal-programmi plurijennali;
  3. Jenfasizza li żgur se jkun hemm hteġa ta' ammont ogħla f'pagamenti fil-baġit ta' l-2008;
  4. Japprova bla emendi l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 7/2007;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6\_TA(2007)0594

### Ambjent mingħajr dokumenti għad-dwana u għall-kummerċ \*\*\*II

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ambjent mingħajr dokumenti għad-dwana u għall-kummerċ (8520/4/2007 — C6-0267/2007 — 2005/0247(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (8520/4/2007 — C6-0267/2007),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>(1)</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0609),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumentur (A6-0466/2007),

<sup>(1)</sup> ĠU C 317 E, 23.12.2006, p.74.



**It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007**

1. Japprova l-pożizzjoni komuni;
2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni komuni;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skond l-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE;
4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju-Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni ta' l-att fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6\_TA(2007)0595**

**Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin \*\*\*II**

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill għall-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (9388/2/2007 — C6-0261/2007 — 2005/0211(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (9388/2/2007 — C6-0261/2007),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>(1)</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0505),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0389/2007),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 314 E, 21.12.2006, p. 86.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

**P6\_TC2-COD(2005)0211**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fil-11 ta' Diċembru 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2008/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina)**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, Direttiva 2008/56/KE.)

**P6\_TA(2007)0596****Kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa \*\*\*II**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill għall-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (16477/1/2006 — C6-0260/2007 — 2005/0183(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (16477/1/2006 — C6-0260/2007),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>(1)</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0447),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa hawnhekk,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0398/2007),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 306 E, 15.12.2006, p. 102.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

P6\_TC2-COD(2005)0183

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fil-11 ta' Diċembru 2007 bil-ksieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2008/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2008/50/KE.)

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LI TAKKUMPANJA L-ADOZZJONI TAD-DIRETTIVA L-ĠDIDA DWAR IL-KWALITÀ TA' L-ARJA FL-AMBJENT U ARJA AKTAR NADIFA GĦALL-EWROPA**

Il-Kummissjoni tinnota t-test adottat mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew għad-Direttiva dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja aktar nadifa għall-Ewropa. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tinnota l-importanza li l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jagħtu, fl-Artikolu 22(4) u l-Premessa 15 tad-Direttiva, għall-miżuri Komunitarji għat-tnaqqis fras il-għajn ta' emissjonijiet li jniġġsu l-arja.

Il-Kummissjoni tagħraf li, biex jinkiseb progress sinifikanti fil-kisba ta' l-għanijiet stabbiliti fis-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali, jeħtieġ li li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' ħsara li jniġġsu l-arja. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Tematika dwar it-tniġġis ta' l-arja tistabbilixxi għadd sinifikanti ta' miżuri Komunitarji possibbli. Minn meta l-Istrateġija ġiet adottata, sar progress sinifikanti kemm fuq dawn il-miżuri kif ukoll fuq miżuri oħra:

- Il-Kunsill u l-Parlament diġà adottaw liġijiet ġodda li jllimitaw l-emissjoni ta' *exhaust* minn vetturi ħfief (*light duty*);
- Il-Kummissjoni adottat proposta għal liġijiet ġodda biex ittejjeb l-effikaċja tal-leġislazzjoni Komunitarja dwar l-emissjonijiet industrijali li tinkludi impjanti ta' agrikoltura intensiva u miżuri għall-kontroll ta' sorsi ta' kombustjoni industrijali ta' skala iżgħar;
- Il-Kummissjoni adottat proposta għal liġijiet ġodda li jllimitaw l-emissjonijiet ta' *exhaust* minn magni installati fuq vetturi tqal (*heavy duty*);
- Għall-2008, il-Kummissjoni tipprevedi proposti leġislattivi ġodda li:
  - ikomplu jnaqqsu l-limitu massimu nazzjonali ta' l-Istati Membri għall-emissjonijiet li l-aktar iniġġsu l-arja;
  - inaqqsu l-emissjonijiet assoċjati mat-teħid tal-petrol mill-karozzi fl-istazzjonijiet tal-petrol;
  - jindirizzaw il-kontenut tal-kubrit fil-fjuwils, anke fil-fjuwils għall-użu marittimu;
- Qiegħed isir xogħol ta' tħejjija biex issir magħrufa l-fattibilità ta':
  - it-titjib fl-ekodisinn ta' bojlers u *heaters* domestiċi, u t-tnaqqis ta' emissjonijiet minnhom;
  - it-tnaqqis mill-kontenut ta' solvent fiż-żebgħa, verniċ u prodotti ta' lostru mil-ġdid ta' vetturi;
  - it-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' *exhaust* minn makkinarju mobbli mhux tat-triq, liema tnaqqis iwassal biex jinkiseb l-aktar benefiċċju possibbli mill-użu ta' fjuwils b'kontenut ta' kubrit aktar baxx li ma jintużawx għat-triq, kif diġà propost mill-Kummissjoni;

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

- Fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), il-Kummissjoni ser tibqa' tinsisti wkoll għal tnaqqis sostenzjali ta' emissjonijiet mill-bastimenti, u jekk l-IMO ma jirnexxiliex twettaq il-proposti ambizzjużi previsti għas-sena 2008, il-Kummissjoni għandha l-impenn li tippromwovi proposti għal miżuri Komunitarji.

Madankollu, il-Kummissjoni hija marbuta ma' l-għanijiet ta' l-inizjattiva tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar u mal-ħtieġa li l-proposti jkunu bbażati fuq valutazzjoni komprensiva ta' l-impatti u l-benefiċċji. F'dan ir-rigward, u b'konformità mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, il-Kummissjoni ser tkompli tevalwa l-ħtieġa li tressaq proposti għal leġiżlazzjoni ġdida iżda żżomm id-dritt tagħha li tiddeċiedi jekk u meta jkun xieraq li tippreżenta dawn il-proposti.

---

**P6\_TA(2007)0597**

### **L-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja Komunitarja \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja Komunitarja (tfassil mill-ġdid) (COM(2006)0783 — C6-0474/2006 — 2006/0273(COD))**

(Proċedura ta' kodeċijjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0783),-
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 251(2), 156 u 71 tat-Trattat tal-KE, skond liema Artikoli l-Kummissjoni ressqet il-proposta lill-Parlament (C6-0474/2006),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0345/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid,
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-poiżizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6\_TC1-COD(2006)0273**

**Poiżizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Diċembru 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2008/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (tfassil mill-ġdid)**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-poiżizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2008/57/KE.)

---

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

P6\_TA(2007)0598

## CAP: regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett u ċerti skemi ta' appoġġ għal-bdiewa u appoġġ għall-iżvilupp rurali \*

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jstabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jstabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, u r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) (COM(2007)0484 — C6-0283/2007 — 2007/0177(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0484),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 37, paragrafu 2, it-tielet subparagrafu, tat-Trattat KE, li permezz tiegħu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0283/2007),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali (A6-0470/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta tagħha f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
  3. Jistieden lill-Kunsill jgħarraf lill-Parlament jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 1

PREMESSA 1 A (ġdida)

(1a) Il-kundizzjonalità diġà uriet li hija strument importanti ħafna taħt il-Politika Agrikola Komuni riformata f'dak li jirrigwardja l-ġustifikazzjoni tan-nefqa. Il-kundizzjonalità la timponi obbligi ġodda fuq il-bdiewa u lanqas tintitolahom għal pagamenti ġodda wara l-konformità tagħhom. Hija sempliċament tistabilixxi rabta bejn il-pagamenti diretti magħmula lill-bdiewa u s-servizzi pubbliċi li jagħtu lis-soċjetà b'mod ġenerali billi jkunu konformi mal-leġiżlazzjoni Komunitarja fil-qasam ta' l-ambjent, tas-sikurezza ta' l-ikel u tal-benesseri ta' l-annimali. Ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità ġeneralment huma stretti ħafna meta mqabbla ma' standards fil-bqija tad-dinja.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 2

PREMESSA 1 B (ġdida)

(1b) Jekk jitqies il-valur li l-UE tpoġġi fuq dawn l-istandards għojn, il-Politika Agrikola Komuni riformata ttrasformat b'mod effettiv l-ewwel pilastru tal-politika tagħha, f'politika ta' l-iżvilupp rurali *de facto*, għaliex il-bdiewa qed jiġu kumpensati talli qed jipprovdu servizzi pubbliċi, minflok jirċievu pagamenti mingħajr ebda kundizzjoni marbuta mal-produzzjoni. Sabiex jintlaħqu l-objettivi tas-sistema tal-kundizzjonalità, huma neċessarji l-għarfien sħiħ tas-sistema u l-koperazzjoni tal-bdiewa — ħaġa li attwalment nieqsa, minħabba l-biża' li ħoloq ir-reġim fuq livell ta' biedja. Tkun aktar faċli għas-settur tal-biedja biex jikkonforma jekk dan ikun aktar infurmat. Madankollu, hija problema kbira mhux biss għall-bdiewa iżda wkoll għall-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri biex jifhmu d-dettalji tat-18-il Direttiva u Regolamenti speċifiċi ta' l-UE.

Emenda 3

PREMESSA 1 C (ġdida)

(1c) Il-Kundizzjonalità rabet il-pagament ta' appoġġ għall-bdiewa mal-konformità mat-18 -il Direttiva u Regolament differenti ta' l-UE. Minħabba n-natura tagħha stess, il-monitoraġġ tal-kundizzjonalità hija kumplessa. Is-sistema tal-kundizzjonalità tirrikjedi li daww li jwettqu l-kontrolli jkollhom għarfien sħiħ tal-biedja u jkunu familjari mas-setturi differenti tal-biedja. Huwa vitali li jkun hemm taħriġ xieraq għall-daww li jwettqu l-kontrolli ta' l-attivitajiet tal-bdiewa. Barra minn hekk, l-ispetturi għandu jkollhom id-diskrezzjoni li jikkunsidraw fatturi mhux previsti u barra mill-istaġun li jnaqqsu l-konformità — bla ma jkollu ebda tort il-bidwi.

Emenda 4

PREMESSA 1 D (ġdida)

(1d) Is-sistema ta' kundizzjonalità u/jew il-Politika Agrikola Komuni probabbilment se jkunu jeħtieġu aktar aġġustamenti fil-futur, peress li fil-preżent il-livell tal-pagamenti mhux dejjem jidher li hu bbilanċjat ma' l-isforzi ta' konformità magħmula mill-bdiewa kkonċernati, peress li l-pagamenti għadhom jiddependu ħafna fuq l-infiq storiku. B'mod partikolari, il-leġiżlazzjoni dwar il-benesseri ta' l-annimali hija ta' piż kbir għall-bdiewa li jrabbu l-annimali, li mhux rifless fil-livell tal-pagamenti tagħhom. Madankollu, jekk il-prodotti importati jilhq u l-istess standards tal-benesseri ta' l-annimali, imbagħad ma jkunx hemm il-bżonn li l-bdiewa jiġu kkumpensati għall-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni għalhekk għandha taħdem għar-rikonoxximent tal-kwistjonijiet mhux kummerċjali bħala kriterji ta' importazzjoni fi ħdan in-negozjati tad-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 5

PREMESSA 1 E (ġdida)

**(1e) Għandu jsir sforz kontinwu għas-simplifikazzjoni, għat-titjib u għall-armonizzazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità. Għalhekk il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità kull sen-tejn.**

Emenda 6

PREMESSA 1 F (ġdida)

**(1f) Piżijiet amministrattivi mnaqqa, kontrolli armonizzati, amalgamazzjoni ta' kontrolli, inkluż fi ħdan l-istituzzjonijiet, u pagamenti fil-ħin iżidu l-appoġġ ġenerali bejn il-bdiewa għas-sistema tal-kundizzjonalità u b'hekk tiżdied l-effettività tal-politika.**

Emenda 7

PREMESSA 1 G (ġdida)

**(1g) Hija essenzjali notifika minn qabel, jekk wieħed jixtieq jippromwovi l-konformità. Hemm bżonn ukoll li l-bdiewa, li ħafna minnhom joperaw fuq bażi part-time, jingħataw l-għaj-nuna, biex jippreparaw ruħhom għall-kontrolli. Kontrolli mhux annuncjati ma tantx huma utli fis-sistema, għaliex jikkontribwixxu għal sens ta' biża barra mill-proporzjoni iżda ġustifikat, fil-bdiewa fir-rigward tar-reġim tal-kundizzjonalità in ġenerali. Fejn ikun hemm suspett ta' "frodenti intenzjonali u serja", għandhom jintużaw mezzi ta' attakk oħra, inkluża l-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru. Meta jitwettqu l-kontrolli mhux annuncjati dawn għandhom iseħħu biss jekk l-awtorità kompetenti tqis li teżisti problema serja f'razzett partikolari. Fl-istess ħin m'għandhiex titpoġġa f'periklu l-effettività ta' kontrolli fuq il-post.**

Emenda 8

PREMESSA 1 H (ġdida)

**(1h) Sabiex il-piż impoġġi fuq il-bdiewa jkun limitat, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jġu mħeġġa biex iżommu sal-minimu kemm in-numru ta' kontrolli fuq il-post u n-numru ta' aġenziji ta' kontroll, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi r-regoli ta' l-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità, tal-modulazzjoni u s-sistemi ta' kontroll imsemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003<sup>(1)</sup>. L-Istati Membri għalhekk għandhom jitħallew jaħdmu l-persentaġġ ta' kontroll minimu fil-livell ta' l-aġenzija li tħallas. Barra minn**

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

hekk, l-Istati Membri għandhom ikunu nkoraġġiti jieħdu miżuri addizzjonali sabiex jillimitaw in-numru ta' persuni li jagħmlu l-kontrolli u jiżguraw li daww ikunu mħarrġa kif xieraq u jillimitaw il-perjodu li matulu jista' jsir kontroll fuq il-post frazzett partikolari għal massimu ta' għurnata waħda. Il-Kummissjoni għandha tgħin lill-Istati Membri biex jilhqnu r-rekwiżiti għas-selezzjonijiet integrati tal-kampjun. Is-selezzjoni tal-kampjun għall-kontrolli fuq il-post għandhom isiru indipendentament mill-persentaġġi ta' kontroll minimu speċifiċi kif ipprovdut skond il-leġiżlazzjoni speċifika li taqa' fl-ambitu tal-kundizzjonalità.

(<sup>1</sup>) ĠU L 141, 30.4.2004, p. 18. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 972/2007 (ĠU L 216, 21.8.2007, p. 3).

Emenda 9

PREMESSA I I (ġdida)

(Ii) Il-kontrolli amministrattivi u fuq il-post kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 796/2004 għandhom isiru b'mod li tiġi żgurata l-verifikazzjoni effettiva tal-konformità mat-termini li permezz tagħhom jingħataw l-għajnuniet u tal-ħtiġiet u l-istandards rilevanti għall-kundizzjonalità. Dawn għandhom isiru komplimentari fis-sistema integrata amministrattiva u ta' kontroll preżenti, sabiex jiġi evitat l-irduppjar u sabiex il-kontrolli kollha jkun jistgħu jsiru waqt iżjara ta' kontroll waħda.

Emenda 10

PREMESSA I J (ġdida)

(Ij) L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-bdiewa ma jiġux ikkastigati darbtejn (tnaqqis jew esklużjoni tal-pagamenti, kif ukoll multa minħabba nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti) għall-istess każ ta' nuqqas ta' konformità.

Emenda 11

PREMESSA I K (ġdida)

(Ik) It-tnaqqis mill-pagamenti li japplikaw f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' kundizzjonalità, ma' l-obbligi u mar-rekwiżiti jvarjaw, skond jekk in-nuqqas ta' konformità titqies bħala att intenzjonali jew riżultat ta' negliġenza. Bl-istess mod, dak it-tnaqqis għandu jkun proporzjonat ma' l-impotanza tal-qasam ta' l-attività kkonċernata min-nuqqas ta' konformità fir-razzett, b'mod partikolari meta dan ikun razzett fejn jitkabbar raba' mħallat (mixed crop) u jitrabew il-bhejjem.

Emenda 12

PREMESSA 2

(2) L-Artikolu 44(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 jipprovdi li bdiewa għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tagħhom għal perjodu ta' talanqas 10 xhur il-ħbula ta' art li jikkorrispondu għall-ettari eliġibbli. L-esperjenza turi li din il-kundizzjoni tista' tillimita ħafna l-funzjonament tas-suq ta' l-artijiet, u toħloq piż amministrattiv sinifikanti għall-bdiewa u għas-servizzi amministrattivi. Tnaqqis tal-perjodu msemmi ma jqegħidx fil-periklu t-tmexxija ta' l-obbligi ta' kundizzjonalità. Min-naħa l-oħra, huwa wkoll neċessarju li tiġi stabbilita data meta l-ħbula ta' art għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa biex jiġu evitati talbiet doppji fuq l-istess art.

(2) L-Artikolu 44(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 jipprovdi li bdiewa għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tagħhom għal perjodu ta' talanqas 10 xhur il-ħbula ta' art li jikkorrispondu għall-ettari eliġibbli. L-esperjenza turi li din il-kundizzjoni tista' tillimita ħafna l-funzjonament tas-suq ta' l-artijiet, u toħloq piż amministrattiv sinifikanti għall-bdiewa u għas-servizzi amministrattivi. Tnaqqis tal-perjodu msemmi ma jqegħidx fil-periklu t-tmexxija ta' l-obbligi ta' kundizzjonalità. Min-naħa l-oħra, huwa wkoll neċessarju li tiġi stabbilita data meta l-ħbula ta' art għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa biex jiġu evitati talbiet doppji fuq l-istess art.



It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
MILL-PARLAMENT

Għaldaqstant ikun xieraq li jiġi stabbilit li l-bdiewa għandu jkollhom l-ħbula ta' art għad-dispożizzjoni tagħhom fil-15 ta' **Ġunju** tas-sena tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni għall-għaj-nuna. L-istess regola għandha tapplika fl-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' ħlas uniku għaż-żona. Jixraq ukoll li jiġu stabbiliti regoli rigward ir-responsabbiltajiet fil-kundizzjonalità fil-każ ta' trasferiment ta' artijiet.

Għaldaqstant ikun xieraq li jiġi stabbilit li l-bdiewa għandu jkollhom l-ħbula ta' art għad-dispożizzjoni tagħhom **fl-aħħar ġurnata possibbli għat-tressiq applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat** tas-sena tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni għall-għaj-nuna. L-istess regola għandha tapplika fl-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' ħlas uniku għaż-żona. Jixraq ukoll li jiġu stabbiliti regoli rigward ir-responsabbiltajiet fil-kundizzjonalità fil-każ ta' trasferiment ta' artijiet.

Emenda 13

PREMESSA 7 A (ġdida)

(7a) *Fl-applikazzjoni unika tiegħu, il-bidwi jiddikjara, inter alia, iż-żona li qed juża għal skopijiet agrikoli, l-iskema jew skemi involuti u l-pagamenti li huwa intitolat għalihom, u jafferma li huwa konxju tal-kundizzjonijiet marbuta ma' l-għoti ta' l-ghajjnuna kkonċernata. Dawk il-kundizzjonijiet għandhom jikkorrispondu mhux biss mal-kriterji ta' eliġibilità għall-ghajjnuna iżda wkoll mal-kriterji tas-saħħa pubblika, is-saħħa ta' l-annimal u tal-pjanti, il-benesseri ta' l-annimal u r-rispett għall-ambjent li huma suġġetti għall-għoti ta' dik l-ghajjnuna. B'dik id-dikjarazzjoni, il-bidwi jimpjenja ruħu li jikkonforma ma' dawk il-kundizzjonijiet varji, u jintrabat li se jirrispettahom.*

Emenda 14

ARTIKOLU 1, PUNT -1 (ġdid)

Artikolu 4, paragrafu 2, subparagrafu 1 a (ġdid) (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

(-1) *Fl-Artikolu 4, paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġejj:*

*"Fil-każ ta' Direttivi, il-Kummissjoni għandha tiżgura li r-rekwiżiti legali tat-tmexxija fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 1 jiġu trasposti b'mod armonizzat f'kull Stat Membru."*

Emenda 15

ARTIKOLU 1, PUNT 1, PUNT (A)

Artikolu 6 paragrafu 1 (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

(a) *Il-paragrafu (1) jitbiddel b'li ġejj:*

*imħassar*

1. *Meta r-rekwiżiti statutorji tal-ġestjoni jew il-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin ma jkunux rispettati f'sena kalendarja partikolari, (hawn taħt imsejħa "is-sena kalendarja kkonċernata"), it-total ta' l-ammont tal-pagamenti diretti li għandu jingħata, wara l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 10 u 11 lill-bdiewa li ssottomettew applikazzjoni tul is-sena kalendarja kkonċernata, għandu jitnaqqas jew ikkanċellat skond ir-regoli dettaljati stipulati fl-Artikolu 7.*

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

*Bla ħsara għall-paragrafu 2, il-bidwi li jkun issottometta applikazzjoni għall-ghajjnuna għandu jinżamm responsabbli sakemm ma jirnexxilux juri li n-nuqqas ta' konformità rilevanti ma hija la rriżultat ta' att u lanqas ta' nuqqas li jkun ħtija:*

- (a) tiegħu, jew
- (b) *fil-każ fejn l-art agrikola tkun ittrasferita tul is-sena kalendarja kkonċernata,*
- *ta' dak li lili ġiet trasferita l-art, fil-każ meta t-trasferiment ikun seħħ bejn id-data msemmija fl-Artikolu 44(3) u l-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja sussegwenti;*
  - *tat-trasferitur, fil-każ meta t-trasferiment ikun seħħ bejn l-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja kkonċernata u d-data msemmija fl-Artikolu 44 (3).*

Emenda 31

ARTIKOLU 1, PUNT 1, PUNT (B)

Artikolu 6, paragrafu 3, subparagrafu 1 (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

3. Minkejja l-paragrafu 1 u skond il-kundizzjonijiet stipulati fir-regoli dettaljati msemmija fl-Artikolu 7(1), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx tnaqqis ta' **EUR 50** jew anqas kull bidwi u kull sena kalendarja.

3. Minkejja l-paragrafu 1 u skond il-kundizzjonijiet stipulati fir-regoli dettaljati msemmija fl-Artikolu 7(1), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx tnaqqis ta' **EUR 100** jew anqas kull bidwi u kull sena kalendarja.

Emenda 17

ARTIKOLU 1, PUNT 1, PUNT (B)

Artikolu 6, paragrafu 3, subparagrafu 2 (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

Kwalunkwe sejba ta' nuqqas ta' konformità xorta waħda għandha tkun suġġetta għal azzjoni ta' segwitu speċifika mill-awtorità kompetenti. Għal kwalunkwe sejba bħal din, il-miżuri ta' segwitu u l-azzjoni ta' rimedju li għandha tittieħed għandhom jiġu notifikati lill-bidwi.

Kwalunkwe sejba ta' nuqqas ta' konformità xorta waħda għandha tkun suġġetta għal azzjoni ta' segwitu speċifika **fl-evalwazzjoni tar-riskju** mill-awtorità kompetenti. Għal kwalunkwe sejba bħal din, il-miżuri ta' segwitu u l-azzjoni ta' rimedju li għandha tittieħed għandhom jiġu notifikati lill-bidwi. **Dan is-subparagrafu m'għandux japplika fejn il-bidwi jkun ħa azzjoni ta' rimedju minnufih u jwaqqaf in-nuqqas ta' konformità misjuba.**

Emenda 18

ARTIKOLU 1, PUNT 2

Artikolu 7, paragrafu 2, subparagrafu 3 (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

*Kwalunkwe sejba ta' nuqqas minuri ta' konformità għandha xorta waħda tkun suġġetta għal azzjoni ta' segwitu speċifika mill-awtorità kompetenti. Għal kwalunkwe sejba bħal din, il-miżuri ta' segwitu u l-azzjoni ta' rimedju li għandha tittieħed għandhom jiġu notifikati lill-bidwi. Dan is-subparagrafu m'għandux japplika fejn il-bidwi jkun ħa azzjoni ta' rimedju minnufih u jwaqqaf in-nuqqas ta' konformità misjuba.*

*imħassra*

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 19

ARTIKOLU 1, PUNT 2 A (ġdid)

Artikolu 7, paragrafu 4, subparagrafu 1 a (ġdid) (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

(2a) Fl-Artikolu 7(4) għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

*"Fi kwalunkwe każ, fl-Istati Membri l-ġodda, il-persentaġġ tat-tnaqqis msemmi fl-Artikolu 6(1) għandu jikkunsidra l-persentaġġ rilevanti ta' l-iskeda taż-żidiet applikabbli f'sena partikolari bi qbil ma' l-Artikolu 143a".*

Emenda 20

ARTIKOLU 1, PUNT 2 B (ġdid)

Artikolu 7, paragrafu 4 a (ġdid) (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

(2b) Fl-Artikolu 7, jiżdied il-paragrafu li ġej:

*4a. Fejn ikun qed jiġi applikat tnaqqis jew esklużjoni ta' pagamenti wara nuqqas ta' konformità rreġistrat waqt kontroll fuq il-post kif imsemmi fl-Artikolu 25, m'għandha tiġi imposta l-ebda multa taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali korrispondenti għall-istess każ ta' nuqqas ta' konformità.*

*Fejn għet imposta multa wara nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, m'għandu jiġi impost l-ebda tnaqqis jew esklużjoni ta' pagamenti għall-istess każ ta' nuqqas ta' konformità.*

Emenda 21

ARTIKOLU 1, PUNT 2 C (ġdid)

Artikolu 8 (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

(2c) L-Artikolu 8 għandu jinbidel b'dan li ġej:

**Artikolu 8**

**Reviżjoni**

*Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2007, u kull sentejn minn dakinhar, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità, akkumpanjat minn, jekk meħtieġ, proposti xierqa b'mod partikolari bil-ħsieb li:*

- *tiġi emendata l-lista tar-rekwiżiti legali ta' tmexxija stipulati fl-Anness III,*
- *tiġi ssimplifikata, deregolarizzata u mtejba l-leġiżlazzjoni taħt il-lista tar-rekwiżiti legali ta' tmexxija, b'attenzjoni speċjali tingħata lil-leġiżlazzjoni dwar in-nitriti,*

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

- jġu ssimplifikati, imtejba u armonizzati is-sistemi ta' kontroll fis-seħħ, filwaqt li jġu kkunsidrati l-opportunitajiet offruti bl-iżvilupp ta' indikaturi u kontrolli ibbażati fuq "bottleneck", ta' kontrolli li diġà jsiru taħt skemi ta' ċertifikazzjoni privata, ta' kontrolli li diġà jsiru taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta r-rekwiżiti legali ta' tmexxija u tat-teknoloġija ta' l-informatika u l-komunikazzjoni.

*Ir-rapporti għandhom jinkludu wkoll stima ta' l-ispejjeż totali tal-kontroll taħt is-sistema tal-kundizzjonalità tas-sena ta' qabel is-sena li fiha r-rapport ikun se jiġi ppubblikat.*

Emenda 22

ARTIKOLU 1, PUNT 2 D (ġdid)

Artikolu 18, paragrafu 1, punt (e) (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

(2d) Fl-Artikolu 18(1), il-punt (e) jinbidel b'dan li ġej:

- (e) sistema ta' kontroll integrata li tinkludi l-verifika tal-kundizzjonijiet ta' eliġibilità u tar-rekwiżiti f'termini ta' kundizzjonalità,

Emenda 23

ARTIKOLU 1, PUNT 2 E (ġdid)

Artikolu 25 (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

(2e) L-Artikolu 25 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Artikolu 25

Kontrolli fuq il-kundizzjonalità

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli fuq il-post biex jivverifikaw jekk il-bidwi hux konformi ma' l-obbligi msemmija fil-Kapitolu 1. Dawn il-kontrolli għandhom isiru f'perjodu ta' mhux aktar minn ġurnata waħda għal razzett partikolari.

2. L-Istati Membri jistgħu jużaw is-sistemi amministrattivi u ta' kontroll eżistenti tagħhom biex jassiguraw il-konformità mar-rekwiżiti legali ta' tmexxija u mal-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba msemmija fil-Kapitolu 1.

Madankollu, l-Istati Membri għandhom jippruvaw jillimitaw in-numru ta' aġenziji ta' kontroll u n-numru ta' persuni li jagħmlu l-kontrolli fuq il-post f'razzett partikolari.

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Dawn is-sistemi, u l-aktar is-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali stabbilita skond id-Direttiva 92/102/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 u r-Regolament (KE) Nru 21/2004 għandhom ikunu kompatibbli, fis-sens ta' l-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament, mas-sistema integrata.

3. L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jippanaw il-kontrolli b'tali mod li l-irziezet li jkunu jistgħu jiġu kkontrollati l-aħjar f'perjodu partikolari matul is-sena, minħabba raġunijiet marbuta ma' l-istaġjun, jiġu tassew ikkontrollati f'dak il-perjodu. Madankollu, jekk l-aġenzija ta' kontroll ma tkunx tista' tikkontrolla xi rekwiżit legali tat-tmexxija, jew parti minnu, jew kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba waqt kontroll fuq il-post, minħabba raġunijiet marbuta ma' l-istaġjun, dawk ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet għandhom jitqiesu bħala ssodisfati.

Emenda 24

ARTIKOLU 1, PUNT 3

Artikolu 44 paragrafu 3 (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

"Ħlief fil-każ ta' force majeure jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, dawn il-ħbula ta' art għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-bidwi sal-15 ta' **Ġunju** tas-sena tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni għall-ghajjnuna."

Ħlief fil-każ ta' force majeure jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, dawn il-ħbula ta' art għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-bidwi **fl-aħħar ġurnata possibbli għat-tressiq applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat** tas-sena tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni għall-ghajjnuna.

Emenda 25

ARTIKOLU 1, PUNT 5, PUNT (A)

Artikolu 143 b, paragrafu 5, subparagrafu 1, sentenza ġdida (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

Ħlief fil-każ ta' force majeure jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, dawn il-ħbula ta' art għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-bidwi sal-15 ta' **Ġunju** tas-sena tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni għall-ghajjnuna.

Ħlief fil-każ ta' force majeure jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, dawn il-ħbula ta' art għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-bidwi **fl-aħħar ġurnata possibbli għat-tressiq applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat** tas-sena tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni għall-ghajjnuna.

Emenda 26

ARTIKOLU 1, PUNT 5, PUNT (B)

Artikolu 143 b, paragrafu 6, subparagrafu 3 (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

Mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2008, l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 3, 4, 6, 7 u 9 għandha tkun fakultattiva għall-Istati Membri l-ġodda, safejn dawn id-dispożizzjonijiet jirrigwardaw ir-rekwiżiti legali ta' tmexxija. Mill-1 ta' Jannar 2009 l-quddiem, bidwi li jirċievi pagamenti fil-qafas ta' l-iskema ta' ħlas uniku għaż-żona għandu jirrispetta r-rekwiżiti legali ta' tmexxija msemmija fl-Anness III, skond l-iskeda ta' żmien li ġejja:

(a) ir-rekwiżiti msemmija fil-punt A għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2009;

Mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2008, l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 3, 4, 6, 7 u 9 għandha tkun fakultattiva għall-Istati Membri l-ġodda, safejn dawn id-dispożizzjonijiet jirrigwardaw ir-rekwiżiti legali ta' tmexxija. Mill-1 ta' Jannar 2009 l-quddiem, bidwi li jirċievi pagamenti fil-qafas ta' l-iskema ta' ħlas uniku għaż-żona għandu jirrispetta r-rekwiżiti legali ta' tmexxija msemmija fl-Anness III, skond l-iskeda ta' żmien li ġejja:

(a) ir-rekwiżiti msemmija fil-punt A għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2009;

It-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

- (b) ir-rekwiżiti msemmija fil-punt B għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar **2010**;
- (c) ir-rekwiżiti msemmija fil-punt C għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar **2011**.

Madankollu, għall-Bulgarija u r-Rumanija, l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 3, 4, 6, 7 u 9 għandha tkun fakultattiva sal-31 ta' Diċembru 2011, safejn dawn id-dispożizzjonijiet jirrigwardaw ir-rekwiżiti legali ta' tmexxija. Mill-1 ta' Jannar 2012 'il quddiem, bidwi li jirċievi pagamenti fil-qafas ta' l-iskema ta' ħlas uniku għaż-żona għandu jirrispetta r-rekwiżiti legali ta' tmexxija msemmija fl-Anness III, skond l-iskeda ta' żmien li ġejja:

- (a) ir-rekwiżiti msemmija fil-punt A għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2012;
- (b) ir-rekwiżiti msemmija fil-punt B għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar **2013**;
- (c) ir-rekwiżiti msemmija fil-punt C għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar **2014**.

L-Istati l-Membri l-ġodda jistgħu japplikaw għal din l-alternattiva fil-każ *meta* jiddeċiedu li jwaqqfu l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' ħlas uniku għaż-żona qabel tmiem il-perjodu ta' l-applikazzjoni previst fil-paragrafu 9.

- (b) ir-rekwiżiti msemmija fil-punt B għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar **2011**;
- (c) ir-rekwiżiti msemmija fil-punt C għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar **2013**.

Madankollu, għall-Bulgarija u r-Rumanija, l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 3, 4, 6, 7 u 9 għandha tkun fakultattiva sal-31 ta' Diċembru 2011, safejn dawn id-dispożizzjonijiet jirrigwardaw ir-rekwiżiti legali ta' tmexxija. Mill-1 ta' Jannar 2012 'il quddiem, bidwi li jirċievi pagamenti fil-qafas ta' l-iskema ta' ħlas uniku għaż-żona għandu jirrispetta r-rekwiżiti legali ta' tmexxija msemmija fl-Anness III, skond l-iskeda ta' żmien li ġejja:

- (a) ir-rekwiżiti msemmija fil-punt A għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2012;
- (b) ir-rekwiżiti msemmija fil-punt B għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar **2014**;
- (c) ir-rekwiżiti msemmija fil-punt C għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar **2016**.

L-Istati l-Membri l-ġodda jistgħu japplikaw għal din l-alternattiva fil-każ *li* jiddeċiedu li jwaqqfu l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' ħlas uniku għaż-żona qabel tmiem il-perjodu ta' l-applikazzjoni previst fil-paragrafu 9.

## Emenda 27

## ARTIKOLU 1, PUNT 5, PUNT (C)

Artikolu 143 b, paragrafu 9, l-ewwel sentenza (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

Għal kwalunkwe Stat Membru l-iskema ta' ħlas uniku għaż-żona għandha tkun disponibbli għal perjodu ta' applikazzjoni sa tmiem l-**2010**.

Għal kwalunkwe Stat Membru l-iskema ta' ħlas uniku għaż-żona għandha tkun disponibbli għal perjodu ta' applikazzjoni sa tmiem l-**2013**.

## Emenda 28

## ARTIKOLU 1, PUNT 5 A (ġdid)

Artikolu 145, punt (m) (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

1. Grupp tal-monitoraġġ, magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni, ta' l-Istati Membri kkonċernati u l-organizzazzjonijiet proponenti, għandu **jiżgura l-monitoraġġ** tal-programmi magħżula msemmija fl-Artikoli 8 u 9.

1. Grupp tal-monitoraġġ, magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni, ta' l-Istati Membri kkonċernati u l-organizzazzjonijiet proponenti, għandu **jimmaniġġja** l-programmi magħżula msemmija fl-Artikoli 8 u 9.



L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 19

Artikolu 13, paragrafu 2

2. Is-sehem finanzjarju tal-Komunità fil-programmi magħżula msemmija fl-Artikoli 8 u 9 ma għandux jaqbeż il-**50%** ta' l-ispiża reali tal-programmi. Fil-każ ta' programmi ta' informazzjoni u promozzjoni ta' tul ta' sentejn jew tliet snin, is-sehem għal kull sena ta' twettiq ma għandux jaqbeż dan il-livell massimu.

2. Is-sehem finanzjarju tal-Komunità fil-programmi magħżula msemmija fl-Artikoli 8 u 9 ma għandux jaqbeż is-**60%** ta' l-ispiża reali tal-programmi. Fil-każ ta' programmi ta' informazzjoni u promozzjoni ta' tul ta' sentejn jew tliet snin, is-sehem għal kull sena ta' twettiq ma għandux jaqbeż dan il-livell massimu. **Madankollu, fil-każ ta' programmi marbuta mal-biedja organika u ta' programmi dwar azzjonijiet li jittieħdu minħabba sitwazzjonijiet ta' kriżi, il-livell tal-parteċipazzjoni finanzjarja Komunitarja fi programmi bħal dawn m'għandux ikun iktar minn 70%.**

Emenda 20

Artikolu 13, paragrafu 3, subparagrafu 1

3. L-organizzazzjonijiet proponenti għandhom jieħdu sehem fil-finanzjament tal-programmi li jkunu pproponew *talanqas* għal-livell ta' **20%** ta' l-ispiża reali tal-programmi, filwaqt li l-bqija tal-finanzjament għandu jsir mill-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i), b'kunsiderazzjoni tas-sehem tal-Komunità msemmi fil-paragrafu 2.

3. L-organizzazzjonijiet proponenti għandhom jieħdu sehem fil-finanzjament tal-programmi li jkunu pproponew *ta' l-inqas* għal-livell ta' **10%** ta' l-ispiża reali tal-programmi, filwaqt li l-bqija tal-finanzjament għandu jsir mill-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i), b'kunsiderazzjoni tas-sehem tal-Komunità msemmi fil-paragrafu 2.

Emenda 21

Artikolu 15, paragrafu 1 a (ġdid)

**B'mod partikulari, dawk ir-regoli għandhom jaħsbu għall-possibilità li l-organizzazzjonijiet proponenti jressqu l-programm tagħhom ta' l-anqas darbtejn fis-sena u li l-Istati Membri jressqu l-proposti tal-programmi lill-Kummissjoni bl-istess kundizzjonijiet.**

Emenda 22

Artikolu 16, paragrafu 2 a (ġdid)

**2a. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.**

**Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.**

Emenda 23

Artikolu 17, parti introduttorja

Qabel ma l-Kummissjoni tistabbilixxi l-elenki pprovduti fl-Artikolu 4, tiddefinixxi l-linji ta' gwida pprovduti fl-Artikolu 5, tapprova l-programmi msemmija fl-Artikoli 6 u 9, tiddeċiedi dwar azzjonijiet skond l-Artikolu 10 jew tadotta l-proċeduri ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 15, **tista'** tikkonsulta

Qabel ma l-Kummissjoni tistabbilixxi l-elenki stipulati fl-Artikolu 4, tiddefinixxi l-linji gwida fl-Artikolu 5, tapprova l-programmi msemmija fl-Artikoli 6 u 9, tiddeċiedi dwar azzjonijiet skond l-Artikolu 10 jew tadotta l-proċeduri ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 15, **għandha** tikkonsulta:

Emenda 24

Artikolu 18

Qabel il-31 ta' Diċembru **2012**, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif ukoll *kwakunkwe* proposta li tkun flokha.

Qabel il-31 ta' Diċembru **2010**, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif ukoll *kwakunkwe* proposta li tkun flokha.

P6\_TA(2007)0606

**Organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur tal-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2007 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur tal-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura (2007/2109(INI))***Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tad-29 ta' Settembru 2006 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 (COM(2006)0558),
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 1998 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-futur tas-suq tal-prodotti tas-sajd fl-Unjoni Ewropea: responsabilità, sħubija u kompetittività <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 1998 dwar l-industrija tal-priserv tal-prodotti tal-ħut u ta' l-akwakultura fl-Unjoni Ewropea <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-2 ta' Diċembru 1999 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Marzu 2002 dwar l-industrija ta' l-ipproċessar tal-ħut <sup>(5)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tad- 9 ta' Marzu 2006 dwar it-titjib tal-qagħda ekonomika ta' l-industrija tas-sajd (COM(2006)0103),
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Settembru 2006 dwar it-titjib tal-qagħda ekonomika ta' l-industrija tas-sajd <sup>(6)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Kumitat għas-Sajd tal-5 ta' Ġunju 2007 <sup>(7)</sup> dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 104/2000,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0467/2007),
- A. filwaqt li jafferma mill-ġdid l-importanza strateġika tas-settur tas-sajd għas-sitwazzjoni soċjo-ekonomika, għal fornimenti regolari tal-ħut u għall-bilanċ ta' l-ikel ta' numru ta' Stati Membri u ta' l-Unjoni Ewropea nfisha; filwaqt li jfakkar il-kontribuzzjoni kruċjali li s-settur tas-sajd għamel għall-koeżjoni ekonomika u soċjali billi ta spinta lill-iżvilupp tal-komunitajiet kostali u ppreserva u ħoloq attività ekonomika u impjegji kemm upstream u kif ukoll downstream, speċjalment f'reġjuni u komunitajiet anqas iffavoriti, kif ukoll għall-preservazzjoni ta' tradizzjonijiet kulturali lokali,
- B. billi l-organizzazzjoni komuni tas-suq (COM) tal-prodotti tas-sajd kienet l-ewwel element tal-politika komuni tas-sajd (CFP) li nħoloq, fl-1970, u minn dak iż-żmien saret waħda mill-erba' pilastru tagħha, flimkien mal-politika strutturali, il-preservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u r-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi,
- C. billi l-COM tal-prodotti tas-sajd għaddiet minn żewġ revizzjonijiet ewlenin, l-ewwel fl-1981 — li naqqset ir-rimi tal-ħut u introduċiet għajnuniet għall-carry-overs — u t-tieni fl-2000 — li skoraggiet b'mod sinifikanti r-rimi tal-ħut u saħħet l-irwol ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi fl-immaniġġjar tal-produtturi u l-intervent fis-suq,
- D. billi l-għanijiet ewlenin — li għadhom ma ntlaħqux — tal-COM tal-prodotti tas-sajd u l-akwakultura għandhom jiżguraw swieq stabbli għall-prodotti tas-sajd u għandhom jiżguraw dħul ġust għall-produtturi,

<sup>(1)</sup> ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.<sup>(2)</sup> ĠU C 210, 6.7.1998, p. 292.<sup>(3)</sup> ĠU C 210, 6.7.1998, p. 295.<sup>(4)</sup> ĠU C 194, 11.7.2000, p. 87.<sup>(5)</sup> ĠU C 47 E, 27.2.2003, p. 601.<sup>(6)</sup> ĠU C 306 E, 15.12.2006, p. 417.<sup>(7)</sup> [http://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2004\\_2009/organes/pech/pech\\_20070627\\_0900.htm](http://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2004_2009/organes/pech/pech_20070627_0900.htm).

**L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007**

- E. billi l-COM tal-prodotti tas-sajd trid tipprovdi reazzjoni għal suq ikkaratterizzat minn żbilanċi strutturali ewlenin fil-kummerċjalizzazzjoni, fid-distribuzzjoni u l-ipproċessar, fil-prezzijiet u fid-drawwiet tal-konsumatur,
- F. billi s-sistema eżistenti fejn l-ewwel bejgħ tal-ħut isir bl-irkant, kif ipprattikat fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri, għandha t-tendenza li tiżvantaġġja lill-produtturi, li jistgħu jispiċċaw ikollhom qligħ li jkun għaxar darbiet inqas minn dak tad-distributuri finali,
- G. billi l-COM tal-prodotti tas-sajd stabbiliet serje ta' mekkaniżmi ta' intervent fis-suq għall-appoġġ fil-prezzijiet u r-regolazzjoni tal-fornimenti tal-ħut, bil-għan ikun li l-konċentrazzjoni tal-forniment tiġi promossa permezz ta' appoġġ għall-ħolqien ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, li l-irwol tagħhom fl-intervent fis-suq ġie msaħħaħ anke jekk il-miżura ma ġietx akkumpanjata mill-appoġġ finanzjarju meħtieġ,
- H. billi l-ftehimiet kummerċjali bilaterali u l-introduzzjoni ta' sistema għall-kummerċ ma' pajjiżi terzi bil-għan li tiġi fornuta l-industrija ta' l-ipproċessar tal-ħut fl-Unjoni Ewropea rriżultaw fl-espressjoni ta' dubji fil-preferenza Komunitarja u f'żieda fil-pressjoni kompetittiva li laqtet il-prodotti Komunitarji, b'konsegwenzi diretti fuq id-dħul tas-settur,
- I. billi l-istrumenti tal-COM tal-prodotti tas-sajd ġew mibdula progressivament, filwaqt li tilfu l-importanza b'kuntrastr ma' pilastru u prijoritajiet oħrajn tas-CFP, bħall-konservazzjoni ta' stokkijiet tal-ħut u t-tnaqqis fl-isforz tas-sajd, li sar wieħed mill-oġġettivi ewlenin tas-CFP,
- J. billi l-COM tal-prodotti tas-sajd ma kkontribwietx biżżejjed għaż-żieda fil-prezzijiet fil-punt inizzjali tal-bejgħ jew għat-titjib fid-distribuzzjoni ta' valur miżjud mifrux matul il-katina tal-valur fis-settur tas-sajd, fejn, flimkien mad-distributuri kbar stabbiliti, is-supermarkets attivi fid-distribuzzjoni għandhom rwol dejjem aktar importanti,
- K. billi l-proċess ta' formazzjoni tal-prezzijiet fil-punt inizzjali tal-bejgħ tal-ħut evita li t-tluġ u l-inżul fil-fatturi ta' l-ispejjeż ta' produzzjoni jkollhom impatt fuq il-prezzijiet tal-ħut,
- L. billi l-prezzijiet medji fil-punt inizzjali tal-bejgħ staġnaw jew waqgħu mill-2000 'l hawn, iżda dan ma ġiex rifless b'mod sinifikanti fi tnaqqis tal-prezzijiet għall-konsumaturi finali ta' ħut frisk, u dawk il-prezzijiet, pjuttost, baqgħu telgħin b'mod kostanti,
- M. billi, skond ir-rapport ta' implimentazzjoni tal-EAGGF, l-ispiża reali mill-1974 sa l-2005 ammontat għal ftit anqas minn EUR 550 000 000, li tfiesser medja annwali ta' EUR 17 000 000, fi kliem ieħor baġit aktar minn modest għat-twettiq ta' l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 33 tat-Trattat KE,
- N. billi, fil-konklużjoni 5 tar-rapport tagħha fuq imsemmi tad-29 ta' Settembru 2006, il-Kummissjoni tirrikonoxxi d-diffikultà li l-prijoritajiet il-ġodda tal-COM tal-prodotti tas-sajd jiġu rikonċiljati ma' l-oġġettivi tagħha — bħall-garanzija ta' qligħ imsemmija fl-Artikolu 33 tat-Trattat — filwat li tisħaq, b'mod partikolari, li l-prezzijiet tas-suq ma segwewx l-ispejjeż ta' produzzjoni',
- O. billi, fir-riżoluzzjoni tiegħu fuq imsemmija tad-28 ta' Settembru 2006, il-Parlament ikkonkluda li l-opportunitajiet fil-COM eżistenti tal-prodotti tas-sajd għat-titjib tal-kompetittività ma ġewx sfruttati biżżejjed,
- P. billi, fir-riżoluzzjoni tiegħu fuq imsemmija tat-2 ta' Diċembru 1999, il-Parlament ippropona kundizzjonijiet aktar favorevoli għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' intervent fis-suq, speċjalment fir-rigward tar-rimi tal-ħut u l-appoġġ finanzjarju għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, iżda l-Kunsill ma laqax dawn il-proposti,
- Q. billi l-industrija issa qed turi li qed isserraħ aktar fuq l-importazzjoni, għad-dannu tal-produzzjoni interna,

## L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

- R. wara li kkunsidra l-eżistenza ta' defiċit ta' ikel fir-rigward tal-proteini tal-ħut u d-dipendenza attwali fuq importazzjonijiet għall-ħtiġijiet tal-konsumatur, fi żmien meta l-produzzjoni tal-Komunità nieżla sew filwaqt li l-produzzjoni dinjija qed tkompli tiżdied,
- S. billi l-Kummissjoni diġà rrikonoxxiet li daħlu prodotti fis-suq Komunitarju li ma jirrispettawx id-daqsijiet minimi stipulati fl-Unjoni Ewropea, primarjament minħabba l-falliment ta' l-implimentazzjoni tar-regoli ta' kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti ffriżati,
- T. billi, fil-komunikazzjoni tagħha fuq imsemmija tad-9 ta' Marzu 2006, il-Kummissjoni tisħaq dwar il-bżonn ta' revizzjoni tar-Regolament (KE) Nru 104/2000,
- U. billi, fir-riżoluzzjoni tiegħu fuq imsemmija tat-28 ta' Settembru 2006, il-Parlament jesprimi ruħu favur ir-reviżjoni, bħala kwistjoni ta' urġenza, tal-COM tal-prodotti tas-sajd, bil-għan li tingħata spinta lill-kontribut tagħha sabiex jiġu żgurati prezzijiet oġhla fil-punt inizjali tal-bejgħ u jkun hemm titjib fid-distribuzzjoni tal-valur miżjud fis-settur,
1. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li twettaq evalwazzjoni profonda tal-COM eżistenti tal-prodotti tas-sajd u l-akwakultura, iżda jesprimi dispjaċir għad-dewmien ta' kważi sena biex jiġi ppreżentat r-rapport ta' evalwazzjoni, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000;
  2. Jemmen li huwa meħtieġ, b'urġenza, li titwettaq revizzjoni mifruxa tal-COM tal-prodotti tas-sajd sabiex tingħata spinta lill-kontribuzzjoni tagħha ħalli jiġi ggarantit il-qligħ fis-settur, tiġi żgurata l-istabilità tas-suq, jitjiebu l-prodotti tas-sajd u jiżdied il-valur miżjud iġġenerat;
  3. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta, kemm jista' jkun malajr, komunikazzjoni dwar il-linji gwida u proposta għar-reviżjoni tal-COM fil-prodotti tas-sajd, filwaqt li jitqiesu l-proposti stipulati f'din ir-riżoluzzjoni;
  4. Jisħaq dwar il-ħtieġa li l-aġenti ekonomiċi ewlenin fis-settur, speċjalment is-sajjieda u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, jiġu involuti fil-proċess ta' revizzjoni tal-COM tal-prodotti tas-sajd, speċjalment waqt il-perjodu attwali ta' l-evalwazzjoni;
  5. Jenfasizza li s-settur tnaqsitlu l-kontribuzzjoni tal-COM tal-prodotti tas-sajd, speċjalment minn meta sarew ir-reviżjoni ta' l-2000; jemmen li wieħed mill-oġġettivi ewlenin ta' revizzjoni futura tal-COM tal-prodotti tas-sajd għandu jkun li din it-tendenza titreġġa' lura, partikolarment biż-żieda sinifikanti tar-riżorsi finanzjarji, biex b'hekk ikun possibbli li jiġi garantit finanzjar Komunitarju flivell xieraq għall-ħtiġijiet tas-settur tas-sajd sabiex l-oġġettivi stipulati fit-Trattat jiġu milħuqa;
  6. Jinnota li l-mekkaniżmi eżistenti ta' intervent huma karatterizzati minn livell għoli ta' konċentrazzjoni, u jstieden lill-Kummissjoni sabiex tiddetermina jekk dawn il-mekkaniżmi humiex l-aktar adattati u jekk dawn humiex flessibbli biżżejjed sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' l-istrutturi eżistenti ta' produzzjoni/kummerċjalizzazzjoni fl-Istati Membri, sabiex titjeb il-kummerċjalizzazzjoni tal-ħut u jiġi żgurat dħul ġust għall-produtturi;
  7. Jistieden lill-Kummissjoni, b'rabta ma' dan, sabiex tiddetermina jekk il-prodotti inklużi fil-varji annessi għar-Regolament (EC) Nru 104/2000, speċjalment fir-rigward ta' carry-overs u irtirar indipendenti, humiex l-aktar xierqa u jekk il-lista għandhiex tiġi emendata u mkabbra;
  8. Jemmen li l-ħlas b'kumpens għat-tonn għandu jiġi estiż, u jfakkar fil-proposti dwar dan fir-riżoluzzjoni tiegħu fuq imsemmija tad-19 ta' Ġunju 1998 dwar l-industrija tal-priserv ta' prodotti tal-ħut u l-akwakultura fl-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tintroduċi ħlas b'kumpens għas-sardin, kif propost fil-paragrafu 14(b) ta' dik ir-riżoluzzjoni;
  9. Jisħaq dwar l-importanza ta' l-ittikkettar u ta' informazzjoni preċiża għall-konsumatur, bil-għan li l-kwalità u l-valur miżjud tal-prodotti tas-sajd jingħataw spinta; jemmen li denominazzjonijiet kummerċjali, speċjalment għall-prodotti impurtati, hemm bżonn li jiġu eżaminati u ċċekkjati bir-reqqa kollha sabiex jiġi evitat li l-konsumatur jitqarraq;

**L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007**

10. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tħaffef il-proċess ta' ċertifikazzjoni ekoloġika ta' prodotti tas-sajd, billi dan huwa vitali biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta u b'saħħitha bejn aġenti ekonomiċi sew fl-Unjoni Ewropea u sew lil hinn minnha;
11. Jisħaq dwar il-ħtieġa li l-Fondi Strutturali jikkontribwixxu għall-modernizzazzjoni u l-ħolqien ta' infrastrutturi ta' appoġġ għall-produtturi fil-kuntest tal-produzzjoni/kummerċjalizzazzjoni, unitajiet koperti għar-refriġerazzjoni, ipproċessar, trasport u kummerċjalizzazzjoni/distribuzzjoni;
12. Jenfasizza li l-mekkaniżmi ta' intervent għandhom iqisu li prodotti tas-sajd jeħżienu malajr;
13. Jitlob għal appoġġ akbar għat-titjib tat-trattament tal-ħut abbord, speċjalment investiment f'sistemi ta' refriġerazzjoni u ppakkettar u t-titjib tas-saħħa u s-sikurezza abbord;
14. Jisħaq dwar il-ħtieġa li l-mekkaniżmi jiġu ppriservati u msaħħa bħala mezz ta' appoġġ speċjalment finanzjarju, għall-promozzjoni tal-konċentrazzjoni tal-forniment, speċjalment permezz ta' appoġġ ġenwin għall-ħolqien u l-iffinanzjar ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, u fuq kollox għal impriżi tas-sajd kostali u tradizzjonali fuq skala żgħira, kif rikonoxxut taħt ir-Regolament (KE) Nru 104/2000;
15. Jemmen li l-programmi operattivi għandhom jiżguraw — b'appoġġ finanzjarju xieraq — il-possibilità ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi li jkkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom direttament, bħala mezz sabiex isaħħu l-valur tal-produzzjoni tagħhom u jagħtu spinta lill-valur miżjud tal-prodotti tas-sajd; jitlob, għalhekk, sabiex jiġi emendat l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, kif propost fil-pożizzjoni tiegħu fuq imsemmija tat-2 ta' Diċembru 1999;
16. Jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li tinżamm ir-rabta diretta ta' għajnuna lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi fil-baġit tal-Komunità, filwaqt li tinfetaħ il-possibilità ta' għajnuniet kumplementari b'appoġġ għall-programmi operattivi min-naħa ta' l-Istati Membri, kif propost fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Diċembru 1999; jitlob sabiex l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 jiġi emendat f'dan is-sens;
17. Iqis bħala neċessarju t-twettiq ta' studju dwar ir-raġunijiet tal-falliment tal-possibilità li jinħolqu organizzazzjonijiet interprofessjonali introdotta fir-reviżjoni tal-COM tal-prodotti tas-sajd li saret fl-2000, u kif imsemmija fil-konklużjoni 4 tar-rapport tal-Kummissjoni fuq imsemmi tad-29 ta' Settembru 2006;
18. Jappoġġja l-inizjattiva li jiġi introdott kodiċi ta' kondotta li jkopri prodotti tas-sajd fl-Unjoni Ewropea li jkun ikopri lill-parteċipanti kollha fis-settur, bil-għan li jiddefinixxi regoli volontarji sabiex jiġi żgurat li jkun hemm tqassim aktar ġust tal-valur miżjud u tar-regoli ta' kummerċjalizzazzjoni matul il-katina tal-valur;
19. Jisħaq dwar l-importanza li jinħolqu swieq ta' l-oriġini u ta' prodotti tradizzjonali ta' kwalità partikolari, li jkunu appoġġjati minn fieri, minn negozji żgħar u mill-industrija ta' l-ikel, bħala mezz ta' kif tingħata spinta lill-valur miżjud ta' prodotti lokali u jiġi promoss l-iżvilupp lokali;
20. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tevalwa l-konsegwenzi tar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, u partikolarment l-impatt ta' l-importazzjoni fuq il-prezzijiet fil-punt inizjali tal-bejgħ; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiegħu pożizzjoni aktar soda fl-evalwazzjoni tagħha ta' relazzjonijiet kummerċjali esterni speċjalment meta tattiva l-mekkaniżmi ta' salvagwardja tad-WTO imsemmija fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) 104/2000, sabiex ma jiġux ipperikolati l-oġġettivi ta' l-Artikolu 33 tat-Trattat;
21. Jemmen li huwa vitali li għal prodotti tas-sajd impurtati u mibjugħa u kkummerċjalizzati fis-suq intern jiġu applikati l-istess regoli u rekwiżiti li japplikaw għall-prodotti tas-sajd Komunitarji, per eżempju f'termini ta' tikkettar, regoli ta' ndafa u saħħa jew il-projbizzjoni tad-dħul fis-suq Komunitarju ta' prodotti tas-sajd taħt id-daqs minimu awtorizzat għall-prodotti Komunitarji;
22. Jemmen li huwa essenzjali li jiġu pprovduti aktar fondi għall-COM fil-prodotti tas-sajd fir-reviżjoni li jmiss;
23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

P6\_TA(2007)0607

**Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni \*\*\*II**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2007 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea, li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (10537/3/2007 — C6-0353/2007 — 2005/0228(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (10537/3/2007 — C6-0353/2007) <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari <sup>(2)</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0579),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni annessi għal dan,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0482/2007),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 277 E, 20.11.2007, p.8.

<sup>(2)</sup> Testi Adottati, 14.3.2007, P6\_TA(2007)0067.

**P6\_TC2-COD(2005)0228**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-12 ta' Diċembru 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea, li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (KE) Nru 216/2008.)

Stqarrijiet tal-Kummissjoni

Artikolu 64

Fir-rigward ta' l-Artikolu 63, il-Kummissjoni tiddikjara li, meta tkun qed temenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 593/2007 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni, il-Kummissjoni trid tagħti l-attenzjoni dovuta lill-qagħda speċifika ta' l-impriżi żgħar u medji, u b'mod partikolari lill-impatt li l-livell tad-drittijiet u l-ħlasijiet jista' jkollu fuq il-vijabbiltà ekonomika tagħhom, filwaqt li tkompli tiżgura l-osservanza tal-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni u li d-dħul mill-attività ta' ċertifikazzjoni ta' l-Aġenzija jibqa' biżżejjed biex tiġi koperta l-ispiża kollha tas-servizzi mogħtija.

**L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007**

L-Artikolu 3 (j) (i), ir-raba' inċiż

“Fir-rigward tad-definizzjoni ta' inġenji ta' l-ajru kumplessi mmexxija minn magna, il-Kummissjoni se tivvaluta l-impatt ekonomiku fuq is-swieq ta' l-ajruplani mġhammra b'magni turboġett jew b'aktar minn magna turboprop waħda f'definizzjoni bħal din u se titlob lill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni tissorvelja l-prestazzjoni ta' sigurtà tagħhom.”

Anness II punt e (inġenji ta' l-ajru ultra-ħfief)

“Il-Kummissjoni se titlob lill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni tmexxi konsultazzjonijiet formali mal-partijiet kollha u tressaq opinjoni motivata għal bidla lill-Anness II punt e, bil-għan li tinkludi fih inġenji ta' l-ajru ultra-ħfief ta' inqas minn 600 Kg, jekk meħtieġ.”

**P6\_TA(2007)0608****Indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel (COM(2007)0368 — C6-0200/2007 — 2007/0128(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0368),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0200/2007),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0464/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni;

**P6\_TA(2007)0609****Modifika dwar il-protezzjoni legali tad-disinni u tal-mudelli \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/71/KE dwar il-protezzjoni legali tad-disinni u tal-mudelli (COM(2004)0582 — C6-0119/2004 — 2004/0203(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2004)0582),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0119/2004),

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetariji u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A6-0453/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kumitat u lill-Kummissjoni.

### P6\_TC1-COD(2004)0203

#### **Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Diċembru 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2008/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda Direttiva 98/71/KE dwar il-protezzjoni legali tad-disinni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni ||,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>(1)</sup>,

Waqt li aġixxew skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 251 tat-Trattat<sup>(2)</sup>,

Billi:

- 1) || L-uniku għan tal-protezzjoni tad-disinn huwa li jingħataw drittijiet esklussivi għad-dehra ta' prodott, imma mhux monopolju fuq il-prodott fih innifsu. Il-protezzjoni ta' disinn li għalihom m'hemm l-ebda alternattiva Prattika se twassal fil-fatt għal monopolju tal-prodott. Tali protezzjoni tkun toqrob għal abbuż tar-reġim tad-disinn. Jekk partijiet terzi jitħallew jipproduċu u jqassmu *spare parts*, il-kompetizzjoni se tinżamm. Jekk il-protezzjoni tad-disinn tkun estiża għall-*ispare parts*, tali partijiet terzi se jiksru dawk id-drittijiet, il-kompetizzjoni tkun eliminata u l-pussessur tad-disinn jkun de facto mogħti monopolju tal-prodott.
- 2) || Id-differenzi fil-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-użu tad-disinni protetti għall-iskop li tkun permessa tiswiġa ta' prodott kumpless sabiex tinġieb mill-ġdid id-dehra oriġinali tiegħu, fejn il-prodott li jinkorpora d-disinn jew li għalih ikun applikat id-disinn jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott kumpless li fuq id-dehra tiegħu jiddependi d-disinn protett, jaffettwaw direttament it-twaqqif u l-funzjoni tas-suq intern fir-rigward ta' oġġetti li jinkorporaw disinni. Dawn id-differenzi jistgħu jfixxlu l-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern.
- 3) || Huwa għalhekk neċessarju għal funzjoni tajba tas-suq intern li jkunu approssimati l-liġijiet tal-protezzjoni tad-disinn ta' l-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-użu tad-disinni protetti għall-iskop ta' tiswiġa ta' prodott kumpless sabiex tinġieb mill-ġdid id-dehra oriġinali tiegħu.
- 4) || Sabiex ikompli mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1400/2002 tal-31 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat fuq kategoriji ta' ftehim vertikali u prattiċi miftiehma fis-settur tal-vettur bil-mutur<sup>(3)</sup> li jikkonċerna l-abbiltà tal-manifattur li jpoġġi l-marka tan-negożju jew il-logo tiegħu fuq komponenti jew *spare parts* b'mod viżibbli u effettiv, **għandu jiġi żgurat li l-konsumaturi jkunu informati sew dwar l-oriġni ta' l-*ispare parts*, pereżempju** b'informazzjoni dwar il-marki tan-negożju jew logos impoġġija fuq il-partijiet konċernati.

<sup>(1)</sup> ĠU C 286, 17.11.2005, p. 8.

<sup>(2)</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2007.

<sup>(3)</sup> ĠU L 203, 1.8.2002, p. 30. Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att t' Adeżjoni ta' l-2003.



L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

(5) *Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi qafas għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-magna u t-trailers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet simili* <sup>(1)</sup> tinkludi *dispożizzjonijiet għall-ittestjar ta' spare parts manifatturati minn produttori indipendenti sabiex jiġi żgurat li dawn jissodisfaw il-kriterji ta' sigurtà u dawk ambjentali u l-proċeduri l-ġodda li din id-Direttiva tippreskrivi ser jipprovdur salvagwardji msaħħa għall-konsumatur f'suq kompletament deregolat.*

(6) Id-Direttiva 98/71/KE <sup>(2)</sup> għandha tkun emendata skond dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

#### Artikolu 1

L-Artikolu 14 tad-Direttiva 98/71/KE għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 14

Disinni inkorporati fpartijiet komponenti għal finijiet ta' tiswija

1. Il-protezzjoni bħala disinn m'għandhiex teżisti għal disinn li **jkun inkorporat fi prodott jew applikat fuqu, li jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott kumpless u li jkun** użat fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 12(1) || għal skop ta' tiswija ta' dak il-prodott kumpless sabiex tinġieb mill-ġdid id-dehra oriġinali tiegħu. **Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika meta l-iskop prinċipali li għalih il-komponent imsemmi jitpoġġa fis-suq ikun differenti mit-tiswija tal-prodott kumpless.**

2. **Il-Paragrafu 1 japplika sakemm il-konsumaturi jkunu informati sew dwar l-oriġini tal-prodott użat għal skopijiet ta' tiswija permezz ta' mmarkar, bħal pereżempju marka tan-negozju jew logo, jew f'forma oħra xierqa,** sabiex ikunu jistgħu jagħmlu għażla informata bejn **il-prodotti għal skopijiet ta' tiswija li jkunu f'kompetizzjoni.**

3. **Il-paragrafu 1 għandu japplika biss fir-rigward ta' partijiet komponenti viżibbli fis-suq ta' wara ladarba l-prodott kumpless huwa kkummerċjalizzat fis-suq intern primarju mill-proprjetarju tad-dritt tad-disinn jew bil-kunsens tiegħu.”**

#### Artikolu 2

**Stati Membri li skond il-leġiżlazzjoni attwali tagħhom jipprovdur għall-ħarsien tad-disinn għal disinn li jikkostitwixxi parti komponenti minn prodott kumpless użat fis-sens ta' l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 98/71/KE għall-iskop ta' tiswija ta' dak il-prodott kumpless sabiex terġa' tinkiseb id-dehra oriġinali tiegħu, jistgħu jżommu dan il-ħarsien tad-disinn għal ...** <sup>(3)</sup>.

#### Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa... <sup>(4)</sup>. Għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

<sup>(1)</sup> ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 289, 28.10.1998, p. 28.

<sup>(3)</sup> **Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.**

<sup>(4)</sup> Mhux iktar tard minn sentejn wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, huma għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

#### Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

#### Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi ||

Għall-Parlament Ewropew  
Il-President

Għall-Kunsill  
Il-President

P6\_TA(2007)0610

### Organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid \*

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid u li jemenda ċerti Regolamenti (COM(2007)0372 — C6-0254/2007 — 2007/0138(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0372),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 36 u 37 tat-Trattat KE, skond liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0254/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A6-0477/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
MILL-PARLAMENT

#### Emenda 1

PREMESSA 1 A (ġdida)

**(1a) L-Unjoni Ewropea hija l-akbar produttriċi ta' l-inbid fid-dinja, b'aktar minn miljun u nofs intrapriża tad-dwieli, u hi l-akbar esportatriċi kif ukoll l-akbar konsumatur fil-livell internazzjonali.**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 2

PREMESSA 2

(2) **Il**-konsum ta' l-inbid fil-Komunità kulma jmur qed jonqos, filwaqt li mill-1996 'il hawn, il-volum **ta' l-inbid esportat** mill-Komunità qiegħed jiżdied b'ritmu ħafna aktar kajman minn dak ta' l-importazzjoni. Din il-qagħda wasslet għal telf fil-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda, li min-naħa tiegħu jinħass fil-prezzijiet tal-produzzjoni u fid-dħul tal-produtturi.

(2) **Minkejja żieda fil-bejgħ ta' l-inbid ta' kwalità kif ukoll fl-esportazzjoni ta' l-inbid tal-Komunità**, il-konsum ta' l-inbid fil-Komunità kulma jmur qed jonqos, filwaqt li mill-1996 'il hawn, il-volum ta' **l-esportazzjonijiet ta' ċerti nbejjed** mill-Komunità qiegħed jiżdied b'ritmu ħafna aktar kajman minn dak ta' l-importazzjoni **ta' l-inbejjed ta' l-istess tip**. Din il-qagħda wasslet għal telf fil-bilanċ **ġenerali** bejn il-provvista u d-domanda **ta' ċerti nbejjed**, li min-naħa tiegħu jinħass fil-prezzijiet tal-produzzjoni u fid-dħul tal-produtturi.

Emenda 3

PREMESSA 3

(3) Mhux l-istrumenti kollha inklużi attwalment fir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 urew l-effiċjenza ta' tagħhom biex joħlqu settur kompetittiv u sostenibbli. **Il**-mekkaniżmi tas-suq, **bħad-distillazzjoni ta' kriżi**, ma rriżultawx effiċjenti f'termini ta' nfiq, tant li wasslu għal eċċessi strutturali mingħajr l-esiġenza ta' titjib fl-istrutturi rilevanti ta' kompetittività. Barra minn hekk, uħud mill-miżuri regolatorji fis-seħħ illimitaw bla bżonn l-attivajiet tal-produtturi kompetittivi.

(3) Mhux l-istrumenti kollha inklużi attwalment fir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 urew l-effiċjenza ta' tagħhom biex joħlqu settur kompetittiv u sostenibbli. **Ċerti** mekkaniżmi tas-suq ma rriżultawx effiċjenti f'termini ta' nfiq, tant li wasslu għal eċċessi strutturali mingħajr l-esiġenza ta' titjib fl-istrutturi rilevanti ta' kompetittività. Barra minn hekk, uħud mill-miżuri regolatorji fis-seħħ illimitaw bla bżonn l-attivajiet tal-produtturi kompetittivi.

Emenda 4

PREMESSA 3 A (ġdida)

(3a) **Il-valur tal-bilanċ tad-disponibilitajiet ta' iktar minn 14 % tal-produzzjoni Komunitarja hu ta' EUR 5 200 000 000. Dan jista' jitwettaq permezz ta' żieda mmirata ta' 75 miljun konsumatur intern ġdid jew permezz ta' promozzjoni ta' l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi fejn teżisti talba solventi ta' għexieren ta' miljuni ta' konsumaturi, li tikkorrispondi għal żieda konsiderevoli tad-dħul għas-settur.**

Emenda 5

PREMESSA 3 B (ġdida)

(3b) **It-tneħħija immedjata tal-miżuri tas-suq ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq attwali se jkollha effett negattiv ħafna fuq is-settur, u għalhekk hu importanti li jiġi stabbilit perjodu tranżitorju bejn l-organizzazzjoni komuni tas-suq attwali u l-organizzazzjoni komuni tas-suq li ġejja.**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 6

PREMESSA 5

(5) Għaldaqstant, fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba, jeħtieġ li jinbidel mill-qiegħ ir-reġim Komunitarju applikabbli għas-settur ta' l-inbid, bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet li ġejjin: it-tkattir tal-kompetittività tal-produtturi ta' l-inbid fl-UE; it-tisħiħ tar-reputazzjoni ta' l-inbid ta' kwalità tal-Komunità bħala l-aqwa fid-dinja; il-ksib mill-ġdid ta' swieq qodma u l-akkwist ta' swieq ġodda fil-Komunità u madwar id-dinja; il-ħolqien ta' reġim ta' l-inbid li jopera permezz ta' regoli ċari, sempliċi u effettivi li jibbilanċjaw il-provvista u d-domanda; il-ħolqien ta' reġim ta' l-inbid li jżomm l-aqwa tradizzjonijiet tal-produzzjoni ta' l-inbid fil-Komunità, li jsaħħaħ in-nisġa soċjali ta' ħafna żoni rurali, u li jiżgura li kull produzzjoni tirrispetta l-ambjent. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi rrevokat ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 u jinbidel ma' dan ir-Regolament ġdid.

(5) Għaldaqstant, fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba, jeħtieġ li jinbidel mill-qiegħ ir-reġim Komunitarju applikabbli għas-settur ta' l-inbid, bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet li ġejjin: it-tkattir tal-kompetittività tal-produtturi ta' l-inbid fl-UE; it-tisħiħ tar-reputazzjoni ta' l-inbid ta' kwalità tal-Komunità bħala l-aqwa fid-dinja; il-ksib mill-ġdid ta' swieq qodma u l-akkwist ta' swieq ġodda fil-Komunità u madwar id-dinja, **b'kunsiderazzjoni partikulari tat-talba li qed tiżdied b'mod kostanti fuq l-iswieq li ġejjin mill-Asja, sors ta' kompetizzjoni u ta' opportunitajiet għall-produtturi Ewropej ta' l-inbid**; il-ħolqien ta' reġim ta' l-inbid li jopera permezz ta' regoli ċari, sempliċi u effettivi li jibbilanċjaw il-provvista u d-domanda; il-ħolqien ta' reġim ta' l-inbid li jżomm l-aqwa tradizzjonijiet tal-produzzjoni ta' l-inbid fil-Komunità, **li jtejjeb il-livell tal-ħajja tal-bdiewa**, li jsaħħaħ in-nisġa soċjali ta' ħafna żoni rurali, u li jiżgura li kull produzzjoni tirrispetta l-ambjent. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi rrevokat ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 u jinbidel ma' dan ir-Regolament ġdid.

Emenda 7

PREMESSA 5 A (ġdida)

(5a) **L-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid għandha toħloq il-kundizzjonijiet tal-ġbir li jippermettu lis-settur ta' l-inbid li jirreaġixxi b'mod awtonomu għall-eżiġenzi tas-swieq billi jikkunsidra l-interessi tal-konsumaturi, ta' l-opportunitajiet indaqs għall-isfruttar ta' l-inbid, inkluż għat-trasformazzjoni, fl-intern ta' l-Istati Membri u minn Stat Membru għal ieħor, kif ukoll kunsiderazzjonijiet ekoloġiċi.**

Emenda 8

PREMESSA 9

(9) Huwa importanti li jkunu pprovduti miżuri ta' appoġġ li jsaħħu l-istrutturi ta' kompetizzjoni. Filwaqt li dawn il-miżuri għandhom ikunu ffinanzjati u ddefiniti mill-Komunità, għandu jkun fidejn l-Istati Membri li jagħżlu t-taħlita t-tajba adattata tagħhom għall-ħtiġijiet tat-territorji rispettivi tagħhom, b'qies għall-karatteristiċi partikolari tar-reġjuni fejn meħtieġ, kif ukoll li jintegraw il-miżuri magħżula fil-programmi nazzjonali ta' appoġġ. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli wkoll għall-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi.

(9) Huwa importanti li jkunu pprovduti miżuri ta' appoġġ li jsaħħu l-istrutturi ta' kompetizzjoni. Filwaqt li **xi wħud minn** dawn il-miżuri għandhom ikunu ffinanzjati u ddefiniti mill-Komunità, għandu jkun fidejn l-Istati Membri li jagħżlu t-taħlita t-tajba adattata tagħhom għall-ħtiġijiet tat-territorji rispettivi tagħhom, b'qies għall-karatteristiċi partikolari tar-reġjuni fejn meħtieġ, kif ukoll li jintegraw il-miżuri magħżula fil-programmi nazzjonali ta' appoġġ. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli wkoll għall-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi.

Emenda 9

PREMESSA 9 A (ġdida)

(9a) **L-ispiża annwali tar-riforma hi stmata għal madwar EUR 1 300 000 000, li tikkorrispondi għal-livell attwali ta' spejjeż għas-settur ta' l-inbid. Dan l-ammont għandu jitqassam bejn il-pakketti nazzjonali u l-miżuri implimentati fil-livell Komunitarju. It-tqassim bejn l-Istati Membri tal-baġit allokat għall-programmi nazzjonali għandu jsir fuq il-bażi ta' kriterji ta' tqassim storiku, taż-żona miżrugħa u ta' l-istorja tal-produzzjoni.**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENTEmenda 10  
PREMESSA 10

(10) *Il-mustieħ finanzjarju għat-tqassim fost l-Istati Membri tal-fondi għall-programmi nazzjonali ta' appoġġ għandu jissejjes fuq tliet kriterji: l-ewwel wieħed il-perċentwal storiku tal-baġit għall-vitikultura, u t-tnejn l-oħra l-erja mħawla mid-dwieli u l-produzzjoni storika.*

imħassra

Emenda 11  
PREMESSA 10 A (ġdida)

(10a) *Il-fondi maħsuba għall-programmi ta' għajjnuna nazzjonali ta' Stat Membru — miżuri ta' promozzjoni mhux inklużi — ma jistgħux ikunu inqas mis-somma totali mogħtija lil dak l-Istat Membru fl-2008 għal skopijiet ta' ristrutturazzjoni.*

Emenda 12  
PREMESSA 11

(11) *Miżura fundamentali f'dawn il-programmi għandha tkun il-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' l-inbejjed tal-Komunità **fpajjiżi terzi**, u għandu jiġi allokat ċertu ammont tal-baġit għal din il-miżura. Fid-dawl ta' l-effetti strutturali pożittivi tagħhom fuq is-settur, l-attivitatiet ta' ristrutturar u trasformazzjoni għandhom ikomplu jkunu koperti. Strumenti ta' prevenzjoni, **bħall-assigurazzjoni tal-ħsad, il-fondi reċiproċi u l-ħsad bikri**, għandhom ikunu eliġibbli għal għajjnuna fil-qafas tal-programmi ta' appoġġ, sabiex titħeġġeġ strateġija responsabbli għal sitwazzjonijiet ta' kriżi.*

(11) *Miżura fundamentali f'dawn il-programmi għandha tkun il-promozzjoni, **l-informazzjoni dwar l-effetti pożittivi tal-konsum moderat ta' l-inbid u l-effetti negattivi ta' konsum mhux moderat ta' l-alkoħol, il-familjarità mas-suq** u l-kummerċjalizzazzjoni ta' l-inbejjed tal-Komunità u għandu jiġi allokat ċertu ammont tal-baġit għal din il-miżura. Fid-dawl ta' l-effetti strutturali pożittivi tagħhom fuq is-settur, l-attivitatiet ta' ristrutturar u trasformazzjoni għandhom ikomplu jkunu koperti. **Kemm** strumenti ta' prevenzjoni **kif ukoll strumenti ta' żvilupp tas-settur li jkollhom l-għan li jtejbu l-kwalità tal-prodotti u l-iżbokki kummerċjali u ta' rikambju tagħhom** għandhom ikunu eliġibbli għal għajjnuna fil-qafas tal-programmi ta' appoġġ, sabiex titħeġġeġ strateġija responsabbli għal sitwazzjonijiet ta' kriżi.*

Emenda 13  
PREMESSA 12

(12) *Fejn ikun vijabbli, il-finanzjament mill-Komunità tal-miżuri eliġibbli għandu jkunu suġġett għall-konformità tal-produtturi kkonċernati ma' ċerti regoli ambjentali fis-seħħ. Kull fejn jinstab nuqqas ta' konformità f'dan ir-rigward, għandhom jitnaqqsu l-għajnuniet b'mod korrispondenti.*

imħassra

Emenda 14  
PREMESSA 13

(13) *L-appoġġ għas-settur għandu jiġi wkoll minn miżuri strutturali fil-qafas tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-EAFRD).*

imħassra

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 15

PREMESSA 14

(14) **Il-miżuri li ġejjin, inklużi fir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, huma ta' interess għas-settur ta' l-inbid: l-istabiliment** ta' bdiewa żgħażaġh u ta' investimenti f'taġħmir tekniku u fit-titjib tal-kummerċjalizzazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, **appoġġ** għall-informazzjoni u għall-promozzjoni għal organizzazzjonijiet ta' produttori li jaddottaw l-iskema ta' kwalità, l-appoġġ agroambjentali, l-irtirar kmieni konċess għal bdiewa li jiddeċiedu li jtemmu kull attività agrikola kummerċjali b'mod definittiv sabiex jittrasferixxu l-azjenda lil bdiewa oħrajn.

(14) **Fil-qafas tal-pakketti nazzjonali, għandhom ikunu eleggibbli l-miżuri li jikkonċernaw l-installazzjoni** ta' bdiewa żgħażaġh, **l-investimenti f'taġħmir tekniku, it-titjib relattiv tal-kummerċjalizzazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, l-appoġġ** għall-informazzjoni u għall-promozzjoni għal organizzazzjonijiet ta' produttori li jaddottaw l-iskema ta' kwalità, l-appoġġ agroambjentali, **kif ukoll** l-irtirar kmieni konċess għal bdiewa li jiddeċiedu li jtemmu kull attività agrikola kummerċjali b'mod definittiv sabiex jittrasferixxu l-azjenda lil bdiewa oħrajn.

Emenda 16

PREMESSA 15

(15) **Biex jiżiedu l-mezzi finanzjarji disponibbli fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, jeħtieġ li jiġi stabbilit trasferiment progressiv ta' fondi għall-baġit taħt dan ir-Regolament.**

imħassra

Emenda 17

PREMESSA 16 A (ġdida)

(16a) **Il-fiduċja tal-konsumaturi fil-kwalità ta' l-inbejjed Ewropej hi determinanti għall-bejgħ ta' l-inbid fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi. Biex tkun garantita din il-fiduċja, hu importanti li jkun hemm enfasi, fil-qafas tal-miżuri ta' regolamentazzjoni, fuq il-ġestjoni tal-kwalità u fuq l-informazzjoni.**

Emenda 18

PREMESSA 16 B (ġdida)

(16b) **Hu importanti li l-azzjonijiet ta' promozzjoni jqisu l-istudji mwettqa fuq il-kostitwenti ta' l-inbid u fuq l-effetti li konsum moderat ta' dan ta' l-aħħar jista' jkollu fuq is-saħħa umana.**

Emenda 19

PREMESSA 19

(19) Il-prodotti koperti minn dan ir-Regolament għandhom jiġu prodotti skond ċerti regoli dwar il-prattiċi enoloġiċi u restrizzjonijiet, li jiggarrantixxu li jiġi indirizzat it-tħassib rigward is-saħħa kif ukoll li jintlaħqu l-aspettattivi tal-konsumaturi fir-rigward tal-kwalità u l-metodi ta' produzzjoni. **Għall-iskopijiet ta' flessibilità, il-Kummissjoni għandha tingħatalha r-responsabbiltà li żżomm dawn il-prattiċi aġġornati u li tawtorizza Prattiċi ġodda, għajr fl-oqsma politikament sensitivi ta' l-arrikkiment u l-aċidifikazzjoni. Fil-każ ta' dawn ta' l-aħħar, il-Kunsill għandu jibqa' kompetenti fir-rigward ta' tibdiliet eventwali.**

(19) Il-prodotti koperti minn dan ir-Regolament għandhom jiġu prodotti skond ċerti regoli dwar il-prattiċi enoloġiċi u restrizzjonijiet, li jiggarrantixxu li jiġi indirizzat it-tħassib rigward is-saħħa kif ukoll li jintlaħqu l-aspettattivi tal-konsumaturi fir-rigward tal-kwalità u l-metodi ta' produzzjoni. **Hu importanti, għalhekk, li titħejja lista ta' Prattiċi enoloġiċi u li l-Kunsill jżomm kull kompetenza fil-qasam ta' l-attwalizzazzjoni ta' dawn il-prattiċi u ta' l-approvazzjoni ta' Prattiċi ġodda.**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 20

PREMESSA 21

(21) Fid-dawl tal-kwalità fqira ta' l-inbid li jinkiseb mit-tagħsir żejjed, din il-prattika għandha tkun ipprojbita.

(21) Fid-dawl tal-kwalità fqira ta' l-inbid li jinkiseb mit-tagħsir żejjed, din il-prattika għandha tkun ipprojbita **u jiġu stabbiliti mekkaniżmi li jiżguraw li din il-projbizzjoni tiġi rrispettata.**

Emenda 21

PREMESSA 21 A (ġdida)

(21a) **Għal raġunijiet ta' ħarsien ta' l-ambjent, anke jekk b'xi derogi, huwa importanti li jinhloq l-obbligu li jingħata għad-distillazzjoni t-total tal-prodotti sekondarji tal-produzzjoni ta' l-inbid.**

Emenda 22

PREMESSA 22

(22) **Biex jintlaħqu l-istandards internazzjonali f'dan il-qasam, il-Kummissjoni għandha ġeneralment timxi fuq il-bażi tal-prattiki enoloġiċi awtorizzati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (I-OIV). Dawn l-istandards għandhom japplikaw ukoll għall-inbejjed Komunitarji maħsubin għall-espertazzjoni, indipendentement minn regoli aktar stretti li jistgħu jkunu applikabbli fil-Komunità, sabiex ma jixxekklu l-attivitàjiet tal-produtturi Komunitarji fi swieq barranin.**

**imħassra**

Emenda 23

PREMESSA 29

(29) Id-denominazzjonijiet ta' l-orìġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati għandhom igawdu mill-protezzjoni kontra użi li jisfruttaw b'mod mhux xieraq **ir-reputazzjoni li ħaqqhom il-prodotti konformi.** Sabiex titħeġġeġ il-kompetizzjoni ġusta u biex il-konsumaturi ma jiġux imqarrqa, din il-protezzjoni għandha tolqot ukoll prodotti u servizzi mhux koperti minn dan ir-Regolament, inklużi dawk li mhumiex imniżżlin fl-Anness I tat-Trattat.

(29) Id-denominazzjonijiet ta' l-orìġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, **l-istess bħad-denominazzjonijiet li jikkorrispondu għal unitajiet ġeografiċi iżgħar mid-denominazzjonijiet ta' orìġini jew l-indikazzjoni ġeografika ta' bażi u li jkollhom isem differenti mid-denominazzjoni ta' l-orìġini,** kontra **kull użu ta' natura li tagħmel ħsara lir-reputazzjoni assoċjata mal-prodotti li jirrispondu għall-eżiġenzi korrispondenti jew** li jisfruttaw b'mod mhux xieraq **din ir-reputazzjoni.** Sabiex titħeġġeġ il-kompetizzjoni ġusta u biex il-konsumaturi ma jiġux imqarrqa, din il-protezzjoni għandha tolqot ukoll prodotti u servizzi mhux koperti minn dan ir-Regolament, inklużi dawk li mhumiex imniżżlin fl-Anness I tat-Trattat.

Emenda 24

PREMESSA 33

(33) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, id-denominazzjonijiet ta' l-orìġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi li diġà jeżistu fil-Komunità għandhom ikunu eżenti mill-applikazzjoni tal-proċedura l-ġdida ta' eżaminar. Madankollu, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni t-tagħrif bażiku u l-atti li permezz tagħhom ikunu ġew rikonnoxxuti fil-livell nazzjonali. **Fin-nuqqas ta' dan, il-prodotti kkonċernati għandhom jitilfu l-protezzjoni tagħhom bħala denominazzjonijiet ta' l-orìġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi. Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' ċertezza legali, għandu jkun limitat l-ambitu ta' applikazzjoni għat-tħassir ta' denominazzjonijiet ta' l-orìġini u indikazzjonijiet ġeografiċi eżistenti.**

(33) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, id-denominazzjonijiet ta' l-orìġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi li diġà jeżistu fil-Komunità għandhom ikunu eżenti mill-applikazzjoni tal-proċedura l-ġdida ta' eżaminar. Madankollu, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni t-tagħrif bażiku u l-atti li permezz tagħhom ikunu ġew rikonnoxxuti fil-livell nazzjonali.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 25

PREMESSA 34

(34) *Jeh tiegħ li titneħħa l-possibbiltà li l-ismijiet ġeografiċi jkunu protetti fil-livell nazzjonali billi jitqiesu ekwivalenti għal denominazzjonijiet ta' l-oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi.*

*imħassra*

Emenda 26

PREMESSA 37

(37) Dawn ir-regoli għandhom jipprovdu għall-użu obligatorju ta' ċerti termini biex jidentifikaw il-prodott skond il-kategoriji tal-bejgħ, u biex tingħata lill-konsumaturi ċerta informazzjoni importanti. L-użu ta' elementi oħrajn ta' informazzjoni fakultattiva għandu jiġi indirizzat ukoll fil-qafas Komunitarju.

(37) Dawn ir-regoli għandhom jipprovdu għall-użu obligatorju ta' ċerti termini biex jidentifikaw il-prodott skond il-kategoriji tal-bejgħ, u biex tingħata lill-konsumaturi ċerta informazzjoni importanti, **fosthom il-kwalità tal-bottiljatur**. L-użu ta' elementi oħrajn ta' informazzjoni fakultattiva għandu jiġi indirizzat ukoll fil-qafas Komunitarju.

Emenda 27

PREMESSA 38

(38) Għajr jekk diġà jkun hemm dispożizzjonijiet f'dan ir-rigward, ir-regoli dwar it-tikkettar fis-settur ta' l-inbid għandhom jikkomplimentaw dawk stipulati fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/13/KE dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti ta' l-ikel, li japplikaw orizzontalment. L-esperjenza turi li ma jaqbilx li ssir distinzjoni bejn ir-regoli dwar it-tikkettar skond il-kategorija tal-prodotti ta' l-inbid. Ir-regoli għandhom japplikaw għall-kategoriji kollha differenti ta' nbid, inklużi l-prodotti importati. **B'mod partikolari, għandhom jippermettu l-indikazzjoni ta' varjetà ta' għeneb ta' l-inbid u ta' ħsad fuq nbejjed mingħajr denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika, suġġetta għal rekwiżiti li jirrigwardaw l-eżattezza tat-tikkettar u l-monitoraġġ rispettiv.**

(38) Għajr jekk diġà jkun hemm dispożizzjonijiet f'dan ir-rigward, ir-regoli dwar it-tikkettar fis-settur ta' l-inbid għandhom jikkomplimentaw dawk stipulati fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2000/13/KE ta' l-20 ta' Marzu 2000 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti ta' l-ikel, li japplikaw orizzontalment. L-esperjenza turi li ma jaqbilx li ssir distinzjoni bejn ir-regoli dwar it-tikkettar skond il-kategorija tal-prodotti ta' l-inbid. Ir-regoli għandhom japplikaw għall-kategoriji kollha differenti ta' nbid, inklużi l-prodotti importati.

Emenda 28

PREMESSA 38 A (ġdida)

(38a) *Id-deskrizzjoni, id-denominazzjoni u l-preżentazzjoni tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament huma determinanti għall-prospetti ta' kummerċjalizzazzjoni. F'dak li jikkonċerna t-tikkettar, hemm bżonn li jinżammu distinzjonijiet skond il-kategoriji differenti ta' nbid u reġim ta' protezzjoni għat-termini tradizzjonali eżistenti, biex ikun identifikat il-prodott u biex tingħata ċerta informazzjoni essenzjali lill-konsumaturi.*



## L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 29

## PREMESSA 39

(39) L-eżistenza u t-twaqqif ta' organizzazzjonijiet ta' produturi **għad għandhom il-potenzjal li** jikkontribwixxu għall-qadi tal-bżonnijiet tas-settur ta' l-inbid, kif iddefiniti fil-livell Komunitarju. Il-fejda tagħhom għandha tkun fl-ambitu u fl-effiċjenza tas-servizzi li joffru lill-membri tagħhom. L-istess jgħodd għall-organizzazzjonijiet interprofessjonali. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-organizzazzjonijiet li jilħqu ċerti rekwiżiti ddefiniti fil-livell Komunitarju.

(39) L-eżistenza u t-twaqqif ta' organizzazzjonijiet ta' produturi **jistgħu** jikkontribwixxu għall-qadi tal-bżonnijiet tas-settur ta' l-inbid, kif iddefiniti fil-livell Komunitarju. Il-fejda tagħhom għandha tkun fl-ambitu u fl-effiċjenza tas-servizzi li joffru lill-membri tagħhom. L-istess jgħodd għall-organizzazzjonijiet interprofessjonali. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-organizzazzjonijiet li jilħqu ċerti rekwiżiti ddefiniti fil-livell Komunitarju. **Madankollu, għandha issir distinzjoni fil-kompetenzi ta' dawn iż-żewġ tipi ta' organizzazzjonijiet.**

## Emenda 30

## PREMESSA 42

(42) Il-monitoraġġ tal-flussi kummerċjali huma fuq kollox kwistjoni ta' tmexxija li għandha tiġi indirizzata b'mod flessibbli. **B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar ir-rekwiżiti li għandhom jissodisfaw il-liċenzji, b'qies għall-ħtieġa ta' liċenzji ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni** għall-ġestjoni tas-swieq ikkonċernati, u b'mod partikolari, għall-monitoraġġ ta' l-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati. Madankollu, kundizzjonijiet ġenerali applikabbli għal dawn il-liċenzji għandhom ikunu stipulati f'dan ir-Regolament.

(42) Il-monitoraġġ tal-flussi kummerċjali huma fuq kollox kwistjoni ta' tmexxija li għandha tiġi indirizzata b'mod flessibbli għall-ġestjoni tas-swieq ikkonċernati, u b'mod partikolari, għall-monitoraġġ ta' l-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati. Madankollu, kundizzjonijiet ġenerali applikabbli **għal-liċenzji ta' importazzjoni u esportazzjoni** għandhom ikunu stipulati f'dan ir-Regolament.

## Emenda 31

## PREMESSA 43

(43) **Fejn issir dispożizzjoni għal liċenzji ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni, għandha tiġi ddepożitata garanzija biex tiżgura li jsiru t-trasferimenti li għalihom jkunu nħarġu l-liċenzji.**

imħassra

## Emenda 32

## PREMESSA 46

(46) Biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq ta' l-inbid, u b'mod partikolari, biex jiġi evitat it-tfixkil tas-suq, għandha tkun provduta l-possibbiltà li jiġi pprojbit l-użu ta' arranġamenti ta' l-ipproċessar lejn l-intern jew lejn l-estern. **Biex dan it-tip ta' strument ta' ġestjoni tas-suq jirnexxi, is-soltu jrid jiġi applikat mingħajr wisq dewmien. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat korrispondenti.**

(46) Biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq ta' l-inbid, u b'mod partikolari, biex jiġi evitat it-tfixkil tas-suq, għandha tkun provduta l-possibbiltà li jiġi pprojbit l-użu ta' arranġamenti ta' l-ipproċessar lejn l-intern jew lejn l-estern.

## Emenda 33

## PREMESSA 55

(55) Peress li għadu ma ntlaħaqx bilanċ fis-suq, u peress li l-miżuri ta' akkumpanjament, bħall-iskema ta' qluġ tad-dwieli, jeħtieġu ċertu żmien sakemm ikollhom effett, jaqbel li tinżamm il-projbizzjoni fuq it-taħwil ġdid sal-31 ta' Diċembru 2013. **Madankollu, il-projbizzjoni għandha titneħħa minn dik id-data 'l quddiem sabiex il-produtturi kompetittivi jkunu jistgħu jwieġbu liberament għall-kundizzjonijiet tas-suq.**

(55) Peress li għadu ma ntlaħaqx bilanċ fis-suq, u peress li l-miżuri ta' akkumpanjament, bħall-iskema ta' qluġ tad-dwieli, jeħtieġu ċertu żmien sakemm ikollhom effett, jaqbel li tinżamm il-projbizzjoni fuq it-taħwil ġdid **bħala regola ġenerali** sal-31 ta' Diċembru 2013. **Matul is-sena 2012, jaqbel li tiġi kkontrollata l-effikaċità tal-miżuri deċiżi fil-qafas tar-riforma tas-suq ta' l-inbid fl-2007 u li wieħed jiddeċiedi fuq iż-żamma jew it-tneħħija tas-sistema tat-taħwil.**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 34

PREMESSA 55 A (ġdida)

**(55a) Madankollu għandha tiġi garantita l-aktar flessibilità fir-rigward tad-drittijiet tat-taħwil, sabiex il-produtturi kompetittivi jkunu jistgħu jwieġbu liberament għall-kundizzjonijiet tas-suq.**

Emenda 35

PREMESSA 55 B (ġdida)

**(55b) La darba s-sitwazzjoni tas-suq tkun tjiebet b'mod konsiderevoli, klawnsola ta' flessibilità tippermetti l-ġhoti ta' drittijiet ta' plantazzjoni supplimentari, illimitati fiż-żmien, lill-isfruttaturi ta' l-inbid tar-reġjuni kkonċernati u għal-livell ta' kwalità suxxettibbli li jkollu żieda fil-bejgħ.**

Emenda 36

PREMESSA 58

(58) Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jawtorizzaw it-trasferiment ta' drittijiet ta' taħwil mill-ġdid lil azjenda oħra, suġġett għal kontrolli stretti, sakemm dan it-trasferiment isir favur il-kwalità, jikkonċerna ż-żoni maħsubin għall-mixtliet għat-tilqim, jew ikun marbut mat-trasferiment ta' parti mill-azjenda. **Dawn it-trasferimenti għandhom jinżammu fl-istess Stat Membru.**

(58) Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jawtorizzaw it-trasferiment ta' drittijiet ta' taħwil mill-ġdid lil azjenda oħra, suġġett għal kontrolli stretti, sakemm dan it-trasferiment isir favur il-kwalità, jikkonċerna ż-żoni maħsubin għall-mixtliet għat-tilqim, jew ikun marbut mat-trasferiment ta' parti mill-azjenda.

Emenda 37

PREMESSA 62 A (ġdida)

**(62a) Hu importanti li l-Kummissjoni tfassal evalwazzjoni dwar l-impatt tal-miżuri ta' akkumpanjament u tat-tisħiħ mill-ġdid tas-suq, qabel ma tressaq proposta għal-liberalizzazzjoni tad-drittijiet ta' taħwil taż-żoni li mhumiex maħsuba għall-ispeċifikazzjonijiet tal-produzzjoni ta' l-inbejjed li jibbenefikaw minn denominazzjoni ta' oriġini protetta jew minn indikazzjoni ġeografika protetta.**

Emenda 38

PREMESSA 63

(63) Il-produzzjoni f'dawk l-Istati Membri fejn il-produzzjoni ta' l-inbid hija anqas minn 25 000 ettolitru fis-sena ma tolgotx serjament l-bilanċ tas-suq. Għaldaqstant, dawn l-Istati Membri għandhom ikunu eżenti mill-projbizzjoni tranżitorja fuq it-taħwil ġdid, iżda fl-istess ħin, ma għandux ikollhom aċċess għall-iskema tal-qluġh tad-dwieli.

(63) Il-produzzjoni f'dawk l-Istati Membri fejn il-produzzjoni ta' l-inbid hija anqas minn 25 000 ettolitru fis-sena ma tolgotx serjament il-bilanċ tas-suq. Għaldaqstant, dawn l-Istati Membri għandhom ikunu eżenti mill-projbizzjoni tranżitorja fuq it-taħwil ġdid, iżda fl-istess ħin, ma għandux ikollhom aċċess għall-iskema tal-qluġh tad-dwieli, **sakemm il-produzzjoni tagħhom tibqa' inqas minn 25 000 ettolitru.**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 39 u 322

PREMESSA 67

(67) *Biex jiġi garantit it-trattament responsabbli taż-żoni fejn jinqalgħu d-dwieli, id-dritt għal primjum għandu jiddependi mill-konformità mar-regoli ambjentali applikabbli minnaħa tal-produtturi kkonċernati. Fejn jinstab nuqqas ta' konformità, il-primjum għall-qluġh tad-dwieli għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali.* **imħassra**

Emenda 40

ARTIKOLU 4, PARAGRAFU 2

2. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli **għall**-programmi ta' appoġġ u jiżguraw li jkunu mfassla u implimentati b'mod oġġettiv, b'qies għall-qagħda ekonomika tal-produtturi kkonċernati u l-ħtieġa li jiġi evitat it-trattament inġust bejn il-produtturi.

2. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli **mill-implimentazzjoni tal**-programmi ta' appoġġ u jiżguraw li jkunu mfassla u implimentati b'mod oġġettiv, b'qies għall-qagħda ekonomika tal-produtturi kkonċernati u l-ħtieġa li jiġi evitat it-trattament inġust bejn il-produtturi.

Emenda 41

ARTIKOLU 4, PARAGRAFU 3

3. *L-ebda appoġġ ma għandu jingħata:* **imħassar**

a) *għal proġetti ta' riċerka u miżuri biex jappoġġjaw proġetti ta' riċerka;*

b) *għal miżuri koperti bir-Regolament (KE) Nru 1698/2005.*

Emenda 42

ARTIKOLU 5, PARAGRAFU 1, SUBPARAGRAFU 1

1. Kull Stat Membru produttur imsemmi fl-Anness II għandu, għall-ewwel darba **sat-30 ta' April 2008**, jippreżenta lill-Kummissjoni abbozz ta' programm ta' appoġġ għal ħames snin bil-miżuri skond dan il-Kapitolu.

1. Kull Stat Membru produttur imsemmi fl-Anness II għandu, għall-ewwel darba **mhux iktar tard mill-15 ta' Frar tas-sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament**, jippreżenta lill-Kummissjoni abbozz ta' programm ta' appoġġ għal ħames snin bil-miżuri skond dan il-Kapitolu.

Emenda 43

ARTIKOLU 5, PARAGRAFU 1, SUBPARAGRAFU 1 A (għdid)

**Kull Stat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni programm ta' għajjnuna revedut fi żmien sena wara l-preżentazzjoni ta' programm inizjali, meta jidher li ċerti miżuri previsti mill-programm inizjali jkunu inkompatibbli u jistgħu b'hekk jikkompikaw l-implimentazzjoni koerenti tiegħu. Il-programm ta' appoġġ revedut għandu jsir applikabbli xahrejn wara data tal-preżentazzjoni tiegħu.**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 44

## ARTIKOLU 5, PARAGRAFU 1, SUBPARAGRAFU 2

Il-miżuri ta' appoġġ għandhom jifasslu fil-livell ġeografiku li l-Istati Membri jqisu l-aktar xieraq. Qabel ma jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni, il-programm ta' appoġġ għandu jkun suġġett għal konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet **u organizzazzjonijiet kompetenti fil-livell territorjali xieraq.**

Il-miżuri ta' appoġġ għandhom jifasslu fil-livell ġeografiku li l-Istati Membri, **b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet reġjonali u lokali**, iqisu l-aktar xieraq. Qabel ma jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni, il-programm ta' appoġġ għandu jkun suġġett għal konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet, **l-organiżmi, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-intrapriżi kummerċjali tagħhom u l-organizzazzjonijiet interprofessjonali tas-settur li huma** kompetenti **fil-livelli reġjonali u lokali.**

## Emenda 45

## ARTIKOLU 5, PARAGRAFU 1, SUBPARAGRAFU 3

Kull Stat Membru għandu jippreżenta abbozz ta' programm uniku li jista' jakkomoda karatteristiċi partikolari reġjonali.

Kull Stat Membru għandu jippreżenta abbozz ta' programm uniku li jista' jakkomoda karatteristiċi partikolari reġjonali **u jqis fuq kollox il-bżonnijiet tat-territorji fejn il-kundizzjonijiet huma diffiċli għall-kultivazzjoni ta' ċerti varjetajiet ta' dwieli u għall-produzzjoni ta' l-inbid (fosthom iż-żoni tal-muntanji).**

## Emenda 46

## ARTIKOLU 5, PARAGRAFU 1 A (ġdid)

**1a. Fil-qafas tal-programmi ta' għajjnuna, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw u jiddefinixxu l-irwol ta' l-organizzazzjonijiet ta' produtturi msemmija fl-Artikolu 54 ta' dan ir-Regolament.**

## Emenda 47

## ARTIKOLU 5, PARAGRAFU 2, SUBPARAGRAFU 1

2. Il-programmi ta' appoġġ **għandhom** jibdew japplikaw **tliet xhur** wara **li jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni.**

2. Il-programmi ta' appoġġ **jiġu approvati mill-Kummissjoni fi żmien 30 ġurnata mill-preżentazzjoni tagħhom.** Dawn jibdew japplikaw **xahrejn** wara **l-approvazzjoni tagħhom.**

## Emenda 48

## ARTIKOLU 5, PARAGRAFU 2, SUBPARAGRAFU 2

Madankollu, jekk il-programm ippreżentat ma jkunx konformi mal-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-Kapitolu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru b'dan. F'dan il-każ, l-Istat Membru għandu jippreżenta programm revedut lill-Kummissjoni. Il-programm revedut isir applikabbli **xahrejn** wara **n-notifika** sakemm ma jkunx għad hemm xi inkompatibbiltà. Jekk iva dan is-subparagrafu għandu japplika.

Madankollu, jekk il-programm ippreżentat ma jkunx konformi mal-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-Kapitolu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru b'dan **fi żmien tletin ġurnata.** F'dan il-każ, l-Istat Membru għandu jippreżenta programm revedut lill-Kummissjoni. Il-programm revedut isir applikabbli **xahar** wara **d-data ta' l-approvazzjoni tiegħu mill-Kummissjoni**, sakemm ma jkunx għad hemm xi inkompatibbiltà. Jekk iva dan is-subparagrafu għandu japplika.

## Emenda 49

## ARTIKOLU 7, SUBPARAGRAFU 1

Il-programmi ta' appoġġ għandu jkun fihom miżuri ta' promozzjoni **għal** swieq **ta' pajjiżi terzi** skond l-Artikolu 9.

Il-programmi ta' appoġġ għandu jkun fihom miżuri ta' promozzjoni **u ta' familjarità mas-swieq b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9.**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 50

ARTIKOLU 7, PARAGRAFU 2, PUNT 2 A A (ġdid)

**aa) ristrutturazzjoni tas-settur;**

Emenda 51

ARTIKOLU 7, PARAGRAFU 2, PUNT 2 A B (ġdid)

**ab) prevenzjoni tal-kriżijiet;**

Emenda 52

ARTIKOLU 7, PARAGRAFU 2, PUNT 2 D A (ġdid)

**da) riċerka u żvilupp;**

Emenda 53

ARTIKOLU 7, PARAGRAFU 2, PUNT 2 D B (ġdid)

**db) prattiki ta' kultivazzjoni u standards ambjentali;**

Emenda 54

ARTIKOLU 7, PARAGRAFU 2, PUNT D C (ġdid)

**dc) titjib fil-kwalità ta' l-għeneb u ta' l-inbid;**

Emenda 55

ARTIKOLU 7, PARAGRAFU 2, PUNT D D (ġdid)

**dd) ħażna privata ta' l-inbejjed, ta' l-alkoħol u tal-most;**

Emenda 56

ARTIKOLU 7, SUBPARAGRAFU 2 A (ġdid)

**Produttur jista' jkun eliġibbli għal aktar minn miżura waħda fl-istess sena ta' l-inbid.**

**L-Istati Membri jistgħu wkoll jinkludu azzjonijiet ġodda fil-programmi ta' appoġġ, bil-kunsens tal-Kummissjoni.**

Emenda 57

ARTIKOLU 8, PUNT 1 A (ġdid)

**Ia L-ammont iffissat skond il-Paragrafu 1 — miżuri ta' promozzjoni mhux inklużi — ma jistgħux ikunu inqas mis-somma mogħtija lil Stat Membru fl-2008 għal skopijiet ta' ristrutturazzjoni.**

Emenda 58

ARTIKOLU 9, TITOLU

Il-promozzjoni **fis-swieq tal-pajjiżi terzi**

Il-promozzjoni u **l-familjarità tas-swieq**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 59

## ARTIKOLU 9, PARAGRAFU 1

1. L-appoġġ skond dan l-Artikolu għandu jkopri miżuri informattivi u promozzjonali dwar inbejjed Komunitarji **f'pajjiżi terzi**, u **b'hekk** tissaħħaħ il-kompetittività tagħhom **f'dawk il-pajjiżi**.

1. L-appoġġ skond dan l-Artikolu għandu jkopri miżuri informattivi u promozzjonali dwar inbejjed Komunitarji *sabiex* tissaħħaħ il-kompetittività tagħhom.

- a) **fis-suq intern,**
- b) **fil-pajjiżi terzi.**

Emenda 60

## ARTIKOLU 9, PARAGRAFU 2

2. Il-miżuri msemija fil-paragrafu 1 jirreferu **għal** inbejjed b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew **indikazzjoni ġeografika protetta, jew inbejjed** b'indikazzjoni tal-varjeta' ta' l-għeneb ta' l-inbid.

2. Il-miżuri msemija fil-paragrafu 1 jirreferu **għall**-inbejjed li jibbenefikaw minn denominazzjoni ta' l-oriġini protetta **u l-inbejjed** b'indikazzjoni ġeografika protetta. **Għall-inbejjed l-oħra maħsuba għall-konsum, japplika biss il-Paragrafu 1(a).**

Emenda 61

## ARTIKOLU 9, PARAGRAFU 2 A (ġdid)

2a. **Il-miżuri msemija fil-Paragrafu 1(a) jistgħu jinkludu:**

- a) **azzjonijiet għall-promozzjoni ta' konsum responsabbli ta' l-inbid u għall-informazzjoni dwar il-prodott u l-karatteristiċi tiegħu;**
- b) **azzjonijiet ta' titjib tal-familjarità tas-suq li jippermetti l-iżvilupp tiegħu u jiżgura informazzjoni aħjar lill-operaturi.**

**Dawn l-azzjonijiet jistgħu jitmexxew minn organizzazzjonijiet interprofessionali, fis-sens ta' l-Artikolu 55, jew minn kwalunkwe organizzmu ieħor rappreżentattiv li jkun ekwivalenti.**

- c) **azzjonijiet ta' promozzjoni u ta' pubbliċità li għandhom l-għan li jiżguraw il-familjarità mad-denominazzjonijiet ta' oriġini u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi, billi jissottolinjaw dak li jgħibu f'termini ta' kwalità, ta' sigurtà ambjentali u ta' protezzjoni ta' l-ambjent.**

Emenda 62

## ARTIKOLU 9, PARAGRAFU 3, PARTI INTRODUTTORJA

3. Il-miżuri msemija fil-paragrafu 1 jistgħu **jinkludu:**

3. Il-miżuri msemija fil-paragrafu 1 (b) jistgħu **jikkonċernaw:**

Emenda 63

## ARTIKOLU 9, PARAGRAFU 3, PUNT A)

a) relazzjonijiet pubbliċi, miżuri promozzjonali jew pubbliċitarji, b'mod partikolari l-enfasi fuq il-vantaġġi tal-prodotti Komunitarji, speċjalment rigward kwalità, sikurezza ta' l-ikel jew ħarsien ta' l-ambjent;

a) relazzjonijiet pubbliċi, miżuri promozzjonali jew pubbliċitarji, b'mod partikolari l-enfasi fuq il-vantaġġi tal-prodotti Komunitarji, **ta' l-indikazzjonijiet ta' oriġini tagħhom u l-marka tagħhom**, speċjalment rigward kwalità, **effetti pożittivi fuq is-saħħa**, sikurezza ta' l-ikel jew ħarsien ta' l-ambjent;

## L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 64

## ARTIKOLU 9, PARAGRAFU 3, PUNT B)

- b) parteċipazzjoni f'avvenimenti, fieri jew esibizzjonijiet ta' importanza internazzjonali;
- b) parteċipazzjoni f'avvenimenti, fieri jew wirjiet ta' importanza internazzjonali, **fil-qafas individwali jew kollettiv**;

## Emenda 65

## ARTIKOLU 9, PARAGRAFU 3, PUNT C)

- c) kampanji informattivi, b'mod partikolari fuq is-sistemi Komunitarji li jkopru denominazzjonijiet ta' l-oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi u l-produzzjoni organika;
- c) kampanji informattivi, b'mod partikolari fuq is-sistemi Komunitarji li jkopru denominazzjonijiet ta' l-oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi, l-produzzjoni organika **u t-tikkettar ta' l-inbejjed**;

## Emenda 66

## ARTIKOLU 9, PARAGRAFU 3, PUNT C A) (ġdid)

- ca) programmi ta' għajjnuna għall-ħarsien ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' l-inbid fil-livell internazzjonali, u azzjonijiet dwar studji dwar il-ġlieda kontra l-iffalsifikar tal-prodotti ta' l-inbid f'pajjiżi terzi u kontra ostakli tekniċi marbuta mas-saħħa tal-pjanta;**

## Emenda 67

## ARTIKOLU 9, PARAGRAFU 3, PUNT D)

- d) **l-istudji** ta' swieq ġodda, meħtieġa għall-espansjoni ta' żbokki kummerċjali fis-suq;
- d) **studji dwar is-swieq li għandhom jiġu kkonkwistati mill-ġdid, li għandhom jiġu żviluppati u** ta' swieq ġodda, meħtieġa għall-espansjoni ta' żbokki kummerċjali fis-suq;

## Emenda 68

## ARTIKOLU 9, PARAGRAFU 3, PUNT E A) (ġdid)

- ea) azzjonijiet dwar l-edukazzjoni bbażati fuq studji xjentifiċi li jikkonċernaw l-effetti pożittivi ta' konsum moderat ta' l-inbid kif ukoll l-azzjonijiet tal-promozzjoni favur konsum responsabbli ta' l-inbid u azzjonijiet ta' informazzjoni dwar il-prodott u dwar il-karatteristiċi tiegħu, fuq il-bażi ta' studji xjentifiċi relevanti;**

## Emenda 69

## ARTIKOLU 9, PARAGRAFU 3, PUNT E B) (ġdid)

- eb) azzjonijiet ta' titjib tal-familjarità tas-suq sabiex jippermettu l-iżvilupp tiegħu u jiżguraw informazzjoni aħjar lill-operaturi;**

## Emenda 70

## ARTIKOLU 9, PARAGRAFU 3 A) (ġdid)

- 3a. L-għajjnuna hija maħsuba bħala prijorità għall-azzjonijiet imwettqa bi sħubija bejn atturi ta' l-Unjoni.**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 71

ARTIKOLU 9, PARAGRAFU 4

4. Il-kontribuzzjoni Komunitarja għal attivitajiet promozzjonali ma għandhiex taqbeż il-50 % ta' l-ispiża eliġibbli.

4. Il-kontribuzzjoni Komunitarja għal attivitajiet promozzjonali ma għandhiex taqbeż il-50 % ta' l-ispiża eliġibbli. **Fir-reġjuni kklassifikati bħala reġjuni ta' konverġenza b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jipprova dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Ewropej għall-iżvilupp reġjonali, il-Fondi soċjali Ewropej u l-Fondi ta' koeżjoni <sup>(1)</sup>, il-parteċipazzjoni Komunitarja għall-azzjonijiet ta' promozzjoni m'għandhiex taqbeż il-75 %.**

**Madankollu, din il-parteċipazzjoni tista' tingħieb għal 100 % għall-programmi maħsuba biex jipproteġu l-indikazzjonijiet ġeografiċi fil-livell internazzjonali, kif ukoll biex jiffavorixxu azzjonijiet jew studji dwar il-ġlieda kontra l-iffalsifikar tal-prodotti ta' l-inbid f'pajjiżi terzi u kontra ostakli tekniċi marbuta mas-saħħa tal-pjanta;**

<sup>(1)</sup> ĠU L 210, 31.7.2006, p.25. Regolament emendat bir-Regolament (KE) Nru 1989/2006 (ĠU L 411, 30.12.2006, p.6).

Emenda 72

ARTIKOLU 9, PARAGRAFU 5

5. L-Istati Membri għandhom iħallu għall-anqas il-fondi Komunitarji stipulati fl-Anness II għal miżuri ta' promozzjoni fi swieq ta' pajjiżi terzi. Il-fondi hekk riservati ma għandhomx ikunu disponibbli għal miżuri oħra.

5. L-Istati Membri għandhom iħallu għall-anqas il-fondi Komunitarji stipulati fl-Anness II għal miżuri ta' **familjarità u ta'** promozzjoni fis-swieq **ta' l-Unjoni u** ta' pajjiżi terzi. Il-fondi hekk riservati ma għandhomx ikunu disponibbli għal miżuri oħra.

Emenda 73

ARTIKOLU 9, PARAGRAFU 5 A (ġdid)

**5a. Għall-inbejjed prodotti fiż-żoni fejn il-kundizzjonijiet huma diffiċli għall-kultivazzjoni u l-produzzjoni (fosthom ir-reġjuni tal-muntanji), għandhom jiġu implimentati miżuri speċifiċi adattati, li għandhom jiġu definiti ma' l-awtoritajiet reġjonali jew lokali ta' dawn iż-żoni.**

Emenda 74

ARTIKOLU 10, PARAGRAFU 3, SUBPARAGRAFU 1A (ġdid)

**Is-sostituzzjoni normali tad-dwieli fl-aħħar taċ-ċiklu naturali tal-ħajja tagħhom fiż-żoni koperti mid-denominazzjonijiet ta' orijini protetti jew l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti jista' jinżamm fil-kompetizzjoni ta' 50 % ta' l-ammonti msemmija fil-Paragrafu 6.**



L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 75

ARTIKOLU 10, PARAGRAFU 3, SUBPARAGRAFU 2

*L-iskema m'għandhiex tkopri t-tiġdid normali ta' vinji li imħassar jkunu waslu fi tmiem il-ħajja naturali tagħhom.*

Emenda 76

ARTIKOLU 10, PARAGRAFU 5, PUNT A)

- a) minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II tat-Titolu V, il-permess għall-koeżistenza ta' dwieli kemm qodma kif ukoll ġodda għal perjodu ffissat li ma jaqbiżx it-tliet snin, **sa tmiem ir-reġim tranżitorju rigward id-drittijiet tat-tah-wil, jiġifieri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013;**
- a) minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II tat-Titolu V, il-permess għall-koeżistenza ta' dwieli kemm qodma kif ukoll ġodda għal perjodu ffissat li ma jaqbiżx it-tliet snin;

Emenda 77

ARTIKOLU 10 A (ġdid)

**Artikolu 10a****Ristrutturazzjoni tal-prattiki ta' kultivazzjoni**

1. Il-miżuri maħsuba għall-appoġġ tar-ristrutturazzjoni tal-prattiki ta' kultivazzjoni għandhom l-għan li jiżviluppaw is-sinerġiji bejn l-operaturi biex iżidu l-kompettitività tal-produtturi ta' l-inbid permezz ta' żvilupp strutturali.

2. L-għoti ta' l-għajnuna huwa suġġett għall-preżentazzjoni ta' proġetti ta' żvilupp fl-ambitu tal-programm ta' għajjnuna, li jikkonċernaw waħda jew aktar mill-attivitàjiet li ġejjin:

- a) l-iżvilupp ta' sistemi ta' forniment kumplessi u multireġjonali;
- b) il-qsim bejn l-intrapriżi ta' servizzi reali operattivi u strateġiċi;
- c) l-immaniġġjar ta' tagħmir u fażijiet tal-produzzjoni;
- d) l-iżvilupp ta' l-għarfien u l-ħarsien tas-suq;
- e) l-iżvilupp ta' innovazzjonijiet;
- f) ir-raggruppament ta' l-offerta u r-ristrutturazzjoni ta' l-intrapriżi 'downstream'.

3. L-appoġġ għall-miżuri ta' ristrutturazzjoni għandu jin-għata bħala kontribut għall-ispejjeż effettivi ta' l-implimentazzjoni ta' l-attivitàjiet u xorta m'għandux jaqbeż il-50% ta' l-ispejjeż. F'reġjuni kklassifikati bħala reġjuni ta' konverġenza skond ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, il-kontribut Komunitarju għall-ispejjeż tal-promozzjoni m'għandux jaqbeż il-75%.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 78

ARTIKOLU 10 B (ġdid)

**Artikolu 10 b****Il-prevenzjoni tal-kriżi**

1. Bi prevenzjoni tal-kriżijiet wieħed ifisser il-prattiki tal-kultivazzjoni, argonomiċi u enoloġiċi kollha mfasla sabiex titrażżan il-kwantità tal-produzzjoni ta' l-għeneb jew tonqos it-trasformazzjoni ta' l-għeneb f'inbid.

2. L-appoġġ għall-miżuri ta' prevenzjoni tal-kriżijiet jista' jieħu l-forma ta' kumpens fi ħlas ipproporzjonat mat-tnaqqis fil-kwantità ta' produzzjoni ta' għeneb jew inbid bħala konsegwenza ta' l-użu ta' prattika identifikata.

3. Kull Stat Membru jagħżel, skond il-karatteristiċi tiegħu, l-aħjar prattiċi sabiex jikseb dawn l-oġettivi. Il-miżuri ta' implimentazzjoni, adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104, jiddeterminaw b'mod partikolari l-livelli mas-simi ta' għajjnuna u tal-prattiċi ammissibbli.

Emenda 79

ARTIKOLU 11, PARAGRAFU 1

1. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, "ħsad bikri" tfisser il-gerda totali jew il-qtugħ ta' għenieqed ta' l-għeneb meta jkunu għadhom ma sarux, u b'hekk il-produzzjoni **tar-raba'** rilevanti tiġi fix-xejn.

1. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, "ħsad bikri" tfisser il-gerda totali jew il-qtugħ ta' għenieqed ta' l-għeneb meta jkunu għadhom ma sarux, u b'hekk il-produzzjoni **taż-żona** rilevanti tiġi fix-xejn.

Emenda 80

ARTIKOLU 11, PARAGRAFU 2

2. L-appoġġ għal ħsad bikri għandu jikkontribwixxi biex jerġa' jinkiseb il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda fis-suq ta' l-inbid fil-Komunità, sabiex jiġu evitati kriżijiet fis-suq.

2. L-appoġġ għal ħsad bikri għandu jikkontribwixxi biex jerġa' jinkiseb il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda fis-suq ta' l-inbid fil-Komunità, sabiex jiġu evitati kriżijiet fis-suq, **u sabiex jinkisbu prodotti ta' kwalità aħjar.**

Emenda 81

ARTIKOLU 11, PARAGRAFU 3, SUBPARAGRAFU 2

Il-pagament m'għandux jaqbeż il-**50 %** tas-somma ta' l-ispejjeż diretti u t-telf fid-dħul relatati mal-gerda jew il-qtugħ ta' għenieqed ta' għeneb.

Il-pagament m'għandux jaqbeż il-**75 %** tas-somma ta' l-ispejjeż diretti u t-telf fid-dħul relatati mal-gerda jew il-qtugħ ta' għenieqed ta' għeneb.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 82

ARTIKOLU 11, PARAGRAFU 4 A (ġdid)

**4a.** L-Istati Membri kkonċernati għandhom ifasslu miżuri ta' kontroll li għandhom jiġu applikati għall-100% ta' l-applikanti kollha.

Emenda 83

ARTIKOLU 13 A (ġdid)

**Artikolu 13a**

**Riċerka u żvilupp**

1. L-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp għandu bħala objettiv il-finanzjament ta' azzjonijiet ta' riċerka għal familjarità aħjar tas-suq, biex titjeb il-kwalità tal-prodott, b'mod partikolari fejn jidħlu t- traċċabilità, l-impatt tal-produzzjoni fuq l-ambjent, is-sikurezza għas-saħħa, il-karatteristiċi tipiċi u t-titjib ġenetiku.

2. Il-kontribut Komunitarju għall-proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp m'għandux jaqbeż il-50% ta' l-ispejjeż.

Emenda 84

ARTIKOLU 13 B (ġdid)

**Artikolu 13 b**

**Prattiki ta' kultivazzjoni u standards ambjentali**

1. Prattiki agricoli speċifiċi kif ukoll standards ambjentali, fitosanitarji u oħrajn għandhom jiġu definiti għat-tipi kollha ta' l-inbid.

Dawn il-prattiki u dawn in-normi għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-protezzjoni ta' l-ambjent, għall-kontroll tal-produzzjoni primarja, għat-tnaqqis tal-potenzjal ta' rendiment u għat-titjib tal-kwalità.

2. Għandu jingħata finanzjament għall-produtturi ta' l-inbid li jirrispettaw il-prattiki u n-normi msemmija hawn fuq, fil-forma ta' ħlasijiet għall-ettaru għaż-żoni sottomessi għal dawn l-impenji.

3. Il-prattiki u n-normi msemmija hawn fuq għandhom jiġu definiti fil-livell Komunitarju u ddetaljati skond il-kundizzjonijiet speċifiċi li jkun hemm fl-Istati Membri u fir-reġjuni.

4. Il-kontroll u, jekk ikun il-każ, il-ġestjoni tal-programmi mill-perspettiva ta' l-osservazzjoni ta' l-obbligi tal-produtturi ta' l-inbid skond dan l-Artikolu jaqgħu l-ewwelnett fuq l-organizzazzjonijiet tas-settur sakemm l-Istati Membri jagħtu l-awtorizzazzjoni tagħhom.

5. L-ammont ta' l-iffinanzjar imsemmi fil-Paragrafu 2 u l-modalitajiet ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu definiti bi qbil mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 104.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 85

ARTIKOLU 13 C (ġdid)

## Artikolu 13c

Titjib fil-kwalità ta' l-ġheneb u ta' l-inbid.

1. B'titjib fil-kwalità ta' l-ġheneb wieħed ifisser il-prattiċi tal-kultivazzjoni u agronomiċi kollha li jirriżultaw f'titjib fil-kwalità tal-produzzjoni, titjib li jista' jiġi valutat bi kriterji oġġettivi

2. B'titjib fil-kwalità ta' l-inbid wieħed ifisser dawk il-miżuri mmirati biex itejbu l-kwalità ta' l-inbid li jinbiegħ, billi jiżguraw żbokki alternattivi tas-suq tal-prodotti ta' l-inbid, u b'mod partikolari, il-forniment ta' l-industrija alimentari ta' l-alkoħol li tradizzjonalemt tuża dawn il-prodotti għall-produzzjoni tagħha stess.

3. L-appoġġ għall-miżuri ta' titjib fil-kwalità jista' jikkonsisti fl-għotja ta' kumpens b'rata fissa.

4. L-appoġġ għall-miżuri ta' titjib fil-kwalità ta' l-ġheneb għandu japplika għad-dwieli ddestinati għall-produzzjoni ta' l-inbid li jibbenefika minn denominazzjoni ta' orijini jew minn indikazzjoni ġeografika.

5. Il-miżuri ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 104 u għandhom jiddeterminaw, b'mod partikolari, il-livelli massimi ta' għajjuna, il-prattiċi ammissibbli u l-iżbokki alternattivi.

6. L-Istati Membri skond il-karatteristiċi tagħhom jiddeterminaw l-aħjar prattiċi sabiex jiksbu dawn l-oġġettivi u l-ammonti ta' pagamenti, fid-dawl ta' l-ispejż ta' implimentazzjoni diretti tal-prattika.

Emenda 86

ARTIKOLU 13 D (ġdid)

## Artikolu 13 d

Ħażna privata ta' l-inbejjed, ta' l-alkoħol u tal-most;

1. Sistema ta' għajjuna għall-ħażna privata ta' l-inbejjed, ta' l-alkoħol u tal-most għandha tiġi implimentata.

2. Għall-ġhoti ta' l-ġhajjuna għall-ħażna għandu jkun mitlub li jiġi ffirmat kuntratt ta' ħażna bejn il-produtturi ta' l-inbid, l-alkoħol u l-most ikkonċerati u l-organiżmi ta' intervenzjoni. Il-kuntratti għandhom jiġu konklużi bejn is-16 ta' Diċembru u l-15 ta' Frar tas-sena ta' wara, għal perjodu li jidm mhux iktar mit-30 ta' Novembru u mill-inqas:

— sa l-1 ta' Awwissu għall-most;

— sa l-1 ta' Settembru għall-inbejjed.

3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni tal-miżura ta' ħażna privata kif ukoll tal-proposti relatati ma' l-estensjoni, l-adattament u t-tneħħija tagħha.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENTEmenda 87  
ARTIKOLU 14

Artikolu 14

imħassar

Il-kundizzjonalità

Meta jinstab li l-bdiewa ma jkunux konformi fl-azjendi tagħhom, fi kwalunkwe żmien matul ħames snin mill-pagament taħt il-programmi ta' appoġġ għal ristrutturar u trasformazzjoni, jew fi kwalunkwe żmien f'sena mill-pagament taħt il-programmi ta' appoġġ għall-ħsad bikri, mar-rekwiżiti statutorji ta' tmexxija u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, l-ammont tal-pagament, meta n-nuqqas ta' konformità hija riżultat ta' azzjoni jew ta' nuqqas ta' azzjoni li għejja direttament min-naħa tal-bidwi, għandu jitnaqqas jew jiġi kkanċellat, parti minnu jew kollu skond il-gravità, il-miżura, il-permanenza u r-repetizzjoni tan-nonkonfomità. Fejn applikabbli, il-bidwi għandu jingieghel irodd lura l-pagament skond il-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet relatati.

Ir-regoli għandhom ikunu ddeterminati skond il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 144(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 dwar tnaqqis sħiħ jew parzjali jew irkupru ta' l-appoġġ mill-Istat Membru kkonċernat.

Emenda 88  
ARTIKOLU 15, PARAGRAFU 1 A (ġdid)

**1a.** Ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 eventwalment huma akkumpanjati minn proposti għal adattament tal-programmi ta' appoġġ f'każi ġġustifikati kif xieraq u bl-għan li titkabbar l-effikaċità tagħhom.

Emenda 89  
ARTIKOLU 17

Artikolu 17

imħassar

It-trasferiment finanzjarju lill-iżvilupp rurali

1. Sa mis-sena baġitarja 2009, l-ammonti ffissati fil-paragrafu 2, ibbażati fuq l-ispiża storika skond ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar intervent biex jiġu rregolati s-swieq agrikoli kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, se jkunu disponibbli bħala fondi Komunitarji addizzjonali għal miżuri f'reġjuni li jipproduċu l-inbid taħt il-programmi għall-iżvilupp rurali ffinanzjati skond ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT**2. L-ammonti li għejjin għandhom ikunu disponibbli fis-snin indikati:**

- 2009: EUR 100 miljun,
- 2010: EUR 150 miljun,
- 2011: EUR 250 miljun,
- 2012: EUR 300 miljun,
- 2013: EUR 350 miljun,
- mill-2014 'il quddiem: EUR 400 miljun.

**3. L-ammonti msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri skond l-Anness III.**

Emenda 90

TITOLU II A (ĠDID), ARTIKOLU 17 A (ġdid)

**TITOLU II A****MEKKANIŻMI TAS-SUQ****Artikolu 17a****Għajjuna favur impjegi determinati****Qiegħda tiġi stabbilita għajjuna għall-użu ta':**

- a) most ta' l-għeneb konċentrati,
- b) most ta' l-għeneb konċentrati u rettifikati,

**prodotti fil-Komunità, jekk dawn huma użati biex iżidu s-somma tal-qawwa alkoħolika tal-prodotti ta' l-inbid li għalihom, b'konformità ma' dan ir-Regolament, ġiet awtorizzata din iż-żieda.**

Emenda 91

ARTIKOLU 19, PARAGRAFU 2, SUBPARAGRAFU 2

**Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li żżid kategoriji ta' prodotti imħassar tad-dwieli ma' daww elenkati fl-Anness IV.**

Emenda 92

ARTIKOLU 20

Dan il-Kapitolu jstipula l-prattiċi enoloġiċi awtorizzati u r-restrizzjonijiet applikabbli **kif ukoll il-proċedura li biha l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi dwar prattiċi u restrizzjonijiet applikabbli għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta'** prodotti koperti minn dan ir-Regolament.

Dan il-Kapitolu jstipula l-prattiċi enoloġiċi awtorizzati u r-restrizzjonijiet applikabbli **għat-tħejjija tal-**prodotti koperti minn dan ir-Regolament.

Emenda 93

ARTIKOLU 21, PARAGRAFU 1, SUBPARAGRAFU 1

1. Jistgħu jintużaw biss il-prattiċi enoloġiċi **awtorizzati skond il-liġi Komunitarja** fil-produzzjoni ta' prodotti koperti minn dan ir-Regolament fi ħdan il-Komunità.

1. Jistgħu jintużaw biss il-prattiċi **u t-trattamenti** enoloġiċi **u r-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi IVa, V u VI** fil-produzzjoni ta' prodotti koperti minn dan ir-Regolament fi ħdan il-Komunità.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 94

ARTIKOLU 21, PARAGRAFU 2

2. Jistgħu jintużaw biss prattiċi enoloġiċi awtorizzati sabiex ikunu żgurati l-vinifikazzjoni, il-preservazzjoni u l-irfinar xierqa tal-prodott.

2. Jistgħu jintużaw biss prattiċi enoloġiċi awtorizzati sabiex ikunu żgurati l-vinifikazzjoni, il-preservazzjoni u l-irfinar xierqa tal-prodott, **fir-rispett tal-modi ta' produzzjoni tradizzjonali fl-Ewropa.**

Emenda 95

ARTIKOLU 21, PARAGRAFU 2 A (ġdid)

**2a. Meta tintuża ħmira ġenetikament modifikata fil-produzzjoni ta' inbid, il-konsumatur finali għandu jkun infurmat b'dan b'mod ċar permezz tal-kitba fuq il-pakkett tal-bejgħ "prodott bl-ghajjnuna ta' organiżmi ġenetikament modifikati".**

Emenda 96

ARTIKOLU 21, PARAGRAFU 5

5. **Madankollu, il-prattiċi enoloġiċi u r-restrizzjonijiet rikonoxxuti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV), u mhux il-prattiċi enoloġiċi u r-restrizzjonijiet awtorizzati mill-Kommunità, għandhom japplikaw għal prodotti koperti minn dan ir-Regolament li jiġu prodotti għall-esportazzjoni.**

imħassar

Il-produtturi għandhom jirrapportaw din il-produzzjoni lill-Istati Membri, li għandhom jivverifikaw il-konformità marrekwiżit ta' l-esportazzjoni.

Emenda 97

ARTIKOLU 23, PARAGRAFU 1

1. **Għajr għall-prattiċi enoloġiċi dwar arrikkiment, aċidifikazzjoni u dijaċidifikazzjoni elenkati fl-Anness V u r-restrizzjonijiet elenkati fl-Anness VI, l-awtorizzazzjoni ta' prattiċi enoloġiċi u restrizzjonijiet dwar il-produzzjoni u l-konservazzjoni ta' prodotti koperti minn dan ir-Regolament għandha tiġi deċiża skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1).**

1. **Il-prattiċi u t-trattamenti enoloġiċi awtorizzati dwar l-arrikkiment, l-aċidifikazzjoni u d-dijaċidifikazzjoni huma stabili** fl-Anness V.

Emenda 98

ARTIKOLU 23, PARAGRAFU 1 A (ġdid)

**1a. Id-dispożizzjonijiet dwar il-kontenut ta' djossidu tal-kubrit, dwar il-kontenut massimu ta' aċidu volatili, kif ukoll il-prattiċi u t-trattamenti enoloġiċi awtorizzati u l-liġijiet dwar il-produzzjoni ta' inbid likuruż, ta' inbid frizzanti u nbid frizzanti ta' kwalità għandhom jiġu determinati mill-Kummissjoni, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 45.**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 99

ARTIKOLU 23, PARAGRAFU 2

**2. L-Istati Membri jistgħu jippermettu l-użu esperimentali ta' prattiċi enoloġiċi mhux awtorizzati taħt kundizzjonijiet li jiġu determinati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1).** **imħassar**

Emenda 100

ARTIKOLU 24

**Artikolu 24** **imħassar**

**Il-kriterji għall-awtorizzazzjoni**

**Il-Kummissjoni, meta tawtorizza prattiċi enoloġiċi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1), għandha:**

- a) **tibbaża fuq il-prattiċi enoloġiċi rikonoxxuti mill-OIV kif ukoll fuq ir-riżultati ta' l-użu esperimentali ta' prattiċi li sa issa għadhom mhux awtorizzati;**
- b) **tqis il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem;**
- c) **tqis riskji potenzjali li l-konsumaturi jiġu żgwidati min-ħabba l-aspettattivi u perċezzjonijiet stabbiliti tagħhom, fir-rigward tad-disponibbiltà u l-vijabbiltà ta' mezzi ta' informazzjoni li jeskludu dawn ir-riskji;**
- d) **tippermetti l-preservazzjoni ta' karatteristiċi naturali u essenzjali ta' l-inbid u ma ġġibx bidla sostantiva fil-kompożizzjoni tal-prodotti kkonċernati;**
- e) **tiżgura livell minimu aċċettabbli ta' ħarsien ambjentali;**
- f) **tirrispetta r-regoli ġenerali dwar prattiċi enoloġiċi u restrizzjonijiet stipulati fl-Annessi III u IV rispettivament.**

Emenda 101

ARTIKOLU 26, SUBPARAGRAFU 1

Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u **L-Annessi III u IV** għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1).

Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u **L-Annessi IVa, V u VI** għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1).

Emenda 102

ARTIKOLU 26, SUBPARAGRAFU 2, PUNT A

- a) **prattiċi enoloġiċi awtorizzati u restrizzjonijiet dwar inbejjed frizzanti;** **imħassar**



L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 103

ARTIKOLU 26, SUBPARAGRAFU 2, PUNT B

- b) *prattiċi enoloġiċi awtorizzati u restrizzjonijiet dwar inbejjed likur;* **imħassar**

Emenda 104

ARTIKOLU 26, SUBPARAGRAFU 2, PUNT D

- d) *fejn ma jeżistux regoli Komunitarji dwarhom, il-purità u l-ispeċifikazzjoni ta' identifikazzjoni ta' sustanzi użati fil-prattiċi enoloġiċi;* d) *l-ispeċifikazzjoni tal-purità u l-identifikazzjoni ta' sustanzi użati fil-prattiċi enoloġiċi, il-limiti u ċerti kundizzjonijiet dwar l-użu tal-prattiċi u tat-trattamenti enoloġiċi msemmija fl-Annessi IV a u V;*

Emenda 105

ARTIKOLU 26, SUBPARAGRAFU 2, PUNT E

- e) *ir-regoli amministrattivi għat-tweqqif tal-prattiċi enoloġiċi awtorizzati;* e) *ir-regoli amministrattivi għat-tweqqif tal-prattiċi enoloġiċi, id-deċiżjonijiet, l-eċċezzjonijiet, id-derogi, il-kundizzjonijiet u l-listi msemmija fl-Annessi IV a u V;*

Emenda 106

ARTIKOLU 26, PARAGRAFU 2, PUNT G A (ġdid)

- ga) *il-prattiki u t-trattamenti enoloġiċi awtorizzati għall-inbejjed prodotti b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi<sup>(1)</sup>.*

<sup>(1)</sup> ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

Emenda 107

TITOLU III, KAPITOLU II A (ġdid), ARTIKOLU 26 A (ġdid)

### Kapitolu II a

#### Miżuri ta' kwalità u ta' diversifikazzjoni

#### Artikolu 26a

#### Prodotti ta' l-inbid

1. It-tagħsir eċċessiv ta' l-għeneb, kemm jekk mgħaffeġ u kemm jekk le, u t-tagħsir tal-karfa ta' l-inbid għandu jkun ipprojbit. Il-fermentazzjoni mill-ġdid tal-most ta' l-għeneb għal skopijiet oħrajn apparti minn dak ta' distillazzjoni għandha tkun ipprojbita.

2. Il-persuni fiżiċi jew legali jew grupp ta' persuni li pproduċew l-inbid għandhom jagħtu lid-distillazzjoni l-prodotti sekondarji kollha li ħarġu mill-proċess imsemmi.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

3. Il-kwantità ta' l-alkoħol li tinsab fil-prodotti sekondarji trid tkun ta' mill-anqas ugwali għal 10 % fir-rigward tal-volum ta' l-alkoħol li jinsab fl-inbid prodott jekk l-inbid ikun sar direttament mill-għeneb. Apparti milli fil-każ ta' deroga għal każi li huma teknikament iġġustifikati, ma jistax ikun anqas minn 5 % jekk l-inbid ikun sar permezz tal-vinifikazzjoni tal-most ta' l-għeneb, most ta' l-għeneb parzjalment iffermentat jew inbejjed ġodda fil-fermentazzjoni.

Jekk il-persentaġġ relevanti ma jintlaħaqx, il-persuni li jwettqu d-distillazzjoni għandhom jikkonsenjaw kwantità ta' inbid mill-produzzjoni tagħhom, b'mod li jassiguraw il-kisba ta' dak il-perċentwal.

Derogi mill-Paragrafu 2 u l-ewwel Subparagrafu ta' dan il-Paragrafu jistgħu jiġu previsti mill-Istati Membri għall-kategoriji tal-produtturi u r-reġjuni tal-produzzjoni. Dawn id-derogi għandhom jipprovdu, b'mod partikulari, għall-eliminazzjoni kkontrollata, suġġetti għal kundizzjonijiet li għad iridu jiġu stabbiliti, tal-prodotti sekondarji li joħorġu mit-trasformazzjoni u l-produzzjoni ta' l-inbid, il-kompost jew kwalunkwe miżura oħra li tippermetti l-eliminazzjoni ekoloġika-ment razzjonali tal-prodotti sekondarji.

4. L-obbligu tal-kunsinja stabbilit f'paragrafu 2 jista' jintlaħaq bil-kunsinja tal-prodotti msemmija f'paragrafu 3, u fejn hemm bżonn ta' l-inbid, lill-persuni li ma jkunux distillaturi, li l-lista tagħhom għandha tiġi ppreżentata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104.

5. Il-persuni jew l-assoċjazzjonijiet li jkunu soġġetti għall-obbligi previsti fil-paragrafu 2 jistgħu jissodisfaw dak l-obbligu billi jirtiraw il-prodotti sekondarji tal-vinifikazzjoni taħt sorveljanza u bla ħsara għall-kondizzjonijiet li jridu jiġu ddeterminati.

6. Id-distillatur jista' jibbenefika minn għajna fil-għbir u t-trattament tal-prodotti sekondarji. Il-metodi ta' kif tingħata din l-għajna huma stabbiliti fir-Regolament ta' l-applikazzjoni.

7. Fil-każ ta' sena kkaratterizzata minn kundizzjonijiet klimatiċi eċċezzjonali, fejn, minkejja l-miżuri regolatorji fil-qasam tal-kultivazzjoni li għandhom l-għan li jevitaw l-eċċess, jintlaħqu livelli ta' produzzjoni għoljin ħafna, li jimplikaw ir-riskju ta' tfixkil gravi tas-suq, il-kontenut ta' l-alkoħol fil-prodotti sekondarji jista' jiżdied b'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 104 sabiex ikun evitat li l-produzzjoni żejda tinxtered fis-suq. Din il-miżura b'effett magnetiku tista' tiġi applikata f'ċerti Stati Membri jew f'ċerti reġjuni skond il-kundizzjonijiet tas-suq.

F'każ bħal dan, għandu jingħata pagament ta' għajna b'rata fissa lill-produtturi.

8. Fl-ebda każ l-alkoħol miksub minn din id-distillazzjoni ma jista' jkun maħsub għall-konsum uman.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 108

TITOLU III KAPITOLU 2 A (ġdid), ARTIKOLU 26 B (ġdid)

**Artikolu 26 b****Għajnuniet għall-ipproċessar**

1. **Il-Komunità tista' tistabbilixxi għajnuniet għall-ipproċessar ta' l-inbid għall-ksib ta' prodotti alimentari sabiex tapoġġja s-suq tal-produzzjoni ta' l-inbid u, bħala konsegwenza, is-settur ta' l-alkoħol għax-xorb meta dan ikun użat tradizzjonalment u meta jkun jista' jiġi kkummerċjalizzat.**
2. **L-għajnunha għandha tingħata skond sistema ta' kuntratti konklużi bejn il-produtturi ta' l-inbid u l-fabbrikanti. Għandu jiġi ffissat prezz minimu li l-fabbrikanti għandhom iħallsu lill-produtturi ta' l-inbid.**
3. **Il-modalitajiet ta' din l-għajnunha huma ffissati skon il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 104.**

Emenda 109

ARTIKOLU 27

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- a) "denominazzjoni ta' l-orijini" tfisser l-isem ta' reġjun, post speċifiku jew, f'każijiet eċċezzjonali, **pajjiż** li jintuża biex jiddeskrivi inbid, inbid likur, inbid frizzanti, **inbid frizzanti bil-gass**, inbid semifrizzanti jew inbid minn għeneb misjur iżżejjed li huwa konformi ma' dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:
  - i) il-kwalità u l-karatteristiċi tiegħu huma essenzjalment jew esklussivament ġejjin minn ambjent ġeografiku partikolari bil-fatturi naturali u umani inerenti tiegħu;
  - ii) l-għeneb li minnu hu prodott jiġi esklussivament minn din iż-żona ġeografika;
  - iii) huwa magħmul minn varjetajiet ta' dwieli ta' l-ispeċi Vitis vinifera.

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- a) "denominazzjoni ta' l-orijini" tfisser l-isem ta' reġjun, post speċifiku jew, f'każijiet eċċezzjonali, **ta' Stat Membru ta' dimensjoni ġeografika żgħira**, li jintuża biex jiddeskrivi inbid, inbid likur, inbid frizzanti, inbid semifrizzanti, **inbid minn għeneb niexef** jew inbid minn għeneb misjur iżżejjed, **li jkun joriġina minn dan ir-reġjun, minn dan il-post speċifiku, f'każi eċċezzjonali, minn dan l-Istat Membru** li huwa konformi ma' dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:
  - i) il-kwalità u l-karatteristiċi tiegħu huma essenzjalment jew esklussivament ġejjin minn ambjent ġeografiku partikolari bil-fatturi naturali u umani inerenti tiegħu;
  - ii) l-għeneb li minnu hu prodott jiġi esklussivament minn din iż-żona ġeografika;
  - iii) huwa magħmul minn varjetajiet ta' dwieli ta' l-ispeċi Vitis vinifera.
  - iiia) **li l-produzzjoni tagħhom, inklużi t-trasformazzjoni u t-tħejjija, u jekk ikun il-każ, l-irfinar tiegħu u t-tpoġġija fil-fliexken, iseħħu fiż-żona ġeografika msemmija.**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

- b) "indikazzjoni ġeografika" tfisser indikazzjoni li tirreferi għal reġjun, **post speċifiku** jew, f'każijiet eċċezzjonali, **pajjiż** li jintuża biex jiddeskrivi inbid, inbid likur, inbid frizzanti, **inbid frizzanti bil-gass**, inbid semifrizzanti jew inbid minn għeneb misjur iżżejjed li huwa konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:
- i) il-kwalità, il-karatteristiċi jew ir-reputazzjoni tiegħu huma attribwiti essenzjalment għall-orijini ġeografika tiegħu;
- ii) għall-anqas 85 % ta' l-għeneb li ntuża fil-produzzjoni tiegħu jiġi esklussivament minn din iż-żona ġeografika;
- iii) huwa magħmul minn varjetajiet ta' dwieli ta' l-ispeċi *Vitis vinifera* **jew jirriżultaw minn tilqim bejn din l-ispeċi u speċi oħrajn tal-ġenus *Vitis*.**
- b) "indikazzjoni ġeografika" tfisser indikazzjoni li tirreferi għal reġjun, jew, f'każijiet eċċezzjonali, **għal Stat Membru ta' dimensjoni ġeografika żgħira, għal post speċifiku**, li jintuża biex jiddeskrivi inbid, inbid likur, inbid frizzanti, inbid semifrizzanti, **inbid minn għeneb niexef** jew inbid minn għeneb misjur iżżejjed, **li jkun joriġina minn dan ir-reġjun, minn dan il-post speċifiku jew, f'każi eċċezzjonali, minn dan l-Istat Membru** li huwa konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:
- i) il-kwalità, il-karatteristiċi jew ir-reputazzjoni tiegħu huma attribwiti essenzjalment għall-orijini ġeografika tiegħu;
- ii) għall-anqas 85 % ta' l-għeneb li ntuża fil-produzzjoni tiegħu jiġi esklussivament minn din iż-żona ġeografika;
- iii) huwa magħmul minn varjetajiet ta' dwieli ta' l-ispeċi *Vitis vinifera*;
- iiia) li l-produzzjoni tagħhom, inklużi t-transformazzjoni u t-tħejjija, u jekk ikun il-każ, l-irfinar tiegħu u t-tpoġġija fil-fliexken, iseħħu fiż-żona ġeografika msemmija.**
- 1a. B'deroga mill-Paragrafu 1, punt (a iii a) u (b iii a), inbid b'denominazzjoni ta' l-orijini jew b'indikazzjoni ġeografika jista' jinkiseb jew jiġi magħmul f'żona li tkun fil-vinċinat immedjat taż-żona ġeografika msemmija, sakemm l-Istat Membru interessat ikun awtorizza dan b'mod espressiv u b'kundizzjonijiet determinati.**
2. Ismijiet tradizzjonali jiġu kkunsidrati bħala denominazzjoni ta' l-orijini meta jkunu:
- a) jiddenominaw inbid;
- b) jirreferu għal isem ġeografiku;
- c) jissodisfaw il-kundizzjonijiet msemmija fil-punti (i) sa (iii) tal-paragrafu 1(a).
3. Denominazzjonijiet ta' l-orijini u indikazzjonijiet ġeografiċi, inkluż dawk relatati ma' żoni ġeografiċi fpajjiżi terzi, għandhom ikunu eliġibbli għal protezzjoni fil-Komunità skond ir-regoli stipulati f'dan il-Kapitolu.
2. Ismijiet tradizzjonali jiġu kkunsidrati bħala denominazzjoni ta' l-orijini meta jkunu:
- a) jiddenominaw inbid;
- b) jirreferu għal isem ġeografiku;
- c) jissodisfaw il-kundizzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1, punt (a) minn (i) sa (iii a).
3. Denominazzjonijiet ta' l-orijini u indikazzjonijiet ġeografiċi, inkluż dawk relatati ma' żoni ġeografiċi fpajjiżi terzi, għandhom ikunu eliġibbli għal protezzjoni fil-Komunità skond ir-regoli stipulati f'dan il-Kapitolu.

3a. L-Istati Membri produttori, filwaqt li jqisu l-użanzi lokali u kostanti, jistgħu jiddefinixxi l-karatteristiċi jew il-kundizzjonijiet kollha tal-produzzjoni, it-tħejjija u ċ-ċirkulazzjoni kumplementari jew iktar rigoruża għall-inbejjed li jibbenefikaw minn denominazzjoni ta' orijini protetta jew minn indikazzjoni ġeografika protetta.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 110

ARTIKOLU 28, PARAGRAFU 1, PUNT A)

- a) l-isem li għandu jkun protett;
- a) l-isem li għandu jkun protett **kif ukoll is-sotto-unitajiet ġeografiċi li għandhom denominazzjonijiet tradizzjonali, li flimkien jiddefinixxu l-orijini;**

Emenda 111

ARTIKOLU 28, PARAGRAFU 2, SUBPARAGRAFU 2, PARTI INTRODUTTORJA

Għandha tkun magħmula minn:

Għandha tkun magħmula **ta' l-inqas** minn:

Emenda 112

ARTIKOLU 28, PARAGRAFU 2, SUBPARAGRAFU — A) (ġdid)

**-a) l-isem li għalih qed tintalab il-protezzjoni;**

Emenda 113

ARTIKOLU 28, PARAGRAFU 2, SUBPARAGRAFU 2, PUNT A)

- a) deskrizzjoni ta' l-inbid u l-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, mikrobijoloġiċi **u** organolettiċi prinċipali tiegħu;
- a) deskrizzjoni ta' l-inbid **jew ta' l-inbejjed u jekk ikun hemm il-ħtieġa tal-**karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, mikrobijoloġiċi **jew** organolettiċi prinċipali tiegħu **jew tagħhom;**

Emenda 114

ARTIKOLU 28, PARAGRAFU 2, SUBPARAGRAFU 2, PUNT A A) (ġdid)

**aa) prattiċi ta' kultivazzjoni;**

Emenda 115

ARTIKOLU 28, PARAGRAFU 2, SUBPARAGRAFU 2, PUNT A B) (ġdid)

**ab) il-metodi tal-produzzjoni ta' l-inbid u l-prattiċi enoloġiċi speċifiċi użati fl-elaborazzjoni ta' l-inbid;**

Emenda 116

ARTIKOLU 28, PARAGRAFU 2, SUBPARAGRAFU 2, PUNT C)

- c) id-definizzjoni taż-żona ġeografika kkonċernata;
- c) id-definizzjoni taż-żona ġeografika kkonċernata **tal-produzzjoni ta' l-għeneb u l-produzzjoni ta' l-inbid, l-elaborazzjoni, l-irfinar u t-tpoġġija fil-flixxun;**

Emenda 117

ARTIKOLU 28, PARAGRAFU 2, SUBPARAGRAFU 2, PUNT E)

- e) indikazzjoni tal-varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minn-hom **jinkiseb l-inbid;**
- e) indikazzjoni tal-varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minn-hom **jinkisbu l-inbid jew l-inbejjed;**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 118

ARTIKOLU 28, PARAGRAFU 2, SUBPARAGRAFU 2, PUNT F)

- f) id-dettalji li **jurru l-konnessjoni mal-kwalità, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi u l-ambjent ġeografiku jew l-orijini ġeografika;**
- f) l-elementi li **jiġġustifikaw:**
- i) **il-konnessjoni bejn il-kwalità jew il-karatteristiċi ta' l-inbid u l-ambjent ġeografiku msemmi fl-Artikolu 27, paragrafu 1(a) jew skond il-każ,**
  - ii) **il-konnessjoni bejn kwalità speċifika, il-fama jew karatteristika oħra ta' l-inbid u l-orijini ġeografika msemminja fl-Artikolu 27, paragrafu 1(b);**

## Emenda 119

ARTIKOLU 28, PARAGRAFU 2, SUBPARAGRAFU 2, PUNT F A) (ġdid)

- fa) skond il-każ, rekwiżiti eventwali għall-manifattura, l-issigħillar u kif ukoll il-materjali, it-tipi differenti ta' konteni-turi u kemm jesgħu;**

## Emenda 120

ARTIKOLU 28, PARAGRAFU 2, SUBPARAGRAFU 2, PUNT F B) (ĠDID)

- fb) skond il-każ, kwalunkwe logotipi li jidentifikaw id-denominazzjoni li l-użu tagħhom fit-tikkettar jista' jkun obbligatorju jew fakultattiv;**

## Emenda 121

ARTIKOLU 30, PARAGRAFU 1

1. Kwalunkwe grupp ta' produtturi interessat, jew f'każijiet eċċezzjonali produttur uniku, jista' japplika għall-protezzjoni ta' denominazzjoni ta' l-orijini jew indikazzjoni ġeografika. Partijiet oħra interessati jistgħu jieħdu sehem fl-applikazzjoni.
1. Kwalunkwe grupp **rappreżentattiv** ta' produtturi interessat jew, f'każijiet eċċezzjonali, produttur uniku, jista' japplika għall-protezzjoni ta' denominazzjoni ta' l-orijini jew indikazzjoni ġeografika. Partijiet oħra interessati jistgħu jieħdu sehem fl-applikazzjoni. **In-natura rappreżentattiva tal-grupp trid tkun dokumentata kif dovut.**

## Emenda 122

ARTIKOLU 30, PARAGRAFU 3 A (ĠDID)

- 3a) L-applikazzjonijiet għal denominazzjoni ta' l-orijini jew indikazzjoni ġeografika transkonfini għandhom ikunu ppreżentati fl-Istat Membru fejn tinsab il-parti l-kbira tat-territorju kkonċernat.**

## Emenda 123

ARTIKOLU 31, PARAGRAFU 3

3. L-Istat Membru għandu jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni **fir-rigward ta' jekk tissodisfax** il-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-Kapitolu.
3. L-Istat Membru għandu jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni **permezz ta' mezzi xierqa biex jistabbilixxi jekk tkunx ġustifikata u jekk tissodisfax** il-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-Kapitolu.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

L-Istat Membru għandu jwettaq proċedura nazzjonali biex jiżgura l-pubblikazzjoni xierqa ta' l-applikazzjoni u jipprovdi għal perjodu **ta' għall-anqas xahrejn** mid-data tal-pubblikazzjoni li fiha kwalunkwe persuna naturali jew legali li għandha interess leġittimu u hija stabbilita jew residenti fit-territorju tiegħu tista' toġġezzjona għall-protezzjoni proposta billi tibgħat dikjarazzjoni debitament sostanzjata lill-Istat Membru.

L-Istat Membru għandu jwettaq proċedura nazzjonali biex jiżgura l-pubblikazzjoni xierqa ta' l-applikazzjoni u jipprovdi għal perjodu **raġonevoli** mid-data tal-pubblikazzjoni li fiha kwalunkwe persuna naturali jew legali li għandha interess leġittimu u hija stabbilita jew residenti fit-territorju tiegħu tista' toġġezzjona għall-protezzjoni proposta billi tibgħat dikjarazzjoni debitament sostanzjata lill-Istat Membru.

Emenda 124

ARTIKOLU 32, PARAGRAFU 2

2. Il-Kummissjoni għandha teżamina **jekk l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni msemmija** fl-Artikolu 31(7) **jissodisfawx** il-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-Kapitolu.

2. Il-Kummissjoni għandha teżamina **permezz ta' mezzi xierqa l-applikazzjoni msemmija** fl-Artikolu 31(7), **sabiex tistabbilixxi jekk tkunx ġustifikata u jekk tissodisfax** il-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-Kapitolu. **Dan l-eżami għandu jsir fi żmien 12-il xhar.**

Emenda 125

ARTIKOLU 33, SUBPARAGRAFU 1

Fi żmien **xahrejn** mid-data tal-pubblikazzjoni pprovduta fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 32(3), kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż terz, jew kwalunkwe persuna naturali jew legali li għandha interess leġittimu, stabbilita jew residenti fi Stat Membru barra minn dak li qed japplika għall-protezzjoni jew f'pajjiż terz, tista' toġġezzjona għall-protezzjoni proposta billi tibgħat dikjarazzjoni debitament sostanzjata lill-Kummissjoni.

Fi żmien **sitt xhur** mid-data tal-pubblikazzjoni pprovduta fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 32(3), kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż terz, jew kwalunkwe persuna naturali jew legali li għandha interess leġittimu, stabbilita jew residenti fi Stat Membru barra minn dak li qed japplika għall-protezzjoni jew f'pajjiż terz, tista' toġġezzjona għall-protezzjoni proposta billi tibgħat dikjarazzjoni debitament sostanzjata lill-Kummissjoni.

Emenda 126

ARTIKOLU 33, SUBPARAGRAFU 2

Fil-każ ta' persuni naturali jew legali stabbiliti jew residenti f'pajjiż terz, din id-dikjarazzjoni għandha tintbagħat, direttament jew permezz ta' l-awtoritajiet tal-pajjiż terz ikkonċernat, **fi żmien limitat ta' xahrejn kif** imsemmi fl-ewwel paragrafu.

Fil-każ ta' persuni naturali jew legali stabbiliti jew residenti f'pajjiż terz, din id-dikjarazzjoni għandha tintbagħat, direttament jew permezz ta' l-awtoritajiet tal-pajjiż terz ikkonċernat, **fil-limitu ta' żmien** imsemmi fl-ewwel paragrafu.

Emenda 127

ARTIKOLU 35, PARAGRAFU 1

1. Isem li huwa omonimu ma' denominazzjoni ta' l-orijġini jew indikazzjoni ġeografika protetta għandu jkun eliġibbli għall-protezzjoni bħala denominazzjoni ta' l-orijġini jew indikazzjoni ġeografika, sakemm **huwa differenti biżżejjed mill-isem protett. B'hekk ikun żgurat li l-konsumaturi ma jkunux żgwidati dwar l-orijġini ġeografika vera ta' l-inbejjed ikkonċernati.**

1. Isem li huwa omonimu ma' denominazzjoni ta' l-orijġini jew indikazzjoni ġeografika protetta għandu jkun eliġibbli għall-protezzjoni bħala denominazzjoni ta' l-orijġini jew indikazzjoni ġeografika, sakemm, **skond il-proċedura fl-Artikolu 45, ikunu ġew iddeterminati l-kundizzjonijiet prattiċi li, billi jintroduċu elementi xierqa ta' differenzjazzjoni, jippermettu li l-produtturi interessati jirċievu trattament indaqs u li l-konsumaturi ma jkunux imqarrqa.**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 128

ARTIKOLU 37, PARAGRAFU 1, SUBPARAGRAFU 1

1. Meta denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika hija protetta skond dan ir-Regolament, ir-reġistrazzjoni ta' marka kummerċjali li tikkorrispondi ma' waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 38(2) u li tirreferi għal prodott li jaqa' taħt waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness IV għandha tiġi miċħuda jekk l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-marka hija sottomessa wara d-data tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni għall-protezzjoni tad-denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika **lill-Kummissjoni**. Għalhekk id-denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika tiġi sussegwentement protetta.

1. Meta denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika hija protetta skond dan ir-Regolament, ir-reġistrazzjoni ta' marka kummerċjali li tikkorrispondi ma' waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 38(2) u li tirreferi għal prodott li jaqa' taħt waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness IV għandha tiġi miċħuda jekk l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-marka hija sottomessa wara d-data tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni għall-protezzjoni tad-denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika **lill-Istat Membru**. Għalhekk id-denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika tiġi sussegwentement protetta.

Emenda 129

ARTIKOLU 37, PARAGRAFU 2

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 36(2), marka kummerċjali li l-użu tagħha jikkorrispondi ma' waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 38(2), li saret applikazzjoni għaliha, għat ir-reġistrata jew stabbilita bl-użu, jekk dik il-possibbiltà hija pprovduta mil-leġiżlazzjoni kkonċernata, fit-territorju Komunitarju qabel id-data li fiha l-applikazzjoni għall-protezzjoni tad-denominazzjoni ta' l-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika hija sottomessa lill-Kummissjoni, tista' tibqa' tintuża u tiġġedded minkejja l-protezzjoni tad-denominazzjoni ta' l-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika. Dan sakemm ma jeżistux raġunijiet għall-invalidità jew revoka tal-marka kummerċjali kif speċifikat mid-Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE jew ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94.

imħassar

F'każijiet bħal dawn l-użu tad-denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika huwa permess flimkien mal-marki kummerċjali rilevanti.

Emenda 130

ARTIKOLU 38, PARAGRAFU 1

1. Denominazzjonijiet ta' l-oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti jistgħu jintużaw minn kwalunke operatur li jagħmel kummerċ fi nbid li ġie prodott b'konformità ma' l-ispeċifikazzjoni tal-prodott korrisonidenti.

imħassar

Emenda 131

ARTIKOLU 38, PARAGRAFU 2, PUNT A), INĊIŻ 2

— sakemm dan l-użu **jisfrutta** r-reputazzjoni ta' denominazzjoni ta' l-oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika;

— sakemm dan l-użu **jista'** jippreġudika jew jagħmel dannu **lir**-reputazzjoni ta' denominazzjoni ta' l-oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika;



L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 132

ARTIKOLU 38, PARAGRAFU 2 A (ĠDID)

**2a.** *Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, xarba alkoħolika definita skond il-liġi Komunitarja li tkun differenti minn inbid jew most ta' l-għeneb tista' tagħmel użu minn isem ta' denominazzjoni ta' l-oriġini protetta jew ta' indikazzjoni ġeografika protetta biss jekk dan l-isem ikun attribwit mill-Istat Membru fejn dik id-denominazzjoni ta' l-oriġini u l-indikazzjoni ġeografika huma protetti.*

Emenda 133

ARTIKOLU 38, PARAGRAFU 3 A (ĠDID)

**3a.** *Il-prodotti li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament ma jistgħux jinżammu għall-bejgħ jew jingħataw għall-konsum fis-suq tal-Komunità u lanqas ma jistgħu jkunu esportati.*

Emenda 134

ARTIKOLU 38, PARAGRAFU 4

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex iwaqqfu użu illegali ta' denominazzjonijiet ta' l-oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti kif imsemmi fil-paragrafu 2.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex iwaqqfu użu illegali ta' denominazzjonijiet ta' l-oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti kif imsemmi fil-paragrafu 2 u għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dawn il-miżuri. **Il-Kummissjoni, fuq talba motivata kif dovut ta' Stat Membru, ta' pajjiż terz jew ta' persuna fiżika jew legali b'interess leġittimu, għandha tintervjeni sabiex tiggarantixxi l-protezzjoni effettiva tad-denominazzjoni ta' l-oriġini protetta jew ta' l-indikazzjoni ġeografika protetta.**

Emenda 135

ARTIKOLU 38, PARAGRAFU 4 A (ĠDID)

**4a.** *Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi penali fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligu ta' l-adozzjoni tal-miżuri meħtieġa.*

Emenda 136

ARTIKOLU 38, PARAGRAFU 4 B (ġdid)

**4b.** *L-Istati Membri huma awtorizzati li jippreservaw jew jadottaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali kollha li jiggarantixxu protezzjoni akbar tad-denominazzjonijiet ta' l-oriġini protetti u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti.*

Emenda 137

ARTIKOLU 40, PARAGRAFU 1

1. L-Istati Membri għandhom jindikaw l-awtorità kompetenti jew awtoritajiet responsabbli mill-kontrolli fir-rigward ta' l-obbligi stabbiliti b'dan il-Kapitolu skond ir-Regolament (KE) Nru 882/2004. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw organizzazzjonijiet interprofessjonali għal daww il-kontrolli jekk joffru garanziji adegwati ta' oġġettività u imparzjalità.

1. L-Istati Membri għandhom jindikaw l-awtorità kompetenti jew awtoritajiet responsabbli mill-kontrolli fir-rigward ta' l-obbligi stabbiliti b'dan il-Kapitolu skond ir-Regolament (KE) Nru 882/2004. L-Istati Membri jistgħu **tant ieħor** jinnominaw organizzazzjonijiet interprofessjonali għal daww il-kontrolli jekk joffru garanziji adegwati ta' oġġettività, **kompetenza** u imparzjalità.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 138

ARTIKOLU 41, PARAGRAFU 1, SUBPARAGRAFU 1, PARTI INTRODUTTORJA

1. Dwar denominazzjonijiet ta' l-oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti relatati ma' żona ġeografika fi ħdan il-Komunità, verifika **annwali** ta' konformità ma' l-ispeċifikazzjoni tal-prodott, matul il-produzzjoni u matul u wara l-ipproċessar ta' l-inbid, għandha tkun żgurata permezz ta':

1. Dwar denominazzjonijiet ta' l-oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti relatati ma' żona ġeografika fi ħdan il-Komunità, verifika ta' konformità ma' l-ispeċifikazzjoni tal-prodott, matul il-produzzjoni u matul u wara l-ipproċessar ta' l-inbid, għandha tkun żgurata permezz ta':

Emenda 139

ARTIKOLU 41, PARAGRAFU 1, SUBPARAGRAFU 2

L-ispejjeż ta' tali verifiki **jinġarru** mill-operaturi stess.

L-ispejjeż ta' tali verifiki **jistgħu jinġarru** mill-operaturi stess.

Emenda 140

ARTIKOLU 43, SUBPARAGRAFU 1

Skond il-proċedura msemmija fl-**Artikolu 104(1)**, jista' jiġi deċiż fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew minn talba debitament sostanzjata ta' Stat Membru, ta' pajjiż terz jew ta' persuna naturali jew legali li għandha interess leġittimu, li l-protezzjoni ta' denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika tiġi kkanċellata jekk ma tkunx għadha żgurata l-konformità ta' l-ispeċifikazzjoni tal-prodott korrispondenti.

Skond il-proċedura msemmija fl-**Artikolu 45(1)**, jista' jiġi deċiż fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew minn talba debitament sostanzjata ta' Stat Membru, ta' pajjiż terz jew ta' persuna naturali jew legali li għandha interess leġittimu, li l-protezzjoni ta' denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika tiġi kkanċellata jekk ma tkunx għadha żgurata l-konformità ta' l-ispeċifikazzjoni tal-prodott korrispondenti.

Emenda 141

ARTIKOLU 44, PARAGRAFU 2, PUNT A)

a) **il-fajls tekniċi kif irregolat fl-Artikolu 28(1);**

**imħassar**

Emenda 142

ARTIKOLU 44, PARAGRAFU 2, PUNT B)

b) **id-deċiżjoni nazzjonali li tindika l-validità tagħhom.**

**imħassar**

Emenda 143

ARTIKOLU 44, PARAGRAFU 3

3. **L-ismijiet imsemmija fil-paragrafu 1, li għalihom l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ma tintbagħatx sal-31 ta' Diċembru 2010, ma għandhomx jibqgħu protetti skond dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-pass formali korrispondenti biex tneħħi ismijiet bħal dawn mir-reġistru pprovdut fl-Artikolu 39.**

**imħassar**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 144

ARTIKOLU 44, PARAGRAFU 4

4. *B'deroga mill-Artikolu 43, jista' jkun deċiż, sal-31 ta' Diċembru 2013, fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni u skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1), li l-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' l-oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tiġi kkanċellata jekk il-kundizzjonijiet rilevanti għall-protezzjoni ma jitħarsux.*

*imħassar*

Emenda 145

ARTIKOLU 45, SUBPARAGRAFU 1

Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu għandhom jiġu adottati *skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1).*

Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu għandhom jiġu adottati *mill-Kummissjoni, bl-għajruna ta' kumitat ta' regolamentazzjoni.*

*Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.*

*Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal xahar.*

Emenda 146

TITOLU III, KAPITOLU IV, INTESTATURA

*It-tikkettar**Deskrizzjoni, denominazzjoni, preżentazzjoni u protezzjoni ta' ċerti prodotti*

Emenda 147

ARTIKOLU 47

Għal finijiet ta' dan ir-Regolament, "tikkettar" tfisser kwalunkwe kelma, partikularità, marka kummerċjali, ditta, materja ta' stampa jew simbolu mpoġġija fuq kwalunkwe pakkjar, dokument, notifika, tikketta, ċurkett jew għonq li jakkumpanja jew jirreferi għal xi prodott.

Għal finijiet ta' dan ir-Regolament, "tikkettar" tfisser kwalunkwe kelma, partikularità, marka kummerċjali, ditta, materja ta' stampa jew simbolu mpoġġija fuq kwalunkwe pakkjar, dokument, notifika, tikketta, ċurkett jew għonq li jakkumpanja jew jirreferi għal xi prodott *maħsub għall-konsumatur aħħari.*

Emenda 148

ARTIKOLU 47, SUBPARAGRAFU 1 A (għdid)

*Ir-regoli tat-tikkettar għandhom iqisu l-ħarsien ta' l-interessi leġittimi tal-konsumaturi, il-ħarsien ta' l-interessi leġittimi tal-produtturi, it-tħaddim tajjeb tas-suq intern u l-iżvilupp tal-produzzjoni ta' kwalità.*

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 149

ARTIKOLU 48 A (ġdid)

**Artikolu 48 a****L-użu tad-denominazzjonijiet komposti**

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet bl-għan li jarmozzaw il-leġiżlazzjonijiet, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-kelma “inbid” flimkien ma’ l-isem ta’ frotta fil-forma ta’ denominazzjoni komposta, biex jiddeskrivu prodotti miksuba permezz tal-fermentazzjoni ta’ frott li ma jkunx għeneb.

L-Artikolu 52 ma jaffettwax din il-possibilità.

Emenda 150

Artikolu 49, Paragrafu 1, Punt A a) (ġdid)

- (aa) **Il-kategoriji tal-prodotti ta’ l-inbid inklużi f’punti 5 u 7 ta’ l-Anness IV ma jistgħux jintużaw fit-tikkettar ta’ l-inbejjes li għandhom denominazzjoni ta’ oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta;**

Emenda 151

Artikolu 49, Paragrafu 1, Punt B), Inċiż 1

it-terminu “denominazzjoni ta’ l-oriġini protetta” jew “**indikazzjoni ġeografika protetta**”, u

— it-terminu “denominazzjoni ta’ oriġini protetta” jew **l-indikazzjoni “Vino dela tierra”, “οίνος τοπικός”, “zemské víno”, “Landwein”, “ονομασία κατά παράδοση”, “regional wine”, “vin de pays”, “indicazione geografica tipica”, “tájbor”, “inbid ta’ lokalità tradizzjonali”, “landwijn”, “vinho regional”, “deželno vino PGO”, “deželno vino s priznano geografsko oznako”, “geograafilise tähistusega lauavein”, “lantvin”** u

Emenda 152

Artikolu 49, Paragrafu 1, Punt C a) (ġdid)

- ca) il-volum;**

Emenda 153

Artikolu 49, Paragrafu 1, Punt C b) (ġdid)

- cb) fil-każ imsemmi f’Anness IV, punt 4, l-indikazzjoni tan-natura tal-prodott;**

Emenda 154

Artikolu 49, Paragrafu 1, Punt C c) (ġdid)

- cc) f’każ ta’ kunsinja lejn Stat Membru ieħor jew f’każ ta’ esportazzjoni, indikazzjoni tal-provenjenza bl-isem ta’ l-Istat Membru ta’ oriġini;**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 155

Artikolu 49, Paragrafu 1, Punt C d) (ġdid)

cd) *l-isem jew l-isem tan-negozju ta' minn jibbottilja, il-qasam amministrattiv lokali fejn hu stabbilit u l-Istat Membru.*

*Dawn għandhom ikunu indikati b'karattri ta' l-istess daqs u qabilhom dejjem għandu jkun hemm il-kliem "Ibbottiljat minn" jew kliem ieħor awtorizzat mir-regolamentazzjoni komunitarja jew dik ta' l-Istati Membri.*

*Meta l-ibbottiljar jew il-kunsinja titwettag f'qasam amministrattiv lokali li ma jkunx dak tal-bottiljatur jew tal-kunsinjatur, jew f'qasam qarib, l-indikazzjonijiet li saret referenza għalihom f'dan il-punt għandhom ikunu akkumpanjati minn terminu li jispeċifika l-qasam amministrattiv lokali fejn ikun seħħ l-operat, u jekk dan ikun sar fi Stat Membru ieħor, l-isem ta' dak l-Istat.*

Emenda 156

Artikolu 49, Paragrafu 1, Punt D)

indikazzjoni tal-**provenjenza** ta' l-inbid;

d) *l'indikazzjoni ta' l-oriġini ta' l-għeneb, tal-most u ta' l-inbid;*

Emenda 157

Artikolu 49, Paragrafu 1, Punt F a) (ġdid)

fa) *l-indikazzjoni ta' l-eventwali termini jew tagħrif obligatorji għal raġunijiet relatati mal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, li l-modi ta' implimentazzjoni tagħhom għandhom jiġu determinati skond il-proċedura msemmija f'Artikolu 104(1).*

Emenda 158

Artikolu 49, Paragrafu 1, Punt F b) (ġdid)

**fb) in-numru tal-konsenja;**

Emenda 159

Artikolu 49, Paragrafu 3, Parti Introduttorja

3. B'deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 1, ir-referenza għat-termini "denominazzjoni ta' l-oriġini protetta" **jew "indikazzjoni ġeografika protetta"** tista' titħalla barra f'dawn il-każijiet li ġejjin:

3. B'deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 1, ir-referenza għat-termini "denominazzjoni ta' l-oriġini protetta" tista' titħalla barra f'dawn il-każijiet li ġejjin:

Emenda 160

Artikolu 49, Paragrafu 3, Punt B)

b) fejn, f'ċirkustanzi eċċezzjonali li jiġu determinati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1), l-isem tad-denominazzjoni ta' l-oriġini **jew indikazzjoni ġeografika protetta** jidher fuq it-tikketta.

b) fejn, f'ċirkustanzi eċċezzjonali li jiġu determinati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1), l-isem tad-denominazzjoni ta' l-oriġini jidher fuq it-tikketta.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 161

Artikolu 49, Paragrafu 3 A (ġdid)

**3a.** Dawn l-indikazzjonijiet obligatorji għandhom ikunu miġbura fl-istess parti viżiva tar-recipient u preżentati b'karatteri ċari, leġġibbli, ma jitħassrux u kbar biżżejjed biex joħlqu kuntrast ma' l-isfond li jkunu miktuba fuqu u biex ikunu jistgħu jintgħarfu faċilment.

## Emenda 162

Artikolu 50, Frazzi Introdutturja

It-tikkettar ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 49(1) jista' **b'mod partikolari** jkun fih dawn id-dettalji fakultattivi li ġejjin:

It-tikkettar ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 49(1), **ħlief dawk imsemmija f'Anness IV, punti 5 u 7**, jista' **wkoll** ikun jinkludi fih dawn id-dettalji fakultattivi li ġejjin:

## Emenda 163

Artikolu 50, Punt A)

a) is-sena ta' l-għasra;

a) **għal inbejjed b'denominazzjoni ta' l-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta biss:**

- is-sena ta' l-għasra;
- **l-isem ta' waħda jew ta' diversi mill-varjetajiet ta' l-għeneb ta' l-inbid,**
- **it-termini tradizzjonali komplimentari.**

**Bit-terminu "termini tradizzjonali komplimentari", wieħed jifhem terminu li b'mod tradizzjonali jintuża fl-Istati Membri ta' produzzjoni biex jagħtu isem lill-inbejjed inklużi fit-titolu preżenti, li jirreferi, b'mod partikolari, għal metodu ta' produzzjoni, ta' elaborazzjoni, ta' maturazzjoni jew għall-kwalità, il-kulur, it-tip ta' post, jew għal ġrajja storika marbuta ma' l-istorja ta' l-inbid u li hi definita fil-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri li jipproduċu sabiex tirreferi għall-inbejjed konċernati magħmula fit-territorju tagħhom.**

**It-terminu tradizzjonali jiġbor fih il-kundizzjonijiet li ġejjin:**

- i) **ikun distintiv biżżejjed u/jew igawdi reputazzjoni stabbilita fis-suq tal-Komunità;**
- ii) **ikun ġie użat tradizzjonalment għal mill-anqas 10 snin fl-Istat Membru msemmi; u**
- iii) **ikun użat għal inbid jew fejn ikun il-każ, għal diversi nbejjed jew kategoriji ta' nbejjed tal-Komunità.**
- **l-unitajiet ġeografiċi akbar jew iżgħar mir-reġjun jew mill-post imsemmi;**
- **is-simbolu tal-Komunità li jindika d-denominazzjoni ta' l-oriġini protetta jew l-indikazzjoni ġeografika protetta;**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 164

Artikolu 50, Punt B)

b) *l-isem ta' waħda jew aktar minn varjetajiet ta' l-għeneb ta' l-inbid;*b) *Għall-inbejjed kollha:*

- *it-termini li jindikaw il-kontenut ta' zokkor,*
- *it-termini li jirreferu għal ċerti metodi ta' produzzjoni,*
- *it-tip ta' prodott skond l-Anness IV,*
- *kulur partikulari, skond il-modalitajiet maħsuba mill-Istat Membru li jipproduċi,*
- *l-isem, l-indirizz u l-awtorità tal-persuna jew persuni li jkunu ipparteċipaw fid-distribuzzjoni kummerċjali. Fil-każ ta' bottiljar għal terzi, l-indikazzjoni tal-bottiljatur għandha tkun supplimentata bil-kliem "Ibbottiljat għal" jew, meta l-isem, l-indirizz u x-xogħol tal-persuna li wettqet il-bottiljar għan-nom ta' parti terza huma indikati, mill-kliem "Ibbottiljat għal... minn...".*
- *marka reġistrata,*
- *jista' jintuża kodiċi fit-tikkettar ta' prodotti msemmija fir-regolament preżenti sabiex jirrappreżenta il-qasam amministrattiv lokali ta' l-istabbiliment u l-isem tal-bottiljatur jew ta' l-importatur, fejn ikun xieraq, bil-kundizzjoni li dan ikun awtorizzat jew pre-  
vist mill-Istat Membru li fih jiġu bbottiljati l-prodotti. Dan l-użu huwa subordinat għall-obbligu li fit-tikketta jissemma' l-isem jew l-isem tan-negozju tal-persuna jew tal-grupp ta' persuni, apparti l-bottiljatur, li jkunu involuti fid-distribuzzjoni kummerċjali tal-prodott, u ż-żona amministrattiva lokali, jew parti minn dik iż-żona, ta' fejn jinsab l-uffiċċju ewlieni ta' din il-persuna jew grupp ta' persuni.*

Emenda 165

Artikolu 50, Punt (C)

c) *termini li jindikaw il-kontenut ta' zokkor;*c) *f'dak li jirrigwarda l-inbejjed miksuba fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri li jipproduċu għandhom jagħmlu obbligatorji ċerti termini msemmija f'punti a) u b), jipprojbixxuhom jew jillimitaw l-użu tagħhom.*

Emenda 166

Artikolu 50, Punt C a) (ġdid)

ca) *it-termini li jindikaw il-persentaġġ ta' dijossidju tal-kubrit;*

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 167

Artikolu 50, Punt D)

- d) *għal inbejjed b'denominazzjoni ta' l-orijini jew indikazzjoni ġeografika protetta, termini tradizzjonali barra mid-denominazzjonijiet ta' l-orijini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi li jiddenominaw il-metodu ta' produzzjoni jew ta' maturazzjoni jew il-karatteristiċi, kulur, tip ta' post ta' l-inbid ikkonċernat;* **imħassar**

Emenda 168

Artikolu 50, Punt (e)

- e) *is-simbolu tal-Komunità li jindika d-denominazzjoni ta' l-orijini jew l-indikazzjoni ġeografika protetta;* **imħassar**

Emenda 169

Artikolu 50, Punt F)

- f) *termini li jirreferu għal ċerti metodi ta' produzzjoni.* **imħassar**

Emenda 170

Artikolu 50, Punt F a) (għdid)

- fa) *għall-inbejjed b'denominazzjoni ta' orijini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta, l-isem ta' unità ġeografika iżgħar minn dik li hija l-bażi tad-denominazzjoni ta' orijini jew ta' l-indikazzjoni ġeografika, fil-każ li din tkun differenti mid-denominazzjoni ta' orijini jew mill-indikazzjoni ġeografika.*

Emenda 171

Artikolu 51, Subparagrafu 2

Madankollu, *l-isem ta' denominazzjoni ta' l-orijini jew indikazzjoni ġeografika protetta jew id-denominazzjoni nazzjonali speċifika għandhom jidhru fuq it-ticketta bil-lingwa uffiċjali jew lingwi ta' l-Istat Membru fejn joriġina l-inbid.*

Madankollu, *l-indikazzjonijiet relatati:*

- *ma' l-isem ta' denominazzjoni ta' l-orijini protetta jew ta' indikazzjoni ġeografika protetta,*
- *ma' termini tradizzjonali,*
- *ma' l-isem ta' l-intrapriżi ta' l-inbid jew ta' jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom, kif ukoll it-termini relatati ma' l-ibbottiljar,*

*ikunu miktuba u jidhru fuq it-ticketta biss f'waħda mill-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun ġie preparat il-prodott.*

*Għal prodotti li joriġinaw minn' Stat Membru li juża alfabet differenti minn dak Latin, l-indikazzjonijiet imsemmija fis-subparagrafu ta' qabel jistgħu jkunu ripetuti f'lingwa waħda jew f'diversi lingwi uffiċjali tal-Komunità.*



L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 172

Artikolu 52, Subparagrafu -1 (ġdid)

**Il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti regolati mir-regolament preżenti u tikkettati bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-kapitolu attwali huwa pprojbit fil-Komunità.**

Emenda 173

Artikolu 52

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-ebda nbid li ma jkunx ittikkettjat skond dan il-Kapitolu *ma jitpoġġa fis-suq, jew inkella*, jekk diġà jinsab imqiegħed fis-suq, jitneħħa.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex iwaqqfu t-tpoġġija fis-suq **jew l-esportazzjoni** ta' kwa-lunkwe nbid li ma jkunx ittikkettjat skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu **u l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tiegħu**, u jekk diġà jinsab imqiegħed fis-suq, jitneħħa.

Emenda 174

Artikolu 52, Subparagrafu 1 a (ġdid)

**Il-Kummissjoni tistabbilixxi penali fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligi ta' adozzjoni tal-miżuri meħtieġa.**

Emenda 175

Artikolu 53, Subparagrafu 2, Punt a)

a) dettalji dwar l-indikazzjoni **tal-provenjenza** ta' l-inbid;a) dettalji dwar l-indikazzjoni ta' **l-orijini ta' l-għeneb, tal-most u** ta' l-inbid;

Emenda 176

Artikolu 53, Subparagrafu 2, Punt D a) (ġdid)

**da) it-termini li jikkonċernaw l-inbejjed prodotti skond id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.**

Emenda 177

Artikolu 54, Punt C) VII a) (ġdid)

**viia) l-iżgurar tal-programmar tal-produzzjoni u l-adattament tal-produzzjoni għal mad-domanda, kemm mil-lat kwantitattiv u kwalitattiv, kif ukoll dak ta' konformità man-normi tas-sikurezza ta' l-ikel;**

Emenda 178

Artikolu 54, Punt C) VII b) (ġdid)

**viib) it-twettiq u l-immaniġġjar ta' programmi dwar il-prattiki agrikoli u n-normi ambjentali msemmija f'Artikolu 13 b;**

Emenda 179

Artikolu 54, Punt C) VII c) (ġdid)

**viic) il-promozzjoni ta' Prattiki ta' kultivazzjoni, tekniki tal-produzzjoni u tekniki ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart li jirrispettaw l-ambjent, u partikolarment dawk relatati mal-ħarsien tal-kwalità ta' l-ilma, tal-ħamrija u tal-pajsaġġ u li jippreservaw u/jew jinkuraġġixxu l-bijodiversità; it-tiftixa għal soluzzjonijiet ġodda li jippermettu li jiġi limitat l-użu ta' prodotti fitofarmaċewtiċi;**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 180

Artikolu 54, Punt C) VII d) (ġdid)

**vii d) it-tweġġ ta' inizjattivi relatati mal-loġistika u mar-riċerka teknoloġika;**

Emenda 181

Artikolu 54, Punt C) VII e) (ġdid)

**vii e) l-infurmar tal-konsumaturi;**

Emenda 182

Artikolu 54, Punt C) VII f) (ġdid)

**vii f) il-ħidma favur l-aċċess għal swieq ġodda u t-tweġġ tas-sondaġġi meħtieġa sabiex il-produzzjoni tiġi orjentata lejn prodotti aktar adattati għall-bżonnijiet tas-suq u għax-xewqat tal-konsumatur, sabiex itejbu ċ-ċirkulazzjoni u l-kummerċ tal-prodotti tas-settur;**

Emenda 183

Artikolu 54, Subparagrafi 1a u 1b (ġodda)

**Għal skopijiet ta' implimentazzjoni tar-regolament preżenti, l-Istati Membri jiddefinixxu l-irwol ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi fil-qafas ta' proġetti ta' programmi ta' għajjnuna.**

**L-Istati Membri ma' jistgħux jillimitaw ir-rikonoxximent ta' dan it-tip ta' organizzazzjonijiet għall-uniċi organizzazzjonijiet li jipprattikaw it-trasferiment tal-proprjetà, jiġifieri għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jixtru l-prodott tal-membri tagħhom biex wara jerġgħu ibiġgħu.**

Emenda 184

ARTIKOLU 55, PUNT B)

b) hija stabbilita fuq l-inizjattiva **ta' l-organizzazzjonijiet jew l-assoċjazzjonijiet kollha li jikkostitwuha, jew uħud minnhom;**

b) hija stabbilita fuq l-inizjattiva **tar-rappreżentanti ta' l-attivitajiet ekonomiċi msemmija f'punt a);**

Emenda 185

Artikolu 55, Punt C) VII a) (ġdid)

**vii a) il-kontroll u l-immaniġġjar ta' programmi dwar il-prattiki agrikoli u n-normi ambjentali msemmija f'Artikolu 13 b);**

Emenda 186

Artikolu 55, Punt C) X)

(x) twettaq azzjonijiet biex tippromwovi l-inbid, **speċjalment f'pajjiżi terzi;**

x) twettaq azzjonijiet biex tippromwovi l-inbid;

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 187

Artikolu 55, Punt C) XII a) (ġdid)

**xiia) miżuri relatati mar-ristrutturazzjoni tas-settur;**

Emenda 188

Artikolu 55, Punt C) XII b) (ġdid)

**xiib) kull azzjoni konformi mar-regolamentazzjoni komunitarja.**

Emenda 189

Artikolu 56, Paragrafu 2 a (ġdid)

**2a. L-organizzazzjonijiet interprofessjonali li ġew rikonoxxuti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament mhumiex sottoposti għall-proċedura msemmija fil-paragrafi 1 u 2.**

Emenda 190

Artikolu 57, paragrafu 1, subparagrafu 1

1. L-Istati Membri produttori, sabiex itejbu l-operat tas-suq ta' l-inbejjed b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, inklużi l-għeneb, il-most u l-inbejjed rilevanti, b'mod partikolari bl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet meħuda minn organizzazzjonijiet interprofessjonali, jistgħu jistipulaw regoli għall-kummerċjalizzazzjoni biex jirregolaw il-provvista, **sakemm dawn ir-regoli huma relatati maż-żamma jew ir-rilaxx progressiv tal-prodott.**

1. L-Istati Membri produttori, sabiex itejbu l-operat tas-suq ta' l-inbejjed b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, inklużi l-għeneb, il-most u l-inbejjed rilevanti, b'mod partikolari bl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet meħuda minn organizzazzjonijiet interprofessjonali, jistgħu jistipulaw regoli għall-kummerċjalizzazzjoni biex jirregolaw il-provvista.

Emenda 191

Artikolu 57, paragrafu 1, subparagrafu 2, punt a)

a) ikunu relatati ma' kwalunkwe tranżazzjoni wara l-ewwel kummerċjalizzazzjoni **tal-prodott ikkonċernat;**

a) ikunu relatati ma' kwalunkwe tranżazzjoni wara l-ewwel kummerċjalizzazzjoni **ta' l-inbejjed li jkunu lesti għall-bejgħ lill-konsumaturi;**

Emenda 192

Artikolu 57 a (ġdid)

**Artikolu 57a****Programmi operattivi integrati għall-inbid**

**Il-miżuri li jittieħdu mill-gruppi ta' produttori, mill-organizzazzjonijiet professjonali tagħhom, mill-intrapriżi kummerċjali tagħhom u mill-entitajiet tas-settur ta' l-inbid, rikonoxxuti fil-livell nazzjonali u/jew reġjonali, huma integrati fil-programmi operattivi integrati.**

**Il-programmi operattivi integrati jippermettu li jitwettqu mill-inqas tnejn mill-oġġettivi u l-miżuri msemmija fl-Artikolu 54, punt c, u fl-Artikolu 55, punt c.**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 193

Artikolu 61 a (ġdid)

**Artikolu 61a****Miżuri ta' akkompanjament għan-negozjati internazzjonali**

**Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 104, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri ta' akkompanjament għan-negozjati internazzjonali bħall-programmi Ewropej ta' koperazzjoni teknika, studji ekonomiċi, pariri legali u/jew ekonomiċi jew kull strument ieħor utli għal dan l-iskop.**

Emenda 194

Artikolu 62, paragrafu 1

1. **Jista' jiġi deċiż, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1), li** importazzjonijiet għall-Komunità jew esportazzjonijiet mill-Komunità ta' wieħed jew aktar mill-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 2009 61, 2009 69 u 2204 għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja ta' l-importazzjoni jew ta' l-esportazzjoni.

1. **L-importazzjonijiet għall-Komunità jew esportazzjonijiet mill-Komunità ta' wieħed jew aktar mill-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NC 2009 61, 2009 69 u 2204 jistgħu jkunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja ta' l-importazzjoni jew ta' l-esportazzjoni.**

Emenda 195

Artikolu 62, paragrafu 2

2. **Meta jiġi applikat il-paragrafu 1, għandha titqies il-ħtieġa ta' liċenzji għat-tmexxija tas-swieq ikkonċernati, u b'mod partikolari, fil-każ ta' liċenzji ta' l-importazzjoni, għall-monitoraġġ ta' l-importazzjonijiet ta' prodotti in kwistjoni.**

**imħassar**

Emenda 196

Artikolu 64

Il-liċenzi ta' l-importazzjoni **u ta' l-esportazzjoni** għandhom ikunu validi fil-Komunità kollha.

Il-liċenzi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu validi fil-Komunità kollha.

Emenda 197

Artikolu 65, paragrafu 1

1. Għajr fejn ipprovdut mod ieħor skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1), il-liċenzji għandhom jinħarġu soġġett għal li tintbagħat garanzija li tassigura li l-prodotti huma importati **jew esportati** matul il-perjodu tal-validità tal-liċenzja.

1. Għajr fejn ipprovdut mod ieħor skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1), il-liċenzji għandhom jinħarġu soġġett għal li tintbagħat garanzija li tassigura li l-prodotti huma importati matul il-perjodu tal-validità tal-liċenzja.

Emenda 198

Artikolu 65, paragrafu 2

2. Apparti f'każijiet ta' *force majeure*, il-garanzija tintilef kompletament jew parzjalment jekk l-importazzjoni **jew l-esportazzjoni** ma sseħħx, jew jekk isseħħ biss parzjalment, matul il-perjodu tal-validità tal-liċenzja.

2. Apparti f'każijiet ta' *forza maġġuri*, il-garanzija tintilef kompletament jew parzjalment jekk l-importazzjoni ma sseħħx, jew jekk isseħħ biss parzjalment, matul il-perjodu tal-validità tal-liċenzja.

## L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 199

## Artikolu 66, paragrafu 2

2. Fil-każ li d-derogi mill-Kunsill imsemmija fil-punti B.5 jew C ta' l-Anness VI jiġu applikati għall-prodotti importati, l-importaturi għandhom jikkostitwixxu garanzija għal dawk il-prodotti ma' l-awtoritajiet doganali nominati fil-ħin tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa. Il-garanzija għandha tkun rilaxxata malli l-importatur jippreżenta prova, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, li l-most ikun inġieb f'meraq ta' l-għeneb, użat fi prodotti oħra 'l barra mis-settur ta' l-inbid **jew, jekk ikun ġie vvinifikat**, ikun ġie ttikkettjat kif xieraq.

2. Fil-każ li d-derogi mill-Kunsill imsemmija fil-punti B.5 jew C ta' l-Anness VI jiġu applikati għall-prodotti importati, l-importaturi għandhom jikkostitwixxu garanzija għal dawk il-prodotti ma' l-awtoritajiet doganali nominati fil-ħin tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa. Il-garanzija għandha tkun rilaxxata malli l-importatur jippreżenta prova, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, li l-most ikun inġieb f'meraq ta' l-għeneb, użat fi prodotti oħra 'l barra mis-settur ta' l-inbid **u** li jkun ġie ttikkettjat kif xieraq.

## Emenda 200

## Artikolu 67, subparagrafu 2, punt d)

d) fejn applikabbli, il-lista ta' prodotti li fir-rigward tagħhom il-liċenzji ta' l-importazzjoni **jew l-esportazzjoni** huma meħtieġa;

d) fejn applikabbli, il-lista ta' prodotti li fir-rigward tagħhom il-liċenzji ta' l-importazzjoni huma meħtieġa;

## Emenda 201

## Artikolu 69 a (ġdid)

## Artikolu 69a

## Access kundizzjonali għas-suq

Jiġu mħallsa drittijiet fuq l-inbid importat jekk, matul il-produzzjoni u l-preparazzjoni tiegħu, ma jkunux ġew rispettati r-regoli minimi applikabbli għall-vitikulturi Komunitarji fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-ambjent. Id-dħul minn dan il-ħlas jiġi mqiegħed f'fond stabbilit f'perspettiva ta' żvilupp rurali bil-għan li jiġu ffinanzjati proġetti li jiffavoreggjaw Prattiki ta' kultivazzjoni li jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent f'pajjiżi terzi.

## Emenda 202

## Artikolu 70, titolu

**Is-sospensjoni** ta' l-arranġamenti ta' l-ipproċessar lejn l-intern jew lejn l-estern

**L-eliminazzjoni** ta' l-arranġamenti ta' l-ipproċessar lejn l-intern jew lejn l-estern

## Emenda 203

## Artikolu 70, paragrafu 1

1. Meta s-suq Komunitarju jiġi mfixkel jew ikun aktarx se jiġgħawweġ minħabba arranġamenti ta' l-ipproċessar lejn l-intern jew lejn l-estern, jista' jiġi deċiż, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess, u skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1), li jiġi sospiż kompletament jew parzjalment l-użu ta' arranġamenti ta' l-ipproċessar lejn l-intern jew lejn l-estern għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, hija għandha tieħu deċiżjoni dwarha fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn meta tkun irċeviet it-talba.

imħassar

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

**L-Istati Membri għandhom jiġu mgħarrfa b'dawn il-miżuri, li għandhom jiġu applikati fil-pront.**

Miżuri deċiżi skond l-ewwel subparagrafu jistgħu jiġu referiti lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn meta kienu nnotifikati. Il-Kunsill għandu jiltaqa' mingħajr dewmien. Il-Kunsill jista', waqt li jaġixxi bil-maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jirrevoka l-miżuri kkonċernati fi żmien xahar mid-data li kienu rreferuti lilu.

Emenda 204

Artikolu 70, paragrafu 2

2. Għal finijiet neċessarji għal funzjonament tajjeb ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid, l-użu ta' arranġamenti ta' l-ipproċessar lejn l-intern jew lejn l-estern għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament jista' jiġi pprojbit parzjalment jew kompletament mill-Kunsill, waqt li jaġixxi skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 37(2) tat-Trattat.

Għal finijiet neċessarji għal funzjonament tajjeb ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid **u għad-difiża tar-rekwiżiti ta' kwalità fil-produzzjoni Ewropea ta' l-inbid**, l-użu ta' arranġamenti ta' l-ipproċessar lejn l-intern jew lejn l-estern għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament jista', **fuq talba ta' l-Istat Membru interessat**, jiġi pprojbit parzjalment jew kompletament mill-Kunsill, waqt li jaġixxi skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 37(2) tat-Trattat.

Emenda 205

Artikolu 72, paragrafu 2

2. Għajr fejn ipprovdut mod ieħor fi ftehimiet konklużi skond l-Artikolu 300 tat-Trattat, prodotti imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jridu jiġu manifatturati skond il-prattiki enoloġiċi **u r-restrizzjonijiet rakkomandati mill-OIV jew awtorizzati mill-Komunità skond** dan ir-Regolament u r-regoli ta' l-implimentazzjoni **tiegħu**.

2. Għajr fejn ipprovdut mod ieħor fi ftehimiet konklużi skond l-Artikolu 300 tat-Trattat, il-prodotti li fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinkisbu skond il-prattiki enoloġiċi **previsti f'** dan ir-Regolament u **li jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' l-anness I, IVa, V u VI**, u tar-regoli ta' implimentazzjoni **tagħhom**.

Emenda 206

Artikolu 72, paragrafu 2, subparagrafu 1 a (ġdid)

**Jistgħu jkunu konċessi derogi eventwali mill-paragrafu 2, fuq talba ta' pajjiż terz, skond il-proċedura fl-Artikolu 104, sakemm il-prodotti jiġu miksuba b'rispett tal-prattiki enoloġiċi u tar-restrizzjonijiet awtorizzati mill-OIV.**

Emenda 207

Artikolu 75, paragrafu 5

5. **It-tmiem tal-projbizzjoni tranżitorja fuq it-taħwil ġdid fil-31 ta' Diċembru 2013, kif ipprovdut fl-Artikolu 80(1), ma għandux jolqot l-obbligi rregolati b'dan l-Artikolu.**

imħassar

## L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 208

Artikolu 76, titolu

Ir-regolarizzazzjoni **obbligatorja** tat-taħwil **illegali** li jkun sar qabel l-1 ta' Settembru 1998Ir-regolarizzazzjoni tat-taħwil **irregolari** li jkun sar qabel l-1 ta' Settembru 1998

## Emenda 209

Artikolu 76, paragrafu -1 (ġdid)

**-1. L-Istati Membri jistgħu jibdew proċedura ta' regolarizzazzjoni għall-uċuħ li tħawlu qabel il-31 ta' Diċembru 1998.**

## Emenda 210

Artikolu 76, paragrafu 6

**6. It-tmien tal-projbizzjoni tranżitorja fuq taħwil ġdid fil-31 ta' Diċembru 2013, kif ipprovdut fl-Artikolu 80(1), ma għandux jolqot l-obbligi rregolati fil-paragrafi 3, 4 u 5. imħassar**

## Emenda 211

Titlu V, Kapitolu II, titolu

Sistema **tranżitorja** tad-dritt ta' taħwil

Sistema tad-dritt ta' taħwil

## Emenda 212

Artikolu 80, titolu

Projbizzjoni **tranżitorja** tat-taħwil ta' dwieli

Projbizzjoni tat-taħwil ta' dwieli

## Emenda 213

Artikolu 80, paragrafu 1

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18, u b'mod partikolari għat-tielet paragrafu tiegħu, it-taħwil tad-dwieli tal-varjetajiet ta' l-għeneb ta' l-inbid ikklassifikati msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 18(1) għandu jkun *pprojb* sal-31 ta' Diċembru 2013.1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18, u b'mod partikolari għat-tielet paragrafu tiegħu, **u ta' l-Artikolu 81**, it-taħwil tad-dwieli tal-varjetajiet ta' l-għeneb ta' l-inbid ikklassifikati msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 18(1) għandu jkun *ipprojb* sal-31 ta' Diċembru 2013. **Madankollu, l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2013 ma tapplikax għall-uċuħ dimarkati mir-regoli tal-produzzjoni fl-Artikolu 28.**

## Emenda 214

Artikolu 80, paragrafu 2

2. **Sal-31 ta' Diċembru 2013**, it-tilqim mill-ġdid ta' varjetajiet ta' l-għeneb ta' l-inbid imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 18(1) minn varjetajiet oħra barra varjetajiet ta' l-għeneb ta' l-inbid msemmija f'dak l-Artikolu għandu **jkun** ukoll *pprojb*.2. **It-tilqim** mill-ġdid ta' varjetajiet ta' l-għeneb ta' l-inbid imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 18(1) minn varjetajiet oħra barra varjetajiet ta' l-għeneb ta' l-inbid msemmija f'dak l-Artikolu għandu jkun ukoll *ipprojb*.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 215

Artikolu 80, paragrafu 4

4. Id-drittijiet tat-taħwil imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom jingħataw fettari.

4. Id-drittijiet tat-taħwil imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom jingħataw fettari **jew frazzjonijiet ta' ettari.**

Emenda 216

Artikolu 80, paragrafu 5

5. **L-Artikoli 81 sa 86 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2013.** **imħassar**

Emenda 217

Artikolu 80, paragrafu 5 a (ġdid)

**5a Minkejja l-paragrafi preċedenti, l-awtoritajiet reġjonali kompetenti fil-qasam tal-potenzjal tal-produzzjoni ta' l-inbid jistgħu, bi qbil mar-rappreżentanti settorjali, l-organizzazzjonijiet interprofessjonali jew l-entitajiet ta' ġestjoni fit-territorju tar-reġjun tagħhom, jissoktaw bil-projbizzjoni tagħhom tat-taħwil fil-każ fejn parti kbira mit-territorju tagħhom ikollu denominazzjoni ta' oriġini jew indikazzjoni ġeografika waħda jew iżjed, bil-kundizzjoni li r-reġjuni jkun jistgħu jagħtu prova li diġà hemm bilanċ soddisfaċenti bejn id-domanda u l-provvista.**

**Hija l-Kummissjoni li, fuq talba tar-reġjuni interessati, għandha tawtorizza l-isskottar tal-projbizzjoni tat-taħwil f'dawn ir-reġjuni.**

**Bl-istess mod, ir-reġjuni li l-Kummissjoni tawtorizzahom li jissoktaw bil-projbizzjoni tat-taħwil jistgħu, bi qbil ma' l-operaturi tad-denominazzjonijiet ta' oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi msemmija, jawtorizzaw żieda tal-massa veġetali proporzjonali għall-iżvilupp tal-kummerċjalizzazzjoni li tintuża b'mod li tiggarantixxi bilanċ bejn it-talba u l-provvista.**

Emenda 218

Artikolu 82, paragrafu 1, subparagrafu 2

Madankollu, l-ebda dritt ta' taħwil mill-ġdid ma jista' jingħata fir-rigward ta' żoni li għalihom ingħata primjum għall-qluġh ta' dwieli skond il-Kapitolu III.

Madankollu, l-ebda dritt ta' taħwil mill-ġdid ma jista' jingħata **lill-produtturi** fir-rigward ta' żoni li għalihom ingħata primjum għall-qluġh ta' dwieli skond il-Kapitolu III.

Emenda 305

Artikolu 82, sub paragrafu 5, parti introduttorja

5. B'deroga mill-paragrafu 4, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li d-drittijiet ta' taħwil mill-ġdid jistgħu jiġu trasferiti, totalment jew parzjalment, lejn oqsma oħra fl-istess Stat Membru meta:

5. B'deroga mill-paragrafu 4, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li d-drittijiet ta' taħwil mill-ġdid jistgħu jiġu trasferiti, totalment jew parzjalment, lejn oqsma oħra fl-istess Stat Membru/**reġjun** meta:



L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 220

Artikolu 83, paragrafu 2

2. *L-Istati Membri li stabbilixxew riservi nazzjonali jew reġjonali ta' drittijiet ta' taħwil skond ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 jistgħu jżommu dawk ir-riservi sal-31 ta' Diċembru 2013.* **imħassar**

Emenda 221

Artikolu 84, paragrafu 1, subparagrafu 1, punt a)

- a) mingħajr ħlas, lill-produtturi li huma taħt l-eta' ta' 40 sena, li jkollhom l-esperjenza u l-kompetenza tas-sengħa adegwata, li **jkunu qegħdin jistabbilixxu għall-ewwel darba** qasam ta' produzzjoni ta' l-inbid u li jkunu stabbiliti **bħala l-kap tal-qasam;**
- a) mingħajr ħlas, lill-produtturi li huma taħt l-eta' ta' 40 sena, li jkollhom l-esperjenza u l-kompetenza tas-sengħa adegwata, u li **jkollhom** qasam ta' produzzjoni ta' l-inbid **jew impriża ta' produzzjoni ta' l-inbid;**

Emenda 222

Artikolu 84, paragrafu 5, subparagrafu 1

5. Meta Stat Membru joħloq riservi reġjonali, **jista' jistipula** regoli li jippermettu t-trasferiment tad-drittijiet ta' taħwil bejn riservi reġjonali. Jekk kemm ir-riservi reġjonali kif ukoll nazzjonali jeżistu fi Stat Membru, dan **jista' jippermetti** wkoll trasferiment bejn dawk ir-riservi.
5. Meta Stat Membru joħloq riservi reġjonali, **għandu** jistipula regoli li jippermettu t-trasferiment tad-drittijiet ta' taħwil bejn riservi reġjonali. Jekk kemm ir-riservi reġjonali kif ukoll nazzjonali jeżistu fi Stat Membru, dan **għandu** jippermetti wkoll trasferiment bejn dawk ir-riservi.

Emenda 291

Artikolu 85

Dan il-Kapitolu ma għandux japplika fi Stati Membri fejn il-produzzjoni ta' l-inbid ma taqbiżx il-**25 000** ettolitr għal kull sena ta' l-għasra. Din il-produzzjoni għandha tiġi kkalkolata fuq il-bażi tal-produzzjoni medja matul l-aħħar ħames snin ta' l-għasra.

Dan il-Kapitolu ma għandux japplika fi Stati Membri fejn il-produzzjoni ta' l-inbid ma taqbiżx il-**50 000** ettolitr għal kull sena ta' l-għasra. Din il-produzzjoni għandha tiġi kkalkolata fuq il-bażi tal-produzzjoni medja matul l-aħħar ħames snin ta' l-għasra.

Emenda 223

Artikolu 87 a (ġdid)

**Artikolu 87a****Evalwazzjoni**

**Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni tippreżenta evalwazzjoni ta' l-impatt tal-miżuri deskritti f'dan il-kapitolu.**

**Fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tnejj, jekk ikun il-każ, proposta għal-liberalizzazzjoni tad-drittijiet ta' taħwil mill-ġdid fl-oqsma li mhux inklużi fir-regoli ta' produzzjoni fl-Artikolu 28.**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 224

Artikolu 89

L-iskema tal-qluġ tad-dwieli għandha tapplika sa tmiem is-sena ta' l-għasra **2012/2013**.L-iskema tal-qluġ tad-dwieli għandha tapplika sa tmiem is-sena ta' l-għasra **2011/2012**.

Emenda 225

Artikolu 90, subparagrafu 1, punt b)

b) *ma rċevitx appoġġ Komunitarju taħt l-ebda organizzazzjoni oħra tas-suq komuni matul l-aħħar ħames snin ta' l-għasra ta' qabel il-qluġ;* **imħassar**

Emenda 226

Artikolu 90, subparagrafu 1, punt d)

d) mhix iżgħar minn **0.1 ettaru**;d) mhix iżgħar minn **0.05 ettari**;

Emenda 227

Artikolu 91, paragrafu 1

1. L-iskali għall-għoti ta' primjums għall-qluġ tad-dwieli għandhom ikunu ffissati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1).

1. L-iskali għall-għoti ta' primjums għall-qluġ tad-dwieli għandhom ikunu ffissati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1). **Fost oħrajn, dawn it-tabelli jiddeterminaw il-livelli minimi u massimi li jistgħu jagħtu l-Istati Membri, fuq il-bażi tal-produttività.**

Emenda 228

Artikolu 92, paragrafu 1

1. Il-produtturi interessati għandhom jibagħtu l-applikazzjonijiet għal primjum għall-qluġ tad-dwieli lill-awtoritajiet rispettivi ta' l-Istati Membri sa mhux aktar tard mit-**30 ta' Settembru** ta' kull sena.

1. Il-produtturi interessati għandhom jibagħtu l-applikazzjonijiet għal primjum għall-qluġ tad-dwieli lill-awtoritajiet rispettivi ta' l-Istati Membri sa mhux aktar tard mit-**30 ta' Mejju** ta' kull sena.

Emenda 229

Artikolu 92, paragrafu 2

2. L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet eliġibbli u jinnotifikaw lill-Kummissjoni, sal-**15 ta' Ottubru** ta' kull sena, bl-*erja* u l-ammonti totali inklużi f'dawk l-applikazzjonijiet, maqsuma skond ir-reġjun u skond il-firxa tal-livelli tal-*ħsad*.

2. L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet eliġibbli u jinnotifikaw lill-Kummissjoni, sat-**30 ta' Novembru** ta' kull sena, bl-*uċuħ* u l-ammonti totali inklużi f'dawk l-applikazzjonijiet, maqsuma skond ir-reġjun u skond il-firxa tal-livelli tal-*ħsad*.

Emenda 230

Artikolu 92, paragrafu 4

4. Sal-**15 ta' Novembru** ta' kull sena, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1), jekk l-ammont kumplessiv notifikat lill-Kummissjoni mill-Istati Membri jaqbeż ir-riżorsi tal-baġit disponibbli, *għandu jiġi stipulat perċentwal uniku* għall-aċċettazzjoni ta' l-ammonti notifikati.

4. Sal-**15 ta' Diċembru** ta' kull sena, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1), jekk l-ammont kumplessiv notifikat lill-Kummissjoni mill-Istati Membri jaqbeż ir-riżorsi tal-baġit disponibbli, *għandha tiġi stipulata perċentwali unika* għall-aċċettazzjoni ta' l-ammonti notifikati.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 231

Artikolu 92, paragrafu 5, subparagrafu 1, parti introduttoria

5. Sal-**15 ta' Jannar** ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw l-applikazzjonijiet:

5. **Sat-30 ta' Marzu** ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw l-applikazzjonijiet:

Emenda 232

Artikolu 92, paragrafu 5, subparagrafu 2

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni **sat-30 ta' Jannar** ta' kull sena bl-applikazzjonijiet aċċettati maqsuma skond ir-reġjun, skond il-firxa tal-livelli tal-ħsad u skond l-ammont totali tal-primjums għall-qluġh tad-dwieli mħallsa għal kull reġjun.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni **sa l-15 ta' April** ta' kull sena bl-applikazzjonijiet aċċettati maqsuma skond ir-reġjun, skond il-firxa tal-livelli tal-ħsad u skond l-ammont totali tal-primjums għall-qluġh tad-dwieli mħallsa għal kull reġjun.

Emenda 233

Artikolu 93

Artikolu 93

*imħassar**Il-kundizzjonalità*

*Meta jinstab li l-bdiewa ma jkunux konformi fl-azjendi tagħhom, fi kwalunkwe żmien matul ħames snin mill-pagament tal-primjum għall-qluġh tad-dwieli, mar-rekwiżiti statutorji ta' tmexxija u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmija fl-Artikoli 3 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, l-ammont tal-pagament, meta n-nuqqas ta' konformità huwa riżultat ta' azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni li ġejja mill-bidwi direttament, għandu jitnaqqas jew jiġi kkanċellat, parti minnu jew kollu skond il-gravità, il-firxa, il-permanenza u r-repetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità. Fejn applikabbli, il-bidwi għandu jingieghel jrodd lura l-pagament skond il-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet relatati.*

*Ir-regoli għandhom ikunu ddeterminati skond il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 144(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 dwar tnaqqis sħiħ jew parzjali jew irkupru ta' l-appoġġ mill-Istat Membru kkonċernat.*

Emenda 234

Artikolu 94, paragrafu 2

2. L-Istati Membri jistgħu jiddikjaraw vinji f'muntanji **u** li jinsabu f'għoljiet weqfin, ineliġibbli għall-iskema tal-qluġh tad-dwieli skond il-kundizzjonijiet li jiġu determinati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1).

2. L-Istati Membri jistgħu **wkoll** jiddikjaraw vinji f'muntanji, **li jinsabu f'żoni** ta' għoljiet weqfin, **f'reġjuni mhedda mill-erożjoni, f'reġjuni mal-kosta u insulari, huma** ineliġibbli għall-iskema tal-qluġh tad-dwieli skond il-kundizzjonijiet li jiġu determinati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1).

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 235

Artikolu 94, paragrafu 3

3. L-Istati Membri jistgħu jiddikjaraw żoni ineliġibbli għall-iskema tal-qluġ tad-dwieli meta l-applikazzjoni ta' l-iskema ma tkunx kompatibbli ma' kwistjonijiet ambjentali. **Dawk iż-żoni ddikjarati ineliġibbli ma għandhomx jaqbuż it-2% ta' l-erja totali mħawla bi dwieli kif imsemmi fl-Anness VIII.**

3. L-Istati Membri, **wara li jkun għustifikaw ruħhom mal-Kummissjoni u wara li jkun rċevew l-approvazzjoni ta' tagħha**, jistgħu jiddikjaraw żoni ineliġibbli għall-iskema tal-qluġ tad-dwieli meta l-applikazzjoni ta' l-iskema ma tkunx kompatibbli ma' kwistjonijiet ambjentali **jew meta l-abbandun jipperikola s-sitwazzjoni soċjali u ekonomika tar-reġjun.**

## Emenda 236

Artikolu 94, paragrafu 4, parti introduttorja

4. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jagħmlu użu mill-possibbiltà pprovduta fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, sa l-1 ta' Awissu ta' kull sena u għall-ewwel darba fl-**1 ta' Awissu 2008**, rigward kif ser tiġi implimentata l-miżura tal-qluġ tad-dwieli:

4. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jagħmlu użu mill-possibbiltà pprovduta fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, sa l-1 ta' Awissu ta' kull sena u għall-ewwel darba fl-**1 ta' Awissu 2009**, rigward kif ser tiġi implimentata l-miżura tal-qluġ tad-dwieli:

## Emenda 237

Artikolu 94, paragrafu 5

5. L-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lill-produtturi f'dawk iż-żoni ddikjarati ineliġibbli skond il-paragrafi 2 u 3 għal miżuri oħra ta' appoġġ stipulati f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari, fejn applikabbli, il-miżura ta' ristrutturar u trasformazzjoni skond il-programmi ta' appoġġ **u l-miżuri ta' żvilupp rurali.**

5. L-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lill-produtturi f'dawk iż-żoni ddikjarati ineliġibbli skond il-paragrafi 2 u 3 għal miżuri oħra ta' appoġġ stipulati f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari, fejn applikabbli, il-miżura ta' ristrutturar u trasformazzjoni skond il-programmi ta' appoġġ.

## Emenda 238

Artikolu 95, paragrafu 2, subparagrafu 1

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-ammont tad-drittijiet għall-pagament imsemmija fil-paragrafu 1 għal żoni mħawla bid-dwieli li ġew maqluġha skond dan il-Kapitolu għall-medja reġjonali tal-valur tad-drittijiet għall-pagament tar-reġjun korrispondenti, **li ma għandux jaqbeż it-EUR 350/ettaru fi kwalunkwe każ.**

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-ammont tad-drittijiet għall-pagament imsemmija fil-paragrafu 1 għal żoni mħawla bid-dwieli li ġew maqluġha skond dan il-Kapitolu għall-medja reġjonali tal-valur tad-drittijiet għall-pagament tar-reġjun korrispondenti.

## Emenda 292

Artikolu 96

Dan il-Kapitolu ma għandux japplika fi Stati Membri fejn il-produttjoni ta' l-inbid ma taqbiżx il-**25 000** ettolitra għal kull sena ta' l-għasra. Din il-produttjoni għandha tiġi kkalkolata fuq il-bażi tal-produttjoni medja matul l-aħħar ħames snin ta' l-għasra.

Dan il-Kapitolu ma għandux japplika fi Stati Membri fejn il-produttjoni ta' l-inbid ma taqbiżx il-**50 000** ettolitra għal kull sena ta' l-għasra. Din il-produttjoni għandha tiġi kkalkolata fuq il-bażi tal-produttjoni medja matul l-aħħar ħames snin ta' l-għasra.

## L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 239

Artikolu 98, subparagrafu 2, punt b)

b) regoli dettaljati dwar il-kundizzjonalità;

b) regoli dwar **iż-żamma tar-raba' fi stat ekoloġiku tajjeb, f'konformità mal-prinċipji tal-kundizzjonalità;**

## Emenda 240

Artikolu 98, subparagrafu 2, punt d)

d) il-ħtiġijiet ta' rappurtar mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' l-iskema tal-qluġ tad-dwieli, **inklużi l-penali f'każ ta' dewmien fir-rappurtar u l-informazzjoni li l-Istati Membri jagħtu lill-produtturi dwar id-disponibbiltà ta' l-iskema;**

d) il-ħtiġijiet ta' rappurtar mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' l-iskema tal-qluġ tad-dwieli;

## Emenda 241

Artikolu 99

L-Istati Membri għandhom iżommu regjistru tal-vinji li jkun fih informazzjoni aġġornata dwar il-potenzjal ta' produzzjoni.

L-Istati Membri għandhom iżommu regjistru tal-vinji li jkun fih informazzjoni aġġornata dwar il-potenzjal ta' produzzjoni **u li jkun adattat għall-ħtiġijiet ta' kontroll, ta' pjanifikazzjoni u ta' programmazzjoni tal-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament.****L-informazzjoni li jkun fih ir-regjistru tal-vinji tippermetti li tiġi kkontrollata l-adattazzjoni bejn id-dimensjoni tal-vinja u l-kwantità ta' inbid prodott f'kull każ, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-prattiki agrikoli, ir-rispett ta' l-obbligazzjonijiet ambjentali u l-applikazzjoni tal-kundizzjonalità, previsti f'dan ir-Regolament.****L-Istati Membri li l-uċuh totali ta' vinja kkultivata fil-miftuħ tagħhom huma ta' inqas minn 500 ettaru mhumiex soġġetti għall-obbligazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu.**

## Emenda 242

Artikolu 100, subparagrafu 1 a (ġdid)

**L-Istati Membri li l-uċuh totali ta' vinja kkultivata fil-miftuħ tagħhom huma ta' inqas minn 500 ettaru mhumiex soġġetti għall-obbligazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu.**

## Emenda 243

Artikolu 101

## Artikolu 101

imħassar

It-tul ta' żmien tar-regjistru tal-vinji u l-inventarju

**Jista' jiġi deċiż, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104 (1), li l-Artikoli 99 u 100 ma japplikawx aktar fi kwalunkwe data wara l-1 ta' Jannar 2014.**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 244

Artikolu 104, titolu

Il-proċedura tal-kumitat tat-tmexxija

Il-proċedura tal-kumitat **tar-regolamentazzjoni u** tat-tmexxija

Emenda 245

Artikolu 104, paragrafu 1, subparagrafu 1

1. Għajr fejn ipprovdut mod ieħor, fejn il-kompetenzi huma mogħtija lill-Kummissjoni f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat tat-Tmexxija.

1. Għajr fejn ipprovdut mod ieħor, fejn il-kompetenzi huma mogħtija lill-Kummissjoni f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat **tar-Regolamentazzjoni u** tat-Tmexxija.

Emenda 246

Artikolu 104, paragrafu 1, subparagrafu 2

Għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għandhom japplikaw **għall-kapitoli tat-titlu III u l-annessi li ġejjin** l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE:

- **Kapitolu I. Regoli ġenerali**
- **Kapitolu II. Prattiki enoloġiċi**
- **Kapitolu III. Id-denominazzjonijiet ta' l-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi**
- **Kapitolu IV. It-tikkettar**
- **Annessi relatati**

Emenda 247

Artikolu 104, paragrafu 1, subparagrafu 3

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffixat għal **xahar**.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffixat għal **tliet xhur**.

Emenda 248

Artikolu 111

Artikolu 2, point d) (Regolament (KE) nru 2702/1999)

d) kampanji ta' informazzjoni dwar is-sistema Komunitarja li tkopri nbejjed b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, inbejjed **b'indikazzjoni tal-varjeta ta' l-għeneb ta' l-inbid** u xorb spirituż b'indikazzjoni ġeografika protetta jew indikazzjoni tradizzjonali riservata;

d) kampanji ta' informazzjoni dwar is-sistema Komunitarja li tkopri nbejjed b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, inbejjed u xorb spirituż b'indikazzjoni ġeografika protetta jew indikazzjoni tradizzjonali riservata;

Emenda 249

Artikolu 112, punt 1

Artikolu 2, punt d) (Regolament (KE) Nru 2826/2000)

d) **azzjonijiet** ta' informazzjoni dwar is-sistema Komunitarja li tkopri nbejjed b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, inbejjed **b'indikazzjoni tal-varjeta ta' l-għeneb ta' l-inbid** u xorb spirituż b'indikazzjoni ġeografika protetta jew indikazzjoni tradizzjonali riservata, u **azzjonijiet** ta' tagħrif dwar użanzi responsabbli ta' **xorb** u l-ħsara li tiġi mill-konsum irresponsabbli ta' l-alkoħol;

d) **kampanji** ta' informazzjoni dwar is-sistema Komunitarja li tkopri nbejjed b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, inbejjed u xorb spirituż b'indikazzjoni ġeografika protetta jew indikazzjoni tradizzjonali riservata, u **kampanji** ta' tagħrif dwar użanzi responsabbli ta' **inbid** u l-ħsara li tiġi mill-konsum irresponsabbli ta' l-alkoħol;

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 250

Artikolu 112, punt 2

Artikolu 3, point e) (Regolament (KE) nru 2826/2000)

e) ix-xewqa li tingħata informazzjoni dwar is-sistema Komunitarja li tkopri nbejjed b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, inbejjed **b'indikazzjoni tal-varjetà ta' l-għeneb ta' l-inbid** u xorb spirituż b'indikazzjoni ġeografika jew indikazzjoni tradizzjonali riservata, u l-ħtieġa li tingħata informazzjoni dwar użanzi responsabbli ta' **xorb** u l-ħsara li tiġi mill-konsum irresponsabbli ta' l-alkoħol;

e) ix-xewqa li tingħata informazzjoni dwar is-sistema Komunitarja li tkopri nbejjed b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, inbejjed u xorb spirituż b'indikazzjoni ġeografika jew indikazzjoni tradizzjonali riservata, u l-ħtieġa li tingħata informazzjoni dwar użanzi responsabbli ta' **inbid** u l-ħsara li tiġi mill-konsum irresponsabbli ta' l-alkoħol;

Emenda 251

Artikolu 113, punt 10

Anness VII, punt n), subparagrafu 2 (Regolament (KE) 1782/2003)

L-ammont ta' referenza tad-drittijiet għall-pagament li ser jiġu allokat għal kull bidwi skond l-iskema ta' qluġh tad-dwieli stipulata fir-Regolament (KE) Nru [dan ir-Regolament] għandu jkun ugwali għar-riżultat tan-numru ta' ettari li minnhom inqal-għu d-dwieli mmultiplikati bil-medja reġjonali tal-valur tad-drittijiet għall-pagament tar-reġjun korrispondenti. **Madankollu, l-ammont pagabbli, fi kwalunkwe każ, ma għandux jaqbeż it-EUR 350/ettaru.**

L-ammont ta' referenza tad-drittijiet għall-pagament li ser jiġu allokat għal kull bidwi skond l-iskema ta' qluġh tad-dwieli stipulata fir-Regolament (KE) Nru [dan ir-Regolament] għandu jkun ugwali għar-riżultat tan-numru ta' ettari li minnhom inqal-għu d-dwieli mmultiplikati bil-medja reġjonali tal-valur tad-drittijiet għall-pagament tar-reġjun korrispondenti."

Emenda 252

Artikolu 113, punt 10

Anness VII, punt n), subparagrafu 2a (ġdid) (Regolament (KE) 1782/2003)

**Fil-każ fejn il-qluġh jikkonċerna vinja mħawla ta' varjetà ta' użu doppju u integrata fl-iskema ta' ħlas uniku skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1182/2007 tas-26 ta' Settembru 2007<sup>(1)</sup> li jstabbilixxi regoli speċifiċi rigward is-settur tal-frott u l-ħxejjex, ma jiġi kkalkulat l-ebda ammont ta' referenza supplimentari, f'konformità ma' dan ir-Regolament.**

<sup>(1)</sup> ĠU L 273 tas-17.10.2007, p. 1.

Emenda 253

Artikolu 114

Artikolu 114

imħassar

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1290/2005

Fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ammonti li, skond l-Artikoli 10(2), 143d u 143e tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 387/2007 u l-Artikolu 17(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru [dan ir-Regolament], ser jiġu disponibbli taħt l-EAFRD."

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 254

Artikolu 117, parti introduttorja

Ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 huwa b'dan irrevokat. Madankollu, il-miżuri li ġejjin kif stipulati f'dak ir-Regolament għandhom jibqgħu applikabbli **fir-rigward tas-sena ta' l-għasra 2008/2009** f'dak li għandu x'jaqsam ma' miżuri eliġibbli skond ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 li kienu nbdew jew li produkturi huma impenjati għalihom minn qabel daħal fis-seħħ dan ir-Regolament:

Ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 huwa b'dan irrevokat. Madankollu, il-miżuri li ġejjin kif stipulati f'dak ir-Regolament għandhom jibqgħu applikabbli f'dak li għandu x'jaqsam ma' miżuri eliġibbli skond ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 li kienu nbdew jew li produkturi huma impenjati għalihom minn qabel *ma* daħal fis-seħħ dan ir-Regolament:

## Emenda 255

Artikolu 117, subparagrafu 1 a (ġdid)

**Id-dispożizzjonijiet relatati mar-riserva ta' ċerti tipi ta' fliexken previsti fl-Artikolu 9(1), kif ukoll fl-anness I tar-Regolament (KE) Nru 753/2002 jibqgħu japplikaw, permezz ta' deroga għall-ewwel paragrafu, sakemm il-forom tal-fliexken ikunu protetti permezz tad-denominazzjoni ta' oriġini.**

## Emenda 256

Artikolu 118, subparagrafu 2

Għandu japplika mill-**I ta' Awissu 2008**, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikoli 5 sa 8 li għandhom japplikaw **mit-30 ta' April 2008**.

Għandu japplika mill-**I ta' Awissu 2009**, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikoli 5 u 8 li jidħlu fis-seħħ **fid-data ffissata mill-Artikolu 5 (1) ta' dan ir-Regolament**.

## Emenda 257

Artikolu 118, subparagrafu 3

**Il-Kapitolu II tat-Titolu V għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2013.**

**imħassar**

## Emenda 258

Anness I, punt 5 a (ġdid)

**5a "Most ta' l-għeneb": prodott likwidu li jinkiseb b'mod naturali jew permezz ta' proċeduri fiżiċi mill-għeneb frisk. Qawwa alkoħolika reali bil-volum tal-most ta' mhux aktar minn 1 % vol. hija permessa.**

## Emenda 259

Anness II

**L-ammonti kollha jiġu sostitwiti bi "p.m."**.

## Emenda 260

Anness III

**Anness imħassar.**



L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 261

Anness IV, punt 3 a (ġdid)

**3a) Inbid prodott minn għeneb imqadded****B'inbid prodott minn għeneb imqadded** għandu jinftehem il-prodott:

- a) miksub fil-Komunità, mingħajr arrikkiment, mill-għeneb miġbur fil-Komunità li jappartjeni għall-varjetajiet imsemmija fl-Artikolu 18 (1), li jitħallew fix-xemx jew fid-dell għal deidratazzjoni parzjali;
- b) li jkollu qawwa alkoħolika totali ta' mill-inqas 16 % vol;
- b) li jkollu qawwa alkoħolika effettiva ta' mill-inqas 9 % vol;
- b) li jkollu qawwa alkoħolika naturali ta' mill-inqas 16 % vol;

Emenda 262

Anness IV, punt 3 b (ġdid)

**3b) Inbid ħelu naturali ("Vin doux naturel")**

L-ismijiet speċifiċi tradizzjonali "οἶνος γλυκὺς φυσικὸς", "vino dulce natural", "vino dolce naturale", "vinho doce natural" huma riżervati għall-inbejjed li jibbenefikaw minn denominazzjoni ta' oriġini protetta jew minn indikazzjoni ġeografika protetta u li huma:

- a) miksuba minn ħsad li mill-inqas 85 % minnu ġej minn varjetajiet ta' vinja li jidhru f'lista li għad trid tiġi stabbilita;
- b) magħmula minn most ta' l-għeneb b'kontenut ta' zokkor inizjali ta' mill-anqas 212 gramma għal kull litru;
- c) eskluż kull arrikkiment ieħor, miksuba permezz ta' żieda ta' l-alkoħol jew ta' l-ispirti distillati.

Sakemm l-użu tradizzjonali ta' produzzjoni jesigū dan, f'dak li jikkonċerna l-inbejjed likuri li jgawdu minn denominazzjoni ta' oriġini protetta jew minn indikazzjoni ġeografika protetta u li jkunu ġew prodotti fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-isem speċifiku tradizzjonali "vin doux naturel" ikun riżervat għall-inbejjed likuri li jgawdu minn denominazzjoni ta' oriġini protetta jew minn indikazzjoni ġeografika protetta li huma:

- a) prodotti direttament mill-produtturi li jiġbru, bil-kundizzjoni li jiġu b'mod esklussiv mill-ħsad tagħhom ta' għeneb muscat, grenache, maccabeo jew malmsey; madankollu, huwa wkoll ammess l-għeneb miksub minn żoni mħawla b'limitu ta' 10 % tan-numru totali ta' piedi b'varjetajiet ta' għeneb li mhumix l-erbgħa msemmija hawn fuq;
- b) miksuba fil-limitu ta' rendiment ta' 40 ettolitr ta' most ta' l-għeneb għal kull ettaru, billi jekk ikun hemm iktar rendiment minn hekk, il-ħsad kollu jitlef il-benefiċċju ta' l-isem "vin doux naturel";

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

- c) miksub mill-most ta' l-għeneb imsemmi hawn fuq b'kontenut ta' zokkor inizjali ta' mill-anqas 252 gramma għal kull litru;
- d) miksub, b'esklużjoni ta' kull tip ta' arrikkiment ieħor, biż-żieda ta' alkoħol ta' l-oriġini mill-għeneb li tammonta f'alkoħol pur għal minimu ta' 5 % tal-volum tal-most ta' l-għeneb li jkun fil-fermentazzjoni użat u l-massimu rappreżentat bl-anqas miż-żewġ proporzjonijiet segwenti:
- jew 10 % tal-volum tal-most ta' l-għeneb imsemmi hawn hawn użat,
  - jew 40 % tal-qawwa alkoħolika totali bil-volum tal-prodott finali rappreżentat mis-somma tal-qawwa alkoħolika attwali bil-volum u l-ekwivalenti tal-qawwa alkoħolika potenzjali bil-volum ikkalkulata fuq il-bażi ta' 1 % vol. jew alkoħol pur għal 17,5 gramma ta' zokkor residwu għal kull litru.

L-ismijiet speċifi tradizzjonali “οίνος γλυκός φυσικός”, “vino dulce natural”, “vino dolce naturale”, “vinho doce natural” ma jistgħux jiġu tradotti. Madankollu, jistgħu jiġu akkumpanjati minn nota spjegatorja f'lingwa li l-konsumatur finali jista' jifhem. Għall-prodotti li jsiru fil-Greċja li jiċċirkolaw fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, l-isem “vin doux naturel” jista' jiġi akkumpanjat mill-isem “οίνος γλυκός φυσικός”.

Emenda 263

ANNEX IV, PUNT 4 A), INĊIŻ 3

— inbid, jew

— inbid **prodott fil-Komunità**, jew

Emenda 264

ANNEX IV, PUNT 4 A), INĊIŻ 4

— ta' nbejjed b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta;

— ta' nbejjed **prodotti fil-Komunità** b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta;

Emenda 265

ANNEX IV, PUNT 4 A (ġdid)

**4a. Inbejjed frizzanti ta' kwalità u Sekt**

“Inbid frizzanti ta' kwalità” jew “Sekt” huwa l-prodotti:

- a) li jinkiseb permezz ta' l-ewwel jew t-tieni fermentazzjoni alkoħolika:
- ta' għeneb frisk,
  - ta' most, jew
  - ta' nbejjed b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta;

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
MILL-PARLAMENT

- b) li, meta jinfetħ il-kontenitur, jerħi dijossidu tal-karbonju li ġej esklussivament mill-fermentazzjoni;
- c) li għandu pressjoni żejda, minħabba d-dijossidu tal-karbonju fis-soluzzjoni, ta' mhux anqas minn 3.5 bar meta miżmum f'temperatura ta' 20°C f'kontenituri magħluqa.

Għall-inbid frizzanti ta' kwalità jew is-Sekt f'reċipjenti ta' inqas minn 25 cl, il-pressjoni żejda ma tistax tkun ta' inqas minn 3 bars.

- d) Il-qawwa alkoħolika reali minima bil-volum applikabbli ma tistax tkun ta' inqas minn 10 % vol.
- e) Il-qawwa alkoħolika reali bil-volum tal-cuvée ma tistax tkun ta' inqas minn 9 % vol.
- f) Fil-każ ta' inbid frizzanti ta' kwalità jew ta' Sekt b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, il-qawwa alkoħolika reali bil-volum tal-cuvée taż-żona ta' vitikultura C III ma tistax tkun ta' inqas minn 9.5 % vol.
- g) Madankollu, il-cuvées maħsuba għall-preparazzjoni ta' xi inbejjed frizzanti ta' kwalità jew ta' Sekt b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, u li se jidhru f'lista li għad trid titfassal u magħmula minn varjetà waħda ta' għeneb jista' jkollhom qawwa alkoħolika reali bil-volum ta' mhux inqas minn 8.5 % vol.
- h) It-tul tal-proċess tal-produzzjoni ta' l-inbejjed frizzanti ta' kwalità, inkluż il-proċess ta' maturità fl-impriża fejn ikunu prodotti u meqjus mill-bidu tal-proċess ta' fermentazzjoni intenzjonat sabiex jagħmlu l-inbejjed frizzanti, ma jistax ikun ta' anqas minn:
- sitt xhur, meta l-proċess tal-fermentazzjoni intenzjonat sabiex jagħmlu l-inbejjed frizzanti jseħħ f'tankijiet magħluqa;
  - sitt xhur meta l-proċess tal-fermentazzjoni intenzjonat sabiex jagħmlu l-inbejjed frizzanti jseħħ fi fliexken.
- i) It-tul tal-proċess tal-fermentazzjoni intenzjonat sabiex jagħmel il-cuvée frizzanti u t-tul ta' żmien ta' meta l-cuvée tkun preżenti fil-karfa m'għandux ikun anqas minn:
- a) 90 jum (fermentazzjoni fi fliexken, fermentazzjoni f'tankijiet li ma jkollhomx mekkaniżmu li jħawwad),
  - b) 30 ġurnata jekk il-fermentazzjoni sseħħ f'kontenituri li jkollhom mekkaniżmu li jħawwad.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 266

ANNEX IV, PUNT 5 A)

a) miksub mill-inbid;

a) miksub minn inbid **prodott fil-Komunità**;

Emenda 267

ANNEX IV, PUNT 6 A)

a) li jinkiseb mill-inbid, sakemm dan l-inbid ikollu qawwa alkoħolika totali ta' mhux inqas minn 9 % vol.;

a) li jinkiseb mill-inbid **prodott fil-Komunità**, sakemm dan l-inbid ikollu qawwa alkoħolika totali ta' mhux inqas minn 9 % vol.;

Emenda 268

ANNEX IV, PUNT 7 A)

a) li jinkiseb mill-inbid, jew minn inbid b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta;

a) li jinkiseb mill-inbid, jew minn inbid b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, **prodott fil-Komunità**;

Emenda 269

ANNEX IV A (ġdid)

**Anness IVa****Lista ta' prattiki u proċessi enoloġiċi awtorizzati**

1. **Prattiki u proċessi enoloġiċi li jistgħu jiġu applikati fuq għeneb frisk, mast ta' l-għeneb, most ta' l-għeneb fil-fermentazzjoni, most ta' l-għeneb fil-fermentazzjoni magħmul minn għeneb imqadded, most konċentrati ta' l-għeneb u nbid ġdid li jkun għadu fil-fermentazzjoni:**

- a) l-arjazzjoni jew iż-żieda ta' ossiġenu;
- b) trattament bis-sħana;
- c) iċ-ċentrifugazzjoni u l-filtrazzjoni, b'aġent ta' filtrar inert, bil-kondizzjoni li ebda fdal mhux mixtieq ma jit-ħalla fil-prodott trattat b'dan il-mod;
- d) l-użu tad-dijossidu tal-karbonju, ta' l-argon jew tan-nitroġenu, waħedhom jew imħalltin, unikament sabiex tinholq atmosfera inerta u sabiex il-prodott ikun jista' jitqandel protett mill-arja;
- e) l-użu ta' sukrożju fil-kuntest tal-prattiki enoloġiċi;
- f) l-użu ta' ħmira għall-produzzjoni ta' l-inbid;
- g) l-użu ta' waħda jew iżjed mill-prattiki segwenti li jinkoraġġixxu t-tkabbir tal-ħmira;
  - iż-żieda ta' fosfat dijammonju jew ammonju tal-kubrit f'ċerti limiti,
  - iż-żieda ta' ammonju tal-kubrit jew ammonju bisulphite f'ċerti limiti,
  - iż-żieda ta' thiamin hydrochloride f'ċerti limiti;

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

- h) l-użu tad-dijossidu tal-kubrit, tal-potassju bisulfit jew tal-potassju metabisulfit li jista' jissejjaħ ukoll potassju disulphite jew tal-potassju piosulfit;
- i) l-eliminazzjoni tad-dijossidu tal-kubrit permezz ta' proċessi fiżiċi;
- j) it-trattament tal-most ta' l-għeneb abjad jew inbid abjad ġdid li jkun għadu fil-fermentazzjoni bil-faħam tal-gagazza għall-użu enoloġiku, f'ċerti limiti;
- k) il-klarifikazzjoni permezz ta' waħda jew iżjed mis-sostanzi segwenti għall-użu enoloġiku:
- il-ġelatina li tittiekel,
  - kolla tal-ħut,
  - il-kaseina u l-kasenata tal-potassju,
  - l-ovalbumin (l-albumina tal-bajd) u/jew il-laktalbumin (l-albumina tal-ħalib),
  - bentonite,
  - dijossidu tas-silikon bħala ġel jew bħala tahlila ta' kollojde,
  - kawlina,
  - ikkonzar,
  - enzimi pektolitiċi,
  - il-preparazzjoni enzimatika ta' betaglucanase, skond il-kondizzjonijiet li jridu jkunu ddeterminati;
  - sustanzi mill-proteini ta' oriġini veġetali;
- l) l-użu ta' aċidu sorbiku jew sorbat tal-potassju;
- m) l-użu ta' aċidu tartariku għall-aċidifikazzjoni skond il-kundizzjonijiet fl-Anness V;
- n) l-użu ta' waħda jew iżjed mis-sostanzi segwenti għal skoppjiet ta' di-aċidifikazzjoni permezz tal-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness V:
- tartrat newtrali tal-potassju,
  - bikarbonat tal-potassju,
  - karbonat tal-kalċju, li possibilment ikun fih kwantitajiet żgħar ta' melħ tal-kalċju tartariku L (+) u aċidu maliku L (-),
  - it-tartrat tal-kalċju,
  - l-aċidu tartariku, skond il-kondizzjonijiet li għandhom ikunu ddeterminati,
  - preparazzjoni omoġenja ta' aċidu tartariku u tal-karbonat tal-kalċju fi proporzjonijiet ekwivalenti u polverizzati b'mod fin;
- o) l-użu ta' reżina ta' l-arżnu ta' l-Aleppo taħt kondizzjonijiet li jridu jiġu ddeterminati;
- p) l-użu ta' preparamenti tal-qoxra taċ-ċellola tal-ħmira, sa ċerti limiti;
- q) l-użu ta' polyvinylpolypyrrolidone f'ċerti limiti u taħt kondizzjonijiet li jridu jiġu ddeterminati;

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

- r) l-użu ta' batterja lattika f'sospensjoni vinuża skond il-kondizzjonijiet li jridu jiġu ddeterminati;
- s) iż-żieda ta' lisożima fil-limiti u taħt kondizzjonijiet li jridu jiġu ddeterminati;
- t) iż-żieda ta' l-aċidu L-asorbiku sa ċerti limiti;
2. Il-prattiki u l-proċessi enoloġiċi li jistgħu jiġu applikati għall-most ta' l-għeneb intenzjonat għall-manifattura tal-most ta' l-għeneb konċentrat u rettifikat:
- a) l-arjazzjoni;
- b) trattament bis-sħana;
- c) iċ-ċentrifugazzjoni u l-filtrazzjoni, b'aġent ta' filtrar inert, bil-kondizzjoni li ebda f'dal mhux mixtieq ma jitħalla fil-prodott trattat b'dan il-mod;
- d) l-użu tad-dijossidu tal-kubrit, tal-potassju bisulfit jew tal-potassju metabisulfit li jista' jissejjaħ ukoll potassju disulphite jew tal-potassju piro-sulfit;
- e) l-eliminazzjoni tad-dijossidu tal-kubrit permezz ta' proċessi fiżiċi;
- f) it-trattament bil-faħam tal-gagazza għall-użu enoloġiku;
- g) l-użu tal-karbonat tal-kalċju, li jista' jkun fih kwantitajiet żgħar ta' melħ doppju tal-kalċju ta' l-aċidu tartariku L (+) u l-aċidu maliku L (-);
- h) l-użu ta' reżini ta' skambju ta' jonji taħt kondizzjonijiet li jridu jiġu ddeterminati.
3. Prattiki u trattamenti enoloġiċi li jistgħu jkunu applikati għall-most ta' l-għeneb parzjalment iffermentat, maħsub għall-konsum mill-bniedem direttament fl-istat li jinsab, l-inbid, l-inbid frizzanti, l-inbid frizzanti bil-gass, l-inbid likoruz u l-inbid ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta u ta' indikazzjoni ġeografika protetta;
- a) l-użu ta' nbejjed mhux ħelwin, u fi kwantitajiet li ma jeċċedux il-5 % ta' karfa friska li tkun ta' kwalità tajba u mhux mifqugħa bl-ilma u li jkun fiha ħmira li tirriżulta mill-vinifikazzjoni reċenti ta' nbejjed mhux ħelwin;
- b) iż-żieda tal-gass jew ta' bżieċaq ta' l-arja bl-użu ta' l-argon u n-nitroġenu;
- c) trattamenti bis-sħana;
- d) iċ-ċentrifugazzjoni u l-filtrazzjoni, b'aġent ta' filtrar inert jew mingħajru, bil-kondizzjoni li ebda f'dal mhux mixtieq ma jitħalla fil-prodotti trattati b'dan il-mod;
- e) l-użu tad-diossidu tal-karbonju, ta' l-argon jew tan-nitroġenu, waħedhom jew imħalltin, unikament sabiex tinholq atmosfera inerta u sabiex il-prodott ikun jista' jitqanddel protett mill-arja;

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

- f) iż-żieda ta' dijossidu tal-karbonju, f'ċerti limiti,
- g) l-użu, permezz tal-kondizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament, ta' diossidu tal-kubrit, tal-bisolfitu tal-potassju jew tal-potassju metabisulfit, li jista' jissejjaħ ukoll disulfit tal-potassju;
- h) iż-żieda ta' l-aċidu sorbiku jew tas-sorbat tal-potassju sakemm il-kontenut ta' l-aċidu sorbiku finali tal-prodott ittrattat mar-rilaxx tiegħu fis-suq għall-konsum dirett mill-bniedem ma jeċċedix il-200 mg/l;
- i) iż-żieda ta' l-aċidu L-assorbiku sa ċerti limiti;
- j) iż-żieda ta' l-aċidu ċitriku għal skopijiet ta' stabbilizzazzjoni ta' l-inbid, sa ċerti limiti;
- k) l-użu ta' l-aċidu tartariku, taħt il-kondizzjonijiet fl-Anness V;
- l) l-użu ta' waħda jew iżjed mis-sostanzi segwenti għal skopijiet ta' di-aċidifikazzjoni, skond il-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness V:
- tartrat newtrali tal-potassju,
  - bikarbonat tal-potassju,
  - karbonat tal-kalċju, li possibilment ikun fih kwantitajiet żgħar ta' melħ tal-kalċju tartariku L (+) u aċidu maliku L (-),
  - it-tartrat tal-kalċju,
  - l-aċidu tartariku, skond il-kondizzjonijiet li għandhom ikunu ddeterminati,
  - preparazzjoni omoġenja ta' aċidu tartariku u tal-karbonat tal-kalċju fi proporzjonijiet ekwivalenti u polverizzati b'mod fin;
- m) il-klarifikazzjoni permezz ta' waħda jew iżjed mis-sostanzi segwenti għall-użu enoloġiku:
- il-ġelatina li tittiekel,
  - il-kolla tal-ħut,
  - il-kaseina u l-kasenata tal-potassju,
  - l-ovalbumin (l-albumina tal-bajd) u/jew il-laktalbumin (l-albumina tal-ħalib),
  - il-bentonite,
  - id-dijossidu tas-silikon bħala ġel jew bħala taħlila ta' kollojde,
  - il-kawlina,
  - il-preparazzjoni enzimatika ta' beta-glucanase, skond il-kondizzjonijiet li jridu jkunu ddeterminati;
  - is-sustanzi mill-proteini ta' oriġini veġetali;
- n) iż-żieda ta' tannin;

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

- o) *it-trattament ta' nbejjed bojod bil-faħam tal-gagazza għal użu enoloġiku, f'ċerti limiti;*
- p) *it-trattament, skond il-kondizzjonijiet li jridu jiġu stipulati:*
- *ta' most ta' l-għeneb fil-fermentazzjoni intenzjonat għal konsum dirett mill-bniedem bħala tali, l-inbejjed bojod u l-inbejjed rosè biċ-ċjanur tal-potassju li fih il-ħadid;*
  - *ta' l-inbejjed ħomor bil-potassju ferrocyanide jew bil-kalċju phytate;*
- q) *iż-żieda ta' l-aċidu metatartariku f'ċerti limiti;*
- r) *l-użu ta' l-akaċja;*
- s) *l-użu ta' aċidu tartariku DL, imsejjaħ ukoll aċidu rake-miku, jew tal-melħ newtrali tiegħu tal-potassju, skond il-kondizzjonijiet li jridu jiġu stipulati, għall-preċipitazzjoni ta' l-eċċess tal-kalċju;*
- t) *l-użu, għall-manufattura ta' nbejjed frizzanti miksuba bil-fermentazzjoni fil-flixxun u bil-karfa separata permezz tat-tsawwib:*
- *tal-kalċju alġinat,*
- jew*
- *tal-potassju alġinat;*
- u) *l-użu ta' ħmira għall-produzzjoni ta' l-inbid, mhux ħelu jew f'sospensjoni ta' l-inbid, għall-produzzjoni ta' l-inbid frizzanti;*
- v) *iż-żieda, fil-produzzjoni ta' l-inbid frizzanti, tat-tiamina u mluħa ta' l-ammonju ma' l-inbejjed bażiċi, sabiex il-ħmira tiġi megħjuna waqt li tkun qiegħda tikber, skond il-kondizzjonijiet segwenti:*
- *għal inluħa nutrittivi, fosfat diammonju jew ammonju tal-kubrit f'ċerti limiti,*
  - *għal fatturi tat-tkabbir, tiamina fil-forma ta' tiamina idroklorida, f'ċerti limiti;*
- w) *l-użu ta' diski tal-paraffin pur impregnati b'allyl isothiocyanate sabiex tinħoloq atmosfera sterilizzata, solament fl-Istati Membri fejn huwa tradizzjonali u sa kemm ma jkunx ipprobit mill-liġi nazzjonali, basta li jintużaw biss f'kontenituri li jkun fihom aktar minn 20 litru u li ma jkun hemm ebda traċċa ta' allyl isothiocyanate fl-inbid;*
- x) *iż-żieda, sabiex tiġi megħjuna l-preċipitazzjoni tat-tartru, ta':*
- *il-bitartrat tal-potassju,*
  - *it-tartrat tal-kalċju, fil-limiti u skond il-kondizzjonijiet li jridu jiġu ddeterminati;*



L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

- y) l-użu ta' ramm tal-kubrit sabiex jiġu eliminati d-difetti fit-togħma jew fir-riħa fl-inbid, sa ċertu limiti;
- za) l-użu ta' preparamenti tal-qoxra taċ-ċellola tal-ħmira, sa ċertu limiti;
- zb) l-użu ta' polyvinylpyrrolidone f'ċerti limiti u skond il-kondizzjonijiet li jridu jiġu ddeterminati;
- zc) l-użu ta' batterja lattika f'sospensjoni vinuża skond il-kondizzjonijiet li jridu jiġu ddeterminati;
- zd) iż-żieda tal-karamella fil-kuntest tat-tifsira tad-Direttiva 94/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar il-kuluri li għandhom jintużaw fil-prodotti ta' l-ikel<sup>(1)</sup> għat-tisħiħ tal-kulur ta' l-inbejjed likurużi u ta' l-inbejjed ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta;
- ze) iż-żieda ta' lysozyme fil-limiti u skond il-kondizzjonijiet li jridu jiġu ddeterminati;
- zf) iż-żieda ta' dimetilkarbonat (DMDC) fl-inbejjed bil-għan li jkun hemm stabilizzazzjoni mikrobijoloġika, f'ċerti limiti u skond il-kondizzjonijiet li jridu jiġu ddeterminati;
- zg) iż-żieda ta' mannoproteini tal-ħmira sabiex tiġi żgurata l-istabbilizzazzjoni tartarika u protejnika ta' l-inbejjed.
4. Il-prattiki u l-proċessi enoloġiċi li jistgħu jintużaw għall-prodotti li hemm referenza dwarhom fis-sentenza introdutturja tal-punt 3, solament skond il-kondizzjonijiet ta' użu li jridu jiġu ddeterminati:
- a) il-proporzjon ta' l-ossiġenu;
- b) it-rattament b'elettrodialisi sabiex tkun assicurata l-istabbilizzazzjoni tartarika ta' l-inbid;
- c) użu ta' l-ureża sabiex jitnaqqas il-livell ta' l-urea fl-inbid;
- d) it-tferrigħ ta' l-inbid fuq il-fond, brandy tal-vinaċċja jew pasta ta' l-Aszú ppressata fejn din il-prattika tintuża tradizzjonalment għall-produzzjoni tat-Tokaji Forditàs u tat-Tokaji màslàs fir-reġjun Ungeriż ta' Tokajhegyalja, f'kundizzjonijiet li jridu jiġu determinati;
- e) l-użu ta' l-injam tal-ballut fit-tħejjija ta' l-inbejjed u tal-most.

<sup>(1)</sup> ĠU L 237, 10.9.1994, p. 13.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

## Emenda 270

Anness V, Punt A

1. Fejn il-kundizzjonijiet tal-klima jkunu għamluha meħtieġa f'ċerti żoni ta' vitikultura tal-Komunità skond l-Anness IX, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jippermettu żieda ta' alkoħol mal-qawwa alkoħolika naturali bil-volum ta' l-għeneb frisk, tal-most, tal-most fil-fermentazzjoni, ta' l-inbid ġdid għadu fil-fermentazzjoni, u ta' l-inbid magħmul mill-varjetajiet ta' għeneb ta' l-inbid imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 18(1).

2. Iż-żieda ta' alkoħol mal-qawwa alkoħolika naturali bil-volum għandha ssir permezz tal-prattiċi enoloġiċi msemmija fil-punt B, u ma għandhiex taqbeż il-limiti li ġejjin:

a) **2%** vol. fiż-żoni ta' vitikultura A u B, skond l-Anness IX;

b) **1%** vol. fiż-żona ta' vitikultura C, skond l-Anness IX

3. Fi snin li matulhom il-kundizzjonijiet tal-klima jkunu eċċezzjonalment negattivi, u skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1), il-limiti fuq iż-żidiet fil-qawwa alkoħolika bil-volum stipulati fil-punt 2 jistgħu jitgħollew sal-livell ta' 3% vol. fiż-żoni ta' vitikultura A u B, skond l-Anness IX.

1. Fejn il-kundizzjonijiet tal-klima jkunu għamluha meħtieġa f'ċerti żoni ta' vitikultura tal-Komunità skond l-Anness IX, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jippermettu żieda ta' alkoħol mal-qawwa alkoħolika naturali bil-volum ta' l-għeneb frisk, tal-most, tal-most fil-fermentazzjoni, ta' l-inbid ġdid għadu fil-fermentazzjoni, u ta' l-inbid magħmul mill-varjetajiet ta' għeneb ta' l-inbid imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 18(1).

2. Iż-żieda ta' alkoħol mal-qawwa alkoħolika naturali bil-volum għandha ssir permezz tal-prattiċi enoloġiċi msemmija fil-punt B, u ma għandhiex taqbeż il-limiti li ġejjin:

(a) **3.5%** vol. fiż-żoni ta' vitikultura A **u 2.5% fiż-żoni ta' vitikultura B**, skond l-Anness IX;

(b) **2%** vol. fiż-żona ta' vitikultura C, skond l-Anness IX

3. Fi snin li matulhom il-kundizzjonijiet tal-klima jkunu eċċezzjonalment negattivi, u skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1), il-limiti fuq iż-żidiet fil-qawwa alkoħolika bil-volum stipulati fil-punt 2 jistgħu jitgħollew **rispettivament** sal-livell ta' 4.5% vol. fiż-żoni ta' vitikultura A, **3.5% fiż-żoni ta' vitikultura B u 3% vol. fiż-żoni ta' vitikultura C**, skond l-Anness IX.

**3a. Skond l-istudju ta' l-impatt fuq ir-riforma magħmula mill-Kummissjoni Ewropea fl-2012, jistgħu jiġu adottati miżuri biex bil-mod il-mod inaqqsu l-limiti taż-żieda tal-volum alkoħoliku stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 għal, rispettivament, 2% vol. fiż-żoni tal-vitikultura A u B u 1% vol fiż-żoni ta' vitikultura C.**

## Emenda 271

ANNEX V, PUNT B, PARAGRAFU 1

1. Iż-żieda mal-qawwa naturali alkoħolika bil-volum ipprovduta fil-punt A tista' ssir biss:

a) fir-rigward ta' l-għeneb frisk, il-most fil-fermentazzjoni jew l-inbid ġdid għadu fil-fermentazzjoni, biż-żieda ta' most ikkonċentrat jew ta' most ikkonċentrat u msoffi;

b) fir-rigward tal-most, biż-żieda ta' most ikkonċentrat jew ta' most ikkonċentrat u msoffi, jew bil-konċentrazzjoni parzjali, li tinkludi l-ożmożi invertita;

1. Iż-żieda mal-qawwa naturali alkoħolika bil-volum ipprovduta fil-punt A tista' ssir biss:

a) fir-rigward ta' l-għeneb frisk, il-most fil-fermentazzjoni jew l-inbid ġdid għadu fil-fermentazzjoni, biż-żieda ta' most ikkonċentrat jew ta' most ikkonċentrat u msoffi **jew ta' sukrożju, fiż-żoni ta' vitikultura fejn l-użu tas-sukrożju huwa aċċettat tradizzjonalment;**

b) fir-rigward tal-most, biż-żieda ta' most ikkonċentrat jew ta' most ikkonċentrat u msoffi, jew bil-konċentrazzjoni parzjali, li tinkludi l-ożmożi invertita **jew ta' sukrożju, fiż-żoni ta' vitikultura fejn l-użu tas-sukrożju huwa aċċettat tradizzjonalment;**

## L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

| TEST PROPOST<br>MILL-KUMMISSJONI   | EMENDI<br>MILL-PARLAMENT  |
|--|---|
| c) fir-rigward ta' l-inbid, bil-konċentrazzjoni parzjali permezz tat-tkessiħ.  | c) fir-rigward ta' l-inbid, bil-konċentrazzjoni parzjali permezz tat-tkessiħ.<br><br>1 a. Iż-żieda tas-sukrożju stipulata fil-paragrafu 1, punti a) u b) tista' ssir biss permezz taż-żieda tas-sustanza niexfa u biss fir-reġjuni ta' vitikultura fejn hija pprattikata tradizzjonalment, b'konformità mal-leġiżlazzjoni preżenti tat-8 ta' Mejju 1970 fil-każ fejn, minħabba kundizzjonijiet klimatiċi mhux favorevoli, din il-prattika hija meħtieġa biex tinkiseb qawwa minima alko-holika reali bil-volum. |
| Emenda 272<br>Anness V, Punt b), Paragrafu 4, Punt a)  |   |
| a) fiż-żona ta' vitikultura A, <b>skond l-Anness IX, sa aktar minn 11.5 % vol.</b> ,   | a) <b>12 % vol.</b> fiż-żona ta' vitikultura A,   |
| Emenda 273<br>Anness V, Punt b), Paragrafu 4, Punt b)  |   |
| b) fiż-żona ta' vitikultura B, <b>skond l-Anness IX, sa aktar minn 12 % vol.</b> ,   | b) <b>12.5 % vol.</b> fiż-żona ta' vitikultura B,   |
| Emenda 274<br>Anness V, Punt b), Paragrafu 4, Punt c)  |   |
| c) fiż-żoni ta' vitikultura C I (a) u C I (b), <b>skond l-Anness IX, sa aktar minn 12.5 % vol.</b> ,   | (c) <b>13 % vol.</b> fiż-żoni ta' vitikultura C I (a) u C I (b),  |
| Emenda 275<br>Anness V, Punt b), Paragrafu 4, Punt d)  |   |
| d) fiż-żona ta' vitikultura C II, <b>skond l-Anness IX, sa aktar minn 13 % vol., u</b>   | d) <b>13 % vol</b> fiż-żona ta' vitikultura C II.   |
| Emenda 276<br>Anness V, Punt b), Paragrafu 4, Punt e)  |   |
| e) fiż-żona ta' vitikultura C III, <b>skond l-Anness IX, sa aktar minn 13.5 % vol.</b>   | e) <b>13.5 % vol</b> fiż-żona ta' vitikultura C III.  |
| Emenda 277<br>Anness V, Punt b), Paragrafu 5, Punt a)  |   |
| a) <b>għall-inbid aħmar</b> , jgħollu l-limitu massimu tal-qawwa alkoħolika totali bil-volum tal-prodotti msemmija fil-punt 4 sa 12 % vol. fiż-żona ta' vitikultura A, u sa 12.5 % vol. fiż-żona ta' vitikultura B, skond l-Anness IX; | a) jgħollu l-limitu massimu tal-qawwa alkoħolika totali bil-volum tal-prodotti msemmija fil-punt 4 sa 12 % vol. fiż-żona ta' vitikultura A, u sa 12.5 % vol. fiż-żona ta' vitikultura B, skond l-Anness IX;   |

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 278

Anness V, Punt B), Paragrafu 5 b)

- b) *għollu l-qawwa alkoħolika totali bil-volum tal-prodotti msemmija fil-punt 4, għall-produzzjoni ta' nbejjed b'denominazzjoni ta' l-oriġini fiż-żoni ta' vitikultura A u B, sa livell li għandu jiġi ddeterminat mill-Istati Membri.* **imħassar**

Emenda 279

Anness VI, Punt b), Paragrafu 5

5. *Suġġett għal kwalunkwe deċiżjoni differenti li jista' jieħu l-Kunsill skond l-obbligi internazzjonali tal-Komunità, l-għeneb frisk, il-most, il-most fil-fermentazzjoni, il-most ikkonċentrat, il-most ikkonċentrat u msoffi, il-most bil-fermentazzjoni mmewta biż-żieda ta' l-alkoħol, il-meraq ta' l-għeneb u l-meraq ta' l-għeneb ikkonċentrat li joriġinaw minn pajjiżi terzi ma jistgħux jiġu ttrasformati fi nbid jew jiżdied ma' l-inbid fit-territorju tal-Komunità.*

5. L-għeneb frisk, most ta' l-għeneb, most ta' l-għeneb fil-fermentazzjoni, most ta' l-għeneb konċentrat, most ta' l-għeneb konċentrat u rattifikat, most ta' l-għeneb bil-fermentazzjoni mwaqqa biż-żieda ta' l-alkoħol, ġulepp ta' l-għeneb u ġulepp konċentrat ta' l-għeneb li joriġinaw minn pajjiżi terzi ma jistgħux ikunu mdawra f'inbid jew jiġu miżjuda ma' nbid fit-territorju tal-Komunità.

Emenda 280

Anness VI, Punt C)

C. *Suġġett għal kwalunkwe deċiżjoni differenti li jista' jieħu l-Kunsill skond l-obbligi internazzjonali tal-Komunità, it-taħlit (coupage) ta' nbid li joriġina minn pajjiżi terzi ma' nbid Komunitarju, u t-taħlit bejn inbejjed li joriġinaw minn pajjiżi terzi, huma pprojbiti fil-Komunità.*

C. **It-taħlit (coupage) ta' nbid li joriġina minn pajjiżi terzi ma' nbid Komunitarju, u t-taħlit bejn inbejjed li joriġinaw minn pajjiżi terzi, huma pprojbiti fil-Komunità.**

Emenda 281

Anness VI, Punt D

D. *Prodotti sekondarji***imħassar**

1. *It-tagħsir żejjed ta' l-għeneb huwa pprojbit. Filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet lokali u tekniċi, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu l-kwantità minima ta' l-alkoħol, li f'kull każ għandha tkun aktar minn zero, li għandu jkun hemm fir-residwu u fil-karfa wara l-għasra ta' l-għeneb.*

2. *Għajr għall-alkoħol, għall-ispirti u għall-piquette, ma għandu jiġi prodott mill-karfa ta' l-inbid jew mir-residwu mill-għasra l-ebda nbid jew xorb ieħor għall-konsum dirett mill-bniedem.*

3. *It-tagħsir tal-karfa ta' l-inbid u l-fermentazzjoni mill-ġdid tar-residwi mill-għasra għal skopijiet lil hinn mid-distillazzjoni jew il-produzzjoni tal-piquette huma pprojbiti. L-iffiltrar u ċ-ċentrifugazzjoni tal-karfa ta' l-inbid ma għandhomx jitqiesu bħala tagħsir fejn il-prodotti miksubin ikunu ta' kwalità ġenwina, f'saħħitha u tajba għall-kummerċ.*

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

4. *Il-piquette, fejn il-produzzjoni tagħha tkun awtorizzata mill-Istat Membru kkonċernat, tista' tintuża biss għad-distillazzjoni jew għall-konsum familjari tal-vitikulturi.*

5. *Kull persuna jew grupp ta' persuni naturali jew legali li jżommu prodotti sekondarji għandu jeqridhom taħt sorveljanza, u skond kundizzjonijiet li għandhom jiġu ddeterminati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 104(1).*

Emenda 282

Anness VII, Punt A)

- |  |  |
|--|--|
| a) għas-sena ta' l-għasra <b>2008/2009</b> (sena tal-baġit 2009):<br><b>EUR 430 miljun</b> | a) għas-sena ta' l-għasra <b>2009/2010</b> (sena tal-baġit 2009):<br><b>EUR 510 miljun</b> |
|--|--|

Emenda 283

Anness VII, Punt B)

- |  |  |
|--|--|
| b) għas-sena ta' l-għasra <b>2009/2010</b> (sena tal-baġit 2010):<br><b>EUR 287 miljun</b> | b) għas-sena ta' l-għasra <b>2010/2011</b> (sena tal-baġit 2010):<br><b>EUR 337 miljun</b> |
|--|--|

Emenda 284

Anness VII, Punt C)

- |  |  |
|--|--|
| c) għas-sena ta' l-għasra <b>2010/2011</b> (sena tal-baġit 2011):<br><b>EUR 184 miljun</b> | c) għas-sena ta' l-għasra <b>2011/2012</b> (sena tal-baġit 2011):<br><b>EUR 223 miljun</b> |
|--|--|

Emenda 285

Anness VII, Punt D)

- |  |                 |
|--|-----------------|
| d) għas-sena ta' l-għasra <b>2011/2012</b> (sena tal-baġit 2012):<br><b>EUR 110 miljun</b> | <b>imħassar</b> |
|--|-----------------|

Emenda 286

Anness VII, Punt E)

- |   |                 |
|---|-----------------|
| e) għas-sena ta' l-għasra <b>2012/2013</b> (sena tal-baġit 2013):<br><b>EUR 59 miljun</b> | <b>imħassar</b> |
|---|-----------------|

Emenda 287

ANNEX VIII

**Anness imħassar.**

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

P6\_TA(2007)0611

**Taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital (Tfassil mill-ġdid) (COM(2006)0760 — C6-0043/2007 — 2006/0253(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0760),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 93 u 94 tat-Trattat KE, skond liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0043/2007),
- wara li kkunsidra l-ittra ta' l-1 ta' Ġunju 2007 mingħand il-Kumitat dwar l-Affarijiet Legali lill-President tal-Parlament Ewropew skond ir-Regola 80a(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-ittra ta' l-20 ta' Settembru 2007 mingħand il-President tal-Kummissjoni li tiddikjara li l-Kummissjoni żżomm il-proposta tagħha,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0472/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfirmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENTEmenda 1  
*Premessa 7*

(7) It is appropriate that the maximum rate of capital duty applicable by the Member States which continue to charge capital duty should be reduced by **2008** and that capital duty should be abolished by **2010** at the latest.

(7) Hu xieraq li r-rata massima ta' taxxa kapitali applikabbli mill-Istati Membri li għadhom jimponu ħlas ta' taxxa kapitali għandha tiġi mnaqqsa sa l-**2010** u li t-taxxa kapitali għandha tiġi abolita mhux aktar tard mill-**2012**.

Emenda 2  
*Artikolu 7, paragrafu 1*

1. Notwithstanding Article 5(1)(a), a Member State which as at 1 January 2006 charged a duty on contributions of capital to capital companies, hereinafter "capital duty", may continue to do so until **31 December 2009** provided that it complies with Articles 8 to 14.

1. Minkejja l-Artikolu 5(1)(a), Stat Membru li fl-1 ta' Jannar 2006 kien jimponi taxxa fuq kontribuzzjonijiet ta' kapital lill-kumpaniji ta' kapital, minn hawn 'il quddiem "taxxa kapitali", jiġta' jkompli jagħmel hekk sal-**31 ta' Diċembru 2011** sakemm ikun konformi ma' l-Artikoli 8 sa 14.

**L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007**TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

## Emenda 3

*Artikolu 8, paragrafu 3*

3. The rate of capital duty may not in any event exceed 1 %, and after **31 December 2007** it may not exceed 0,5 %.

3. Fi kwalunkwe każ, ir-rata tat-taxxa kapitali ma tistax taqbeż il-1 %, u wara l-**31 ta' Diċembru 2009** ma tistax taqbeż iż-0.5 %.

## Emenda 4

*Artikolu 15, paragrafu 1, subparagrafu 1*

1. Member States shall bring into force the laws, regulations and administrative provisions necessary to comply with Articles 3, 4, 5, 7, 8, 10, 12, 13 and 14 by **31 December 2006** at the latest. They shall forthwith communicate to the Commission the texts of those provisions and a correlation table between those provisions and this Directive.

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u amministrattivi neċessarji, sabiex ikun hemm konformità ma' l-Artikoli 3, 4, 5, 7, 8, 10, 12, 13 u 14 ta' din id-direttiva sa mhux aktar tard mill-**31 ta' Diċembru 2009**. Huma għandhom jgħaddu t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u fl-istess ħin jinkludu tabella li tindika l-korrelazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet imsem-mija u din id-Direttiva.

## Emenda 5

*Artikolu 16, paragrafu 1*

Directive 69/355/EEC, as amended by the Directives listed in Part A of Annex II, is repealed with effect from **1 January 2007**, without prejudice to the obligations of the Member States relating to the time-limits for transposition into national law of the Directives set out in Part B of Annex II.

Id-Direttiva 69/355/KEE kif emendata mid-Direttivi elenkati fl-Anness II, Parti A, għandha tiġi abrogata b'effett mill-**1 ta' Jan-nar 2010**, mingħajr ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' dati ta' skadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttivi msemmija fl-Anness II, Parti B fil-liġi nazzjonali.

## Emenda 6

*Artikolu 17, paragrafu 2*

Articles 1, 2, 6, 9 and 11 shall apply from **1 January 2007**.

L-Artikoli 1, 2, 6, 9 u 11 għandhom japplikaw mill-**1 ta' Jan-nar 2010**.

## Emenda 7

*Anness I, punt 2 a (ġdid)***2a. kumpaniji taħt il-liġi Bulgara bid-denominazzjoni:**

- i) *акционерно дружество*
- ii) *командитно дружество с акции*
- iii) *дружество с ограничена отговорност*

## Emenda 8

*Anness I, punt 21 a (ġdid)***21a. kumpaniji taħt il-liġi Rumena bid-denominazzjoni:**

- i) *societăți în nume colectiv*
- ii) *societăți în comandită simplă*
- iii) *societăți pe acțiuni*
- iv) *societăți în comandită pe acțiuni*
- v) *societăți cu răspundere limitată*

P6\_TA(2007)0612

## Il-ġlieda kontra t-terroriżmu

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2007 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-25 u s-26 ta' Marzu 2004, b'mod partikulari d-Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2004 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, li kienet tinkludi klawżola ta' solidarjetà,
- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli'Alleanza ta' Ċiviltajiet preżentat lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-13 ta' Novembru 2006,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Frar 2007 dwar l-użu allegat ta' pajjiżi Ewropej mis-CIA għat-trasport u d-detenzjoni illegali ta' prigionieri<sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi,

- it-theddida terroristika mhux biss għandha impatt dirett fuq is-sikurezza taċ-ċittadini tal-pajjiżi li huma vittmi ta' l-attakki terroristiċi, imma wkoll għandha l-potenzjal li tissottovaluta s-sigurtà ta' kulħadd; għal din ir-raġuni, hi meħtieġa reazzjoni globali sabiex tiġi sodisfatta l-ħtieġa ta' sigurtà — filwaqt li jingħataw lill-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi r-riżorsi u l-qafas legali neċessarji filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali, u wkoll jiġu żgurati s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data,
  - it-terroriżmu huwa theddida komuni għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll is-sikurezza taċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni u għalhekk għandha ssir reżistenza għalih b'mod sod, filwaqt li fl-istess ħin għandu jiġi muri rispettt bla kundizzjoni għad-drittijiet fundamentali,
  - bis-saħħa ta' l-Artikoli 2 u 6 tat-Trattat ta' l-UE, l-UE għandha tkun żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja skond il-prinċipji li fuqhom hi msejsa l-UE, dawk tad-demokrazija, ta' l-istat tad-dritt u tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, u billi bis-saħħa ta' l-Artikolu 29 ta' dak it-Trattat "l-oġettiv ta' l-Unjoni għandu jkun li jipprovdu liċ-ċittadini b'livell għoli ta' sigurtà" b'mod partikulari permezz tal-prevenzjoni tat-terroriżmu u tal-ġlieda kontrih,
  - l-UE għandha l-intenzjoni soda li tevalwa l-kisbiet, il-limiti u l-prospetti tal-politika ta' l-Unjoni Ewropea kontra t-terroriżmu wara l-attakki tal-11 ta' Settembru 2001, tal-11 ta' Marzu 2004 u tas-7 ta' Lulju 2005 fi żmien meta t-theddida terroristika ħadet dimensjoni dinjija u għalhekk tirrikjedi reazzjoni fl-istess livell,
  - l-Unjoni hija impenjata fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, kemm jekk l-oriġini jew l-attivitajiet tiegħu jseħħu fit-territorju tagħha jew lil hinn mill-fruntieri tagħha, filwaqt li taġixxi fil-limiti stipulati mill-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet fundamentali, u partikularment fil-ġlieda kontra t-terror m'għandu jkun hemm ebda oqsma fejn id-drittijiet fundamentali ma jithar-sux,
  - kwalunkwe limitazzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali għall-ġlieda kontra t-terroriżmu trid tkun limitata fiż-żmien u fil-kamp ta' applikazzjoni, prevista mil-liġi, suġġetta għal skrutinju demokratiku u ġudizzjarju sħiħ, u tkun meħtieġa u proporzjonata f'soċjetà demokratika,
  - it-terroriżmu jista' jinqered, u tista' titnaqqas t-theddida tat-terroriżmu billi naffrontaw il-kawżi tiegħu,
- B. jiddispaċih li l-Istituzzjonijiet ta' l-UE irrispondew għall-pressjonijiet eċċezzjonali li rriżultaw mill-attakki terroristiċi billi addottaw atti legali li ma ġewx diskussi bir-reqqa mal-Parlament u mal-parlamenti nazzjonali u li kienu jiksru d-dritt għal proċess ġuridiku ġust, għall-ħarsien tad-data jew għall-aċċess għad-dokumenti ta' l-Istituzzjonijiet ta' l-UE marbuta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li bħala konsegwenza ġew ġustament annullati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej,

(<sup>1</sup>) ĠU C 287 E, 29.11.2007, p.309.



**L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007**

- C. wara li kkunsidra partikularment il-vittmi tat-terroriżmu u l-esperjenzi ta' qsim il-qalb tagħhom u l-ħtieġa li tingħata prijorità lill-ħarsien tad-drittijiet tagħhom u lill-miżuri li jfittxu li jtuhom ħarsien u rikonossiment, filwaqt li dejjem jitqies li meta l-vittmi jtkellmu u s-soċjetà ttihom ċans u tismagħhom, it-terroristi jibdeu jiddgħajfu,
- D. billi hu imħasseb dwar il-konsegwenzi b'effetti kbar ta' l-użu ta' *databases* fuq skala kbira għall-immigrazzjoni u l-ażil fil-livell ta' l-UE fil-għieda kontra t-terroriżmu u b'mod partikulari dwar l-għoti ta' aċċess għall-*database* Eurodac lill-awtoritajiet tal-pulizija u ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri kif ukoll lill-Europol waqt li kienu qed iwettqu dmirijiethom dwar il-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u reati kriminali serji oħra, kif mitlub fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġustizzja u l-Intern tat-12 u t-13 ta' Ġunju 2007,
- E. huwa konxju għalhekk li l-għieda kontra t-terroriżmu hija kwistjoni kumplessa ħafna u tirrikjedi aktar minn qatt qabel strateġija fuq diversi livelli u multi-dixxiplinari kif previst f'livell internazzjonali,
- mill-Istrateġija tan-NU kontra t-Terroriżmu adottata fit-8 ta' Settembru 2006 <sup>(1)</sup> u mill-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu konkluzja fis-16 ta' Mejju 2005 <sup>(2)</sup>,
  - mill-Kunsill Ewropew meta adotta Strateġija Kontra t-Terroriżmu <sup>(3)</sup> f'Diċembru 2005, sfortunatament bl-ebda involviment sostanzjali tal-Parlament u parlamenti nazzjonali,
  - u mill-Kummissjoni li ppreżentat il-pakkett tagħha kontra t-terroriżmu fis-6 ta' Novembru 2007,
- F. filwaqt li jqis li kull wieħed mill-aspetti ta' l-Istrateġija ta' l-UE — il-prevenzjoni, il-protezzjoni, it-tiftix, ir-reazzjoni — jeħtieġ l-involviment sħiħ tal-Parlament u l-parlamenti nazzjonali, li għandhom jingħataw informazzjoni kompleta u regolari permezz ta' evalwazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni kull sentejn u jridu jkunu jistgħu jivverifikaw l-effett reali tal-miżuri li ttieħdu, inkluż l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali, jekk kinux implimentati l-oġettivi inizjali u l-ispiża reali ta' l-inizjattivi,
- G. filwaqt li jiddispjaċih li hemm nuqqas sostanzjali ta' trasparenza, sorveljanza demokratika, responsabilità u reviżjoni ġudizzjarja u filwaqt li jinnota li l-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji ta' l-UE bħall-Europol u l-Eurojust għandhom qed jibdeu jiġbru l-informazzjoni meħtieġa għall-attivitajiet tagħhom b'mod iktar strutturat,
- H. waqt li hu xxukkjat dwar ir-rifjut ta' xi gvernijiet ta' l-Istati Membri u tal-Kunsill li jwieġbu għall-allegazzjonijiet ta' abbuż ta' setgħat bl-iskuża tal-għieda kontra t-terroriżmu, b'mod partikulari fil-każ tal-konsenji straordinarji u l-ħabsijiet sigrieti tas-CIA,
- I. imħasseb li ntużaw tekniki estremi ta' interrogazzjoni fuq persuni suspettati b'terroriżmu,
- J. waqt li hu tal-fehma li l-koperazzjoni transkonfinali bejn is-servizzi sigrieti ta' informazzjoni u s-servizzi ta' sigurtà għandha tkun suġġetta għal skrutinju aktar bir-reqqa u sistematiku,
- K. filwaqt li huwa imħasseb ferm dwar it-tgħawwiġ fil-funzjonijiet ta' ħafna miżuri introdotti taħt il-kappa tal-għieda kontra t-terroriżmu, li madankollu, fil-prattika jintużaw għal għadd wiesa' ta' skopijiet,
- L. filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li, fl-Istrateġija ta' l-UE kontra t-terroriżmu, tingħata ħafna aktar attenzjoni għall-kawżi tat-terroriżmu u għall-irwol ta' l-UE f'dan ir-rigward,
- M. ifakkar li, permezz tat-Trattat ta' Liżbona, l-irwol ta' l-Unjoni fil-għieda kontra t-terroriżmu għandu jifassal b'mod iktar trasparenti, iktar simplifikat u li jista' jingħata rendikont dwarha, is-solidarjetà ta' l-Istati Membri għandha tissaħħaħ u l-Parlament u l-parlamenti nazzjonali għandhom jingħaqdu fl-evalwazzjoni tal-politiki marbuta ma' l-FSJA, filwaqt li jiddispjaċih li għal dawn il-politiki mhux se jkun hemm kontroll ġudizzjarju sħiħ fil-livell ta' l-UE għal-leġiżlazzjoni adottata qabel ma daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Liżbona,
1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-iffirmar tat-Trattat ta' Liżbona u jistieden lill-Istati Membri kollha biex jirratifikaw sabiex il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, li hija meħtieġa li tikkomplimenta l-Istrateġija ta' l-UE għall-għieda kontra t-terroriżmu, tkun torbot,

<sup>(1)</sup> Ara <http://www.un.org/terrorism/strategy-counter-terrorism.html>.

<sup>(2)</sup> Ara [http://conventions.coe.int/Treaty/Commun/QueVoulezVous.asp? NT=196&CM=2&DF=&CL=ENG](http://conventions.coe.int/Treaty/Commun/QueVoulezVous.asp?NT=196&CM=2&DF=&CL=ENG) (diġà ratifikat minn BG, DK, RO, SL, SK).

<sup>(3)</sup> Ara <http://register.consilium.eu.int/pdf/en/05/st14/st14469-re04.en05.pdf>.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

**F'dak li għandu x'jaqsam mal-"prevenzjoni":**

2. Iqis li l-UE għandha tappoġġja azzjonijiet fil-livelli ta' l-UE, dawk nazzjonali u dawk lokali mmirati lejn il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni vjolenta, billi jitrawmu l-integrazzjoni tan-nies permezz tad-djalogu interkulturali u l-promozzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem bħala l-valuri universali li fuqhom hi msejsa s-soċjetà tagħna, waqt li tiġi evitata l-esklużjoni soċjali; iqis ukoll li hemm bżonn ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni vjolenta, inkluż l-inkitament biex jitwettqu azzjonijiet vjolenti;
3. Jitlob li finalment tiġi projbita l-ġustifikazzjoni tat-terroriżmu fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea fil-forom kollha tagħha;
4. Barra minn hekk, jemmen li element importanti fil-prevenzjoni tat-terroriżmu hija politika ta' l-UE u ta' l-Istati Membri dwar l-għajnuna għall-iżvilupp li sservi wkoll bħala politika ta' sigurtà; iqis li l-promozzjoni tas-soċjetà ċivili u l-għajnuna sabiex jintlaħqu l-paċi u l-prosperità soċjali huma mezzi xierqa sabiex in-nies jintwerew l-opportunitajiet tagħhom u sabiex titrażżan il-firxa ta' ideoloġiji fundamentalisti; jemmen għalhekk li l-iżvilupp ta' l-edukazzjoni, tas-saħħa u ta' sistemi tas-sigurtà soċjali, f'pajjiżi li fihom hu meqjus li joriġinaw l-attivitatijiet terroristiċi, għandu jsir prijorità ħafna akbar minn qabel fil-politika ta' għajnuna għall-iżvilupp;
5. F'dan ir-rigward, iqis li l-UE għandha tiffavorixxi l-aħjar prattiki u t-tixrid tagħhom fl-UE, u jinnota li l-Parlament dalwaqt se jagħmel rakkomandazzjonijiet f'dan il-qasam filwaqt li jitqiesu l-kontributi tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;
6. Jemmen li każijiet bħar-rifjut ta' l-appell dwar tortura tal-Qorti Suprema ta' l-Istati Uniti ta' Khalid Al-Masri għandhom it-tendenza li jsaħħu l-impresjoni, l-aktar fost il-minoranzi Musulmani fl-UE, li l-miżuri kontra t-terroriżmu joħolqu standards doppji; għalhekk jistieden lill-UE sabiex tinvolvi ruħha b'aktar saħħa fil-ġlieda sabiex jiħares l-istat tad-dritt fi ħdan l-UE u fil-kuntest internazzjonali, b'mod partikulari billi tiddefendi liċ-ċittadini tagħha stess fil-prosekuzzjonijiet legali f'pajjiżi terzi li jikkonċernaw ċittadini ta' nisel Musulman b'mod mhux proporzjonat;
7. Iqis li l-prevenzjoni tat-terroriżmu titlob politika barranija ta' l-UE li tippromwovi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem kemm fil-pajjiżi ġirien ta' l-UE kif ukoll f'dawk imbiegħda;
8. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex iniedu inizjattiva fuq livell Ewropew u dak internazzjonali sabiex il-priġunieri ta' Guantánamo minn pajjiżi terzi li ma jistgħux jergħu jintbagħtu lejn pajjiżhom min-ħabba riskji ta' persekuzzjoni jew tortura jergħu jiġu ssettijati;
9. Itenni l-importanza tal-koperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija fil-livell ta' l-UE, l-aktar fejn jidħol l-iskambju ta' informazzjoni u ta' analiżi, u jistieden lill-Istati Membri sabiex isaħħu l-koperazzjoni ta' bejniet-hom bil-koordinazzjoni u s-sostenn tal-Europol;
10. Jitlob li l-kompetenzi ta' l-Europol jissaħħu u jqis li dan l-organiżmu għandu jkollu poteri ta' investigazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu; jitlob ukoll, f'dan ir-rigward, li l-Europol iwaqqaf fi ħdanu grupp ta' azzjoni kontra t-terroriżmu magħmul minn esperti nazzjonali;
11. Iqis li sabiex inżidu l-effettività ta' l-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iwaqqfu network permanenti ta' skambju ta' informazzjoni bejn iċ-ċentri ta' l-UE ta' kontra t-terroriżmu;
12. Itenni l-importanza li jkun hemm skambju ta' informazzjoni bejn is-servizzi sigrieti, kemm fil-livell ta' l-UE u fost is-servizzi ta' l-Istati Membri, u jtenni l-hteġa ta' regoli uniformi fil-livell ta' l-UE li jiżguraw li jkun hemm il-kontroll u l-iskrutinju demokratiku u parlamentari meħtieġ;

**F'dak li għandu x'jaqsam mal-"protezzjoni":**

13. Iqis li sabiex "iċ-ċittadini, id-drittijiet fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, u l-infras-truttura jkunu mħarsa u sabiex titnaqqas il-vulnerabilità ta' l-UE għall-attakki, anke permezz ta' titjib fis-sigurtà tal-fruntieri, tat-trasport u ta' l-infrastruttura kritika" huwa essenzjali li l-UE:

**L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007**

- a) twaqqaf, bil-koperazzjoni ta' l-Istati Membri u madwar l-UE kollha
    - sistema ta' twissija u skoperta ta' kriżi, ibbażata wkoll fuq skemi nazzjonali ta' protezzjoni, li taħdem sebat ijiem fil-ġimgħa u 24 siegħa kuljum għall-katastrofi kawżati min-natura jew mill-attività tal-bniedem,
    - pjan ta' infrastrutturi u networks kritiċi, filwaqt li titqies id-Direttiva futura tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni u l-ħatra ta' Infrastruttura Kritika Ewropea u l-evalwazzjoni tal-ħtieġa li jittejjeb il-ħarsien tagħhom,
    - mekkaniżmu ta' solidarjetà effettiv bejn l-Istati Membri li jista' jagħti aċċess immedjat għal riżorsi rari disponibbli f'livell nazzjonali (l-hekk imsejħa "beni" bħat-tilqim jew it-teknoloġiji sofistikati),
  - b) tirrendi d-databases SIS II u VIS f'qagħda li jkunu jistgħu jaħdmu b'mod sħiħ, inklużi d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess ta' l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi; jindika li dawn id-databases m'għandhom l-ebda skop primarju ta' infurzar tal-liġi u li għaldaqstant l-aċċess għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi ġie limitat għal każijiet speċifiċi, meta dan ikun meħtieġ u proporzjonat f'soċjetà demokratika; iqis li l-ġbir bil-massa ta' data personali u l-ipproċessar tad-data sabiex jinħolqu profili permezz ta' tekniki ta' għażla ta' informazzjoni mid-data (*data-mining*), kif previst fil-proposta riċenti għal direttiva dwar sistema Ewropea tal-PNR, m'humieq permissi f'livell ta' l-UE;
  - c) tikkoordina aħjar, bis-saħħa ta' l-Istati Membri, ix-xogħol tas-servizzi sigrieti ta' informazzjoni tagħha sabiex tiżgura li l-ostakli li hemm bħalissa għall-iskambju ta' informazzjoni, bħalma huwa n-nuqqas ta' fiduċja, jitneħħew malajr, peress li "gżejjer individwali ta' taġħrif" u l-issigillari ta' informazzjoni mis-servizzi sigrieti ta' informazzjoni nazzjonali jmorru kontra l-istrateġija Komunitarja biex tiġġieled it-terroriżmu;
  - d) tirrazzjonalizza u ttejjeb iċ-ċarezza, it-trasparenza u l-applikabilità tal-leġiżlazzjoni tagħha ta' kontra t-terroriżmu;
14. Jenfasizza li kull monitoraġġ ta' l-internet sabiex ma jħallix li jsiru attacchi terroristiċi m'għandu bl-ebda mod jinkludi restrizzjonijiet tal-libertà tal-kelma li ma tkunx maħsuba sabiex tħajjar atti terroristiċi u li b'mod raġonevoli minnha nnifisha ma tistax twassal għal azzjonijiet bħal dawn;
15. Ifakkar lill-Kunsill dwar il-wegħdiet tiegħu lill-Parlament u jistiednu sabiex finalment jadotta d-deċiżjoni qafas dwar il-protezzjoni ta' data personali proċessata fil-qafas tal-koperazzjoni bejn il-pulizija u dik ġudizzjarja f'affarijiet kriminali waqt li jiġi provdut livell xieraq ta' protezzjoni tad-data u d-deċiżjoni qafas dwar ċerti drittijiet proċedurali fil-proċedimenti kriminali madwar l-UE, qabel ma jiġu introdotti miżuri ulterjuri li jikkonċernaw il-għieda kontra t-terroriżmu;
16. Ifakkar li l-għan primarju tal-Eurodac bħala *database* ta' l-ewwel pilastru huwa li tiġi faċilitata l-applikazzjoni tar-Regolament Dublin II biex jiġi stabbilit liema Stat Membru jkun responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni ta' ažił, u li kwalunkwe proposta sabiex din tinbidel f'miżura ta' sigurtà u f'għodda ta' investigazzjoni kriminali aktarx ma tkunx legali skond il-liġi ta' l-UE u dik internazzjonali;
17. Jinnota bi tħassib li l-aċċess mill-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi u l-Europol għad-*database* tal-Eurodac jista' jwassal għall-istigmatizzazzjoni ta' persuni li jitolbu ažił, kif ukoll għal diskriminazzjoni kontribom u possibilmont għal periklu għalihom;
18. Jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tiegħu biex jorganizza laqgħa li għandha qabel Ġunju 2008 dwar il-miżuri proposti u adottati, fuq il-livell ta' l-Unjoni Ewropea, fil-għieda kontra t-terroriżmu u dwar l-applikazzjoni u l-effikaċja tagħhom, b'kollaborazzjoni mal-parlamenti nazzjonali;
19. Iqis li l-ebda forma ta' 'profiling' fil-miżuri ta' kontra t-terroriżmu m'hija aċċettabbli; iqis li mhux aċċettabbli li ssir ħidma sabiex ikun hemm sistema tal-PNR ta' l-UE mingħajr ma jkun hemm evalwazzjoni kompleta tal-ftehimiet dwar il-PNR bejn l-UE u l-Istati Uniti u bejn l-UE u l-Kanada, b'mod partikulari ta' l-impatt tagħhom fit-tnaqqis tat-treddida u fiż-żieda tas-sigurtà, kif ukoll ta' l-impatt fuq il-privatezza u l-libertajiet ċivili;
20. Juri tħassib dwar il-fatt li l-aċċess ta' l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi u tal-Europol għad-*database* Eurodac jista' jdgħajfef l-effettività ta' l-għan ewlieni tad-*database* Eurodac;

**F'dak li għandu x'jaqsam mat-“fittixija”:**

21. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex ma jaħsbuhiex darbtejn u jsaħħu l-koperazzjoni għudizzjarja u tal-pulizija fil-livell ta' l-UE fil-għlied kontra t-terroriżmu; jitlob sabiex jiġi mgħarraf mingħajr dewmien dwar l-effettività tal-koperazzjoni attwali u dwar x'riżultati ħarġu mill-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni reċiproka bejn l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet ta' l-UE;
22. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħa l-irwol ta' koordinazzjoni u ta' ħidma tal-Eurojust u tal-Europol, li huma għodda essenzjali għal koperazzjoni reali u effettiva fil-prosekuzzjoni u fit-tfittixija fl-livell ta' l-UE; fl-istess waqt itenni l-ħtieġa li jiġi żgurat li jkun hemm kontroll demokratiku sħiħ fil-livell ta' l-UE;
23. Itenni b'mod deċiż il-ħtieġa urġenti li tkun adottata deċiżjoni qafas dwar il-ħarsien tad-data fit-tielet pilastru biex jiġi żgurat livell għoli ta' salvagwardji għaċ-ċittadini ta' l-UE, li bħalissa huwa nieqes fil-livell ta' l-UE;
24. Għalhekk, jitlob,
- lill-Kummissjoni biex qabel ma tintemm is-sena, tgħaddi lill-Parlament it-tweġibiet li ngħataw għall-kwestjonarji tagħha dwar l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali tal-leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu, b'mod partikulari tad-deċiżjoni qafas dwar it-terroriżmu u dwar il-mandat ta' arrest Ewropew, u tad-direttiva dwar iż-żamma tad-data, u dwar l-impatt tagħha fuq id-drittijiet fundamentali u dwar id-differenzi li jista' jkun hemm fuq l-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri, flimkien ma' evalwazzjoni u kwalunkwe proposti dwar kif jista' jiġi żgurat li jkun hemm implimentazzjoni u użu aħjar tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-għlied kontra t-terroriżmu;
  - lill-Kummissjoni sabiex tgħarraf lill-Parlament dwar jekk l-atti kollha adottati kontra t-terroriżmu ġewx implimentati mill-Istati Membri, u jekk dan ma jkunx il-każ, sabiex tgħarraf lill-Parlament dwar liema pajjiżi jinsabu lura, u għal liema raġuni;
  - lill-Kummissjoni sabiex twettaq evalwazzjoni ġenerali tal-konsegwenzi tal-leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu, billi tkejjel l-effettività ta' din il-leġiżlazzjoni, u billi tinvestiga l-effetti pożittivi u negattivi ta' dawn il-liġijiet, kemm f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet taċ-ċittadini;
  - lill-Kummissjoni sabiex tgħarraf lill-Parlament dwar jekk il-liġijiet kollha li jiksru d-drittijiet taċ-ċittadini jagħtux il-possibilità liċ-ċittadini li jikkoreġu d-data dwarhom, li jikkontestaw il-fatti u li jilmentaw dwar il-proporzjonalità tal-miżuri;
  - lill-Koordinatur Kontra t-Terroriżmu biex qabel Ġunju 2008 jirraporta lill-Parlament dwar l-effettività tal-miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri u mill-Europol u l-Eurojust; iqis li huwa essenzjali wkoll li jkun eżaminat liema tip ta' miżuri jkunu l-aktar xierqa għall-koperazzjoni bejn numru limitat ta' Stati Membri u liema miżuri għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri kollha bi qbil mal-prinċipju ta' solidarjetà;
  - lill-Kunsill sabiex jieħu azzjoni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament li jikkonċernaw il-programm ta' konsenja tas-CIA;
  - lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jagħtu l-ħarsa ġenerali, li ntalbet għadd ta' drabi mill-Parlament, tal-kumpaniji li huma mgħieghla minn pajjiżi terzi (l-aktar l-Istati Uniti) li jissottomettu d-data dwar il-klijenti tagħhom lill-awtoritajiet;
25. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jikkoperaw fit-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' *feedback* reali dwar l-effettività ta' miżuri Ewropej u nazzjonali f'dan il-qasam, filwaqt li jitfasslu progressivament indikaturi newtrali dwar l-iżvilupp tat-tthedda terroristika għall-UE (eż. statistika dwar in-numru ta' inkjesti u proċeduri għudizzjarji, analiżi ta' kriżijiet reġjonali li jistgħu jseħħu, evidenza ta' koperazzjoni li rnexxiet jew li ma rnexxiet, eċċ.) sabiex il-Parlamenti u l-parlamenti nazzjonali jingħataw stampa iktar ċara tal-anqas ta' l-effettività u ta' xi nuqqasijiet jew aspetti pożittivi ta' politiki pubbliċi f'dawn l-oqsma;
26. Jipproponi li l-Istati Membri għandhom jikkonċentraw ir-riżorsi tagħhom fil-qasam tal-koperazzjoni tal-pulizija u, minflok jieħdu l-approċċ tekniku li s'issa ġie ppreferut, jenfasizzaw l-importanza tal-koperazzjoni bejn l-individwi u bejn l-istaff; iqis, f'dan ir-rigward, li għandu jkun hemm spinta akbar biex jitħeġġu l-iskambji bejn is-servizzi nazzjonali ta' emerġenza u sabiex jiġu eliminati l-ostakoli, pereżempju, bħala prijorità, it-tneħħija ta' barrieri lingwistiċi bis-saħħa ta' korsijiet fil-lingwi; iqis, barra minn hekk il-miżuri ta' taħriġ tal-pulizija għandhom jiġu adattati għar-realtajiet tas-soċjeta' Ewropea, b'tali mod, pereżempju, li t-tagħlim dwar il-kulturi differenti li jiffurmaw ir-realtà Ewropea għandu jiġi inkluż fit-taħriġ fil-ġejjieni;

**L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007**

27. Jinnota l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' miżuri ġodda li b'mod partikulari jikkonċernaw emenda għad-deċiżjoni qafas dwar it-terroriżmu u dwar proposta għal sistema tal-PNR ta' l-UE; jesprimi x-xewqa tiegħu li jeżamina dawn il-miżuri bir-reqqa u jtenni t-tħassib tiegħu dwar il-proposta għal sistema tal-PNR ta' l-UE, speċjalment fejn tidħol il-ħtieġa u l-proporzjonalità ta' l-iskema ta' 'profiling' proposta li fuqha tidher li hija bbażata;

28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jiżguraw li jkun hemm użu aktar effettiv tal-mekkaniżmi eżistenti għall-koperazzjoni transkonfinali bejn l-Istati Membri, bħalma huwa l-mandat ta' arrest Ewropew;

29. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar l-importanza li l-politika titfassal skond l-evidenza; għalhekk jitlob lill-Kummissjoni sabiex il-proposti kollha li jikkonċernaw il-għlieda kontra t-terroriżmu fil-ġejjieni jkunu akkumpanjati minn studju jew evalwazzjoni ta' impatt fil-fond li juru l-ħtieġa u l-utilità tal-miżuri li jkunu se jittieħdu.

30. Itenni l-importanza tal-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-prevenzjoni tat-terroriżmu u fil-għlieda kontrih, u jirrimarka li l-Istati Uniti huma sħab ferm meħtieġa f'dan il-qasam; iqis li qafas legali komuni għall-koperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja b'enfasi speċjali fuq il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, l-aktar tad-data personali, għandu jkun definit bejn l-UE u l-Istati Uniti, permezz ta' fteħima internazzjonali, filwaqt li jiġi żgurat li jkun hemm skrutinju demokratiku u parlamentari xieraq fuq livell nazzjonali u ta' l-UE;

31. Huwa mħasseb dwar l-attitudni ta' reazzjoni spontanja mill-Istati Membri fil-leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu, li fiha x-xewqa li jinbagħat messaġġ politiku spiss tiegħu preċedenza fuq il-kunsiderazzjonijiet serji u kuxjenzjużi tal-limiti ta' x'inhu possibbli u utli, li jinkludi l-kunsiderazzjoni dejjem anqas xierqa tal-prinċipji ta' l-istat tad-dritt, bħalma huwa l-prinċipju tal-proporzjonalità u l-preżunzjoni ta' l-innoċenza;

***F'dak li għandu x'jaqsam mar-"reazzjoni":***

32. Iqis li huwa ta' l-akbar importanza li, fil-każ ta' attakk terroristiku, l-Istati Membri għandhom juru spirtu ta' solidarjetà, billi jimmaniġġjaw u jimminimizzaw il-konsegwenzi ta' attakk terroristiku l-aktar għall-pajjiżi ta' l-UE li m'għandhomx biżżejjed riżorsi umani, finanzjarji jew teknoloġiċi biex jimmaniġġjaw il-konsegwenzi, jikkordinaw ir-reazzjoni u jgħinu lill-vittmi;

33. Ifakkar fl-importanza ta' l-għaqda bejn il-forzi demokratiċi kollha fil-għlieda kontra t-terroriżmu;

34. Iqis li l-istabbiliment ta' strumenti meħtieġa, effettivi u pproporzjonati għas-sostenn tal-għlieda globali kontra t-terroriżmu huwa fattur fundamentali fir-reazzjoni għall-attakki terroristiċi, u jqis li jkun daqstant importanti li jiħarsu, fl-aspetti kollha tagħhom, l-istat tad-dritt, id-drittijiet ċivili taċ-ċittadini, is-salvagwardji ġudizzjarji u legali tal-persuni ssuspettati u l-kontroll u l-iskrutinju demokratiku fuq il-leġiżlazzjoni kollha introdotta, kemm fuq livell Ewropew, u kemm fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi;

35. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta sabiex jiġi żgurat li jkun hemm kontroll parlamentari fuq l-attivitajiet sigrieti konġunti u kkoordinati fuq livell ta' l-UE;

***Sa fejn għandhom x'jaqsmu l-egħruq tat-terroriżmu:***

36. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex ifasslu pjan ta' azzjoni għat-tixrid tad-demokrazija fid-dinja u għat-tiħih tal-koperazzjoni ekonomika u politika mal-pajjiżi Islamiċi billi

- a) jiġu appoġġjati l-movimenti demokratiċi,
- b) jiġu promossi skambji ta' studenti u forom oħra ta' edukazzjoni,
- c) jiġu ffinanzjati stazzjonijiet tal-midja li jxerrdu ideat demokratiċi u li jikxfu attivitajiet terroristiċi u dawk li jsostnuhom,

37. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi miżuri li jiżguraw li jkun hemm ħarsien tal-vittmi tat-terroriżmu u appoġġ għalihom, anke billi jiġi promoss l-iskambju ta' l-aħjar Prattiki u sett uniformi ta' garanziji fuq livell ta' l-UE;

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

**Il-ħtieġa ta' koperazzjoni interparlamentari iktar b'saħħitha u iktar effikaċi għall-istrateġija l-għida kontra t-terroriżmu:**

38. Iqis li minnufih wara l-iffirmar tat-Trattat ta' Liżbona, il-Parlament u l-parlamenti nazzjonali għandhom inieđu eżerċizzju konġunt ta' evalwazzjoni ta' l-Istrateġija Ewropea Kontra t-Terroriżmu, sabiex iħejju forma għida ta' "djalogu ta' livell għoli" f'dan il-qasam flimkien mar-rappreżentanti taċ-ċittadini fil-livelli ta' l-UE u nazzjonali;

**Koperazzjoni mal-Kummissjoni u l-Kunsill**

39. Filwaqt li jitqies li t-Trattat ta' Liżbona se jidħol fis-seħħ fl-2009, u li l-Istituzzjonijiet ta' l-UE sa mill-2008, għandhom joħlqu l-kundizzjonijiet sabiex jidħol fis-seħħ, iqis li l-proposti li jaqgħu taħt il-proċedura ta' kodeċiżjoni u li ma jiġux adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, fl-2008 jiġu trattati bħala "quasi-kodeċiżjoni";

40. Jinnota l-pakkett il-għdid ta' proposti għal leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu li jikkonċernaw id-deċiżjoni qafas tal-Kunsill dwar l-użu tad-dettalji tal-passiġġieri (PNR) għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, id-direttiva dwar l-isplussivi u r-rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni qafas dwar il-għieda kontra t-terroriżmu; huwa ddeterminat li jwettaq evalwazzjoni bbażata fuq il-fatti tal-proposti;

41. Jemmen li l-koordinatur ta' l-UE kontra t-terroriżmu għandu jkollu rwol importanti fl-istrateġija Komunitarja u jixtieq li jikkjarifika r-responsabilitajiet u l-istrutturi ta' responsabilità tiegħu;

42. Jistenna li, b'koperazzjoni mal-Parlament, tiġi żviluppata strateġija għall-politika ta' l-UE kontra t-terroriżmu li mhux biss ikollha approċċ integrat u tema ċentrali, iżda, fuq kolloxx, tistipula miżuri ċari għall-ġejjieni qarib u fuq żmien medju u fit-tul;

\*  
\* \*

43. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill ta' l-Ewropa, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri.

P6\_TA(2007)0613

**Il-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2008****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2007 dwar il-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2008***Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tagħha għall-2008 (COM(2007)0640),
  - wara li kkunsidra l-kontribuzzjonijiet li ngħataw mill-kumitati tal-Parlament, li tressqu lill-Kummissjoni mill-Konferenza tal-Presidenti,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-programm leġiżlattiv u ta' ħidma annwali huwa għodda importanti li jippermetti lill-Unjoni Ewropea li tiffoka fuq il-ksib ta' l-oġġettivi strateġiċi prinċipali li jiġu promossi l-prosperità, is-solidarjetà, is-sigurtà, il-libertà u Ewropa iktar b'saħħitha fid-dinja; billi l-Kummissjoni se tkun iġġudikata fuq ir-riżultati li tkun kisbet f'dawn l-oqsma;
- B. billi fl-2008 se jkun kruċjali li t-Trattat ta' Liżbona jiġi rratifikat sabiex ikun jista' jidħol fis-seħħ qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament,
- C. billi l-prijoritajiet politiċi għandhom jiġu mqabbla mar-riżorsi finanzjarji disponibbli,

**L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007****Rimarki ġenerali**

1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-istruttura ffukata il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni u l-isforz tal-Kummissjoni biex tkompli ttejjeb il-kontenut politiku tiegħu; jitlob, f'dan ir-rigward, l-inklużjoni futura ta' skeda indikattiva għall-inizjattivi tal-Kummissjoni;
2. Jappoġġja l-importanza kruċjali mogħtija fil-programm ta' ħidma għat-tkabbir u l-impjiegi, l-iżvilupp sostenibbli, il-bidla tal-klima, l-enerġija, il-migrazzjoni u l-enfasi fuq regolamentazzjoni aħjar, implimentazzjoni korretta u fuq t-tisħiħ ta' l-irwol ta' l-Ewropa bħala msieħba dinjija; jitlob lill-Kummissjoni, madankollu, biex tkun iktar ambizzjuża fl-inizjattivi tagħha bil-għan li tiżgura d-drittijiet fundamentali, il-libertà, il-ġustizzja u l-inklużjoni soċjali;
3. Jenfasizza għal darb'oħra l-importanza ta' l-implimentazzjoni vigoruża ta' l-istrateġija ta' Liżbona u jenfasizza l-interdipendenza tal-progress ekonomiku, soċjali u ambjentali fil-ħolqien ta' ekonomija dinamika u innovattiva; għalhekk, ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tagħti sehemha fi Programm Komunitarju ta' Liżbona għall-2008-2010 li jkun bilanċjat u mfassal biex jinkisbu r-riżultati;
4. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Kummissjoni fl-appoġġ tar-ratifika tat-Trattat ta' Liżbona; jemmen li l-oġġettivi u r-riformi mħaddna f'dak it-Trattat huma essenzjali għat-tħaddim sod u għall-iżvilupp futur ta' l-Unjoni u se jagħmilha aktar demokratika u se jgħibha eqreb għaċ-ċittadini;
5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jaħdmu fuq kultura ġdida ta' sussidjarjetà, flimkien mal-Parlament Ewropew u l-Parlamenti ta' l-Istati Membri, fid-dawl ta' l-istrumenti l-ġodda offruti permezz tat-Trattat ta' Liżbona pereżempju lil parlamenti nazzjonali;

**Tkabbir u Impjiegi**

6. Itenni t-talba tiegħu għal aġenda Ewropea li fiha jkun hemm appoġġ reċiproku veru bejn il-prosperità u s-solidarjetà;
7. Jitlob lill-Kummissjoni, wara r-reviżjoni tagħha tas-suq uniku, biex iżżid l-isforzi tagħha biex testendi u tapprofondixxi s-suq intern bħala suq b'saħħtu, innovattiv u kompetittiv; jinsisti li s-suq wieħed għandu jiġi żvilupp permezz tal-kompetizzjoni ġusta, permezz tal-koeżjoni soċjali u permezz ta' livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur;
8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tpoġġi enfasi partikulari fuq l-implimentazzjoni fil-ħin u koerenti tad-Direttiva dwar is-Servizzi, u b'mod partikulari biex timplimenta Punti ta' Kuntatt Wieħed effettivi għall-promozzjoni ta' l-aċċess għas-suq wieħed; ihegġegħ titjib fl-effettività tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku;
9. Jisħaq fuq l-importanza, għal ħarsien aħjar tal-konsumatur, li titttejjeb is-sorveljanza tas-suq, b'mod partikulari sabiex tiġi stabbilita kredibilità qawwija għat-tikketta KE u li tiġi ffaċċjata l-problema ta' l-iffalsifikar; jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni biex tibqa' tiggarantixxi d-drittijiet tal-konsumatur għas-sikurezza tal-prodotti, filwaqt li tagħmel enfasi partikulari fuq is-sikurezza tal-ġugarelli; ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tiċċara żoni leġiżlattivi griżi, f'oqsma bħall-bejgħ bl-irkant fl-internet; jenfasizza l-bżonn li jiġi revedut l-acquis tal-konsumatur biex iwassal għal qafas legali iktar koerenti; Jappoġġja approċċ koordinat mill-Kummissjoni fix-xogħol kontinwu tagħha dwar qafas komuni ta' referenza għal liġi Ewropea tal-kuntratti;
10. Jirrakkomanda li b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, il-komunità kummerċjali u l-konsumaturi, issir eżaminazzjoni bir-reqqa il-modi possibbli biex tissaħħaħ ir-riżoluzzjoni immedjata, effiċjenti u ġusta bejn in-negozji u l-konsumaturi minħabba li l-aċċess iżjed faċli għall-qrati huwa vitali għall-protezzjoni tal-konsumaturi f'ambjent globalizzat; jenfasizza, madankollu, li dan il-proċess m'għandux iwassal għall-ħolqien ta' barrieri ġodda għall-moviment ħieles fis-suq intern.
11. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex ma tissagrifikax id-dimensjoni soċjali ta' l-istrateġija ta' Liżbona billi tqis li dan hu nuqqas għall-kompetittività, imma jitlob mill-Kummissjoni biex tirrispetta l-bilanċ bejn il-pilastru differenti tagħha; jemmen li investiment kif jixraq fl-għarfien joħloq ekonomija aktar prospera li tkun tista' tiġġieled problemi bħall-faqar, l-esklużjoni soċjali, u l-qgħad u biex tkun tista' tiżgura protezzjoni aħjar għall-ħaddiema;

**L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007**

12. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-qafas tal-Bilanċ tar-Realtà Soċjali, biex tidentifika inizjattivi għal governanza ekonomika u soċjali; jilqa' b'sodisfazzjon ir-reviżjoni imminenti li kienet proposta tad-Direttiva dwar il-Kumitat ta' l-Intrapriżi Ewropej li għandha twassal għal kjarifika dwar l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni, iżda jitlob bil-qawwa lill-Kummissjoni biex tikkonsulta lis-Sħab Soċjali Ewropej bil-quddiem; jitlob għal miżuri biex jiġi promoss bilanċ aħjar bejn il-ħajja professjonali u dik tal-familja u biex jiġu promossi s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema kollha;

13. Jilqa' bis-sħiħ it-tħabbira tal-Kummissjoni ta' proposta leġiżlattiva dwar il-Kumpanija Privata Ewropea u jitlob li din il-proposta tiġi ppreżentata fil-bidu ta' l-2008 sabiex jiġu appoġġjati l-SMEs; jiddispijaċih li l-Kummissjoni mhux bi ħsieba tipproċedi bi proposta leġiżlattiva rigward l-Erbatax-il Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji (it-trasferiment ta' uffiċċji rreġistrati), filwaqt li jenfasizza li din id-direttiva li ilha mistennija għal żmien twil timla l-vojt li hemm fis-suq intern għall-benefiċċju ta' intrapriżi;

14. Jenfasizza l-bżonn ta' livell adegwat ta' ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u jappoġġja l-inizjattiva għal sistema ta' privattivi bi prezz li jista' jintlaħaq, sigura u effiċjenti li tagħti inċentivi għal investment u riċerka; iħeġġeġ lit-tliet istituzzjonijiet biex jaħdmu flimkien lejn kunsens politiku dwar titjib reali tas-sistema ta' privattivi; ifakkar li l-iffalsifikar tal-prodotti, pereżempju tad-drogi, huwa problema ewlenija u urġenti ta' tħassib fl-Ewropa;

15. Jiddispijaċih li l-Kummissjoni m'għandhiex ħsieb li tressaq inizjattiva fir-rigward tal-ħolqien ta' Bażi Komuni u Konsolidata għat-Taxxa, li tikkompleta l-kisbiet ta' suq intern b'kompetizzjoni ġusta billi twassal għal aktar trasparenza peress li l-intrapriżi jkunu jistgħu jaħdmu barra minn pajjiżhom skond l-istess regoli ta' pajjiżhom, u billi jiżdiedu l-kummerċ transkonfinali u l-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-investment; fl-istess ħin jinsisti dwar ir-responsabilità ta' l-Istati Membri għall-iffissar tar-rati tat-taxxa fuq il-kumpaniji;

16. Jistaqsi lill-Kummissjoni biex tressaq proposti li jistgħu jtejbu b'mod effettiv is-sorveljanza prudenti Ewropea, inkluża dik tal-fondi ta' l-qugh u dik ta' l-aġenziji li jikklassifikaw id-debituri; ifakkar fil-konsegwenzi kunsiderevoli tas-'sub-prime mortgage crisis' fl-Istati Uniti għas-swieq finanzjarji Ewropej; jistenna li l-Kummissjoni tagħmel analiżi bir-reqqa ta' l-orijini u l-konsegwenzi ta' din il-kriżi, inkluż evalwazzjoni tar-riskju għas-swieq Ewropej; jitlob evalwazzjoni tas-sistemi u l-istrumenti kurrenti tas-supervizzjoni prudenti fl-Ewropa, u jinsisti fuq konsultazzjoni mill-qrib mal-Parlament, li twassal għal rakkomandazzjonijiet ċari dwar kif jistgħu jittejbu l-istabilità tas-sistema finanzjarja u l-abiltà tagħha li tipprovdi finanza sikuri għall-futur imbiegħed għan-negozju Ewropew;

17. Iqis ir-reviżjoni tal-'pakkett ta' telekomunikazzjoni' bħala prijorità kruċjali fis-sena li ġejja;

18. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għall-ħolqien ta' suq intern liberalizzat u integrat fl-enerġija; iqis ukoll li huwa importanti li ssir distinzjoni bejn l-evoluzzjoni tas-suq ta' l-enerġija elettrika u dak tal-gass.

**Ewropa Sostenibbli**

19. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposti ambizzjużi tal-Kummissjoni dwar il-bidla fil-klima, u jinkuraġġixxiha biex twettaqhom kollha; jitlob lill-Kummissjoni biex issaħħaħ is-sinerġiji bejn l-iżvilupp ta' l-impjiegi u l-iżvilupp industrijali minn naħa waħda u l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji nodfa min-naħa l-oħra, billi l-komplementarjetajiet huma b'saħħithom u sors potenzjali ta' kompetittività akbar;

20. Jistieden li jkun hemm qafas leġiżlattiv komprensiv u globali għall-promozzjoni u l-użu ta' l-enerġija rinovabbli fl-UE, inklużi miri li jorbtu, li jagħti lill-komunità tan-negozju l-istabilità għaż-żmien twil li għandha bżonn sabiex tagħmel deċiżjonijiet razzjonali ta' investment fis-settur ta' l-enerġija rinovabbli sabiex tmexxi lill-Unjoni Ewropea lejn futur enerġetiku iktar nadif, iktar sikur u iktar kompetittiv;

21. Jinnota li l-azzjonijiet tal-Kummissjoni elenkati fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Effiċjenza Enerġetika u fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Bijomassa m'humiex inklużi fil-programm ta' ħidma tagħha u jinnota d-dewmien kbir biex jiġu implimentati l-azzjonijiet imwiegħda; jistieden lill-Kummissjoni biex tqis iż-żewġ pjanijiet ta' azzjoni, biex b'hekk l-UE tkun tista' tilħaq l-oġettivi dwar is-sorsi ta' enerġija li jiġġeddu u l-effiċjenza enerġetika; jenfasizza l-kontribuzzjoni importanti li tista' ssir permezz tal-bijofjuwils sostenibbli f'dan ir-rigward;



**L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007**

22. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Kummissjoni biex issib qbil politiku dwar il-qsim tar-responsabilità meħtieġ biex jinkiseb tnaqqis ta' 20% fil-gassijiet b'effett ta' serra sa l-2020 meta mqabbla ma' l-1990; iħeġġeġ bil-qawwa li jkun hemm sforzi msaħħa mill-UE u mill-Istati Membri u r-regjunu tagħha biex jappoġġjaw sorsi ta' l-enerġija ħielsa mid-CO<sub>2</sub>;
23. Jilqa' b'sodisfazzjon il-pjan tal-Kummissjoni li tippublika Pakkett ta' Trasport Favur l-Ambjent, fil-waqt li wieħed iżomm f'moħħu li għandha tiġi żgurata mobilità sostenibbli madwar l-UE b'konformità mal-għieda kontra l-bidla fil-klima;
24. Jappoġġja ż-żewġ inizjattivi prijoritarji dwar it-trasport marittimu u t-trasport bl-ajru; ifakkar li s-simplifikazzjoni amministrattiva għat-tbahir fuq distanzi qosra hija fattur preambolu essenzjali għall-iżvilupp reali ta' dan il-mezz ta' trasport li jirrappreżenta rabta fundamentali fl-istabbiliment ta' sistema ta' netwerk integrata, koerenti u sostenibbli; jinsab kument bid-diversi proposti li għandhom l-għan li jippromwovu effettività ikbar fl-immaniġġjar tat-trasport ta' l-arja, li għandha twassal għal tnaqqis sinifikanti fl-ispejjeż, fid-dewmien u fl-emissjonijiet tal-gass ta' l-effett serra;
25. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi tal-Kummissjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika, b'mod partikulari l-proposta leġiżlattiva prevista dwar il-kwalità u s-sikurezza tad-donazzjoni u t-trapjant ta' l-organi, kif ukoll ir-rakkomandazzjoni proposta tal-Kunsill dwar l-infezzjonijiet marbuta mal-kura tas-saħħa inkluża fil-Pakkett għas-Saħħa, bil-għan li jiġu żgurati l-ogħla livelli possibbli ta' sikurezza tal-pazjenti u ta' kwalità tal-kura; jitlob lill-Kummissjoni biex tikkontribwixxi għar-rinfurzar tas-sikurezza tal-pazjent, l-informazzjoni tal-pazjent, id-drittijiet tal-pazjenti u l-protezzjoni tal-pazjent, u biex tindirizza l-fatturi determinanti ta' mard rari;
26. Jistieden lill-Kummissjoni biex tintensifika l-isforzi tagħha biex tinħadem politika koerenti fir-rigward ta' emerġenzi fis-settur tas-saħħa, persuni b'diżabilitajiet jew b'mard kroniku u informazzjoni għall-pazjenti; jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti attenzjoni partikulari lill-kwistjoni ta' preparazzjoni pandemika;
27. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Verifika tas-Saħħa tal-CAP, speċjalment fid-dawl ta' l-importanza li s-settur agrikolu jkun kompetittiv u sostenibbli u l-hteġa li ż-żoni rurali jibqgħu ħajjin u li jiġi żgurat l-aċċess tal-konsumatur għall-provvista ta' l-ikel, iżda jenfasizza li n-natura preċiża tagħhom m'għandhiex tiġi definiti qabel ma l-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill ikunu kkonkludew dibattitu bir-reqqa dwar il-Komunikazzjoni inizjali tal-Kummissjoni dwar il-Verifika tas-Saħħa;
28. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi proposti speċifiċi dwar l-implikazzjonijiet u r-regoli dettaljati tal-mudell ta' l-MSY (l-Akbar Qabda Sostenibbli), biex tippromovi proposti leġiżlattivi konkreti dwar l-iskema ta' eko-tikkettjar u biex tressaq, kemm jista' jkun malajr, proposta għas-simplifikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 għal konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz miżuri tekniċi għal protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar u lejn tfassil mill-ġdid u ta' tisħiħ tal-qafas ta' kontroll tal-Politika Komuni għas-Sajd;
29. Jappoġġja bil-qawwa l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tippreżenta Green Paper dwar il-koeżjoni territorjali Ewropea, kif mitlub mill-Parlament; jemmen li l-kunċett ta' koeżjoni territorjali, li ġie approvata reċentement bit-Trattat ta' Liżbona, se jkun ċentrali għall-iżvilupp ta' din il-politika Komunitarja;
30. Jenfasizza l-bżonn għal Strateġija ta' l-UE għal-Baħar Baltiku u jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta Strateġija ta' l-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku matul l-2008;

***Approċċ integrat għall-immigrazzjoni***

31. Huwa tal-fehma li politika komuni dwar il-migrazzjoni, il-viżi u l-kenn, u kif ukoll l-integrazzjoni effettiva ekonomika, soċjali u politika ta' l-immigranti fuq il-bażi ta' prinċipji komuni għandhom l-istess għanijiet u jirrappreżentaw sfidi importanti, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-integrazzjoni, il-qsim tar-responsabilitajiet bejn l-Istati Membri u l-UE;
32. Jistieden lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-miżuri li jittrattaw it-traffikar tal-bnedmin u l-immigrazzjoni illegali, u b'mod partikulari biex teżamina l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni f'dan il-qasam għall-2005 tal-Kunsill; jistenna mill-Kummissjoni, l-evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-direttiva dwar il-moviment ħieles mistennija fl-2008 u jitlob iktar miżuri biex tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa ta' dan id-dritt fl-UE;

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

33. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn imġedded tal-Kummissjoni għal politika komuni dwar il-migrazzjoni, għal għodda komuni għall-ħarsien tal-fruntieri esterni, u għal Politika Komuni dwar il-Kenn; jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli ttejjeb il-politiki ta' l-edukazzjoni u ta' l-integrazzjoni sabiex jinħoloq qafas ċar u sikur għall-immigranti ekonomiċi, b'mod partikulari għall-ħaddiema b'ħiliet, li jiċċara d-drittijiet u l-obbligi tagħhom;

34. Iqis li mill-1 ta' Jannar 2009, it-Trattat ta' Liżbona se jimmodifika sostanzjalment il-qafas istituzzjonali dwar iż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja u jfakkar li s-sena 2008 se tkun importanti ħafna għall-implimentazzjoni ta' l-aquis ta' Schengen u għall-espansjoni tiegħu għall-Istati Membri ġodda ta' l-UE; jenfasizza li għandhom jittieħdu miżuri rigorużi biex jiġi żgurat it-tħaddim mingħajr intoppi tas-sistema u l-integrità tal-fruntieri esterni ta' l-UE; jistieden lill-Kummissjoni biex tinvolvi bil-qawwi lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali fl-iżvilupp ta' dawn id-dipożizzjonijiet;

35. Jinnota li l-programm ta' ħidma ma jsemmiex is-sistema PNR futura ta' l-UE u jitlob koperazzjoni operazzjonali ikbar fuq livell Ewropew fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u, fejn xieraq, għal involviment akbar tal-Parlament; jisħaq li strumenti effettivi u li jistgħu jiġu nfużati għall-protezzjoni tad-data m'għandhomx jidhru bħala ostakli fil-ġlieda kontra t-terroriżmu jew kontra kwalunkwe tip ta' fondamentalizmu iżda bħala mekkaniżmi indispensabbli li jtejbju l-fiduċja fl-iskambju ta' informazzjoni bejn l-aġenziji li jinforzaw il-liġi;

### **Iċ-ċittadin l-ewwel**

36. Iqis li l-Kummissjoni għandha tkompli tiffoka l-attenzjoni taċ-ċittadini fuq l-importanza tad-diversità kulturali u fuq l-importanza tad-djalogu bejn il-kulturi f'Unjoni li kibret; iqis li d-djalogu interkulturali għandu jissaħħaħ barra l-fruntieri ta' l-Ewropa u jsir pont li jkun jista' jiffavorixxi l-fehim reċiproku u għaldaqstant jgħin fil-prevenzjoni jew fir-risoluzzjoni ta' kunflitti soċjali u umani;

37. Jinnota li l-prijoritajiet tal-Kummissjoni għall-2008 jenfasizzaw il-kontribut potenzjali tat-tagħlim matul il-ħajja (LLL) biex jiżdiedu r-rati ta' impjeg u biex tiġi żviluppata soċjetà bbażata fuq l-għerf skond l-obiettivi ta' Liżbona; jiddispaċih li dan ma jidhrix fi proposta konkreta waħda; iqis li l-minorenni għandhom ikunu mħarsa mill-kontenut speċjali ta' xi programmi meta jużaw l-internet u t-teknoloġiji ġodda permezz ta' sistemi ta' filtrazzjoni speċifiċi u xierqa;

38. Jissuġġerixxi l-ħolqien ta' forza Ewropea li tkun tista' tirreaġixxi minnufih fil-każ ta' emerġenzi, kif propost fir-rapport Barnier; jitlob lill-Kummissjoni biex tifformula proposta konkreta għal dan il-għan;

39. Jenfasizza l-bżonn li jissaħħu d-drittijiet tal-passiġġieri, b'mod partikulari l-passiġġieri ta' karozzi tal-linja f'distanza twila;

40. Jistenna b'ħerqa l-proposta tal-Kummissjoni biex tressaq direttiva sinifikanti li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali barra mill-impjeg, biex b'hekk jitlestha l-qafas legali ta' nondiskriminazzjoni filwaqt li jiġi enfasizzat li l-kompetenzi ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam għandhom jiġu rispettati;

### **L-Ewropa bħala msieħba dinjija**

41. Jikkunsidra li l-irwol ta' l-UE fil-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazzija u l-governanza tajba għandu jitqies bħala parti integrali tal-politiki u l-programmi kollha ta' l-UE;

42. Jilqa' l-fatt li l-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni jenfasizza l-bżonn li jitkompla l-proċess ta' tkabbir u jqis lill-Balkani Tal-Punent bħala żona ta' prijorità;

43. Jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħti attenzjoni partikolari lill-ġejjieni tal-Kosovo u jistenna li l-Kummissjoni tippreżenta iktar evalwazzjonijiet u proposti dwar l-għajnuna ta' l-UE lill-Kosovo ma' l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni;

44. Iqis li s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed tikkostitwixxi l-ewwel pass importanti fl-elaborazzjoni ta' strateġija komprensiva fir-rigward tar-reġjun u jitlob lill-Kummissjoni biex tiżviluppa ulterjorment proposti speċifiċi, inkluż pjan ta' azzjoni b'objettivi u standards speċifiċi, biex tittejjeb il-koperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed;

45. Jikkunsidra li r-rabta transatlantika hija fundamentali kemm għall-promozzjoni tal-valuri komuni u kif ukoll għall-ħarsien ta' l-interessi komuni;

**L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007**

46. Fir-rigward tal-Lvant Nofsani, huwa tal-fehma li — minbarra li ttiprovdi fondi għas-sopravivenza ekonomika u għar-rikostruzzjoni, speċjalment fil-Libanu u fil-Palestina — l-UE għandha tkompli tiżviluppa l-inizjattivi politiki sabiex iżżid ulterjorment l-irwol diplomatiku tagħha fir-reġjun;
47. Jemmen li għandhom jittieħdu passi ulterjuri lejn politika komuni esterna dwar l-enerġija sabiex jiġi żgurat aċċess għal enerġija sostenibbli, sigura u kompetittiva għall-Istati Membri kollha u jitlob lill-Kummissjoni biex tagħżel approċċ ċar u kostruttiv fid-djalogu mar-Russja;
48. Jitlob lill-Kummissjoni biex issaħħaħ is-sħubija strateġika bireġjonali bejn l-Unjoni Ewropea, l-Amerika Latina u l-Karibew u jilqa' l-inklużjoni ta' l-istrateġija bejn l-UE u l-Afrika bħala prijorità għall-Kummissjoni filwaqt li jenfasizza l-bżonn għall-involviment tal-parlamenti u tas-soċjetà ċivili;
49. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' koerenza dwar il-politika ta' l-UE dwar l-iżvilupp; jenfasizza jeħtieġ li l-kwistjonijiet relatati ma' l-iżvilupp jittieħed kont tagħhom fil-qafas ta' politiki oħra Ewropej; jilqa' b'sodisfazzjoni l-intenzjoni tal-Kummissjoni li jiġu eżaminati toroq ġodda biex jiġu implimentati l-Objettivi tal-Millennju għall-Iżvilupp; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-politiki tagħha għall-iżvilupp ikollhom impatt pożittiv fuq il-bini tal-paċi;
50. Jenfasizza l-bżonn għal konklużjoni b'suċċess tar-Round ta' DOHA; jenfasizza li l-UE għandha bżonn ukoll li ssaħħaħ l-impenn tagħha ma' l-ekonomiji emerġenti prinċipali, partikolarment fl-Asja, permezz ta' ftehimiet kummerċjali bilaterali jew reġjonali, meqjusa bħala għodda kumplimentari għall-approċċ multilaterali, filwaqt li jitlob li jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' l-istandards prinċipali tax-xogħol; iqis li strateġija ġdida komprensiva ir-rigward taċ-Ċina hija importanti bl-istess mod; huwa ta' l-opinjoni li l-kummerċ ħandu jkun ħieles u ġust; jitlob lill-Kummissjoni biex tiġi provduta protezzjoni mtejbja tad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali u biex tagħmel mill-aħjar li tista' fil-ġlieda kontra l-iffalsifikar;

**Kwistjonijiet Orizzontali**

51. Jilqa' għalhekk id-determinazzjoni tal-Kummissjoni biex jintlaqhaq l-għan ta' tnaqqis ta' 25 % tal-piżijiet amministrattivi l-intrapriżi li joriġinaw fuq il-livell ta' l-UE u dak nazzjonali sa l-2012; iqis dan bħala prijorità kruċjali, partikolarment għall-iSMEs, għax-xhur li ġejjin u bħala kontribuzzjoni essenzjali biex jintlaħqu l-miri ta' Liżbona; jenfasizza li l-proposti leġiżlattivi se jiġu eżaminati f'dan il-kuntest; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta rendikont dettaljat dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tagħha li jkun fih informazzjoni ċara u konċiża dwar il-miri li ntlaħqu, l-indikaturi żviluppatti, ir-riżultati ta' kejl ta' bażi u proposti konkreti għal żoni sussegwenti li jkunu l-iktar xierqa għal iktar tnaqqis rapidu, sostenibbli u tanġibbli ta' l-ispejjeż amministrattivi;
52. Jappoġġja lill-Kummissjoni fl-isforzi kontinwi tagħha biex ittejjeb il-kwalità tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE; jenfasizza l-bżonn li jitħaffu s-simplifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE u li jsir sforz ikbar biex ikun hemm regolamentazzjoni aħjar, it-traspożizzjoni immedjata u l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE fir-rispett sħiħ tal-prerogattivi tal-Parlament; jitlob li jkun hemm mekkaniżmu iktar qawwi ta' sorveljanza u infurzar għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE fl-Istati Membri;
53. Jenfasizza li l-prinċipju ta' sussidjarjetà kif imħaddan fit-Trattat KE jiddikjara b'mod ċar li fl-oqsmha li ma jaqgħux fi ħdan il-Kompetenza esklussiva tagħha, il-Komunità tista' taġixxi biss sakemm l-objettivi ta' l-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri; jenfasizza li n-nuqqas ta' azzjoni mill-Istati membri minnu nnifsu ma johlqox kompetenza ta' l-UE;
54. Jinsisti dwar evalwazzjonijiet indipendenti tal-konsegwenzi ta' leġiżlazzjoni; iqis li dawn għandhom jitwettqu b'mod sistematiku fil-kuntest tal-proċess leġiżlattiv u anki fil-proċess ta' l-issimplifikar tal-leġiżlazzjoni;
55. Jinnota li l-fajls li hemm fil-lista tal-Kummissjoni ta' proposti pendenti li għandhom jiġu irtirati m'għadhiex tgħodd;
56. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jagħtu lill-Parlament iż-żmien meħtieġ sabiex joħroġ l-opinjoni tiegħu fir-rigward ta' tkabbir futur taż-żona Euro;

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

57. Jinsisti dwar l-implimentazzjoni tajba tal-proċedura ġdida ta' komitoloġija u s-salvagwardja tad-drittijiet tal-Parlament f'dan ir-rigward; jagħti importanza partikolari lill-proċeduri ta' komitoloġija fil-qasam tas-servizzi finanzjarji (il-proċedura Lamfalussy) peress li numru ta' miżuri importanti għaddejnin minn irfinar; huwa ta' l-opinjoni li l-applikazzjoni korretta tal-qafas hija essenzjali għat-tħaddim mingħajr intoppi tas-sistema finanzjarja u sabiex jiġu evitati kriżijiet finanzjarji; jitlob li d-drittijiet tal-Parlament hekk kif ġie mitiehem jiġu rrispettati bis-sħiħ u li jiġu implimentati l-ftehimiet preżenti;

58. Jistenna b'interess ir-riżultati tal-proċess ta' konsultazzjoni mibdi mill-Kummissjoni dwar 'Ir-Riforma tal-Baġit, il-Bidla ta' l-Ewropa' (SEC(2007)1188); jesiġi l-assoċjazzjoni sħiħa tal-Parlament kemm għar-reviżjoni ta' l-infiq ta' l-UE u kif ukoll għal dik tas-sistema tar-riżorsi proprja ta' l-UE kif previst bid-Dikjarazzjoni Nru 3 dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja u mmaniġġjar finanzjarju sod (IIA);

59. Huwa tal-fehma li biex tinkiseb Dikjarazzjoni Pożittiva ta' Assikurazzjoni mill-Qorti ta' l-Awdituri, il-Kummissjoni għandha tibda preparazzjonijiet tekniċi u tħeġġeġ lill-Istati Membri biex joħorġu dikjarazzjonijiet nazżjonali hekk kif suġġerit fir-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza tal-Parlament għall-2003, l-2004 u l-2005, iqis li s-sommarij tal-verifiki skond il-paragrafu 44 ta' l-IIA huma biss l-ewwel pass f'din id-direzzjoni; jippretendi li jkun hemm approċċ iktar proattiv mill-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għat-trasparenza u ta' l-igġvernar sod; barra minn hekk, jinnota li l-Kummissjoni tħossha marbuta bl-ogħla standards ta' mmaniġġjar finanzjarju sod u timpenja ruħha li tħarishom;

60. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirriforma bla dewmien il-proċeduri tagħha u biex tinvolvi lill-Parlament u l-kumitati kompetenti tiegħu iżjed mill-qrib matul l-għażla u l-proċess tal-ħatra tad-Diretturi ta' l-Aġenzija; għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jippermetti li jkun hemm proċess iżjed profond fir-rigward ta' l-għażla tad-Diretturi ta' l-Aġenzija.

### ***Inxandru 'l-Ewropa***

61. Ithegġeg lill-Kummissjoni biex tqiegħed liċ-ċittadin fiċ-ċentru tal-proġett Ewropew, li tista' biss ikollha suċċess fih jekk taħti każ il-preaokkupazzjonijiet ta' l-Ewropej, u biex tintensifika l-isforzi tagħha biex tiżviluppa politika ta' komunikazzjoni iktar effettiva biex jinkiseb fehim aħjar miċ-ċittadini fir-rigward ta' l-azzjoni ta' l-UE u tal-kontribut tagħha biex tindirizza l-preokkupazzjonijiet tagħhom, sabiex wieħed jipprepara għar-ratifikkazzjoni tat-Trattat ta' Liżbona u għall-elezzjonijiet Ewropej ta' l-2009;

62. Jistieden lill-Kummissjoni biex turi b'mod ċar kif bi ħsiebha tqiegħed fil-prattika l-kontenut tal-prijoritajiet ta' komunikazzjoni tagħha, partikolarment il-prijorità dwar it-Trattat ta' Liżbona;

\*  
\* \*

63. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

**P6\_TA(2007)0614**

## **Ftehimiet ta' Partenarjat Ekonomiku**

### **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2007 dwar Ftehimiet ta' Partenarjat Ekonomiku**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Partenarjat bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u tal-Paċifiku (AKP) min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, iffirmata f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (il-Ftehim ta' Cotonou),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-Ftehimiet ta' Partenarjat Ekonomiku (COM(2007)0635),
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni (GAER) tal-20 ta' Novembru 2007 fir-rigward tal-Ftehimiet ta' Partenarjat Ekonomiku (FPE),

**L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007**

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni d-Dikjarazzjoni ta' Kigali għall-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs) kompatibbli ma' l-iżvilupp approvata mill-Assemblea Parlamentari Konġunta ta' l-AKP-UE fit-22 ta' Novembru 2007 f'Kigali dwar il-kunsiderazzjoni mill-ġdid tan-negozjati dwar il-Ftehimiet ta' Partenarjat Ekonomiku,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT), b'mod partikulari l-Artikolu XXIV tagħha,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' politika tad-9 ta' Novembru 2007 mill-Ministri ta' l-Istati ta' l-AKP dwar il-Ftehimiet ta' Partenarjat Ekonomiku,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar din il-kwistjoni, u b'mod partikulari r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2007 dwar Ftehimiet ta' Partenarjat Ekonomiku<sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Artikolu 36(1) tal-Ftehim ta' Cotonou jstabbilixxi l-qbil tal-partijiet li jikkonkludu arranġamenti ġodda ta' kummerċ li jkunu kompatibbli mad-WTO, filwaqt li progressivament jitneħħew l-ostakli għall-kummerċ bejniethom u tittejjeb il-koperazzjoni fl-oqsma kollha rilevanti għall-kummerċ u l-iżvilupp,
- B. billi d-deroga li teżenta lil din il-ftehim mil-liġi tad-WTO se tiskadi fi tmiem l-2007,
- C. billi diversi Stati ta' l-AKP jsibuha bi tqila ħafna biex jikkonkludu FPE u jiddikjaraw li huma tpoġġew taħt pressjoni mill-Kummissjoni biex jiffirmaw FPE, filwaqt li oħrajn jinsistu fuq l-importanza ta' l-aċċess għas-suq ta' l-UE għall-ekonomija tagħhom,
- D. billi t-twaqqif ta' swieq reġjonali jirrappreżenta strument ewlieni biex l-FPE jiġu implimentati b'suċċess,
- E. billi n-negozjati dwar FPEs, biex tiġi ssostitwita l-Ftehim ta' Cotonou, m'humiex mixjin 'il quddiem bl-istess pass fis-sitt reġjuni u x'aktarx li m'humiex se jiġu kompluti fi kwalunkwe każ qabel tmiem l-2007,
- F. billi f'Ottubru 2007 l-Kummissjoni għamlet offerta lill-Istati ta' l-AKP dwar ftehim temporanja, bħala l-ewwel fażi ta' konklużjoni ta' FPEs li jkunu jkopru l-kummerċ ta' prodotti u l-oqsma kollha li diġà jista' jsir ftehim dwarhom, bħal m'huma r-regoli ta' oriġini, li għandha tiġi implimentata mill-31 ta' Diċembru 2007 'l quddiem,
- G. billi, skond id-Dikjarazzjoni ta' Cape Town, l-oġettiv ewlieni tan-negozjati ta' l-FPE hu li jissaħħu l-ekonomiji ta' l-Istati ta' l-AKP,
- H. billi l-oġettiv tal-koperazzjoni ekonomika u kummerċjali bejn l-AKP u l-UE hu li jkun promoss l-iżvilupp u li titrawwem l-integrazzjoni gradwali ta' l-Istati ta' l-AKP għal ġewwa l-ekonomija dinjija,
1. Itenni t-twemmin tiegħu li l-FPEs jridu jkunu strumenti ta' żvilupp sabiex jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli, l-integrazzjoni reġjonali, u t-tnaqqis tal-faqar fl-Istati ta' l-AKP u biex titrawwem l-integrazzjoni gradwali ta' l-Istati ta' l-AKP fl-ekonomija dinjija;
  2. Jinnota bi tħassib it-tnikkir fil-pass li bih mexjin in-negozjati, li bħala riżultat tiegħu, bl-ikbar probabbiltà, l-ebda ftehim sħiħa m'hi se tiġi ffirmata ma' xi wieħed mill-gruppi reġjonali ta' l-AKP sal-31 ta' Diċembru 2007;
  3. Jieħu nota tad-deċiżjoni reċenti mill-Kummissjoni dwar approċċ f'żewġ fażijiet sabiex jiġi evitat tfixkil fil-kummerċ għal Stati ta' l-AKP li m'humiex fost il-pajjiżi l-anqas żviluppatti u biex in-negozjati jibqgħu għaddejnin lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2007 dwar FPEs komprensivi li jkunu favur l-iżvilupp;
  4. Jieħu nota tal-proposta magħmula mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha hawn fuq msemmija u tad-deċiżjoni tal-Kunsill "Affarijiet Ġenerali u relazzjonijiet barranin" fl-20 ta' Novembru 2007 biex jiġu konklużi, fl-ewwel fażi tan-negozjati, ftehimiet temporanji limitati għall-kummerċ ta' prodotti;
  5. Jieħu nota tal-konklużjoni tal-Ftehim ta' Qafas temporanja bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Msieħba tal-Komunità ta' l-Afrika tal-Lvant u diversi stati tal-Komunità ta' Żvilupp tan-Nofsinar ta' l-Afrika, li tiggarantixxi għall-prodotti ta' dawk l-istati aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti għas-suq ta' l-UE;
  6. Jenfasizza li t-twaqqif ta' suq reġjonali ġenwin jirrappreżenta bażi essenzjali biex l-FPEs jiġu implimentati b'suċċess u li l-integrazzjoni reġjonali hi essenzjali għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' l-Istati ta' l-AKP; jenfasizza li għalhekk il-ftehimiet iridu jgħinu biex ir-reġjuni jinżammu uniti;
  7. Jistieden liż-żewġ partijiet biex jassumu r-responsabilità tagħhom biex ikomplu n-negozjati dwar il-kwistjonijiet l-oħra malajr kemm jista' jkun; jenfasizza li ftehim għal perjodu twil tista' tintlaħaq biss jekk il-partijiet ikkonċernati kollha jħossu li huma impenjati għaliha;

(<sup>1</sup>) Testi Adottati, P6\_TA(2007)0204.

**L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007**

8. Jisħaq li l-asimmetrija sħiħa fil-ftehimiet, kompatibbli mar-reqwiziti tad-WTO, għandha tinkludi flessibilità massima fir-rigward tat-tnaqqis fit-tariffi, il-kopertura ta' prodotti sensitivi u perjodu ta' tranżizzjoni adegwat qabel ma l-ftehim ta' tkun trid tiġi implimentata kollha kemm hi;
9. Iħeġġeġ biex jitqiesu l-interessi speċifiċi tar-reġjuni l-iktar imbiegħda u tal-pajjiżi u t-territorji n-naħa l-oħra tal-baħar fin-negozjati tal-FPE fuq il-bażi ta' l-Artikolu 299(2) u (3) tat-Trattat KE;
10. Jirrikonoxxi li huwa importanti għall-Istati ta' l-AKP li jimpenjaw ruħhom għall-proċess tal-partenarjat ekonomiku u li jippromwovu r-riformi meħtieġa biex l-istrutturi soċjali u ekonomiċi jinġiebu konformi mal-ftehimiet; iħeġġeġ lill-gvernijiet ta' l-AKP biex jimplimentaw regoli ta' governanza tajba; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex iżżomm mal-prinċipji ta' asimmetrija sħiħa u ta' flessibilità;
11. Jenfasizza li l-offerta tal-Kummissjoni dwar ir-regoli ta' l-oriġini tikkaratterizza tnaqqis fir-restrizzjonijiet tad-dispożizzjonijiet attwali; jemmen li l-flessibilitajiet meħtieġa għandhom jinbnew għal għol-ftehim, filwaqt li jitqiesu d-differenzi fil-livell ta' l-iżvilupp industrijali bejn l-UE u l-Istati ta' l-AKP kif ukoll fost l-Istati ta' l-AKP;
12. Jinnota kemm hu importanti li jsiru negozjati ta' l-ogħla livell dwar l-investment fis-servizzi u l-kummerċ tas-servizzi; jistieden lill-Kummissjoni biex tkun flessibbli dwar dawn l-oqsma, peress li xi reġjuni ta' l-AKP isibuha bi tqila biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet;
13. Ifakkar fl-impenji mill-Kunsill u l-Kummissjoni li ma jinnegozjawx dispożizzjonijiet TRIPS-plus relatati mal-farmaċewtika li jaffettwaw is-saħħa pubblika u l-aċċess għall-mediċini, bħal m'huma l-esklusività tad-data, l-estenzjonijiet tal-brevetti u l-limitazzjoni tar-raġunijiet tal-liċenzji obligatorji;
14. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq analiżi sistematika, waqt in-negozjati u wara li dawn jiġu konklużi, ta' l-impatt soċjali ta' l-FPEs fuq il-gruppi li l-iktar jinsabu friskju;
15. Jisħaq li r-regoli tal-kummerċ iridu jkunu akkumpanjati minn żjieda fl-appoġġ għall-assistenza relatata mal-kummerċ b'mod partikolari bħala appoġġ għall-kummerċ reġjonali u f'konformità mar-regolamenti u l-istandards ta' l-UE dwar l-importazzjoni, u li l-ftehimiet temporanji jridu jinkludu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-għajnuna għall-kummerċ relatata ma' l-FPE minbarra l-finanzjament ta' l-EDF; jitlob li jittieħdu impenji konkreti qabel il-konklużjoni tan-negozjati ta' l-FPE, li jkunu jindirizzaw l-assistenza relatata mal-kummerċ u l-ispejjeż ta' aġġustament assoċjati mal-FPEs, f'konformità sħiħa ma' l-istrateġija ta' l-UE ta' għajnuna għall-kummerċ;
16. Jinnota b'interess id-diskussjonijiet biex jiġu stabbiliti fondi reġjonali tal-FPE, li se jiffaċilitaw l-orjentazzjoni tar-riżorsi tad-donaturi ta' l-UE u se jipprovdu assistenza finanzjarja għal inizjattivi ta' diversifikazzjoni tad-dħul;
17. Iqis li l-konklużjoni ta' ġenerazzjoni ġdida ta' ftehimiet dwar kummerċ ħieles ma' pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw m'għandhiex twassal għal tnaqqir fil-preferenzi kummerċjali li bħalissa jgawdu minnhom il-pajjiżi ta' l-AKP;
18. Jitlob lill-Kummissjoni u lis-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew biex jevalwaw kull ftehim individwali sabiex jiżguraw li s-setgħat legali u l-prerogattivi tal-Parlament Ewropew ikunu rrispettati bis-sħiħ; jitlob li tintuża l-proċedura ta' kunsens għal kull ftehim; iqis li għandha tittieħed azzjoni legali fil-każ li l-kompetenza tal-Parlament Ewropew ma tkunx irrispettata bis-sħiħ;
19. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex ifittxu l-kunsens tal-Parlament Ewropew dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet temporanji dwar l-FPEs skond l-Artikolu 300(3), it-tieni sub-paragrafu, tat-Trattat KE;
20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill ta' l-AKP-UE u lill-Assemblea Parlamentari Konġunta ta' l-AKP-UE.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

P6\_TA(2007)0615

## Liġi Ewropea dwar il-Kuntratti

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2007 dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Kuntratti

*Il-Parlament Ewropew*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2006 dwar il-liġi Ewropea dwar il-kuntratti <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Marzu 2006 dwar il-liġi Ewropea dwar il-kuntratti u r-reviżjoni ta' l-*acquis*: prospettivi għall-futur <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet rilevanti tiegħu tas-26 ta' Mejju 1989 <sup>(3)</sup>, tas-6 ta' Mejju 1994 <sup>(4)</sup>, tal-15 ta' Novembru 2001 <sup>(5)</sup> u tat-2 ta' Settembru 2003 <sup>(6)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-4 ta' Settembru 2007 dwar l-implikazzjonijiet istituzzjonali u legali ta' l-użu ta' strumenti ta' soft law <sup>(7)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-4 ta' Settembru 2007 dwar Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea <sup>(8)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Rapport mill-Kummissjoni tal-25 ta' Lulju 2007 bl-isem "It-Tieni Rapport dwar il-Progress tal-Qafas ta' Referenza Komuni" (COM(2007)0447),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura,
- A. billi l-Qafas Komuni ta' Referenza (CFR), li hu intenzjonat mill-Kummissjoni bħala "kaxxa ta' l-għodda" jew gwida għal-leġiżlatur Ewropew biex jintuża meta tkun qed tiġi riveduta leġiżlazzjoni eżistenti jew tifassal leġiżlazzjoni ġdida fil-qasam tal-liġi dwar il-kuntratti, attwalment mhux intenzjonat li jkollu xi effett legali li jorbot u b'hekk jibqa' fil-qasam ta' soft law,
- B. billi s-CFR li l-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li taffrontah fil-forma ta' White Paper, se jkollu effetti legali u prattiċi indiretti u se jiddetermina parti kbira tal-miżuri leġiżlattivi tal-ġejjieni fil-qasam tal-liġi dwar il-kuntratti,
- C. billi d-deċiżjoni dwar liema partijiet mill-abbozz ta' riċerka tas-CFR għandhom jintgħażlu għas-CFR finali u d-deċiżjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tas-CFR huma politiċi ħafna fin-natura tagħhom,
- D. billi huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-partijiet ta' l-abbozz ta' riċerka magħżulin għas-CFR ikunu koerenti bejniethom, mas-segwitu għall-Green Paper tal-Kummissjoni dwar ir-Reviżjoni ta' l-Acquis tal-Konsumatur (COM(2006)0744) u mal-leġiżlazzjoni Komunitarja l-oħra relata mal-liġi dwar il-kuntratti,
- E. billi s-CFR hu intenzjonat biex ikun strument għal leġiżlar aħjar bl-għan li jiġu żgurati l-konsistenza u l-kwalità tajba tal-leġiżlazzjoni tal-KE fil-qasam tal-liġi dwar il-kuntratti; billi, madankollu, l-għan ta' leġiżlar aħjar m'huwiex li jiġi ristress il-possibilita ta' azzjoni tal-koleġiżlaturi ta' l-Unjoni Ewropea,
- F. billi jrid jasal iż-żmien meta l-Kummissjoni tiddeċiedi jekk għandhiex tuża d-dritt ta' inizjattiva tagħha jew le u, jekk iva, għal liema oqsma relatati mal-liġi dwar il-kuntratti u fuq liema bażi legali,
1. Jilqa' t-tlestija ta' l-abbozz ta' riċerka tas-CFR;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta pjan ċar għall-proċess — li għandu jibda wara li jkun ġie provdut l-abbozz ta' riċerka tas-CFR — ta' l-għażla tal-partijiet tas-CFR ta' riċerka li għandhom jiġu inklużi fis-CFR finali tal-Kummissjoni;
  3. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinvolvi lill-Parlament f'dan il-proċess qabel ma jittieħdu xi passi proċedurali;
  4. Jistieden lill-Kummissjoni biex issegwi x-xogħol tar-riċerkaturi apparti r-riżultati tal-workshops dwar is-CFR li diġà saru u ta' dawk il-workshops ġodda dwar is-CFR li se jiġu organizzati mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni dwar il-Ġustizzja, il-Liberta u -Sigurta u d-Direttorat Ġenerali tagħha tas-Suq Intern u s-Servizzi;

<sup>(1)</sup> ĠU C 305 E, 14.12.2006, p.247.

<sup>(2)</sup> ĠU C 292 E, 1.12.2006, p.109.

<sup>(3)</sup> ĠU C 158, 26.6.1989, p.400.

<sup>(4)</sup> ĠU C 205, 25.7.1994, p.518.

<sup>(5)</sup> ĠU C 140 E, 13.6.2002, p.538.

<sup>(6)</sup> ĠU C 76 E, 25.3.2004, p.95.

<sup>(7)</sup> *Testi Adottati*, P6\_TA(2007)0366.

<sup>(8)</sup> *Testi Adottati*, P6\_TA(2007)0363.

L-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007

5. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tikkoordina l-ħidma fuq is-CFR fid-diversi Direttorati-Ġenerali involuti taħt proċedura trasparenti u formalizzati sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-oqsma differenti relatati mal-liġi dwar il-kuntratti;
  6. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex ma tiddeċiedix dwar il-kamp ta' applikazzjoni tas-CFR finali sakemm ma jkunx sar proċess ta' diskussjoni wiesgħa mal-gruppi, ir-riċerkaturi rilevanti kollha u dawk kollha li għandhom sehem fil-qasam u bil parteċipazzjoni tal-Parlament ukoll; jistieden lill-Kummissjoni biex, meta tkun qed tiddeċiedi dwar il-kamp ta' applikazzjoni tas-CFR, tqis il-pożizzjoni tal-Parlament, li diġà għet stipulata f'diversi riżoluzzjonijiet;
  7. Itenni l-appoġġ qawwi tiegħu għal approċċ ibbażat fuq CFR usa' dwar kwistjonijiet ġenerali dwar il-liġi dwar il-kuntratti li jmorru lil hinn mill-qasam tal-ħarsien tal-konsumatur;
  8. Jenfasizza l-konvinzjoni tiegħu li approċċ ibbażat fuq il-leġiżlar aħjar għall-Qafas Komuni ta' Referenza jfisser li l-Qafas Komuni ta' Referenza ma jistax ikun limitat għal kwistjonijiet li huma relatati biss mal-liġi dwar il-kuntratti tal-konsumatur imma jrid jiffoka fuq kwistjonijiet relatati mal-liġi dwar il-kuntratti ġenerali, li għalihom għandhom ikunu żgurati approċċ konsistenti għar-reviżjoni ta' l-*acquis* dwar il-konsumatur u b'mod partikulari strument orizzontali possibbli eventwali f'dan il-qasam;
  9. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni li l-għażliet diversi possibbli għall-iskop u l-forma legali ta' strument tas-CFR għall-futur, inkluż strument fakultattiv, għandhom jinżammu miftuħin;
  10. Jistieden lill-Kummissjoni biex għal darb'oħra tinvolvi lill-Parlament fil-ħidma tiegħu dwar is-CFR;
  11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.
-



Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

## MINUTI

(2008/C 323 E/04)

### PROCĊEDURI TAS-SEDUTI

IPPRESIEDA: Luigi COCILOVO

*Viċi-President*

#### 1. Ftuħ tas-Seduta

Ħin tal-ftuħ tas-seduta: 10.00.

Tkellem Richard Corbett, li, irrefera għall-inċidenti li seħħew ilbieraħ fl-emiċiklu fl-okkażjoni ta' l-iffirmar ta' Charter tad-Drittijiet Fundamentali (*punt 4 tal-Minuti ta' 12.12.2007*), u talab jekk il-President tal-Parlament kif ukoll il-Konferenza tal-Presidenti jipprevedux l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 147 tar-Regoli ta' Proċedura (Il-President wiegħbu li kien ser isegwi din it-talba).

Tkellmu: dwar l-istess suġġett Joseph Daul, li kkundanna l-imġieba ta' ċerti membri fil-konfront ta' l-*ushers*, u Christopher Beazley (Il-President ħa nota tal-proposti tagħhom u assigurahom li kienu se jitqiesu).

#### 2. Azzjoni meħuda dwar ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament

Tqassmet il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-azzjoni meħuda dwar ir-riżoluzzjonijiet adottati mill-Parlament waqt is-sessjoni parzjali Settembru I.

#### 3. L-Għaxar anniversarju tal-Konvenzjoni ta' Ottawa dwar il-projbizzjoni tal-mini għal kontra l-persuni (mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa)

Id-dibattitu sar fid-data 10.12.2007 (*punt 22 tal-Minuti ta' 10.12.2007*).

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni biex jiġi konkluż id-dibattitu skond l-Artikolu 103 (2) tar-Regoli ta' Proċedura:

- Angelika Beer, Raül Romeva i Rueda, Frithjof Schmidt fisem il-Grupp Verts/ALE, dwar l-10 Anniversarju mill-Konvenzjoni ta' Ottawa dwar il-Projbizzjoni ta' l-Użu, tal-Ħażna, tal-Produzzjoni u tat-Trasferiment ta' Mini għal kontra l-Persuni u l-Qerda Tagħhom ta' l-1997 (B6-0518/2007),
- José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Stefano Zappalà u Geoffrey Van Orden fisem il-Grupp PPE-DE, dwar l-10 Anniversarju mill-Konvenzjoni ta' Ottawa dwar il-Projbizzjoni ta' l-Użu, tal-Ħażna, tal-Produzzjoni u tat-Trasferiment ta' Mini għal kontra l-Persuni u l-Qerda Tagħhom ta' l-1997 (B6-0520/2007)
- Josep Borrell Fontelles, Alain Hutchinson, Ana Maria Gomes, Glenys Kinnock u Thijs Berman fisem il-Grupp PSE, dwar l-10 Anniversarju mill-Konvenzjoni ta' Ottawa war il-Projbizzjoni ta' l-Użu, tal-Ħażna, tal-Produzzjoni u tat-Trasferiment ta' Mini għal kontra l-Persuni u l-Qerda Tagħhom ta' l-1997 (B6-0521/2007)

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

- Luisa Morgantini, Tobias Pflüger, Adamos Adamou, Kyriacos Triantaphyllides, Gabriele Zimmer u André Brie fisem il-Grupp GUE/NGL, dwar l-10 Anniversarju mill-Konvenzjoni ta' Ottawa dwar il-Projbizzjoni ta' l-Użu, tal-Ħażna, tal-Produzzjoni u tat-Trasferiment ta' Mini għal kontra l-Persuni u l-Qerda Tagħhom ta' l-1997 (B6-0522/2007)
- Ġirts Valdis Kristovskis, Brian Crowley, Ewa Tomaszewska u Adam Bielan fisem il-Grupp UEN, dwar l-10 Anniversarju mill-Konvenzjoni ta' Ottawa ta' l-1997 dwar il-Projbizzjoni ta' l-Użu, l-Ħażna, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini għal kontra l-Persuni u dwar il-Qerda Tagħhom (B6-0523/2007);
- Annemie Neyts-Uyttebroeck, Johan Van Hecke, Danutė Budreikaitė, Marios Matsakis u Elizabeth Lynne fisem il-Grupp ALDE, dwar l-10 Anniversarju mill-Konvenzjoni ta' Ottawa ta' l-1997 dwar il-Projbizzjoni ta' l-Użu, l-Ħażna, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini għal kontra l-Persuni u dwar il-Qerda Tagħhom (B6-0524/2007).

Votazzjoni: *punt 6.7 tal-Minuti ta' 13.12.2007.*

#### 4. Tessuti (dibattitu)

Mistoqsija orali (O-0077/2007) mressqa minn Pedro Guerreiro, Jacky Hénin, Roberto Musacchio, Marco Rizzo, Ilda Figueiredo u Helmuth Markov fisem il-Grupp GUE/NGL lill-Kummissjoni: It-tmiem tal-"Memorandum ta' Ftehim" bejn l-UE u ċ-Ċina f'dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' ċerti prodotti tat-tessuti u tal-ħwejjeġ (B6-0388/2007)

Mistoqsija orali (O-0074/2007) mressqa minn Gianluca Susta, Ignasi Guardans Cambó u Johan Van Hecke fisem il-Grupp ALDE, Robert Sturdy, Tokia Saïfi, Georgios Papastamkos u Vasco Graça Moura fisem il-Grupp PPE-DE, Erika Mann, Glyn Ford, Kader Arif u Elisa Ferreira fisem il-Grupp PSE, Cristiana Muscardini u Eugenijus Maldeikis fisem il-Grupp UEN, Caroline Lucas u Alain Lipietz fisem il-Grupp Verts/ALE, lill-Kummissjoni: It-Tessuti (B6-0383/2007)

Patrizia Toia (sostitut ta' l-awtur), Tokia Saïfi, Kader Arif, Cristiana Muscardini u Caroline Lucas għamlu l-mistoqsija orali (B6-0383/2007).

Pedro Guerreiro għamel il-mistoqsija orali (B6-0388/2007).

Peter Mandelson (Membru tal-Kummissjoni) wieġeb għall-mistoqsijiet orali.

Tkellmu: Robert Sturdy fisem il-Grupp PPE-DE, Harald Ettl fisem il-Grupp PSE, Ignasi Guardans Cambó fisem il-Grupp ALDE, Ryszard Czarnecki fisem il-Grupp UEN, Bastiaan Belder fisem il-Grupp IND/DEM, Luca Romagnoli Membru mhux affiljat, Georgios Papastamkos, Joan Calabuig Rull, Johan Van Hecke, Vasco Graça Moura, Stavros Arnautakis, Anne Laperrouze, Ivo Belet u Peter Mandelson.

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni biex jiġi konkluż id-dibattitu skond l-Artikolu 108 (5):

- Tokia Saïfi, Robert Sturdy, Georgios Papastamkos, Vasco Graça Moura u Daniel Caspary fisem il-Grupp PPE-DE, dwar it-tessuti (B6-0495/2007);
- Gianluca Susta fisem il-Grupp ALDE, dwar it-tessuti (B6-0496/2007);
- Kader Arif, Anne Ferreira, Glyn Ford, Erika Mann u Joan Calabuig Rull fisem il-Grupp PSE, dwar il-futur tas-settur Ewropew tat-Tessuti fl-2008 (B6-0505/2007);
- Cristiana Muscardini, Eugenijus Maldeikis, Roberta Angelilli u Ryszard Czarnecki fisem il-Grupp UEN, dwar it-tessuti (B6-0507/2007);

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

- Caroline Lucas u Pierre Jonckheer fisem il-Grupp Verts/ALE, dwar it-tessuti (B6-0509/2007);
- Pedro Guerreiro, Helmuth Markov, Jacky Hénin, Roberto Musacchio, Marco Rizzo, Willy Meyer Pleite u Ilda Figueiredo fisem il-Grupp GUE/NGL, dwar it-tessuti u l-ħwejjeġ (B6-0510/2007).

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 6.14 tal-Minuti ta' 13.12.2007.*

**5. Relazzjonijiet Ekonomiċi u Kummerċjali mal-Korea (dibattitu)**

Rapport dwar ir-Relazzjonijiet Ekonomiċi u Kummerċjali mal-Korea [2007/2186(INI)] — Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali.

Rapporteur: David Martin (A6-0463/2007)

David Martin ippreżenta r-rapport.

Tkellem Peter Mandelson (Membru tal-Kummissjoni).

Tkellmu: Werner Langen (rapporteur għal opinjoni tal-Kumitat ITRE), Peter Štastný fisem il-Grupp PPE-DE, Erika Mann fisem il-Grupp PSE, Ignasi Guardans Cambó fisem il-Grupp ALDE, Zbigniew Krzysztof Kuźmiuk fisem il-Grupp UEN, Caroline Lucas fisem il-Grupp Verts/ALE, Philip Claeys Membru mhux affiljat, Hubert Pirker, Kader Arif, Bogusław Rogalski, Glyn Ford u Peter Mandelson.

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 6.15 tal-Minuti ta' 13.12.2007.*

IPPRESIEDA: Gérard ONESTA

*Viċi-President*

**6. Ħin tal-votazzjonijiet**

Ir-riżultati ddettaljati tal-votazzjonijiet (emendi, votazzjonijiet separati u votazzjonijiet maqsumin, eċċ) jidhru fl-Anness 'Riżultati tal-Votazzjonijiet', mehmuż mal-Minuti.

Tkellem Martin Schulz fisem il-Grupp PSE, li rrefera għall-inċidenti li seħħew fl-emiċiklu l-ġurnata ta' qabel fl-okkazzjoni tal-firma tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (*punt 4 tal-Minuti ta' 12.12.2007*); huwa kkundanna bil-qawwi l-imġiba ta' ċerti Membri fir-rigward ta' l-*ushers* li, skond hu, ġew attakkati fiżikament u verbalment u talab li jiġu adottati sanzjonijiet; huwa talab ukoll li l-Grupp UEN, li ma ppreżentax l-apoloġiji uffiċjali tiegħu, jiritira l-firma tiegħu mill-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni konġunti mniżżlin għall-Ħin tal-Votazzjonijiet. Tkellmu: Joseph Daul fisem il-Grupp PPE-DE, ukoll dwar l-avvenimenti tal-ġuranta ta' qabel, biex ifakkar id-dikjarazzjonijiet tiegħu ta' dakinhar filgħodu dwar l-attakk fuq l-*ushers* (*punt 1 tal-Minuti ta' 13.12.2007*), u Cristiana Muscardini fisem il-Grupp UEN, dwar l-intervent ta' Martin Schulz.

\*

\* \*

Tkellem José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra biex jiddeplora l-attakk terroristiku li seħħ il-ġurnata ta' qabel f'Beirut u esprima solidarjetà mal-Libanu (Il-President ingħaqad miegħu u esprima s-solidarjetà ta' l-Assemblea kollha) u Hubert Pirker għal mistoqsija ta' natura teknika.

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

## 6.1. Abbozz tal-Baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea 2008, modifikat mill-Kunsill (it-taqsimiet kollha) (votazzjoni)

Abbozz ta' emendi għall-Abbozz tal-Baġit ġenerali, modifikat mill-Kunsill.

(Maġġoranza kwalifikata)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 1)

Tkellem Kyösti Virrankoski (rapporteur ġenerali tal-Baġit), li ppreżenta l-aġġustamenti tekniċi li ġejjin:

1. Fl-Intestatura 1a, l-appropriazzjonijiet ta' impenn ġew aġġustati kif ġej:

emenda 335

linja 06 02 09 01: 7 460 000 euro

linja 06 02 09 02: 3 100 000 euro

linja 08 07 01: 348 922 000 euro

emenda 331

linja 02 02 01: 126 300 000 euro

emenda 69

linja 06 03 03: 955 852 600 euro

2. Fl-Intestatura 1b, sabiex jikkorrispondu mal-livell ġenerali ta' pagamenti, li dwaru ntlaħaq ftehim fil-konċiljazzjoni, l-appropriazzjonijiet ta' pagament ġew mibdula kif ġej:

emenda 27

linja 04 02 17: 3 823 198 181 euro

emenda 140

linja 13 03 16: 10 606 637 496 euro

emenda 141

linja 13 03 18: 2 540 832 078 euro

3. "Ser isir ċertu numru ta' tibdiliet tekniċi u ta' tibdiliet ta' nomenklatura f'dak li għandu x'jaqsam mal-proġetti pilota u l-azzjonijiet ta' preparazzjoni. Dawn it-tibdiliet mhuma ser jaffettwaw la l-ammonti u lanqas il-klassifikazzjonijiet tal-qafas finanzjarji plurijennali."

Il-Parlammnt approva dawn l-aġġustamenti tekniċi.

*L-emendi adottati jidhru fl-anness tat "Testi adottati".*

Wara li esprima s-sodisfazzjoni tiegħu għall-ftuħ tal-Laqgħa Għolja ta' Liżbona li sar dakinhar stess, Emanuel Santos (President fil-kariga tal-Kunsill) għamel id-dikjarazzjoni li ġejja:

Illum intom iltaqjtu għat-tieni qari tal-baġit għas-sena finanzjarja 2008, l-aħħar stadju ta' proċess twil ta' negozjati li issa ser jaqtaq b'suċċess. Jien ninsab sodisfatti li l-ftehma bejn miż-żewġ istituzzjonijiet tagħna fil-laqgħa ta' konsultazzjoni bejniethom fit-23 ta' Novembru li għadda tqieset kollha kemm hi, u l-proposti kollha li għamilna f'din id-data daħlu fil-baġit 2008.

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

Bi qbil mal-proċedura, qed ninfurmakom li l-Kunsill huwa fqagħda li jaċċetta r-rata massima ta' żieda li rriżultat mill-votazzjoni li saret fit-tieni qari. Madanakollu, fadal ċertu numru ta' aġġustamenti żgħar fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' l-ispiża li dwarhom il-Kunsill jirriserva d-drittijiet tiegħu.

Il-President ħa nota u għamel id-dikjarazzjoni li ġejja:

"Niddikjara li l-proċedura baġitarja tlestiet bi qbil mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u tal-Ftehim Interistuzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006. Barra minn dan niddikjara li, bi qbil mal-punt 13 tal-ftehim interistuzzjonali imsemmija, il-Kunsill u l-Parlament jaqblu dwar l-aċċettazzjoni tar-rata massima ta' żieda fl-infiq mhux obbligatorju li rriżultat mit-tieni qari tal-Parlament. Għaldaqstant il-proċess baġitarji jista' jiġi dikjarat lest u jista' jiġi adottat b'mod definittiv".

Il-President qal li l-firma uffiċjali tal-baġit għas-sena finanzjarja 2008 ser issiri waqt is-sessjoni plenarja li jmiss, fit-18 ta' Diċembru, fi Brussell.

## **6.2. Abbozz tal-Baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea 2008, modifikat mill-Kunsill (it-taqsimiet kollha) (votazzjoni)**

Rapport dwar l-abbozz tal-Baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008 kif modifikat mill-Kunsill (it-taqsimiet kollha) (15717/2007 — C6-0436/2007 — 2007/2019(BUD) — 2007/2019B(BUD)) u l-ittri ta' emenda nru 1/2008 [13659/2007 — C6-0341/2007] u nru 2/2008 [15716/2007 — C6-0435/2007] għall-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008 — Taqsima I, Parlament Ewropew — Taqsima II, Kunsill — Taqsima III, Kummissjoni — Taqsima IV, Qorti tal-Ġustizzja — Taqsima V, Qorti ta' l-Awdituri — Taqsima VI, Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Taqsima VII, Kumitat tar-Reġjuni — Taqsima VIII, Ombudsman — Taqsima IX, Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data — Kumitat għall-Baġit.

Ko-Rapporteurs: Kyösti Virrankoski u Ville Itälä (A6-0492/2007)

(*Maġġoranza sempliċi meħtieġa*)

(*Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 2*)

### MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata (P6\_TA(2007)0616)

## **6.3. Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-KE u r-Repubblika tal-Montenegro \*\*\* (Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)**

Rakkomandazzjoni dwar Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, fuq in-naħa l-oħra [COM(2007)0350 — C6-0463/2007 — 2007/0123(AVC)] — Kumitat għall-Affarijiet Barranin.

Rapporteur: Marcello Vernola (A6-0498/2007)

(*Maġġoranza sempliċi meħtieġa*)

(*Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 3*)

### ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata b'votazzjoni unika (P6\_TA(2007)0617)

B'hekk il-Parlament ta l-kunsens tiegħu.

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

#### **6.4. Kooperazzjoni bejn l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kunsill ta' l-Ewropa \*** (Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)

Rapport dwar Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kunsill ta' l-Ewropa dwar kooperazzjoni bejn l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kunsill ta' l-Ewropa [COM(2007)0478 — C6-0311/2007 — 2007/0173(CNS)] — Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.

Rapporteur: Adamos Adamou (A6-0443/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 4)

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata b'votazzjoni unika (P6\_TA(2007)0618)

#### **6.5. Data ta' l-introduzzjoni ta' l-identifikazzjoni elettronika ta' l-annimali ovini u kaprini \*** (votazzjoni)

Rapport dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 21/2004 fir-rigward tad-data ta' introduzzjoni għall-identifikazzjoni elettronika ta' l-annimali ovini u kaprini [COM(2007)0710 — C6-0448/2007 — 2007/0244(CNS)] — Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali.

Rapporteur: Friedrich-Wilhelm Graefe zu Baringdorf (A6-0501/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 5)

PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Approvazzjoni bl-emendi (P6\_TA(2007)0619)

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata (P6\_TA(2007)0619)

#### **6.6. Ġurisdizzjoni u koperazzjoni fir-rigward ta' obbligi ta' manteniment \*** (votazzjoni)

Rapport dwar proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-kompetenza, il-liġi applikabbli, l-għarfien u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment [COM(2005)0649 — C6-0079/2006 — 2005/0259(CNS)] — Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.

Rapporteur: Genowefa Grabowska (A6-0468/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 6)

PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Approvazzjoni bl-emendi (P6\_TA(2007)0620)

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata (P6\_TA(2007)0620)

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

### **6.7. I-Għaxar anniversarju tal-Konvenzjoni ta' Ottawa dwar il-projbizzjoni tal-mini għal kontra l-persuni (votazzjoni)**

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0518/2007, B6-0520/2007, B6-0521/2007, B6-0522/2007, B6-0523/2007 u B6-0524/2007

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 7)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI RC-B6-0518/2007

(flok B6-0518/2007, B6-0520/2007, B6-0521/2007, B6-0522/2007, B6-0523/2007 u B6-0524/2007):

mressqa mill-Membri li ġejjin:

- Karl von Wogau, Geoffrey Van Orden u Stefano Zappalà fisem il-Grupp PPE-DE,
- Josep Borrell Fontelles, Alain Hutchinson, Ana Maria Gomes, Glenys Kinnock, Thijs Berman u Luis Yañez-Barnuevo García fisem il-Grupp PSE,
- Marios Matsakis u Annemie Neyts-Uyttebroeck fisem il-Grupp ALDE,
- Ryszard Czarnecki u Ġirts Valdis Kristovskis fisem il-Grupp UEN,
- Angelika Beer, Raül Romeva i Rueda u Frithjof Schmidt fisem il-Grupp Verts/ALE,
- Luisa Morgantini, Tobias Pflüger, Adamos Adamou, Kyriacos Triantaphyllides, Gabriele Zimmer u André Brie fisem il-Grupp GUE/NGL

Adottata (P6\_TA(2007)0621)

### **6.8. Laqgħa Għolja UE/Ċina — Djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem UE/Ċina (votazzjoni)**

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0543/2007, B6-0544/2007, B6-0545/2007, B6-0546/2007, B6-0547/2007 u B6-0548/2007

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 8)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI RC-B6-0543/2007

(flok B6-0543/2007, B6-0544/2007, B6-0545/2007, B6-0546/2007, B6-0547/2007 u B6-0548/2007):

mressqa mill-Membri li ġejjin:

- Edward McMillan-Scott, Georg Jarzembowski, Tunne Kelam, Patrick Gaubert u Laima Liucija Andrikiėnė fisem il-Grupp PPE-DE,
- Hannes Swoboda fisem il-Grupp PSE,
- Dirk Sterckx u Marco Cappato fisem il-Grupp ALDE,
- Brian Crowley fisem il-Grupp UEN,
- H el ene Flautre, Ra ul Romeva i Rueda, Helga Tr upel, Eva Lichtenberger u Milan Hor  cek fisem il-Grupp Verts/ALE,
- Vittorio Agnoletto u Esko Sepp anen fisem il-Grupp GUE/NGL.

Adottata (P6\_TA(2007)0622)

Tkellem Toine Manders.

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

**6.9. Il-ġlieda kontra l-estremiżmu fl-Ewropa (votazzjoni)**

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0512/2007, B6-0515/2007, B6-0516/2007, B6-0517/2007 u B6-0519/2007

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 9)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI RC-B6-0512/2007

(flok B6-0512/2007, B6-0515/2007, B6-0516/2007, B6-0517/2007 u B6-0519/2007):

mressqa mill-Membri li ġejjin:

- Henri Weber u Livia Járóka fisem il-Grupp PPE-DE,
- Kristian Vigenin, Bárbara Dührkop Dührkop, Justas Vincas Paleckis u Csaba Sándor Tabajdi fisem il-Grupp PSE,
- Viktória Mohácsi, Alexander Alvaro u Ignasi Guardans Cambó fisem il-Grupp ALDE,
- Brian Crowley fisem il-Grupp UEN,
- Monica Frassoni, Daniel Cohn-Bendit u Kathalijne Maria Buitenweg fisem il-Grupp Verts/ALE,
- Giusto Catania, Mary Lou McDonald u Sylvia-Yvonne Kaufmann fisem il-Grupp GUE/NGL.

Adottata (P6\_TA(2007)0623)

**6.10. Montenegro (votazzjoni)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni B6-0494/2007

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 10)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata (P6\_TA(2007)0624)

**6.11. It-tniġġis miż-żejt fil-Baħar l-Iswed u fil-Baħar ta' Azov wara n-nawfraġju ta' bosta vapuri (votazzjoni)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni B6-0503/2007

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 11)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata (P6\_TA(2007)0625)

**6.12. Sistemi ta' garanzija tal-kontijiet (votazzjoni)**

Rapport dwar is-sistemi ta' garanzija tal-kontijiet [2007/2199(INI)] — Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji.

Rapporteur: Christian Ehler (A6-0448/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 12)



**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata (P6\_TA(2007)0626)

### **6.13. Immaniġġjar ta' l-assi II (votazzjoni)**

Rapport dwar l-Immaniġġjar ta' l-assi II [2007/2200(INI)] — Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij.  
Rapporteur: Wolf Klinz (A6-0460/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)  
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 13)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata (P6\_TA(2007)0627)

*Tkellmu:*

— Margarita Starkevičiūtė a présenté un amendement oral à l'amendement 2, qui a été retenu.

### **6.14. Tessuti (votazzjoni)**

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0495/2007, B6-0496/2007, B6-0505/2007, B6-0507/2007, B6-0509/2007 u B6-0510/2007

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)  
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 14)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI RC-B6-0495/2007  
(flok B6-0495/2007, B6-0496/2007, B6-0505/2007, B6-0507/2007, B6-0509/2007 u B6-0510/2007):

mressqa mill-Membri li ġejjin:

- Robert Sturdy, Georgios Papastamkos, Vasco Graça Moura u Daniel Caspary fisem il-Grupp PPE-DE,
- Kader Arif, Elisa Ferreira, Glyn Ford, Erika Mann u Joan Calabuig Rull fisem il-Grupp PSE,
- Gianluca Susta fisem il-Grupp ALDE,
- Cristiana Muscardini, Eugenijus Maldeikis u Roberta Angelilli fisem il-Grupp UEN,
- Frithjof Schmidt u Pierre Jonckheer fisem il-Grupp Verts/ALE,
- Jacky Hénin fisem il-Grupp GUE/NGL

Adottata (P6\_TA(2007)0628)

\*  
\*   \*  
\*

Fl-okkażjoni tat-tluq ta' Jean-Louis Bourlanges le 1.01.2008, Il-President irringrazzjah tax-xogħol li għamel waqt il-mandat tiegħu.

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

## 6.15. Relazzjonijiet Ekonomiċi u Kummerċjali mal-Korea (votazzjoni)

Rapport dwar Relazzjonijiet Ekonomiċi u Kummerċjali mal-Korea [2007/2186(INI)] — Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali.

Rapporteur: David Martin (A6-0463/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 15)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata (P6\_TA(2007)0629)

24. Ifakkar fid-deċiżjoni li jiġi stabbilit iċ-*Ċentru Ewropew tad-Dejta ta' Identifikazzjoni u Ttraċċar fuq Medda Twila (LRIT)* imħaddem mill-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima (EMSA) sal-31 ta' Diċembru 2008 (Pożizzjoni tal-PE tal-25 ta' April 2007 <sup>(1)</sup> u r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2007); jagħraf il-*ħtieġa ta' finanzjament addizzjonali fl-2008 għall-EMSA sabiex tiġi koperta din il-funzjoni ġdida*;
25. Jilqa' b'*sodisfazzjon id-dokumentazzjoni u l-ispejgazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni u l-Bank Ewropew għall-Investment (EIB) rigward Faċilitajiet Finanzjarji għall-Kondiviżjoni tar-Riskju (RSFF)*; huwa tal-fehma li r-*riserva fuq dawn il-linji tista' tinqala' minn ġol-baġit*; jitlob madanakollu li jkun mgħarraf u li d-dokumenti rilevanti jiġu mgħoddija lilu meta l-linji gwida jkunu adottati għat-tieni komponent tal-Programm tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP), l-istrumenti tal-kapital ta' riskju, u jitlob li jkun mgħarraf dwar xi jkun ħareġ min-negozjati bejn il-Bank Ewropew għall-Investment u l-Kummissjoni dwar il-koperazzjoni konġunta għall-istrument ta' garanzija għas-self għat-TEN-Trasport (LGTT);
26. Dwar l-intestatura 2, "*Preservazzjoni ta' risorsi naturali*", jitlob bi dritt preżentazzjoni aktar *ċara taċ-ċifri għall-miżuri tas-suq u l-għajnuniet diretti fil-proċeduri baġitarji ġejjiena*; jinsab imħasseb b'*kemm hi miexja bil-mod ir-rata ta' l-adozzjoni tal-programmi operazzjonali fir-rigward tal-pilastru ta' l-iżvilupp rurali tal-politika agrikola komuni (PAK), prijorità tal-Parlament li ilha teżisti*; jistenna li jara miljoramenti rapidi f'dan ir-rigward;
27. Jenfasizza l-*ħtieġa li titħaffef il-proċedura rigward it-tfassil ta' programmi nazzjonali speċjali għall-irkuprar ta' l-uċuħ tar-raba' u l-produttjoni tal-bhejtem f'żoni milquta minn nirien u forom oħra ta' diżastri naturali*; jisħaq li daww il-programmi għandhom ikunu ffinanzjati mill-EAFRD (Fond Ewropew ta' l-Agrikoltura għall-Iżvilupp Rurali) permezz ta' trasferimenti jew sussidji interni fi ħdan Stat Membru;
28. Jiċħad it-tentattiv tal-Kunsill li jerġa jikklassifika numru *żgħir ta' linji bħala nefqa obligatori fl-Intestatura 2, b'mod partikulari l-linji 17 04 05 01 u 17 04 05 02 li jikkonċernaw l-Uffiċċju dwar il-Varjetajiet tal-Pjanti*;
29. Jirrikonoxxi l-*bżonn għal finanzjament ulterjuri tal-fondi għat-tqassim tal-ħalib fl-iskejjel (biex il-varjetà ta' prodotti tiġi estiża billi jiżdiedu prodotti ġodda u innovattivi)*; itenni l-*importanza ta' appoġġ adegwat għall-proċess ta' ristrutturazzjoni fis-settur tal-ħalib (billi titwaqqaf skema ta' ristrutturazzjoni tal-fondi ddestinati għas-settur tal-ħalib)*;
30. Jenfasizza mill-*ġdid l-impenn qawwi tiegħu għall-għoti adegwat ta' flus tal-baġit għall-fondi għall-frott u l-ħaxix fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel (u prodotti oħra tal-ħalib)*; jiddispijaċi dwar in-*nuqqas ta' progress tal-Kummissjoni fil-preżentazzjoni ta' proposti minħabba li qed iddum biex twettaq l-evalwazzjonijiet ta' l-impatt meħtieġa*; jesprimi s-*sorpriża tiegħu li l-Kunsill ma implimentax l-impenni politiċi tiegħu rigward dawn il-kwistjonijiet bil-ħolqien ta' linja ġdida u riserva fil-baġit, fin-nuqqas ta' twaqqif ta' bażi legali*; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta legiſlattiva f'dan ir-rigward, kif stipulat fil-konklużjonijiet ta' *Ġunju 2007 tal-Kunsill ta' l-Agrikoltura*;
31. Dwar it-titolu 3a, "*Libertà, sigurtà u ġustizzja*", jenfasizza l-*importanza tax-xogħol ta' l-aġenzija Frontex*; jidhirlu li l-*aġenzija Frontex għandha tilgħab parti aktar effettiva fit-tisħiħ tal-frontieri esterni ta' l-UE*, b'mod notevoli billi ttaffi l-*piż li bħalissa qed jiffaċċjaw Stati Membri frabta ma' l-immigrazzjoni illegali*; jistieden lill-Aġenzija tippreżenta b'mod regolari lill-kumitat kompetenti tal-Parlament rapport dwar il-qagħda kurrenti u l-*operazzjonijiet skedati li jkunu se jseħħu ma jdumux*; iħeġġeġ lill-Istati Membri jżommu l-*wegħdiet tagħhom u jappoġġjaw il-missjonijiet ta' l-Aġenzija sabiex l-Aġenzija tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha b'aktar effikaċja*; jieħu nota tal-*qbil tal-Kunsill li jiżdied il-finanzjament għall-Frontexi EUR 30 miljun, għalkemm bi tqassima ddettaljata differenti għall-infiq amministrattiv u operazzjonali*; jimmodifika din it-tqassima ddettaljata b'*manjiera li hu jqis l-aktar xierqa biex ikun żgurat valur miżjud massimu*; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta baġit ta' emenda fil-*każ li l-organigramma tiġi li tkun teħtieġ modifika wkoll*;

(<sup>1</sup>) *Testi Adottati, P6\_TA(2007)0146.*

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

32. Dwar l-intestatura 3b, "Ċittadinanza", jerġa' jgħib kif kien l-abbozz preliminari tal-baġit għal pakketti ta' programmi multiannwali u jipproponi f'dan ir-rigward approprjazzjonijiet għal numru ta' proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji għodda jew li għadhom għaddejnin; jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-finanzjament għall-kampanja ta' taġrif u prevenzjoni HELP jasal fi tmiemu fil-baġit għall-2008 u jistenna li l-Kummissjoni tressaq inizjattiva ta' segwitu; jappoġġja, addizzjonalment, fi ħdan l-Istrument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili, il-provvediment ta' kapaċità kumplementari fis-sura ta' forza li tkun disposta għal-lest biex tittratta diżastri naturali jew dawk magħmula mill-bniedem kif ukoll f'każijiet ta' atti ta' terroriżmu jew inċidenti ambjentali;
33. Jistieden lill-Kummissjoni biex taġti rinforz ripetut għall-investiment fl-infrastruttura biex tittejjeb l-akkomodazzjoni għar-rifugiati;
34. Ifittex li jinkoraġġixxi vuċi aktar b'saħħitha għal gruppi li huma rrapreżentati inqas aħjar fis-soċjetà ċivili, filwaqt li jiġu miġġielda l-forom kollha tad-diskriminazzjoni u jissaħħu d-drittijiet tan-nisa, tat-tfal, ta' min għandu diżabilità u ta' l-anzjani;
35. Jistieden lill-Kummissjoni biex tuża l-appropriazzjonijiet assenjati għall-informazzjoni biex tippovdi taġrif divers, li, inter alia, jaħseb għall-ħtiġijiet ta' informazzjoni pubblika tal-minoranzi parlamentari;
36. Fit-titolu 4, "L-UE bħala msieħeb globali", hija kkonċernata min-nuqqas kroniku ta' finanzjament ta' dan it-titolu fl-MFF 2007-2013; jappoġġja ż-żidiet, inkluż għall-Kosovo u l-Palestina, fl-ittra ta' emenda tal-Kummissjoni Nru 1/2008 lill-PDB tas-17 ta' Settembru 2007; jilqa' l-użu ta' l-istrument tal-flessibilità għall-iffinanzjar ta' EUR 70 miljun taż-żieda tas-CFSP; jaġġusta l-ewwel qari tiegħu għat-titolu 4 b'konformità mal-prijoritajiet tiegħu fid-dawl tar-riżultat tal-konċiljazzjoni tat-23 ta' Novembru 2007;
37. Jirrimarka li, wara l-iżviluppi li seħħew fil-konferenza reċenti ta' Annapolis, l-istimi għall-kontribuzzjoni ta' l-UE għall-Palestina hemm possibiltà qawwija li jiżdedu u jistieden lill-Kummissjoni biex tersaq b'baġit ta' emenda meta jkun meħtieġ;
38. Huwa tal-fehma li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għall-valuri demokratiċi għandu jkun waħda mill-kundizzjonijiet ta' l-allokazzjoni ta' fondi ta' l-UE lill-pajjiżi ġirien u lil dawk li qed jiżviluppaw;
39. Ifakkar lill-Kunsill li laqgħat regolari tal-kumitat koġunt dwar is-CFSP għandhom jippromwovu djalogu politiku ex ante reali, minflok ma jkunu użati sempliċement biex jinfurmaw lill-Parlament b'manjiera ex-post
40. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni biex tidħol fi djalogu politiku regolari tliet darbiet fis-sena, *skond id-dikjarazzjoni meħmuża bħala Anness 3 għal din ir-riżoluzzjoni*, mal-Parlament Ewropew dwar il-kontroll demokratiku u l-koerenza ta' l-azzjonijiet esterni fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet Nru 4 u 5 tal-IIA tas-17 ta' Mejju 2006;
41. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippovdi lill-Parlament Ewropew bl-informazzjoni kollha meħtieġa relatata ma' l-istabbiliment tal-Fond Globali għall-Effiċjenza fl-Użu ta' l-Enerġija u għall-Enerġija li Tiġġedded (GEEREF) il-ġdid, b'mod partikulari l-mandati bil-miktub li ngħataw lill-Fond Ewropew għall-Investiment, sabiex il-Parlament Ewropew ikun jista' jevalwa l-implikazzjonijiet baġitarji u finanzjarji kollha ta' dan il-fond;
42. Jemmen li l-UE għandha tikkoordina aħjar id-diversi inizjattivi tagħha ta' min ifaħħarhom biex jiġi miġġieled u eradikat il-mard marbut mal-faqar fil-pajjiżi ġirien u dawk li qed jiżviluppaw; jipproponi li jiġu allokati risorsi baġitarji biżżejjed biex dawn il-pajjiżi jkunu pprovduti l-istrumenti meħtieġa ta' assistenza teknika; iddeċieda li joħloq linja baġitarja separata għall-Fond Globali għall-Ġlieda Kontra l-AIDS, it-Tuberkulożi u l-Malarja sabiex tiġi mtejba t-trasparenza u jkun iggarantit il-finanzjament meħtieġ kemm għall-Fond Globali u kemm għall-prijoritajiet l-oħrajn tas-saħħa;
43. Dwar l-intestatura 5, "Amministrazzjoni", jikkunsidra li linji ċari ta' responsabilità u kontabilità huma komponent essenzjali biex jitkompla l-proċess ta' l-immodernizzar ta' l-amministrazzjoni ta' l-UE; ifakkar li objettivi politiċi ċari u r-responsabilità individwali għat-tweġiq tagħhom f'paragun ma' indikaturi li għandhom jiġu stabbiliti meta d-data mid-diversi studji mitluba mill-Kumitat tiegħu għall-Baġits dwar is-suġġett tiġi mressqsa għandhom ikunu d-direzzjoni tar-riformi ġejjiena tas-sistema;

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

44. F'dan il-kuntest, jiddeplora l-inefficijenzi inerenti f'sistema ta' kompetizzjonijiet li tista' tħalli "kandidati approvati" jinfnew f'lista ta' riżerva għal bosta snin, bl-ebda garanzija li se jiġu offruti pożizzjoni; jidhirlu li ż-żamma ta' dan l-approċċ tista' tikkontribwixxi biex jonqos l-istandard medju ta' l-uffiċjali l-ġodda ta' l-UE minħabba li l-aħjar kandidati se jfittxu impjeg f'setturi aktar dinamiċi ta' l-ekonomija ta' l-UE; jitlob li jkun hemm impenn serju mill-Kummissjoni biex terġa' tħares lejn din il-kwistjoni fil-kuntest ta' ħidma ta' segwitu għall-eżerċizzju ta' s'tħarriġ u tipprovdi aktar tagħrif b'lista mqasma f'aktar dettall ta' l-istaff għal kull kategorija u skond id-Direttorat Ġenerali u l-evoluzzjoni prevista għas-snin li ġejjin;

45. Jerġa' jgħib kif kien l-abbozz preliminari tal-baġit fir-rigward tat-tnaqqis li sar mill-Kunsill fl-appropriazzjonijiet u fl-organigrammi fl-intestatura 5; jixtieq iżomm u jiżviluppa djalogu interistituzzjonali kostruttiv fir-rigward ta' l-isforzi kontinwi biex jittejbu l-prattiki amministrattivi fl-istituzzjonijiet ta' l-UE; jenfasizza l-importanza ta' reklutaġġ adegwat mill-Istati Membri tat-"12 ta' l-UE"; hu tal-fehma li, frabta mat-tkabbir, dokumenti ta' rilevanza għal diskussjonijiet u deċiżjonijiet, bħal m'huma, pereżempju, il-valutazzjonijiet ta' l-impatt, għandhom isiru disponibbli fil-lingwi kollha meħtieġa, peress li dawk id-dokumenti huma għodda għal leġiżlazzjoni aħjar; ifakkar f'dan ir-rigward li l-Kumitat tiegħu għall-Baġits illanċja, permezz ta' żewġ studji, proċess biex janalizza l-oġettivi tar-riforma amministrattiva tal-Kummissjoni, filwaqt li jiffoka fuq l-introduzzjoni ta' ABB u ABM, l-introduzzjoni taċ-ċiklu ta' ppjanar strateġiku u l-allokazzjoni tan-nefqa amministrattiva relatata;

46. Jitlob lill-Kummissjoni li timmoniterja l-impatt li jkollha fuq is-settur tal-proprietà immobbli l-implimentazzjoni tal-metodoloġija maħsuba biex ittejjeb il-proċeduri eżistenti meta tkun qed tiffirma kuntratti ta' bini u li tqabblu mas-sitwazzjoni kurrenti, li tkompli bl-isforzi tagħha biex tirrinforza l-koperazzjoni istituzzjonali f'din l-affari u li żżomm lill-Parlament infurmat b'mod regolari;

47. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar il-livelli ffissati ma' l-istaff f'organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bħala segwitu għar-rapport tagħha fuq l-ippjanar u l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi umani; barra minn hekk jistieden lill-Kummissjoni wkoll biex tippreżenta linji gwida biex ikun aġevolat il-finanzjament ta' l-infrastruttura pubblika skond il-ftehimiet bejn is-settur pubbliku u dak privat (PPP);

48. Dwar proġetti pilota, jipproponi firxa ta' proġetti innovattivi li jirrispondu għall-isfidi ta' politika li hemm bħalissa fl-UE;

49. Dwar azzjonijiet preparatorji, jipproponi firxa ta' inizjattivi li għandhom iwittu t-triq għal azzjonijiet ġejjiena li jsejdu l-kapaċità ta' l-Unjoni Ewropea li tittratta l-ħtiġijiet veri taċ-ċittadini tagħha;

### **Taqsimiet oħra tal-baġit 2008**

50. Jiġbed l-attenzjoni għall-Artikolu 29 ta' l-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew, li jgħid li kull Stat Membru jista' jadotta, għall-Membri li ġew eletti fih, regoli differenti mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istatut fir-rigward tas-salarju, l-allowance tranżizzjonali u l-pensjonijiet għal perjodu tranżizzjonali li m'għandux ikun itwal minn żewġ termini parlamentari tal-Parlament Ewropew; fid-dawl tad-dħul fis-seħħ ta' l-Istatut fil-bidu tal-mandat parlamentari ta' wara l-elezzjonijiet Ewropej ta' l-2009, jagħti mandat lill-Kwesturi biex jistiednu lill-Istati Membri biex jinfurmaw lill-Parlament fi żmien utli, u partikularment fil-ħin għat-fassil tat-tbassir baġitarju tiegħu għall-2009, dwar jekk għandhomx l-intenzjoni li jirrikorru għall-opzjonijiet provduti mill-Artikolu 29 u l-Artikolu 12(3) u (4) ta' l-Istatut imsemmi hawn fuq;

51. Ifakkar li l-ewwel qari tiegħu kien imsejjes fuq l-eżami tat-talbiet u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull istituzzjoni; kien konsegwentement jistenna li jilħaq pożizzjoni komuni mal-Kunsill meta jkun qed jiġi deċiż it-tieni qari tiegħu;

52. Jieħu nota tal-fatt li l-Kunsill approva uffiċjalment il-pożizzjoni tiegħu f'dak li jirrigwarda l-baġit tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew; jidhirlu madanakollu li l-istituzzjonijiet l-oħra għamlu proposti sostanzjali biex inaqqsu l-estimi tagħhom billi pprijoritizzaw it-talbiet tagħhom; jixtieq li jinkuraġġihom biex isegwu dan l-approċċ fil-ġejjieni u jiddeċiedi li jibqa' jżomm il-pożizzjoni oriġinali tiegħu li kien ħa fl-ewwel qari u b'dan il-mod jerġa' jgħib kif kien it-tnaqqis magħmul mill-Kunsill;



**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

53. Jinnota li minkejja sinjali mogħtija lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, it-tiġdid tal-ftehim ta' kooperazzjoni għadu mhux iffirmit; ifakkar li 10 % ta' l-appropriazzjonijiet tas-Servizz Konġunt huma mdaħħla fir-riserva sakemm isir it-tiġdid tal-ftehim li huwa mistenni li jseħħ sa mhux aktar tard minn Diċembru 2007; jidhirlu li governanza ġdida tista' tiġi mill-ftehim ta' kooperazzjoni l-ġdida li tista' tkun ta' ġid għaż-żewġ kumitati;

\*  
\*   \*

54. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit ġie finalment adottat u biex jirringa għall-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea;

55. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u l-Annessi lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti ta' l-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, u lill-korpi l-oħra kkonċernati.

---

#### ANNEX 1

#### ARRANĠAMENTI TA' ĦIDMA RRIVEDUTI DWAR AĠENZJI EŻEKUTTIVI

1. Skond l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jstabbilixxi l-istatut għall-aġenzji eżekuttivi li għandhom ikunu fdati b'ċerti kompiti fl-immaniġġjar ta' programmi Komunitarji u skond l-Artikolu 54 (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Kummissjoni għandha tiddikjara l-ħsieb tagħha li tistabbilixxi aġenzja eżekuttiva fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta tagħha għal att legali tal-programm innifsu.

2. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar it-twaqqif ta' Aġenzja Eżekuttiva ġdida, jew il-modifikazzjoni ta' l-ambitu u l-kompetenzi ta' Aġenzja Eżekuttiva eżistenti, fuq il-bażi ta' l-evalwazzjoni tagħha tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003.

3. Il-ħolqien ta' aġenzji eżekuttivi jista' jikkostitwixxi kontribuzzjoni għall-effiċjenza tal-metodi utilizzati mill-Kummissjoni biex timplimenta l-politiki u l-programmi ta' l-UE, iżda biss jekk dan il-metodu jirrispetta għal kollox il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja soda u t-trasparenza totali. Dan ifisser li tali aġenzji eżekuttivi ma jridux iwasslu, kemm issa kif ukoll fil-futur, għal żieda fis-sehem ta' l-ispiża amministrattiva. Għalhekk, irid ikun hemm konformità rigoruża mal-prinċipju ta' l-iffriżar ta' postijiet kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003, bħala riżultat ta' tali organizzazzjoni mill-ġdid tal-kompiti. Il-Kummissjoni għandha tressaq taġrif komplut u ddettaljat dwar il-livelli ta' provvedimenti ta' staff u l-utilizzazzjoni tagħhom sabiex l-awtorità baġitarja tkun tista' tevalwa jekk is-sehem ta' l-ispiża amministrattiva biex jiġi implimentat programm tassew ma jkunx żdied.

Kwalunkwe proposta għall-ħolqien ta' Aġenzja Eżekuttiva ġdida għandha tkun ibbażata fuq analiżi komprensiva tal-qligħ meta mqabbel man-nefqa. Il-linji ta' kontabilità u responsabilità għandhom jitpoġġew b'mod ċar fil-proposta.

4. L-awtorità baġitarja għandha tiġi mgħarrfa bir-riżultati ta' l-analiżi tal-qligħ meta mqabbel man-nefqa mill-inqas sitt ġimgħat qabel ma l-Kummissjoni tiegħu d-deċiżjoni finali li tistabbilixxi l-Aġenzja Eżekuttiva. Jekk jagħti l-każ li matul dan il-perjodu jitqajmu raġunijiet iġġustifikati kif jixraq minn xi waħda jew oħra mill-fergħat ta' l-awtorità baġitarja għat-twaqqif ta' l-Aġenzja Eżekuttiva, il-Kummissjoni se tirrevedi l-proposta tagħha.

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

5. Meta l-Kummissjoni tikkontempla li twaqqaf Aġenzija Eżekuttiva ġdida, jew li timmodifika l-ambitu u l-kompetenzi ta' Aġenzija Eżekuttiva eżistenti, hija tinforma lill-awtorità baġitarja skond il-proċedura baġitarja filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tat-trasparenza. Għandu jkun hemm rendikont finanzjarju speċifiku għall-Aġenzija Eżekuttiva. Huwa għandu jinkludi elementi kkwantifikati fejn il-Kummissjoni tiġġustifika r-raġunijiet għala jidhrilha li hu xieraq li titwaqqaf Aġenzija biex tgħin fl-implimentazzjoni tal-programm ikkonċernat.
6. L-awtorità baġitarja jrid ikollha fil-pussess tagħha l-informazzjoni meħtieġa kollha biex tgħinha tim-monitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja soda u t-trasparenza totali kemm bħalissa kif ukoll fil-ġejjieni. L-informazzjoni fir-rendikont finanzjarju speċifiku għall-aġenzija eżekuttiva għandha għalhekk tkopri:
- a. ir-riżorsi f'dawk li huma approprjazzjonijiet u staff meħtieġa biex titmexxa l-Aġenzija Eżekuttiva, binnefqa għall-istaff (uffiċjali ssekondati, staff temporanju rrekutat direttament mill-Aġenzija Eżekuttiva u staff b'kuntratt) u infiq amministrattiv ieħor analizzati b'mod dettaljat;
  - b. l-issekondar ipplanat ta' uffiċjali mill-Kummissjoni lill-Aġenzija Eżekuttiva;
  - c. riżorsi amministrattivi meħlusin billi jkunu trasferiti kompiti mid-dipartimenti tal-Kummissjoni lill-aġenzija eżekuttiva, u l-allokazzjoni mill-ġdid tar-riżorsi umani; b'mod partikulari n-numru ta' staff (inkluż staff estern) assenjat għal kull komputu rilevanti fi ħdan il-Kummissjoni, in-numru ta' dan l-istaff li għandu jkun ittrasferit lil Aġenzija Eżekuttiva proposta ġdida jew imkabbra, in-numru ta' postijiet tal-Kummissjoni li għandu jkun iffriżat bħala konsegwenza u n-numru ta' staff tal-Kummissjoni li għandu jkun propost li jkun imqassam mill-ġdid għal kompiti oħrajn;
  - d. it-tqassim mill-ġdid konsekuttiv fi ħdan l-organigramma tal-Kummissjoni;
  - e. l-impatt tal-ħolqien ta' l-Aġenzija skond l-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju plurijennali;
  - f. il-vantaġġi li kompiti implimentattivi jkunu delegati lil Aġenzija Eżekuttiva minflok il-ġestjoni diretta mis-servizzi tal-Kummissjoni: kwalunkwe tqabbil ta' xenarju ta' "Ġestjoni diretta mis-servizzi tal-Kummissjoni" ma' xenarju ta' "Aġenzija Eżekuttiva" għandu jkun ibbażat fuq ir-riżorsi użati biex il-programm(i) eżistenti jkun(u) implimentat(i) fil-forma preżenti tiegħu (tagħhom) sabiex ikun hemm bażi soda u fattwali għal tqabbil; għal programmi ġodda u li qed jespandu se tiġi kkunsidrata wkoll l-evoluzzjoni tal-pakkett finanzjarju relatat li se jkun immaniġġjat mill-Aġenzija Eżekuttiva;
  - g. abbozz ta' organigramma għal kull grad u għal kull kategorija kif ukoll stima b'bażi soda tan-numru ta' aġenti kuntrattwali pplanati u bbaġitjati proviżorjament;
  - h. analiżi fid-dettall ċara dwar l-atturi kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-programm inkluż is-sehem li jibqa' tal-pakkett tal-programm operazzjonali li huma responsabbli mill-implimentazzjoni tiegħu (Kummissjoni, Aġenziji Eżekuttivi, Uffiċċji ta' Għajnuna Teknika li jibqa', Stati Membri, aġenziji nazzjonali, eċċ.);
  - i. analiżi fid-dettall ċara ta' l-ispiża ġenerali totali ta' l-implimentazzjoni tal-programm Komunitarju li turi s-sehem għal kull attur involut (Kummissjoni, Aġenziji Eżekuttivi, aġenziji nazzjonali) u paragon ta' l-estimi ta' l-infiq kollu amministrattiv, ta' l-istaff u ta' l-infrastruttura marbut ma' l-implimentazzjoni tal-programm ikkonċernat u mħallsa mill-baġit ta' l-UE, tkun xi tkun l-intestatura tal-qafas finanzjarju, mas-sehem li jkun baqa' tal-pakkett tal-programm operazzjonali.
7. L-ispiża amministrattiva globali tal-programm inkluża l-ispiża interna u ta' mmaniġġjar għall-Aġenzija Eżekuttiva (Kapitolu 01) għandha tiġi eżaminata każ każ u skond il-kompiti stabbiliti fil-programm ikkonċernat.

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

8. Il-Kummissjoni tipproponi, bħala parti mill-proċedura annwali tal-baġit, is-sussidju annwali għall-baġit operazzjonali ta' l-Aġenzija. Dan is-sussidju jiddaħħal fil-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. Il-punt fil-baġit jista' jkun akkumpanjat minn rimarki baġitarji, bħal m'huma referenzi ta' l-att bażiku u kull spjegazzjoni xierqa rigward in-natura u l-għan ta' l-approprijazzjonijiet skond l-Artikolu 29 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

F'konformità ma' l-Artikolu 12, il-paragrafu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003, l-organigramma ta' l-Aġenzija Eżekuttiva matul is-sena finanzjarja kkonċernata għandha tkun approvata mill-awtorità baġitarja u ppubblikata f'anness għat-Taqsima III — Kummissjoni — tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea flimkien ma' stima tan-numru ta' aġenti kuntrattwali pplanati u li jkun hemm baġit proviżorju maħsub għalihom għas-sena finanzjarja kkonċernata.

9. Il-Kummissjoni tindika l-previżjonijiet tagħha (APS, PDB) b'mod regolari għal Aġenziji Eżekuttivi ġodda.

10. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-awtorità baġitarja abbozz tal-baġit operazzjonali u rapport annwali ta' l-attività ta' l-Aġenzija Eżekuttiva kif ukoll rapport ta' evalwazzjoni wara 3 snin.

11. Dawn l-arranġamenti ta' ħidma ma jstgħu bl-ebda mod jaffettwaw il-poteri eżekuttivi tal-Kummissjoni, kif stabbilit b'mod partikulari fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 58/2003 tal-Kunsill. Huma ma jstgħux jiġġudikaw minn qabel il-kompetenza tal-Kummissjoni biex tevalwa l-opportunità li toħloq aġenzija eżekuttiva u biex tadotta d-deċiżjonijiet rilevanti skond ir-rekwiżiti proċedurali. Id-deċiżjoni finali dwar il-provediment ta' staff tibqa' kwistjoni li taqa' fuq l-awtorità baġitarja.

---

ANNEX 2

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR IL-FINANZJAMENT TAL-PROGRAMMI EWROPEJ GNSS (EGNOS-GALILEO) U DWAR IL-FINANZJAMENT TA' L-ISTITUT EWROPEW TAT-TEKNOLOĠIJA

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill

- wara li haġu nota tal-proposta magħmula mill-Kummissjoni<sup>(1)</sup> biex tkun emendata l-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 fir-rigward tal-Qafas Finanzjarju Purijennali sabiex ikun ipprovdut il-finanzjament pubbliku addizzjonali meħtieġ għall-programmi Ewropej GNSS (EUR 2 400 miljun) u għall-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (EUR 309 miljun);
- jikkonfermaw li l-ammont totali stmat għal Kapaċità Operazzjonali Sħiħa tal-proġett GNSS Galileo hu EUR 3 400 miljun għall-perjodu 2007-2013;
- jiddikjaraw li dan l-ammont m'għandux jinqabeż sakemm idum il-qafas finanzjarju 2007-2013.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jipprovdu dan il-finanzjament permezz ta' reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Plurijennali 2007-2013 f'konformità mal-Punti 21, 22 u 23 tal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, kif ġej:

- EUR 400 miljun se jsiru disponibbli fi ħdan l-attivitajiet ta' riċerka relatati mat-trasport ifffinanzjati taħt is-7 Programm ta' Qafas għar-Riċerka;

<sup>(1)</sup> COM(2007)0549, 4.10.2007.

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

- EUR 200 miljun se jitqassmu mill-ġdid fis-sotto-Intestatura 1a fuq il-bażi li ġejja:

(EUR miljun)

| Linja    | Definizzjoni  | 2009-2013    |
|----------|---|--------------|
| 02 03 04 | Standardizzar u approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni  | 28,0         |
| 08 20    | Euratom   | 50,0         |
| 08 21    |   |              |
| 26 02 01 | Proċeduri għall-għoti u r-rikamar ta' forniment pubbliku, kuntratti ta' xogħol u servizzi                             | 46,0         |
| 26 03 01 | Servizzi elettroniċi eGovernment pan-Ewropej għall-amministrazzjoni pubblika, l-intra-<br>priżi u ċ-ċittadini (IDAbc) | 15,9         |
| 31 02 01 | Taħriġ għall-Interpreti tal-Konferenzi għall-Ewropa "CITE"  | 10,1         |
|          | Aġenziji deċentralizzati (tnaqis lineari)   | 50,0         |
|          | <b>TOTAL</b>  | <b>200,0</b> |

- EUR 300 miljun se jsiru disponibbli mill-marġni disponibbli taħt is-sotto-Intestatura 1a għas-snin 2008-2013.
- Il-limiti massimi għall-approprijazzjonijiet għal impenji taħt is-sotto-Intestatura 1a għas-snin mill-2008 sa l-2013 se jiżiedu b'ammont ta' EUR 1 600 miljun. Din iż-żieda se tiġi kkompensata billi jitnaqqas il-limitu massimu għall-approprijazzjonijiet għal impenji taħt l-Intestatura 2 għas-sena 2007 bl-istess ammont.
- Il-limitu massimu għall-approprijazzjonijiet għal ħlasijiet totali se jkun aġġustat biex tinżamm relazzjoni xierqa bejn l-impenji u l-ħlasijiet. L-aġġustament se jkun newtrali.
- Ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju se jkun formalizzat minn Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda fir-rigward tal-Qafas Finanzjarju Plurijennali.
- It-tqassim mill-ġdid miftiehem fis-sotto-Intestatura 1a se jkun inkorporat mill-Kummissjoni fl-ipprogrammar finanzjarju sa Jannar 2008.

L-impatt ta' dan ta' hawn fuq għall-baġit tas-sena 2008 se jkun kif ġej:

- Galileo:
- c/a: EUR 940 miljun (EUR 151 miljun diġà inklużi fl-abbozz preliminari tal-baġit 2008), li minn-hom EUR 50 miljun minn attivitajiet ta' riċerka relatati mat-trasport flimkien ma' mobilizzazzjoni ta' l-Istrument ta' Flessibilità għal dan il-għan għal ammont ta' EUR 200 miljun;
  - p/a: EUR 300 miljun (EUR 100 miljun diġà inklużi fl-abbozz preliminari tal-baġit 2008).
- EIT:
- c/a: EUR 2.9 miljun;
  - p/a: EUR 2.9 miljun.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni:

- jaffermaw li l-użu tar-reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju u l-użu ta' fondi mill-marġni tas-sena ta' qabel huma miżura eċċezzjonali u bl-ebda mod ma huma se joħolqu preċedent għal revizzjonijiet futuri;
- jaffermaw il-prinċipju ta' l-impenn għal kompetizzjoni b'saħħitha u ġusta fil-programm biex jgħin ħalli jkun żgurati l-kontroll ta' l-ispejjeż, il-mitigazzjoni tar-riskju minn forniment wieħed, il-valur għall-flus u effiċjenza mtejba. Il-pakketti kollha ta' ħidma għal Galileo għandhom ikunu miftuħa għall-ikbar kompetizzjoni possibbli, skond il-prinċipji ta' l-akkwisti ta' l-UE, u biex ikun żgurati li l-akkwisti fi programmi spazjali jkun miftuħa b'mod iktar wiesa' għal parteċipanti ġodda u għal SMEs. Dan għandu jkun bla ħsara għad-dettalji elaborati fil-Kunsill tat-Trasport;

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

- jaffermaw li kwalunkwe talba oħra fuq ir-riżorsi rigward Galileo tista' biss tiġi kkunsidrata jekk tkun tista' tiġi milqugħa fil-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Plurijennali miftiehem u mingħajr ma jerġa' jkun hemm użu tal-Punti 21-23 tal-Ftehma Interstituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda.

Il-Kummissjoni tikkonferma li:

- il-marġni għall-agrikoltura (Intestatura 2) fl-2007, disponibbli wara l-għeluq tas-sena finanzjarja agrikola u wara l-adozzjoni tal-Baġit ta' Emenda Nru 7/2007, hu suffiċjenti biex ikun kopert il-finanzjament addizzjonali minn dik l-Intestatura meħtieġ għal Galileo. Għalhekk, ir-reviżjoni mhix se jkollha impatt fuq il-limiti massimi tal-qafas finanzjarju għall-agrikoltura jew fuq il-provediment tal-baġit għall-agrikoltura, inklużi ħlasijiet diretti, fis-snin li ġejjin;
- l-użu ta' kwalunkwe marġni ta' l-agrikoltura (Intestatura 2) fl-2007 mhux preċedent għas-snin li ġejjin.

---

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR TRASFERIMENT TA' APPROPJAZZJONIJET NRU DEC50/2007**

"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni:

- itennu l-importanza tal-programm Galileo bħala prijorità għall-Unjoni Ewropea;
- jirrikonoxxu li l-ammont inizjalment allokat għal Galileo fl-2007 (EUR 100 miljun) mhux se jintuża, sakemm ikun hemm inċertezza dwar l-adozzjoni tal-bażi legali qabel tmiem din is-sena, li tagħmilha impossibbli li jkun hemm użu ta' trasferimenti, kif stipulat fl-Artikolu 9 tar-Regolament Finanzjarju;
- jaqblu li, sabiex jiġu mħarsa l-fondi li diġà huma mdaħħla fil-baġit 2007 għal Galileo u fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni fil-31 ta' Ottubru 2007, filwaqt li jiġu kkunsidrati ċ-ċirkustanzi mhux previsti u bla ħsara għall-prinċipju ta' l-annwalità, l-ammont ta' EUR 100 miljun se jkun trasferit b'mod temporanju, bl-intenzjoni li dawn l-appropriazzjonijiet jingħataw lura lill-programm Galileo fl-2009.
- jilqgħu b'sodisfazzjon għalhekk l-impenn tal-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal trasferiment ta' ammont ekwivalenti ta' EUR 100 miljun lura lill-programm Galileo fl-2009, f'konformità sħiħa ma' l-allokazzjonijiet finanzjarji plurijennali."

---

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR IMPRIŻI KONĠUNTI**

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill irrikonoxxew il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-Impriżi Konġunti ARTEMIS, Sema Nadif, ENIAC u IMI, li ġejjin mis-7 Programm ta' Qafas (EUR 2 666 miljun għall-perjodu 2008-2013 bħala massimu) kif proposta mill-Kummissjoni bl-ammont li jikkorrispondi għall-perjodu attwali tal-Qafas Finanzjarju Plurijennali previst fl-iprogrammar finanzjarju.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jinnutaw, iżda, li kwalunkwe finanzjament futur ta' l-Impriżi Konġunti ARTEMIS, Sema Nadif, ENIAC u IMI se jkun parti mid-diskussjonijiet fil-qafas finanzjarju li jmiss u li ma jista' jsir l-ebda impenn finanzjarju għaż-żmien wara l-2013."

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR IL-PROCĊEDURA BIEK TIĠI IMPLIMENTATA L-FTEHIMA LI  
NTLAĦQET FIT-23 TA' NOVEMBRU 2007

"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-ftehim globali li ntlaħqet fil-Konċiljazzjoni tat-23 ta' Novembru 2007 se tkun implimentata biss jekk ikun hemm qbil dwar il-bażi legali ta' Galileo.

Fil-każ li l-ftehim ma tkunx fil-ħin biex tiġi kkunsidrata mill-Parlament Ewropew fis-Sessjoni Plenarja ta' Diċembru, il-Parlament Ewropew se jivvota t-tieni qari fis-Sessjoni Plenarja fir-rispett sħiħ tal-limiti massimi stabbiliti mill-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom għal proċedura mgħaġġla biex il-ftehim tkun inkorporata fil-baġit 2008 fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni kmieni kemm jista' jkun fl-2008."

## ANNEX 3

DIKJARAZZJONI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIKJARAZZJONIJIET 4 U 5 DWAR ID-DJALOGU  
POLITIKU REGOLARI DWAR L-ISKRUTINJU DEMOKRATIKU U L-KOERENZA TA' AZZJONIJIET ESTERNI

Il-Parlament u l-Kummissjoni jaqblu li d-djalogu politiku regolari msemmi fid-dikjarazzjonijiet 4 u 5 tal-Ftehim Interistituzzjonali għandu jsir mill-inqas kull sena u sa tliet darbiet kull sena.

Il-parteciċipazzjoni f'dawn il-laqgħat għandha tkun kif ġej:

- iċ-Chairperson u l-Membri tal-kumitati rilevanti (AFET/DEVE/BUDG)
- Il-Kummissarju kompetenti

P6\_TA(2007)0617

**Ftehim KE/Montenegro: Il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni \*\*\***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, minn naħa l-oħra (COM(2007)0350 — C6-0463/2007 — 2007/0123(AVC))**

(Proċedura ta' kunsens)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni (COM(2007)0350),
- wara li kkunsidra t-talba għal kunsens ippreżentata mill-Kunsill skond l-Artikolu 300(3), it-tieni subparagrafu, flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza u l-Artikolu 310 tat-Trattat tal-KE (C6-0463/2007),

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

- wara li kkunsidra l-Artikoli 75 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċeduri tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0498/2007),
1. Jagħti l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u l-Montenegro.

---

**P6\_TA(2007)0618**

**Kooperazzjoni bejn l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kunsill ta' l-Ewropa \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kunsill ta' l-Ewropa dwar kooperazzjoni bejn l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kunsill ta' l-Ewropa (COM(2007)0478 — C6-0311/2007 — 2007/0173(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0478),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 308 flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu tat-Trattat KE,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu tat-Trattat KE, skond liema l-Kunsill ikkonsulta mal-Parlament (C6-0311/2007),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0443/2007),
1. Japprova l-konklużjoni tal-Ftehim;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Kunsill ta' l-Ewropa u lill-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

P6\_TA(2007)0619

**Data ta' introduzzjoni għall-identifikazzjoni elettronika ta' l-annimali ovini u kaprini \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 21/2004 fir-rigward tad-data ta' introduzzjoni għall-identifikazzjoni elettronika ta' l-annimali ovini u kaprini (COM(2007)0710 — C6-0448/2007 — 2007/0244(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0710),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, li b'konformità miegħu l-Kunsill ikkonsulta mal-Parlament (C6-0448/2007),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (A6-0501/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
  3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 6

PREMESSA 5 A (*ġdida*)

*(5a) Il-Kummissjoni għandha tistħarreġ, fil-qafas tal-Verifika tas-Saħħa tar-Riforma tal-CAP, il-possibilità li l-bdiewa jiġu meħjuna biex ilaħħqu ma' l-ispejjeż kbar biex jixtru t-tagħmir meħtieġ, billi tinħoloq il-possibilità li l-Istati Membri jdaħħlu miżuri bħal dawn fil-programmi tagħhom għall-iżvilupp rurali.*



Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
MILL-PARLAMENT

Emenda 1

ARTIKOLU 1, PUNT 1

Artikolu 9, paragrafu 3, subparagrafu 1 (Regolament (KE) Nru 21/2004)

3. **Mid-data li trid tiġi stabbilita skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2)**, l-identifikazzjoni elettronika skond il-linji gwida msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Taqsima A ta' l-Anness, għandha tkun obbligatorja għall-annimali kollha li twieldu wara din id-data. **Din id-data:**

- (a) **għandha tiġi stabbilita abbażi tal-valutazzjoni ta' l-implikazzjonijiet tekniċi, ta' l-ispejjeż u ta' l-impatt ġenerali ta' l-użu ta' l-identifikazzjoni elettronika;**
- (b) **għandha tiġi stabbilita mhux aktar tard minn 12-il xahar qabel id-data li fiha l-użu ta' l-identifikazzjoni elettronika jsir obbligatorju.**

3. **Mill-31 ta' Diċembru 2009**, identifikazzjoni elettronika skond il-linji gwida msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Taqsima A ta' l-Anness, għandha tkun obbligatorja għall-annimali kollha li twieldu wara din id-data.

Emenda 2

ARTIKOLU 1, PUNT 2 A (ĠDID)

Artikolu 9 paragrafu 4 a (ġdid) (Regolament (KE) Nru 21/2004)

(2a) **Fl-Artikolu 9, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:**

**“4a. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2009 dwar il-ġustifikazzjoni għal sistemi individwali ta' identifikazzjoni elettronika, u sistemi oħra ta' traċċabilità għall-kontroll tal-mard u dwar kif sistemi bħal dawn għandhom mnejn jiġu simplifikati iktar għall-bdiewa u għall-awtoritajiet amministrattivi. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat bi proposti leġiżlattivi xierqa.”**

P6\_TA(2007)0620

## Il-kompetenza u l-kooperazzjoni fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment \*

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-kompetenza, il-liġi applikabbli, l-għarfien u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment (COM(2005)0649 — C6-0079/2006 — 2005/0259(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2005)0649),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 61(c) u l-Artikolu 67(2) tat-Trattat KE, skond liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0079/2006),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

- wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 35 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0468/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta tagħha f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
  3. Jistieden lill-Kunsill għarraf lill-Parlament jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENTEmenda 1  
Ċitazzjoni 1

wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u *notevolmente* l-Artikolu 61, il-punt c) tiegħu **u l-Artikolu 67, il-paragrafu 2,**

wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u *b'mod partikolari* l-Artikolu 61, il-punt (c) tiegħu,

Emenda 2  
Ċitazzjoni 3

**wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,**

**imħassra**

Emenda 3  
Ċitazzjoni 4 a (għida)

**Filwaqt li jagħxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat,**

Emenda 4  
Premessa 9

(9) *L-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament irid* jestendi għall-obbligi ta' manteniment kollha li ġejjin **mir-relazzjonijiet ta' familja** jew mir-relazzjonijiet li għandhom effetti *simili*, u dan, sabiex jiżgura ugwaljanza ta' trattament bejn il-kredituri ta' manteniment kollha.

(9) *Il-kamp ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu* jestendi għall-obbligi ta' manteniment kollha li ġejjin **minn relazzjoni ta' familja, nisel, żwieġ jew affinità** jew mir-relazzjonijiet li għandhom effetti *komparabbli skond il-liġi nazzjonali applikabbli*, u dan, sabiex jiżgura ugwaljanza ta' trattament bejn il-kredituri ta' manteniment. **Tali obbligi għandhom jinftehemu fl-iktar sens wiesa' possibbli li jkopru, b'mod partikolari, l-ordnijiet kollha marbuta ma' ħlasijiet perjoċiċi, ħlasijiet ta' somom f'daqqa, trasferiment tas-sjeda ta' proprjetà u aġġustamenti tal-proprjetà, imfassla fuq il-bażi tal-bżonnijiet u tar-riżorsi rispettivi tal-partijiet u li jkunu ta' manteniment fin-natura tagħhom.**

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 5

Premessa 10

(10) Ir-regoli relatati mal-kompetenza internazzjonali huma xi ftit differenti minn dawk attwalment applikabbli, bħal dawk li jirriżultaw mir-Regolament (KE) Nru 44/2001. Sabiex jiżguraw mill-aħjar il-ħarsien ta' l-interessi tal-kredituri ta' manteniment u biex jiffavorixxu amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja fi ħdan l-Unjoni Ewropea, dawn ir-regoli jridu jiġu ċċarati u jkopru minn issa 'l quddiem l-ipoteżi kollha li fihom jeżisti rapport suffiċjenti bejn is-sitwazzjoni tal-partijiet u Stat Membru. **Ir-residenza abitwali tal-konvenut fi Stat mhux membru ta' l-Unjoni Ewropea ma tistax tkun aktar kawża ta' esklużjoni tan-normi Komunitarji u ma jista' jkun hemm l-ebda ħsieb li ssir referenza għal-liġi nazzjonali.**

Ir-regoli relatati mal-kompetenza internazzjonali huma xi ftit differenti minn dawk attwalment applikabbli, bħal dawk li jirriżultaw mir-Regolament (KE) Nru 44/2001. Sabiex jiżguraw mill-aħjar il-ħarsien ta' l-interessi tal-kredituri ta' manteniment u biex jiffavorixxu amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja fi ħdan l-Unjoni Ewropea, dawn ir-regoli jridu jiġu ċċarati u jkopru minn issa 'l quddiem l-ipoteżi kollha li fihom jeżisti rapport suffiċjenti bejn is-sitwazzjoni tal-partijiet u Stat Membru.

Emenda 6

Premessa 11

(11) Il-partijiet iridu jkunu jistgħu jagħżlu bi qbil komuni l-qorti kompetenti, ħlief meta hemm involuti l-obbligi ta' manteniment fir-rigward tat-tfal minuri, biex ikun assigurat il-ħarsien tal-*"parti dgħajfa"*.

(11) Il-partijiet *għandhom ikunu* jistgħu jagħżlu bi qbil komuni l-qorti kompetenti, ħlief meta hemm involuti l-obbligi ta' manteniment fir-rigward tat-tfal minuri **jew ta' adult li jkollu nuqqas ta' kapaċità legali**, biex ikun assigurat il-ħarsien tal-*"parti iktar dgħajfa"*.

Emenda 7

Premessa 14

(14) Il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur ta' manteniment **trid tipprevali**, bħal fl-istrumenti internazzjonali eżistenti, **iżda** l-liġi tal-qorti **trid tiġi fit-tieni post, billi din ta' spiss tippermetti, f'dan il-qasam partikulari, li tirregola t-tilwim** b'mod aktar sempliċi, aktar malajr u b'inqas spejjeż.

(14) Il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur ta' manteniment **għandha tkun dominanti**, bħal fl-istrumenti internazzjonali eżistenti, **għalkemm** il-liġi tal-qorti **tista' tiġi applikata anke fejn ma tkunx il-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur, liema liġi tippermetti li tilwim f'dan il-qasam jissolva b'mod ġust**, b'mod aktar sempliċi, aktar malajr u b'inqas spejjeż **u ma jkun hemm l-ebda evidenza ta' "forum shopping"**.

Emenda 8

Premessa 15

(15) Meta **l-ebda miż-żewġ liġijiet imsemmija hawn fuq ma jippermettu** lill-kreditur biex jikseb il-mantenimenti mid-debitur, irid ikun possibbli li tiġi applikata l-liġi ta' pajjiż ieħor li miegħu l-obbligu ta' manteniment għandu **rabtiet** stretti. **Jista' jkun**, b'mod partikulari, **iżda mhux waħdu, il-pajjiż ta' nazzjonalità komuni tal-partijiet.**

(15) Meta **l-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur ta' manteniment jew il-liġi tal-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ ma tippermettix** lill-kreditur **ta' manteniment** biex jikseb il-mantenimenti mid-debitur **jew fejn ma jkunx ġust jew xieraq li tiġi applikata dik il-liġi**, irid ikun possibbli li tiġi applikata l-liġi ta' pajjiż ieħor li miegħu l-obbligu ta' manteniment għandu **konnessjonijiet** stretti, b'mod partikulari, **iżda mhux esklussivament, dik tal-pajjiż ta' nazzjonalità komuni tal-partijiet.**

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 9

Premessa 16

(16) Il-partijiet iridu jkunu **awtorizzati**, taħt ċerti kundizzjonijiet, biex jagħżlu l-liġi applikabbli. B'hekk huma jkunu jistgħu jagħżlu l-liġi tal-qorti għall-ħtiġijiet ta' proċedura. Barra minn hekk, iridu jkunu jistgħu jiftiehm u mil-liġi applikabbli permezz ta' ftehimiet preliminari fuq kull tilwima, iżda unikament meta jkunu obbligi ta' manteniment ħlief dawk li huma dovuti lil tfal jew lil adulti vulnerabbli; barra minn hekk, l-għażla tagħhom trid tkun limitata għall-ispeċifikar ta' ċerti liġijiet biss.

(16) Il-partijiet għandhom ikunu **permessi**, taħt ċerti kundizzjonijiet, li jagħżlu l-liġi applikabbli. B'hekk huma jkunu jistgħu jagħżlu l-liġi tal-qorti għall-ħtiġijiet ta' proċedura. Barra minn hekk, iridu jkunu jistgħu jiftiehm u dwar il-liġi applikabbli permezz ta' ftehimiet preliminari fuq kull tilwima, iżda unikament meta jkunu obbligi ta' manteniment ħlief dawk li huma dovuti lil tfal jew lil adulti vulnerabbli; barra minn hekk, l-għażla tagħhom trid tkun limitata għall-ispeċifikar ta' ċerti liġijiet biss. **Il-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ trid tkun sodisfatta li jkun sar qbil dwar kull għażla ta' liġi applikabbli wara li jkun ittieħed parir legali indipendenti. Il-qbil kollu dwar l-għażla tal-liġi għandu jkun bil-miktub.**

Emenda 10

Premessa 17

(17) **Id-debitur irid ikun imhars mill-applikazzjoni tal-liġi speċifikata fl-ipoteżi fejn ir-relazzjoni tal-familja li tiġġustifika l-kisba ta' mantenimenti m'hijiex ikkunsidrata unanimament kif kien jistħoqq li tkun privileġġjata. Dan jista' jkun il-każ notevolment tar-relazzjonijiet bejn qraba kollaterali jew ta' parentela, ta' l-obbligi ta' manteniment għal dixxendenti fir-rigward ta' l-axxendenti tagħhom, jew tas-sosteniment tad-dmir ta' għajnuna wara t-taħlil taż-żwieġ.**

imharsra

Emenda 11

Premessa 18 a (ġdida)

(18a) **Kategoriji speċjali ta' data dwar oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, adeżjoni ma' partit politiku jew trade union, orjentazzjoni sesswali jew saħħa għandhom jiġu pproċessati biss jekk ikun assolutament neċessarju u b'mod proporzjonali għall-iskop ta' każ speċifiku u f'konformità ma' salvagwardji speċifiċi.**

Emenda 12

Premessa 19

(19) Ladarba tittieħed fi Stat Membru, deċiżjoni fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment trid tkun tista' tiġi attwata malajr u b'mod effikaċi fi kwalunkwe Stat Membru ieħor. Il-kredituri ta' manteniment, partikularment, iridu jibbenefikaw mill-ġbid ta' flus direttament mis-salarji jew il-kontijiet tal-bank tad-debituri.

(19) **L-għan ta' dan ir-Regolament hu li jiġu introdotti proċeduri li jipproduċu riżultati u li jkunu aċċessibbli, fil-pront, effiċjenti, effettivi f'sens ta' nfiq, xierqa u ġusti.** Ladarba tittieħed fi Stat Membru, deċiżjoni fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment trid tkun tista' tiġi attwata malajr u b'mod effikaċi fi kwalunkwe Stat Membru ieħor. Il-kredituri ta' manteniment, partikularment, għandhom jibbenefikaw mill-ġbid ta' flus direttament mis-salarji jew il-kontijiet tal-bank tad-debituri. **Mezzi ġodda u effettivi ta' infurzar ta' deċiżjonijiet ta' manteniment għandhom jiġu mħeġġa.**

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 13

Premessa 22

(22) Ir-Regolament preżenti jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti notevolment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. B'mod partikulari, jimmira li jiżgura r-rispett sħiħ tal-ħajja privata u tal-familja, il-ħarsien tal-fatti personali, ir-rispett tad-drittijiet tat-tfal u l-garanziji ta' rikors effettiv quddiem qorti *independenti* u imparzjali, konformi ma' l-Artikoli 7, 8, 24, u 47 tal-Karta.

(22) Ir-Regolament preżenti jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti notevolment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. B'mod partikulari, jimmira li jiżgura r-rispett sħiħ tal-ħajja privata u tal-familja, il-ħarsien tal-fatti personali, ir-rispett tad-drittijiet tat-tfal u l-garanziji ta' rikors effettiv quddiem qorti *independenti* u imparzjali, konformi ma' l-Artikoli 7, 8, 24, u 47 tal-Karta. **Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu kkunsidrati l-Artikoli 3 u 27 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal ta' l-20 ta' Novembru 1989, li jis-supulaw li:**

- *fl-azzjonijiet kollha rigward tfal, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu konsiderazzjoni primarja,*
- *it-tfal kollha għandu jkollhom id-dritt għal livell ta' għajxien adegwat għall-iżvilupp fiżiku, mentali, spiritwali, morali u soċjali tagħhom,*
- *il-ġenitur(i) jew oħrajn responsabbli mit-tfal għandhom ir-responsabilità primarja li jiżguraw, fil-limitu ta' l-abilitajiet u tal-kapaċitajiet finanzjarji tagħhom, il-kundizzjonijiet ta' għajxien neċessarji għall-iżvilupp tat-tfal, u*
- *l-Istati għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa, inkluż il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, biex jiżguraw l-irkupru ta' manteniment għat-tfal mill-ġenitur(i) jew persuni oħra responsabbli, b'mod partikulari fejn dawn il-persuni jgħixu fi Stat differenti minn dak tat-tfal.*

Emenda 14

Premessa 23

(23) **B'konformità ma' l-artikolu 2, tad-Deċiżjoni 1999/468/KE tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-modi ta' l-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' infurzar mogħtija lill-Kummissjoni<sup>(1)</sup>, ikun xieraq li l-miżuri meħtieġa biex jitwettaq dan ir-Regolament preżenti ikunu stabbiliti skond il-proċedura konsultattiva stipulata fl-artikolu 3 tad-Deċiżjoni msemmija.**

(23) **Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati f'konformità ma' Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċitar tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni<sup>(1)</sup>.**

<sup>(1)</sup> ĠU L 184 tas-17.7.1999, p. 23.

<sup>(1)</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. **Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).**

Emenda 15

Premessa 24

(24) Ir-Regolament preżenti jieħu post l-istrumenti tal-Komunità adottati qabel u jkopri l-istess tema. Barra minn hekk, **irid ikollu prijorità fuq l-istrumenti internazzjonali l-oħrajn applikabbli fil-qasam bejn l-Istati Membri, sabiex jgħaqqad u jissimplifika n-normi ġuridiċi li hemm fis-seħħ.**

(24) Ir-Regolament preżenti jieħu post l-istrumenti tal-Komunità adottati qabel u jkopri l-istess tema. Barra minn hekk, **għandu jkollu prijorità fuq l-istrumenti internazzjonali l-oħrajn applikabbli fil-qasam bejn l-Istati Membri, sabiex jgħaqqad u jissimplifika n-normi ġuridiċi li hemm fis-seħħ. Hu għandu jikkunsidra l-Konvenzjoni ta' L-Aja dwar l-Irkupru Internazzjonali ta' l-Appoġġ għat-Tfal u Forom Oħra ta' Manteniment tal-Familja.**

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

## Emenda 16

Artikolu 1, paragrafu 1

1. Ir-Regolament preżenti japplika għall-obbligi ta' manteniment li ġejjin **mir-relazzjonijiet** tal-familja jew mir-relazzjonijiet li, skond il-liġi li tapplika għalihom, għandhom effetti simili.

1. Ir-Regolament preżenti japplika għall-obbligi ta' manteniment li ġejjin **minn relazzjoni** tal-familja, **nisel, żwieġ jew affinità** jew mir-relazzjonijiet li, skond il-liġi li tapplika għalihom, għandhom effetti simili.

## Emenda 17

Artikolu 2, punt (-1) (ġdid)

(-1) “**obbligu ta' manteniment**” għandu jfisser dmir stabbilit mil-liġi –inkluż f'każijiet fejn il-kobor ta' l-obbligu u l-mod kif wieħed ikun konformi miegħu jkunu stabbiliti minn deċiżjoni ta' Qorti jew minn kuntratt — li tkun provduta kwalunkwe forma ta' manteniment jew għall-anqas mezz ta' għajxien fir-rigward ta' persuna li attwalment jew fil-passat kienet marbuta b'relazzjoni ta' familja mad-debitur. Tali obbligi għandhom jinftiehem fl-iktar sens wiesa' possibbli li jkopru, b'mod partikulari, l-ordnijiet, id-deċiżjonijiet jew id-digrieti kollha ta' qorti kompetenti marbuta ma' ħlasijiet perjodiċi, ħlasijiet ta' somom f'daqqa, trasferiment tas-sjeda ta' proprjetà u aġġustamenti tal-proprjetà, imfassla fuq il-bażi tal-bżonnijiet u tar-riżorsi rispettivi tal-partijiet u li jkunu ta' manteniment fin-natura tagħhom.

## Emenda 18

Artikolu 2, punt 2

(2) **imhallel' tfisser l-imhallel jew il-funzjonarju ta' kompetenzi ugwali għal dawk ta' l-imhallel fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment;** **imħassar**

## Emenda 19

Artikolu 2, punt 9

(9) “debitur” tfisser kull individwu li għandu jagħti mantenimenti jew lil min qiegħda ssir talba għal mantenimenti.

(9) “debitur” tfisser kull persuna fiżika li għandha tagħti mantenimenti jew lil min qiegħda ssir talba għal mantenimenti **jew entità pubblika li ħadet f'idejha l-obbligu tad-debitur biex imantni lill-kreditur,**

## Emenda 20

Artikolu 2, punt (9 a) (ġdid)

(9a) “**azzjoni relatata ma' l-istat ta' persuni**” għandu jfisser kwalunkwe proċedura relatata ma' divorzju, separazzjoni legali, annullament taż-żwieġ jew affiljazzjoni.

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 21

Artikolu 2 a (ġdid)

**Artikolu 2a**

**Applikazzjoni għal entitajiet pubbliċi**

1. **Suġġett għall-paragrafi 2 u 3, dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal entità pubblika li tfittex ir-rimborż tal-benefiċċji tal-manteniment li tkun ħallset minflok id-debitur, sakemm il-liġi li tkun suġġetta għaliha tipprovdi għal rimborż bħal dan.**
2. **L-Artikolu 3(b), (c) u (d) u l-Artikolu 6 m'għandhomx japplikaw għall-proċeduri mressqa minn entità pubblika.**
3. **Entità pubblika li tfittex l-infurzar ta' deċiżjoni għandha tissottometti, flimkien ma' l-applikazzjoni skond il-Kapitolu VIII, kwalunkwe dokument neċessarju biex tipprova li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 u li l-benefiċċji jkunu ġew ipprovduti lill-kreditur.**

Emenda 22

Artikolu 3, punt (c)

- |  |   |
|--|---|
| <p>c) il-qorti kompetenti biex tkun taf dwar azzjoni relatata ma' l-istat ta' persuni meta t-talba relatata ma' l-obbligu ta' manteniment tkun aċċessorja ta' din l-azzjoni, <b>ħlief jekk din il-kompetenza tkun ibbażata unikament fuq in-nazzjonalità ta' waħda mill-partijiet,</b></p> | <p>c) il-qorti kompetenti biex tikkunsidra talbiet għal proċeduri li jikkonċernaw l-istat ta' persuni jekk il-kwistjoni relatata mal-manteniment tkun aċċessorja ta' din l-azzjoni,</p> |
|--|---|

Emenda 23

Artikolu 3, punt (d)

- |   |  |
|---|--|
| <p>d) il-qorti kompetenti biex tkun taf dwar azzjoni relatata mar-responsabbiltà tal-ġenituri, fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003, meta t-talba li għandha x'taqsam ma' l-obbligu ta' manteniment hija aċċessorja għal din l-azzjoni.</p> | <p>d) il-qorti kompetenti biex tkun taf dwar azzjoni relatata mar-responsabbiltà tal-ġenituri, fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003, meta t-talba li għandha x'taqsam ma' l-obbligu ta' manteniment hija aċċessorja għal din l-azzjoni <b>u proċeduri ta' responsabbiltà tal-ġenituri jkunu diġà pendenti quddiem dik il-qorti jew jitressqu quddiem dik il-qorti fl-istess ħin bħal applikazzjoni għal manteniment.</b></p> |
|---|--|

Emenda 24

Artikolu 3, punt (d a) (ġdid)

- (da) il-qorti għall-post fejn ir-relazzjoni tal-familja jew ir-relazzjoni li jkollha effetti komparabbli tkun ġiet stabbilita uffiċjalment.**

Emenda 25

Artikolu 4, paragrafu 2

- |  |   |
|--|---|
| <p>2. Ftehim dwar ġurisdizzjoni jrid ikun bil-miktub. <b>Kull trasmissjoni b'mezz elettroniku li tippermetti li tirreġistra l-ftehim għat-tul tkun ikkunsidrata li hija forma miktuba.</b></p> | <p>2. Ftehim dwar ġurisdizzjoni jrid ikun bil-miktub.</p> |
|--|---|

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

## Emenda 26

Artikolu 4, paragrafu 2 a (ġdid)

**2a. Il-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ trid tkun sodisfatta li jkun hemm qbil ħieles dwar kull twessigħ tal-ġurisdizzjoni wara li jkun ittieħed parir legali indipendenti u trid tikkunsidra s-sitwazzjoni tal-partijiet fil-ħin tal-proċeduri.**

## Emenda 27

Artikolu 4, paragrafu 4

4. L-Artikolu preżenti m'huwiex applikabbli **għal tilwima li tolqot obbligu ta' manteniment fir-rigward ta' tfal** taħt it-tmintax-il sena.

4. Dan l-Artikolu m'huwiex applikabbli **jekk il-kreditur huwa tifel jew tifla** taħt it-18-il sena **jew huwa adult b' nuqqas ta' kapaċità legali.**

## Emenda 28

Artikolu 6, punt (b)

b) meta hemm involuti obbligi ta' manteniment bejn konjuġi jew ex-konjuġi, il-qrati ta' l-Istat Membru li fuq it-territorju tiegħu hemm l-aħħar residenza abitwali komuni tal-konjuġi, jekk din ir-residenza abitwali kienet għadha stabbilita inqas minn sena qabel il-bidu tal-kawża.

(Ma taffettwax il-verzjoni Maltija)

## Emenda 29

Artikolu 7, paragrafu 1

1. Meta talbiet li jolqtu l-istess obbligu ta' manteniment jittellgħu quddiem qrati ta' Stati Membri differenti, il-qorti mqabnda fit-tieni post taġġorna mingħajr konsultazzjoni sakemm il-kompetenza ta' l-ewwel qorti mqabnda tkun stabbilita.

1. Fi proċeduri li jinvolvu litis pendens u proċeduri relatati, u fil-każ ta' miżuri proviżorji — inklużi dawk protettivi — l-Artikoli 27, 28, 30 u 31 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 għandhom japplikaw.

## Emenda 30

Artikolu 7, paragrafu 2

2. Meta l-kompetenza ta' l-ewwel qorti mqabnda tiġi stabbilita, il-qorti mqabnda fit-tieni post tiffinunzja favur din.

imħassar

## Emenda 31

Artikolu 8

L-Artikolu 8

imħassar

Każijiet relatati

1. Meta talbiet relatati jkunu pendenti quddiem qrati fi Stati Membri differenti, il-qorti mqabnda fit-tieni post tista' taġġorna.

2. Meta dawn it-talbiet ikunu pendenti fuq l-ewwel livell, il-qorti mqabnda fit-tieni post xorta tista' tiffinunzja, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, bil-kundizzjoni li l-ewwel qorti mqabnda tkun kompetenti li tkun taf it-talbiet inkwistjoni u li l-liġi tagħha tippermetti l-konnessjoni tagħhom.



Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
TAL-PARLAMENT

3. *Fis-sens ta' l-Artikolu preżenti, huma konnessi t-talbiet marbutin ma' xulxin permezz ta' relazzjoni tant stretta li hemm interess li jiġu ppreparati u ġġudikati fl-istess ħin sabiex jiġu evitati soluzzjonijiet li jistgħu jkunu rrikonċiljabbli jekk il-proċeduri legali jittellgħu l-qorti separatament.*

Emenda 32

Artikolu 9

L-Artikolu 9

*imħassar*

Sottomissjoni ta' qorti

Għall-finijiet tal-Kapitolu preżenti, qorti tkun ikkunsidrata sottomessa:

- (a) *fid-data meta l-att tal-bidu ta' proċedura legali jew att ekwivalenti jitressaq quddiem il-qorti, bil-kundizzjoni li l-kwerelant ma jkunx injorat minħabba li jittieħdu l-miżuri li kien marbut li jieħu biex l-att ikun notifikat jew mibgħut lill-konvenut, jew*
- (b) *jekk l-att irid ikun innotifikat jew mibgħut qabel ma' jkun imressaq quddiem il-qorti, fid-data li fiha kien mirċievi mill-awtorità inkarigata bin-notifika jew bit-tahrira, bil-kundizzjoni li l-kwerelant ma jkunx injorat minħabba li jittieħdu l-miżuri li kien marbut li jieħu sabiex l-att ikun imressaq quddiem il-qorti.*

Emenda 33

Artikolu 10

L-Artikolu 10

*imħassar*

Miżuri proviżorji u protettivi

*Il-miżuri proviżorji jew protettivi maħsuba mil-liġi ta' Stat Membru jistgħu jintalbu lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' dan l-Istat, anke jekk, skond il-Regolament preżenti, qorti ta' Stat Membru ieħor hija kompetenti biex tkun taf fuq il-merti.*

Emenda 34

Artikolu 10, paragrafu 1 a (ġdid)

*Fejn jittieħdu proċeduri ta' manteniment permezz ta' applikazzjoni għal għajnuna temporanja, l-Artikoli 7 u 8 m'għandhomx joperaw b'tali mod li jikkawżaw il-liġi applikabbli għall-applikazzjoni għal għajnuna temporanja biex neċessarjament tapplika għal kwalunkwe applikazzjoni sussegwenti għal manteniment jew varjazzjoni ta' manteniment magħmula b'konnessjoni ma' proċeduri sostantivi għal divorzju, annullament ta' żwieġ/šhubija ċivili jew separazzjoni legali.*

Emenda 35

Artikolu 11

L-Artikolu 11

*imħassar*

Verifika tal-kompetenza

*Il-qorti ta' Stat Membru mqabbda b'każ li għalih il-kompetenza tagħha m'hijiex ibbażata fuq it-termini tar-Regolament preżenti tiddikjara ruħha, mal-ewwel, bħala inkompetenti.*

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 36

Artikolu 13

1. Il-liġi tal-pajjiż fejn il-kreditur għandu r-residenza abitwali tiegħu tmexxi l-obbligi ta' manteniment.

2. Il-liġi tal-qorti tapplika:

a) *meta skond il-liġi speċifikata konformi mal-paragrafu 1 il-kreditur ma jistax jikseb il-manteniment mid-debitur, jew*

b) *meta l-kreditur jagħmel it-talba għalihom u din tkun il-liġi tal-pajjiż li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali tiegħu.*

3. *Meta l-ebda waħda mil-liġijiet imsemmija konformi mal-paragrafi preċedenti ma tippermetti lill-kreditur biex jikseb il-manteniment mid-debitur u meta jirriżulta miċ-ċirkostanzi kollha li l-obbligu ta' manteniment jippreżenta rabtiet stretti ma' pajjiż ieħor, b'mod partikulari dak tan-nazzjonalità komuni tal-kreditur u tad-debitur; f'dan il-każ, tapplika l-liġi tal-pajjiż ma' liema l-obbligu ta' manteniment għandu rabtiet stretti.*

1. Il-liġi tal-pajjiż fejn il-kreditur għandu r-residenza abitwali tiegħu tmexxi l-obbligi ta' manteniment.

2. Il-liġi tal-qorti tapplika:

a) *meta hi tkun il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur, jew*

b) *meta l-kreditur ma jkunx jista' jikseb manteniment mid-debitur permezz tal-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur, jew*

c) *sakemm il-kreditur ma jitlobx mod ieħor u l-qorti tkun sodisfatta li hu jew hi jkunu kisbu parir legali indipendenti dwar il-kwistjoni, fejn hi tkun il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tad-debitur.*

3. *Minkejja l-paragrafu 1, il-liġi tal-forum tista' tiġi applikata, anke fejn hi ma tkunx il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur, fejn hi tippermetti li tilwim dwar manteniment jissolva b'mod ġust, aktar sempliċi, aktar malajr u b'inqas spejjeż u fejn ma jkun hemm l-ebda evidenza ta' "forum shopping".*

4. *B'mod alternattiv, fejn il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur jew il-liġi tal-forum ma tippermettix lill-kreditur biex jikseb manteniment mid-debitur jew fejn ma jkunx ġust jew xieraq li tiġi applikata dik il-liġi, l-obbligi ta' manteniment għandhom ikunu rregolati mil-liġi ta' pajjiż ieħor li miegħu l-obbligu ta' manteniment ikun marbut mill-qrib, b'mod partikulari, iżda mhux esklussivament, dik tal-pajjiż tan-nazzjonalità komuni tal-kreditur u tad-debitur.*

Emenda 37

Artikolu 14, punt (a)

a) *jispeċifikaw il-liġi tal-qorti għall-ħtiġijiet ta' proċedura, b'mod espliċitu jew b'kull mod ieħor mhux ekwivoku fil-mument tal-bidu tal-proċeduri legali;*

a) *jipprovdu ftehim bil-miktub li tispeċifika l-liġi tal-forum b'mod mhux ekwivoku fil-mument tal-bidu tal-proċeduri legali;*

Emenda 39

Artikolu 14, punt (b) (ii a) (ġdid)

(*ii*) *il-liġi tal-post fejn ir-relazzjoni tal-familja jew ir-relazzjoni li jkollha effetti komparabbli tkun ġiet stabbilita uffiċjalment;*

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 38

Artikolu 14, paragrafu 1 a (ġdid)

**Il-paragrafu 1 hu suġġett għall-kundizzjoni li l-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ tkun sodisfatta li kien hemm qbil ħieles dwar kwalunkwe għażla ta' qorti jew għażla ta' liġi.**

Emenda 40

Artikolu 15

L-Artikolu 15

**imħassar**

**Non-applikazzjoni tal-liġi speċifikata fuq talba tad-debitur**

1. Meta hemm involuti obbligi ta' manteniment ħliet għal dawk għat-tfal u l-adulti vulnerabbli u bejn konjuġi jew ex-konjuġi, id-debitur jista' jopponi għall-pretensjoni tal-kreditur in-nuqqas ta' obbligu ta' manteniment fir-rigward tiegħu skond il-liġi nazzjonali komuni tagħhom jew, f'nuqqas ta' nazzjonalità komuni, skond il-liġi tal-pajjiż li fih għandu r-residenza abitwali tiegħu.

2. Meta hemm involuti obbligi ta' manteniment bejn konjuġi jew ex-konjuġi, id-debitur jista' jopponi għall-pretensjoni tal-kreditur in-nuqqas ta' obbligu ta' manteniment fir-rigward tiegħu skond il-liġi tal-pajjiż ma' liema ż-żwieġ jippreżenta l-aktar rabtiet stretti.

Emenda 41

Artikolu 17

1. Il-liġi applikabbli għal obbligu ta' manteniment tiddetermina notevolment:

- (a) l-eżistenza u l-firxa tad-drittijiet tal-kreditur, u kontra min jista' jeżerċitahom;
- (b) **il-miżura li fiha l-kreditur jista' jitlob mantenimenti b'mod retroattiv;**
- (c) il-mod ta' kalkolu u l-indiċi ta' l-obbligu ta' manteniment;
- (d) il-preskrizzjoni u l-limiti ta' żmien biex tinbeda azzjoni;
- (e) id-dritt ta' l-istituzzjoni pubblika li pprovdiet mantenimenti lill-kreditur biex tikseb ir-rimborż tal-benefiċċji tagħha u l-limiti ta' l-obbligu tad-debitur.

2. **Ikun xi jkun il-kontenut tal-liġi applikabbli, iridu jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet tal-kreditur u r-riżorsi tad-debitur fl-ispeċifikazzjoni ta' l-ammont tas-sussidju ta' manteniment.**

1. Il-liġi applikabbli għal obbligu ta' manteniment tiddetermina notevolment:

- (a) l-eżistenza tad-drittijiet tal-kreditur, **għal liema perjodu u f'liema ammont** u kontra min jista' jeżerċitahom;
- (b) **għal liema perjodu u f'liema ammont il-kreditur jista' jitlob mantenimenti b'mod retroattiv;**
- (c) il-mod ta' kalkolu u l-indiċi ta' l-obbligu ta' manteniment;
- (d) il-preskrizzjoni u l-limiti ta' żmien biex tinbeda azzjoni;
- (e) id-dritt ta' l-istituzzjoni pubblika li pprovdiet mantenimenti lill-kreditur biex tikseb ir-rimborż tal-benefiċċji tagħha u l-limiti ta' l-obbligu tad-debitur.

2. **Minkejja l-paragrafu 1, meta jiġi ddeterminat l-ammont ta' manteniment, il-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ għandha tiegħu bħala l-bażi tagħha l-bżonnijiet reali u preżenti tal-kreditur u r-riżorsi reali u preżenti tad-debitur, filwaqt li jitqiesu l-bżonnijiet raġonevoli ta' dan ta' l-aħħar u kwalunkwe obbligu ta' manteniment ieħor li hu jew hi jistgħu jkunu suġġetti għalih.**

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 42

Artikolu 20

L-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi speċifikata mir-Regolament preżenti ma tistax titwarrab ħlief jekk din l-applikazzjoni hija ovvjament inkompatibbli mal-politika pubblika tal-qorti. **Madankollu, l-applikazzjoni ta' miżura tal-liġi ta' Stat Membru speċifikata mir-Regolament preżenti ma tistax titwarrab fuq din il-bażi.**

L-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi speċifikata mir-Regolament preżenti ma tistax titwarrab ħlief jekk din l-applikazzjoni hija ovvjament inkompatibbli mal-politika pubblika tal-qorti.

Emenda 43

Artikolu 21

**Billi Stat jinkludi diversi unitajiet territorjali fejn kull waħda għandha r-regoli proprji tagħha fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment, kull unità territorjali hija meqjusa bħala pajjiż għall-finijiet ta' l-ispeċifikazzjoni tal-liġi applikabbli skond ir-Regolament preżenti.**

**Stat li fih unitajiet territorjali differenti jkollhom regoli tal-liġi tagħhom stess fir-rigward ta' obbligi ta' manteniment, m'għandux ikun marbut li japplika dan ir-Regolament għal konflitti li jkunu biss bejn il-liġijiet ta' dawn l-unitajiet.**

Emenda 44

Artikolu 22

1. Fi proċedura quddiem qorti ta' Stat Membru, l-att preliminari ta' proċedura legali jew att ekwivalenti jkun notifikat jew mibgħut lill-konvenut permezz ta' wieħed mill-modi li ġejjin:

**In-notifika ta' dokumenti għandha titmexxa permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru XXX/2007 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar in-notifika jew il-komunikazzjoni fl-Istati Membri ta' atti ġuridizzjarji jew extra-ġuridizzjarji fuq ħwejjeġ ċivili jew kummerċjali.**

(a) tahrিকা jew notifika lill-persuna, fejn id-destinatarju jkun iffirma dikjarazzjoni ta' riċevuta li jkollha d-data ta' meta rċeviha;

(b) tahrিকা jew notifika lill-persuna permezz ta' dokument iffirmat mill-persuna kompetenti li tkun mexxiet it-tahrিকা jew in-notifika, li tispeċifika li d-destinatarju jkun irċieva l-att jew li rrifjuta li jirċevih mingħajr raġuni valida, kif ukoll id-data ta' meta saret it-tahrিকা jew in-notifika;

(c) tahrিকা jew notifika bil-posta, fejn id-destinatarju jkun iffirma u baġhat lura dikjarazzjoni ta' riċevuta li jkollha d-data ta' meta rċeviha;

(d) tahrিকা jew notifika b'mezzi elettroniċi bħall-fax jew l-e-mail, fejn id-destinatarju jkun iffirma u baġhat lura dikjarazzjoni ta' riċevuta li jkollha d-data ta' meta rċeviha.

2. Il-konvenut għandu għad-dispożizzjoni tiegħu limitu ta' żmien li ma jistax ikun inqas minn 30 ġurnata biex jipprepara d-difiża tiegħu minn meta jkun irċieva t-tahrিকা jew in-notifika konformi mal-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri javżaw lill-Kummissjoni, fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament preżenti, bil-modi ta' notifika u ta' tahrিকা li huma applikabbli. Huma jinfurmwaw lill-Kummissjoni b'kull tibdil li jsir għal dan it-tagħrif.

Il-Kummissjoni tqiegħed din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

## Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

## Emenda 45

## Artikolu 29

Il-kweralant, li fl-Istat Membru ta' oriġini kien ibbenefika bi sħiħ jew parzjalment mill-assistenza ġudizzjarja jew minn eżenzjoni ta' spejjeż, jibbenefika, fil-proċedura ta' infurzar, mill-assistenza l-aktar favorevoli jew mill-eżenzjoni l-aktar estiża kif speċifikata mil-liġi ta' l-Istat Membru ta' infurzar.

Il-kweralant, li fl-Istat Membru ta' oriġini kien ibbenefika bi sħiħ jew parzjalment mill-assistenza legali jew minn eżenzjoni ta' spejjeż, jibbenefika, fil-proċedura ta' infurzar, mill-assistenza legali **skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE tas-27 ta' Jannar 2003 biex ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajjnuna legali għal tilwimiet bħal dawn** <sup>(1)</sup> jew mill-eżenzjoni ta' spejjeż l-aktar estiża kif speċifikata mil-liġi ta' l-Istat Membru ta' infurzar.

(<sup>1</sup>) ĠU L 26, 31.1.2003, p. 41.

## Emendi 61 u 46

## Artikolu 33

Ir-rifjut jew is-sospensjoni, sħiħa jew parzjali, ta' l-infurzar tad-deċiżjoni tal-qorti ta' l-oriġini ma tistax tiġi deċiża, fuq it-talba tad-debitur, ħlief f'dawn il-każijiet li ġejjin:

- (a) id-debitur jippreżenta ċirkostanzi ġodda jew ċirkostanzi li ma kinux magħrufa mill-qorti ta' l-oriġini meta din ħadet id-deċiżjoni tagħha;
- (b) id-debitur talab ir-reviżjoni tad-deċiżjoni tal-qorti ta' l-oriġini konformi ma' l-Artikolu 24 u l-ebda deċiżjoni ġdida għadha ma ttehdet;
- (c) id-debitur diġà ħeles mid-dejn tiegħu;
- (d) id-dritt li jinkiseb l-infurzar tad-deċiżjoni tal-qorti ta' l-oriġini huwa totalment jew parzjalment preskritt;
- (e) id-deċiżjoni tal-qorti ta' l-oriġini hija inkompatibbli ma' deċiżjoni meħuda fl-Istat Membru ta' infurzar jew li tiġbor il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-għarfien tagħha fl-Istat Membru ta' infurzar.

Ir-rifjut jew is-sospensjoni, sħiħa jew parzjali, ta' l-infurzar tad-deċiżjoni tal-qorti ta' l-oriġini ma tistax tiġi deċiża, fuq it-talba tad-debitur, ħlief f'dawn il-każijiet li ġejjin:

- (a) **meta** id-debitur jippreżenta ċirkostanzi ġodda **sinifikanti u rilevanti** jew ċirkostanzi **bħal dawn** li ma kinux magħrufa mill-qorti ta' l-oriġini meta din ħadet id-deċiżjoni tagħha;
- (b) id-debitur talab ir-reviżjoni tad-deċiżjoni tal-qorti ta' l-oriġini konformi ma' l-Artikolu 24 u l-ebda deċiżjoni ġdida għadha ma ttehdet;
- (c) id-debitur diġà ħeles mid-dejn tiegħu;
- (d) id-dritt li jinkiseb l-infurzar tad-deċiżjoni tal-qorti ta' l-oriġini huwa totalment jew parzjalment preskritt;
- (e) id-deċiżjoni tal-qorti ta' l-oriġini hija inkompatibbli ma' deċiżjoni meħuda fl-Istat Membru ta' infurzar jew li tiġbor il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-għarfien tagħha fl-Istat Membru ta' infurzar.

## Emenda 47

## Artikolu 34, paragrafu 2

2. Ordni ta' *għid* ta' flus awtomatiku darba fix-xahar ma tistax tingħata ħlief jekk id-deċiżjoni għet notifikata *jew mgħarrfa* lid-debitur permezz ta' wieħed mill-modi speċifikati fl-Artikolu 22.

2. Ordni ta' ddebitar ta' flus awtomatiku darba fix-xahar ma tistax tingħata ħlief jekk id-deċiżjoni għet notifikata lid-debitur **b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru XXX/2007 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali.**

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

## Emenda 48

Artikolu 35, paragrafu 1

1. Kreditur jista' jitlob lill-qorti mqabbdha fuq il-merti biex tagħti *ordni ta' iffriżar* temporanju ta' kont bankarju ddestinat, fi Stat Membru ieħor, għall-istituzzjoni bankarja li fiha d-debitur għandu kont bankarju. It-talba u l-ordni ta' iffriżar temporanju ta' kont bankarju huma konformi mal-formoli li tagħhom hemm eżempji fl-Anness IV għar-Regolament preżenti.

1. Kreditur jista' jitlob lill-Qorti mqabbdha fuq il-merti biex tagħti ordni mandat ta' sekwestru temporanju ta' kont bankarju **skond l-ammont mitlub għall-manteniment ta' l-obbligu li jrid jintlaħaq**, li għandu jkun indirizzat lill-bank fi Stat Membru ieħor fejn id-debitur għandu kont. It-talba u l-ordni ta' iffriżar temporanju ta' kont bankarju huma konformi mal-formoli li tagħhom hemm eżempji fl-Anness IV għar-Regolament preżenti.

## Emenda 49

Artikolu 35 a (ġdid)

## Artikolu 35a

## Ordnijiet oħra ta' infurzar

**Il-qorti li tisma' l-każ tista' tordna l-miżuri l-oħra kollha ta' infurzar kif stipulati fil-liġi nazzjonali tagħha li hi tqis xierqa.**

## Emenda 50

Artikolu 38, paragrafu 1

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VI huma applikabbli, jekk ikun hemm bżonn, għall-għarfien u l-infurzar ta' l-atti awtentiċi u tal-ftehimiet bejn partijiet li huma esekutorji. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fih att awtentiku jew ftehim bejn partijiet huwa esekutorju, twassal, **fuq it-talba ta'** kull parti interessata, estratt ta' l-att billi tuża l-formola li tagħha jidher l-eżempju fl-Anness II għar-Regolament preżenti.

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VI huma applikabbli, jekk ikun hemm bżonn, għall-għarfien u l-infurzar ta' l-atti awtentiċi u tal-ftehimiet bejn partijiet li huma esekutorji. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fih att awtentiku jew ftehim bejn partijiet huwa esekutorju, twassal, **awtomatikament lil** kull parti interessata, estratt ta' l-att billi tuża l-formola li tagħha jidher l-eżempju fl-Anness II għar-Regolament preżenti.

## Emendi 51, 52, 53, 54, 55, 56

Artikolu 44

1. L-awtoritajiet ċentrali jagħtu aċċess għall-informazzjoni li tippermetti li jkun iffaċilitat l-irkupru ta' talbiet ta' manteniment fil-kundizzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu preżenti. Din l-informazzjoni tiġi pprovduta sabiex jinkisbu l-għanijiet li ġejjin:

- sejba tad-debitur;
- evalwazzjoni tal-patrimonju tad-debitur, b'mod partikulari l-ammont u n-natura tad-dħul tiegħu;
- identifikazzjoni ta' min iħaddem id-debitur;
- identifikazzjoni tal-kontijiet bankarji li għandu d-debitur.

1. L-awtoritajiet ċentrali jagħtu aċċess għall-informazzjoni li tippermetti li, **f'każ speċifiku**, jkun iffaċilitat l-irkupru ta' talbiet ta' manteniment fil-kundizzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu preżenti. Din l-informazzjoni tiġi pprovduta sabiex jinkisbu l-għanijiet li ġejjin:

- sejba **ta' l-indirizz tad-**debitur;
- evalwazzjoni tal-patrimonju tad-debitur, b'mod partikulari l-ammont u n-natura tad-dħul tiegħu;
- identifikazzjoni ta' min iħaddem id-debitur;
- identifikazzjoni tal-kontijiet bankarji li għandu d-debitur.

**1a. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità għandu jiġi ddetminat fuq bażi ta' kull każ individwali liema data personali għandha tiġi pproċessata mill-firxa ta' informazzjoni disponibbli u dan għandu jiġi permess biss jekk ikun neċessarju biex jiffaċilita l-infurzar ta' l-obbligi ta' manteniment.**

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
TAL-PARLAMENT

2. L-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 tinkludi mill-inqas dik li tinżamm mill-amministrazzjonijiet u l-awtoritajiet li huma kompetenti, fl-Istati Membri, fl-oqsma li ġejjin:

- a) taxxi u dazji,
- b) sigurtà soċjali, inkluża l-ġabra tal-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem impjegati bis-salarju,
- c) reġistri ta' popolazzjoni,
- d) reġistri ta' proprjetà,
- e) reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur,
- f) banek ċentrali.

3. L-aċċess għall-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu ma tistax fl-ebda każ tagħti bidu għat-twaqqif ta' skedarji ġodda fi Stat Membru.

**1b. Data bijometrika bħall-marki tas-swaba jew id-data tad-DNA m'għandhiex tkun ipproċessata.**

**1c. Kategoriji speċjali ta' data dwar orijini razzjali jew etnika, fehmiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, adeżjoni ma' partit jew trade union, orjentazzjoni sesswali jew saħħa għandhom jiġu pproċessati biss jekk ikun assolutament neċessarju u b'mod proporzjonali għall-iskop ta' każ speċifiku u f'konformità ma' salvagwardji speċifiċi.**

2. L-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 tinkludi mill-inqas dik li tinżamm mill-amministrazzjonijiet u l-awtoritajiet li huma kompetenti, fl-Istati Membri, fl-oqsma li ġejjin:

- a) taxxi u dazji,
- b) sigurtà soċjali, inkluża l-ġabra tal-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem impjegati bis-salarju,
- c) reġistri ta' popolazzjoni,
- d) reġistri ta' proprjetà,
- e) reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur,
- f) banek ċentrali.

**2a. Talbiet għal informazzjoni ħlief dawk elenkati fil-paragrafu 2 għandhom ikunu b'mod proporzjonali u neċessarji biex jintlaħqu l-oġettivi elenkati fil-paragrafu 1.**

3. L-aċċess għall-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu ma tistax fl-ebda każ tagħti bidu għat-twaqqif ta' skedarji ġodda fi Stat Membru.

Emenda 57

Artikolu 48, paragrafu 3

3. Qorti ma tistax iżżomm informazzjoni komunikata konformi mar-Regolament preżenti għal aktar minn kemm għandha bżonn biex tiffaċilita l-irkupru ta' talba ta' manteniment. **Il-limitu ta' żmien għaż-żamma ma jistax jaqbeż sena.**

3. Qorti ma tistax iżżomm informazzjoni komunikata konformi mar-Regolament preżenti għal aktar minn kemm għandha bżonn biex tiffaċilita l-irkupru ta' talba ta' manteniment.

Emenda 58

Artikolu 48, paragrafu 3 a (ġdid)

**3a. Dan ir-regolament huwa konformi mad-Direttiva 95/46/KE u jirrikjedi lill-Istati Membri biex jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali, u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-privatezza, sabiex tkun żgurata ċ-ċirkolazzjoni libera ta' data personali fil-Komunità.**

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENTEmenda 59  
Artikolu 50

Kull modifika ta' l-Annessi tar-Regolament preżenti tiġi adottata skond il-proċedura konsultattiva speċifikata fl-Artikolu 51, il-paragrafu 2.

(Ma jaffettwax il-verżjoni Maltija)

Emenda 60  
Artikolu 51

1. Il-Kummissjoni tkun meġġuna minn kumitat.

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat **imsemmi fl-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.**

2. Fil-każ fejn issir referenza għall-paragrafu preżenti, **il-proċedura konsultattiva prevista fl-Artikolu 3** tad-Deċiżjoni 1999/468/KE **tapplika fil-każ tal-ħarsien** tad-dispożizzjonijiet **ta' l-Artikolu 7, paragrafu 3** tagħha.

2. Kull fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, **filwaqt li jitqiesu** d-dispożizzjonijiet **ta' l-Artikolu 8** tagħha.

P6\_TA(2007)0621

**L-10 Anniversarju mill-Konvenzjoni ta' Ottawa**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar l-10 Anniversarju mill-Konvenzjoni ta' Ottawa dwar il-Projbizzjoni ta' l-Użu, tal-Ħażna, tal-Produzzjoni u tat-Trasferiment ta' Mini Antipersonell u l-Qerda Tagħhom ta' l-1997**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-mini ta' l-art, u b'mod partikulari dik tas-7 ta' Lulju 2005 dwar dinja ħielsa mill-mini <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Ottawa dwar il-Projbizzjoni ta' l-Użu, tal-Ħażna, tal-Produzzjoni u tat-Trasferiment ta' Mini Antipersonell u l-Qerda Tagħhom ta' l-1997,
- wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni ta' Nairobi kif adottat f'Diċembru 2004,
- wara li kkunsidra t-Tmien Laqgħa ta' l-Istati Firmatarji għall-Konvenzjoni ta' Ottawa, li saret fil-Ġordan f'Novembru 2007, id-Disa' Laqgħa ta' l-Istati Firmatarji li għandha ssir fl-2008 u t-Tieni Konferenza ta' Reviżjoni li għandha ssir fl-2009,
- wara li kkunsidra l-Kampanja Internazzjonali għall-Projbizzjoni tal-Mini ta' l-Art (ICBL) li topera fiktur minn 70 pajjiż fid-dinja kollha,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1724/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> u r-Regolament (KE) Nru 1725/2001 tal-Kunsill <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

<sup>(1)</sup> ĠU C 157 E, 6.7.2006, p. 473.<sup>(2)</sup> ĠU L 234, 1.9.2001, p.1.<sup>(3)</sup> ĠU L 234, 1.9.2001, p.6.



**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

- A. billi minn Novembru 2007, kien hemm 156 Stat Firmatarju għall-Konvenzjoni ta' Ottawa,
- B. billi sensiela ta' parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew niedu inizjattivi għall-promozzjoni ta' żvilupp ulterjuri ta' azzjonijiet għall-kontroll u l-projbizzjoni tal-mini ta' l-art;
- C. billi huma biss ftit pajjiżi li għadhom jipproduċu l-mini antipersonell (APM) u l-kummerċ tal-mini antipersonell prattikament waqaf; u billi sa mill-1999, madwar 41.8 miljun APM ġew distrutti mill-Partijiet Statali tal-Konvenzjoni t'Ottawa,
- D. billi bejn l-1999 u l-2004, tneħħew 4 miljun APM u miljun mina antivettura (AVM) u iktar minn 2,000 km (ekwivalenti għad-daqs tal-Lussemburgu) ta' art ikkontaminata tnaddfet mill-mini ta' l-art,
- E. billi madanakollu huwa stmat li iktar minn 200 000 km ta' territorju madwar id-dinja (ekwivalenti għad-daqs tas-Senegal) huwa kkontaminat minn mini u munizzjon li għadu ma splodiex,
- F. billi dan ifisser li iktar minn 90 pajjiż għadu mgħobbi bil-piż tal-mini ta' l-art u l-munizzjon li għadu ma splodiex;
- G. billi n-numru ta' vittmi rappurtati naqas minn 11 700 (fl-2002) għal 5,751 (fl-2006),
- H. billi madanakollu n-numru stmat ta' każijiet li ma jiġux irrappurtati ta' vittmi tal-mini ta' l-art u ta' munizzjon li għadu ma splodiex, għadu bejn 15 000 sa 20 000 kull sena,
- I. billi għall-ewwel darba, qed jinquerdu u jitneħħew iktar mini milli qed jitpoġġew,
- J. billi l-użu minn gvernijiet ta' mini antipersonell kompli jonqos u kienu biss il-Myanmar/Burma u r-Russja li komplew iqiegħdu mini ġodda u billi l-protaonisti mhux statali armati naqqsu l-użu tagħhom ta' mini antipersonell jew ta' apparat esplożiv improvviżat għalkemm għadhom jużawhom f'mill-inqas 8 stati,
- K. billi minn Diċembru 2007, 35 protagonista mhux statali armat hađu l-impenn għal projbizzjoni totali tal-mini antipersonell permezz tal-"Att ta' Impenn taħt it-Talba ta' Ġinevra għall-Adeżjoni għal Projbizzjoni Totali tal-Mini Antipersonell u għal Koperazzjoni fl-Azzjoni kontra l-Mini",
- L. billi huwa stmat li 78 pajjiż għad għandhom 250 miljun mina ta' l-art maħżunin u li tlettax -il Stat mhux parti għall-Konvenzjoni ta' Ottawa għadhom jipproduċu jew iżommu d-dritt biex jipproduċu mini ta' l-art antipersonell;
- M. billi l-ħażniet ta' APMs għandhom jinquerdu malajr kemm jista' jkun, u mhux iktar tard mil-limitu ta' erba' snin stipulat mill-Konvenzjoni ta' Ottawa;
- N. billi hemm disa' Stati Firmatarji għall-Konvenzjoni ta' Ottawa, li għad iridu jeqirdu l-ħażniet tagħhom fi żmien erba' snin mill-adeżjoni għall-Konvenzjoni,
- O. billi jrid jingħata appoġġ supplimentari lill-Istati Firmatarji għall-Konvenzjoni ta' Ottawa, sabiex in-numru massimu ta' Stati Firmatarji jitħeġġu jwettqu l-obbligu tagħhom li jneħħu l-mini kollha fi żmien 10 snin minn meta jaderixxu mal-Konvenzjoni;
- P. billi sa mill-bidu tas-snin disgħin, il-komunità internazzjonali allokat iktar minn USD 3,4 biljun għall-programmi ta' azzjoni kontra l-mini (għat-tneħħija tal-mini u għall-għajnuna għall-vittmi) u l-Unjoni Ewropea nefqet kważi EUR 335 miljun,

## Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

- Q. billi, madanakollu, in-nefqa għal programmi ta' dan it-tip madwar id-dinja naqset għal EUR 250 miljun fl-2005, u għalkemm żdiedet għal EUR 316-il miljun fl-2006, il-proċess qed jimxi bil-mod wisq,
- R. billi l-Unjoni Ewropea hija impenjata biex ikollha rwol ta' mexxejja għal żmien twil fdak li għandu x'jaqsam ma' l-azzjonijiet kontra l-mini u ma' l-iffinanzjar tagħhom sabiex jinkisbu l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni sħaħ tat-Trattat,
- S. billi fl-2007 l-Kummissjoni impenjat total ta' EUR 33 miljun għal azzjoni kontra l-mini f'10 pajjiżi (il-Belarus, il-Bosnja Herzegovina, il-Kambodja, Ċipru, l-Etjopja, il-Ginea-Bissaw, il-Ġordan, il-Libanu, is-Senegal u s-Sudan),
- T. billi d-Dokument ta' Strateġija 2005-2007 jenfasizza l-benefiċċji ta' linja baġitarja speċifika għall-mini antipersonell (APLs) sabiex tiġi provduta l-kapaċità "għal rispons għal bżonnijiet gravi u mhux pjana-ti", "biex jissaħħu u jitqawwew l-effiċjenza u l-effettività ta' l-azzjonijiet kontra l-mini li jitwettqu fi ħdan programmi umanitarji fuq perjodu ta' żmien twil u programmi għall-iżvilupp soċjoekonomiku fuq perjodu ta' żmien twil" fil-każi meta "s-CSP (Dokument Strateġiku tal-Pajjiż), l-NIP (Programm Nazzjonali Indikattiv) jew l-istrumenti ekwivalenti ma jistgħux legalment jappoġġjaw attivitajiet relatati mal-mini antipersonell jew f'każi ta' sensitività jew interess politiċi għall-KE", u biex jiġu appoġġjati organizzazzjonijiet mhux governattivi,
- U. billi madankollu, il-linja baġitarja APL tal-Kummissjoni tneħħiet mill-Istrument għall-Istabbiltà fl-aħħar ta' l-2006 u l-Istrateġija u l-Ipprogrammar ta' l-Azzjoni tal-KE dwar il-Mini ta' l-Art se ssir kważi b'mod sħiħ mid-delegazzjonijiet KE fuq il-bażi tal-linji gwida li għandhom jiġu mfasslin mill-Kummissjoni u billi tiġi integrata azzjoni dwar il-mini ta' l-art fid-Dokumenti ta' Strateġija ta' Pajjiż jew Reġjun; billi barra minn hekk, se jkunu l-imsieħba tal-KE affettwati mill-mini li se jiddeċiedu l-grad ta' importanza li se jingħata lill-azzjoni kontra l-mini fil-listi globali tagħhom ta' prijoritajiet għall-assistenza fit-talbiet tagħhom lill-Kummissjoni għal għajnuna finanzjarja,
- V. billi, għalkemm il-Kummissjoni tistqarr li se tibqa' impenjata fermament fl-appoġġ tagħha għall-Konvenzjoni ta' Ottawa, jista' jintwera tħassib, li fil-fatt intwera, dwar il-livelli finanzjarji futuri ta' l-azzjoni kontra l-mini ta' l-KE,
- W. billi jridu jittejbu l-għajnuna għall-vittmi u l-inklużjoni soċjoekonomika tal-vittmi tal-mini kif mitlub mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Ottawa; billi huwa stmat li fid-dinja jeżistu 450,00 sa 500,000 sopravissut u n-numru ta' persuni li baqgħu jgħixu wara inċident ikkawżat minn mini ta' l-art jew munizzjon li għadu ma splodix u li għandhom bżonn kura u rjabilitazzjoni qed jikber; billi tliet kwarti tal-vittmi rreġistrati huma nies ċivili u 34 % tal-vittmi ċivili huma tfal,
- X. billi hu neċessarju waqt li tissaħħaħ il-liġi umanitarja internazzjonali għax tapplika għal mini oħra minbarra l-mini antipersonnel permezz ta' Konvenzjoni Ċerti Armi Konvenzjonali (CCW), waqt li jitqies li l-mini antivettura li huma armati bi *fuses* sensitivi u apparat antimanipulazzjoni li jstgħu jieħdu minħabba l-att involontarju ta' persuna diġà huma pprojbiti mill-Konvenzjoni ta' Ottawa peress li huma theddida mortali għall-komunitajiet vulnerabbli u għall-ħaddiema ta' l-għajnuna umanitarja, u kif ukoll għal dawk li jkunu qed ineħħu l-mini,
- Y. billi d-29 pajjiż li għandhom żmien sa l-2009 jew l-2010 biex ineħħu l-mini ta' l-art skond mandat tat-Trattat, ma tantx fadlilhom żmien biex jagħmlu dan u billi jenfasizza b'mod partikolari li Stat Membru wieħed ta' l-UE naqas milli għall-inqas jibda attivitajiet ta' tneħħija ta' mini ta' l-art minkejja l-obbligu tat-Trattat biex itemm l-attivitajiet kollha ta' tneħħija sa l-2009, filwaqt li Stat Membru ieħor beda l-attivitajiet f'Ottubru 2007 li għadda biss,
- Z. billi l-iffinanzjar għall-għajnuna għal dawk li baqgħu ħajjin jinkludi biss 1 % ta' l-iffinanzjar totali għal azzjoni kontra l-mini u li l-progress biex jintlaħqu l-bżonnijiet u ta' dawk li baqgħu ħajjin u biex jiġu rrispettati d-drittijiet tagħhom għandu jitqies bħala mhux biżżejjed; billi mill-inqas 13-il pajjiż għandhom hteġa urġenti ta' programmi ġodda jew supplimentari għall-edukazzjoni dwar ir-riskju tal-mini,

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

1. Ihegġegħ lill-istati kollha biex jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Ottawa sabiex il-Konvenzjoni tiġi universalizzata biex jinkiseb l-għan komuni ta' dinja ħielsa mill-mini;
2. Jenfasizza b'mod partikolari l-importanza ta' l-adeżjoni ta' l-Istati Uniti, ir-Russja, iċ-Ċina, il-Pakistan u l-Indja, jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Ottawa;
3. Jinkoraġġixxi liż-żewġ Stati Membri ta' l-UE li għadhom ma aderixxewx mal-Konvenzjoni jew li għadhom ma temmewx il-proċess ta' ratifikazzjoni biex jagħmlu dan qabel il-konferenza ta' reviżjoni li jmiss tal-Konvenzjoni ta' Ottawa li se ssir fl-2009;
4. Ihegġegħ lill-protagonisti mhux statali armati kollha biex juru r-rispett tagħhom għall-*istandard* umani tarju stabbilit mill-Konvenzjoni ta' Ottawa billi jwaqqfu l-produzzjoni u l-użu tal-mini ta' l-art antipersonell u biex jiffirmaw il-Patt ta' Impenn taħt it-Talba ta' Ġinevra;
5. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati biex jibdew immedjatament it-tħejjijiet għall-Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni ta' Ottawa li se ssir fl-2009 u biex jagħmlu proposta għall-'azzjoni konġunta' ppjanata f'dan il-kuntest;
6. Jistieden lill-Istati Firmatarji kollha biex jimplementaw b'mod sħiħ u malajr l-obbligi tagħhom kollha skond il-Konvenzjoni ta' Ottawa;
7. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri kollha, lill-pajjiżi kandidati u lill-pajjiżi parti tal-Konvenzjoni t'Ottawa biex joqgħodu attenti għall-impatt possibbli ta' l-opinjoni espressa u rikonoxxuta ħafna tal-Kumitat Internazzjonali tar-Red Cross li tgħid li kull mina li tista' tieħu minħabba l-preżenza, il-viċinanza jew il-kuntatt ta' persuna tikkosttwixxi mina antipersonnel ipprobita mill-Konvenzjoni; jirrimarka li, speċifikament, dan ikun ifisser li tripwires, break wires, tilt rods, fuses ta' pressjoni baxxa, apparat antimanipulazzjoni u fuses simili jkunu projbiti għall-Istati Firmatarji għall-Konvenzjoni;
8. Jitlob li l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati immedjatament jieħdu l-miżuri biex jiżguraw li l-mini antivettura li hemm ċans jispjodu bil-preżenza, il-viċinanza jew kuntatt ta' persuna jinqerdu bi qbil mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ottawa;
9. Jistieden lill-Kummissjoni biex iżżomm bis-sħiħ id-determinazzjoni u l-isforzi kontinwi tagħha biex tgħin finanzjarjament lill-komunitajiet u lill-individwi affettwati mill-mini antipersonnel permezz ta' l-istrumenti kollha disponibbli, inkluż fit-territorji taħt il-kontroll jew l-influenza ta' protagonisti mhux statali armati u jistieden lill-Kummissjoni biex tidher quddiem il-Parlament fil-bidu ta' l-2008 biex tiċċara l-azzjoni tagħha f'dan il-kuntest;
10. Jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' ddaħħal mill-ġdid il-linja baġitarja speċifika dwar il-mini għall-iffinanzjar ta' azzjoni kontra l-mini ta' l-art, għall-għajnuna lill-vittmi u għall-qerda tal-ħażna meħtieġa mill-Istati Firmatarji li ma jistgħux jiġu ffinanzjati permezz ta' l-istrumenti għall-iffinanzjar il-ġodda; ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tiżgura li jsiru disponibbli biżżejjed risorsi wara l-2007;
11. Jistieden lill-Kummissjoni biex iżomm biżżejjed staff biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-politika tagħha dwar il-projbizzjoni ta' mini antipersonell, u anke biex tiżgura li l-azzjoni kontra l-mini hija espliċitament inkluża fid-Dokumenti ta' Strateġija għal Pajjiżi ta' l-Istati Firmatarji affettwati mill-mini u fil-Programmi Indikattivi Nazzjonali u biex tkun tista' ssegwi l-iffinanzjar kollu għall-azzjoni kontra l-mini permezz ta' l-istrumenti differenti għall-iffinanzjar;
12. Jistieden lill-Istati Firmatarji tal-Konvenzjoni, b'mod partikolari lill-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati ta' l-UE, biex jiżguraw li l-iffinanzjar tagħhom għat-tneħħija tal-mini jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' kapaċità nazzjonali għat-tneħħija tal-mini biex ikun garantit li l-attivitajiet għat-tneħħija tal-mini jitkomplew sakemm jtnadddu l-inhaw kollha magħrufa li fihom il-mini jew li huma ssuspettati li fihom;

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

13. Ihegġegħ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex ikomplu jappoġġjaw l-isforzi biex il-protagonisti mhux statali armati jimpenjaw ruħhom għal projbizzjoni tal-mini ta' l-art, sitwazzjoni li ma timplikax appoġġ għal protagonisti mhux statali armati jew l-attivitajiet tagħhom jew rikonossiment tal-leġittimità tagħhom;
14. Jistieden lill-pajjiżi affettwati mill-mini u lid-donaturi internazzjonali biex jagħtu prijorità ikbar lir-rijabilitazzjoni fiżika u ekonomika ta' dawk li baqgħu ħajjin, minħabba li l-bżonnijiet tagħhom m'humiex qed ikunu indirizzati b'mod xieraq;
15. Jistieden lill-kumitati kompetenti biex jimmoniterjaw mill-qrib u jipparteċipaw fil-laqgħat tas-CCW, biex jirrappurtaw dwar inizjattivi ta' Stati Membri dwar mini ta' l-art u biex jirrappurtaw dwar miżuri internazzjonali oħra li jikkonċernaw armi bħal dawn;
16. Ifakkar li kull Stat Firmatarju għall-Konvenzjoni ta' Ottawa impenja ruħu li fl-ebda ċirkostanza m'hu se jassisti, jinkoraġġixxi jew jipperswadi, bi kwalunkwe mod, lil xi ħadd biex iwettaq xi attività projbita lil Stat Firmatarju mill-Konvenzjoni;
17. Jistieden lill-Istati Firmatarji biex jiżguraw li huma ma jippermettux lill-istituzzjonijiet finanzjarji li huma attivi fit-territorju tagħhom u/jew li huma soġġetti għal-leġiżlazzjoni tagħhom biex jinvestu f'kumpaniji involuti fil-produzzjoni, il-ħażna jew it-trasferimenti ta' mini ta' l-art antipersoneel;
18. Jistieden lill-UE, lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati biex jipprojbixxu kull tip ta' appoġġ finanzjarju dirett jew indirett minn istituzzjonijiet finanzjarji privati jew pubbliċi li jkunu attivi fit-territorju tagħhom u/jew soġġett għal-leġiżlazzjoni tagħhom lil kumpaniji involuti fil-produzzjoni, il-ħażna jew it-trasferiment ta' mini ta' l-art antipersoneel; iqis li din il-projbizzjoni għandha tkun inkorporata fil-leġiżlazzjoni Ewropea u nazzjonali;
19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lis-Segretarju Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni għas-Sigurta' u l-Koperazzjoni fl-Ewropa, lill-Kumitat Internazzjonali tar-Red Cross, lill-Kampanja Internazzjonali għall-Projbizzjoni tal-Mini ta' l-Art, lit-Talba ta' Ġinevra, lill-Assemblea Parlamentari Konġunta ACP-UE, lill-Gvernijiet ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerka, lill-Federazzjoni Russa, lir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, lill-Pakistan, lill-Indja u lill-President Maħtur tad-9 Laqgħa ta' l-Istati Firmatarji tal-Konvenzjoni u tat-Tieni Konferenza ta' Reviżjoni.

---

P6\_TA(2007)0622

## Samit UE/Ċina — UE/Ċina djalogu drittijiet tal-bniedem

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar is-Samit UE/Ċina u l-UE/Ċina djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Istqarrija Konġunta ta' l-10 Sammit ta' bejn l-UE u ċ-Ċina li sar f'Beijing fit-28 ta' Novembru 2007,
- wara li kkunsidra s-sessjoni ta' smiġh pubbliku li saret fis-26 ta' Novembru 2007, mis-Sottokumitat tiegħu dwar 'Id-Drittijiet tal-Bniedem fiċ-Ċina matul il-perjodu li jwassal għall-Olimpijadi',
- wara li kkunsidra r-rounds tad-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u ċ-Ċina li saru f'Beijing fis-17 ta' Ottubru 2007 u f'Berlin fil-15 u s-16 ta' Mejju 2007,

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2007 dwar it-tħaddim tad-djalogi u l-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2007 dwar id-djalogu bejn il-gvern Ċiniż u r-rappreżentanti tad-Dalai Lama <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2006, dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina <sup>(3)</sup> u r-risoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar iċ-Ċina;
  - wara li kkunsidra l-Linji Gwida ta' l-Unjoni Ewropea dwar id-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, adottati fit-13 ta' Diċembru 2001, u l-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida, adottata fid-9 ta' Diċembru 2004,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet annwali preċedenti tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem fid-dinja,
  - wara li kkunsidra t-Tregwa dwar l-Olimpjadi min-NU, kif għaddiet mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-31 ta' Ottubru 2007 (A/RES/62/4), li stiednet lill-Istati Membri tan-NU biex iħarsu u jippromwovu l-paċi matul il-Logħob Olimpiku,
  - wara li kkunsidra s-60 Anniversarju tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi minn meta ġie stabbilit il-mekkaniżmu tas-Samit UE-Ċina fl-1998, ir-relazzjonijiet ta' bejn iċ-Ċina u l-UE żviluppaw b'mod qawwi politikament u ekonomikament,
- B. billi kwalunkwe deċiżjoni sabiex jinbada djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem tittieħed fuq il-bażi ta' ċerti kriterji adottati mill-Kunsill li jqisu t-tħassib ewlieni ta' l-UE dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż konċernat, impenn ġenwin min-naħa ta' l-awtoritajiet tal-pajjiż konċernat, fir-rigward ta' dan it-tip ta' djalogu, għat-titjib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fuq il-post, u l-impatt pożittiv li jista' jkollu djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem fuq is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem,
- C. billi l-Logħob Olimpiku ta' l-2008 f'Beijing għandu jikkostitwixxi opportunità ideali biex l-attenzjoni tad-dinja tkun iffukata fuq is-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fiċ-Ċina;
- D. billi l-UE hija bbażata u ddefinita bil-konformità tagħha għall-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija u r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt; billi l-UE tqis li l-konformità ma' dawn il-prinċipji hija kundizzjoni obbligatorja għall-paċi u l-istabilità fi kwalunkwe soċjetà,
- E. billi s-sħubija strateġika bejn l-UE u ċ-Ċina hija ta' importanza kbira għar-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina, u billi sħubija ġenwina għandha tkun bbażata fuq valuri komuni għat-tnejn,
- F. billi t-tiġid u l-approfondiment tar-relazzjonijiet ta' bejn l-UE u ċ-Ċina jistgħu jgħinu biex jiġu żviluppanti opinjonijiet konverġenti dwar azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-isfidi globali bħall-bidla fil-klima, is-sigurtà, it-terroriżmu u n-nonproliferazzjoni ta' l-armi,

<sup>(1)</sup> Testi Adottati, P6\_TA(2007)0381.

<sup>(2)</sup> Testi Adottati, P6\_TA(2007)0055.

<sup>(3)</sup> ĠU C 305 E, 14.12.2006, p.219.

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

- G. billi hemm rapporti disturbanti u kontinwi ta' ripressjoni politika, b'mod partikulari ta' ġurnalisti, attivisti favur id-drittijiet tal-bniedem u membri ta' minoritajiet reliġjużi u etniċi, allegazzjonijiet ta' tortura, użu mifrux ta' xogħol sfurzat, użu frekwenti tal-piena tal-mewt u repressjoni sistematika tal-libertà tar-reliġjon, tal-libertà tal-kelma u tal-midja, inkluż l-Internet, u l-kontrolli stretti magħmula mill-Gvern Ċiniż fuq l-informazzjoni dwar iż-żoni tat-Tibet taċ-Ċina u u fuq l-aċċess għal dawn iż-żoni; billi huwa għalhekk diffiċili li wieħed jiddetermina b'mod preċiż l-ambitu ta' l-abbużi tad-drittijiet ta-bniedem,
- H. billi l-involvement u l-influwenza taċ-Ċina fid-dinja żdiedu b'mod konsiderevoli matul dawn l-aħħar għaxar snin, billi l-kredibilità, il-valuri demokratiċi u r-responsabilità għandhom jikkostitwixxu l-bażi fundamentali għar-relazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċina,

### **Is-Samit UE-Ċina**

1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-Istqarrija Konġunta ta' l-Għaxar Sammit bejn l-UE u ċ-Ċina li fih iż-żewġ partijiet ikkonfermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jiżviluppaw sħubija strateġika komprensiva biex jiġu indirizzati sfidi globali, u kif ukoll l-iżvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina u l-koperazzjoni aktar mill-qrib ta' bejniethom biex jindirizzaw firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet;
2. Jiddispijaċih mill-fatt li għal darba oħra l-Kunsill u l-Kummissjoni ma rnexxilhomx iqajmu b'mod ferm il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem waqt is-Samit bejn l-UE u ċ-Ċina sabiex jagħtu iżjed piż politiku lit-tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem, u li l-UE ma ħaditx l-opportunità ta' l-Olimpijadi li ġejjin sabiex tindirizza t-tħassib serju dwar id-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina;
3. Jistieden liċ-Ċina u lill-UE biex jiżguraw sħubija kummerċjali u ekonomika iktar ibbilanċjata li għandha twassal għal tkabbir sostenibbli u żvilupp soċjali, b'mod partikulari fl-oqsma tal-bidla fil-klima, l-ambjent u l-enerġija;
4. Iqis li l-piraterija u l-iffalsifikar ta' prodotti u ditti Ewropej mill-industriji Ċiniżi jikkostitwixxu ksur serju tar-regoli kummerċjali internazzjonali; iħeġġeġ lill-Awtoritajiet Ċiniżi biex itejbu konsiderevolment il-ħarsien tad-Drittijiet tal-Proprietà Intelletwali (IPR);
5. Jitlob, fl-istess ħin, iżjed koerenza u konsistenza bejn id-drittijiet tal-bniedem, min-naħa waħda, u l-kummerċ u s-sigurtà min-naħa l-oħra; għalhekk, iħeġġeġ l-UE biex tiżgura li relazzjoni kummerċjali aħjar maċ-Ċina tkun kontinġenti fuq riformi dwar id-drittijiet tal-bniedem, u jstieden lill-Kunsill, f'dan ir-rigward, biex jagħmel evalwazzjoni komprensiva tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem qabel ma jiffinalizza kwalkwunkwe Ftehim ta' Qafas ġdida dwar Sħubija u Koperazzjoni (PCFA);
6. Għalhekk, jilqa' b'sodisfazzjon it-tnejda u l-bidu ta' negozjati dwar PCFA, li se tkopri l-ambitu kollu tar-relazzjoni bilaterali bejn l-UE u ċ-Ċina, inkluża klawżola effettiva u operazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u kif ukoll koperazzjoni msaħħa u mtejba fi kwistjonijiet politiċi; itenni t-talba tiegħu dwar l-involvement tal-Parlament Ewropew fir-relazzjonijiet bilaterali futuri kollha bejn il-partijiet, filwaqt li jitqies li, mingħajr il-kunsens formali tal-Parlament, ma jista' jkun hemm l-ebda PCFA;
7. Jinsisti li l-embargo ta' l-armi min-naħa ta' l-UE kontra ċ-Ċina wara l-avvenimenti ta' Tiananmen għandu jibqa' kif inhu sakemm isir progress sostanzjali fir-rigward ta' kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem; ifakkar lill-Istati Membri ta' l-UE li l-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-UE dwar l-Esportazzjoni ta' l-Armi jinkludi, bħala kriterju, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż tad-destinazzjoni aħħarija ta' dawn l-esportazzjonijiet;
8. Jiddispijaċih li, minkejja l-istqarrijiet ripetuti mill-gvern Ċiniż dwar l-intenzjonijiet biex jirratifika il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), ir-ratifika għadha pendenti; għalhekk iħeġġeġ liċ-Ċina sabiex mingħajr aktar ittardjar, tirratifika u timplimenta l-Konvenzjoni;

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

***Id-djalogu dwar id-drittijiet umani bejn l-UE u ċ-Ċina***

9. Jiddispijaċih li r-rekord tad-drittijiet tal-bniedem taċ-Ċina għadu kwistjoni ta' tħassib serju; għalhekk, jenfasizza l-bżonn li jissaħħaħ u jittejjeb b'mod konsiderevoli d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u ċ-Ċina; jitlob lill-Kunsill biex jipprovi tagħrif iktar dettaljat lill-Parlament; iqis bħala relevanti li titkompla l-organizzazzjoni tas-seminar legali dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u ċ-Ċina, li kien jippreċedi d-djalogu, bil-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti akkademiċi u tas-soċjetà ċivili, u f'dan ir-rigward jilqa' b'sodisfazzjon it-twaqqif ta' Network Akkademiku tad-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u ċ-Ċina taħt l-Objettiv 3 ta' l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR); jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li dan in-network jaħdem b'mod effettiv b'koperazzjoni mal-Parlament;

10. Iqis li l-kwistjonijiet diskussi fir-rounds ta' djalogu suċċessivi maċ-Ċina, bħar-ratifika ta' l-ICCPR, ir-riforma tas-sistema tal-ġustizzja kriminali, inkluża l-piena tal-mewt u s-sistema ta' edukazzjoni mill-ġdid permezz tax-xogħol, il-libertà ta' espressjoni, partikolarment fuq l-Internet, il-libertà ta' l-istampa, il-libertà ta' l-aċċess għall-informazzjoni, il-libertà ta' kuxjenza, ħsieb u reliġjon, is-sitwazzjoni tal-minoritajiet fit-Tibet, il-ħelsien ta' dawk miżmuma wara l-ġrajjet fi Pjazza Tiananmen, u d-drittijiet tal-ħaddiema u drittijiet oħra, għandhom ikompli jitqajmu fil-kuntest tad-djalogu, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-applikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li ħarġu minn djalogi preċedenti li kien hemm qbil reċiproku dwarhom miż-żewġ partijiet u minn seminars dwar kwistjonijiet legali; għal dan il-għan, jistieden lill-Kunsill biex iqis li jestendi l-perjodu ta' żmien tad-djalogu u jippermetti aktar żmien għad-diskussjoni għall-kwistjonijiet imqajma; barra dan, jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħtu attenzjoni speċjali lill-konformità mal-konvenzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, b'mod partikolari fir-rigward tat-tradeunions indipendenti u tat-tħaddim tal-minuri;

11. Jinnota l-impenn taċ-Ċina fl-appoġġ tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fit-twettiq tal-funzjoni tagħha li tindirizza l-kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet tal-bniedem b'mod kredibbli, objettiv u b'mod mhux selettiv u jitlob koperazzjoni msaħħa fi ħdan is-sistema tan-NU u jistieden liċ-Ċina biex tikkopera mal-mekkaniżmi favur id-drittijiet tal-bniedem tan-NU u r-rispett tagħhom għall-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem previsti fi strumenti internazzjonali rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-minoritajiet;

12. Jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li ċ-Ċina tippermetti l-libertà ta' l-espressjoni, tal-ħsieb, u tar-reliġjon; jafferma l-bżonn, partikolarment fid-dawl tad-diskussjonijiet fost l-uffiċjali Ċiniżi fir-rigward tad-definizzjoni ta' 'reliġjon' u speċjalment ta' 'reliġjon legali', jafferma l-bżonn ta' liġi komprensiva dwar ir-reliġjon, li tisso-disfa l-istandards internazzjonali u li tiggarrantixxi libertà reliġjuża ġenwina; jiddeplora l-kontradizzjoni bejn il-libertà kostituzzjonali tat-twemmin (imħaddna fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni Ċiniża) u l-indħil li jseh min-naħa ta' l-istat fl-affarijiet tal-komunitajiet reliġjużi, b'mod partikolari fir-rigward tat-taħriġ, ta' l-għażla, tal-ħatra u ta' l-indottrinazzjoni politika ta' ministri reliġjużi;

13. Jiddispijaċih li s-sitt round ta' taħdidiet Sino-Tibetan ma kellu l-ebda riżultat; jistieden lill-partijiet biex jagħmlu kull sforz sabiex jitkompla d-djalogu u jistieden lill-gvern Ċiniż biex jinvolvi ruħu f'negozjati sostantivi li jqisu kif jixraq it-talbiet tad-Dalai Lama għall-awtonomija tat-Tibet; jitlob liċ-Ċina biex tieqaf milli titfa' pressjoni fuq l-istati li għandhom relazzjonijiet tajbin mad-Dalai Lama;

14. Itenni t-tħassib tiegħu dwar ir-rapporti dwar il-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem fit-Tibet u fi provinċji oħrajn abitati mill-poplu Tibetan inklużi t-tortura, l-arrest arbitrarju u d-detenzjoni, ir-ripressjoni tal-libertà tal-kult, ir-restrizzjonijiet arbitrarji tal-moviment ħieles u r-rijabilitazzjoni permezz tal-kampijiet tax-xogħol sfurzati; jikkundanna l-intensifikazzjoni ta' l-hekk imsejħa 'kampanja għall-edukazzjoni patrijotika' minn Ottubru 2005 fil-monasteri u l-kunventi tas-sorijiet, li qegħdin jisfuzaw lit-Tibetani biex jiffirmaw dikjarazzjonijiet li jikkundannaw lid-Dalai Lama bħala separatist perikoluż; jitlob liċ-Ċina biex tippermetti li jkun hemm korp indipendenti li jkollu aċċess għal Choekyi Nyima, il-Panchen Lama tat-Tibet, u għall-ġenituri tiegħu, kif mitlub mill-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal;

15. Jistieden liċ-Ċina, bħala membru tal-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tar-rapporteur speċjali tan-NU li jirrigwardaw it-tortura u biex tagħmel stedina miftuħa għall-esperti tan-NU biex imorru fiċ-Ċina;

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

16. Huwa tal-fehma li t-tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem għandu jirċievi ħafna iżjed attenzjoni matul it-tħejjijiet għal-Logħob Olimpiku ta' Beijing, u jtenni l-ħtieġa "tar-rispett tal-prinċipji etiċi fundamentali universali" u l-promozzjoni ta' soċjetà paċifika li timpenja ruħha "fil-preservazzjoni tad-dinjità tal-bniedem", kif imħaddna fil-prinċipji 1 u 2 tal-Karta Olimpika;

17. Jitlob lill-Kumitat Olimpiku Internazzjonali biex jipubblika l-evalwazzjoni tiegħu dwar kemm iċ-Ċina hija konformi ma' l-impenji meħuda fl-2001, qabel ma' Beijing għet magħżula biex tospita l-Logħob Olimpiku; jenfasizza r-responsabilità ta' l-UE biex tiegħu nota ta' din l-evalwazzjoni u sabiex taħdem man-Network Olimpiku tagħha u biex toħloq bażi għal imġiba responsabbli fit-tħejjija, matul u wara l-Olimpijadi;

18. Huwa mħasseb ħafna biż-żieda riċenti ta' persekuzzjonijiet politiċi konnessi ma' l-Olimpijadi ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ġurnalisti, avukati, persuni li jressqu petizzjonijiet, attivisti tas-soċjetà ċivili, gruppi etniċi bħall-Uighurs, u nies reliġjużi ta' kull twemmin, speċjalment il-prattikanti tal-Falun Gong; jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi biex jilliberaw lil dawn in-nies immedjatament u biex itemmu kemm dan il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u kif ukoll it-twaqqiġ mingħajr kumpens ta' numru sostanzjali ta' djar sabiex ikunu jistgħu jinbnew l-infrastrutturi għal-Logħob Olimpiku;

19. Huwa mħasseb bl-istess mod dwar is-sorveljanza u ċ-ċensura ta' l-informazzjoni fuq l-Internet, u jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi biex itemmu l-ibblukkjar ta' eluf ta' websajts, inklużi websajts tal-midja Ewropea; jitlob lill-awtoritajiet Ċiniżi biex jilliberaw lill-kittieb Yang Maodong u lill-50 persuna dissidenti u utenti tal-web miżmuma l-ħabs fiċ-Ċina;

20. Jistieden liċ-Ċina biex tiegħu passi konkreti biex tippermetti l-libertà ta' l-espressjoni u r-rispett għall-libertà ta' l-istampa, kemm għall-ġurnalisti Ċiniżi u kif ukoll għal dawk barranin; hu imħasseb b'mod partikulari dwar in-nuqqas ta' implimentazzjoni tar-regolament il-ġdid rigward ġurnalisti internazzjonali attivi fiċ-Ċina, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi sabiex iwaqqfu immedjatament iċ-ċensura u l-imblukkar — speċjalment bl-għajnuna ta' kompaniji multinazzjonali — ta' eluf ta' websites ibbażati barra l-pajjiż; jitlob għall-ħelsien tal-ġurnalisti, ta' l-utenti ta' l-Internet u tad-dissidenti taċ-ċibernetika li jinsabu miżmuma fiċ-Ċina talli eżerċitaw id-dritt tagħhom għall-informazzjoni; itenni t-talba tiegħu lill-awtoritajiet Ċiniżi biex jistabbilixxu moratorja fuq l-eżekuzzjonijiet matul il-Logħob Olimpiku fl-2008, u biex jirtiraw il-lista tal-projbizzjoni ta' 42 kategorija ta' nies;

21. Jiġbed l-attenzjoni għall-konklużjonijiet tas-17-il Kungress Nazzjonali tal-Partit Nazzjonali Ċiniż, li sar f'nofs Ottubru 2007, li matulu ħarġu diversi prospettivi u gradi ta' ftuħ fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali ogħla fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina;

22. Iħeġġeġ liċ-Ċina biex ittemm l-appoġġ li qed tagħti bħalissa lir-reġimi fil-Myanmar u fid-Darfur;

\*

\* \*

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri, lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, lill-Kungress Nazzjonali tal-Poplu taċ-Ċina, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU u lill-Bord Eżekuttiv Olimpiku Internazzjonali.



Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

P6\_TA(2007)0623

## Il-ġlieda kontra ż-żieda ta' l-estremiżmu fl-Ewropa

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar il-ġlieda kontra ż-żieda ta' l-estremiżmu fl-Ewropa

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-rażziżmu, il-ksenofobija u l-estremiżmu, b'mod partikolari dik ta' l-20 ta' Frar 1997 dwar ir-rażziżmu, il-ksenofobija u l-lemin estrem <sup>(1)</sup>, dik tal-15 ta' Ġunju 2006 dwar iż-żieda fil-vjolenza razzista u omofobika fl-Ewropa <sup>(2)</sup> u l-pożizzjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2007 dwar il-proposta għal Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet razzisti u ksenofobiċi permezz tal-liġi kriminali <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Jannar 2005 dwar l-Olakawstu, l-anti-Semitiżmu u r-Razziżmu <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 6, 7 u 29 tat-Trattat dwar l-UE u l-Artikolu 13 tat-Trattat KE, li jorbtu lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jappoġġjaw id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u li jipprovduha b'mezzi biex jiġu miġġielda r-rażziżmu, il-ksenofobija u d-diskriminazzjoni, u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea (il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jstabbilixxi l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali <sup>(5)</sup> (l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali),
- wara li kkunsidra l-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni bbażata fuq oriġini razzjali u etnika, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (ECHR), it-tnejn li huma ffirmati mill-Istati Membri kollha u numru kbir ta' Stati oħra,
- wara li kkunsidra l-attivitatiet ta' l-Unjoni Ewropea biex tiġġieled kontra r-rażziżmu, il-ksenofobija, l-anti-Semitiżmu u l-omofobija, b'mod partikolari ż-żewġ direttivi ta' anti-diskriminazzjoni (Direttivi 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali tal-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika <sup>(6)</sup> u d-Direttiva 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għat-trattament ugwali fl-impjieg u l-okkupazzjoni <sup>(7)</sup>), kif ukoll id-Deċiżjoni ta' Qafas imsemmija hawn fuq dwar il-ġlieda kontra r-rażziżmu u l-ksenofobija,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1344 tad-29 ta' Settembru 2003 ta' l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar 'It-theddida għad-demokrazija li tiġi minn partiti u movimenti estremisti fl-Ewropa',
- wara li kkunsidra r-Rapport dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija fl-Istati Membri ta' l-UE, ippubblikat fl-2007 mill-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali,
- wara li kkunsidra r-rapport mill-Organizzazzjoni għas-Sigurta' u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) intitolat OSCE 'L-isfidi u t-tweġibiet għall-inċidenti kkawżati mill-mibgħeda fir-Reġjun OSCE' ta' Ottubru 2006,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

<sup>(1)</sup> ĠU C 85, 17.3.1997, p. 150.

<sup>(2)</sup> ĠU C 300 E, 9.12.2006, p. 491.

<sup>(3)</sup> *Testi Adottati*, P6\_TA(2007)0552.

<sup>(4)</sup> ĠU C 253 E, 13.10.2005, p.37.

<sup>(5)</sup> ĠU L 53, 22.2.2007, p.1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 180, 19.7.2000, p.22.

<sup>(7)</sup> ĠU L 303, 2.12.2000, p.16.

## Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

- A. jinsab imħasseb sew dwar il-qawmien ta', u l-appoġġ li qed jikber fl-Ewropa lejn movimenti, gruppi paramilitari u partiti estremisti li wħud minnhom għandhom responsabilitajiet governattivi li jibbażaw l-ideoloġija, ir-retorika u l-prattiki politiċi u l-kondotta tagħhom fuq id-diskriminazzjoni li tinkludi r-razziżmu, l-intolleranza, l-inċitament tal-mibgħeda reliġjuża, l-esklużjoni, il-ksenofobija, l-anti-Semitiżmu, l-anti-Roma, l-omofobija, il-misoġenija u l-ultra-nazzjonaliżmu, u billi diversi pajjiżi Ewropej reċentement għadew minn esperjenzi ta' mibgħeda, ġrajjiet vjolenti u qtil,
- B. jinsab serjament allarmat sew dwar ir-reklutaġġ tal-fundamentalisti Iżlamiċi u dwar il-kampanja ta' propoganda vjolenti, flimkien ma' attackki terroristiċi fl-Unjoni Ewropea, ibbażati fuq il-mibgħeda tal-valuri Ewropew u fuq l-anti-Semitiżmu,
- C. billi dawn l-ideoloġiji estremi huma inkompatibbli mal-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt kif imniżżla fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-EU li jirrifletti l-valuri tad-diversità u l-ugwaljanza li fuqhom hi bbażata l-Unjoni Ewropea;
- D. billi l-ebda Stat Membru ma jkollu immunita' mit-theddid intrinsiku li l-estremiżmu joħloq għad-demokrazija u għalhekk il-ġlieda kontra t-tifrix ta' l-attitudnijiet ksenofobiċi u tal-movimenti politiċi tal-lemin estrem hija sfida Ewropea li teħtieġ approċċ konġunt u kkoordinat,
- E. billi ċerti partiti u movimenti politiċi, inklużi dawk attwalment fil-poter f'numru ta' pajjiżi jew dawk li huma rappreżentati fil-livell lokali, nazzjonali jew Ewropew, konxjament poġġew fiċ-ċentru ta' l-aġenda tagħhom l-intolleranza u/jew il-vjolenza bbażata fuq ir-razez, l-orijini etnika, in-nazzjonalità, ir-reliġjon u l-orjentazzjoni sesswali,
- F. billi l-estremisti neo-Nazi, paramilitari u oħrajn qed jimmiraw l-attackki vjolenti tagħhom kontra firxa wiesgħa ta' gruppi vulnerabbli fil-popolazzjoni, inklużi migranti, ir-Roma, l-omosesswali, l-attivisti kontra r-razziżmu u n-nies bla dar,
- G. billi l-eżistenza ta' websajts pubbliċi u faċilment aċċessibbli li jinċitaw il-mibgħeda iqajmu tħassib serju dwar kif tista' tiġi kkontrobattuta din il-problema mingħajr ma jinkiser id-dritt tal-libertà ta' l-espressjoni,
1. Jikkundanna bil-qawwa kull attackk razzist u ta' mibgħeda u jstieden lill-awtoritajiet kollha sabiex jużaw il-poter tagħhom kollu biex jikkastigaw lil dawk responsabbli; jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-vittmi kollha ta' attackki bħal dawn u mal-familji tagħhom;
  2. Ifakkar li l-ġlieda kontra l-estremiżmu m'għandhiex ikollha effetti negattivi fuq l-obbligazzjoni permanenti lejn ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali, inklużi l-libertà ta' l-espressjoni u ta' l-assoċjazzjoni, kif miġbura fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-UE;
  3. Jikkundanna l-fatt li xi partiti stabbiliti rawha f'lokha li jagħtu l-kredibilità u l-approvazzjoni lil partiti estremisti billi daħlu magħhom fi ftehimiet ta' koalizzjoni, u b'hekk issagrifikaw l-integrità morali tagħhom minħabba l-gwadann malajr u l-konvenjenzi politiċi;
  4. Jinnota li n-numru dejjem jikber ta' organizzazzjonijiet estremisti, li ħafna drabi jesprimu elementi neo-faxxisti, jistgħu jipprovokaw biża' fis-soċjetà li twassal għal manifestazzjonijiet ta' razziżmu f'firxa wiesgħa ta' oqsma, inklużi l-impjeggi, is-sistema tad-djar, l-edukazzjoni, is-sistemi ta' kontroll, l-aċċess għall-oġġetti u servizzi u tal-midja;
  5. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jibdeu il-mixja ħalli jinstabu r-risponsi politiċi u legali xierqa, speċjalment fl-istadju ta' prevenzjoni fir-rigward ta' l-edukazzjoni taż-żgħażaġh u ta' l-informazzjoni pubblika, waqt li jsir tagħlim kontra t-totalitariżmu, u jixterdu l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali sabiex tinżamm ħajja l-memorja ta' l-Istorja Ewropea; jstieden lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw politiki ta' edukazzjoni għaċ-ċittadinanza demokratika bbażata fuq id-drittijiet u r-responsabilitajiet taċ-ċittadini;

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tissorvelja l-applikazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni eżistenti li hi mfassla biex tipprobixxi t-tixwix favur il-vjolenza politika u reliġjuża, ir-razziżmu u l-ksenofobija; jistieden lill-Istati Membri biex jissorveljaw l-implimentazzjoni stretta u t-titjib kostanti ta' liġijiet kontra r-razziżmu, kampanji ta' informazzjoni u biex iqajmu l-kuxjenza fil-midja u fl-istabbilimenti edukattivi;
  7. Iħeġġeġ lill-forzi politiċi demokratiċi kollha, kemm jekk tax-xellug u kemm tal-lemin, biex jevitaw kwalunkwe għajnunna, kemm espliċita u kemm impliċita, minn partiti estremisti ta' natura razzista jew ksenofobika, u għalhekk ukoll kwalunkwe alleanza, tkun xi tkun, mar-rappreżentanti eletti tagħhom;
  8. Iwiddeb, billi jħares 'il quddiem lejn l-elezzjonijiet Ewropej 2009, dwar il-possibilità li partiti estremisti jistgħu jiżguraw ir-rappreżentazzjoni fil-Parlament Ewropew, u jistieden lill-gruppi politiċi biex jieħdu miżuri xierqa sabiex jiżguraw li istituzzjoni demokratika ma tintużax bħala pjattaforma għall-finanzjament u t-tleħħin ta' messaġġi anti-demokratiċi;
  9. Jistieden lill-Istituzzjonijiet ta' l-UE sabiex jagħtu mandat ċar lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali sabiex tinvestiga l-istrutturi ta' gruppi estremisti sabiex jiġi evalwat jekk xi wħud minnhom qed jikkoordinaw ix-xogħol tagħhom fil-gruppi tagħhom fl-Unjoni Ewropea jew f'livell reġjonali;
  10. Itenni t-twemmin tiegħu li l-personalitajiet pubbliċi għandhom iżommu lura minn dikjarazzjonijiet li jinkoraġġixxu jew jinċitaw il-mibgħeda jew l-għoti ta' stigma lill-gruppi ta' persuni fuq il-bażi tar-razza, oriġini etnika, reliġjon, diżabilità, orjentazzjoni sesswali jew nazzjonalità tagħhom; jemmen li meta personalitajiet pubbliċi jinċitaw il-mibgħeda, din għandha titqies bħala ċirkustanza aggravanti ta' diskors ta' mibgħeda, jikkundanna b'mod partikulari l-prevalenza ta' l-anti-Semitiżmu;
  11. Jitlob lill-midja biex tinforma dwar il-perikli tad-diskors tal-mibgħeda u biex tgħin fil-promozzjoni tal-prinċipji u tal-valuri tad-demokrazija, l-ugwaljanza u t-tolleranza;
  12. Jitlob lill-Istati Membri kollha biex għall-inqas jipprevedu — wara deċiżjoni tal-qorti — għall-possibilità li jiġi rtirat l-iffinanzjar pubbliku mill-partiti politiċi li ma jikkundannawx il-vjolenza u t-terroriżmu u li ma jirrispettawx id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif stipulat fl-ECHR u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; u jitlob lil dawk li diġà jgawdu minn din il-possibilità biex jagħmlu dan mingħajr dewmien; jistieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-ebda finanzjament ta' l-UE li jkun disponibbli għall-mezzi tal-midja ma jintuża bħala pjattaforma għall-promozzjoni fuq skala kbira ta' ideat razzisti, ksenofobiċi u omofobiċi;
  13. Jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja lill-NGOs u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu favur il-promozzjoni tal-valuri demokratiċi, tad-dinjità umana, tas-solidarjetà, ta' l-inklużjoni soċjali, tad-djalogu interkulturali u tal-kuxjenza soċjali dwar il-perikli tar-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, u li huma kommissi fil-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni;
  14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri u lill-Kunsill ta' l-Ewropa.
-

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

P6\_TA(2007)0624

## Montenegro

### Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar il-finalizzazzjoni ta' Ftehma ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa waħda, u l-Montenegro min-naħa l-oħra

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2005 biex jibdew in-negozjati mas-Serbja u l-Montenegro fid-dawl tal-konklużjoni tal-Ftehma ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA),
  - wara li kkunsidra l-adozzjoni mill-Kunsill fl-24 ta' Lulju 2006, wara d-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-Parlament tal-Montenegro, ta' mandat ta' negozjar speċifiku għall-Montenegro,
  - wara li kkunsidra l-għeluq tan-negozjati dwar l-FSA fl-1 ta' Diċembru 2006 u l-iffirmar tal-Ftehma fil-15 ta' Marzu 2007,
  - wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehma ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, u r-Repubblika tal-Montenegro fisem il-Komunità Ewropea (COM(2007)0350),
  - wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-finalizzazzjoni tal-Ftehma ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra, COM(2007)0350),
  - wara li kkunsidra l-iffirmar tal-ftehimiet bejn l-UE u l-Montenegro fit-18 ta' Settembru 2007 dwar is-simplifikar biex jinkisbu viżi għal żmien qasir u dħul mill-ġdid<sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport ta' progress tal-Kummissjoni ta' l-2007 dwar il-Montenegro (SEC 2007) 1434,
  - wara li kkunsidra d-dokument indikattiv ta' programmazzjoni finanzjarja multiannwali għall-Montenegro skond l-Istrument ta' Qabel l-Adeżjoni (2007-2009),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Montenegro huwa wieħed mill-partijiet firmatarji tat-Trattat Komunitarju dwar l-Enerġija,
- B. billi l-Montenegro kkonferma r-ratiffika ta' l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) fit-23 ta' Ottubru 2006,
- C. billi l-ġejjieni tal-Montenegro jinsab fl-Unjoni Ewropea,
- D. billi l-Montenegro huwa firmatarju ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kummerċ Ħieles ta' l-Ewropa Ċentrali (CEFTA); billi l-adeżjoni tal-Montenegro mad-WTO tista' tiġi ffinalizzata fl-2008,

<sup>(1)</sup> Ara l-pożizzjonijiet tal-Parlament ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar dawk il-ftehimiet (*Testi Adottati*, P6\_TA(2007)0451 u P6\_TA(2007)0452).

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

- E. billi fil-laqgħat tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 f'Thessaloniki l-Kunsill Ewropew irrikonoxxa li l-ġejjieni tal-Montenegro huwa fl-Unjoni Ewropea, u billi li dan ġie kkonfermat f'bosta okkażjonijiet mill-Kunsill u l-Parlament,
- F. billi l-Ftehma ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tistabbilixxi relazzjoni kontrattwali bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Montenegro f'oqsma vitali tal-ħajja istituzzjonali, soċjali u ekonomika ta' dan il-pajjiż,
- G. billi d-dimensjoni ambjentali hija importanti fil-ħajja ekonomika u soċjali tar-Repubblika tal-Montenegro, importanza rikonoxxuta mill-Kostituzzjoni tagħha, li tiddikjara li l-Montenegro huwa repubblika ekoloġika, u billi għandu jiġi enfasizzat li tali dikjarazzjonijiet ta' intenzjoni għandhom jiġu appoġġati minn miżuri prattiċi u strutturi effikaċi,
- H. billi ġudikatura indipendenti, kompetenti u responsabbli ħielsa mill-korruzzjoni għandha rwol essenzjali fil-ħajja ta' pajjiż demokratiku,
- I. billi l-assistenza Komunitarja lill-Montenegro għandha tkun proporzjonata ma' l-impenji kuntrattwali li joħorġu mill-FSA,
- J. billi, wara ftehma bejn il-koalizzjoni li qed tiggverna u sezzjonijiet importanti ta' l-oppożizzjoni, il-Parlament tal-Montenegro adotta fid-19 ta' Ottubru 2007, Kostituzzjoni ġdida għall-Montenegro, bil-maġġoranza meħtieġa ta' żewġ terzi,
- K. billi fl-2007 l-ekonomija tal-Montenegro qed turi tkabbir sod (kważi 8%) u volum dejjem akbar ta' investiment dirett barrani (EUR 707 000 000); billi r-rata tal-qgħad bħalissa hija baxxa u għall-ewwel darba niżlet taħt it-12%; billi, madankollu, għad baqa' tħassib dwar id-defiċit tal-kont kurrenti tal-bilanċ tal-ħlasijiet,
- L. billi l-korruzzjoni għadha problema serja fil-Montenegro, u billi fl-Indiċi tal-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni ta' l-2007 ta' Trasparenza Internazzjonali, il-Montenegro kellu l-punteġġ medju ta' 3.3 (fuq skala li tvarja minn 0, li tfisser "korrott ħafna" sa 10, li tfisser "onest ħafna"),
1. Jifraħ lill-gvern tal-Montenegro dwar il-konklużjoni mħaffa tan-negozjati dwar il-Ftehma ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) u l-iffirmar reċenti ta' dan id-dokument importanti;
  2. Iqis l-FSA bħala l-ewwel pass, iżda wieħed importanti, mill-Montenegro biex jingħaqad ma' l-Unjoni Ewropea u jemmen li l-ftehma tipprovdi eżempju ulterjuri tal-bidliet pożittivi fil-Balkani tal-Punent li l-prospettiva għal sħubija ma' l-UE tista' tikseb; ifakkar lill-awtorità tal-Montenegro, madankollu, li l-prospettiva ta' adeżjoni għandha tkun evalwata b'mod realistiku, mhux biss fuq il-bażi tat-transpożizzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' regoli u standards Komunitarji imma wkoll fuq il-kapaċità amministrattiva u ġudizzjarja effettiva tal-pajjiż u l-allokazzjoni ta' biżżejjed riżorsi, li huma essenzjali għal qafas leġiżlattiv sod fil-Montenegro u l-implimentazzjoni effettiva tiegħu u huwa rekwiżit fundamentali għall-iżvilupp demokratiku u ekonomiku tal-pajjiż;
  3. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tqis l-esperjenzi uniċi tar-riformi marbuta mat-tranżizzjoni ta' l-Istati Membri li nqas ma' l-UE fis-seklu 21 sabiex tibni fuq il-mekkaniżmi operattivi l-ġodda li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-Montenegro;
  4. Jirrakkomanda tisħiħ fl-irwol tal-Parlament tal-Montenegro, bħala l-qofol tad-demokrazija parlamentari, u josserva li għaldaqstant għandu jaġixxi bħala korp ta' skrutinju, per eżempju fil-qasam tal-finanzi pubbliċi;

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

5. Jistieden lill-Parlament tal-Montenegro, skond kif iħares lejn l-irwol tiegħu, sabiex jikkontribwixxi b'mod attiv fil-proċess ta' tqarrib ma' l-UE; ifakkar lill-Gvern li għandu jinvolti lill-Parlament tal-Montenegro b'mod attiv fil-proċess tat-tfassil ta' l-opinjoni;
6. Ihegġegħ lill-Gvern u lill-Parlament tal-Montenegro sabiex jagħtu effett prattiku lill-oġettivi mniżżla fl-Artikolu 80 ta' l-FSA, bl-introduzzjoni ta' liġijiet u regolamenti meħtieġa sabiex tkun garantita l-indipendenza u r-responsabilizzazzjoni tal-ġudikatura; iqis, f'dan ir-rigward, li d-dispożizzjonijiet tal-kostituzzjoni l-għdida dwar ir-responsabilità fil-ħatra ta' l-imħallfin inaqqsu s-setgħat ta' għażla tal-Parlament tal-Montenegro u jżidu l-awtonomija tal-korp ġudizzjarju li jirregola lill-nnifsu; ifakkar li huwa essenzjali li ġudikatura indipendenti, effikaċi u ħielsa mill-korruzzjoni tkun fis-seħħ biex tiegħu ħsieb l-implimentazzjoni sħiħa u irriversibbli ta' l-istat ta' dritt;
7. Ihegġegħ lill-gvern tal-Montenegro u lill-awtoritajiet ġudizzjarji biex jipprovdu l-għajnuna u l-koperazzjoni kollha meħtieġa lill-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani rigward il-konklużjoni ta' l-inkjesta dwar il-kriminalità organizzata u l-kuntrabandu tas-sigaretti li tinvolti politiki prominenti tal-Montenegro u tista' tiġi segwita b'mandat ta' arrest internazzjonali;
8. Jinnota b'sodisfazzjon il-koperazzjoni kontinwa tal-Montenegro mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali ta' dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY) u jenfazizza li din il-koperazzjoni hija marbuta ħafna mal-progress tal-Montenegro lejn sħubija ma' l-UE; ihegġegħ lill-awtoritajiet tal-Montenegro biex itemmu l-investigazzjonijiet tagħhom fuq Sreten Glendza, kmandant tad-distrett tal-pulizija ta' l-Ulcinj, u fuq ħames ex uffiċjali tal-pulizija li ġew akkużati li wettqu reati tal-gwerra fl-1992; jilqa' b'sodisfazzjon l-iffirmar fis-6 ta' Diċembru 2007 ta' ftehma ma' l-ICTY dwar il-provvista ta' għajnuna teknika, kif ukoll passi oħra meħuda mill-istess awtoritajiet minħabba l-iskadenza ta' l-2008 għall-konklużjoni tal-ġurijiet kollha fl-ICTY;
9. Jilqa' b'sodisfazzjon l-arrest li seħħ aktar kmieni fl-2007 fit-territorju tal-Montenegro ta' l-akkużat maħrub għar-reati tal-gwerra Vlastimir Dordević u jstieden lill-awtoritajiet tal-Montenegro biex jikkoperaw mas-Serbja u ma' pajjiżi ġara oħra fil-lokalizzazzjoni u fl-arrest tas-suspettati tar-reati tal-gwerra li fadal, b'mod partikolari ta' Ratko Mladić u ta' Radovan Karadžić;
10. Ihegġegħ lill-awtoritajiet tal-Montenegro sabiex jadottaw u jimplimentaw politiki proattivi kontra l-korruzzjoni, bil-għan li titjieb l-effiċjenza ta' l-amministrazzjoni pubblika, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, armi, sigarretti u drogi, ladarba dawn huma rekwiżiti għal aktar integrazzjoni fl-Unjoni Ewropea; ifakkar l-importanza li tiġi stabbilita klima ta' sikurezza għaċ-ċittadini tal-Montenegro, għat-turisti u l-investituri barranin u jstieden f'dan ir-rigward li korpi indipendenti li jissorveljaw il-korruzzjoni jiġu msaħħa.
11. Jilqa' b'sodisfazzjon l-iffirmar tal-Ftehma ta' Faċilitazzjoni tal-Viża u tal-Ftehma ta' Rijammissjoni mal-Montenegro fit-18 ta' Settembru 2007 bħala l-ewwel pass lejn reġim ħieles mill-viża, u jstieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jistabbilixxu rotta programmata konkreta u jadottaw miżuri maħsuba biex iżidu l-opportunitajiet ta' vvaġġar għal proporzjon akbar ta' ċittadini, partikolarment ta' żgħażagħ u ta' studenti;
12. Jilqa' b'sodisfazzjon f'dan ir-rigward il-ftuħ taċ-Ċentru ta' l-Applikazzjoni tal-Viża Komuni ta' l-UE f'Podgorica sabiex jiffaċilita l-proċeduri għal ħruġ ta' viżi għal perjodu qasir u jstieden lill-Istati Membri biex jipparteċipaw f'dan il-proġett taċ-Ċentru ta' l-Applikazzjoni tal-Viża Komuni sabiex iċ-ċittadini tal-Montenegro jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-ftehma ffirmata f'dak ir-rigward;
13. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Montenegro biex jieħdu l-iffirmar tal-ftehma bħala opportunità biex jiksbu riformi qawwija foqasma bħall-istat ta' dritt, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, it-tisħiħ tal-kontrolli fuq il-fruntiera, u ż-żieda fil-kapaċità amministrattiva tal-Montenegro;

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

14. Jenfasizza l-importanza ta' l-Artikolu 114 ta' l-FSA li fih impenn għal "aktar żvilupp ta' politika amministrattiva effiċjenti u ta' responsabilizzazzjoni fil-Montenegro" u jħeġġeġ lill-Gvern sabiex jadotta d-dispożizzjonijiet meħtieġa bil-għan li tkun garantita trasparenza fir-reklutaġġ u l-ġestjoni tal-karrieri fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika kif ukoll sabiex isir użu sħiħ, bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, mill-istrumenti Komunitarji ta' assistenza u ta' ġemellaġġ għall-korpi pubbliċi;
15. Jiddispijaċih dwar l-iffirmar ta' ftehma bejn l-Istati Uniti u l-Montenegro, li fiha l-Montenegro jwiegħed li ma jgħaddix persunal ta' l-Istati Uniti lill-ICC bil-patt u l-kundizzjoni li l-Istati Uniti tipprovdi għaj-nuna militari lill-Montenegro (l-hekk imsejħa "ftehima ta' l-Artikolu 98"); ifakkar li l-UE topponi dawn il-ftehimiet għaliex idgħajfu l-awtorità ta' l-ICC; jistenna li l-Montenegro iqis il-pożizzjoni ta' l-UE f'dan ir-rigward u jadotta l-miżuri xierqa;
16. Jenfasizza li l-iżvilupp ta' turiżmu eko-sostenibbli huwa ta' importanza kbira għall-futur ekonomiku tal-Montenegro; jinsisti dwar il-bżonn li l-Montenegro jadotta qafas ta' leġiżlazzjoni ambjentali koerenti u pjan ewlieni għall-ħarsien tal-kosta u jħeġġeġ lill-Gvern biex il-korpi indipendenti responsabbli biex jiżguraw li jkun hemm rispett b'mod partikolari għall-bilanċ ekoloġiku delikat fiż-żoni kostali, iżda anki għall-parks nazzjonali fin-naħa ta' ġewwa tal-pajjiż isiru operattivi, u jikkundanna l-fatt li l-Artikolu 96 ta' l-FSA ma fih ebda impenn ċar f'dan ir-rigward.
17. Jiddispijaċih dwar l-ispekulazzjonijiet fuq il-proprjetà u l-beni immobbli li għaddejjin bħalissa u l-impatt negattiv tagħhom fuq l-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiż, primarjament minħabba l-kontroll dgħajfef jew mhux biżżejjed ta' l-awtoritajiet statali jew lokali;
18. Jinnota li de facto l-Montenegro juża l-euro bħala l-munita uffiċjali; jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-użu attwali ta' l-euro, li ġie deċiż mill-awtoritajiet tal-Montenegro f'ċirkustanzi eċċezzjonali, ma għandu x'jaqsam xejn mas-sħubija fiż-żona euro; ifakkar li sabiex pajjiż jingħaqad maż-żona euro jridu jiġu sodisfatti l-kriterji kollha definiti fit-Trattat, li jinkludu l-kisba ta' livell għoli ta' konverġenza sostenibbli;
19. Iħeġġeġ għalhekk lill-Gvern u lill-Parlament tal-Montenegro sabiex jimplimentaw ma' l-ewwel opportunità li jkollhom il-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-ħarsien tal-pajsaġġi — partikolarment taż-żoni kostali — u ta' l-ilmijiet u ta' l-ambjent tal-baħar, kif ukoll jimplimentaw il-pjanijiet ewlenin għall-ġestjoni integrata ta' l-iskart u t-trattament tad-drenaġġ, b'iffukar partikolari fuq il-promozzjoni tal-ġbir differenzjat ta' l-iskart fil-lokalitajiet turistiċi tal-kosta u billi jipprovdu għall-bini ta' impjanti għall-irkupru termali; jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari lejn il-bilanċ ekoloġiku delikat tal-Bajja ta' Kotor u l-ħtieġa urġenti li jkun hemm intervent kollettiv bil-għan li dan il-patrimonju ta' sbuħija naturali u arkitettonika rari jiġi ppreservat;
20. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet tal-Montenegro jagħtu effett prattiku lill-objettivi mniżżla fl-Artikolu 109 tal-FSA billi joħloqu, mill-aktar fis, impjanti li jużaw enerġija li tiġġedded; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tgħin lill-Gvern tal-Montenegro fit-tfittxija tal-finanzjamenti pubbliċi jew pubbliċi-privati meħtieġa sabiex jinbnew dawn l-impjanti; jinnota li l-Abbozz ta' l-Istrateġija dwar l-Enerġija tal-Montenegro 2025 tipprovdi l-opportunità li tittrasforma s-settur ta' l-enerġija tal-Montenegro f'wieħed li jagħmel anqas ħsara lill-ambjent u jenfasizza l-importanza tiegħu għall-iżvilupp tal-pajjiż;
21. Jinnota li l-investment dirett barrani fil-Montenegro huwa maħkum minn investimenti fil-proprjetà immobbli; jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tal-pjan li jissalvagwardja l-art min-naħa tal-gvern tal-Montenegro, u jistieden għall-implimentazzjoni sħiħa tiegħu sabiex il-kosta tiġi mħarsa kontra l-possibilità li tinbena; josserva li, fl-istess ħin, il-kontrolli fuq il-bini għandhom rwol importanti f'din il-kwistjoni u li, f'żoni sensitivi għandhom jiġu kkunsidrati moratorji fuq il-bini;

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

22. Imħasseb dwar in-nuqqas ta' trasparenza u l-kultura ta' monopolji fi ħdan l-istrutturi politiċi u ekonomiċi li qed ifixxlu l-iżvilupp tal-Montenegro bħala soċjetà demokratika tas-suq ħieles;
23. Huwa ta' l-opinjoni li l-iffomular u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' żvilupp ekonomiku fuq medda twila ta' żmien kif ukoll l-indirizzar ta' l-ekonomija moħbija' mdaqqsqa tal-Montenegro huwa essenzjali għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' l-FSA; jistieden għalhekk lill-awtoritajiet tal-Montenegro sabiex jieħdu impenn aktar sod favur il-ħolqien ta' l-impjiegi, waħda mill-akbar problemi ekonomiċi u soċjali li qed taffronta s-soċjetà tal-Montenegro, u biex jistabbilixxu politiki ekonomiċi sabiex joħolqu klima ta' negozju miftuħ, kompettitiv u trasparenti;
24. Jiġbed l-attenzjoni fuq l-importanza ta' l-iżvilupp ta' netwerk ta' trasport intermodali li ma jiffokax biss fuq it-trasport fuq it-toroq; iqis li dan l-objettiv jista' jiġi segwit permezz ta' sħubijiet mas-settur privat u bil-ħruġ ta' bonds governattivi; jirrakkomanda li jitkompla t-tiġdid tal-linji tal-ferrovija u jerrgħu jinbnew dawk li qed jintużaw parzjalment minn Podgorica lejn il-belt ta' Nikšić u lejn Shkoder, belt fuq il-fruntiera Albanija;
25. Jistieden lill-Gvern tal-Montenegro sabiex ifittex soluzzjonijiet fit-tul fir-rigward tal-problemi ta' l-akkomodazzjoni u tan-nazzjonalità tar-refuġjati li ġejjin mill-pajjiż ġar tal-Kosovo, fuq il-bażi tal-Konvenzjoni Ewropea ta' l-1997 dwar in-Nazzjonalità u l-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa adottata dan l-aħħar dwar il-Prevenzjoni ta' Nuqqas ta' rikonoxximent taċ-ċittadinanza marbuta mal-ħolqien ta' Stati ġodda;
26. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Montenegro sabiex jikkordinaw b'mod aktar effiċjenti l-parteċipazzjoni tal-Montenegro fil-programmi Komunitarji, partikolarment fil-qasam ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ; jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li programmi bħal dawn jistgħu jkunu strument effikaċi biex titjieb il-kwalità ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ disponibbli u sabiex jiġu offruti opportunitajiet ġodda ta' studju, inkluża l-possibbiltà għaż-żgħażaġh tal-Montenegro li jagħmlu żmien jistudjaw barra minn pajjiżhom; iqis xieraq li flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, ikunu studjati modi biex ikunu promossi ftehimiet ta' ġemellaġġi u sħubijiet bejn l-istrutturi tal-Montenegro u l-istrutturi ekwivalenti fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea; jikkunsidra li l-liberazzjoni tal-viża tista' tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-Montenegro fil-programmi Komunitarji;
27. Jistieden lill-Gvern tal-Montenegro sabiex jimplementa r-riformi tal-liġijiet dwar il-midja, b'mod partikolari l-Liġi dwar it-Trasparenza tal-Midja u l-Prevenzjoni tal-Konċentrazzjoni tal-Midja, sabiex ikun hemm aktar trasparenza u jiġu evitati l-monopolji tal-midja, kemm fil-midja stampata, kif ukoll f'dik elettronika; jistieden lill-Parlament tal-Montenegro biex jiżgura l-indipendenza tal-Kunsill tax-Xandir mir-Radju Televiżjoni tal-Montenegro (RTCG), inkluża rappreżentanza ġenwina mis-setturi kollha tas-soċjetà, biex b'hekk tiġi ffaċilitata t-trasmazzjoni sħiħa ta' l-RTCG f'servizz tax-xandir pubbliku professjonali;
28. Josserva li huwa essenzjali li tissaħħaħ u tinżamm midja indipendenti b'rappurtaġġ bilanċjat;
29. Jiddispjaċih ħafna li għadu ma ssołviex il-każ li involva l-qtil tal-ġurnalist Duško Jovanović, li, fiż-żmien li ġie maqtul kien wasal biex jippubblika serje ta' artikli dwar il-kuntrabandu tas-sigaretti u forom oħra ta' kriminalità organizzata fil-Montenegro;
30. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Montenegro sabiex jiggarrantixxi l-libertà ta' l-istampa u jitlob investigazzjoni dwar l-aggressjoni fuq Željko Ivanović, editur tal-ġurnal indipendenti ta' kuljum 'Vijesti', li seħħet f'Podgorica fl-1 ta' Settembru 2007;
31. Jenfasizza l-importanza ta' l-irwol li s-soċjetà ċivili jista' jkollha fl-iżvilupp tad-demokrazija u l-istat tad-dritt billi tiġbed l-attenzjoni fuq il-problemi soċjali u fuq kwistjonijiet politiċi sensitivi; jistieden f'dan il-kuntest għal salvagwardji aktar b'saħħithom u kundizzjonijiet aħjar għall-partijiet kollha interessati tas-soċjetà ċivili;



**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

32. Jinnota l-impenn meħud mill-gvern tal-Montenegro sabiex jippromwovi l-koperazzjoni kulturali u jitlob għal aktar parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fis-settur kulturali, inter alia permezz tad-dispożizzjoni għal inċentivi għal diversi forom ta' assoċjazzjoni u bil-promozzjoni tal-kuntatt fost il-persuni;
33. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi biex l-istudenti tal-Montenegro jinghatawllhom opportunitajiet ta' studju fil-pajjiżi ta' l-UE; jistieden lill-Istati Membri ta' l-UE biex isibu mezzi ġodda ta' interazzjoni mal-poplu tal-Montenegro;
34. Jiddeplora l-ittardjar fil-ftuħ ta' l-uffiċċju tad-delegazzjoni tal-Kummissjoni fil-Montenegro; jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-preżenza viżibbli ta' l-Unjoni Ewropea fil-Montenegro, partikolarment fid-dawl tad-dħul fis-seħħ ta' l-FSA; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni nidiet il-proċeduri għar-reklutaġġ ta' l-istaff għall-uffiċċju tad-delegazzjoni f'Podgorica u temmen li dawn se jitlestew kemm jista' jkun malajr;
35. Jilqa' b'sodisfazzjoni l-inawgurazzjoni ta' punt ġdid ta' qsim tal-fruntiera f'Šćepan Polje fl-1 ta' Ottubru 2007 u b'rabta ma' dan, it-tħabbir tal-bini ta' aktar punti ġodda ta' qsim tal-fruntiera; jilqa' f'dan ir-rigward l-iżvilupp ta' relazzjonijiet tajba mal-viċinat;
36. Jinnota li l-ftehma permanenti dwar il-fruntiera bejn il-Kroazja u l-Montenegro se jkollha tieħu post il-ftehma interim li ntemmet bejn il-Kroazja u dik li qabel kienet l-Unjoni Statali tas-Serbja u l-Montenegro; huwa ta' l-opinjoni li l-ftehma interim attwali li ġiet implimentata fil-Peniżula Prevlaka kienet bażi eċċellenti għall-ftehma permanenti l-ġdida;
37. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni mill-Parlament tal-Montenegro ta' test kostituzzjonali ġdid; jemmen li l-Kostituzzjoni l-ġdida tintroduċi separazzjoni tas-setgħat aktar ċara bejn il-leġiżlatura, l-eżekuttiv u l-ġudikatura u tistabilixxi biżżejjed salvagwardji għall-minoritajiet nazzjonali;
38. Huwa ta' l-opinjoni li t-test kostituzzjonali l-ġdid huwa pass fit-triq it-tajba li jipprovdi evidenza ulterjuri tar-rieda tal-Montenegro li jintegra bis-sħiħ fl-UE; huwa ta' l-opinjoni, madankollu, li ladarba jkun ttehdhu passi xierqa biex titjeb ir-responsabilizzazzjoni ta' l-imħallfin u titneħħa l-korruzzjoni endemika li thammegħ l-immaġini tal-ġudikatura tal-Montenegro, id-dispożizzjonijiet rigward il-ħatra u t-tneħħija ta' awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jitjiebu bil-għan li l-ġudikatura tkun issalvagwardjata aktar;
39. Iqis li koperazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent tista' sservi ta' strument effikaċi biex jissolvew il-problemi politiċi, ekonomiċi u soċjali tagħhom; jilqa' l-adeżjoni tal-Montenegro mal-ftehma tas-CEFTA li se tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż; ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tgħin lill-awtoritajiet tal-Montenegro fit-tisħiħ tal-koperazzjoni mal-pajjiżi tal-viċinat fil-qasam ta' l-enerġija, l-ambjent u t-trasport; jenfasisza l-importanza tal-koperazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni tal-Montenegro fl-Unjoni Ewropea;
40. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-Gvern tal-Montenegro.
-

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

P6\_TA(2007)0625

**Diżastri navali fl-Istrett ta' Kerch fil-Baħar l-Iswed****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar id-diżastri navali fl-Istrett ta' Kerch fil-Baħar l-Iswed u t-tniġġiż miż-żejt li rriżulta***Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sikurezza marittima, b'mod partikulari ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Novembru 2002 dwar id-diżastru tat-tanker taż-żejt Prestige 'il barra mill-kosta ta' Galizja <sup>(1)</sup> u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Settembru 2003 dwar it-titjib tas-sikurezza marittima b'rispons għall-inċident Prestige <sup>(2)</sup>;
- wara li kkunsidra l-ewwel u t-tieni pakketti ta' sikurezza marittima "Erika I u II",
- wara li kkunsidra s-seba' proposti leġislattivi dwar is-sikurezza marittima (it-tielet pakkett ta' sikurezza marittima) imressaq lill-Parlament mill-Kummissjoni f'Novembru 2005 (COM(2005)0586 — 0593),
- wara li kkunsidra l-pożizzjonijiet tiegħu adottati fl-ewwel qari fid-29 ta' Marzu 2007 <sup>(3)</sup> u fil-25 ta' April 2007 <sup>(4)</sup> dwar it-tielet pakkett ta' sikurezza marittima,
- wara li kkunsidra s-sensiela ta' miżuri ta' prijorità stabbiliti fl-2005 mill-Grupp ta' Livell Għoli ta' Trasport, li tiffoka fuq 5 pernijiet transnazzjonali ewlenin li jgħaqqdu lill-UE mal-pajjiżi ġirien fit-Tramuntana, fil-Lvant u fix-Xlokk kif ukoll madwar ir-reġjuni tal-Mediterran u tal-Baħar l-Iswed;
- wara li kkunsidra d-diżastru navali fl-Istrett ta' Kerch fil-Baħar l-Iswed, li seħħ fil-11 ta' Novembru 2007,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 71, 80 u 251 ta-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura,
- A. billi għaxar bastimenti (tankers u bastimenti tal-merkanzija), inkluż il-Volganefit-139, li ma kienx iddisinjat biex jiffaċċja maltemp kbir tal-baħar, għerqu jew inkaljaw fl-Istrett ta' Kerch u fit-Tramuntana tal-Baħar l-Iswed waqt maltempata kbira,
- B. billi, skond informazzjoni proviżorja, sitt baħħara mietu u aktar minn 2000 tunnellata ta' żejt karburanti u kubrit spiċċaw fil-baħar, filwaqt li kkawżaw diżastru ambjentali u l-mewt ta' aktar minn 15 000 tajra,
- C. billi maltempati vjolenti ferrxu s-sustanza niġġiesa taż-żejt li affettwaw lill-komunitajiet tar-reġjun kif ukoll l-ambjent, u billi t-tniġġis taż-żejt u l-kubrit, flimkien ma' l-imwiet tal-bnedmin, affettwa wkoll b'mod dirett lill-fawna u lill-flora, b'impatti potenzjali fuq medda twila ta' żmien fuq il-kwalità ekoloġika ta' l-ambjenti naturali affettwati,
- D. billi l-Baħar l-Iswed qed isir wieħed mir-rotot prinċipali għal aktar esportazzjonijiet taż-żejt fir-reġjun,

<sup>(1)</sup> ĠU C 25 E, 29.1.2004, p.415.

<sup>(2)</sup> ĠU C 77 E, 26.3.2004, p.76.

<sup>(3)</sup> Testi Adottati, P6\_TA(2007)0093 u 0094.

<sup>(4)</sup> Testi Adottati, P6\_TA(2007)0146 sa 0150.

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

- E. billi din it-telfa umana u diżastru ekoloġiku fil-Baħar l-Iswed jenfasizza l-ħtieġa li jitħaffu d-deliberazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-atti leġiżlattivi li baqgħu dwar "it-tielet pakkett ta' sikurezza marittima",
- F. billi wara l-adeżjoni tar-Rumanija u tal-Bulgarija, l-UE saret protagonista ewlenija fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed, li għandu importanża ġeo-strateġika għas-sigurtà ta' l-enerġija u għad-diversifikazzjoni tar-rotot ta' provvista ta' enerġija fl-UE, meta wieħed iqis kemm hu qrib tal-Baħar tal-Kaspju, tal-Lvant Nofsani u ta' l-Asja Ċentrali;
1. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu u jtenni l-appoġġ tiegħu għall-vittmi ta' dan id-diżastru;
  2. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jimmonitorjaw mill-qrib is-sitwazzjoni fil-Baħar l-Iswed u jieħdu azzjoni konkreta sabiex jgħinu ħalli jonqos l-impatt ekoloġiku tad-diżastru;
  3. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżguraw l-applikazzjoni rigoruża ta' leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti, b'mod speċjali dik li tirrigwarda l-istandards tal-bastimenti, pereżempju dwar il-Kontroll ta' l-Istat tal-Port;
  4. Jinnota li diversi miżuri, bħal projbizzjoni temporanja tal-bastimenti tax-xmajjar għall-ibħra (river-to-sea vessels) mill-ibħra internazzjonali, ittieħdu mill-awtoritajiet Russi b'riżultat tas-sensjela ta' nawfragġi riċenti fl-Istrett ta' Kerch, u jenfasizza l-fatt li dawn il-miżuri m'għandhomx jitneħħew ħliet wara li jsiru investigazzjonijiet dettaljati u tkun tlestiet evalwazzjoni tas-sitwazzjoni;
  5. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi l-prinċipji tal-Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea fir-reġjun tal-Baħar Baltiku, kif propost fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar dan (COM(2007)0575);
  6. Jenfasizza li l-aktar osservanza stretta tar-regoli tan-navigazzjoni marittima hija fattur essenzjali tas-sikurezza marittima u jħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-pajjiżi ġirien ta' l-UE sabiex jiżguraw li l-baħħara u l-amministrazzjoni marittima febda ċirkustanza ma tinjora l-avviżi jew it-twissijiet ta' maltempati;
  7. Jenfasizza l-fatt li d-diżastru fil-Baħar l-Iswed għandu jiġbed l-attenzjoni tal-pajjiżi ġirien ta' l-UE — b'mod ewlieni r-Russja, li ddikjarat pjanijiet li tkabbar għal ħafna drabi l-kapaċitajiet tagħha ta' trazzbord u esportazzjoni taż-żejt fix-xatt tal-Baħar l-Iswed — dwar il-kwistjoni ta' l-immodernizzar tal-flotta marittima u l-projbizzjoni ta' l-użu ta' tankers antiki li għandhom buq wieħed.
  8. Jirrikonoxxi l-irwol pro-attiv tal-Kummissjoni sa minn Novembru 2005, meta ppreżentat it-tielet pakkett ta' sikurezza marittima sabiex issaħħaħ il-leġiżlazzjoni Ewropea tas-sikurezza marittima, mingħajr ma tistenna li jseħħ inċident marittimu ieħor, u jkunu evitati aktar diżastri ambjentali u tniġġis marittimu;
  9. Jirrimarka li hu temm l-ewwel qari tiegħu tas-seba' proposti dwar it-tielet pakkett ta' sikurezza marittima f'April 2007, u jqis li s-seba' proposti leġiżlattivi huma marbuta ħafna ma' xulxin u għaldaqstant jeħtieġ li jiġu approvati bħala pakkett;
  10. Jenfasizza li inċidenti bħal dak li seħħ fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed għandu jħaffef ir-ritmu tad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill, u jistiednu sabiex jadotta pożizzjonijiet komuni dwar kull waħda mis-seba' proposti leġiżlattivi immedjatament;
  11. Jenfasizza l-importanża tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi u l-Memorandum ta' Ftehim tal-Baħar l-Iswed, u jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex issaħħaħ il-koperazzjoni ma' stati ta' kostali li mhumiex parti mill-UE dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri li jnaqqsu t-theddida ta' tniġġis ambjentali minn inċidenti marittimi, fosthom permezz ta' azzjoni meħuda fil-kuntest ta' l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u l-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi;

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

12 Jenfasizza l-irwol ewlieni li jista' jkollhom organizzazzjonijiet reġjonali, b'mod partikulari l-Organizzazzjoni ta' Koperazzjoni Ekonomika tal-Baħar l-Iswed, sabiex jiżguraw li jitjeb l-immaniġġjar u l-koperazzjoni tat-tbaħħir fil-Baħar l-Iswed;

13. Isemmi l-fatt li t-tniġġis ambjentali, kif ġie kkawżat mit-tixrid riċenti taż-żejt, hi problema li qed tikber fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed, li tista' tiġi trattata biss permezz ta' sforzi konġunti mill-istati kollha tar-reġjun; jistieden għaldaqstant lill-istati tar-reġjun sabiex irawmu l-mudelli eżistenti ta' koperazzjoni u joħlqu mekkaniżmi ġodda ta' koperazzjoni, bħall-koperazzjoni fil-qasam tat-tindif wara sitwazzjonijiet bħal dawk tat-tixrid riċenti taż-żejt;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jagħmlu l-użu massimu possibbli ta' l-Istrument Ewropew il-ġdid ta' Viċinat u Sħubija bħala għodda sabiex jiġu indirizzati l-problemi ambjentali tal-Baħar l-Iswed kif ukoll sabiex jużaw l-Istrument il-ġdid għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni sabiex jindirizzaw kwisjionijiet relatati ma' l-ambjent fil-pajjiżi tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

---

P6\_TA(2007)0626

## Skemi ta' garanzija għal depożiti

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti 2007/2199(INI)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 94/19/KE dwar l-Iskemi ta' Garanzija għal Depożiti (COM(2006)0729),
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 87/63/KEE tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar l-introduzzjoni ta' skemi ta' garanzija għal depożiti fil-Komunità <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-Koordinazzjoni ta' Liġijiet, Regolamenti u Dispożizzjonijiet Amministrattivi li jirrigwardaw skemi ta' garanzija għal depożiti tat-22 ta' Settembru 1992 <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra l-pożizzjonijiet tiegħu ta' l-10 ta' Marzu 1993 fl-ewwel qari <sup>(3)</sup> u tad-9 ta' Marzu 1994 fit-tieni qari <sup>(4)</sup> fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Kunsill dwar skemi ta' garanzija għal depożiti,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti <sup>(5)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-klawsola ta' projbizzjoni fuq l-esportazzjoni, fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar skemi ta' garanzija għal depożiti (94/19/KE) (COM(1999)0722),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-funzjonament tad-dispożizzjoni rigward it-"topping-up", fl-Artikolu 4, paragrafi 2- 5 tad-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija għal Depożiti (94/19/KE) (COM(2001)0595),

<sup>(1)</sup> ĠU L 33, 4.2.1987, p. 16.

<sup>(2)</sup> ĠU C 332, 16.12.1992, p. 13.

<sup>(3)</sup> ĠU C 115, 26.4.1993, p. 91.

<sup>(4)</sup> ĠU C 91, 28.3.1994, p. 85.

<sup>(5)</sup> ĠU L 135, 31.5.1994, p. 5. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/1/KE.

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

- wara li kkunsidra l-parir tekniku tal-Kumitat tas-Sorveljaturi Bankarji Ewropej “Parir tekniku dwar reviżjoni ta’ aspetti relatati ma’ skemi ta’ garanzija għal depożiti” tat-30 Settembru 2005 (CEBS/05/81),
  - wara li kkunsidra r-rapport taċ-Ċentru ta’ Riċerka Konġunta tal-Kummissjoni (JRC) li jismu “Analiżi ta’ Xenarju: Stima ta’ l-effetti ta’ bidla fil-mekkaniżmi ta’ ffinanzjar ta’ Skemi ta’ Garanzija għal Depożiti fl-UE” ta’ Frar 2007,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-livell minimu ta’ garanzija tad-Direttiva dwar l-Iskemi ta’ Garanzija għal Depożiti 94/19/KE,
  - wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-Politika tas-Servizzi Finanzjarji għas-snin 2005-2010 (COM(2005)0629) u r-riżoluzzjoni Parlamentari tal-11 ta’ Lulju 2007 rigward dan <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0448/2007),
- A. billi l-iskemi ta’ garanzija għal depożiti huma parti importanti mix-xibka tas-sigurtà;
- B. billi l-iskemi ta’ garanzija għal depożiti jservu biex jiproteġu individwi u funzjonijiet u jggarantixxu kundizzjonijiet ta’ kompetizzjoni ġusti,
- C. billi s-sitwazzjoni attwali fis-settur bankarju li rriżultat mill-kriżi *subprime* fl-Istati Uniti u r-riperkussjonijiet tagħha fis-setturi finanzjarji wrew kemm hi rilevanti l-kwistjoni ta’ skemi ta’ garanziji għal depożiti,
- D. billi d-differenzi fil-livell nazzjonali fost l-istrutturi ta’ l-iskemi ta’ garanzija għal depożiti huma konsegwenza ta’ differenzi fir-rekwiżiti istituzzjonali fl-Istati Membri individwali,
- E. billi l-fiduċja fis-salvagwardja ta’ l-istabilità tas-swieq finanzjarji u l-kundizzjonijiet ġusti għall-kompetizzjoni huma bażi importanti għas-suq intern kollu kemm hu;
- F. billi l-aħħar studji jirrimarkaw li numru dejjem jikber ta’ ċittadini ta’ l-UE qed jikkunsidraw jixtru prodotti finanzjarji barra l-pajjiż;
- G. billi, bħala riżultat ta’ attivitajiet transkonfinali dejjem jiżdiedu ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu kif ukoll bidliet fl-istruttura tas-sorveljanza bankarja Ewropea, qed jinqalgħu kwistjonijiet ġodda rigward il-koo-perazzjoni, il-koordinazzjoni u l-qsam ta’ responsabilitajiet f’sitwazzjonijiet ta’ kriżi bejn il-pajjiżi ta’ oriġini u dak ospitanti,
- H. billi minħabba suq finanzjarju li qed isir dejjem integrat, ix-xibka tas-sigurtà għandha taqdi l-iskopijiet tagħha f’sitwazzjonijiet ta’ kriżi transkonfinali,
1. Jirrikonoxxi l-importanza ta’ l-iskemi ta’ garanzija għal depożiti u l-benefiċċji tad-Direttiva 94/19/KEC għall-utenti u għall-istabilità tas-suq finanzjarju; jisħaq li, fl-istess waqt, fuq l-importanza li jiġu eliminati distorzjonijiet possibbli fis-suq jekk dawn jiġu verifikati permezz ta’ analiżi;
2. Jaqbel mal-Kummissjoni li emendi leġiżlattivi għad-Direttiva 94/19/KEC għandhom isiru biss wara li r-riżultati ta’ aktar riċerka, b’mod partikolari fil-qasam tar-riskju transkonfinali u l-immaniġġjar f’sitwazzjoni ta’ kriżi, ikunu disponibbli; jikkunsidra li huwa importanti li distorzjonijiet serji fil-kompetizzjoni jiġu trattati jekk dawn ikunu ġew verifikati permezz ta’ analiżi;

(<sup>1</sup>) *Testi Adottati*, P6\_TA(2007)0338.

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

3. Jikkunsidra li l-garanzija minima stipulata għandha tiġi armonizzata f'livell ogħla, iżda li kwalunkwe żieda għandha tkun marbuta mill-qrib ma' żvilupp ekonomiku korrispondenti, b'mod partikolari minħabba l-fatt li numru ta' pajjiżi, minħabba l-kundizzjonijiet makroekonomiċi tagħhom, għadhom ma laħqux il-livell minimu ta' garanzija stabbiliti fid-Direttiva 94/19/KE; f'dan il-kuntest, madankollu, jagħmilha ċara li aktar tnaqqis fil-livell ta' garanzija minħabba inflazzjoni għandu jitwaqqaf mhux aktar tardminn meta id-Direttiva terġa tiġi emendata;
4. Jappoġġa l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li l-iffunzjonar ta' l-iskemi ta' garanzija għal depożiti jista' jitjeb permezz ta' miżuri awtoregulatorji, partikolarment dawk transkonfinali;
5. F'dan ir-rigward, jilqa' b'sodisfazzjon il-kooperazzjoni mal-Forum Ewropew ta' l-Assiguraturi tad-Depożiti (EFDI) u l-JRC mibdija mill-Kummissjoni, u kif ukoll id-djalogu b'ambitu wiesa' immirat lejn it-tfassil ta' miżuri awtoregulatorji li ġie instigat mill-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjon biex tinforma lill-Parlament Ewropew bl-iskeda ta' żmien u bir-riżultati tagħha f'dan ir-rigward;
6. Huwa tal-fehma li trid tingħata aktar informazzjoni lill-klijenti biex tghinjom jagħmlu għażliet infurmati rigward l-intermedjarji li magħhom jafdaw it-tfaddil tagħhom, u li l-approċċ għandu dejjem ifittex li jkabbar il-kapaċità ta' l-intermedjarji li joperaw fuq bażi transkonfinali u li jippromwovu l-integrazzjoni tas-suq; jemmen li l-awtoregolamentazzjoni u b'mod partikolari l-kontribuzzjoni potenzjali tal-EFDDepożitiJista' jkollha sehem importanti f'din il-konnessjoni;
7. Jikkunsidra li s-sistemi varji ta' ffinanzjar eżistenti ta' l-iskemi ta' garanzija għal depożiti għandhom jiġu eżaminati fil-kuntest ta' distorsjonijiet possibbli tal-kompetizzjoni, inkluż it-trattament ugwali tal-konsumaturi u l-ispejjeż sussegwenti, u b'mod partikolari ta' l-effetti fuq l-iffunzjonar fil-każ ta' kriżi transkonfinali;
8. Jenfasizza l-fatt li skemi ta' garanzija għal depożiti ex-post għandhom jipprovdu sigurtà u sikurezza għall-konsumaturi kollha daqs kemm jipprovdu l-iskemi ta' garanzija għal depożiti ex-ante.
9. Jemmen li s-separazzjoni tas-superviżjoni u l-iskema ta' garanzija għal depożiti bejn il-pajjiżi se toħloq problemi regolatorji; jitlob lill-Kummissjoni biex tanalizza l-effetti ħżiena possibbli ta' sitwazzjoni bħal din;
10. Jikkunsidra li ż-żmien ta' stennija qabel ma' jiġu rimborsati id-depożitarji f'sitwazzjoni ta' kriżi jista' jitnaqqas sostanzjalment minħabba l-innovazzjonijiet kunsiderevoli fil-qasam tat-teknoloġiji ta' komunikazzjoni li seħħew minn mindu ġiet adottata d-Direttiva 94/19/KE; jikkunsidra li t-titjib għandu primarjament jiġi miksub permezz ta' miżuri mhux leġislattivi, per eżempju: permezz ta' ftehim, l-aħjar Prattiki, titjib fil-kwalità tad-data, u allokkazzjoni ċara tar-responsabilità' għall-ipproċessar tad-data u impenn min-naħa tal-banek;
11. Jikkunsidra li, meta rimbors jirriżulta minn żewġ skemi ta' garanzija għal depożiti, il-perjodu ta' stennija għad-depożitarju li jrid jiġi rimborsat ma għandux jkunx itwal għal rimborsi mill-iskemi tal-pajjiż tad-depożitant milli minn skemi tal-pajjiż ospitanti;
12. Jaqbel ma' l-approċċ li permezz tiegħu d-deċizzjoni dwar kwalunkwe rimborż jew trasferiment ta' kontribuzzjonijiet li saru għall-iskemi ta' garanzija minn istituzzjoni ta' kreditu għandha, fil-każ ta' membru li joħroġ mill-iskemi ta' garanzija għal depożiti, tittieħed mill-Istati Membri konċernati;
13. Jappoġġa l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, li dispożizzjonijiet ġodda għat-trasferiment jew ir-rimbors ta' kontribuzzjonijiet għall-iskemi ta' garanzija m'għandhom la jdgħajfu l-iffunzjonar tal-fond u lanqas jirriżultaw f'akkumulazzjoni inaċċettabbli ta' riskji;

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

14. Huwa ta' l-opinjoni li, fuq medda ta' żmien, il-kwistjoni ta' l-armonizzazzjoni ta' skemi ta' garanzija għal depożiti fir-rigward ta' l-iffinanzjar tagħhom u tal-kompetenza u l-irwol ta' l-awtorità superviżorja għandha tiġi indirizzata permezz ta' approċċ proattiv komuni jekk l-analiżi rikjesti juru distorzjonijiet ta' kompetizzjoni, trattament inekwu ta' konsumaturi jew konsegwenzi negattivi fuq mmaniġġjar tar-riskju transkonfinali;
15. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien ta' gruppi ta' ħidma tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u tal-Kumitat għas-Servizzi Finanzjarji sabiex jirrevedu u jiżviluppaw arranġamenti ta' l-UE immirati sabiex tiġi żgurata stabbiltà fis-swieq finanzjarji u biex is-sorveljanza tiġi regolata;
16. Jiddikjara b'mod ċar li t-tendenza lejn is-sostituzzjoni ta' sussidjarji bi strutturi ta' fergħat fis-settur bankarju hija marbuta wkoll ma' rekwiżiti ġodda għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet fl-Istati Membri kkonċernati f'sitwazzjonijiet ta' kriżi;
17. Jemmen li jenħtieġ li l-Kummissjoni, flimkien mal-ministri tal-finanzi ta' l-Istati Membri, il-banek ċentrali u l-EFDI, tanalizzza l-vantaġġi u l-iżvantaġġi potenzjali ta' qsim tar-responsabilitajiet qabel u wara li tkun inqalgħet sitwazzjoni ta' kriżi, u li tinforma lill-Parlament bir-riżultati;
18. Jikkunsidra li jinħtieġ li l-proċeduri u l-interazzjoni bejn il-partijiet kollha kkonċernati f'sitwazzjoni ta' kriżi transkonfinali potenzjali jkunu determinati minn qabel, u li l-Kummissjoni, flimkien ma' rappreżentanti ta' l-Istati Membri, il-banek ċentrali u l-EFDI, tippjana u tiddetermina proċeduri u kooperazzjoni u tinforma lill-Parlament Ewropew dwar dawn;
19. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tfassal standards li permezz tagħhom ir-riskji jiġu identifikati minn kmieni mis-sistemi ta' garanzija għal depożiti; jara l-opportunità li s-sistema ta' identifikazzjoni tar-riskji minn kmieni tintuża biex jiġu stabbiliti kontribuzzjonijiet bbażati fuq ir-riskju;
20. Jikkunsidra li huwa xieraq li jsir studju iżjed fil-fond sabiex jiġi determinat metodu komuni ta' l-ewalwazzjoni ta' riskju;
21. Jagħmilha ċara li r-responsabilità prinċipali għal-limitazzjoni tar-riskji tinsab f'idejn il-banek;
22. Jikkunsidra li jenħtieġ li jiġu żviluppati prinċipji għar-riskju transkonfinali u l-immaniġġjar ta' kriżi, sabiex il-problema tal-free-rider u r-riskju ta' perkilu morali jonqsu;
23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6\_TA(2007)0627**

**Immaniġġjar ta' l-Assi II****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar l-Immaniġġjar ta' l-Assi II (2007/2200(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni dwar it-titjib tal-qafas tas-suq wieħed għall-fondi ta' investiment (COM(2006)0686),
- wara li kkunsidra d-Direttivi 2001/107/KE<sup>(1)</sup> u 2001/108/KE<sup>(2)</sup>, li jemendaw id-Direttiva 85/611/KEE<sup>(3)</sup> dwar intrapriżi għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), rispettivament, bil-għan li jiġu regolati kumpaniji għall-immaniġġjar u prospetti ssimplifikati, u fir-rigward ta' l-investimenti tal-UCITS (UCITS III),

<sup>(1)</sup> ĠU L 41, 13.2.2002, p. 20.

<sup>(2)</sup> ĠU L 41, 13.2.2002, p. 35.

<sup>(3)</sup> ĠU L 375, 31.12.1985, p. 3 Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/1/KE (ĠU L 79, 24.3.2005, p. 9).

## Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

- wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji <sup>(1)</sup> (MiFID),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2005 li tistabilixxi struttura organizzattiva ġdida għall-kumitati dwar is-servizzi finanzjarji,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitajiet u s-supervizzjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali <sup>(2)</sup> (Direttiva dwar il-Fondi għall-Pensjoni),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni <sup>(3)</sup> (Direttiva dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni) u d-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 dwar l-assigurazzjoni fuq il-ħajja <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2004 dwar il-futur ta' hedge funds u d-derivattivi tagħhom <sup>(5)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Immaniġġjar ta' l-Assi tas-7 ta' Mejju 2004 u r-rapporti tal-Grupp ta' Esperti ta' Lulju 2006, u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-27 ta' April 2006 dwar l-immaniġġjar ta' l-assi <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Parir tal-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli (CESR) lill-Kummissjoni dwar il-Kjarifika tad-Definizzjonijiet rigward Assi Eliġibbli għal Investimenti tal-UCITS tas-26 ta' Jannar 2006 (CESR/06-005),
- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Fond Monetarju Internazzjonali dwar l-Istabilità Finanzjarja Globali: Żviluppi u Kwistjonijiet tas-Suq, ta' April 2007,,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali 2006 tal-Bank Ċentrali Ewropew, Kapitolu IV: Stabilità u Integrazzjoni Finanzjarja,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE ta' l-10 ta' Awissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għall-organizzazzjoni u l-kundizzjonijiet operattivi għal ditti ta' l-investment u li tideffinixxi t-termini għall-iskop ta' dik id-Direttiva <sup>(7)</sup> (Direttiva Implimentattiva ta' l-MiFID),
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjonijiet Livell 3 tas-CESR dwar Inċentivi taħt il-MiFID tad-29 ta' Mejju 2007 (CESR/07-228b),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta t-titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew meta jiġu ammessi għall-kummerċ <sup>(8)</sup> (Direttiva ta' Prospett),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u t-twettiq ta' l-attività ta' Assigurazzjoni u Rijassigurazzjoni (COM(2007)0361)(Direttiva Solvenza II tal-futur immedjat),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN tat-8 ta' Mejju 2007,

<sup>(1)</sup> ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2007/44/KE (ĠU L 247, 21.9.2007, p.1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 235, 23.9.2003, p. 10.

<sup>(3)</sup> ĠU L 9, 15.1.2003, p. 3.

<sup>(4)</sup> ĠU L 345, 19.12.2002, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU C 92 E, 16.4.2004, p. 407.

<sup>(6)</sup> ĠU C 296 E, 6.12.2006, p. 257.

<sup>(7)</sup> ĠU L 241, 2.9.2006, p. 26.

<sup>(8)</sup> ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64.



**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tal-qafas ta' l-UE dwar fondi ta' investment (COM(2005)0314),
  - wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 90/434/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika għall-mergers, id-diviżjonijiet, it-trasferimenti ta' l-attivi u l-iskambji ta' l-ishma li jirrigwardaw il-kumpaniji ta' Stati Membri differenti<sup>(1)</sup> u d-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ottubru 2005 dwar mergers transkonfinali ta' kumpaniji ta' responsabbiltà limitata<sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-aġġornament tar-Rapport tal-Forum ta' Stabilità Finanzjarja dwar Istituzzjonijiet Mgħejuna Ħafna tad-19 ta' Mejju 2007,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Tmexxija OECD dwar governanza korporattiva, intitolat L-irwol ta' ġabriet privati ta' kapital f'governanza korporattiva: dwar l-irwol ta' kumpaniji privati ta' ekwità u fondi ta' l-qugh "attivisti" ta' Mejju 2007,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0460/2007),
- A. billi din ir-rivoluzzjoni m' għandhiex il-ħsiebli tindirizza l-ħames miżuri leġiżlattivi tal-pakkett ta' revizzjoni previsti fil-UCITS III, jiġifieri l-iffaċilitar tal-proċedura ta' notifika, it-twaqqif ta' passaport tal-kumpanija ta' l-immaniġġjar, ir-reviżjoni tal-prospett simplifikat u l-ħolqien ta' qafas għall-amalgamazzjonijiet tal-fondi u qafas għall-'pooling', u l-anqas ma huwa bi ħsiebu jiddiskuti l-modifiki ta' koperazzjoni superviżorja prevista f'dawk il-ħames oqsma,
- B. billi l-Parlament bi ħsiebu jwettaq l-irwol sħiħ tiegħu fit-tfassil ta' suq Ewropew aktar integrat għal fondi ta' investment li jmur lil hinn mir-reviżjoni limitata li ġejja tal-UCITS III,
- C. billi l-fondi miftuħa ta' proprjetà immobbli (OREF) u l-fondi tal-hedge funds (FoHF) u kif ukoll fondi oħra għal investituri mhux professjonali mhux armonizzati, attwalment għadhom barra mill-qafas tal-UCITS, u minħabba dan ma jibbenefikawx minn passaport Ewropew, fatt li jillimita kemm id-diversità ta' prodotti ta' investment disponibbli għall-investituri mhux professjonali u kif ukoll l-istrateġija ta' investment tal-UCITS,
- D. billi s-sistemi u l-prattiki nazzjonali ta' tqegħid privat (PPR) differenti huma ta' xkiel għat-tqegħid transkonfinali ta' prodotti ta' investment għal investituri sofistikati,
- E. billi r-rekwiżiti diverġenti ta' żvelar għall-UCITS u għal prodotti konkorrenti ta' investment oħra, ir-regoli ta' tassazzjoni nazzjonali differenti dwar mergers ta' fondi transkonfinali, ix-xkiel għall-ipproċessar tal-fondi u r-responsabilitajiet diverġenti tad-depożitarji jikkostitwixxu ostaklu għal bażi komuni, għall-kompetittività mtejba u għall-konsolidazzjoni tas-suq tal-fondi Ewropew,
- F. billi kien hemm ħafna kunċetti żbaljati dwar modi differenti ta' investment alternattiv u billi strumenti bħall-hedge funds u ekwitajiet privati huma differenti, minn xulxin, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġbir ta' fondi, ma' l-oġettivi tal-politika ta' investment u mal-kontroll tat-tmexxija tagħhom,

**Fondi għal investituri mhux professjonali mhux armonizzati**

1. Jilqa' t-twaqqif ta' grupp ta' esperti dwar l-OREF, iżda jiddispaċih mill-fatt li l-Kummissjoni ma tatx prijorità ugwali lill-kwistjoni ta' l-FoHF; jistenna bil-ħerqa li jirċievi kemm ir-rapport tal-grupp ta' esperti dwar l-OREF u kif ukoll ir-riżultati ta' l-istudju tal-Kummissjoni dwar fondi għal investituri mhux professjonali mhux armonizzati bil-għan li jkun jista' jitwaqqaf suq waħdieni intern għal dawn il-prodotti;

<sup>(1)</sup> ĠU L 225, 20.08.1990, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/98/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p.129).

<sup>(2)</sup> ĠU L 310, 25.11.2005, p. 1.

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina estensjoni futura ta' l-Artikolu 19(1) tal UCITS III biex tkopri l-ORED u l-FoHF b' kont meħud tal-fatt li l-indiċijiet tal-hedge funds (HFI) diġà huma ikkunsidrati bħala assi eliġibbli; jenfasizza l-bżonn ta' evalwazzjoni sħiħa ta' l-impatt tar-riskji u tal-benefiċċji ta' bidla bħal din, biex b'hekk tkun qed tingħata attenzjoni partikulari lill-ħarsien tal-marka UCITS; jenfasizza li din l-evalwazzjoni m'għandhiex tinterrompi r-reviżjoni tal-UCITS III;

3. Jikkunsidra li, wara li jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tal-grupp ta' esperti msemmi hawn fuq u l-istudju tal-Kummissjoni, għandha tingħata kunsiderazzjoni għat-twaqqif ta' qafas ta' suq waħdieni għall-OREF, għall-FoFH u għal fondi oħra għal investituri mhux professjonali mhux armonizzati bħala prodotti regolati fuq livell ta' UE bbażat fuq evalwazzjoni ta' l-impatt u li jikkunsidra b'mod sħiħ il-kwistjonijiet ta' diversifikazzjoni, likwidità u valutazzjoni; jenfasizza li dan m'għandux jinterrompi r-reviżjoni li hemm għad-dejja attwalment tal-UCITS III;

### **Sistema ta' Pjazzamenti Privati**

4. Jitlob li jkun hemm qafas armonizzat għall-pjazzament privat fil-livell ta' l-UE sabiex titjeb l-integrazzjoni tas-suq interni, ibbażat fuq evalwazzjoni bir-reqqa ta' l-impatt; jenfasizza li din is-sistema għandha tipprovdi ċ-ċertezza legali neċessarja għal dawk kollha involuti iżda m'għandhiex tirregola ż-żejjed u b'hekk titfa' piż żejjed fuq attivitajiet ta' pjazzament privat bejn parteċipanti sofistikati u infurmati tajjeb permezz ta' rekwiżiti dettaljati jew preskrittiv wisq; itenni li ż-żieda ta' aktar rekwiżiti għas-sistema minn dawk meħtieġa fuq livell nazzjonali m'għandhiex tkun possibbli;

5. Jemmen li għandha tapplika PPR għall-fondi ta' investment miftuħa kollha, inklużi fondi regolati mill-UE, fondi regolati fuq livell nazzjonali u kif ukoll fondi regolati f'pajjiżi terzi; madankollu, huwa konvint li l-progress fil-kwistjoni ta' aċċess għas-suq reċiproku fejn xieraq huwa essenzjali; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tinnegozja ftehim bħal dan ma' pajjiżi terzi, b'mod partikulari ma' l-Istati Uniti, u jitlob lill-Kummissjoni biex tindirizza din il-kwistjoni fi ħdan il-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku;

6. Huwa konvint li definizzjoni ta' min huwa eliġibbli biex jinvesti hija kruċjali; jissuġġerixxi li kategoriji ta' investituri eżistenti fl-MiFID u fid-Direttiva ta' Prospett għandhom jiġu meqjusa; jappoġġja definizzjoni wiesgħa ta' investitur sofistikat; madankollu, jenfasizza li, minkejja l-leġiżlazzjoni eżistenti, hemm bosta kwistjonijiet li għad iridu jiġu indirizzati, bħall-kriterji ta' dħul annwali u kif ukoll il-ħtieġa li jiġu stabbiliti restrizzjonijiet ta' trasferiment li jipprojbixxu lill-investitur sofistikat, eleġibbli għal investment taħt PPR bħal din, milli jbiegħ il-prodott lil investituri mhux professjonali direttament jew indirettament pereżempju billi jpoġġih f'pakkett ma' prodotti oħra mibjugħa lil investituri mhux professjonali;

7. Jissuġġerixxi li, bħala l-ewwel pass, għandha tiddaħħal deroga mill-proċess ta' notifikazzjoni għall-UCITS fir-reviżjoni UCITS III, u li din id-deroga tkun limitata għal numru żgħir ta' investituri sofistikati ħafna bħall-klijent professjonali skond l-MiFID;

8. Jemmen li, bħala t-tieni pass, il-PPR għandha tiġi estiża għal prodotti oħra, għal tip ta' investitur sofistikat definit b'mod aktar wiesa' u għandu jkun fiha deroga ġenerali mid-dispożizzjonijiet lokali ta' kummerċjalizzazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni biex tiddetermina sas-sajf ta' l-2008, jekk hemmx bżonn ta' miżuri leġiżlattivi jew le, jew jekk il-gwida CESR hijiex biżżejjed;

9. Huwa konvint li qafas Ewropew tal-PPR għandu japplika biss għal pjazzament privat transkonfinali u m'għandux jipprevali fuq ir-regoli nazzjonali eżistenti, iżda madankollu, m'għandux jieħu post ir-regoli nazzjonali li japplikaw għall-pjazzament privat domestiku; huwa favorevoli, bħala l-ewwel pass, għal sistema bbażata fuq gwida tas-CESR, iżda jenfasizza li, sabiex tinkiseb aktar ċertezza legali, għandha tiġi eżaminata l-ħtieġa ta' miżuri leġiżlattivi Ewropej;

10. Jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina u tnaqqas ix-xkiel fiskali għall-pjazzament transkonfinali ta' dawk il-prodotti;

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

***Distribuzzjoni, trasparenza u kultura finanzjarja***

11. Jemmen li l-użu ta' ħlasijiet ta' kummissjoni huwa mezz aċċettabbli ta' rimunerazzjoni; fl-istess ħin, jinnota li l-informazzjoni dwar l-investitur, inkluż l-iżvelar ta' drittijiet u tal-firxa hija kruċjali biex tingħata s-setgħa lill-investituri sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet aktar infurmati u sabiex tiżdied il-kompetizzjoni; jilqa' b'sodisfazzjon id-dispożizzjonijiet ta' l-MiFID dwar l-iżvelartad-drittijiet, iżda jfakkra li l-MiFID ma tapplikax għall-prodotti ta' investiment konkorrenti kollha;

*Prodotti konkorrenti*

12. Jemmen li r-rekwiżiti ta' l-iżvelar ta' l-ispiża u tad-drittijiet fil-mument tal-bejgħ u kif ukoll ir-rekwiżiti dwar ir-riskju u r-rendiment fuq bażi kontinwa m'għandhomx japplikaw biss għall-UCITS iżda għandhom japplikaw bl-istess mod għall-prodotti konkorrenti kollha (jiġifieri ċertifikati, biljetti, assikurazzjoni tal-ħajja 'unit-linked'); madankollu, jirrikonoxxi li m'huwiex possibbli li jiġi pprovdut tqabbil komplut bejn tipi differenti ta' prodotti ta' investiment;

13. F'dan il-kuntest, jitlob li ssir reviżjoni tal-qafas leġiżlattiv dwar il-kummerċjalizzazzjoni, il-pariri u l-bejgħ tal-prodotti ta' investiment mhux professjonali kollha sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' l-2008, b'mod partikulari r-reviżjoni imminenti tadd-Direttiva Solvenza II, id-Direttiva dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni u tal- UCITS III sabiex tinkiseb bażi ugwali u approċċ koerenti għall-ħarsien ta' l-investitur; jistieden lill-Kummissjoni biex titlob pariri tekniku lill-Kumitati ta' Livell 3 f'dan il-qasam filwaqt li tiegħu kont tad-diversità tal-prodotti u s-sistemi ta' distribuzzjoni;

14. Jitlob lill-Kummissjoni biex teżamina jekk kodiċi ta' mgħiba ispirata mill-industrija jistax ikun ta' għaj-nuna biex tiżdied it-trasparenza tad-drittijiet filwaqt li jittieħed kont ta' l-impatti pożittivi u negattivi marbuta mal-kodiċi ta' mgħiba fis-settur post trading;

15. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rakkomandazzjoni tas-CESR li ħlas jew benefiċċju mhux monetarju pprovdut lil entità legali jew imwettaq minnha fi ħdan l-istess grupp li joffri biss il-prodotti tiegħu stess (fondi interni) għandu jiġi trattat bl-istess mod kif jiħi trattat dak ipprovdut jew imwettaq minn entità legali oħra fil-kuntest ta' ditti bi struttura miftuħa (fondi ta' partijiet terzi);

16. Jinnota li taħt l-Artikolu 26 tad-Direttiva Implimentattiva ta' l-MiFID, id-dispożizzjonijiet dwar l-inċentivi japplikaw għal pagamenti jew benefiċċji mhux monetarji li jsiru bejn żewġ entitajiet legali separati filwaqt li prodotti li jiġu prodotti u mqassma mill-istess entità legali ma jaqgħux fl-ambitu ta' l-Artikolu 26; jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina l-impatt preattiku ta' l-Artikolu 26 fuq it-tqassim ta' prodotti konkorrenti u għalhekk fuq struttura miftuħa;

17. Jirrikonoxxi li s-segwiment tal-kummissjonijiet, b'mod partikulari tal-ħlas ta' retroċessjoni, huwa proċess li jieħu ħafna ħin u li jiswa ħafna flus li mistenni li jintensifika b'aktar struttura miftuħa; għalhekk jistieden lill-industrija biex teżamina jekk hemmx bżonn ta' standards komuni madwar l-Unjoni Ewropea għaż-żamma adegwata tal-pożizzjoni bħal standards biex jiġu identifikati d-distributuri jew biex tiġi pprovduta data, bħal format ta' fajls tad-data, protokollu għat-trasmissjoni tad-data, u l-frekwenza tar-rapportagħ;

18. Jistieden lill-CESR biex jirrapporta dwar l-impatt ta' l-Artikolu 26 tad-Direttiva Implimentattiva ta' l-MiFID dwar l-arranġamenti attwali ta' softing u ta' bundling fl-2008 u biex jeżamina, filwaqt li jitqiesu l-inizjattivi awtoregulatorji ta' l-industrija, kemm dawk eżistenti u kif ukoll dawk possibbli fil-futur, jekk approċċ ta' superviżjoni komuni madwar l-UE jkunx jibbenefika lill-investituri;

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

19. Għandu l-istess preokkupazzjoni li esprimi il-Kummissjoni fil-Green Paper tagħha dwar it-titjib tal-qafas ta' l-UE għall-fondi ta' investiment rigward it-tfaċċar ta' fondi garantiti, li huma definiti b'mod li jista' jfjixkel bħala tali, jekk ma jkunux appoġġjati minn rekwiżiti ta' adegwatezza tal-kapital; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi kif jistgħu jinkisebu dispożizzjonijiet adegwati, eż. ir-rekwiżiti ta' kapital għal dwk il-fondi fuq il-livell ta' l-UE, sabiex jinkiseb ħarsien effettiv tal-konsumatur; f'dan il-kuntest josserva li r-rekwiżiti ta' superviżjoni għandhom ikunu koerenti u stretti bl-istess mod kemm kwalitattivament, f'termini ta' standards ta' l-immaniġġjar tar-riskju, u kwantitattivament, fir-rigward tar-rekwiżiti ta' kapital li jirriżultaw;

#### *Interazzjoni UCITS-MiFID*

20. Jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex issolvi konflitti possibbli tad-dispożizzjonijiet tal-UCITS III u ta' l-MiFID dwar distribuzzjoni, inċentivi u regoli dwar l-mgħieba tan-negozju fil-vade mecum tagħha; madankollu, jiddispijaċih li l-Kummissjoni ma ppublikatx din il-gwida qabel l-implimentazzjoni ta' l-MiFID mill-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni biex tiegħu kont tal-liġijiet u r-regolamenti implimentattivi u tiċċara l-istatus legali tal-vade-mecum u r-relazzjoni tiegħu kemm mal-miżuri ta' livell 3 tas-CESR u kif ukoll mal-Mistoqsijiet u t-Tweġibiet tal-Kummissjoni dwar l-MiFID;

#### *Kultura Finanzjarja*

21. Jinnota li obbligi ta' żvelar ekwivalenti dwar l-ispejjeż, ir-riskju u r-rendiment ta' prodotti konkorrenti fil-mument tal-bejgħ jgħinu lill-investitur biex jieħu deċiżjoni infurmata biss jekk l-investitur ikollu għarfien sod u fehim bażiku tat-tħaddim tal-prodotti ta' investiment differenti; għalhekk, jenfasizza l-bżonn ta' kultura finanzjarja;

#### ***It-tassazzjoni ta' mergers ta' fondi transkonfinali***

22. Jinnota b'dispijaċir li, f' ħafna ġurisdizzjonijiet, il-mergers transkonfinali għandhom suġġett għal tassazzjoni filwaqt li mergers domestiċi mhumiex taxxabbli; jemmen li ladarba l-investituri ma jistgħux jinflwenzaw avvenimenti bħal dawn u għandhom jiġu trattati b'mod ugwali, il-mergers transkonfinali u domestiċi għandhom ikunu newtrali f'sens ta' taxxa;

23. Jistieden lill-Kummissjoni biex fl-2008 tipproponi direttiva dwar it-tassazzjoni ta' mergers ta' fondi li ssegwi l-prinċipju ta' newtralità fiskali stabbilit fid-Direttivi 90/434/KEE u 2005/56/KE; jenfasizza li l-objettiv ewleni m'huwiex l-armonizzazzjoni tat-taxxa iżda li jiġi stabbilit li mergers domestiċi u transkonfinali ikunu newtrali f'sens ta' taxxa jekk l-investituri iżomm l-investimenti tagħhom fil-fond qabel u wara l-merger, jew jekk jiġbdux l-investimenti tagħhom bħala konsegwenza tal-mergerippjanat, qabel ma dan il-merger iseħħ;

24. Jemmen li għal raġunijiet prattiċi, in-newtralità fiskali għandha l-ewwel tiġi applikata biss għall-mergers tal-UCITS u mbaġħad għall-fondi l-oħra kollha;

25. Jenfasizza l-importanza primarja tal-koordinazzjoni superviżorja tal-prodotti UCITS u dawk li m'hu miex, u jitlob li jkun hemm sforzi kontinwi għall-iskambju ta' l-informazzjoni u koperazzjoni prattika fost l-awtoritajiet finanzjarji;

#### ***Politika ta' Investiment u Mmaniġġjar tar-Riskju***

26. Jiddispijaċih li t-tfassil attwali ta' politiki ta' investiment wassal biex assi bħall-FoHF u l-OREF baqgħu barra mill-ambitu ta' assi eliġibbli taħt il-UCITS II, filwaqt li assi pjuttost volatili u inqas trasparenti bħal HFI qed jiġu meqjusa bħala eliġibbli mis-CESR;

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

27. Jemmen li d-definizzjoni ta' l-assi eliġibbli u t-twaqqif ta' limiti ta' investment ma jggarantux il-kwalità ta' l-immaniġġjar ta' l-investment u jistgħu jagħtu sens falz ta' sigurtà lill-investituri mhux professjonali; għalhekk jissuġġerixxi li fuq perjodu ta' żmien medju, għandha tiġi kkunsidrata ċaqliqa minn approċċ ibbażat fuq il-preskrizzjoni għal approċċ msejjes fuq il-prinċipju abbażi tal-immaniġġjar tar-riskju ta' l-assi bħala forma aktar sofistikata ta' diversifikazzjoni tar-riskju; jenfasizza li r-reviżjoni attwali tal-UCITS III m'għandiex tiddewwem bil-ftuħ f'dan l-istadju; ta' diskussjoni fundamentali dwar bidla bħal din jenfasizza l-bżonn li jiġi analizzat bir-reqqa l-impatt ta' bidla bħal din fuq ir-rendiment tal-UCITS u fuq il-marka UCITS;

28. Jemmen li l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet ibbażati fuq il-prinċipju dwar sistemi għall-immaniġġjar tar-riskju fuq il-Livell 1 se tgħin biex jiġu żgurati l-istabilità finanzjarja u il-konverġenza fil-prattiki superviżorji; għalhekk jistenna li l-Kummissjoni, ladarba tkun tlesti l-ħidma leġiżlattiva fuq ir-reviżjoni tal-UCITS III, tfassal lista ta' kriterji bbażati fuq il-prinċipju għall-użu tas-sistemi għall-immaniġġjar tar-riskju, b'kont meħud tal-fatt li sistemi bħal dawn għandhom jikkorrispondu għall-profil tar-riskju speċifiku ta' kull fond; jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina jekk il-kumpaniji ta' l-immaniġġjar għandhomx ikunu obbligati jispjegaw il-konvenjenza ta' sistema partikolari u jekk hemmx bżonn ta' rekwiżit ġenerali għal awtorizzazzjoni minn qabel tas-sistemi għall-immaniġġjar tar-riskju permezz ta' superviżur jew ta' rwol aktar ċar tad-depożitorju fis-superviżjoni ta' l-attività ta' investment; jistieden lis-CESR biex ilesti l-ħidma tiegħu fuq l-armonizzazzjoni tas-sistemi għall-immaniġġjar tar-riskju u biex jibda jeżamina l-immaniġġjar tal-likwidità;

29. Jikkunsidra li huwa neċessarju, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja ta' l-investitur, li l-kumpaniji ta' l-immaniġġjar kollha mwaqqfa bħala kumpaniji b'ishma konġunti ('joint stock companies') u l-kumpaniji ta' distribuzzjoni kollha kwotati fuq il-Borża jkunu suġġetti għar-regolamenti nazzjonali dwar governanza korporattiva applikabbli fil-pajjiż ta' reġistrazzjoni tagħhom u għad-dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja dwar governanza korporattiva;

**Proċessar ta' fondi**

30. Jilqa' b'sodisfazzjon inizzjattivi bħal dawk tal-Grupp ta' Standardizzazzjoni ta' l-Ipproċessar tal-Fondi ta' l-Assoċjazzjoni tal-Ġestjoni tal-Fondi u Assi Ewropej, il-Eurofi u inizzjattivi oħrajn fuq livell nazzjonali sabiex tiżdied l-effiċjenza ta' l-ipproċessar tal-fondi; jinnota, madankollu, li l-progress li seħħ s'issa mhuwiex sodisfaċenti; jemmen li l-Kummissjoni għandha tiegħu azzjoni jekk l-industrija ma tipprograx b'mod sostanzjali fużu akbar fl-ipproċessar elettroniku u standardizzat ta' fondi sa l-aħħar ta' l-2009;

31. Jiġbed l-attenzjoni għad-diffikultajiet ta' distributuri żgħar u ta' daqs medju b'attività transkonfinali limitata meta jaqilbu għal soluzzjonijiet awtomatizzati u standardizzati;

32. Jinnota l-idea li skadenzi standardizzati għat-tweqqif ta' l-iskambju miftiehem () jistgħu jipprovdu inċentiva għal aktar awtomazzjoni, jissimplifikaw u jiċċaraw l-ipproċessar ta' l-ordnijiet u jnaqqsu r-rati ta' l-iżbalji;

33. Jinnota l-idea tat-twaqqif ta' proċess standardizzat biex jiġi faċilitat l-aċċess għal data affidabbli u standardizzata dwar fondi transkonfinali, pereżempju, jekk ikun xieraq, appoġġjata b'database ta' referenza dwar fondi Ewropej kemm dwar data statika bħal prospectus u kif ukoll dwar data ta' pproċessar; jinnota l-bżonn ta' superviżjoni ġenerali biex jiġi garantit li d-data tkun aġġornata u affidabbli;

**Depożitarju**

34. Jiddispjaċi li mhux l-Istati Membri kollha jippermettu lill-fergħat ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' l-UE jaġixxu bħala depożitarji anki jekk dawn huma regolati fuq il-livell ta' l-UE skond il-leġiżlazzjoni ta' l-UE dwar is-servizzi finanzjarji; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni biex tiegħu l-passi leġiżlattivi neċessarji fir-reviżjoni UCITS III sabiex istituzzjonijiet ta' kreditu bħal dawn ikunu jistgħu jaġixxu bħala depożitarju u biex jiġu ċċarati modijiet għal koperazzjoni superviżorja effettiva;

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

35. Jemmen li l-armonizzazzjoni ta' definizzjoni ta' funzjonijiet depożitarji tista' tikkontribwixxi għal għarfien u koperazzjoni aħjar bejn ir-regolaturi u tiżgura livell konsistenti ta' ħarsien ta' l-investitur madwar l-Ewropa; madankollu, jirrikonoxxi d-diffikultà li jingħelbu d-differenzi nazzjonali, b'mod partikulari fir-rigward tal-liġi tal-proprietà, it-termini ta' responsabilità u r-regoli dwar il-ħarsien ta' l-insolvenza; jitlob analiżi ulterjuri tax-xkiel legali li jkollu jitneħħa sabiex tinkiseb armonizzazzjoni tal-funzjonijiet depożitorji, filwaqt li jittieħed kont tair-riċerka eżistenti dwar l-irwoli u r-responsabilitajiet differenti tad-depożitorji madwar l-Istati Membri ta' l-UE;

36. Jenfasizza li passaport depożitarju għandu jiddaħħal biss wara li tinkiseb armonizzazzjoni sħiħa ta' l-irwol u r-responsabilitajiet tad-depożitarju; jenfasizza li, qabel ma tittieħed deċiżjoni, l-interazzjoni bejn passaport depożitarju, il-passaport ta' kumpanija ta' l-immaniġġjar, il-fond u r-regolatur għandhom jiġu eżaminati bir-reqqa;

37. Jitlob li l-Kummissjoni għandha teżamina l-impatt li l-użu wiesa' ta' prodotti kumplessi ħafna (jiġifieri derivattivi, inklu indiċijiet u derivattivi ta' kreditu, inklużi indiċijiet ta' hedge funds) għandu fuq l-effettività tal-funzjoni ta' superviżjoni tad-depożitarju;

### **Il-Proċess Lamfalussy**

38. Jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-għażla ta' strumenti implimentattivi fuq il-bażi tal-kontenut u l-oġġettivi tal-leġislażzjoni bażika ta' Livell 1; jistieden lill-Kummissjoni biex tippromovi bażi legali ta' Livell 1 għall-użu kemm ta' direttivi implimentattivi u kif ukoll ta' regolazzjonijiet implimentattivi fuq Livell 2; jirrimarka li l-proċedura ġdida regolatorja bi skrutinju trid tiġi applikata għall-miżuri kollha fuq Livell 2;

### **Hedge funds**

39. Jinnota l-evidenza li turi li investimenti alternattivi bħal attivitajiet ta' hedge funds, filwaqt li għad m'hemmx għarfien adegwat fir-rigward ta' l-impatt potenzjali sistemiku tagħhom, ta' sikwriet jirriżultaw f'likwidità tas-suq ogħla, f'tixrid tar-riskju, b'mod partikulari għal portafolli tradizzjonali, u f'kompetizzjoni akbar fost il-market makers' u l-intermedjarji tas-suq u kif ukoll f'riċerka benefika tal-proprietà li tikkontribwixxi għal aktar informazzjoni u aktar prezzijiet effiċjenti;

40. Jikkunsidra lit-trasparenza u liżvelar huma ta' importanza enormi għall-investituri u s- u jistenna li l-proposti imminenti ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet dwar it-Titoli (IOSCO) joħlqu aktar ċarezza f'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-industrija biex taqbel dwar kodiċi ta' mġieba dwar valutazzjoni tal-portafoll, sistemi ta' mmaniġġjar tar-riskju, it-trasparenza ta' l-istrutturi tad-drittijiet u superviżjoni mtejba fl-istrateġiji ta' l-investment; jitlob lill-Kummissjoni biex ikollha rwol aktar attiv f'din id-diskussjoni (per eżempju fi ħdan il-G8);

41. Huwa konvint li l-aċċess ta' investituri mhux professjonali għal-hedge funds m'għandux jiġi pprojbit per se; madankollu, jinnota li minħabba r-regolamentazzjoni ta' sikwriet ħafifa tal-hedge funds u ta' l-attivitajiet tagħhom, l-aċċess ta' investituri mhux professjonali għandu jkun suġġett għal kundizzjonijiet stretti; jenfasizza li kriterji ċari ta' eleggibilità ta' l-investituri u kif ukoll ir-regolazzjoni ta' l-exposure tal-kontropartijiet huma kruċjali; fl-istess ħin, jenfasizza li l-entitajiet regolati mill-MiFID huma suġġetti għal testijiet ta' adegwatezza għal distribuzzjoni bħala dispożizzjonijiet kontra bejgħ ħażin;

42. Jikkunsidrali li hemm bżonn li l-kwistjonijiet ta' stabbiltà finanzjarja jiġu indirizzati fuq livell globali permezz ta' koperazzjoni mtejba ta' awtoritajiet superviżorji u banek ċentrali f'korpi internazzjonali bħall-IOSCO u kif ukoll permezz ta' djalogu regolari bejn il-gvernijiet u l-leġislaturi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew u lis-CESR biex jieħdu rwol attiv biex dan id-djalogu jiġi stimulat u biex jipponu miżuri adegwati fejn meħtieġ;

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

43. Jemmen li l-hedge funds jistgħu jgħinu biex isaħħu l-prattiki ta' governanza korporattiva billi jżidu n-numru ta' investituri li jagħmlu użu attiv u infurmat tad-drittijiet ta' l-azzjonisti tagħhom; madankollu, huwa mħasseb li xi hedge funds jistgħu jżidu l-qawwa tal-voti tagħhom bl-irħis permezz ta' varjetà ta' mekkaniżmi differenti bħas-self ta' l-ishma; jirrikonoxxi li s-self ta' l-ishma ma jintużax biss mill-hedge funds; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha teżamina l-fattibilità u l-prattikabilità ta' dispożizzjoni li tistipula li meta l-ishma jinżammu akkont ta' l-investituri, il-ftehim ta' self ta' ishma għandu jinkludi d-dritt li min isellef ikun jista' jiġbeg immedjatament l-ishma tiegħu u li jekk ma jkun hemm l-ebda talba għalġbid, min jissellef għandu jitħalla biss li jeżerċita d-drittijiet għall-vot skond l-istruzzjonijiet ta' min jsellef;

**Ekwiwità Privata**

44. Jikkunsidra l-ekwiwità privata bħala sors importanti għall-start-up, u għal kapital tat-tkabbir u tar-ristrutturazzjoni, mhux biss għall-kumpaniji kbar elekti fil-Borża, iżda wkoll għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju; madankollu, huwa konxju wkoll mill-każijiet fejn livell iżjed ta' dejn ħoloq riskji konsiderevoli għall-kumpaniji u għall-impjegati tagħhom meta l-management tagħhom ma baqax fpożizzjoni li jissodisfa l-obbligi ta' hłas lura;

45. Jenfasizza l-importanza tat-trasparenza lejn l-investituri u kif ukoll lejn l-awtoritajiet ta' superviżjoni fir-rigward ta' drittijiet u ta' ġbir ta' fondi, speċjalment meta tirriżulta fl-amplifikazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja tal-kumpanija li tkun saret privata, kif ukoll ta' l-oġettivi maniġerjali tagħhom, b'mod partikulari meta jkunu qed jiġu ristrutturati kumpaniji kbar;

46. Jemmen li r-regolamentazzjoni ta' l-exposure tal-kontropartijiet u kif ukoll kriterji ċari ta' l-eleġibilità ta' l-investituri biex tiġi limitata l-iexposure ta' l-investitur mhux professjonali għall-ekwiwità privata huma kruċjali;

47. Jirrikonoxxi li l-effetti ta' l-impjegati ta' sikwiet ikunu preokkupazzjoni pubblika; jinnota li d-data disponibbli hija kontradittorja fir-rigward ta' l-effett aggregat ta' l-ekwiwità privata fuq il-livell ġenerali ta' l-impjeg; jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovi analiżi aħjar;

48. Huwa konvint li hemm bżonn ta' analiżi aktar profonda għal għarfien aħjar ta' l-impatti ta' investimenti alternattivi bħall-hedge funds u ekwiwità privata, fuq l-istabilità finanzjarja, il-governanza korporattiva, l-għażla u l-ħarsien tal-konsumatur u kif ukoll l-impjeg; jistenna b'ħerqa biex jevalwa dak l-impatt fir-rapporti parlamentari li ġejjin dwar il-hedge funds u l-ekwiwità privata, bbażati fuq ir-riżultat ta' l-istudji kkummissjonati f'Awwiżsu 2007, u jissuġġerixxi li dawn ir-rapporti għandhom jinkludu, fost affarijiet oħra, eżaminazzjoni ta':

- jekk kodiċi ta' mġieba ispirat mill-industrija huwiex biżżejjed biex titjeb l-istabilità finanzjarja u l-ħarsien ta' l-investitur jew jekk hemmx bżonn ta' iktar azzjoni mil-leġiżlatur u mill-awtoritajiet ta' superviżjoni f'termini ta' obbligi ta' żvelar permezz ta' standards ta' rapportaġġ minimi u regolamentazzjoni ta' l-atturi rilevanti;
- jekk hemmx interess jew bżonn ta' tikketta Ewropea għal strumenti ta' investment alternattivi u jekk dan ikun il-każ, x'għandhom ikunu l-kriterji biex ikun hemm distinzjoni bejn il-klassijiet ta' l-assi differenti li jkunu koperti minn dan il-qafas ta' l-UE; u
- taħt liema kundizzjonijiet jista' jiġi permiss l-aċċess ta' investituri mhux professjonali għal dawn il-klassijiet ta' assi;

\*

\* \*

49. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6\_TA(2007)0628

## Tessuti

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar it-tessuti

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Ministeru tal-Kummerċ tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina dwar l-Esportazzjoni ta' Ċertu Tessuti Ċinzi u Prodotti tal-Ħwejjeġ lejn l-Unjoni Ewropea, iffirmit fit-10 ta' Ġunju 2005,
  - wara li kkunsidra d-deċiżjoni meħuda f'Ottubru 2007 mill-Kummissjoni u tal-Ministeru għall-Kummerċ Internazzjonali taċ-Ċina dwar sistema konġunta ta' sorveljanza fuq l-importazzjoni,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar din il-kwistjoni, u b'mod partikolari r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2005 dwar it-tessuti u l-ħwejjeġ wara l-2005<sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi t-tneħħija tal-kwoti fis-settur tat-tessuti u tal-ħwejjeġ kienet qed twassal għal konsegwenzi soċjali serji, primarjament f'reġjuni fejn l-akbar numru ta' kumpanji u ħaddiema — l-aktar nisa — huma kkonċentrati u fejn il-pagi jibqgħu dejjem baxxi,
- B. B billi ċ-Ċina hi l-produttur ewlieni tad-dinja u l-ikbar esportatur tat-tessuti u l-ħwejjeġ fl-Unjoni Ewropea,
- C. billi l-Kummissjoni u ċ-Ċina kkonkludew il-Memorandum ta' Ftehim imsemmi hawn fuq fi tmiem l-Arranġament dwar Multifibra fid-WTO fl-1 ta' Jannar 2005 li jimponi restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet miċ-Ċina ta' ċerti kategoriji ta' tessuti għal perjodu tranżizzjonali li jiskadi fl-1 ta' Jannar 2008,
- D. billi l-Unjoni Ewropea u l-Gvern Ċinizz ftehimu dwar sistema ta' sorveljanza konġunta ta' l-importazzjonijiet għas-sena 2008,
- E. billi 70 % ta' l-oġġetti ffalsifikati li qed jidħlu fis-swieq Ewropej jġu miċ-Ċina u nofs il-proċeduri tad-dwana Ewropej kontra l-iffalsifikar jirrigwardaw it-tessuti u l-ħwejjeġ,
- F. billi, wara l-adeżjoni taċ-Ċina fid-WTO, membri tad-WTO tħallew jadottaw miżuri ta' salvagwardja speċjali taħt forma ta' restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-esportazzjonijiet Ċinzi sa l-aħħar ta' l-2008 kieku s-suq kellu jiġi interrott,
- G. billi l-Unjoni Ewropea hija t-tieni l-akbar esportatriċi tat-tessuti u tal-ħwejjeġ,
- H. billi fl-Unjoni Ewropea, is-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ hu magħmul prinċipalment minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u billi partijiet mis-settur huma kkonċentrati f'reġjuni affettwati ħafna minn ristrutturazzjoni ekonomika,

<sup>(1)</sup> ĠU C 193 E, 17.8.2006, p.110.



**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

1. Huwa konxju tal-fatt li t-tneħħija tas-sistema tal-kwoti hi riżultat ta' ftehim li jorbot legalment li sar meta ċ-Ċina issieħbet fid-WTO, imma jfakkar li l-Protokoll dwar l-adeżjoni ta' Ċina fid-WTO tippermetti lill-membri kollha tad-WTO, inkluża l-Komunita Ewropea, sabiex japplikaw miżuri kontra importazzjonijiet miċ-Ċina sa l-aħħar ta' l-2008, jekk ikun hemm bżonn;
2. Isostni li s-sistema ta' sorveljanza ta' kontroll doppju ma sservi l-ebda skop jekk ma żżommx milli ssir repetizzjoni tas-sitwazzjoni li seħħet fl-2005, meta l-importazzjoni fl-UE żdiedet b'rata qawwija ħafna; jenfasizza li, jeħtieġ li jiġu nferzati miżuri ġodda ta' salvagwardja, li jkopru, fost affarijiet oħra, kategoriji ta' prodotti li jridu jiġu speċifikati mill-Istati Membri, sabiex l-impjeg u l-kummerċ ta' dan is-settur jiġu salvagwardjati u promossi fl-UE;

**Kompetittività esterna tas-settur tat-tessuti bbażata fl-UE**

3. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-tariffi għolja jew l-ostakli mhux ta' tariffi f'bosta pajjiżi terzi; jenfasizza li l-Kummissjoni, fil-ftehimiet bilaterali, reġjonali u multilaterali tagħha ma' pajjiżi terzi, għanha tiżgura kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq aħjar fil-pajjiżi terzi, għaliex dan huwa vitali għall-futur ta' l-industrija tat-tessuti u l-ħwejjeġ ibbażata fl-UE, speċjalment l-SMEs;
4. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiegħu l-opportunità ppreżentati min-negozjati tal-ftehimiet ta' kummerċ ħalli tippromwovi u ssaħħaħ l-istandards ambjentali u soċjali, bħax-xogħol deċenti f'pajjiżi terzi sabiex tiġi garantita kompetizzjoni ġusta;
5. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu b'mod attiv l-immodernizzar ta' l-industrija tat-tessuti bbażata fl-UE bl-appoġġ lill-innovazzjoni teknoloġika, lir-riċerka u lill-iżvilupp permezz tas-Seba' Programm ta' Qafas, kif ukoll it-taħriġ vokazzjonali, b'mod partikolari għall-SMEs; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni sabiex twettaq investigazzjoni tajba u globali dwar din il-kwistjoni importanti;
6. Iqis li għandhom jiġu applikati regoli li jorbtu fir-rigward ta' l-indikazzjonijiet ta' l-orijini tat-tessuti importati minn pajjiżi terzi u, f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kunsill biex jadotta l-proposta pendenti għal regolament dwar l-indikazzjoni tal- "made in"; jinnota li dan ir-regolament jista' jgħin sabiex ikun hemm aktar ħarsien tal-konsumatur u jista' jappoġġja l-industrija Ewropea, ibbażata fuq ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kwalità;

**L-industrija tat-tessuti ta' l-UE u l-ħaddiema**

7. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li parti sostanzjali mill-Fond ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni jibda jintuża għar-ristrutturazzjoni u t-taħriġ mill-ġdid tas-settur tessili u, b'mod partikolari, l-SMEs li jintlaqtu l-aktar mil-liberalizzazzjoni tas-suq;
8. Itenni l-proposta tiegħu li jiġi mfassal programm tal-Komunita — appoġġjat minn mezzi xierqa — għas-settur tat-tessuti u tal-ħwejjeġ, u speċjalment għar-reġjuni l-aktar żvantaġġjati li jiddependu minnu, bil-għan li jippromwovi r-riċerka, l-innovazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, l-SMEs, kif ukoll għandu jimxi flimkien ma' programm tal-Komunita sabiex joħloq swieq ġodda u jinkoraġġixxi l-promozzjoni esterna tal-prodotti tas-settur, per eżempju waqt fieri internazzjonali tal-kummerċ;
9. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jgħinu lill-ħaddiema tas-settur tat-tessuti u tal-ħwejjeġ permezz ta' miżuri soċjali u ta' pjanijiet għall-kumpaniji li qed jiffaċċjaw ir-ristrutturazzjoni;

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

***Kummerċ inġust u ffalsifikar***

10. Ifakkar li l-istrumenti tad-difiża tal-kummerċ (partikolarment l-anti-dumping u l-anti subsidy) huma mekkaniżmi regolatorji fundamentali u għodod leġittimi sabiex jiġu indirizzati b'mod proattiv kemm l-importazzjonijiet legali u illegali minn pajjiżi terzi, speċjalment għas-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ, li issa sar suq miftuħ mingħajr ħarsien tal-kwota;

11. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Ċiniżi ħalli jallinjaw ir-rata tal-kambju u sabiex jirrevedu l-bilanċ Ewro/Dollaru, li bħal issa qed jiffaċilitaw fluss kbir ta' importazzjonijiet ta' tessuti u ħwejjeġ miċ-Ċina;

12. Huwa mħasseb dwar il-ksur sistematiku tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tiġġieled kontra dan il-ksur, l-aktar l-iffalsifikar, fuq livell multilaterali, reġjonali u bilaterali, inkluż kull xorta ta' kummerċ inġust;

***Is-sorveljanza ta' l-importazzjonijiet***

13. Jilqa' b'sodisfazzjoni sistema konġunta ta' sorveljanza fuq l-importazzjoni li twettaq kontrolli doppji fuq l-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-UE ta' tmien prodotti tat-tessuti u tal-ħwejjeġ; madankollu, jesprimi tħas-sib kbir dwar il-mod kif se tiġi mwaqqfa s-sistema; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura l-implimentazzjoni xierqa ta' dan l-irduppar tal-kontrolli u sabiex tevalwa l-effettività tagħhom, ħalli tiżgura tranżizzjoni bla ostakli għall-kummerċ ħieles tat-tessuti;

14. Jenfasizza li s-sistema ta' l-irduppar tal-kontrolli ma tistax tiġi implimentata fl-2008 biss u li sistema ta' sorveljanza effettiva għandha tiġi garantita għal perjodu ta' żmien itwal;

15. Iqis li l-Grupp ta' Livell Għoli għandu jiżgura s-superviżjoni ta' sistema ta' sorveljanza fuq l-importazzjonijiet tat-tessuti u l-ħwejjeġ fl-Unjoni Ewropea;

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Uniti sabiex jieħdu sehem f'konsultazzjonijiet dwar il-kwistjoni ta' l-importazzjonijiet miċ-Ċina;

17. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħloq sistema ta' monitoraġġ ħalli tevalwa r-riżultati qabel it-tmiem ta' l-ewwel kwart ta' l-2008 u b'hekk tiżgura li jiġu meqjusa mall-ewwel u fil-ħin l-effetti l-ħżiena taż-żieda fl-importazzjoni tat-tessut, u jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew;

***Sigurtà u ħarsien tal-konsumatur***

18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tuża l-poteri tagħha biex tipprojbixxi prodotti mhux sikuri milli jidħlu fis-suq ta' l-UE, fil-każ tas-settur tat-tessuti u wkoll tal-ħwejjeġ;

19. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiggarantixxi li prodotti tat-tessuti importati li jidħlu fl-UE b'mod partikulari miċ-Ċina, ikunu suġġetti għal rekwiżiti identiċi fir-rigward tas-sigurtà u l-ħarsien tal-konsumatur bħal daww il-prodotti tat-tessuti mmanifatturati fl-UE;

20. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq evalwazzjoni u studju kif xieraq dwar il-kwistjoni ta' l-allegazzjoni ta' "pass-through" (trasferiment) tat-tnaqqis tal-prezzijiet lill-konsumaturi ta' l-UE;

***Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-imsieħba Mediterranji ta' l-UE***

21. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja l-ħolqien ta' żona ta' produzzjoni Ewro-Mediterranja fis-settur tat-tessuti, u tiegħu vantaġġ mill-viċinanza ġeografika tas-swieq ta' l-UE ma daww tas-sħab Mediterranji sabiex toħloq żona ta' kompetizzjoni internazzjonali li tkun tista' tiżgura li jinżammu l-livelli preżenti tal-produzzjoni industrijali u l-impjegi;

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

22. Jenfasizza li t-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni tat-tessuti ma toħloqx biss kambjamenti radikali fit-tendenzi ta' l-importazzjoni lejn is-suq ta' l-UE, iżda wkoll hemm riskju li jkollha impatt fuq is-settur tal-ħwejjeġ u tat-tessuti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inklużi l-imsieħba Mediterraneeji ta' l-UE;

23. Jitolb lill-Kummissjoni sabiex tistudja l-impatt tal-liberalizzazzjoni sħiħa tas-settur tat-tessuti u tal-ħwejjeġ fuq il-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs); jinsab imħasseb b'mod partikulari dwar in-nuqqas ta' rispett ta' drittijiet bażiċi soċjali u tax-xogħol li xi LDCs japplikaw sabiex jibqgħu kompetittivi; jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa kif il-programm "Aide-for-Trade" u programmi simili jstgħu jgħinu lill-LDCs biex jinvolvu ruħhom fi programmi settorjali li huma sostenibbli soċjalment u ambjentalment;

24. Jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa l-utilità ta' għodod ta' mmaniġġjar fil-livell tal-provvista għas-settur ta' l-ilbies, sabiex jitwittew id-differenzi fil-kompetizzjoni globali u biex jiġi evitat l-approċċ tad-denominatur l-iżjed baxx ta' l-istandards soċjali u ambjentali;

**Informazzjoni lill-Parlament Ewropew**

25. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi lill-Parlament Ewropew l-informazzjoni kollha dwar kwalunkwe żviluppi sinifikanti fil-qafas tal-kummerċ internazzjonali tat-tessuti;

\*  
\* \*

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

**P6\_TA(2007)0629**

**Relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi mal-Korea****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi mal-Korea (2007/2186(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Ftehma ta' Qafas dwar il-Kummerċ u l-Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, fuq in-naħa l-oħra <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-istudju 'L-Impatt Ekonomiku ta' Ftehma ta' Kummerċ Ħieles (FTA) Potenzjali Bejn l-Unjoni Ewropea u l-Korea tan-Nofsinar mill-Copenhagen Economics & Prof. J. F. Francois,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjunijiet bl-isem ta' "Ewropa Globali: Tikkompeti fid-Dinja. Kontribuzzjoni għall-Istrateġija ta' Tkabbir u ta' l-Impjiegi ta' l-UE" (COM(2006)0567),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-data ta' 13 ta' Ottubru 2005 dwar 'Prospetti għal relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u ċ-Ċina <sup>(2)</sup> u t-28 ta' Settembru 2006 dwar "Ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali ta' l-Unjoni Ewropea ma' l-Indja" <sup>(3)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU L 90, 30.3.2001, p. 46.

<sup>(2)</sup> ĠU C 233 E, 28.9.2006, p.103.

<sup>(3)</sup> ĠU C 306 E, 15.12.2006, p 400.

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

- wara li kkunsidra l-Linjigwida ta' l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD) dwar Intrapriżi Multinazzjonali u d-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji bejn Tliet Partijiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) Rigward Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali,
  - wara li kkunsidra l-Istatistiċi ta' l-Impjeggi ta' l-OECD ta' l-2007,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Progress tar-Relazzjonijiet bejn il-Korea tat-Tramuntana u l-Korea tan-Nofsinhar, Paċi u Prosperità adottata fl-4 ta' Ottubru 2007, mir-Repubblika tal-Korea (sussegwentement msejħa l-“Korea” u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (sussegwentement imsejħa “Korea tat-Tramuntana”),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0463/2007),
- A. billi s-sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli, stabbilita permezz ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), tkompli tirrappreżenta l-aktar qafas xieraq għar-regolazzjoni u l-promozzjoni ta' kummerċ ġust u bilanċjat bl-iżvilupp ta' regoli xierqa u l-iżgurar tal-konformità ma' dawn ir-regoli,
- B. billi l-UE għandha tkompli tagħti prijorità għall-kisba ta' riżultat bilanċjat ta' l-Aġenda ta' l-Iżvilupp ta' Doha (DDA), li għandu jassisti l-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex ikollhom parti sħiħa fis-sistema ta' kummerċ internazzjonali,
- C. billi ftehimiet kummerċjali bilaterali u bejn ir-reġjuni jistgħu madankollu jikkomplimentaw ir-regoli stabbiliti tad-WTO billi jkopru kwistjonijiet bħal standards soċjali u ambjentali fejn huwa diffiċli fil-preżent li jintlaħaq qbil multilaterali,
- D. billi l-ftehim mal-Korea tista' tindirizza wkoll kwistjonijiet ta' investiment u ta' kummerċ fis-servizzi, iżda għandha ttwettaq dan b'mod li jiżgura li l-ftuħ tas-suq ma jikkompromettix la r-regoli Ewropej u lanqas dawk Koreani għall-ħarsien tas-servizzi pubbliċi u d-diversità kulturali, u lanqas tissottovaluta s-servizzi pubbliċi fil-pajjiżi msieħba ta' l-UE għal ftehimiet bħal dawn, jew l-isparzju tal-politika meħtieġ biex ikunu attwati politiki soċjali, ekonomiċi u ambjentali sostenibbli fl-UE kif ukoll fil-Korea,
- E. billi l-Korea hija waħda mill-ekonomiji ewlenin tad-dinja bi dħul ras għal ras li huwa ekwivalenti għal Stat Membru ta' l-UE ta' livell medju,
- F. billi l-faqar jibqa' problema mhux solvuta u li dejjem qed tinfirex fil-Korea li, skond l-istatistika ta' l-OECD, hija klassifikata fost it-tliet membri ta' l-OECD bl-akbar qasma fid-dħul u li qed jesperjenzaw l-akbar tifrix tal-qasma tad-dħul; billi l-Korea hija klassifikata l-aħħar fost il-pajjiżi ta' l-OECD b'inqas minn 5 % ta' l-infiq tad-dħul tat-taxxa fuq is-sikurezza soċjali, meta mqabbla mal-medja ta' l-OECD ta' 43 %,
- G. billi l-Korea hija r-raba' fost l-akbar imsieħba kummerċjali ta' l-UE barra l-Ewropa u l-UE kienet l-akbar investitur barrani fil-Korea fl-2006,
- H. billi l-Korea iffirmit Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs) ma' l-Istati Uniti u ma' numru ta' imsieħba kummerċjali ewlenin oħrajn u għandha ftehimiet oħrajn f'fażi ta' negozjar,

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

- I. billi l-aċċess għas-suq qed ikun ostakolat aktar b'tipi varji ta' ostakoli mhux tarrifarji (NTB), inkluż il-falliment ta' l-adozzjoni ta' normi u standards internazzjonali, li huma responsabbli b'mod parzjali tad-defiċit strutturali ta' l-UE fir-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali,
- J. billi l-istudji juru li ftehma bejn l-UE u l-Korea tista' tipproduċi gwadanni ekonomiċi sostanzjali għaż-żewġ partijiet, iżda li, fi kwalunkwe possibiltà meqjusa, il-Korea għandha tirċievi żewġ terzi tal-benefiċċji,

**Kwistjonijiet ġenerali**

1. Iqis li riżultat b'suċċess tad-DDA jibqa' l-prijorità kummerċjali ta' l-UE u jkun imħasseb jekk in-negozjati bilaterali mal-Korea jew ma' msieħba oħrajn iwasslu għal distrazzjoni minn dan l-oġettiv;
2. Jemmen li negozjati bilaterali ma' msieħba jew reġjuni kummerċjali ewlenin jistgħu jissupplimentaw b'mod utli r-regoli stabbiliti multilaterali dejjem jekk dawn jipproduċu ftehimiet ambizzjużi u ta' kwalità għolja li jmorru lil hinn mit-tnaqqis tat-tariffi;
3. Iqis li d-daqs u tkabbir mgħaġġel ta' l-ekonomija Koreana jikkontribwixxu biex il-Korea tkun kandidat adattat għal ftehma bħal din iżda jiġbed l-attenzjoni għall-problemi sinifikattivi — inklużi NTBs sostanzjali — li se jeħtieġu li jkunu indirizzati biex tintlaħaq ftehma sodisfaċenti;
4. Jemmen li ftehma limitata għal tnaqqis ta' tariffi għandha tipproduċi biss benefiċċji fuq perjodu ta' żmien qasir u għalhekk jitlob it-tneħħija ta' l-NTBs kif ukoll il-ftuħ tas-settur tas-servizzi fil-Korea;
5. Iqis li kwalunkwe FTA mal-Korea għandha tqis l-erba' 'l hekk imsejħa Kwistjonijiet ta' Singapore (kummerċ u investiment, politika dwar il-kummerċ u l-kompetizzjoni, trasparenza fl-akkwist pubbliku u faċilitar tal-kummerċ);
6. Jikkonkludi li l-kontenut ta' benefiċċju reċiproku tal-ftehma huwa ħafna aktar importanti minn kalendarju rapidu u għalhekk ikun imħasseb jekk skadenzi artifiċjali jwasslu għal ftehma li ma tkunx b'miri wiesgħa, ambizzjuża u ekwibrata b'mod xieraq;

**Żvilupp sostenibbli**

7. Iqis li prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent għandu jkollhom tariffi mnaqqsa aktar malajr u b'ammont akbar minn prodotti oħrajn; jistieden lill-Kummissjoni u lin-negozjaturi Koreani biex jipproduċu definizzjoni ċara ta' prodotti bħal dawn; jirrakkomanda b'mod qawwi li, f'definizzjoni bħal din, jitqiesu b'mod xieraq il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni tal-prodotti;
8. Jiddispijaċih li l-Analiżi ta' l-Impatt tas-Sostenibilità (SIA) ma ġietx imwettqa fi stadju minn qabel min-kejja l-kalendarju ta' negozjar pjanat; iqis li huwa importanti ħafna li r-riżultati ta' l-SIA ikunu pubblikati ferm qabel l-iffirmar tal-ftehma u li jkun permess biżżejjed żmien għal konsultazzjoni shiħha pubblika biex ir-riżultati ta' l-SIA ikunu jistgħu jinfluenzaw ir-riżultat tan-negozjati; jistieden lill-Kummissjoni biex tikonsulta lill-Parlament, lill-Kunsill u lis-soċjeta' ċivili jekk l-istudju ta' l-SIA jissuġġerixxi li hemm rekwiżiti ta' tnaqqis u biex tkun negozjata l-FTA finali b'mod xieraq;
9. Jemmen li l-livell ta' ambizzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward taż-żieda ta' l-aċċess għas-suq għandu jkun bilanċjat b'approċċ ambizzjuż ukoll għall-iżvilupp sostenibbli; jinsisti wkoll li m'għandu jkun hemm ebda eċċezzjoni għar-regola li l-aċċess għas-suq intern Ewropew huwa bil-kundizzjoni fuq il-konformità ma' l-istandards ta' protezzjoni ambjentali;

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

10. Jilqa' l-introduzzjoni ta' klawnsoli soċjali u ambjentali aktar b'saħħithom fl-FTA li ġiet konkluża reċentement bejn l-Istati Uniti u l-Korea bħala r-riżultat minn pressjoni min-naħa tal-Kungress ta' l-Istati Uniti;
11. Iqis li n-negozjaturi ta' l-UE jridu jaraw dan bħala bażi li minnha jista' jsir aktar progress, b'mod partikulari fir-rigward tar-ratifika u l-infurzar ta' standards ewlenin ta' l-ILO u l-involvement tal-Korea f'reġim ta' wara l-2012 għal għieda tal-bidla fil-klima u r-rikonoxximent ta' l-istandards u l-leġiżlazzjoni ambjentali attwali ta' l-UE;
12. Jistieden għal kwalunkwe fteħima kummerċjali mal-Korea biex tinkorpora klawnsoli soċjali u ambjentali li jorbtu;
13. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, waqt in-negozjati bilaterali mal-Korea, biex jappoġġjaw u jippromwvu l-Prinċipji ta' Governanza Korporattiva u Responsabbiltà Soċjali Korporattiva ta' l-OECD, kemm għall-kumpaniji Koreani li joperaw fl-Ewropa u l-kumpaniji Ewropej stabbiliti fil-Korea;
14. Iqis kapitolu ambizzjuż ta' Żvilupp Sostenibbli bħala parti essenzjali ta' kull fteħima iżda jfakkar li l-objettiv aħħari huwa l-infurzar ta' standards li seħħ qbil dwarhom; huwa tal-ħsieb li dan jeħtieġ biex il-kapitolu ikun suġġett tal-mekkaniżmu standard tas-soluzzjoni ta' konflitti;
15. Jemmen li l-Forum tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, magħmul minn rappreżentanti minn organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' dawk li jimpjegaw u minn NGOs jista' jkollu l-irwol essenzjali fl-iżgurar li aktar ftuħ tas-suq ikun akkumpanjat minn standards ambjentali u soċjali dejjem jogħlew;
16. Jipproponi li jkun stabbilit mekkaniżmu fejn organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem ta' l-UE u tal-Korea rikonoxxuti għandhom ikunu jistgħu jressqu talbiet għal azzjoni li jkunu trattati fi ħdan perjodu ta' żmien speċifiku u jistgħu jirriżultaw f'dispożizzjonijiet ta' segwitu kontinwu u revizzjoni, biex tinżamm pressjoni kontra dawk li jiksru d-drittijiet tal-ħaddiema;

### **Kwistjonijiet settorjali**

17. Jitlob li tintlaħaq FTA mal-Korea, li tkopri l-kummerċ ta' oġġetti u servizzi, tirrappreżenta element essenzjali tan-negozjati bilaterali fil-qasam tal-koperazzjoni xjentifika u teknika u tal-proprjetà intelletwali, thegħeġ il-koperazzjoni dwar l-effiċjenza enerġetika, tfittex li tiġġieled il-bidla fil-klima u tiġbor fiha dispożizzjonijiet dwar aspetti esterni oħra tal-politika għall-enerġija, l-enerġija nukleari, kif ukoll is-sorsi ta' enerġija li jiġġeddu u l-programm Galileo;
18. Iqis li d-diverġenza tal-Korea min-normi internazzjonali u mir-rekwiżiti ta' tikkettar jiffurmaw NTBs maġġuri li jirrapreżentaw problemi partikulari għall-industriji tal-vetturi, dawk farmaċewtiċi, dawk tal-kosmetiċi u dawk ta' l-elettronika; jistieden lill-gvern Korean biex jipprovdi spjegazzjonijiet sodisfaċenti għal diverġenzi bħal dawn jew, mod ieħor, biex jimpenja ruħu biex ineħħihom waqt in-negozjati ta' l-FTA;
19. Jappoġġja l-objettiv tal-Kummissjoni biex tassisti l-esportaturi ta' l-UE ta' prodotti farmaċewtiċi u apparati mediċi billi tkun żgurata aktar trasparenza fis-sistema tal-kura tas-saħħa Koreana iżda jinsisti li l-Fteħima m'għandhiex toħloq xi ostakolu legali jew Prattiku għal kumpaniji Koreani bl-użu ta' l-elementi flessibbli stipulati fil-paragrafi 4 u 5 tad-dikjarazzjoni dwar il-fteħima TRIPs u s-saħħa pubblika, adottata mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO fl-14 ta' Novembru 2001 f'Doha, biex tippromwovi l-aċċess għal mediċini fpajjiżi li qed jiżviluppaw;
20. Jenfasizza li fteħima ta' rikonoxximent reċiproku (MRA) għandha tkun inkorporata fl-FTA UE-Korea biex telimina aktar ostakoli kummerċjali kkawżati bi proċeduri doppji mhux meħtieġa mwettqa mill-awtoritajiet Koreani li jippreżentaw ostakoli għal kumpaniji ta' l-UE fi ħdan industriji varji li jkunu jridu jbigħu il-prodotti tagħhom fil-Korea;

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

21. Jiddispjaċih li l-falliment Korean biex ikunu segwiti normi internazzjonali iwassal biex l-annimali jkunu suġġetti għal testijiet mhux meħtieġa u doppji; iqis li l-Fteħima għandha tfittex li tiżgura li alternattivi validati xjentifikament għal testjar ta' l-annimali li kienu approvati minn parti waħda għandhom ikunu meqjusa bħala aċċettabbli mill-parti l-oħra;
22. Huwa mħasseb li l-FTA UE-Korea jista' jkollha impatt negattiv serju fuq l-industrija tal-vetturi Ewropea; għalhekk jitlob li l-Kummissjoni tqis strateġija li telimina b'salvagwardji t-tariffi ta' importazzjoni ta' l-UE; jirrakkomanda li din l-eliminazzjoni għandha tkun konnessa mat-tneħħija ta' NTBs maġġuri min-naħa tal-Korea;
23. Jinnota, fir-rigward ta' l-industrija tal-vetturi, li l-Korea iffirmat u rratifikat il-Fteħima tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UNECE) dwar it-Twaqqif ta' Regolamenti Tekniċi Globali għal Vetturi bir-Roti, Apparati u Partijiet li jistgħu jkunu stallati u/jew użati fuq Vetturi bir-Roti, u għalhekk impenjat ruħha biex timplimenta r-regolamenti standard; jistieden lill-Kummissjoni biex tinsisti dwar l-implimentazzjoni rapida tagħhom; fl-istess waqt jistieden lill-Kummissjoni biex tinsisti li l-vetturi ta' l-UE li jikkonformaw ma' l-istandards ta' l-UNECE jkunu jistgħu jiġu impurtati fil-Korea mingħajr testjar jew omologazzjoni; jopponi dispozzjonijiet li jeżentaw il-vetturi Koreani minn standards ta' emissjoni kontra t-tniġġis;
24. Iqis li, fir-rigward ta' l-esperjenzi problematiċi ta' l-UE ma' l-industrija tal-bini tal-vapuri Koreana, trid tingħata attenzjoni speċjali lil dan is-settur fin-negozjati;
25. Iqis li waqt in-negozjati l-Kummissjoni għandha tqis ukoll il-ħsibijiet tas-setturi ta' l-agrikoltura kemm Koreani u kemm Ewropej, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-effetti negattivi possibbli ta' l-FTA fuq prodotti sensittivi kkonċernati;
26. Iqis il-punt massimu tat-tariffi u r-reqwiżiti tat-tikkettar eċċessiv iffaċċjati mill-industrija tax-xorb distillat bħala prijorità għan-negozjati; jistieden għal miżuri biex jittieħdu immedjatament fil-għieda kontra l-NTBs li jaffettwaw frott u ħxejjex u t-tariffi għoljin b'mod eċċessiv applikati għal frott fil-bottijiet; iqis bħala importanti ħafna l-kisba ta' riżultat sodisfaċenti b'rispett għal Indikaturi Ġeografiċi;
27. Huwa mħasseb dwar id-diffikultajiet ta' kumpaniji barranin biex ikollhom aċċess għas-suq Korean għal servizzi inklużi dawk bankarji, l-assigurazzjoni u l-parir legali;
28. Jagħti prijorità għolja għall-infurzar effettiv tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali, anke permezz ta' l-introduzzjoni ta' pieni xierqa għal prodotti foloz u l-piraterija; iqis li mekkaniżmi speċjali ta' soluzzjoni ta' konflitt malajr u effiċjenti, fil-kuntest tar-regoli eżistenti tad-WTO, għandhom ikunu inklużi biex dawn u prattiki kompetittivi mhux ġusti oħrajn ikunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod xieraq; isostni li n-negozjar attwali mal-Korea dwar il-protezzjoni IPR m'għandux jissottovaluta miri ta' politika leġittimi bħal aċċess għal mediċini billi jmur lil hinn mill-obbligi tal-Fteħima TRIPs, iżda li minflok għandu jinkoraġġixxi l-użu ta' l-elementi flessibbli tat-TRIPs;
29. Ihegġegħ lill-Korea biex tintroduċi drittijiet ta' prestazzjoni pubblika għal produtturi ta' rekordjar tal-ħoss f'konfomita' mal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Prestazzjonijiet, il-Produtturi ta' Fonogrammi u l-Organizzazzjonijiet tax-Xandir (Konvenzjoni ta' Ruma) ta' l-1961, it-Trattat ta' Prestazzjonijiet u Fonogrammi (WPPT) ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettwali (WIPO) ta' l-1996 u d-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropeu u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar id-dritt tal-keru u tas-self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-dritt ta' l-awtur fil-qasam tal-proprietà intellettwali<sup>(1)</sup>;

(<sup>1</sup>) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 28.

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

30. Jistieden lill-Korea biex tikkonforma b'mod sħiħ mat-“Trattati ta' l-Internet” tad-WIPO (it-Trattat dwar id-Dritt ta' l-Awtur tad-WIPO (WCT) ta' l-1996 u d-WPPT) inklużi: appoġġ legali sħiħ għal miżuri ta' protezzjoni teknoloġika użati mill-pussessuri tad-dritt ta' l-awtur, inkluża projbizzjoni kontra l-att tal-possibilità li wieħed jaħrab mil-liġi; provvedimenti ta' proċeduri ta' reġstrar sodi bi drittijiet esklussivi fuq il-forom kollha ta' tifrix ta' l-internet; twaqqif ta' avviż u proċedura 'takedown' effettivi; rikonnoxximent tal-protezzjoni għal kopji temporanji u limitar ta' l-eċċezzjoni ta' kupjar privat fil-qasam diġitali;

31. Ihegġegħ lill-Korea tan-Nofsinhar biex issaħħaħ il-għieda kontra l-piraterija ta' l-internet billi: ittejjeb l-inċentivi għal koperazzjoni mill-fornituri tan-netwerk fil-għieda kontra l-piraterija; tinkoraġġixxi ċ-Ċentru għall-Protezzjoni tad-Dritt ta' l-Awtur biex jiżgura l-protezzjoni tal-pussessuri tad-dritt barranin kontra l-piraterija online; tinvestiga u tressaq entitajiet involuti ma' siti ta' l-internet illegali, servers, servizzi ta' ħażna u servizzi ta' qsim ta' fajls;

32. Jenfasizza li kull FTA mal-Korea għandha tiżgura dan li ġej:

- it-titjib u s-simplifikazzjoni tar-regoli ta' l-oriġini tal-Komunità,
- armonizzazzjoni mwessgħa tan-normi u l-istandards internazzjonali li jeżistu diġà minflok l-introduzzjoni ta' standards ġodda,
- rekwiżiti ta' żvelar aktar stretti u l-promozzjoni ta' l-aqwa prattiki fir-regolamentazzjoni,
- it-trasparenza tal-mekkaniżmi ta' appoġġ nazzjonali u t-tneħħija ta' l-NTBs attwali;

#### ***Il-Korea tat-Tramuntana u l-Kaesong***

33. Jilqa' l-irwol tal-Kumplex Industrijali Kaesong fil-kontribuzzjoni tal-paċi u tas-sigurtà reġjonali; madankollu jemmen li l-inklużjoni tal-prodotti mill-Kumplex Industrijali tal-Kaesong tqajjem problemi legali u tekniċi;

34. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni biex teżamina b'mod serju sa liema punt ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-Korea tat-Tramuntana u l-Korea tan-Nofsinhar jistgħu jkunu assistiti permezz ta' FTA ma' l-UE;

35. Jenfasizza li kull ftehim għandha tinkludi impenn biex l-istandards tax-xogħol ma jitbaxxewx biex jingħibed l-investment barrani fkull parti tat-territorju tal-partijiet inklużi żoni ta' proċessar ta' esportazzjoni;

#### ***Kwistjonijiet oħrajn***

36. Jemmen li, biex juri impenn kontinwu għal negozjati multilaterali, il-Korea għandha tkun lesta li toffri aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti għal Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs), fuq l-eżempju ta' l-iskema ta' l-UE Kollox Minbarra Armi (EBA), taħt kondizzjonijiet li jirrispettaw l-istandards tax-xogħol u ambjentali ekwivalenti;

#### ***L-irwol tal-Parlament***

37. Iqis li l-leġittimità u l-fatt li ftehim tkun aċċettata mill-pubbliku jeħtieġu li l-Parlament ikun involut mill-qrib fkull stadju tan-negozjati u jingħata l-possibilità li jesprimi l-ħsieb tiegħu dwar il-fatt li t-test negozjat ikun aċċettat; jistenna li l-Kummissjoni u l-Kunsill ifittxu li jippreżentaw il-ftehim f'forma li tkun teħtieġ il-kunsens tal-Parlament skond l-Artikolu 300(3) it-tieni sub paragrafu tat-Trattat KE;

\*

\* \*

38. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-gvern u l-parlament tar-Repubblika tal-Korea.



Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

P6\_TA(2007)0630

## Iċ-Ċad tal-Lvant

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar iċ-Ċad tal-Lvant

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar id-drittijiet tal-Bniedem fiċ-Ċad,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2007 dwar l-operazzjoni tal-PESD fiċ-Ċad u fir-Repubblika Ċentrali Afrikana <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU Nru 1778(2007) tal-25 ta' Settembru 2007 li ttipprova għall-iskjerament ta' preżenza multidimensjonali internazzjonali fiċ-Ċad tal-Lvant u fil-Grigal tar-Repubblika Ċentrali Afrikana (CAR) inkluża l-missjoni tal-PESD, EUFOR TCHAD/RCA,
  - wara li kkunsidra l-azzjoni konġunta tal-Kunsill 2007/677/PESC tal-15 ta' Ottubru 2007 dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u fir-Repubblika Afrikana Ċentrali <sup>(2)</sup> (EUFOR TCHAD/RCA),
  - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill għas-Sigurtà tan-NU Nru 1769 (2007) tal-31 ta' Lulju 2007 li twaqqaf, għal perjodu inizjali ta' 12-il xahar, operazzjoni ibrida ta' l-Unjoni Afrikana/Nazzjonijiet Uniti (AU/UN) fid-Darfur (UNAMID),
  - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill għas-Sigurtà tan-NU Nru 1325 (2000) tal-31 ta' Ottubru 2000 dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi s-26 ta' Novembru 2007, mijiet ta' għelieda ribelli miċ-Ċad inqatlu tul il-fruntieri tal-Lvant taċ-Ċad mill-armata taċ-Ċad, u fit-3 ta' Diċembru 2007, l-armata taċ-Ċad illanċjat attakk ieħor kontra l-forzi ta' ribelljoni taċ-Ċad,
- B. billi issoktat għieda armata bejn l-armata taċ-Ċad u r-ribelli ta' l-Unjoni ta' Forzi għad-Demokrazija u l-Iżvilupp (UFDD) u l-Għaqda ta' Forzi għal Bidla (RFC) wara l-patt fraġli ta' paċi li sfaxxa fi tmiem Novembru; billi l-gruppi ribelli, l-uffiċjali tal-gvern u l-osservaturi barranin kollha kkonfermaw li l-għied li seħħ mis-26 ta' Novembru 2007 kienu l-iktar iebesin fiċ-Ċad sa minn meta ħa l-poter il-President Idriss Deby Itno f'Diċembru 1990,
- C. billi madwar 238,000 refuġjat mis-Sudan, 44,600 refuġjat mill-CAR u 170,000 persuna mċaqalqa internament (IDPs) qed jinżammu fi tna-x-il kamp tul il-fruntiera tal-Lvant taċ-Ċad, li tmiss mas-Sudan,
- D. billi l-Kummissarju Għoli għar-Refuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti (UNHCR) ħareġ twissija fl- 4 ta' Diċembru 2007, li l-bidu tal-għied fil-Lvant taċ-Ċad bejn il-forzi tal-gvern u r-ribelli tul l-aħħar għaxart ijiem illimita l-aċċess tan-NU għal kampijiet li fihom jgħixu mijiet ta' eluf ta' refuġjati u ta' IDPs u dan żied it-tensjoni fiż-żona,
- E. billi l-għied qed ixekkel l-operazzjonijiet tal-Programm Dinji ta' l-Ikel (WFP) fiċ-Ċad tal-Lvant, billi ma jippermettix aċċess għal xi kampijiet ta' refuġjati u joħloq dewmien għall-għoti ta' ikel lil kampijiet oħra; billi l-għied qrib Farchana, fejn jinsabu tliet kampijiet ta' refuġjati, għamel li l-operazzjonijiet ta' għajna umanitarja jkunu f'diffikultà; billi f'mill-inqas okkażjoni waħda, trakk ta' l-WFP b'kuntratt mimli b'ikel tal-WFP ġie attakkat mill-banditi armati;

<sup>(1)</sup> Testi Adottati, P6\_TA(2007)0419.

<sup>(2)</sup> ĠU L 279, 23.10.2007, p. 21.

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

- F. billi l-għied kien ikkonċentrat prinċipalment fiż-żoni ta' Farchana, Iriba, Biltine u Guereda, li jinsabu fit-tramuntana u fil-lvant tal-belt prinċipali ta' Abeché, li hija l-bażi operattiva prinċipali ta' mill-inqas tnax-il kamp ta' refuġjati; billi ż-żoni qrib il-kampijiet ta' refuġjati fin-nofsinhar ta' Abeché, bħal Ġoż Beida, saru wkoll inqas siguri,
- G. billi skond il-Kumitat Internazzjonali tar-Red Cross (ICRC), l-attivitajiet ta' għajjnuna umanitarja qed jiġu mhedda l-iktar minn serq armat u minn banditi fir-reġjun, u l-attakki militari qed iżidu l-kriminalità; billi ż-żieda fl-attivitajiet tal-banditi fil-Lvant taċ-Ċad qed iġġiegħel lill-aġenziji umanitarji li jnaqqsu l-istaff u ċ-ċaqliq fil-bliet prinċipali, u b'hekk inaqqsu iktar il-kapaċità tagħhom li jipprovdu l-għajjnuna umanitarja tant b'zonnjuża,
- H. billi l-President taċ-Ċad reċentement keċċa l-kap tal-United Front for Change, Mahamat Nour Abdelkerim, mill-post tiegħu ta' ministru tad-difiża, u dan indika t-tensjonijiet u n-nuqqas ta' qbil fil-livell governattiv,
- I. billi fil-15 ta' Ottubru 2007, il-Kunsill adotta l-azzjoni konġunta msemmija hawn fuq dwar l-operazzjoni EUFOR TCHAD/RCA, maħsuba biex tikkontribwixxi għall-protezzjoni ta' persuni ċivili f'periklu, partikolarment refuġjati u persuni mċaqaqqa, biex tiffaċilita l-għoti ta' għajjnuna umanitarja u l-moviment liberu ta' l-istaff umanitarju billi tgħin fit-titjib tas-sigurtà fiż-żona ta' l-operazzjonijiet, u tikkontribwixxi għall-protezzjoni ta' l-istaff, il-faċilitajiet, l-installazzjonijiet u t-tagħmir tan-NUi u jiġu żgurati s-sigurtà u l-libertà tal-moviment għall-istaff tan-NU u ta' l-istaff assoċjat man-NU,
- J. billi l-kalendarju ta' l-iskjerament ta' l-EUFOR TCHAD/RCA, li kellu jiġi llanċjat qabel tmiem Novembru 2007, qed jiġi gradwalment ittardjat; billi kien previst li ladarba l-istaġun tax-xita jieqaf fi tmiem Ottubru 2007, il-gruppi ribelli jkunu għal darb'oħra iktar mobbli u attivi fir-reġjun; billi l-kap ta' l-informazzjoni taċ-Ċad akkuża lis-Sudan bl-għoti ta' armi lir-ribelli,
- K. billi kwalunkwe nuqqas ta' stabilità interna fiċ-Ċad — flimkien man-nuqqas ta' sigurtà tar-reġjun ta' frontiera tal-Lvant taċ-Ċad, id-Darfur u r-Repubblika Ċentrali Afrikana — se jkollha effett u impatt negattiv fuq l-operazzjoni EUFOR TCHAD/RCA ladarba din tiġi skjerata,
- L. billi l-preokkupazzjonijiet internazzjonali dwar il-kunflitt żdiedu minn meta l-UFDD hedded li jattakka l-forza Franċiża jew kwalunkwe forza oħra skjerata fil-missjoni EUFOR TCHAD/RCA,
- M. billi l-krimini ta' gwerra tal-vjolenza sesswali, inkluż l-abbuż sesswali bħala għodda ta' gwerra, huwa prevalenti fil-kampijiet ta' refuġjati u band'oħra fir-reġjun ta' kunflitt, u n-nisa u l-bniet huma l-iżjed vulnerabbli għall-attakki,
1. Jenfasizza li l-vjolenza reċenti u l-ferment fiċ-Ċad jenfasizzaw il-bżonn urġenti ta' skjerament ta' l-EUFOR TCHAD/RCA mingħajr dewmien ulterjuri; jenfasizza li l-Istati Membri ta' l-UE u n-NU għandhom "responsabilità li jipproteġu" r-refuġjati u l-persuni mċaqaqqa internament fir-reġjun; jenfasizza li dawn il-forzi għandu jkollhom il-mezzi kollha neċessarji, u għandhom jużawhom b'konformità sħiħa mad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u mal-liġi umanitarja, biex jipproteġu l-persuni ċivili friskju;
  2. Jiddispijaċih madankollu dwar il-fatt li din il-missjoni għad m'għandhiex it-tagħmir fundamentali biex it-truppi jkunu jistgħu iwettqu dmirijiethom, bħall-ħelikopters u l-fornituri tal-mediċini;
  3. Jitlob lill-istituzzjonijiet ta' l-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jonoraw id-deċiżjoni politika magħmula u jipprovdu lill-missjoni b'iktar truppi u b'appoġġ finanzjarju, loġistiku u ta' l-arju adegwat, inkluż l-ammont meħtieġ ta' elikopters, mill-aktar fis; jenfasizza li l-kredibilità tal-politika esterna ta' l-UE fil-livell dinji hija pperikolata jekk l-Unjoni ma tkunx tista' timmobilizza truppi u tagħmir biżżejjed biex din il-missjoni tkun operattiva;

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

4. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jaġġornawh dwar l-inizjattivi kurrenti (bħal dawh fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża) biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-kapaċità foqasma prinċipali u b'mod speċifiku fir-rigward ta' elikopters u unitajiet ta' appoġġ mediku, u biex jitressqu proposti konġunti għal soluzzjonijiet fuq medda ta' żmien qasir u twil biex jiġi garantit l-aċċess għal dawn il-kapaċitajiet kemm għal skopijiet umanitarji kif ukoll għal skopijiet ta' PESD;
5. Jenfasizza d-dimensjoni reġionali tal-kriżi tad-Darfur u l-bżonn urġenti li jiġi indirizzat l-impatt des-tabilizzanti tal-kriżi fuq is-sitwazzjoni umanitarja u ta' sigurtà f'pajjiżi ġirien, u jtenni l-volontà tiegħu li jwettaq l-operazzjoni ta' konnessjoni militari ta' l-UE b'appoġġ għall-preżenza multidimensjonali tan-Naz-zjonijiet Uniti;
6. Ifakkar ir-risoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq tas-27 ta' Settembru 2007 li tappoġġja l-illanċjar ta' l-operazzjoni tal-PESD fiċ-Ċad tal-Lvant u fit-Tramuntana tal-CAR, u jħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iħaffu l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet għall-illanċjar ta' din l-operazzjoni, sabiex jiġi żgurat li l-ewwel skjerament ta' suldati jseħħ qabel tmiem l-2007 u l-missjoni tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha sa Frar jew sal-bidu ta' Marzu ta' l-2008;
7. Jilqa' l-iffinanzjar tal-Kummissjoni ta' l fuq minn EUR 50 miljun għall-missjoni, inkluż il-EUR 10 miljuni mill-Istrument għall-Istabilità għall-komponent ta' taħriġ tal-pulizija tan-NU ta' l-operazzjoni ta' żamma tal-paċi; josserva li dan jikkostitwixxi xhieda ta' approċċ interistituzzjonali ta' l-UE koerenti għall-Politika ta' sigurtà u difiża Ewropea;
8. Jiddeplora l-insistenza tal-President tas-Sudan li l-Forza UNAMID, li l-EUFOR TCHAD/RCA għandha tappoġġjaha dalwaqt, għandha tkun esklussivament ta' natura Afrikana, kuntrarjament għar-risoluzzjoni rilevanti tal-Kunsill għas-Sigurtà tan-NU; jenfasizza l-bżonn li jitħaffef l-iskjerament tal-forza ta' żamma tal-paċi UN-AU għad-Darfur; iħeġġeġ lill-gvern tas-Sudan biex jikkopera mal-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC), u jissuġġerixxi l-inklużjoni fil-mandat tal-forza ibrida ta' setgħat ta' tiftix u ta' arrest ta' dawh li kontribom l-ICC ħarġet mandati ta' arrest;
9. Jinnota żieda fattakki volontarji u immirati fuq il-popolazzjoni ċivili minn milizja Janjaweed li taqsam mis-Sudan u minn gruppi Għarab lokali taċ-Ċad u minn xi gruppi mhux Għarab; jinnota l-firxa ta' vjolenza, turment, intimidazzjoni u stupru bbażati fuq is-sessi, u li qed iseħħu f'dan ir-reġjun mingħajr ma jiġu kkastigati; jitlob lill-awtoritajiet taċ-Ċad biex jinvestigaw ir-rapporti ta' abbużi sesswali u ta' ksur serju ieħor tad-drittijiet tal-Bniedem u li jkkastigaw lil min iwettaq tali krimini;
10. Jenfasizza l-kwistjoni partikolari ta' l-isfruttament sesswali f'dan ir-reġjun ta' kunflitt u jenfasizza l-importanza li l-forzi ta' kontribuzzjoni ta' l-Istati Membri għal UNAMID u EUFOR TCHAD/RCA jiġi mgħarrfa dwar dan l-abbuż u li jiġi adottat approċċ ibbażat fuq is-sessi f'kull livell ta' rispons għall-vjolenza sesswali fil-kunflitt, inkluż taħriġ biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet partikolari tal-vittmi; jenfasizza li hija r-responsabilità ta' pajjiżi li jikkontribwixxu bi truppi u bil-pulizija għall-operazzjonijiet ta' żamma tal-paċi li jiżguraw li jiġu implimentati kodiċi ta' kondotta b'saħħithom u taħriġ adegwat, u li jkun hemm persuni li jiġu kkastigati għall-vjolenza sesswali; jinnota li ż-żieda fl-iskjerament ta' nisa fiż-żamma tal-paċi mhux biss ikkontribwixxiet għal relazzjonijiet aħjar mal-komunitajiet lokali, iżda wkoll għal imġieba aħjar min-naħa tal-persuni li jwettaq ż-żamma tal-paċi;
11. Huwa mħasseb ħafna dwar rapporti ta' ħaddiema umanitarji li jgħidu li kemm ir-ribelli kif ukoll il-gvern żaru l-kampijiet tar-refuġjati biex jirreklutaw tfal fil-forzi tagħhom;
12. Iħeġġeġ lill-UE biex tagħmel pressjoni biex ikun hemm proċess ta' paċi komprensiv, bl-użu ta' pressjoni u ta' inċentivi bħala inkoraġġamenti għall-partijiet kollha biex dawn jergħu jibdedw in-negozjati u biex id-diskussjonijiet jindirizzaw il-livelli kollha ta' kunflitt li qed iseħħu bħalissa fiċ-Ċad, inklużi tensjonijiet bejn il-gvern u r-ribelli u l-kunflitt interetniku;

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

13. Iħeġġeġ liċ-Ċad biex, b'koperazzjoni mas-Sudan u mal-Libja, johlq il-kundizzjonijiet neċessarji għal soluzzjoni politika dewwiema fl-implimentazzjoni tal-Ftehma ta' paċi Sirte, u jħeġġeġ lill-gvernijiet tas-Sudan u taċ-Ċad biex iwettqu l-obbligi tagħhom taħt il-ftehimiet Tripoli u Sirte;
14. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar iż-żieda fil-bejgħ illegali u l-kuntrabandu ta' armi, speċjalment armi żgħar u ħfief;
15. Ifakkar li l-ebda missjoni ta' żamma tal-paċi fil-Lvant taċ-Ċad u fit-Tramuntana tal-CAR ma jista' jkollha suċċess mingħajr proċess ta' rikonċiljazzjoni politika reali;
16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jibgħat din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Unjoni Afrikana, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Kopresidenti ta' l-Assemblea Konġunta ACP-UE, u lill-Presidenti, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti taċ-Ċad, tar-Repubblika Ċentrali Afrikana u tas-Sudan.

P6\_TA(2007)0631

## Id-drittijiet tan-nisa fl-Arabja Sawdita

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar id-drittijiet tan-nisa fl-Arabja Sawdita

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-ratifika mill-Arabja Sawdita tal-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW) fis-7 ta' Settembru 2000,
  - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u t-Trattament jew il-Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra, li kienet irratifikata mill-Arabja Sawdita fit-23 ta' Settembru 1997,
  - wara li kkunsidra l-fatt li l-Arabja Sawdita hija Parti Statali għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal sa mis-26 ta' Jannar 1996,
  - wara li kkunsidra l-fatt li l-Arabja Sawdita ġiet eletta għal siġġu fil-Kunsill il-ġdid tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem f'Mejju 2007,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Arabja Sawdita, tat-18 ta' Jannar 1996<sup>(1)</sup> u ta' l-10 ta' Marzu 2005<sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115 (5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi n-nisa fl-Arabja Sawdita għadhom qed jaffaċċjaw ħafna forum ta' diskriminazzjoni fil-ħajja privata u f'dik pubblika, ta' spiss huma vittmi ta' vjolenza sesswali u ta' sikwriet jiffaċċjaw xkiel enormi fis-sistema tal-ġustizzja kriminali,
- B. billi f'Ottubru ta' l-2006, mara ta' 19-il sena, magħrufa bħala 'it-Tfajla minn Qatif', ġiet ikkundannata għal 90 daqqa ta' frosta wara avveniment fejn hija kienet waħidha f'karozza titkellem ma' raġel li ma' kienx qarib strett x'ħin ġiet attakkata u stuprata minn grupp ta' persuni,
- C. huwa mħasseb ħafna bill-fatt li l-Qorti Ġenerali ta' Qatif (Arabja Sawdita) irvediet is-sentenza f'Novembru 2007 u kkundannatha għal sitt xhur il-ħabs u għal 200 daqqa ta' frosta,

<sup>(1)</sup> ĠU C 32, 5.2.1996, p.98.

<sup>(2)</sup> ĠU C 320 E, 15.12.2005, p.281.

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

- D. billi uffiċjali tal-Qorti Ġenerali ta' Qatif iddikjara li l-Qorti żiedet is-sentenza tal-mara, fuq ordni mill-Kunsill Suprem tal-Ġudikatura, minħabba li ppruvat taggrava u tinfluwenza lill-ġudikatura permezz tal-midja,
- E. billi l-avukat tal-vittma, Abdul Rahman Al-Lahem, ġie pprojbit milli jidħol fis-sala tal-qorti u anki minn kwalunkwe rappreżentanza futura tal-klijenta tiegħu wara ħafna tentattivi biex jieħu azzjoni legali kontra l-Ministru tal-Ġustizzja minħabba li dan ta' l-aħħar naqas milli jipprovdilu kopja tal-verdett li jikkonċerna lill-klijenta tiegħu li kellu bżonn sabiex ikun jista' jħejji l-appell; billi s-Sur Al-Lahem issa qed jaffaċċja smiġh dixxiplinarju fil-Ministeru tal-Ġustizzja, fejn is-sanzjonijiet jistgħu jinkludu sospensjoni għal tliet snin u t-tneħħija mil-lista ta' l-avukati;
- F. billi s-Sur Al-Lahem iddefenda wkoll il-każijiet tal-koppja Fatima u Mansour Al-Taimani, ġenituri ta' żewġt itfal, li ġew sfurzati biex jiddivorzjaw f'Lulju ta' l-2007, fuq it-talba ta' hu l-mara, ibbażata fuq l-argument li l-linja tribali ta' Fatima kienet superjuri għal dik tar-raġel tagħha; billi t-tnejn li huma nżammu l-ħabs għal ġranet, saħansitra xhur, flimkien mat-tfal tagħhom talli rrifjutaw li jaċċettaw iddivorzu, u billi minn dak iż-żmien 'l hawn Fatima ġiet obbligata tgħix f'kenn minħabba li tirrifjuta li tmur lura għand il-familja tagħha,
- G. huwa mħasseb b'mod partikulari li l-kriminalizzazzjoni ta' kwalunkwe kuntatt mill-qrib bejn individwi mhux miżżewġin tas-sess oppost fl-Arabja Sawdita ma tħallix li l-vittmi ta' stupru jirrikorru għall-ġustizzja, u mħasseb ukoll dwar il-fatt li meta mara tagħmel akkuża ta' stupru, il-qorti tista' tqis dan bħala ammissjoni ta' relazzjoni sesswali barra miż-żwieġ sakemm hija ma tippruvax, permezz ta' evidenza soda, li dan il-kuntatt ma kienx kunsenswali,
- H. billi bejn wieħed u ieħor hemm żewġ miljuni ta' nisa migranti impjegati bħala ħaddiema domestiċi fl-Arabja Sawdita, li ta' sikwiet jiġu soġġetti għal abbużi mill-awtoritajiet statali u minn min iħaddem fis-settur privat, inklużi trattament fiżiku u psikoloġiku ħażin u nuqqas ta' ħlas ta' salarju, detenzjoni mingħajr akkuża jew proċess u saħansitra piena kapitali wara proċedimenti legali iġusti,
- I. jiġbed attenzjoni partikulari għall-każijiet ta' Rizana Nafeek, mis-Sri Lanka, impjegata bħala ħaddiem domestiku li ġiet ikkundannata għall-piena kapitali f'Ġunju ta' l-2007, minħabba l-mewt ta' tarbija li kienet fil-kustodja tagħha meta kellha biss 17-il sena, u tal-ħaddiema domestiċi mill-Indonesja, Siti Tarwiyah Slamet u Susmiyati Abdul Fulan, li ġew imsawta sal-mewt mill-familja li kienet qed timpjegahom f'Awwissu ta' l-2007 filwaqt li tnejn oħra ġew feruti serjament,
- J. jinnota li l-Partijiet Statali għall-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem (bħas-CEDAW) għandhom l-obbligu li jiżguraw id-drittijiet ugwali ta' l-irġiel u tan-nisa,
1. Jinsisti li l-gvern ta' l-Arabja Sawdita jieħu passi ulterjuri immirati biex jitneħħew ir-restrizzjonijiet minn fuq id-drittijiet tan-nisa, inkluż il-moviment ħieles tagħhom, minn fuq il-projbizzjoni tas-sewqan, minn fuq l-oportunitajiet ta' impjeg tagħhom, minn fuq il-persunalità legali tagħhom u minn fuq ir-rappreżentanza tagħhom fil-proċessi ġudizzjarji, u biex jiġu eliminati l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-ħajja pubblika u f'dik privata u biex tiġi promossa l-parteċipazzjoni tagħhom fl-isferi ekonomiċi, soċjali u politiċi;
  2. Jiddeplora d-deċizzjoni meħuda hawn fuq mill-Qorti Ġenerali ta' Qatif biex tikkastiga vittma ta' stupru; jistieden lill-awtoritajiet ta' l-Arabja Sawdita biex jannullaw is-sentenza u jwaqqgħu l-akkużi kollha kontra l-vittma ta' l-istupru;
  3. Jinnota li, fit-3 ta' Ottubru 2007, ir-Re Abdullah ħabbar riforma ġudizzjarja, filwaqt li wiegħed it-twaqqif ta' qrati speċjalizzati ġodda u taħriġ aħjar għall-imħallfin u għall-avukati; ifakkar li, f'Mejju ta' l-2007, ġie rrapportat li r-Re Abdullah ordna li titwaqqaf qorti ġdida li għandha tispeċjalizza fis-smiġh ta' każijiet ta' vjolenza domestika;

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

4. Iqis li kampanja għall-promozzjoni ta' kuxjenza rigward il-vjolenza kontra n-nisa fl-Arabja Sawdita, speċjalment il-vjolenza domestika, tkun inizjattiva ferm milqugħa, li għandha tiddaħħal bħala kwistjoni ta' urġenza;
5. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet biex jirrevedu u jinfurzaw il-liġijiet nazzjonali tax-xogħol sabiex tiġi pprovduta l-istess protezzjoni għall-ħaddiema domestiċi bħal dik li teżisti għal ħaddiema ta' fergħat oħra u biex jiżguraw il-prosekuzzjoni ta' dawk li jħaddmu u li jkunu responsabbli għal abbużi sesswali jew fiżiċi, u għal abbużi ta' drittijiet tax-xogħol li jiksru l-liġijiet nazzjonali eżistenti;
6. Jistieden lill-Gvern ta' l-Arabja Sawdita biex jirrevedi l-każijiet kollha ta' tfal delinkwenti li ġew ikkundannati għall-mewt, biex jissospendi s-sentenzi tal-mewt għal tfal delinkwenti u biex jintroduċi moratorium fuq il-piena kapitali;
7. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iqajmu dawn il-kwistjonijiet fil-Kunsill Konġunt u l-Laqgħa Ministerjali li jmiss bejn l-UE u l-Kunsill ta' Koperazzjoni għall-Istati Arabi tal-Golf;
8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Gvern ta' l-Arabja Sawdita, lis-Segretarju Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni tal-Konferenza Islamika u lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' Koperazzjoni għall-Istati Arabi tal-Golf.

---

**P6\_TA(2007)0632**

## **Nisa tas-serħan**

### **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar ġustizzja għan-nisa tas-serħan (skjavi sesswali fl-Asja qabel u matul it-Tieni Gwerra Dinjija)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-200 anniversarju mill-abolizzjoni tal-kummerċ ta' l-ilsiera fl-2007,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Qerda ta' l-Ittraffikar tan-Nisa u t-Tfal (1921), li l-Ġappun huwa firmatarju tagħha,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Nru 29 dwar ix-Xogħol Sfurzat ta' l-ILO(1930), li hija rratifikata mill-Ġappun,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1325 (2000) dwar in-Nisa u l-Paċi u s-Sigurtà,
- wara li kkunsidra r-rapport ta' Gay McDougall, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar l-Istupru Sistematiċi, l-Iskjavitù Sesswali u l-Prattiċi ta' l-Iskjavitù waqt il-Kunflitti Armati (22 ta' Ġunju 1998),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tat-38 sessjoni tal-Kumitat tan-NU ta' Kontra t-Tortura (9-10 ta' Mejju 2007),
- wara li kkunsidra r-Rapport ta' Studju ta' Dokumenti tal-Gvern Olandiż dwar il-Prostituzzjoni Sfurzata ta' Nisa Olandiżi fl-Indji tal-Lvant Olandiżi Matul l-Okkupazzjoni Ġappuniża, L-Aja (2004),

**Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007**

- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet dwar in-nisa tas-serħan tal-Kungress Amerikan, adottati fit-30 ta' Lulju 2007, u dawk tal-Parlament Kanadiż, adottati fid-29 ta' Novembru 2007,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-gvern tal-Ġappun, matul il-kolonjaliżmu u l-okkupazzjoni ta' żmien il-gwerra ta' l-Asja u tal-Ġzejjir tal-Paċifiku mis-snin 1930 sa l-aħħar tat-Tieni Gwerra Dinjija, kien ikkummissjona b'mod uffiċjali l-akkwist ta' xebbiet, li kienu saru magħrufa mad-dinja bħala *ianfu* jew 'nisa tas-serħan', għall-għan waħdieni ta' jasar sesswali għall-Forzi Armati Imperjali tiegħu,
- B. billi s-sistema tan-'nisa tas-serħan' inkludiet l-istupru ta' nisa minn bosta rġiel (gang rape), aborti sfurzati, umiljazzjonijiet u vjolenza sesswali li rriżultat f'mutilazzjoni, mewt jew suwiċidju eventwali, f'wieħed mill-ikbar każijiet ta' traffikar ta' bnedmin fis-seklu 20,
- C. billi bosta każi li tressqu min-'nisa tas-serħan' quddiem qrati Ġappuniżi spiċċaw kollha fiċ-ċaħda tat-talbiet tal-vittmi għall-kumpens, minkejja li diversi sentenzi tal-qrati jirrikonoxxu l-involvement dirett jew indirett tal-Forzi Armati Imperjali u r-responsabilità ta' l-istat,
- D. billi bosta mill-vittmi tas-sistema tan-'nisa tas-serħan' diġà mietu, u dawk li għadhom ħajjin għandhom 80 sena jew iżjed;
- E. billi matul dawn l-aħħar snin bosta membri u uffiċjali għoljin tal-Gvern Ġappuniż għamlu stqarrijiet ta' apoloġija dwar is-sistema tan-'nisa tas-serħan', filwaqt li sfortunatament ċerti uffiċjali Ġappuniżi riċentement esprimew ix-xewqa li jdgħajfu jew li jirrevokaw dawk l-istqarrijiet,
- F. billi l-iskala sħiħa tas-sistema ta' l-iskjavitù sesswali qatt ma nkixfet kollha kemm hi mill-gvern Ġappuniż u xi kotba ġodda u obbligatorji wżati fl-iskejjel Ġappuniżi jippruvaw jimminimizzaw it-traġedja tan-'nisa tas-serħan' u reati tal-gwerra Ġappuniżi oħrajn li saru matul it-Tieni Gwerra Dinjija,
- G. billi l-mandat tal-Fond għan-Nisa Asjatiċi, li huwa fondazzjoni privata mibdija mill-gvern u li l-għan tagħha hu l-implimentazzjoni ta' programmi u proġetti li jikkumpensaw l-abbuż u s-sofferenza tan-'nisa tas-serħan', ġie fi tmiemu fil-31 ta' Marzu 2007,
1. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-relazzjoni eċċellenti li hemm bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun li hija bbażata fuq il-valuri komuni tad-demokrazija b'diversi partiti, l-istat tad-dritt u r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem;
  2. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu man-nisa li kienu vittmi tas-sistema tan-'nisa tas-serħan' matul it-Tieni Gwerra Dinjija;
  3. Jilqa' b'sodisfazzjon l-istqarrijiet tas-Segretarju tal-Kabinett Ġappuniż Yohei Kono fl-1993 u tal-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, Tomiichi Murayama fl-1995 dwar in-'nisa tas-serħan', kif ukoll ir-risoluzzjonijiet tal-Parlament (id-Diet) Ġappuniż ta' l-1995 u ta' l-2005 li esprimew l-apoloġiji tagħhom lejn il-vittmi ta' żmien il-gwerra, inklużi dawk tas-sistema tan-'nisa tas-serħan';
  4. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva li kien ħa l-Gvern Ġappuniż fl-1995 li jwaqqaf il-Fond għan-Nisa Asjatiċi (li illum intemm) — fondazzjoni privata li fil-biċċa l-kbira tagħha kienet iffinanzjata mill-gvern — li qassmet xi kumpens għad-dannu lil bosta mijiet ta' 'nisa tas-serħan', iżda jqis li din l-inizjattiva umanitarja ma tistax tissodisfa t-talbiet tal-vittmi għal rikonoxximent legali skond il-liġi internazzjonali, kif stqarret ir-Rapporteur Speċjali Gay McDougall, fir-rapport tagħha imsemmi hawn fuq ta' l-1998;

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2007

5. Jitlob lill-Gvern Ġappuniż biex jirrikonoxxi, japoloġizza u jaċċetta formalment ir-responsabilità storika u legali, b'mod ċar u bla ekwivoki, għall-isfurzar tax-xebbiet fl-iskjavitù sesswali mill-Forzi Armati Imperjali, magħrufa mad-dinja bħala 'nisa tas-serħan', matul l-okkupazzjoni ta' żmien il-gwerra u kolonjali ta' l-Asja u tal-Ġżejjer tal-Paċifiku mis-snin 1930 sa l-aħħar tat-Tieni Gwerra Dinjija,
  6. Jitlob lill-Gvern Ġappuniż biex jimplementa l-mekkaniżmi amministrattivi effettivi biex jipprovdi kumpens għall-vittmi kollha li għadhom ħajjin tas-sistema "comfort women" u lill-familji tal-vittmi li mietu;
  7. Jitlob lill-Parlament Ġappuniżabiex jieħu miżuri legali biex jelimina l-ostakli eżistenti għall-kisba ta' kumpens quddiem il-qrati Ġappuniżi; b'mod partikolari, id-dritt għall-individwi biex jitlobu permezz ta' każ kontra l-gvern li jingħatalhom kumpens għandu jiġi rikonoxxut b'mod espliċitu fil-liġi nazzjonali, u każijiet għal għoti ta' kumpens għall-vittmi li baqgħu ħajjin wara skjavitu' sesswali, li huwa att kriminali skond il-liġi internazzjonali, għandhom jingħataw prijorità, billi jittieħed kont ta' l-età tal-vittmi;
  8. Jitlob lill-gvern tal-Ġappun biex jiċħad pubblikament dikjarazzjonijiet li jgħidu li s-sottomissjoni u l-iskjavitu' ta' "nisa tas-serħan" qatt ma seħħet;
  9. Iħeġġeġ lin-nies Ġappuniżi u lill-gvern biex jiehdur passi ulterjuri biex jirrikonoxxu l-istorja sħiħa tan-nazzjon tagħhom bħalma hu d-dmir morali tal-pajjiżi kollha, biex iqajmu kuxjenza fil-Ġappun fir-rigward ta' l-azzjonijiet ta' dan in-nazzjon fl-1930s u fl-1940s, inkluż b'konnessjoni man-"nisa tas-serħan"; jitlob lill-gvern tal-Ġappun biex jeduka lill-ġenerazzjonijiet kurrenti u futuri dwar daww l-avvenimenti;
  10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' Istat Membri lill-Gvern u lill-Parlament Ġappuniż, lill-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-gvernijiet ta' l-istati ta' l-ASEAN, lir-Repubblika Popolari Demokratika tal-Korea, lir-Repubblika tal-Korea, lir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, lit-Taiwan u lit-Timor-Leste.
-



It-Tlieta, 18 ta' Diċembru 2007

SESSJONI 2007 – 2008

---

Data tas-seduta: 18 ta' Diċembru 2007

BRUSSELL

---

## MINUTI

(2008/C 323 E/05)

### PROĊEDURI TAS-SEDUTI

IPPRESIEDA: Hans-Gert PÖTTERING

*President*

#### 1. Tkomplija tas-sessjoni

Ħin tal-ftuħ tas-seduta: 15.10.

#### 2. Approvazzjoni tal-Minuti tas-seduta ta' qabel

Il-Minuti tas-seduta ta' qabel ġew approvati.

#### 3. Kompożizzjoni tal-gruppi politiċi

Dumitru Oprea, Nicolae Vlad Popa u Theodor Dumitru Stolojan ingħaqdu mal-Grupp PPE-DE b'seħħ mid-data 18.12.2007.

\*

\* \*

Il-President jifraħ lill-Ungerija, li għadha kif irratifikat it-Trattat ta' Liżbona b'maġġoranza assoluta, u jistieden lill-parlamenti ta' l-Istati Membri l-oħra biex isegwu l-eżempju.

#### 4. Abbozz tal-Baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea 2008, modifikat mill-Kunsill (it-taqsimiet kollha) (firma)

Il-votazzjoni saret fit-13.12.2007 (*punt 6.1 tal-Minuti ta' 13.12.2007*)

Wara li stieden lil José Sócrates (President fil-kariga tal-Kunsill), José Manuel Barroso (President tal-Kummissjoni), Dalia Grybauskaitė (Membri tal-Kummissjoni), Reimer Böge (Chairman tal-Kumitat BUDG), kif ukoll lir-rapporteurs Kyösti Virrankoski u Ville Itälä biex jingħaqdu miegħu, il-President tal-Parlament ipproċeda biex jiffirma l-baġit.

#### 5. Riżultati tal-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Diċembru 2007 fi Brussell — Sitt xhur ta' attività tal-presidenza Portugiża (dibattitu)

Rapport tal-Kunsill Ewropew u dikjarazzjoni tal-Kummissjoni: Riżultati tal-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Diċembru 2007 fi Brussell

Dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni: Sitt xhur ta' attività tal-presidenza Portugiża

It-Tlieta, 18 ta' Diċembru 2007

José Sócrates (President fil-kariga tal-Kunsill) ippreżenta r-rapport tal-Kunsill Ewropew u għamel dikjarazzjoni dwar il-perjodu ta' attività tal-Presidenza Portugiża.

José Manuel Barroso (President tal-Kummissjoni) għamel dikjarazzjoni dwar ir-riżultati tal-Kunsill Ewropew u l-perjodu ta' attività tal-Presidenza Portugiża.

Tkellmu: Joseph Daul fisem il-Grupp PPE-DE, u Martin Schulz fisem il-Grupp PSE.

\*

\* \*

Il-President ikkomunika li l-istat ta' New Jersey neħħa l-piena tal-mewt u li huwa bagħat messaġġ lill-Gvernatur Jon Corzine biex jifraħlu dwar din id-deċiżjoni.

\*

\* \*

Tkellmu: Graham Watson fisem il-Grupp ALDE, Brian Crowley fisem il-Grupp UEN, Monica Frassoni fisem il-Grupp Verts/ALE, Francis Wurtz fisem il-Grupp GUE/NGL, Nigel Farage fisem il-Grupp IND/DEM, Maciej Marian Giertych Membru mhux affiljat, Carlos Coelho, Edite Estrela, Lena Ek, Guntars Krasts, Mary Lou McDonald, Jens-Peter Bonde, primarjament biex jirrimarka li preżenta l-iskużi bil-miktub tal-grupp tiegħu għall-imġiba li wrew ċerti membri tagħhom ma' l-ushers waqt iċ-ċerimonja ta' l-iffirmar tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali nhar it-12 ta' Diċembru li għadda (*punt 4 tal-Minuti ta' 12.12.2007*), Hans-Peter Martin, Giles Chichester, Jo Leinen, Andrew Duff, Irena Belohorská, Avril Doyle, Józef Piniór, Cristina Gutiérrez-Cortines, José Sócrates u José Manuel Barroso.

Id-dibattitu ngħalaq.

## 6. Kompożizzjoni tal-kumitati u tad-delegazzjonijiet

Il-President irċieva t-talbiet ta' ħatra li ġejjin mill-gruppi PPE-DE u PSE:

- Kumitat CULT: Nicodim Bulzesc u Dumitru Oprea
- Delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-pajjiżi tax-Xlokk ta' l-Ewropa: Sorin Frunzäverde
- Delegazzjoni għall-Kumitat għall-Kooperazzjoni Parlamentari bejn l-UE u l-Moldova: Titus Corlăţean minflok Cătălin-Ioan Nechifor
- Delegazzjoni għar-relazzjonijiet ma' Iżrael: Cătălin-Ioan Nechifor minflok Titus Corlăţean
- Delegazzjoni għar-relazzjonijiet ma' l-Istati Uniti: Nicodim Bulzesc
- Delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-Kanada: Sebastian Valentin Bodu

Il-President stabbilixxa li ma kien hemm l-ebda objezzjoni. Il-ħatriet kienu għalhekk ratifikati.

## 7. Dati għas-seduti li jmiss

Is-seduti li jmiss se jsiru mid-data 14.01.2008 sa 17.01.2008.

## 8. Aġġornament tas-sessjoni

Is-sessjoni tal-Parlament Ewropew ġiet aġġornata.

Ħin li fih ingħalqet is-seduta: 17.10.

Harald Rømer  
Segretarju Ġenerali

Hans-Gert Pöttering  
President

It-Tlieta, 18 ta' Diċembru 2007

## REĠISTRU TA' L-ATTENDENZA

Iffirmaw:

Adamou, Agnoletto, Aita, Allister, Alvaro, Anastase, Andersson, Andrejevs, Andria, Andrikiènè, Angelilli, Arnaoutakis, Ashworth, Assis, Attwooll, Aubert, Audy, Ayala Sender, Aylward, Badia i Cutchet, Barón Crespo, Batten, Bauer, Becsey, Belet, Belohorská, Berend, Berès, Berlato, Binev, Bobošíková, Bodu, Böge, Bonde, Booth, Borghezio, Borrell Fontelles, Boştinaru, Botopoulos, Bourlanges, Bourzai, Bowis, Braghetto, Brejc, Brepoels, Brunetta, Budreikaitė, Buitengeweg, Bulfon, Bullmann, Bulzesc, Burke, Bushill-Matthews, Buşoi, Busquin, Calabuig Rull, Camre, Capoulas Santos, Cappato, Casaca, Cashman, Caspary, Castiglione, del Castillo Vera, Catania, Cederschiöld, Chichester, Christensen, Claeys, Clark, Coelho, Cohn-Bendit, Corbett, Corda, Corlăţean, Cornillet, Cottigny, Coûteaux, Cramer, Gabriela Creţu, Crowley, Daul, Davies, de Brún, De Keyser, Demetriou, Deprez, De Rossa, Descamps, Deß, De Veyrac, De Vits, Dillen, Dimitrakopoulos, Dobolyi, Dombrovskis, Dover, Doyle, Duff, Duka-Zólyomi, Dumitriu, Ek, Esteves, Estrela, Farage, Fatuzzo, Fazakas, Ferber, Fernandes, Elisa Ferreira, Figueiredo, Filip, Flasarová, Florenz, Foglietta, Fontaine, Fourtou, Fraga Estévez, França, Frassoni, Friedrich, Frunzäverde, Gahler, Gaľa, Garcés Ramón, García Pérez, Gaubert, Gauzès, Gentvilas, Georgiou, Geringer de Oedenberg, Gierek, Giertych, Gklavakis, Golik, Gollnisch, Gomes, Gomolka, Gottardi, Grabowska, Graça Moura, Groote, Grosch, Grossetête, Gruber, Guardans Cambó, Guellec, Guidoni, Gurmai, Gutiérrez-Cortines, Guy-Quint, Hänsch, Hammerstein, Handzlik, Harangozó, Harbour, Harkin, Hasse Ferreira, Hassi, Haug, Hedh, Hegyi, Hénin, Herczog, Hökmark, Hughes, Hutchinson, Hyusmenova, Ibrisagic, Iotova, Isler Béguin, Itälä, Jacobs, Janowski, Jarzembowski, Jeggle, Jeleva, Jöns, Kaczmarek, Karas, Kaufmann, Kazak, Tunne Kelam, Kindermann, Kirilov, Kirkhope, Klamt, Klauf, Koch, Koppa, Koterec, Kozlík, Krasts, Kratsa-Tsagaropoulou, Krupa, Kuc, Kuhne, Kusstatscher, Lambrinidis, Landsbergis, Lang, De Lange, Langen, Lauk, Lax, Lebech, Lefrançois, Lehtinen, Leichtfried, Leinen, Lewandowski, Liberadzki, Liotard, Louis, Lulling, Lundgren, Lynne, Lyubcheva, McAvan, McDonald, McMillan-Scott, Madeira, Maldeikis, Manders, Maňka, Erika Mann, Thomas Mann, Marinescu, Marques, David Martin, Hans-Peter Martin, Martinez, Martínez Martínez, Masiel, Mašťálka, Mathieu, Matsakis, Mauro, Mavrommatis, Mayer, Medina Ortega, Meijer, Menéndez del Valle, Miguélez Ramos, Mladenov, Mohácsi, Moraes, Moreno Sánchez, Morgan, Morgantini, Morin, Mulder, Musacchio, Muscardini, Nassauer, Nechifor, Newton Dunn, Nicholson of Winterbourne, Niculescu, Niebler, van Nistelrooij, Obiols i Germà, Öger, Olbrycht, Ó Neachtain, Onesta, Onyszkiewicz, Oviir, Paasilinna, Pack, Paleckis, Panayotov, Papastamkos, Paşcu, Pęk, Petre, Pflüger, Piecyk, Pīks, Pinheiro, Piniór, Pittella, Pleštinská, Plumb, Podimata, Pöttering, Pohjamo, Pomés Ruiz, Nicolae Vlad Popa, Pribetich, Vittorio Prodi, Protasiewicz, Purvis, Queiró, Rack, Radwan, Ransdorf, Rapkay, Remek, Reul, Ribeiro e Castro, Riis-Jørgensen, Rivera, Rocard, Rogalski, Roithová, Rosati, Rothe, Roure, Rovsing, Rübige, Rühle, Rutowicz, Sacconi, Saifi, Sakalas, Saks, Salafranca Sánchez-Neyra, Sánchez Presedo, dos Santos, Saryusz-Wolski, Savi, Sbarbati, Schaldemose, Schenardi, Schinas, Schlyter, Frithjof Schmidt, Olle Schmidt, Schmitt, Schuth, Schwab, Segelström, Seppänen, Severin, Siekierski, Silva Peneda, Sinnott, Siwec, Skinner, Sógor, Sommer, Sonik, Sornosa Martínez, Spautz, Staes, Staniszewska, Starkevičiūtė, Šťastný, Stauner, Sterckx, Stevenson, Stihler, Stockmann, Stolojan, Stoyanov, Stubb, Sudre, Susta, Svensson, Swoboda, Szent-Iványi, Tajani, Takkula, Tannock, Tarand, Tatarella, Ţicău, Titley, Toia, Tomaszewska, Tomczak, Toussas, Trakatellis, Trautmann, Triantaphyllides, Tzampazi, Vaidere, Vakalis, Vălean, Van Orden, Varela Suanzes-Carpegna, Varvitsiotis, Vaugrenard, Veneto, Ventre, Vergnaud, Vigenin, Virrankoski, Visser, Vlasto, Wagenknecht, Watson, Henri Weber, Manfred Weber, Renate Weber, Wieland, Wiersma, Willmott, Iuliu Winkler, Wise, Bernard Wojciechowski, Wortmann-Kool, Wurtz, Yáñez-Barnuevo García, Záborská, Zaleski, Zapałowski, Zappalà, Ždanoka, Zdravkova, Zimmer, Złotea, Zwiefka

---